# KAPITOLU 9

## KODIĊI KRIMINALI

*Biex jemenda u jikkonsolida l-liġijiet penali u l-liġijiet ta' proċedura kriminali.*

10 ta' Ġunju, 1854

*L-ORDNI FIL-KUNSILL tat-30 ta' Jannar, 1854, u ġie emendat bl-Ordinanzi: IV tal-1856, VIII u IX tal-1857, X tal-1858, IX tal-1859, V tal-1868, VI tal-1871, IV tal-1874, III tal-1877, I tal-1879, III u VII tal-1880, IV tal-1882, III tal-1885, II tal-1886, IV u XVI tal-1888, XIV tal-1889, II tal-1892, VIII tal-1893, IV tal-1894, III u X tal-1896, IV tal-1897; bl-Ordni fil-Kunsill tal-1899 għal Malta, dwar l-użu tal-ilsien Ingliż fil-proċedimenti legali; bl-Ordinanzi: III, VI, XI u XIII tal-1899, XI, XII u XVI tal-1900, VI u XVI tal-1901, I tal-1903, I u XII tal-1904, XI tal-1905, VIII tal-1909, IV tal-1910, IX tal-1911, XII tal-1913, II, VI u XII tal-1914, IV tal-1916, XIII u XIV tal-1918; bl-Ittri Patenti tal-1921 dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta; bl-Ordinanza XVI tal-1921; bl-Atti: XII tal-1922, I tal-1924, XXVI tal-1927, XVI tal-1929; bl-Ordinanzi: VI u VIII tal-1930, XIII u XXVI tal-1931, XVI tal-1932, VI tal-1933; bl-Atti: XXVIII, XXXV u XLI tal-1933; bl-Ordinanzi: XXII, XXX u XXXVII tal-1934, IX u XIII tal-1935, XIV u XX tal-1936, III u XV tal-1937, I, XXIV, XXVII u XXXV tal-1938, I u VI tal-1939, XXIX tal-1940; bl-Avviżi tal-Gvern: Nri. 124 u 248 tal-1941. F'dan il-Kodiċi ġew ukoll inkorporati l-Artikolu 3 tal-Ordinanza II tal-1867, l-Ordinanza IV tal-1872, l-Artikolu 30 tal-Ordinanza VI tal-1880, u l-Ordinanza XXXVII tal-1934.*

*Dan il-Kodiċi ġie sussegwentement emendat bl-Ordinanzi; VIII, XII u XXI tal-1944, XXIV tal-1946, VI tal-1947; bl-Atti: X tal-1949, IX tal-1950, IV tal-1951, V tal-1956, XII tal-1957; bl-Ordinanza ta' Emerġenza XX tal-1959; bl-Ordinanzi: XV tal-1959, X tal-1960, XXV tal-1962; bl-Avviż Legali 4 tal-1963; bl-Atti: XVI u XXIII tal-1963, XIII tal-1964, XIX u XXXII tal-1965; bl-Avviż Legali 46 tal-1965; bl-Atti: XXXI u XLIII tal-1966, II, XXV u XXXI tal-1967, XXVII tal-1970, III u XXI tal-1971, XXXIII tal-1972, II, III, XI, XV, XXXVIII u XLVI tal-1973, IV, VIII, XXXV u LVIII tal-1974, XXIV, XXVII u XXXVII tal-1975, III, XIV, XVIII, XIX u XXII tal-1976, XI tal-1977, XIII u XVIII tal-1980, XLIX u LIII tal-1981, IX tal-1982, XIII u XIV tal-1983, I tal-1984, XXXII tal-1986, XIII tal-1987, XXII tal-1988, XXIX tal-1989; VIII u XXIX tal-1990, XII tal-1991, XIX tal-1992, XXI tal-1993, IV u XXIV tal-1994, XXIV tal-1995, XVI u XVII tal-1996; bl-Avviż Legali 162 tal-1996; bl-Atti: XXXII tal-1997, II u X tal-1998, VII tal-1999, X tal-2000, III u VI tal-2001, III, XIII, XXIV u XXXI tal-2002, IX tal-2003, III tal-2004, I, V, VI, XIII, XX u XXII tal-2005, XVI tal-2006; bl-Avviż Legali 274 tal-2007; bl-Atti VI, XXIV u XXXI tal-2007; bl-Avviż Legali 407 tal-2007; bl-Atti VIII tal-2008, XI tal-2009, VII u XXII tal-2010, XXI tal-2011, u VIII tal-2012; bl-Avviż Legali 426 tal-2012; bl-Atti IV u XVIII tal-2013; bl-Avviż Legali 246 tal-2013; bl-Atti I, II, III, IV, V, IX, XXIV, XXXI u XXXIV tal-2014; bl-Avviż Legali 37 tal-2015; u bl-Atti II, III, VIII u XXXVII tal-2015, u XXVIII, XLIX u LI tal-2016.*

## TAQSIM TAL-KODIĊI


| | | |
|---|---|---|
| | | Artikoli |
| Titolu fil-Qosor | | 1 |
| Disposizzjonijiet Preliminari | | 2-6 |

L-EWWEL KTIEB

LIĠIJIET PENALI

TAQSIMA I

FUQ IL-PIENI U R-REGOLI ĠENERALI DWAR KIF IL-PIENI GĦANDHOM JIĠU MOGĦTIJA, FUQ IL-VOLONTÀ U L-ETÀ TAL-ĦATI, FUQ IT-TENTATTIV TA' REAT, FUQ IL-KOMPLIĊI U R-REĊIDIVI

| | | |
|---|---|---|
| Titolu I | Fuq il-Pieni u r-Regoli Ġenerali dwar kif il-Pieni għandhom jiġu mogħtija | 7-32 |
| *Sub-titolu I* | Fuq il-Pieni li jistgħu jingħataw għar-Reati | 7-15 |
| *Sub-titolu II* | Disposizzjonijiet Ġenerali dwar kif Jingħataw u Jiġu Esegwiti l-Pieni | 16-30 |
| *Sub-titolu III* | Fuq it-Tlugħ u l-Inżul minn Piena għal oħra | 31-32 |
| Titolu II | Fuq il-Volontà u l-Età tal-Ħati | 33-40 |
| Titolu III | Fuq it-Tentattiv ta' Reat | 41 |
| Titolu IV | Fuq il-Kompliċi | 42-48 |
| Titolu IV Bis | Fuq l-Assoċjazzjoni | 48A |
| Titolu V | Fuq ir-Reċidivi | 49-54 |

TAQSIMA II
FUQ ID-DELITTI U L-PIENI

| | | |
|---|---|---|
| Titolu I | Fuq il-Ġenoċidju, Delitti kontra l-Umanità u Delitti tal-Gwerra | 54A-54I |
| Titolu I Bis | Fuq id-Delitti kontra s-Sigurtà tal-Gvern | 55-62 |
| Titolu II | Fuq id-Delitti kontra l-Paċi Pubblika | 63-83A |
| | Disposizzjoni Ġenerali li tkun tapplika għal Reati li jkunu Razzjalment Aggravati jew li jkunu motivati bi Ksenofobija | 83B |
| Titolu III | Fuq id-Delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet Pubbliċi oħra | 84-162 |
| *Sub-titolu I* | Fuq min Jieħu f'idejh Bla Jedd l-Awtorità Pubblika u s-Setgħat li bihom hija tinqeda | 84-90 |
| | § Fuq min Jeżerċita Funzjonijiet Bla Jedd | 84 |
| | § Fuq l-Użu Kontra l-Liġi mill-Privat tas-Setgħat tal-Awtorità Pubblika | 85-90 |

| | | Artikoli |
|---|---|---|
| *Sub-titolu II* | Fuq Inġurji u Vjolenzi kontra Uffiċjali Pubbliċi | 91-99 |
| *Sub-titolu III* | Fuq il-Kalunnja, Sperġur u Ġurament Falz | 100-111 |
| *Sub-titolu IV* | Fuq l-Abbuż tal-Awtorità Pubblika | 112-141 |
| | § Fuq Uffiċjali jew Impjegati Pubbliċi li Jesiġu Flus jew Ħwejjeġ oħra Kontra l-Liġi, fuq l-Estorsjoni, u fuq il-Korruzzjoni | 112-121E |
| | § Fuq Abbużi ta' Avukati u Prokuraturi Legali | 122-123 |
| | § Fuq l-Abbużi ta' Uffiċjali u Impjegati Pubbliċi fl-Amministrazzjoni Pubblika | 124-127 |
| | § Fuq Abbuzi li għandhom x'jaqsmu mal-Ħabs | 128-130 |
| | § Rifjut ta' Servizz li b'liġi għandu jingħata | 131-132 |
| | § Fuq Abbużi ta' Awtorità, u fuq Ksur ta' Dmirijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Kariga Pubblika | 133-140 |
| | Disposizzjoni Ġenerali li tapplika għall-Uffiċjali Pubbliċi | 141 |
| *Sub-titolu V* | Fuq il-Vjolazzjoni ta' Arkivji Pubbliċi, Uffiċji Pubbliċi, Postijiet ta' Kustodja Pubblika u Monumenti Pubbliċi | 142-162 |
| | § Fuq il-Ksur ta' Siġilli u Serq ta' Dokumenti jew Depożiti mill-Arkivji Pubbliċi jew minn Uffiċċji Pubbliċi oħra | 142-150 |
| | § Fuq il-Vjolazzjoni ta' Postijiet ta' Kustodja Pubblika, fuq il-Ħarba ta' Arrestati jew Suspetti jew Ikkundannati u fuq Ħabi ta' Ħatjin | 151-160 |
| | § Fuq il-Ħsarat f'Monumenti Pubbliċi | 161-162 |
| Titolu IV | Fuq id-Delitti kontra s-Sentiment Reliġjuż | 163-165 |
| Titolu V | Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika | 166-190 |
| *Sub-titolu I* | Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Karti, ta' Timbri u ta' Siġilli | 166-178 |
| *Sub-titolu II* | Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Skritturi oħra Pubbliċi jew Privati | 179-188 |
| | Disposizzjonijiet Ġenerali li jgħoddu għal dan it-Titolu | 189-190 |
| Titolu VI | Fuq id-Delitti kontra l-Kummerċ Pubbliku | 191-195 |
| | Fuq id-Delitti fil-Fallimenti | 191-195 |
| Titolu VII | Fuq id-Delitti li jattakkaw il-Bon-Ordni tal-Familji | 196-210 |
| *Sub-titolu I* | Fuq id-Delitti 1i għandhom x'jaqsmu mad-Dmirijiet tal-Membri tal-Familji lejn Xulxin | 196-197 |
| *Sub-titolu II* | Fuq id-Delitti kontra l-Paċi u l-Unur tal-Familji, u kontra l-Morali | 198-209 |
| *Sub-titolu III* | Fuq id-Delitti magħmulin bil-ħsieb li Jimpedixxu jew Jeqirdu l-Prova tal-Istat ta' Tarbija | 210 |
| Titolu VIII | Fuq id-Delitti kontra l-Persuna | 211-257 |
| *Sub-titolu I* | Fuq l-Omiċidju Volontarju | 211-213 |

| | | Artikoli |
|---|---|---|
| *Sub-titolu II* | Fuq l-Offiżi Volontarji fuq il-Persuna | 214-222A |
| *Sub-titolu III* | Fuq l-Omiċidji u l-Offiżi fuq il-Persuna Mhux Imputabbli | 223-224 |
| *Sub-titolu IV* | Fuq l-Omiċidju u l-Offiżi Involontarji fuq il-Persuna | 225-226B |
| *Sub-titolu V* | Fuq l-Iskużi tad-Delitti msemmijin taħt is-Sub-titoli ta' qabel ta' dan it-Titolu | 227-238 |
| *Sub-titolu VI* | Fuq il-Ħabi ta' Omiċidju jew ta' Offiża fuq il-Persuna u fuq il-Ħabi ta' Kadavri | 239-240 |
| *Sub-titolu VII* | Fuq l-Abort u fuq min Jagħti jew Ibiegħ Sustanzi Velenużi jew ta' Ħsara għas-Saħħa, u fuq it-Tixrid tal-Mard | 241-244A |
| *Sub-titolu VIII* | Fuq l-Infantiċidju u fuq l-Abbandun, Esposizzjoni u Mogħdrija ta' Tfal | 245-248 Bis |
| *Sub-titolu VIII Bis* | Fuq it-Traffikar ta' Persuni | 248A-248E |
| *Sub-titolu IX* | Fuq it-Theddid, Vjolenza Privata u Fastidju | 249-251D |
| *Sub-titolu X* | Fuq l-Inġurji u l-Kxif ta' Sigrieti | 252-257 |
| Titolu IX | Fuq id-Delitti kontra l-Proprjetà u kontra s-Sigurtà Pubblika | 261-337Ħ |
| *Sub-titolu I* | Fuq is-Serq | 261-289 |
| | § Fuq is-Serq Ikkwalifikat | 261-283A |
| | § Fuq is-Serq Sempliċi | 284-288 |
| | Disposizzjoni Ġenerali li tgħodd għal dan is-Sub-titolu | 289 |
| *Sub-titolu II* | Fuq Reati oħra dwar Ħwejjeġ Akkwistati jew Miżmumin Kontra l-Liġi | 290-292 |
| *Sub-titolu III* | Fuq il-Frodi | 293-310Ċ |
| *Sub-titolu IV* | Fuq id-Delitti kontra s-Sigurtà Pubblika u fuq Ħsarat fil-Proprjetà | 311-328 |
| *Sub-titolu IV A* | Fuq Atti ta' Terroriżmu, Finanzjar ta' Terroriżmu u Reati Anċillari | 328A-328M |
| *Sub-titolu IV B* | Fuq il-Piraterija | 328N-328O |
| | Disposizzjonijiet Ġenerali li jgħoddu għal dan it-Titolu | 329-337AA |
| *Sub-titolu V* | Fuq l-Użu mhux kif dovut tal-*Computer* | 337B-337Ħ |


TAQSIMA III
FUQ IL-KONTRAVVENZJONIJIET U L-PIENI


| | | |
|---|---|---|
| Titolu I | Fuq il-Kontravvenzjonijiet | 338-340 |
| *Sub-titolu I* | Fuq il-Kontravvenzjonijiet kontra l-Ordni Pubbliku | 338 |
| *Sub-titolu II* | Fuq il-Kontravvenzjonijiet kontra l-Persuna | 339 |
| *Sub-titolu III* | Fuq il-Kontravvenzjonijiet kontra l-Proprjetà | 340 |

| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Titolu II | Fuq il-Pieni tal-Kontravvenzjonijiet | 341-344 |
| | Disposizzjoni Ġenerali | 345 |


## IT-TIENI KTIEB

## LIĠIJIET TA' PROĊEDURA KRIMINALI

### TAQSIMA I

### FUQ L-AWTORITAJIET LI LILHOM HIJA FDATA L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI


| | | |
|---|---|---|
| Titolu I | Fuq is-Setgħat u d-Dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-Proċedimenti Kriminali | 346-366 |
| | Ġenerali | 346-350 |
| *Sub-titolu I* | Setgħa ta' Twaqqif u Perkwiżizzjoni | 351-354 |
| *Sub-titolu II* | Kontrolli fit-Toroq | 355-355D |
| *Sub-titolu III* | Setgħat ta' Dħul, Perkwiżizzjoni u Qbid b'Mandat | 355E-355J |
| *Sub-titolu IV* | Setgħat ta' Dħul u Perkwiżizzjoni mingħajr Mandat | 355K-355O |
| *Sub-titolu V* | Qbid u Żamma | 355P-355U |
| *Sub-titolu VI* | Setgħat ta' Arrest u Detenzjoni | 355V-355AF |
| *Sub-titolu VII* | Mandati | 355AĠ-355AK |
| *Sub-titolu VIII* | Detenzjoni | 355AL-355AR |
| *Sub-titolu IX* | Drittijiet tal-Persuna Miżmuma | 355AS-355AU |
| *Sub-titolu X* | Teħid ta' Kampjuni, Marki tas-Swaba u Proċeduri oħra investigattivi | 355AV-355BĊ |
| *Sub-titolu XI* | Setgħat u Dmirijiet tal-Pulizija dwar Proċeduri fil-Qrati | 356-366 |
| Titolu II | Fuq il-Qorti tal-Maġistrati | 367-429 |
| *Sub-titolu I* | Fuq il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali | 370-388 |
| *Sub-titolu II* | Fuq il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja | 389-409A |
| | Disposizzjonijiet Ġenerali li jgħoddu għall-Qorti tal-Maġistrati sew bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kemm bħala Qorti Istruttorja | 410-412D |
| *Sub-titolu III* | Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali | 413-429 |
| Titolu III | Fuq l-Avukat Ġenerali | 430-435E |
| Titolu IV | Fuq il-Qorti Kriminali | 436-496 |
| Titolu V | Fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali | 497-515 |
| | Disposizzjonijiet li jgħoddu għall-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali | 516-534 |

Artikoli

TAQSIMA II

FUQ ĦWEJJEĠ LI GĦANDĦOM X'JAQSMU MA' XI PROĊEDURI U XI KAWŻI


| | | |
|---|---|---|
| Titolu I | Rapporti, Denunzji u Kwereli | 535-545 |
| Titolu II | Fuq l-"*In genere*", l-Aċċessi u r-"*Reperti*" | 546-569 |
| Titolu III | Fuq id-Difensuri tal-Akkużat | 570-573 |
| Titolu IV | Fuq il-Garanziji | 574-587 |
| Titolu V | Fuq l-Att tal-Akkuża | 588-602 |
| Titolu VI | Fuq il-Ġurati | 603-619 |
| Titolu VII | Allegazzjonijiet ta' Ġenn u Kwistjonijiet Kollaterali oħra quddiem il-Qorti Kriminali | 620-628 |
| Titolu VIII | Dwar Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali | 628A-628B |


TAQSIMA III

FUQ ĦWEJJEĠ LI JGĦODDU GĦALL-KAWŻI KRIMINALI KOLLHA


| | | |
|---|---|---|
| Titolu I | Fuq ix-Xhieda u l-Periti | 629-657 |
| *Sub-titolu I* | Fuq ix-Xhieda | 629-649 |
| *Sub-titolu II* | Fuq il-Periti | 650-657 |
| Titolu II | Fuq il-Konfessjoni | 658-661 |
| Titolu III | Fuq id-Deċiżjonijiet u l-Esekuzzjoni tagħhom | 662-666 |
| Titolu IV | Fuq Oġġetti ta' Proprjetà tal-Imputat jew Akkużat jew ta' Nies oħra u li għandhom x'jaqsmu ma' Proċeduri Kriminali | 667-679 |
| Titolu V | Fuq il-Qima li għandha tinġieb lill-Qorti | 686 |
| Titolu VI | Fuq il-Preskrizzjoni | 687-694 |
| Titolu VII | Fuq it-Tariffi | 695 |
| Titolu VIII | Disposizzjonijiet Ġenerali | 696-698 |


SKEDI


| | |
|---|---|
| Skeda A | Drittijiet li jitħallsu lill-Pulizija Eżekuttiva fil-Kawżi magħmulin bi Kwerela Privata. |
| Skeda B | Drittijiet li jitħallsu fir-Reġistru fil-Kawżi magħmulin bi Kwerela Privata. |
| Skeda Ċ | Drittijiet li jitħallsu lid-Difensuri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati - kompetenza Kriminali. |
| Skeda D | |

**1.** It-titolu ta' dan il-Kodiċi hu Kodiċi Kriminali.

Titolu.

DISPOSIZZJONIJIET PRELIMINARI

**2.** Ir-reati jitqassmu f'delitti u kontravvenzjonijiet.

Kif jitqassmu r-reati.
*Emendat:*
*XI. 1900.1.*

**3.** (1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.

(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.

(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat.

Azzjonijiet li jitnisslu minn reat.
*Emendat:*
*VI. 1871.1.*

**4.** (1) L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ, skont il-liġi.

Natura tal-azzjoni kriminali.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.2;*
*III. 2002.2.*

(2) L-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio* fil-każijiet kollha meta biex iġġibha 'l quddiem ma tkunx meħtieġa t-talba tal-parti privata jew meta l-liġi ma tħallix espressament it-tmexxija tal-azzjoni f'idejn il-parti privata.

Kif titmexxa l-azzjoni kriminali.

**5.** (1) Bla ħsara għal kull disposizzjoni speċjali oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tagħti ġurisdizzjoni lill-qrati f'Malta biex jiġġudikaw reati, l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta, skont il-liġijiet tagħha -

Kontra min tista' titmexxa l-azzjoni kriminali.
*Emendat:*
*VI. 1899.1;*
*XI. 1899.107;*
*I. 1903.1;*
*XXXI. 1966.2;*
*XXXIII. 1972. 2;*
*XI. 1973.377;*
*XXIV. 1975.2;*
*XXIX. 1990.2;*
*XVII. 1996.19;*
*III. 2002.3;*
*XIII. 2002.10;*
*XXIV. 2002.13:*
*XXIV. 2014.3;*
*XLIX. 2016.8.*

(*a*) kontra kull min jagħmel reat f'Malta, jew fuq il-baħar f'kull lok sa fejn tasal il-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta;

(*b*) kontra kull min jagħmel reat fuq il-baħar 'il barra minn dawk il-limiti abbord ta' xi bastiment jew biċċa oħra tal-baħar li tagħmel ma' Malta;

(*ċ*) kontra kull min jagħmel reat abbord ta' xi inġenji tal-ajru fil-waqt li jkunu fl-ispazju tal-arja ta' Malta jew abbord ta' xi inġenji tal-ajru li jagħmlu ma' Malta ikunu fejn ikunu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-frażi "spazju tal-arja" tfisser l-ispazju tal-arja fuq l-art u tal-ibħra territorjali ta' Malta;

(*d*) bla ħsara tal-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu, kontra kull ċittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta, li f'xi post jew abbord ta' xi bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jew fuq xi inġenji tal-ajru jkunu fejn ikunu, isir ħati tar-reati msemmija fl-artikolu 54A jew ta' reat kontra s-sigurtà tal-Gvern jew tar-reati msemmija fl-artikoli 133, 139A, jew tar-reati msemmija fl-artikoli 188B, 188Ċ, 188D, jew tar-reati msemmija fl-artikoli 311 sa 318 u fl-artikolu 320 meta dawn isiru jew jiġu diretti kontra jew fuq xi faċilità

tal-Istat jew tal-gvern, faċilità infrastrutturali, post pubbliku jew aċċessibbli għall-pubbliku jew sistema ta' trasport pubbliku, jew ta' falsifikazzjoni ta' xi obbligazzjonijiet tal-Gvern imsemmija fl-artikolu 166 jew ta' xi wieħed mid-dokumenti msemmija fl-artikolu 167, jew tar-reat imsemmi fl-artikolu 196, jew ta' xi reat ieħor kontra l-persuna ta' ċittadin ta' Malta jew ta' xi resident permanenti f'Malta.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu:

Kap. 217.

"resident permanenti" tfisser persuna li jkun ingħatalha permess ta' residenza skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"reat kontra l-persuna" tinkludi r-reati msemmija fl-artikoli 86 sa 90 u fl-artikoli 198 sa 205;

l-espressjoniijiet "faċilità tal-Istat jew tal-Gvern", "faċilità infrastrutturali", u "sistema ta' trasport pubbliku" għandhom l-istess tifsira li ngħatat lilhom rispettivament fl-artikolu 314A(4);

(*e*) kontra kull min fiż-żmien li jkun f'Malta:

(i) ikun sar ħati ta' reat imsemmi fl-artikolu 87(2) jew fl-artikoli 198, 199, 211, 214 sa 218, 220, 249 sa 251, 311, 312, 314A, 314B, 314ĊA, 316 jew 317 meta dan isir jew jiġi dirett fuq jew kontra l-persuna ta' persuna protetta jew bi preġudizzju jew feriment ta' dik il-persuna jew li x'aktarx jipperikola jew jikkaġuna ħsara gravi lill-proprjetà, lill-ħajja jew lis-saħħa ta' dik il-persuna, jew li jkollu x'jaqsam ma' xi attakk fuq lok relevanti jew fuq xi vettura li soltu tintuża minn persuna protetta jew meta persuna protetta tkun qiegħda f'dak il-lok jew dik il-vettura; jew

(ii) ikun għamel xi għemil li kieku dan ikun sar f'Malta kien jikkostitwixxi reat u dak l-għemil kien jinvolvi l-użu ta' bomba, bomba splussiva li tintafa' bl-idejn, missila, arma tan-nar awtomatika, ittra bomba jew pakkett bomba li jipperikola lill-persuni; jew

(iii) ikun ikkommetta xi reat taħt l-artikoli 188B sa 188D,

minkejja li r-reati msemmija f'dan il-paragrafu jkunu saru barra minn Malta:

Iżda għall-għanijiet tas-sub-paragrafu (i) ta' dan il-paragrafu ma jkollu ebda importanza jekk min jikkommetti r-reat kienx jaf jew le li l-persuna kienet persuna protetta;

(*f*) kontra kull min:

(i) jagħmel xi reat f'xi lok jew bini barra minn Malta li jkun igawdi l-immunità diplomatika minħabba l-fatt illi jkun qed iservi bħala

ambaxxata, residenza jew skop ieħor simili in konnessjoni mas-servizz diplomatiku ta' Malta; jew

(ii) jagħmel reat f'xi post barra minn Malta meta dik il-persuna tkun tgawdi mill-immunità diplomatika minħabba dak is-servizz;

(*g*) kontra kull min fiż-żmien li jkun f'Malta, isir awtur jew kompliċi f'xi wieħed mid-delitti msemmija fl-artikolu 87(2), jew fl-artikoli 139A, 198, 199, 211, 214 sa 218, 220, 249 sa 251, 298, jew fl-artikoli 311 sa 318 jew fl-artikolu 320 meta dawn isiru fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (*d*) jew (*e*) ta' dan is-subartikolu, jew f'delitt li jsir b'xi għemil kif imsemmi fil-paragrafu (*e*)(ii) ta' dan is-subartikolu, jew jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni bil-għan li jagħmel xi wieħed mill-istess delitti, ngħad li d-delitti jkunu saru barra minn Malta;

(*h*) kontra kull min ma tinħareġ ebda awtorità għal proċedimenti dwaru, jew ma ssir ebda ordni għar-ritorn tiegħu, wara talba li ssir minn xi pajjiż għall-estradizzjoni tiegħu minn Malta, mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja minħabba f'li jkun ċittadin ta' Malta jew li r-reat li dwaru kien mitlub ir-ritorn tiegħu jkun suġġett għall-piena kapitali fil-pajjiż li jkun għamel it-talba, ukoll jekk ma jkun hemm ebda disposizzjoni skont il-liġijiet ta' Malta ħlief din id-disposizzjoni li bis-saħħa tagħha tkun tista' tinbeda l-azzjoni kriminali kontra dik il-persuna;

(*i*) kontra kull min jagħmel reat li, b'disposizzjoni espressa tal-liġi, jkun jikkostitwixxi reat ukoll meta jsir barra minn Malta.

Iżda l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa kontra l-President ta' Malta, dwar dak li jagħmel fil-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu. Eċċezzjoni.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(*b*) u (*ċ*), bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jew inġenji tal-ajru jitqiesu li jagħmlu ma' Malta jekk ikunu reġistrati f'Malta jew, jekk ma jkunu reġistrati mkien, jekk ikunu proprjetà għal kollox ta' persuni li huma abitwalment residenti f'Malta jew ta' korpi ġuridiċi mwaqqfa taħt u skont il-liġijiet ta' Malta u għandhom hemm il-post ewlieni tan-negozju tagħhom.

(3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(*e*):

"persuna protetta" tfisser, dwar reat allegat, persuna minn dawn li ġejjin:

(*a*) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun Kap ta' Stat, membru ta' korp li jwettaq il-funzjonijiet ta' Kap ta' Stat skont il-kostituzzjoni ta' dak l-Istat, Kap ta' Gvern jew Ministru għall-Affarijiet Barranin u li tkun barra mit-territorju tal-Istat fejn ikollha dik il-kariga;

(*b*) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun rappreżentant

jew uffiċjal ta’ xi Stat jew uffiċjal jew aġent ta’ xi organizzazzjoni internazzjonali ta’ xorta inter-governamentali, ikollha jedd skont id-dritt internazzjonali għal protezzjoni speċjali minn kull attakk fuq il-persuna, il-libertà jew id-dinjità tagħha u li ma tkunx tinkwadra fil-paragrafu ta’ qabel;

(*ċ*) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun membru tal-familja ta’ persuna oħra msemmija f’xi wieħed mill-paragrafi ta’ qabel u -

(i) jekk il-persuna l-oħra hija msemmija fil-paragrafu (*a*) hawn aktar qabel, tkun qegħda takkumpanjaha,

(ii) jekk il-persuna l-oħra hija msemmija fil-paragrafu (*b*) hawn aktar qabel, tkun membru tal-familja tagħha;

"lok relevanti" tfisser lok li fih tkun tabita jew toqgħod fih persuna protetta jew li persuna protetta tkun qegħda tuża bil-għan li twettaq il-funzjonijiet tagħha bħala tali persuna; u

"vettura" tinkludi kull mezz ta’ ġarr;

u jekk tqum il-kwistjoni matul xi proċedimenti jekk persuna tkunx jew kinitx persuna protetta, ċertifikat maħruġ mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin jew taħt l-awtorità tiegħu u li jkun jiddikjara xi fatt li jkun u li jkollu x’jaqsam mal-kwistjoni, għandu jitqies bħala prova konklużiva ta’ dak il-fatt.

L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin.

**6.** L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra.

L-EWWEL KTIEB

LIĠIJIET PENALI

TAQSIMA I

FUQ IL-PIENI U R-REGOLI ĠENERALI DWAR KIF IL-PIENI GĦANDĦOM JIĠU MOGĦTIJA, FUQ IL-VOLONTÀ U L-ETÀ TAL-ĦATI, FUQ IT-TENTATTIV TA’ REAT, FUQ IL-KOMPLIĊI U R-REĊIDIVI

Titolu I

FUQ IL-PIENI U R-REGOLI ĠENERALI DWAR KIF IL-PIENI GĦANDHOM JIĠU MOGĦTIJA

*Sub-titolu I*

FUQ IL-PIENI LI JISTGĦU JINGĦATAW GĦAR-REATI

**7.** (1) Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet li tagħmel il-liġi, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għad-delitti, huma -

Pieni għad-delitti u għall-kontravvenzjonijiet
*Emendat: II. 1886.1; XVI. 1888.1; XI. 1900.2; IX. 1911.1; XXI. 1971.2; XLIX. 1981.4; II. 2015.2.*

(*a*) il-priġunerija;

(*b*) ir-reklużjoni;

(*ċ*) l-interdizzjoni;

(*d*) il-multa.

(2) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma -

(*a*) id-detenzjoni;

(*b*) l-ammenda;

(*ċ*) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

(3) Taħt l-isem ta' "pieni li jnaqqsu l-libertà persunali" jidħlu l-pieni tal-priġunerija u tad-detenzjoni.

Pieni li jnaqqsu l-libertà persunali.

(4) Kull liġi li hawn issa jew li għad issir 'il quddiem, u illi tagħti l-piena tal-mewt, tal-priġunerija, tar-reklużjoni, tal-multa, tal-ammenda, tad-detenzjoni, jew taċ-ċanfira, titqies bħala li tagħti l-piena korrispondenti li hemm f'dan il-Kodiċi, għall-effetti u konsegwenzi kollha ta' din il-piena, bl-istess mod daqslikieku d-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi kienu jagħmlu parti minn dan il-Kodiċi, iżda fil-limiti stabbiliti f'dik l-istess liġi.

(5) Kull liġi li tagħti bi kliem ġenerali, il-pieni li hemm għall-kontravvenzjonijiet, titqies bħala li tagħti l-pieni kollha illi, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 341 u 344, jistgħu, separatament jew kumulattivament, jiġu applikati għall-kontravvenzjonijiet ikkontemplati f'dan il-Kodiċi.

(6) Kull liġi li tikkontempla t-tlugħ jew l-inżul minn piena għal oħra titqies bħala li tirriferixxi għall-iskala tal-pieni u għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-artikolu 31.

(7) Kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi tgħodd fil-każ ta' reat ikkontemplat f'liġi speċjali, ħlief meta dik id-dispożizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi.

**8.** (1) L-ikkundannati għall-piena ta' priġunerija għandhom jiġu miżmumin fil-ħabs, jew f'dik il-parti tal-ħabs li qiegħda għall-ikkundannati għal din il-piena, u huma jkunu suġġetti għar-restrizzjonijiet imsemmijin fir-regolamenti tal-ħabs magħmulin skont il-liġi.

Priġunerija.

(2) Iż-żmien tal-piena ta' priġunerija hu stabbilit mil-liġi f'kull każ għalih.

**9.** (1) L-esekuzzjoni tal-piena tar-reklużjoni ssir billi l-ikkundannat għall-piena ta' priġunerija, għal perijodu wieħed jew iżjed matul iż-żmien tal-piena ta' priġunerija, jinżamm magħluq il-ħin kollu f'lok li qiegħed għal hekk ġewwa l-ħabs, mingħajr ma

Reklużjoni.
*Emendat: XLIX. 1981.4; III. 2002.4.*

jingħata permess lil ħadd li jidħol ħdejh, ħlief b'servizz jew b'awtorizzazzjoni speċjali tal-Ministru responsabbli għall-ħabs.

Tul ta' kull perijodu ta' reklużjoni.

(2) Ebda perijodu ta' reklużjoni m'għandu jkun itwal minn għaxart ijiem wara xulxin.

Regoli li għandhom jitħarsu.

(3) Ma jistgħux jingħataw żewġ perijodi jew iżjed ta' reklużjoni, mingħajr ma jkun hemm intervall ta' xahrejn bejn perijodu u ieħor.

(4) Madankollu, ir-reklużjoni tista' tingħata matul dawk l-intervalli għal ksur ta' regolamenti tal-ħabs, jew għal xi reat ieħor magħmul matul l-intervalli hawn fuq imsemmijin, iżda għal perijodi qosra u illi flimkien ma jkunux jilħqu aktar minn ħmistax-il ġurnata f'xi intervall wieħed.

(5) Meta l-liġi trid li tingħata r-reklużjoni bla ma ssemmi n-numru tal-perijodi, ma jistgħux jingħataw iżjed minn tnax-il perijodu ta' reklużjoni.

(6) Il-piena tar-reklużjoni tingħata fil-każijiet stabbiliti mil-liġi.

(7) Qabel tagħti l-piena tar-reklużjoni l-qorti għandha tissodisfa ruħha, jekk hemm bżonn permezz ta' provi mediċi, li jistgħu jinkludu eżami mediku tal-persuna misjuba ħatja, illi l-persuna misjuba ħatja tkun tajba biex tiskonta l-imsemmija piena.

(8) Jekk, matul l-esekuzzjoni tal-piena tar-reklużjoni, it-Tabib tal-Ħabs jiċċertifika bil-miktub illi l-priġunier ma jkunx għadu tajjeb biex jiskonta dik il-piena, l-esekuzzjoni ta' dik il-piena għandha tiġi sospiża sa dak iż-żmien li l-priġunier jerga' jiġi ċċertifikat li jkun medikament tajjeb biex jiskonta dik il-piena.

Interdizzjoni.
*Emendat:*
*XI. 1900.3;*
*VIII. 1909.1;*
*VI. 1947.3.*

**10.** (1) L-interdizzjoni hija ġenerali jew speċjali.

Interdizzjoni ġenerali.

(2) L-interdizzjoni ġenerali tiskwalifika lill-ikkundannat għal kull kariga jew impieg pubbliku, in ġenerali.

Interdizzjoni speċjali.

(3) L-interdizzjoni speċjali tiskwalifika lill-ikkundannat għal kariga jew impieg pubbliku partikulari, jew għall-eżerċizzju ta' professjoni, arti, sengħa jew xi jedd partikulari, skont il-liġi f'kull każ għalih.

Żmien tal-interdizzjoni.

(4) L-interdizzjoni l-waħda u l-oħra tista' tkun perpetwa jew temporanja.

(5) L-interdizzjoni temporanja ma tistax tkun għal aktar minn ħames snin, ħlief meta l-liġi b'mod speċjali tistabbilixxi żmien itwal.

(6) L-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u meta jidher li hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija qorti.

(7) Il-qorti għandha tordna illi s-sentenza tal-kundanna għall-interdizzjoni ġenerali jew speċjali jew id-digriet li jordna t-temm tagħha jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, iżda, għal dak li hu digriet li jordna t-temm kif imsemmi hawn qabel, il-pubblikazzjoni ssir bi spejjeż tal-persuna li jkollha x'taqsam.

Pubblikazzjoni tas-sentenza ta' interdizzjoni.

(8) Il-persuna ikkundannata għall-interdizzjoni illi tonqos minn xi obbligu li ġġib magħha dik il-kundanna, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur u multa.

Piena għal min jonqos mill-obbligi.

**11.** (1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-*maximum* tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u l-*minimum* tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).

Multa.
*Emendat:*
*XI. 1900.4;*
*XII. 1914.1;*
*XXII. 1934.2;*
*XXVII. 1938.2;*
*V. 1956.2;*
*III. 1971.2;*
*XXXIII. 1972.3;*
*XXII. 1976.4.*
*Sostitwit:*
*XIII. 1980.2.*
*Emendat:*
*III. 2002.5;*
*A.L. 407 tal-2007;*
*XXI. 2011.45.*

(2) Meta l-*maximum* ta' multa stabbilit f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra jkun inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), il-*maximum* ikun tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u l-*minimum* ħdax- il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).

(3) Il-multa, meta ma titħallasx fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 14, tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (35) jew parti minnhom:

Iżda f'ebda każ (ħlief f'dak imsemmi fl-artikolu 17(g) u fl-artikolu 29(1)) il-priġunerija minflok il-multa m'għandha tiskorri ż-żmien ta' sitt xhur jekk il-multa ma tkunx aktar minn sebat elef euro (7,000), sena jekk il-multa ma tkunx ta' aktar minn tletin elf euro (30,000), tmintax-il xahar jekk il-multa ma tkunx aktar minn tmenin elf euro (80,000) u sentejn jekk il-multa tkun ta' aktar minn tmenin elf euro (80,000).

**12.** (1) Il-persuni kkundannati għad-detenzjoni jiġu miżmuma fil-ħabs jew f'dik il-parti tal-ħabs li qiegħda għall-ikkundannati għal dik il-piena.

Detenzjoni.
*Emendat:*
*IV. 1874.1;*
*II. 1886.2;*
*XVI. 1888.2;*
*XXV. 1962.3;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXXI. 1966.2.*
*Sostitwit:*
*III. 2002.6.*

(2) Meta ma jkunx xort'oħra speċifikament provdut, ebda żmien ta' detenzjoni m'għandu jkun iżjed minn xahrejn.

**13.** (1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-*maximum* tal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) u l-*minimum* sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99).

Ammenda:
*Emendat:*
*II. 1886.3;*
*XVI. 1888.3;*
*XI. 1900.5;*
*IX. 1911.2;*
*XII. 1914.2, 3;*
*XXII. 1934.3;*
*V. 1956.3;*
*III. 1971.3;*
*XIII. 1980.3;*
*A.L. 407 tal-2007.*

(2) L-ammenda, meta ma titħallasx fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 14, tinbidel f'detenzjoni bir-rata ta' ġurnata għal kull ħdax - il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjon tagħha:

Tibdil ta' ammenda f'detenzjoni.

Iżda, (ħlief kif jingħad fl-artikolu 29(1), fl-artikolu 17(*g*) u fl-artikolu 53), f'ebda każ iż-żmien tad-detenzjoni minflok l-ammenda m'għandu jkun iżjed minn xahar.

Żmien għall-ħlas tal-multa jew ammenda.
*Miżjud: XXII. 1934.4. Emendat: XIV. 1936.2; VI. 1947.4; V. 1956.4; III. 2002.7; A.L. 407 tal-2007.*

**14.** (1) Persuna ikkundannata għall-ammenda jew għall- multa għandha tħallasha minnufih. B'danakollu l-qorti tista', għal raġuni li għandha tiġi irreġistrata, tordna lill-persuna ikkundannata li tħallas l-ammenda jew il-multa lir-reġistratur f'dak iż-żmien li jiġi stabbilit mill-qorti fis-sentenza:

Iżda, fil-każ ta' ammenda ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) jew anqas, iż-żmien hawn fuq imsemmi m'għandux ikun ta' aktar minn għaxart ijiem, u, fil-każ ta' ammenda ta' iżjed minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23), jew fil-każ ta' multa, iż-żmien hawn fuq imsemmi m'għandux ikun ta' aktar minn xahar:

Iżda fin-nuqqas ta' ħlas tal-multa jew tal-ammenda fiż-żmien stabbilit mill-qorti fis-sentenza tagħha jew, fin-nuqqas li jkun hemm impost terminu fis-sentenza, fi żmien ġimgħa waħda mid-data tas-sentenza, dik il-multa jew ammenda għandha tiġi konvertita minnufih fi priġunerija jew detenzjoni kif provdut fl-artikoli 11 u 13 skont il-każ, u l-Pulizija għandhom, bis-saħħa tal-awtorità mogħtija lilhom bis-sentenza u b'dan il-proviso, jarrestaw lill-persuna sentenzjata u jeħduha bi skorta fil-post imsemmi skont il-liġi għaż-żamma ta' persuni li jkollhom sentenza ta' multa jew ammenda konvertibbli fi priġunerija jew detenzjoni skont il-liġi:

Setgħa tal-qorti li tistabbilixxi żmien ieħor ta' detenzjoni jew priġunerija.

Iżda l-qorti tista' wkoll, b'dak kollu li jingħad fl-artikoli 11 u 13, meta tikkundanna għall-ammenda jew għall-multa, tistabbilixxi xi żmien ieħor ta' detenzjoni jew ta' priġunerija illi l-ikkundannat ikollu jagħmel, kemm-il darba hu ma jħallasx l-ammenda jew il-multa minnufih jew fiż-żmien li jkun ġie stabbilit, skont il-każ. Iżda ż-żmien ta' detenzjoni jew ta' priġunerija hekk stabbilit m'għandu qatt ikun iżjed miż-żmien imsemmi fl-artikoli 11 u 13 rispettivament.

(2) Il-qorti tista' wkoll, fid-diskrezzjoni tagħha, meta tikkundanna jew f'kull żmien ieħor wara, tordna illi kull piena pekunjarja (ammenda jew multa) li għaliha persuna tkun ikkundannata, tista' titħallas b'rati ta' dawk l-ammonti u b'dawk l-intervalli ta' wara xulxin illi l-qorti jidhrilha xieraq, iżda hekk illi ż-żmien kollu li tulu l-ammont sħiħ għandu jitħallas ma għandu qatt ikun iżjed minn tliet snin, u illi, jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih, u d-disposizzjonijiet kollha ta' dan il-Kodiċi li jgħoddu għall-kundanna ta' ammenda jew ta' multa u għall-arrest u detenzjoni jew priġunerija, skont il-każ, jekk ma jsirx il-ħlas tal-ammenda jew multa, jkunu jgħoddu għal hekk.

Ċanfira jew twiddiba.
*Imħassar: II. 1886.4 u mdaħħal mill-ġdid bl-Ord. XVI. 1888.4.*

**15.** (1) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba ssir fil-qorti bil-miftuħ mill-imħallef jew maġistrat li jkun sema' l-kawża.

(2) Min jilqa' ċ-ċanfira jew it-twiddiba b'imġieba ċara ta' disprezz jew ta' nuqqas ta' qima, jiġi ikkundannat għall-piena tad-detenzjoni jew ammenda.

*Sub-titolu II*

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR KIF JINGĦATAW U JIĠU ESEGWITI L-PIENI

**16.** Fil-pieni ta' ġranet, kull ġurnata tal-piena titqies bħala ta' erbgħa u għoxrin siegħa; fil-pieni ta' xhur li ma jiskorrux tliet xhur, kull xahar jitqies bħala ta' tletin ġurnata; fil-pieni aktar twal, ix-xhur u s-snin jingħaddu skont il-kalendarju.

Kif jinqiesu l-pieni.

**17.** Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-disposizzjonijiet li ġejjin:

Konkors ta' reati u ta' pieni. *Emendat: IX. 1859.1; XI. 1900.6; IX. 1911.3, 4; XII. 1914.4; XXXIII. 1972.4; XXXVIII. 1973.2; XLIX. 1981.4, 6; XVI.1996.6; XXIV. 2014.4.*

(*a*) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, illi jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu l-libertà persunali, li waħda minnhom tkun għal għomor, tiġi ikkundannata għal din il-piena biż-żieda tar-reklużjoni;

(*b*) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien;

(*ċ*) persuna ħatja ta' żewġ kontravvenzjonijiet jew iżjed tiġi ikkundannata għall-piena li hemm għal kull kontravvenzjoni:

Iżda jekk il-ħati jiġi ikkundannat għad-detenzjoni, iż-żmien kollu meħud flimkien tal-piena li tingħata m'għandu qatt jiskorri tliet xhur;

(*d*) persuna ħatja ta' delitt wieħed jew aktar u ta' kontravvenzjoni waħda jew aktar, tiġi ikkundannata biss għall-piena stabbilita għad-delitt jew għall-piena li jkun imissha tingħata lill-ħati minħabba l-konkors ta' aktar minn delitt wieħed skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi ta' qabel dan, jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti ma tkunx anqas minn tliet xhur priġunerija. Jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti tkun anqas minn tliet xhur priġunerija, għandha tiġi mogħtija wkoll il-piena stabbilita għall-kontravvenzjoni jew il-piena li jmiss tingħata fil-każ ta' aktar minn kontravvenzjoni waħda, skont ir-regoli mniżżla fil-paragrafu ta' qabel dan;

(*e*) meta skont il-liġi jmiss tingħata l-piena tal-interdizzjoni temporanja, għandha tingħata dik li tkun tal-itwal żmien, biż-żieda minn terz sa nofs iż-żminijiet l-oħra flimkien:

Iżda b'dan li ż-żmien li jingħata ma jiskorri f'ebda każ għoxrin sena;

(*f*) persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal-multa jew ammenda ogħla jew tal-ogħla multa jew ammenda, skont il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra;

(*g*) meta żewġ pieni pekunjarji jew aktar jinbidlu f'piena

li tnaqqas il-libertà persunali, iż-żmien ta' din il-piena m'għandux jiskorri tliet snin fil-każ ta' multa, jew sitt xhur fil-każ ta' ammenda; u fil-każ ta' multa u ammenda flimkien, il-piena tinbidel f'detenzjoni jew fi priġunerija, kif tordna l-qorti;

(*h*) meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.

Reat kontinwat.
*Emendat:*
*XI. 1900.6.*

**18.** Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

Regoli fuq kif għandhom jingħataw il-pieni.

**19.** Kull piena stabbilita għal reat titqies li hija hekk stabbilita bla ħsara ta' pieni akbar ikkontemplati għal dak ir-reat f'liġi oħra, meta fir-reat ikunu jinsabu ċ-ċirkostanzi kollha msemmijin f'dik il-liġi l-oħra.

Piena li m'għandhiex tingħata fil-*minimum*.
*Emendat:*
*XI. 1900.7;*
*IX. 1911.5;*
*XLIX. 1981.6.*

**20.** Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-*minimum*, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*.

Piena taħt il-*minimum* stabbilit.
*Miżjud:*
*XII. 1944.2.*
*Emendat:*
*XXI. 1971.4.*

**21.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7.

Kalkolu ta' kundanni ta' priġunerija.
*Miżjud:*
*VI. 1947.6.*
*Sostitwit:*
*III. 2002.8.*

**22.** Ħlief fil-każ ta' kundanna ta' priġunerija għall-għomor jew ta' priġunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-ħlas ta' multa jew ammenda, kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs għar-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati u kkundannat, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna tiegħu; iżda jekk l-ikkundannat qabel kien suġġett għal ordni ta' *probation*, ordni għal liberazzjoni taħt kondizzjoni jew għal sentenza sospiża dwar dak ir-reat jew reati, kull żmien bħal dak qabel l-għemil ta' dak l-ordni jew l-għoti tas-sentenza sospiża m'għandux jitqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

Iżda meta xi żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija kif imsemmi qabel ikun, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ġie meqjus bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija, dak iż-żmien ma għandux jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt xi kundanna oħra.

**23.** (1) Il-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti.

Konfiska tal-*corpus delicti*. *Emendat: VI. 1947.7 XXXI. 2007.3.*

(2) Fil-każ ta' kontravvenzjonijiet, din il-konfiska ssir fil-każijiet biss imsemmijin espressament fil-liġi.

(3) Fil-każ ta' oġġetti li l-manifattura, użu, ġarr, tiżmim jew bejgħ tagħhom huwa reat, il-konfiska tagħhom tista' tkun ordnata mill-qorti għalkemm ma jkunx hemm kundanna u għalkemm dawk l-oġġetti ma jkunux tal-akkużat.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (3), meta l-Avukat Ġenerali jwassal talba lil maġistrat minn awtorità barranija għat-treġġigħ lura ta' xi oġġett li jkun inkiseb b'mod kriminali għal finijiet ta' restituzzjoni lis-sid leġittimu tiegħu, il-qorti tista' wara li tisma' lill-partijiet u jekk tqis li jkun xieraq li hekk tagħmel wara li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tordna li l-konfiska ta' kull tali oġġett m'għandhiex issir u li l-oġġett għandu jitreġġa' lura lill-awtorità barranija rikjedenti.

**23A.** (1) F'dan l-artikolu, kemm-il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

Imblukkar tal-proprjetà ta' min ikun akkużat. *Miżjud: III. 2002.9. Emendat: III. 2004.69; VII. 2010.3.* Kap. 373. Kap. 101. Kap. 31.

"l-Att" tfisser l-Att kontra Money Laundering;

"l-Ordinanzi" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;

"reat rilevanti" tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena.

(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att.

(3) Meta l-qorti ma tipproċedix biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (2) il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar li jkollha l-istess effett ta' ordni magħmula taħt l-artikolu 5 tal-Att liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi subartikolu.

(4) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (2), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqs li kieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt l-istess artikolu 5. L-ordni temporanja ta'

iffriżar magħmula taħt is-subartikolu (3) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm l-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.

(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.

Konfiska ta' rikavat.
*Miżjud: III. 2002.9. Emendat: XXXI. 2007.4; VIII. 2015.2.*

**23B.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma' kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 121D, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.

(1A) Kull proprjetà, li tkun tinsab sew f'Malta sew barra minn Malta, li tkun tappartjeni lil, jew li tkun tinsab fil-pussess ta' jew taħt il-kontroll ta' xi persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi korp magħqud li jista' jkun responsabbli taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 121D għandha, kemm-il darba ma tinġiebx prova xort'oħra, titqies li tkun inkisbet mir-reat rilevanti u tkun tista' tiġi konfiskata mill-qorti.

(1B) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* b'dak il-mod illi kull referenza f'dak l-artikolu għal "l-artikolu 3(3)" għandha tiftiehem bħala referenza għas-subartikolu (1A) ta' dan l-artikolu u kull referenza fl-imsemmi artikolu 7 għal "ksur tal-artikolu 3" għandha tiftiehem bħala referenza għal reat rilevanti.

(2) Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha tagħti sentenza fejn min ikun insab ħati jew tali korp magħqud, jew kemm min ikun insab ħati kemm il-korp magħqud solidalment, skont il-każ, jeħel multa li tkun tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-
Kap. 12. Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"proprjetà" tfisser kull attiv ta' liema xorta jkun, sew korporali sew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali li jkunu prova ta' titolu għal dak l-attiv jew xi interess fih;

"reat rilevanti" u "l-Att" għandhom l-istess tifsir mogħti lilhom bl-artikolu 23A(1);

"rikavat" tfisser kull vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà ġejja jew miksuba, b'mod dirett jew mhux dirett, mill-għemil tar-reat u

tinkludi kull qliegħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà fi jew li magħhom dan ir-rikavat ikun trasformat, konvertit jew amalgamat u kwalunkwe investiment mill-ġdid sussegwenti jew it-trasformazzjoni tar-rikavat dirett:

Iżda dik il-proprjetà li tkun ġiet trasformata jew konvertita, għal kollox jew parti minnha, fi proprjetà oħra, u l-proprjetà li tkun ġiet amalgamata mal-proprjetà akkwistata minn sorsi leġittimi, sal-valur valutat tal-qligħ amalgamat, għandha tiġi inkluża fi ħdan din it-tifsira.

Konfiska ta' proprjetà miksuba minn xi attività kriminali. *Miżjud: XXXI. 2007.5. Emendat: XXIV. 2014.5; VIII. 2015.3.*

**23Ċ.** (1) Meta jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà tal-persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti tkun sproporzjonata mal-qligħ tagħha leġittimu u l-qorti tista' raġonevolment tippreżumi li jkun sostanzjalment aktar probabbli, li l-proprjetà inkwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna u mhux minn attivitajiet oħra, il-proprjetà tkun tista' tiġi konfiskata.

(2) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti u b'konsegwenza ta' dan xi flejjes jew proprjetà mobbli oħra jew xi proprjetà immobbli tkun tista' tiġi konfiskata, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(*b*), (*d*) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dawk il-paragrafi. Kap. 101

(3) Meta persuna tiġi mixlija jew akkużata b'reat rilevanti li jista' jagħti lok, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku, u l-proċeduri ma jkunux jistgħu jkomplu minħabba mard jew minħabba li l-istess persuna tkun ħarbet, u l-qorti fuq bażi ta' fatti speċifiċi tkun konvinta bis-sħiħ li dawn il-proċeduri setgħu wasslu għall-kundanna tal-persuna mixlija jew akkużata jekk il-persuna tkun dehret quddiem il-qorti jew għaddiet ġuri, il-qorti tista' tordna l-konfiska tal-istrumentalitajiet u r-rikavat tal-imsemmi reat:

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "mard" tfisser meta l-persuna mixlija jew akkużata ma tkunx tista' tattendi l-proċeduri kriminali għall-perijodu estiż, li bħala riżultat il-proċeduri ma jkunux jistgħu jkomplu taħt ċirkostanzi normali.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) il-Qorti għandha, b'żjieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kwalunkwe żmien wara dan, tordna t-teħid tar-rikavat kollu jew proprjetà oħra li l-valur tagħhom jikkorrispondi għar-rikavat, liema, direttament jew indirettament, ġew trasferiti minn persuna suspettata jew akkużata lil terza persuna, jew li ġew akkwistati minn parti terza minn persuna suspettata jew akkużata, meta t-terza persuna tkun taf jew kellha tkun taf li l-iskop tat-trasferiment jew l-akkwist kien sabiex tiġi evitata l-konfiska.

(5) Xejn ma għandu jipprekludi l-iskoperta u t-traċċar ta' proprjetà kif provdut taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, sabiex tiġi ffriżata jew ikkonfiskata wara l-kundanna finali għal reat jew wara li jkunu saru l-proċedimenti skont is-subartikolu (3), u sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tal-ordni tal-konfiska, meta ordni bħal din tkun diġà nħarġet.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"reat rilevanti" tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien iktar minn sena.

"proprjetà" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 23B(3).

Reġistratur għandu jagħmel stħarriġ. *Miżjud: VII. 2010.5. Emendat: IV. 2014.3.*

**23D.** (1) Meta l-qorti tagħmel xi ordni kif imsemmi fl-artikoli 23A sa 23Ċ, iż-żewġ artikoli inklużi, hi għandha tordna lir-Reġistratur biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra, dovuti jew jappartejnu jew taħt il-kontroll tal-imputat jew il-persuna akkużata jew misjuba ħatja, kif ikun il-każ:

Iżda għal finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "proprjetà" u "rikavat" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom rispettivament fl-artikolu 23B(3).

(2) Kull min ikun meħtieġ mir-Reġistratur jipprovdi informazzjoni għall-finijiet tas-subartikolu (1) għandu jaderixxi mat-talba fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' meta tkun riċevuta t-talba.

(3) It-talba magħmula mir-Reġistratur, u kull risposta tagħha skont dan l-artikolu, tista' issir bil-posta elettronika.

Responsabbiltà tal-persuna li jkollha l-ħsieb ta' oħra, f'każijiet ta' kontravvenzjoni. *Miżjud: VIII. 1909.2.*

**24.** F'każ ta' kontravvenzjoni magħmula minn persuna li tkun tinsab taħt is-setgħa, it-treġija jew il-ħsieb ta' persuna oħra, tkun suġġetta għall-piena mhux biss il-persuna li tagħmel il-kontravvenzjoni iżda wkoll dik il-persuna l-oħra, jekk il-kontravvenzjoni tkun kontra disposizzjoni tal-liġi li dik il-persuna l-oħra kien imissha ġġiegħel li tiġi mħarsa, u jekk il-kontravvenzjoni setgħat tiġi evitata bid-diliġenza ta' dik il-persuna l-oħra.

Abolizzjoni tat-telfa ta' jeddijiet minħabba pieni. *Emendat: VI. 1871.2; XXI. 1971.5.*

**25.** It-telfa tal-jeddijiet, taħt id-disposizzjonijiet ta' xi liġi tkun li tkun, bħala konsegwenza ta' xi piena, hija abolita.

Il-jedd għall-azzjoni ċivili jibqa' sħiħ. *Emendat: VIII. 1909.3.*

**26.** (1) Il-kundanna għall-pieni stabbiliti mil-liġi titqies dejjem li ġiet mogħtija bla ħsara tal-azzjoni ċivili.

(2) Il-grazzja li tbiddel jew taħfer piena mogħtija skont il-liġi, tħalli sħiħ il-jedd għall-azzjoni ċivili.

Differenza bejn il-piena fiż-żmien tar-reat u dik fiż-żmien tal-kawża.

**27.** Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.

Regoli dwar kif għandhom jiġu skuntati l-pieni. *Emendat: XII. 1914.5.*

**28.** (1) Meta żewġ pieni jew iżjed tal-istess xorta jiġu mogħtija fl-istess żmien lill-istess ħati, huma għandhom jiġu skuntati waħda wara li tispiċċa l-oħra; jekk ma jkunux tal-istess xorta, l-ewwel għandha tiġi skuntata l-piena l-aktar gravi, u, minnufih li tispiċċa din, tibda għaddejja l-piena l-anqas gravi.

(2) Kull min, waqt li jkun jiskonta piena, jiġi kkundannat għal

piena oħra, sew tal-istess xorta jew ta' xorta anqas gravi, huwa jkompli jiskonta l-ewwel piena, u, minnufih li tispiċċa din, jibda jiskonta t-tieni piena.

(3) Jekk it-tieni piena tkun aktar gravi minn tal-ewwel, l-ikkundannat jiġi minnufih imqiegħed taħt it-tieni piena, u meta tispiċċa din, jerġa' jitqiegħed minnufih taħt l-ewwel piena biex ikompli jiskonta l-bqija tagħha.

(4) Il-piena tal-interdizzjoni tibda sseħħ minn dak in-nhar tas-sentenza li tikkundanna għal dik il-piena.

Sentenza ta' priġunerija sospiża.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*
*Emendat: III. 2002.10.*

**28A.** (1) Bla ħsara għas-subartikoli (2) sa (7) u l-artikoli 28B sa 28I, qorti li tagħti sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn għal reat tista' tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' iżjed minn erba' snin mid-data tal-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ; u f'dan l-artikolu u kull fejn tinstab fl-artikoli 28B sa 28G u fl-artikolu 28I "il-perijodu operattiv", dwar sentenza sospiża, tfisser dak il-perijodu hekk speċifikat.

(2) Qorti ma għandhiex tittratta ma' ħati permezz ta' sentenza sospiża ħlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-każ ikun wieħed li fih sentenza ta' priġunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgħa li tissospendi dik is-sentenza b'ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1).

(3) Qorti li tagħti sentenza sospiża lil xi persuna għal reat ma għandhiex fil-każ ta' dik il-persuna tagħmel ordni ta' *probation*, kif provdut fl-Att dwar il-*Probation*, dwar xi reat ieħor li dik il-persuna tinstab ħatja tiegħu minn jew quddiem il-qorti jew li dwaru tkun qegħda tiġi trattata mill-qorti. Kap. 446.

(4) Meta l-qorti tagħti sentenza sospiża hija għandha tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

(5) Sentenza sospiża li tkun għadha ma bdietx isseħħ għandha titqies għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, ħlief kif provdut fis-subartikolu (1), li hi sentenza li tinfliġġi piena u ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha titqies li tolqot -

(*a*) l-applikabilità ta' xi piena oħra li tista' tingħata, jew xi sospensjoni, taħsir, skwalifika, konfiska, telf jew tneħħija li jistgħu jiġu ordnati, flimkien mal-piena ta' priġunerija hekk sospiża; u

(*b*) il-ħdim tal-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 533.

(5A) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(*b*).

(6) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (l) ma għandhomx japplikaw għal xi piena ta' priġunerija li tiġi inflitta fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi multa jew ta' spejjeż.

(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin -

(*a*) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija;

(*b*) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;

Kap. 446.

(*ċ*) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.

(8) Ir-reġistratur għandu jżomm reġistru speċjali ta' ħatjin li tkun ingħatatilhom sentenza sospiża.

Kommissjoni ta' reat matul il-perijodu operattiv. *Miżjud: XXIX. 1990.3.*

**28B.** (1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ.

(2) Jekk ir-reat l-ieħor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja jew jekk, fil-każ ta' xi xorta oħra ta' reat, il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor, li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1), hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin -

(*a*) tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew

(*b*) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil:

Iżda jekk il-qorti ma tagħmilx ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) hija għandha tiddikjara ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx għamlet dan.

(3) Fi proċedimenti li jsiru quddiem il-Qorti Kriminali sabiex ħati jiġi trattat dwar sentenza sospiża, kull kwistjoni dwar jekk hu instabx ħati ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija magħmul fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża, għandha, minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 436(2) u tal-artikolu 467, tiġi deċiża mill-qorti u mhux bil-verdett tal-ġurija.

(4) Meta qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu tittratta ma' ħati dwar sentenza sospiża mogħtija minn qorti oħra, ir-reġistratur għandu minnufih javża, permezz ta' kopja, lill-qorti li tkun tat is-

sentenza bil-metodu adottat.

(5) Meta qorti tittratta ma' ħati bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur għandu jagħmel dawk in-notamenti meħtieġa fir-reġistru speċjali msemmi fl-artikolu 28A(8).

Il-qorti kompetenti biex tittratta dwar sentenza sospiża.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*
*Emendat: VIII. 1990.3; III. 2002.11.*

**28Ċ.** (1) Ħati jista' jiġi trattat dwar sentenza sospiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mill-Qorti Kriminali jew, meta s-sentenza tkun ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati, minn dik il-qorti.

(2) Meta wieħed jinstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija u l-qorti tkun sodisfatta li r-reat sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti Kriminali, dik il-qorti għandha tibgħatu taħt arrest jew bi pleġġ quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jiġi trattat dwar dik is-sentenza sospiża:

Iżda meta l-Qorti tal-Maġistrati jkun jidhrilha li l-piena xierqa għar-reat l-ieħor tkun dik ta' priġunerija, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28E(3).

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikoli 28D u 28E -

(*a*) sentenza sospiża li tingħata lil ħati fi grad ta' appell għandha titqies li tikun ingħatat mill-Qorti tal-ewwel grad;

(*b*) il-Qorti tal-Minorenni għandha titqies li tkun Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ.

Sentenza sospiża li ma tkunx ġiet kunsidrata meta wieħed jinstab ħati ta' reat ieħor.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*
*Emendat: VIII. 1990.3; III. 2002.12.*

**28D.** (l) Jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati jkun jidhrilha li wieħed ikun instab ħati ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija magħmul matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u li ma ġiex trattat dwar dik is-sentenza sospiża, dik il-qorti għandha, jew *ex officio* jew wara rikors mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva, skont il-każ, toħroġ ċitazzjoni li biha tordna lill-ħati li jidher quddiemha f'data u f'ħin li jkunu speċifikati fiha, jew toħroġ mandat għall-arrest tiegħu.

(2) Iċ-ċitazzjoni jew il-mandat maħruġa bis-saħħa ta' dan l-artikolu għandhom jordnaw lill-ħati biex jidher, jew li l-ħati jinġieb, quddiem il-qorti sabiex jiġi trattat dwar is-sentenza sospiża.

Konkors ta' reati u ta' pieni dwar sentenza sospiża.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*
*Emendat: VIII. 1990.3; III. 2002.13.*

**28E.** (1) Meta ħati jiġi kundannat għal iktar minn delitt wieħed skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(*b*), jista' jsir ordni bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) jekk iż-żmien wieħed ta' priġunerija li jitqies xieraq u li jiġi stabbilit mill-qorti fis-sentenza hekk sospiża ma jkunx iżjed minn sentejn u jekk ikunu japplikaw il-kundizzjonijiet l-oħra għall-għoti ta' sentenza sospiża.

(2) *Mħassar bl-Att III. 2002.13.*

(3) Meta l-Qorti tal-Maġistrati ssib persuna ħatja ta' reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti Kriminali, hija għandha, wara li tiddikjara lill-persuna ħatja ta' dak ir-reat u

tiddikjara l-konklużjoni tagħha, meta tkun hekk sodisfatta, li l-piena xierqa għal dak ir-reat tkun waħda ta' priġunerija, tirreferi l-każ għal deċiżjoni dwar il-piena lill-Qorti Kriminali billi tibgħat lill-ħati quddiem dik il-qorti kif provdut fl-artikolu 28C(2) mingħajr ma tistabbilixxi ż-żmien ta' priġunerija għar-reat l-ieħor:

Iżda jekk il-Qorti Kriminali ma tagħmilx ordni bis-saħħa tal-artikolu 28B(1), hija għandha tistabbilixxi ż-żmien ta' priġunerija għar-reat l-ieħor biss.

(4) *Mħassar bl-Att III. 2002.13.*

(5) Ebda qorti li tkun qegħda tittratta ma' ħati kif provdut fl-artikolu 28Ċ u f'dan l-artikolu ma tista' tibdel iż-żmien ta' priġunerija mogħti fis-sentenza sospiża billi tnaqqas dak iż-żmien, ħlief safejn dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' konformità mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(*b*).

Reċidivi.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*

**28F.** Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.

Ordni ta' superviżjoni f'sentenza sospiża.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*
*Emendat: III. 2002.14 A.L. 407 tal-2007; XXIV. 2014.6.*

**28G.** (1) Meta sentenza ta' iktar minn sitt xhur priġunerija tkun ġiet sospiża skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28A(1), il-qorti tista' b'żieda tagħmel ordni ta' superviżjoni f'sentenza sospiża (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li jqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li jkun perijodu li ma jkunx iktar mill-perijodu operattiv.

(1A) Meta jkun inħareġ ordni ta' superviżjoni skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti tista', b'żieda ma' dak l-ordni, toħroġ ordni ta' servizz fil-komunità kif imfisser fl-artikolu

Kap. 446.

11 tal-Att dwar il-*Probation* u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal dak l-ordni.

(2) Ordni ta' superviżjoni għandu jispeċifika l-isem, l-indirizz u partikolaritajiet oħra li jidentifikaw lill-ħati, u l-uffiċjal sorveljanti għandu jkun uffiċjal tal-*probation* maħtur bis-saħħa tal-

Kap. 446.

Att dwar il-*Probation* u li ismu jissemma' fl-ordni ta' superviżjoni; u l-ordni ta' superviżjoni jista' barra minn hekk jinħtieġ li l-ħati jikkonforma ruħu, matul il-perjodu kollu ta' superviżjoni jew matul parti minnu, ma' dawk il-ħtiġiet li l-qorti tista' timponi taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-imsemmi Att.

(3) Ħati li dwaru jkun qiegħed iseħħ ordni ta' superviżjoni għandu jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata minn dak l-uffiċjal u l-ħati għandu javżah b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu.

(4) Il-qorti li tagħmel ordni ta' superviżjoni għandha ġġiegħel li kopja tal-ordni tiġi minnufih notifikata lill-uffiċjal sorveljanti.

(5) Ordni ta' superviżjoni ma jibqax fis-seħħ jekk qabel it-

tmiem tal-perijodu speċifikat fih -

(*a*) qorti tordna li s-sentenza sospiża mogħtija fil-proċedimenti li fihom l-ordni ta' superviżjoni jkun sar għandha tibda sseħħ; jew

(*b*) l-ordni jitneħħa jew jiġi sostitwit skont id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(6) Ordni ta' superviżjoni jista' jitneħħa mill-qorti li tkun għamlitu wara rikors mill-uffiċjal sorveljanti jew mill-ħati. Jekk dak l-ordni jkun sar fi grad ta' appell, il-qorti tal-ewwel grad għandha titqies bħala l-qorti li għamlet l-ordni.

(7) Il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta' superviżjoni tista' tissostitwih b'ordni li jestendi ż-żmien tiegħu skont kull tibdil tal-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28B(2).

(8) Meta l-qorti tagħmel jew tissostitwixxi ordni ta' superviżjoni, hija għandha tispjega bi kliem ċar lill-ħati l-effetti ta' dak l-ordni.

(9) Jekk f'xi żmien meta jkun għadu fis-seħħ l-ordni ta' superviżjoni il-qorti li tkun għamlet l-ordni jkun jidhrilha, wara li jsirilha rapport bil-miktub mill-uffiċjal sorveljanti, li l-ħati jkun naqas li jikkonforma ruħu ma' xi ħtieġa li hemm fis-subartikoli (2) u (3), il-qorti għandha ġġiegħel li l-ħati jinġieb quddiemha f'jum stabbilit u f'ħin stabbilit, u jekk il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ħati, tkun sodisfatta li dak in-nuqqas ikun seħħ, hija tista' jew f'każijiet serji jew ripetuti tordna li s-sentenza sospiża mogħtija fil-proċedimenti li fihom ikun sar l-ordni tas-superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni tal-ordni, twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

(10) Kull referenza għal ordni ta' superviżjoni għandha titqies li tinkludi ordni għal servizz fil-komunità.

Direttiva tal-qorti dwar restituzzjoni jew kumpens.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*

**28H.** (1) Meta l-qorti tagħmel ordni ta' sentenza sospiża bis-saħħa tal-artikolu 28A(1), hija tista' tinkludi f'dak l-ordni direttiva li tkun tobbliga lill-ħati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegħ ieħor kontra l-liġi, bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru tkun ingħatat is-sentenza sospiża, jew li jħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat; u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel.

(2) F'kull każ li fih il-qorti tinkludi direttiva bħal dik fl-ordni tagħha bis-saħħa tal-artikola 28A(1), hija għandha, f'dik id-direttiva, tistabbilixxi ż-żmien, li ma jkunx ta' aktar minn sitt xhur mid-data tad-direttiva, li fih ir-restituzzjoni jew il-ħlas tal-kumpens speċifikat fid-direttiva għandu jsir mill-ħati.

(3) Il-qorti għandha tistabbilixxi l-ammont ta' kull kumpens li

għandu jitħallas skont id-direttiva bis-saħħa ta' dan l-artikolu wara li tkun sommarjament semgħet lill-partijiet, jekk ikunu hekk jixtiequ, u kull xiehda oħra, magħduda dik tal-esperti, li tista' tqis relevanti, iżda l-ammont ta' kumpens hekk stabbilit għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull waħda mill-partijiet, jew ta' xi persuna oħra li jkollha interess, li joħorġu mill-likwidazzjoni finali tal-ammont dovut, jekk ikun il-każ, kif jista' jiġi eventwalment miftiehem jew deċiż f'kawża ċivili jew b'kull mod ieħor permess bil-liġi.

(4) Jekk il-ħati jonqos li jikkonforma ruħu ma' direttiva inkluża bis-saħħa ta' dan l-artikolu fiż-żmien stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva, il-qorti għandha, wara rikors maħluf mill-parti li lilha jkunu dovuti dik ir-restituzzjoni jew dak il-kumpens, liema rikors għandu jiġi notifikat lill-ħati, tistabilixxi jum u ħin mhux iktar tard minn sebat ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors, sabiex jinstemgħu l-partijiet.

(5) Jekk il-qorti, wara dak is-smigħ, tkun sodisfatta li l-ħati jkun naqas li jikkonforma ruħu mad-direttiva tagħha mogħtija bis-saħħa ta' dan l-artikolu, hija għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda sseħħ. Il-qorti tista', iżda, għal kawża raġonevoli, tikkonċedi lill-ħati żmien ieħor perentorju li ma jkunx ta' iktar minn xahar, sabiex jikkonforma ruħu mad-direttiva.

(6) Il-qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' rikors kif hemm imsemmi fis-subartikolu (4) jekk dak ir-rikors ikun ġie ppreżentat wara l-għeluq ta' tliet xhur mit-tmiem taż-żmien stabbilit mill-qorti biex wieħed jikkonforma ruħu ma' dik id-direttiva.

(7) Meta tiġi nkluża direttiva bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' dik id-direttiva.

Appelli.
*Miżjud: XXIX. 1990.3.*

**28I.** (1) Għall-finijiet ta' xi dritt ta' appell, ordni li jsir minn qorti bis-saħħa tal-artikolu 28B(1) jew tal-artikolu 28H(5) li sentenza sospiża għandha tibda sseħħ għandu jitqies bħal sentenza mogħtija lill-ħati minn dik il-qorti għar-reat li dwaru tkun ingħatat is-sentenza sospiża.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tolqot id-dritt ta' appell ta' xi persuna kontra d-dikjarazzjoni ta' ħtija jew kontra s-sentenza kif provdut f'dan il-Kodiċi iżda ma jitħalla jsir ebda appell fuq xi waħda minn dawn il-ħwejjeġ -

(*a*) it-tul tal-perijodu operattiv stabbilit bis-saħħa tal-artikolu 28A(1);

(*b*) kull tibdil fil-perijodu operattiv magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28B(2)(*b*);

(*ċ*) kull direttiva nkluża bis-saħħa tal-artikolu 28H sabiex issir restituzzjoni jew jitħallas kumpens, it-tul taż-żmien stabbilit sabiex issir dik ir-restituzzjoni jew jitħallas dak il-kumpens bis-saħħa tas-subartikolu (2), jew id-deċiżjoni dwar l-ammont ta' kumpens li għandu

jitħallas bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu.

Proċedura fil-każ li l-ammenda jew il-multa ma titħallasx.
*Emendat: IV. 1856.2; II. 1886.5; XVI. 1888.5; XII. 1974.6; XXII. 1934.5; I. 1939.2; III. 2002.15.*

**29.** (1) Il-persuna kkundannata għall-ħlas ta' ammenda jew multa li tingħata l-benefiċċju taż-żmien b'ordni mogħti mill-qorti skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 14(2), u li ma tħallasx dik l-ammenda jew dik il-multa skont il-kondizzjonijiet tal-istess ordni, tkun suġġetta li tiġi arrestata u li tinġieb quddiem il-qorti; u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità tal-persuna kkundannata u li ma jkunx sar il-ħlas skont il-kundizzjonijiet tal-ordni, għandha tordna li dik il-persuna tiskonta l-piena tad-detenzjoni jew ta' priġunerija stabbilita minflok l-ammenda jew il-multa, jew minflok il-bilanċ tal-ammenda jew il-multa li jkun għad baqa' x'jitħallas, skont il-każ. L-arrest isir b'mandat maħruġ mill-qorti.

(2) Il-mandat hawn fuq imsemmi għandu joħroġ fi żmien erbat ijiem minn dak inhar li tinkiser xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti mill-qorti fl-ordni tagħha jew minn dakinhar li jagħlaq iż-żmien mogħti għall-ħlas taħt l-artikolu 14:

Iżda ebda eċċezzjoni ma tista' tingħata favur il-persuna ikkundannata minħabba li l-ħruġ tal-mandat, għal xi raġuni tkun li tkun, ikun iddawwar aktar miż-żmien ta' erbat ijiem hawn fuq imsemmi.

(3) Il-qorti, fuq talba tal-Pulizija u meta tinġieb raġuni tajba, wara li tisma' lill-persuna ikkundannata, tista', f'kull waqt matul dak iż-żmien, tiddikkjara magħluq iż-żmien mogħti taħt l-artikolu 14, u tordna li l-persuna ikkundannata tiskonta l-piena stabbilita minflok l-ammenda jew il-multa.

(4) Persuna ikkundannata tista' f'kull żmien teħles mill-piena mibdula billi tħallas il-multa jew l-ammenda, wara li titnaqqas minnha dik il-biċċa daqs kemm tkun skontat mill-piena bir-rati msemmija fl-artikoli 11 u 13 rispettivament, u tista' wkoll, bl-istess rati, teħles miż-żmien li jkun għad ma ġiex skuntat ta' priġunerija jew ta' detenzjoni li għalih tkun ġiet ikkundannata taħt is-subartikolu (1).

Skwalifika f'każ ta' kundanni.
*Miżjud: XXIV. 1938.2.*
*Sostitwit: V. 1956.6.*
*Emendat: III. 2002.16.*

**30.** (1) Mingħajr ħsara tad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-taħsir jew l-iskwalifika milli żżomm jew tikseb xi *warrant*, liċenza, permess jew awtorità oħra maħruġa mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra, meta xi persuna, sew bħala awtur jew kompliċi, tiġi dikjarata ħatja ta' reat kriminali li jkun sar -

(*a*) fl-eżerċizzju jew dwar l-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xogħol ieħor li għalihom ikun inħareġ jew jista' jinħareġ f'isimha xi *warrant*, liċenza, permess jew awtorità mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra; jew

(*b*) bl-użu jew permezz ta' xi għodda, vettura, oġġett jew kull ħaġa oħra tkun li tkun li biex tinġarr, tinżamm, jew tintuża, tkun inħarġet jew tista' tinħareġ liċenza, permess jew awtorità f'isimha,

il-qorti tista', barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet

ħatja kif intqal qabel għal xi piena maħsuba mil-liġi għar-reat, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, għal dak iż-żmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dak il-*warrant*, liċenza, permess jew awtorità.

(2) Kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha *warrant*, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi *warrant*, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:

Iżda, meta talba taħt dan is-subartikolu tiġi miċħuda, ma tistax tiġi milqugħa talba oħra fuq l-istess ħaġa jekk issir fi żmien tliet xhur mid-data taċ-ċaħda.

---

*Sub-titolu III*

FUQ IT-TLUGĦ U L-INŻUL MINN PIENA GĦAL OĦRA

Skala tal-pieni.
*Emendat:*
*IV 1856.3, 4, 5;*
*V. 1868.2, 3;*
*VI. 1871.3;*
*II. 1886.6;*
*XVI. 1888.6;*
*XI. 1900.9;*
*IX. 1911.6;*
*XXI. 1971.6;*
*XLIX. 1981.4;*
*XVI.1996.6;*
*XXIV. 2014.7.*

**31.** (1) It-tlugħ jew l-inżul minn grad ta' piena għal grad ieħor, isir kif sejjer jingħad hawnhekk:

(*a*) bla ħsara ta' xi disposizzjoni speċjali li hemm f'dan il-Kodiċi, mill-piena ta' priġunerija għall-għomor l-inżul isir skont l-iskala tal-pieni ta' priġunerija kif speċifikat fil-paragrafu (*b*);

(*b*) bla ħsara ta' xi disposizzjoni speċjali li hemm f'dan il-Kodiċi, l-iskala tal-pieni ta' priġunerija hi din li ġejja:

(i) minn għaxar snin sa erbgħin sena;
(ii) minn tmien snin sa tletin sena,
(iii) minn seba' snin sa għoxrin sena,
(iv) minn sitt snin sa tnax-il sena,
(v) minn ħames snin sa disa' snin,
(vi) minn erba' snin sa sitt snin,
(vii) minn tliet snin sa ħames snin,
(viii) minn sentejn sa erba' snin,
(ix) minn tmintax-il xahar sa tliet snin,
(x) minn tlettax-il xahar sa sentejn,
(xi) minn disa' xhur sa tmintax-il xahar,
(xii) minn seba' xhur sa sena,
(xiii) minn ħames xhur sa disa' xhur,
(xiv) minn xaħrejn sa sitt xhur,
(xv) minn xahar sa tliet xhur;

(*ċ*) l-inżul mill-ħmistax-il grad isir għall-priġunerija għal

żmien ta’ mhux aktar minn għoxrin ġurnata, jew għad-detenzjoni jew għall-ammenda;

(*d*) fit-tlugħ minn grad għal ieħor, isir bil-maqlub, billi jinbeda mill-ħmistax-il grad;

(*e*) meta l-liġi ma tgħidx espressament xort’oħra, it-tlugħ mill-ewwel grad isir billi tiżdied mal-piena ta’ priġunerija, l-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs;

(*f*) it-tlugħ mill-piena tal-multa jsir għall-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, u l-inżul isir għall-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet;

(*g*) it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn tliet xhur.

(2) Il-liġi li b’mod ġenerali tistabbilixxi l-inżul minn piena għal oħra, ma titqiesx li tinkludi każijiet ta’ kontravvenzjonijiet jew ta’ delitti li jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

Gradwazzjoni fl-iskala tal-pieni. *Emendat: XI. 1900.9.*

**32.** (1) Meta fil-piena jkunu jidħlu żewġ gradi jew iżjed, it-tlugħ jew l-inżul isir billi jittalla’ jew jitniżżel il-*maximum* u il-*minimum* għall-grad l-aktar qrib rispettivament.

(2) Meta l-piena tar-reklużjoni hija miżjuda ma’ piena oħra, it-tlugħ jew l-inżul isir f’dik il-piena l-oħra:

Iżda fil-każ ta’ nżul, il-qorti tista’ tnaqqas il-piena tar-reklużjoni għal kull numru iċken ta’ perijodi jew tħalliha barra għal kollox.

---

Titolu II

FUQ IL-VOLONTÀ U L-ETÀ TAL-ĦATI

Nuqqas ta’ volontà. *Emendat: XI. 1900.10; V. 1956.7; XVIII. 1976.52.*

**33.** Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas -

(*a*) kienet fi stat ta’ ġenn; jew

(*b*) kienet imġiegħla b’forza barranija li ma setgħatx tirreżisti għaliha.

Żieda fil-piena għal reati li jsiru minn priġunieri. *Miżjud: XIII. 2005.3.* Kap. 446. Kap. 260

**33A.** (1) Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta’ sejbien ta’ ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-*Probation* ma għandhomx japplikaw.

(2) Għall-għanijiet ta’ dan l-artikolu "priġunier" għandha l-istess tifsira li ngħatatilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħabs u tinkludi priġunier meqjus li hu miżmum f’ħabs skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-istess Att.

Sokor.
*Miżjud:*
*XIII. 1935.2.*
*Emendat:*
*V. 1956.8.*

**34.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, is-sokor ma jistax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali.

(2) Is-sokor jista' jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali kemm-il darba -

(*a*) minħabba f'hekk il-persuna akkużata, fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas in kwistjoni, ma kenitx kapaċi li tifhem jew li jkollha volontà u kienet tinsab fi stat ta' sokor bla ma riedet hija, bl-egħmil doluż jew negliġenti ta' persuna oħra; jew

(*b*) il-persuna akkużata, minħabba s-sokor, kienet fi stat ta' ġenn, temporanjament jew xort'oħra, fil-waqt ta' dak l-att jew ta' dak in-nuqqas.

(3) Jekk l-eċċezzjoni taħt is-subartikolu (2) tiġi ippruvata, il-persuna akkużata, meta l-każ ikun jaqa' taħt il-paragrafu (*a*), tiġi illiberata u, meta l-każ ikun jaqa' taħt il-paragrafu (*b*), igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 620 sas-623 u 625 sas-628.

(4) L-istat ta' sokor għandu jitqies sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna akkużata kenitx ifformat l-intenzjoni, speċifika jew xort'oħra, li mingħajrha ma kenitx tkun ħatja tar-reat.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "sokor" titqies li tinkludi wkoll dak l-istat li jġibu n-narkotiċi jew id-drogi.

Minuri taħt l-erbatax-il sena.
*Emendat:*
*III. 1899.10;*
*XI. 1900.11;*
*XII. 1913.1.*
*Sostitwit:*
*V. 1956.9.*
*Emendat:*
*XVIII. 1980.15;*
*XXIX. 1990.4;*
*A.L. 407 tal-2007.*
*Sostitwit:*
*III. 2014.2.*
Kap.285.

**35.** (l) Bla ħsara għas-setgħat tal-Ministru taħt l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) u għal kull liġi oħra li minn żmien għal żmien tkun tipprovdi dwar miżuri ta' protezzjoni, għajnuna, ħarsien u edukazzjoni ta' persuni minorenni li jkunu ġew identifikati bħala persuni li kkommettew delitti jew kontravvenzjonijiet, il-minuri ta' taħt l-erbatax-il sena jkunu eżenti minn responsabbilità kriminali għal kull att jew nuqqas.

Setgħat tal-qorti.

(2) B'dana kollu, f'każ imsemmi fis-subartikolu (1), il-qorti tista', fuq talba tal-Pulizija, iġġiegħel li jidhru quddiemha l-ġenitur jew persuna oħra li jkollha d-dmir tat-trobbija tal-minuri, u, jekk il-fatt allegat bħala magħmul mill-minuri jiġi ppruvat u jkun maħsub mil-liġi bħala reat, il-qorti tista' tobbliga lill-ġenitur jew lil dik il-persuna l-oħra li jieħdu ħsieb tal-imġiba tal-minuri, taħt penali, jekk jonqsu, ta' somma ta' mhux anqas minn mitt euro (€100) u mhux iżjed minn elfejn euro (€2,000) skont il-mezzi tal-persuna obbligata u l-gravità tal-fatt.

(3) Jekk il-fatt magħmul mill-minuri huwa maħsub mil-liġi bħala reat punibbli b'ammenda, il-qorti tista', minflok ma tapplika d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), tikkundanna għal dik il-piena lill-ġenitur jew lill-persuna li jkollha d-dmir tat-trobbija tal-minuri, jekk il-fatt seta' jiġi evitat bid-diliġenza tagħhom.

(4) Għall-fini tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fis-subartikoli ta' qabel dan l-artikolu, il-ġenitur jew il-persuna li jkollha d-dmir tat-trobbija tal-minuri kif jingħad hawn qabel, jiġu

msejħa biex jidhru, b'ċitazzjoni, bil-mod li jingħad fit-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi..

**36.** (*Mħassar bl-Att III. 2014.3.*).

Minuri ta' taħt l-erbatax-il sena iżda 'l fuq minn disa' snin li jimxu bil-ħażen. *Emendat: IV. 1856.6, 7; VI. 1871.4; II. 1886.7; XVI 1888.7; XI. 1900.12. Sostitwit: V. 1956.10. Emendat: XVIII.1980.15. Sostitwit: III. 2002.17.*

**37.** (1) Il-minuri ta' taħt is-sittax-il sena jkun ukoll eżenti minn responsabbilità kriminali għal kull att jew nuqqas magħmul mingħajr ħażen.

Minuri taħt is-sittax-il sena li jaġixxu mingħajr ħażen. *Miżjud: XI. 1900.12. Emendat: XII. 1913.2. Sostitwit: V. 1956.11. Emendat: XVIII. 1980.15. Sostitwit: III. 2014.4.*

(2) Fejn l-att jew nuqqas magħmul minn minuri minn erbatax-il sena sa sittax-il sena jsir b'ħażen u fil-każ ta' minuri minn sittax-il sena sa tmintax-il sena, il-piena applikabbli għal reat għandha titnaqqas bi grad jew tnejn..

**38.** *Imħassar: XVIII. 1980.15.*

Tifsir ta' "Istitut Approvat". *Emendat: XII. 1913.3. Sostitwit: V. 1956.12. Emendat: A.L. 4 tal-1963; XXXI. 1966.2.*

**39.** (*Mħassar bl-Att III. 2014.5.*).

Regoli dwar it-torox-muti. *Miżjud: III. 1899.13. Emendat: XI. 1900.13.*

**40.** Ir-regoli li ġejjin igħoddu għat-torox-muti li jkunu mxew bil-ħażen:

Regoli oħra dwar it-torox-muti. *Miżjud: III. 1899.13. Emendat: XI. 1900.13; XXI. 1971.7; XLIX. 1981.4.*

(*a*) jekk fiż-żmien tar-reat huma jkunu għalqu erbatax imma mhux tmintax-il sena, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 36 u 37;

(*b*) jekk fiż-żmien tar-reat huma jkunu għalqu tmintax-il sena -

(i) fil-każ ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għall-għomor, tiġi mogħtija l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn għoxrin sena;

(ii) fil-każ ta' kull delitt ieħor, tiġi mogħtija l-piena stabbilita mil-liġi mnaqqsa b'terz;

(iii) fil-każ ta’ kontravvenzjonijiet, jiġu mogħtija l-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

Titolu III

FUQ IT-TENTATTIV TA’ REAT

Tentattiv ta’ delitt.

**41.** (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b’atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort’oħra, -

(*a*) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;

(*b*) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.

Tentattiv ta’ kontravvenzjoni.

(2) It-tentattiv ta’ kontravvenzjoni ma jaqa’ taħt ebda piena, ħlief fil-każijiet imsemmijin espressament mil-liġi.

---

Titolu IV

FUQ IL-KOMPLIĊI

Kompliċità fid-delitti.
*Emendat: VIII. 1909.4.*

**42.** Persuna titqies kompliċi f’delitt jekk hija -

(*a*) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew

(*b*) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b’abbuż ta’ awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew

(*ċ*) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew

(*d*) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*), b’xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew

(*e*) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.

Piena għall-kompliċi.

**43.** Barra minn meta l-liġi tgħid xort’oħra, il-kompliċi f’delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur.

Ċirkostanzi personali m’humiex komunikabbli.

**44.** Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f’delitt, iċ-ċirkostanzi li għandhom x’jaqsmu biss mal-persuna ta’ xi waħda minnhom individwalment, sew jekk tkun awtur jew kompliċi, u li lilha jkunu jneħħulha, ikabbrulha jew inaqqsulha l-piena, ma jiswew la ta’ ġid u lanqas ta’ deni lill-oħrajn li jkunu mdaħħlin fl-istess delitt.

**45.** Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -

Egħmil ta' wieħed li għalih iwieġbu oħrajn ukoll.

(*a*) lill-persuna li tagħmel l-att;

(*b*) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u

(*ċ*) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir.

**46.** Meta jiġi stabbilit li fil-fatt sar delitt, il-kompliċi jeħel, apparti mill-awtur, allavolja dan ikun miet, jew ħarab, jew tkun ġiet lilu mogħtija l-maħfra, jew b'xi mod ieħor ikun ġie meħlus qabel il-kundanna, jew ukoll jekk l-awtur ma jkunx magħruf.

Il-kompliċi jeħel il-piena indipendentement mill-awtur.

**47.** Kull persuna li-

Ġegħil għall-egħmil ta' reat, eċċ.
*Miżjud: V. 1956.13.*

(*a*) iġġiegħel persuna oħra b'forza barranija li dina l-persuna l-oħra ma setgħatx tirreżisti għaliha, biex tagħmel reat; jew

(*b*) b'xi egħmil imsemmi fl-artikolu 42 tieħu parti f'reat magħmul minn xi persuna oħra li tkun skont il-liġi eżenti minn responsabbiltà kriminali,

tkun hija stess ħatja ta' dak ir-reat bħala awtur.

**48.** Id-disposizzjonijiet taħt dan it-Titolu jgħoddu wkoll għall-kontravvenzjonijiet.

Kompliċità fil-kontravvenzjonijiet

---

## Titolu IV BIS

### FUQ L-ASSOĊJAZZJONI

*Miżjud: III. 2002.18.*

**48A.** (1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.

L-assoċjazzjoni.
*Miżjud. III. 2002.18.*
Kap. 248.

(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.

(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.

(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.

---

## Titolu V

### FUQ IR-REĊIDIVI

Min jitqies reċidiv.
*Emendat:*
*IV. 1856.8;*
*XI. 1900.14;*
*XXXI. 2007.6.*
*Sostitwit:*
*XXIV. 2014.8.*

**49.** (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

(2) F'xi proċeduri taħt jew għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument, debitament awtentikat, li jiċċertifika li persuna nstabet ħatja ta' reat kontra l-liġi ta' dak l-Istat jew parti minnu, fid-data speċifikata fid-dokument, għandu jkun ammissibbli bħala prova tal-fatt u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr ħtieġa ta' xi prova ulterjuri.

(3) Dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika:

(*a*) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew

(*b*) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew

(*ċ*) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.

(4) Kull dokument li jkun ser jintbagħat b'rabta mal-proċeduri taħt dan l-artikolu jista' jintbagħat b'kull mezz sigur li jkun kapaċi jipproduċi dokumentazzjoni bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtentiċità tiegħu.

(5) F'dan l-artikolu, "ġurament" tinkludi affermazzjoni jew stqarrija; u xejn f'dan l-artikolu m'għandu jinftiehem li jippreġudika dokument li jkun ammissibbli bħala prova taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.

Effett tar-reċidiva f'delitt.
*Emendat:*
*XI. 1900.14.*

**50.** Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Reklużjoni fil-każ ta' reċidiva minn persuna li tkun tiskonta piena għal għomorha.
*Emendat:*
*XI. 1900.14.*

**51.** Iżda, meta persuna, waqt li tkun tiskonta piena għal għomorha u li tnaqqas il-libertà persunali, tagħmel delitt ieħor li jġib piena anqas, teħel perijodu wieħed jew iżjed ta' reklużjoni.

Eċċezzjonijiet.
*Emendat:*
*XI. 1900.14.*

**52.** Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, fil-kundanni dwar delitti oħra, ma jitqisux il-kundanni mogħtija għal delitti magħmulin b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila f'sengħa jew professjoni, jew minħabba nuqqas ta' ħars ta' regolamenti, u *vice versa*.

**53.** Meta persuna ikkundannata għal kontravvenzjoni tagħmel kontravvenzjoni oħra fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tiskonta jew tiġi maħfura l-piena, tista' teħel detenzjoni għal żmien mhux iżjed minn xahrejn, jew multa, inkella l-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahar.

Effetti tar-reċidiva fil-kontravvenzjonijiet
*Emendat:*
*XI. 1900.14;*
*IX. 1911.7;*
*XLIX. 1981.4.*

**54.** Persuna ikkundannata tibqa' titqies bħala tali għall-finijiet tad-disposizzjonijiet dwar ir-reċidivi, għad li jkun hemm il-grazzja li tbiddel il-piena mogħtija skont il-liġi.

Effett tal-grazzja fuq ir-reċidiva.
*Emendat:*
*XI. 1900.14.*

## TAQSIMA II

## FUQ ID-DELITTI U L-PIENI

### Titolu I

### FUQ IL-ĠENOĊIDJU, DELITTI KONTRA L-UMANITÀ, DELITTI TAL-GWERRA U DELITTI TA' AGGRESSJONI

*Sostitwit:*
*XXIV. 2014.9.*

**54A.** (1) Huwa delitt li persuna tikkommetti ġenoċidju, delitt kontra l-umanità, delitt tal-gwerra jew delitt ta' aggressjoni.

Ġenerali.
*Miżjud:*
*XXIV. 2002.13.*
*Emendat:*
*XXIV. 2014.10.*

(2) F'dan it-Titolu -

"it-Trattat ICC" tfisser l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali magħmul f'Ruma fis-17 ta' Lulju, 1998;

"l-ICC" tfisser il-Qorti Kriminali Internazzjonali mwaqqfa bit-Trattat ICC;

"ġenoċidju" tfisser att ta' ġenoċidju kif imfisser fl-artikolu 54B;

"delitt kontra l-umanità" tfisser delitt kontra l-umanità kif imfisser fl-artikolu 54Ċ;

"delitt tal-gwerra" tfisser delitt tal-gwerra kif imfisser fl-artikolu 54D;

"delitt ta' aggressjoni" tfisser delitt tal-gwerra kif imfisser fl-artikolu 54DA;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.

(3) Fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu l-qorti għandha tqis it-test oriġinali tat-Trattat ICC u ta' kull trattat u konvenzjoni msemmija fit-Trattat ICC.

(4) Fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 54B, 54Ċ, 54D u 54DA hawn iżjed 'il quddiem f'dan it-Titolu msejjħa "l-artikoli rilevanti" il-qorti għandha tqis -

(*a*) kull Element ta' Delitt rilevanti adottat skont l-artikolu 9 tat-Trattat ICC, u

(*b*) sa dak iż-żmien meta jiġu adottati l-Elementi ta' Delitti taħt dak l-artikolu l-Elementi ta' Delitti rilevanti kollha li jinsabu fir-rapport tal-Kummissjoni

Preparatorja dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali adottat fit-30 ta' Ġunju, 2000.

(5) Il-Ministru jista' jistipula f'regolamenti it-test tal-Elementi ta' Delitti msemmija fis-subartikolu (2) kif emendat minn żmien għal żmien.

(6) L-artikoli rilevanti għandhom għal kull fini ta' dan it-Titolu jiftiehmu bla ħsara u skont kull riserva jew dikjarazzjoni rilevanti magħmula minn Malta meta tkun qed tirratifika xi trattat jew ftehim rilevanti għall-interpretazzjoni ta' dawk l-artikoli.

(7) Il-Ministru jista' b'regolamenti jistipula l-pattijiet ta' kull riserva jew dikjarazzjoni msemmija f'subartikolu (5) u meta xi riserva jew dikjarazzjoni bħal dik tiġi rtirata għalkollox jew f'parti minnha, huwa jista' jirrevoka jew jemenda kull regolament kif hawn qabel imsemmi li jkun fih il-pattijiet ta' dik ir-riserva jew dikjarazzjoni.

(8) Fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikoli rilevanti l-qorti għandha tqis kull sentenza jew deċiżjoni rilevanti tal-ICC u tista' wkoll tqis kull ġurisprudenza oħra rilevanti internazzjonali.

Ġenoċidju.
*Miżjud: XXIV. 2002.13.*

**54B.** (1) Isir ġenoċidju meta jitwettaq xi att minn dawn li ġejjin bil-ħsieb li jinqered, għalkollox jew f'parti minnu, grupp nazzjonali, etniku, razzjali jew reliġjuż, bħala tali -

(*a*) il-qtil ta' membri tal-grupp;

(*b*) l-ikkaġunar ta' ħsara gravi fil-ġisem jew fil-moħħ tal-membri tal-grupp;

(*ċ*) it-tqegħid b'mod deliberat fuq il-grupp ta' kondizzjonijiet ta' ħajja bil-għan li jikkaġunaw il-qirda fiżika tal-grupp għalkollox jew f'parti minnu;

(*d*) l-impożizzjoni ta' miżuri maħsuba li jipprevjenu t-twelid tal-ulied fi ħdan il-grupp;

(*e*) it-trasferiment bil-forza tat-tfal tal-grupp lejn xi grupp ieħor.

(2) Kull min b'mod dirett u pubblikament ixewwex lil ħaddieħor sabiex jagħmel ġenoċidju jkun ħati ta' delitt.

Delitti kontra l-umanità.
*Miżjud: XXIV. 2002.13.*

**54Ċ.** (1) Isir delitt kontra l-umanità meta jitwettaq xi att minn dawn li ġejjin bħala parti minn attakk, mifrux jew sistematiku, dirett kontra xi popolazzjoni ċivili, b'għarfien tal-attakk:

(*a*) omiċidju;

(*b*) esterminazzjoni;

(*ċ*) tjassir;

(*d*) deportazzjoni jew trasferiment ta' popolazzjoni bil-forza;

(*e*) priġunerija jew deprivazzjoni oħra ħarxa tal-libertà fiżika bi ksur tar-regoli fondamentali tal-liġi internazzjonali;

(*f*) tortura;

(*g*) stupru, jasar skont is-sess, prostituzzjoni kostretta, tqala kostretta, sterilizzazzjoni kostretta, jew kull forma oħra ta’ vjolenza sesswali li tkun daqstant gravi;

(*h*) persekuzzjoni kontra xi grupp identifikabbli jew kollettività għal raġunijiet politiċi, razzjali, nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi, ta’ ġeneru sesswali kif imfisser fis-subartikolu (3), jew għal raġunijiet oħra li huma universalment rikonoxxuti bħala mhux permissibbli taħt il-liġi internazzjonali, f’konnessjoni ma’ xi att imsemmi f’dan is-subartikolu jew xi delitt taħt l-artikolu 54A;

(*i*) għajbien mġiegħel ta’ persuni;

(*j*) id-delitt ta’ *apartheid*;

(*k*) atti oħra kontra l-bniedem ta’ xorta simili li xjentement jikkaġunaw tbatija kbira, jew ħsara gravi fil-ġisem jew fil-moħħ jew fis-saħħa fiżika.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) -

(*a*) "attakk dirett kontra xi popolazzjoni ċivili" tfisser dik ix-xorta ta’ mġieba li tinvolvi l-għemil għal bosta drabi tal-atti msemmija fis-subartikolu (1) kontra popolazzjoni ċivili, konformement jew bi tkomplija ta’ xi politka Statali jew organizzazzjonali li jitwettaq dak l-attakk;

(*b*) "esterminazzjoni" tinkludi l-impożizzjoni bil-ħsieb ta’ kondizzjonijiet ta’ ħajja, fost l-oħrajn il-privazzjoni ta’ aċċess għall-ikel u mediċina, meqjusa biex iġibu l-qirda ta’ xi parti mill-popolazzjoni;

(*ċ*) "tjassir" tfisser it-twettiq ta’ xi poter jew tal-poteri kollha relattivi għall-jedd ta’ proprjetà fuq persuna u tinkludi t-twettiq ta’ dik is-setgħa fil-kors tat-traffikar fil-persuni, b’mod partikolari tan-nisa u t-tfal;

(*d*) "deportazzjoni jew trasferiment ta’ popolazzjoni bil-forza" tfisser ċ-ċaqlieq tal-persuni milquta b’atti ta’ espulsjoni jew atti oħra ta’ ġegħil mill-area fejn dawn ikunu preżenti skont il-liġi, bla ebda raġuni li tkun permessa taħt il-liġi internazzjonali;

(*e*) "tortura" tfisser l-impożizzjoni bil-ħsieb ta’ uġigħ jew tbatija ħorox, kemm fiżiċi kemm mentali, fuq persuna fil-kustodja jew taħt il-kontroll tal-akkużat; ħlief li t-tortura ma għandhiex tinkludi uġigħ jew tbatija li jitnisslu biss minn, huma inerenti fi jew inċidentali għal, sanzjonijiet leġittimi;

(*f*) "tqala kostretta" tfisser id-detenzjoni mġiegħla kontra l-liġi ta’ mara li tkun saret tqila bil-forza, bil-ħsieb li tintlaqat il-kompożizzjoni etnika ta’ xi popolazzjoni jew li jitwettqu vjolazzjonijiet oħra serji tal-liġi internazzjonali. Din it-tifsira ma għandha b’ebda mod tkun imfissra bħala li tolqot il-liġijiet nazzjonali

konnessi mat-tqala;

(*g*) "persekuzzjoni" tfisser id-deprivazzjoni maħsuba u ħarxa tad-drittijiet fondamentali kuntrarju għal-liġi internazzjonali minħabba fl-identità tal-grupp jew kollettività;

(*h*) "id-delitt ta' *apartheid*" tfisser atti kontra l-bniedem ta' xorta simili għal dawk imsemmija fis-subartikolu (1), li jitwettqu fil-kuntest ta' reġim istituzzjonalizzat ta' oppressjoni u dominazzjoni sistematika minn grupp razzjali wieħed fuq xi grupp jew gruppi razzjali oħra u li jsir bil-ħsieb li jibqa' jrieġi dak ir-reġim;

(*i*) "għajbien mġiegħel ta' persuni" tfisser l-arrest, id-detenzjoni jew is-serq ta' persuni minn, jew bl-awtorizzazzjoni, l-appoġġ jew il-kunsens sieket ta' xi Stat jew organizzazzjoni politika, segwit b'rifjut ta' rikonoxximent ta' dik il-privazzjoni ta' libertà jew li tingħata informazzjoni dwar id-destin jew fejn ikunu jinsabu dawk il-persuni, bil-ħsieb li dawn jitneħħew minn taħt il-protezzjoni tal-liġi għal perjodu ta' żmien twil.

(3) Għal kull fini ta' dan it-Titolu, hu miftiehem li l-frażi "ta' ġeneru sesswali" tirreferixxi għaż-żewġ sessi, raġel u mara, fi ħdan il-kuntest ta' soċjetà. Il-frażi "ta' ġeneru sesswali" ma tindikax xi tifsira differenti minn dik hawn qabel mogħtija.

Delitti tal-gwerra.
*Miżjud: XXIV. 2002.13.*
*Emendat: XXIV. 2014.11.*

**54D.** Isir delitt tal-gwerra meta jitwettaq xi att minn dawn li ġejjin:

(*a*) il-ksur serju tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awissu 1949, jiġifieri, xi att minn dawn li ġejjin kontra persuni jew proprjetà protetti taħt id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra rilevanti:

(i) qtil volontarju;

(ii) tortura jew trattament inuman, inklużi esperimenti bioloġiċi;

(iii) il-kaġunament volontarju ta' tbatija ħarxa, jew feriment gravi fil-ġisem jew fis-saħħa;

(iv) qirda estensiva u approprjazzjoni ta' proprjetà, li mhux ġustifikati b'neċessità militari u li jsiru b'mod mhux leġittimu u b'vandaliżmu;

(v) l-isfurzar ta' priġunier tal-gwerra jew persuna protetta oħra biex iservu fil-forzi armati ta' xi Setgħa ostili;

(vi) id-deprivazzjoni volontarja ta' priġunier tal-gwerra jew ta' persuna oħra protetta mid-drittijiet ta' proċess ġust u regolari;

(vii) id-deportazzjoni jew trasferiment mhux leġittimi jew id-detenzjoni mhux leġittima;

(viii) it-teħid ta' ostaġġi;

(*b*) vjolazzjonijiet oħra serji tal-liġijiet u d-drawwiet li japplikaw fil-konflitt armat internazzjonali, fi ħdan il-qafas stabbilit tal-liġi internazzjonali, jiġifieri, xi att minn dawn l-atti li ġejjin:

(i) meta jiġu xjentement diretti attakki kontra l-popolazzjoni ċivili bħala tali jew kontra persuni ċivili individwali li ma jkunux qegħdin jieħdu sehem dirett fl-ostilitajiet;

(ii) meta jiġu xjentement diretti attakki kontra ħwejjeġ ċivili, jiġifieri, ħwejjeġ li ma jkunux objettivi militari;

(iii) meta jiġu xjentement diretti attakki kontra persunal, stallazzjonijiet, materjal, unitajiet jew vetturi involuti f'assistenza umanitarja jew f'missjoni ta' żamma ta' paċi skont iċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti, sakemm dawn ikunu intitolati għall-protezzjoni mogħtija lil persuni ċivili jew ħwejjeġ ċivili taħt il-liġi internazzjonali dwar il-konflitt armat;

(iv) meta jiġi xjentement sferrat attakk bl-għarfien li dak l-attakk ikun se jikkaġuna telfien inċidentali ta' ħajja jew feriment ta' persuni ċivili jew ħsara fi ħwejjeġ ċivili jew ħsara mifruxa, għal żmien twil u ħarxa fl-ambjent naturali li tkun b'mod ċar eċċessiva għar-rigward tal-vantaġġ militari totali antiċipat, konkret u dirett;

(v) l-attakk jew il-bumbardament, b'liema mezz ikun, ta' bliet, rħula, dwejriet jew bini li ma jkollhom ebda difiża u li ma jkunux objettivi militari;

(vi) il-qtil jew il-feriment ta' kumbattent li, għax ikun iddepona l-armi tiegħu jew għax ma jkunx għad fadallu aktar mezzi ta' difiża, jkun ċeda għax ried hu;

(vii) l-użu mhux kif imiss tal-bandiera ta' armistizju, tal-bandiera jew tal-insinji militari u l-uniformi tal-għadu jew tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll tal-emblemi distintivi tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, li jirriżulta fil-mewt jew fil-feriment gravi fil-persuna;

(viii) it-trasferiment, direttament jew indirettament, mis-Setgħa Okkupanti ta' partijiet mill-popolazzjoni ċivili tagħha stess għal ġot-territorju li tkun tokkupa, jew id-deportazzjoni jew it-trasferiment ta' xi parti jew partijiet tal-popolazzjoni tat-territorju okkupat ġewwa jew barra minn dan territorju;

(ix) meta jiġu xjentement diretti attakki kontra bini dedikat għar-reliġjon, l-edukazzjoni, l-arti, x-xjenza jew għanijiet karitattevoli, monumenti storiċi, sptarijiet u postazzjonijiet fejn jinġabru

l-morda u l-feruti, sakemm dawn ma jkunux objettivi militari;

(x) l-assoġġettar ta' persuni li jkunu fis-setgħa ta' xi parti avversa għal mutilazzjoni fiżika jew għal esperimenti mediċi jew xjentifiċi ta' kull xorta li la jkunu ġustifikati mill-kura medika, dentali jew fl-isptar tal-persuna inkwistjoni u lanqas ma jsiru fl-interess tiegħu, u li jikkaġunaw il-mewt jew jipperikolaw gravement is-saħħa ta' dik il-persuna jew dawk il-persuni;

(xi) il-qtil jew il-feriment b'perfidja ta' individwi li jkunu jappartjenu għal xi nazzjon jew armata ostili;

(xii) id-dikjarazzjoni li mhu se jingħata ebda kenn;

(xiii) il-qirda jew il-qbid ta' proprjetà tal-għadu kemm-il darba dik il-qirda jew dak il-qbid ma jkunux meħtieġa b'mod imperattiv bil-ħtiġiet tal-gwerra;

(xiv) id-dikjarazzjoni bħala abolit, sospiż jew mhux ammissibbli f'qorti tal-ġustizzja tad-drittijiet u l-azzjonijiet tal-persuni ta' nazzjonalità tal-parti ostili;

(xv) l-isfurzar ta' persuni b'nazzjonalità tal-parti ostili li jieħdu sehem fl-operazzjonijiet tal-gwerra diretti kontra pajjiżhom stess, ukoll jekk dawn kienu fis-servizz tal-belliġeranti qabel ma tkun bdiet il-gwerra;

(xvi) ħtif ta' belt jew post, ukoll meta dawn jittieħdu b'assalt;

(xvii) l-użu ta' velenu jew armi vvelenati;

(xviii) l-użu ta' gassijiet asfissjanti, velenużi jew oħra, u kull likwidu, materjal jew apparat bħal dawk;

(xix) l-użu ta' balal li jespandu jew jitfattru faċilment f'ġisem il-bniedem, bħalma huma balal b'invilopp iebes li ma jkunx ikopri għalkollox il-qalba jew li jitniffed b'inċiżjonijiet;

...... *omissis* .......

(xxi) l-għemil ta' oltraġġi fuq id-dinjità personali, b'mod partikolari trattament umiljanti u degradanti;

(xxii) l-għemil ta' stupru, jasar skont is-sess, prostituzzjoni kostretta, tqala kostretta, kif imfisser fl-artikolu 54Ċ(2)(*f*), sterilizzazzjoni kostretta, jew xi forma oħra ta' vjolenza sesswali li wkoll tikkostitwixxi ksur serju tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra;

(xxiii) li jsir użu mill-preżenza ta' xi persuna ċivili jew persuna oħra protetta biex xi postijiet, arei jew forzi militari isiru immuni minn operazzjonijiet militari;

(xxiv) l-ordni li ssir b’għarfien ta’ attakki kontra bini, materjal, unitajiet mediċi u ta’ trasport, u persunal li jużа emblemi distintivi tal-Konvenzjonijiet ta’ Ġinevra b’mod konformi mal-liġi internazzjonali;

(xxv) l-użu li jsir b’għarfien mit-tħollija fi stat ta’ ġuħ ta’ persuni ċivili bħala metodu ta’ gwerra billi ċċaħħadhom minn oġġetti indispensabbli għas-sopravivenza tagħhom, inkluż it-tfixkil li jsir b’għarfien ta’ provvisti ta’ għajnuna kif hemm provdut dwar dan taħt il-Konvenzjonijiet ta’ Ġinevra;

(xxvi) il-qbid bil-leva jew l-ingaġġar ta’ tfal taħt l-eta’ ta’ ħmistax-il sena fil-forzi armati nazzjonali jew li dawn jintużaw sabiex jieħdu sehem attiv fl-ostilitajiet;

(*ċ*) fil-każ ta’ xi konflitt armat li ma jkunx ta’ xorta internazzjonali, vjolazzjonijiet gravi tal-artikolu 3 komuni għall-erba’ Konvenzjonijiet ta’ Ġinevra tat-12 ta’ Awissu 1949, jiġifieri, xi att minn dawn l-atti li ġejjin li jsiru kontra persuni li ma jieħdu ebda sehem attiv fl-ostilitajiet, inklużi membri tal-forzi armati li jkunu ċedew l-armi tagħhom u dawk li jkunu jinsabu fi stat ta’ *hors de combat* minħabba f’mard, feriti, detenzjoni jew għal xi raġuni oħra:

(i) vjolenza fuq il-ħajja u l-persuna, b’mod partikolari omiċidju ta’ kull xorta, mutilazzjoni, trattament krudil u tortura;

(ii) l-għemil ta’ oltraġġi fuq id-dinjità personali, b’mod partikolari trattament umiljanti u degradanti;

(iii) it-teħid ta’ ostaġġi;

(iv) l-għoti ta’ sentenzi u t-twettiq ta’ eżekuzzjonijiet mingħajr sentenza li tkun ingħatat qabel minn qorti regolarment kostitwita, u li tkun tagħti garanziji ġudizzjarji li jkunu ġeneralment rikonoxxuti bħala indispensabbli;

(*d*) il-paragrafu (*ċ*) ta’ dan l-artikolu japplika għal konflitti li ma jkunux ta’ xorta internazzjonali u għaldaqstant ma japplikax għal sitwazzjonijiet ta’ irvell intern u tensjonijiet, bħalma huma rewwixti, atti ta’ vjolenza iżolati u sporadiċi jew atti oħra ta’ xorta simili;

(*e*) vjolazzjonijiet oħra gravi tal-liġijiet u d-drawwiet li japplikaw f’konflitti armati li ma jkunux ta’ xorta internazzjonali, fi ħdan il-qafas stabbilit tal-liġi internazzjonali, jiġifieri, xi att minn dawn l-atti li ġejjin:

(i) l-ordni li ssir b’għarfien ta’ attakki kontra l-popolazzjoni ċivili bħala tali jew kontra persuni ċivili individwali li ma jkollhomx sehem dirett

fl-ostilitajiet;

(ii) l-ordni li ssir b'għarfien ta' attakki kontra bini, materjal, unitajiet mediċi u ta' trasport, u persunal li juża emblemi distintivi tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra b'mod konformi mal-liġi internazzjonali;

(iii) l-ordni li ssir b'għarfien ta' attakki kontra persunal, stallazzjonijiet, materjal, unitajiet jew vetturi involuti f'assistenza umanitarja jew f'missjoni ta' żamma ta' paċi skont iċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti, sakemm dawn ikunu intitolati għall-protezzjoni mogħtija lil persuni ċivili jew ħwejjeġ ċivili taħt il-liġi internazzjonali dwar il-konflitt armat;

(iv) l-ordni li ssir b'għarfien ta' attakki kontra bini dedikat għar-reliġjon, l-edukazzjoni, l-arti, x-xjenza jew għanijiet karitattevoli, monumenti storiċi, sptarijiet u postazzjonijiet fejn jinġabru l-morda u l-feruti, sakemm dawn ma jkunux objettivi militari;

(v) ħtif ta' belt jew post, ukoll meta dawn jittieħdu b'assalt;

(vi) l-għemil ta' stupru, jasar skont is-sess, prostituzzjoni kostretta, tqala kostretta, kif imfisser fl-artikolu 54Ċ(2)(*f*), sterilizzazzjoni kostretta, u xi forma oħra ta' vjolenza sesswali li wkoll tikkostitwixxi vjolazzjoni gravi tal-artikolu 3 komuni għall-erba' Konvenzjonijiet ta' Ġinevra;

(vii) il-qbid bil-leva jew l-ingaġġar ta' tfal taħt l-eta' ta' ħmistax-il sena fil-forzi armati jew fi gruppi jew li dawn jintużaw sabiex jieħdu sehem attiv fl-ostilitajiet;

(viii) l-ordnar taċ-ċaqlieq tal-popolazzjoni ċivili għal raġunijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-konflitt, sakemm ma jkunux hekk jeħtieġu s-sigurtà tal-persuni ċivili involuti jew raġunijiet militari imperattivi;

(ix) il-qtil jew il-feriment b'perfidja ta' avversarju kumbattent;

(x) id-dikjarazzjoni li mhu se jingħata ebda kenn;

(xi) l-assoġġettar ta' persuni li jkunu fis-setgħa ta' xi parti oħra fil-konflitt għal mutilazzjoni fiżika jew għal esperimenti mediċi jew xjentifiċi ta' kull xorta li la jkunu ġustifikati mill-kura medika, dentali jew fl-isptar tal-persuna involuta u lanqas ma jsiru fl-interess tiegħu, u li jikkaġunaw il-mewt jew jipperikolaw gravement is-saħħa ta' dik il-persuna jew ta' dawk il-persuni;

(xii) il-qirda jew il-qbid ta' proprjetà ta' xi avversarju

kemm-il darba dik il-qirda jew qbid ma jkunux meħtieġa b'mod imperattiv mill-esiġenzi tal-konflitt;

(xiii) l-użu ta' velenu jew armi bil-velenu;

(xiv) l-użu ta' gassijiet assfissjanti, velenużi jew gassijiet oħra, u l-likwidi, materjali jew apparati oħra simili;

(xv) l-użu ta' balal li jespandu jew jiċċattjaw faċilment fil-ġisem tal-bniedem, bħal ma huma balal b'għatu iebes li ma jgħattix kompletament il-qalba tal-balla jew huwa mtaqqab b'qatgħat;

(*f*) il-paragrafu (*e*) japplika għal konflitti li ma jkunux ta' xorta internazzjonali u għaldaqstant ma japplikax għal sitwazzjonijiet ta' irvell intern u tensjonijiet, bħalma huma rewwixti, atti ta' vjolenza iżolati u sporadiċi jew atti oħra ta' xorta simili. Dan japplika għal konflitti armati li jseħħu fit-territorju ta' xi Stat meta jkun hemm konflitt armat fit-tul bejn awtoritajiet tal-gvern u gruppi armati organizzati jew bejn dawk il-gruppi.

Delitt ta' aggressjoni. *Miżjud: XXIV. 2014.12.*

**54DA.** (1) Delitt ta' aggressjoni jfisser l-ippjanar, it-tħejjija, il-bidu jew it-twettiq, min-naħa ta' persuna li tkun pożizzjoni li effettivament teżerċita kontroll fuq, jew li tidderieġi l-azzjoni politika jew militari ta' Stat, ta' att ta' aggressjoni li, min-natura, gravità jew skala tiegħu, jikkostitwixxi ksur manifest tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "att ta' aggressjoni" ifisser l-użu ta' forza armata min-naħa ta' Stat kontra s-sovranità, l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' Stat ieħor, jew li b'xi mod ieħor hu inkonsistenti mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(3) Kull wieħed mill-atti li ġejjin, irrispettivament jekk ikunx hemm dikjarazzjoni ta' gwerra, għandu, skont ir-Riżoluzzjoni 3314(XXIX) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-14 ta' Diċembru 1974, jikkwalifika bħala att ta' aggressjoni:

(*a*) l-invażjoni jew l-attakk mill-forzi armati ta' Stat fuq it-territorju ta' Stat ieħor, jew kull okkupazzjoni militari, ukoll jekk tkun temporanja, li tirriżulta minn dik l-invażjoni jew dak l-attakk, jew kull annessjoni, bl-użu tal-forza, tat-territorju ta' Stat ieħor jew parti minnu;

(*b*) il-bombardament min-naħa tal-forzi armati ta' Stat kontra t-territorju ta' Stat ieħor jew l-użu ta' kull arma min-naħa ta' Stat kontra t-territorju ta' Stat ieħor;

(*ċ*) l-ibblukkar tal-portijiet jew il-kosti ta' Stat min-naħa tal-forzi armati ta' Stat ieħor;

(*d*) attakk min-naħa tal-forzi armati ta' Stat fuq il-forzi tal-art, tal-baħar jew tal-ajru, jew il-flotot tal-baħar jew tal-ajru ta' Stat ieħor;

(*e*) l-użu tal-forzi armati ta' Stat, liema forzi armati jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat ieħor bi ftehim tal-Istat

riċeventi, bi ksur tal-kondizzjonijiet previsti fil-ftehim, jew l-estensjoni tal-preżenza tagħhom fuq dak it-territorju lil hinn mit-temm tal-ftehim;

(*f*) l-azzjoni ta' Stat li jippermetti li t-territorju tiegħu, li jkun qiegħed għad-dispożizzjoni ta' Stat ieħor, jintuża minn dak l-Istat ieħor biex jitwettaq att ta' aggressjoni kontra Stat terz; u

(*g*) li jintbagħtu minn jew f'isem Stat għaqdiet jew gruppi ta' nies armati, forzi irregolari jew merċenarji, li jwettqu att ta' forza bl-armi kontra Stat ieħor, liema atti jkunu ta' dik il-gravità li jammontaw għall-atti fuq imsemmija, jew li jkunu jonvolvu att ta' aggressjoni fit-twettiq tagħhom.

Responsabbiltà ta' kmandanti u superjuri oħra.
*Miżjud: XXIV. 2002.13.*

**54E.** (1) Dan l-artikolu japplika għar-rigward ta' reati taħt din it-Taqsima.

(2) Kmandant militari jew persuna li effettivament taġixxi bħala kmandant militari tkun responsabbli għal reati li jsiru minn forzi li jkunu taħt il-kmand u kontroll effettiv tiegħu jew skont ma jista' jkun il-każ l-awtorità u l-kontroll effettivi tiegħu bħala riżultat tan-nuqqas tigħu li jeżerċita kontroll kif imiss fuq dawk il-forzi meta -

(*a*) jew kien jaf jew minħabba ċ-ċirkostanzi tal-waqt kien imissu jaf li l-forzi kienu qegħdin jagħmlu jew se jagħmlu dawk ir-reati, u

(*b*) ikun naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa u raġonevoli fis-setgħa tiegħu biex jipevjeni jew jirreprimi l-għemil tagħhom jew biex iqiegħed il-kwistjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti għal kull azzjoni u prosekuzzjoni.

(3) Għar-rigward ta' azzjonijiet superjuri u subordinati li m'humiex deskritti fis-subartikolu (2), superjur ikun responsabbli għal reati li jsiru minn subordinati tiegħu taħt l-awtorità u l-kontroll effettivi tiegħu bħala riżultat tan-nuqqas tiegħu li jeżerċita kontroll kif imiss fuq dawk is-subordinati meta -

(*a*) ma kienx jaf jew xjentement naqas milli jagħti każ ta' informazzjoni li b'mod ċar kienet tindika li s-subordinati kienu qed jagħmlu jew ser jagħmlu dawk ir-reati,

(*b*) ir-reati kienu jirigwardaw attivitajiet li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà u l-kontroll effettivi tiegħu, u

(*ċ*) jkun naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa u raġonevoli fis-setgħa tiegħu biex jipprevjeni jew jirreprimi l-għemil tagħhom jew biex jissottometti l-kwistjoni lill-awtoritajiet kompetenti għal kull investigazzjoni u prosekuzzjoni.

(4) Persuna responsabbli għal reat taħt dan l-artikolu għandha titqies bħala kompliċi fl-għemil tar-reat.

(5) Fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet

ta' dan l-artikolu (li jikkorrispondi għall-artikolu 28 tat-Trattat ICC) il-qorti għandha tqis kull sentenza jew deċiżjoni rilevantital-ICC u tista' tqis ukoll kull ġurisprudenza oħra rilevanti internazzjonali.

(6) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tittieħed bħala li tirrestrinġi jew teskludi -

(*a*) xi responsabbiltà tal-kmandant jew superjur apparti minn dan l-artikolu jew

(*b*) ir-responsabbiltà ta' persuni minbarra l-kmandant jew superjur.

**54F.** (1) Referenzi f'din it-Taqsima għal persuna li tagħmel - Element mentali. *Miżjud: XXIV. 2002.13.*

(*a*) ġenoċidju,

(*b*) delitt kontra l-umanità, jew

(*c*) delitt tal-gwerra,

għandhom jiftehmu skont dan l-artikolu.

(2) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra -

(*a*) bl-artikoli msemmija fit-tifsira fl-artikolu 54A(1) tad-delitti speċifikati fis-subartikolu (1)(*a*) sa (*ċ*) ta' dan l-artikolu jew f'xi Elementi ta' Delitti rilevanti msemmija fl-artikolu 54A(3),

(*b*) l-artikolu 54E,

persuna titqies li tagħmel delitt msemmi fis-subartikolu (1) biss jekk l-elementi materjal tad-delitt isiru bil-ħsieb u xjentement.

(3) Għal dan l-għan -

(*a*) persuna jkollha ħsieb -

(i) għar-rigward ta'mġieba, meta tkun intiża li twettaq dik l-imġieba, u

(ii) għar-rigward ta' xi konsegwenza, meta tkun intiża li tikkaġuna konsegwenza jew tkun konxja li din tkun se tiġri fil-kors ordinarju tal-ġrajjiet, u

(*b*) "xjentement" tfisser l-għarfien li tkun teżisti ċirkostanza jew li tkun se tiġri konsegwenza fil-kors ordinarju tal-ġrajjiet.

(4) Fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu (li jikkorrispondi għall-artikolu 30 tat-Trattat ICC) il-qorti għandha tqis kull sentenza jew deċiżjoni rilevanti tal-ICC u tista' wkoll tqis kull ġurisprudenza internazzjonali rilevanti oħra.

**54G.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, azzjoni kriminali għal reat taħt dan it-Titolu tista' wkoll tkun ipproċessata f'Malta - Ġurisdizzjoni. *Miżjud: XXIV. 2002.13. Emendat: VIII. 2015.4.*

(*a*) kontra kull persuna li tkun soġġetta għal-liġi militari skont l-artikoli 178, 179 u 180 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, ukoll jekk ir-reat ikun sar barra minn Kap. 220.

Malta; jew

(*b*) kontra kull ċittadin ta’ Malta jew residenti permanenti f’Malta li jassoċjaw barra minn Malta biex jagħmlu xi reat taħt dan it-Titolu ukoll jekk ir-reat ikun se jsir barra minn Malta.

(2) Għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

Protezzjoni ta’ vittmi u ta’ xhieda. *Miżjud: XXIV. 2002.13.*

**54H.** Id-disposizzjonijiet ta’ xi liġi li jipprovdu għall-protezzjoni ta’vittmi u ta’ xhieda f’xi reati għandha tkun tapplika għal kull vittma jew xhud ta’ xi reat taħt dan it-Titolu.

Disposizzjo-nijiet supplimentari għal reati taħt dan it-Titolu. *Miżjud: XXIV. 2002.13.*

**54I.** (1) Id-disposizzjonijiet li ġejjin japplikaw għar-rigward ta’ reati taħt dan it-Titolu.

(2) Ma għandhomx jinbdew proċedimenti dwar xi reat ħlief mill-Avukat Ġenerali jew bil-kunsens tiegħu.

(3) Persuna misjuba ħatja ta’ xi reat li jinvolvi omiċidju għandha tiġi ttrattata bħallikieku għal reat li jkun jikkonsisti fil-qtil ta’ persuna f’dawk iċ-ċirkostanzi li jkunu, jekk dawn isiru f’Malta, jikkostitwixxu omiċidju volontarju.

(4) F’kull każ ieħor persuna misjuba ħatja ta’ xi reat tista’ teħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tletin sena.

(5) Id-disposizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb ta’ dan il-Kodici ma japplikawx.".

Titolu I Bis

FUQ ID-DELITTI KONTRA S-SIGURTÀ TAL-GVERN

Attentati kontra il-President ta’ Malta. *Emendat: XXI. 1971.8. Sostitwit: XXVII. 1975.3. Emendat: XLIX. 1981.4.*

**55.** Kull min ineħħi l-ħajja jew il-libertà tal-President ta’ Malta, jew iqiegħed ħajtu f’periklu b’offiża fuq il-persuna, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal għomru.

Insurrezzjoni jew kolp ta’ stat. *Sostitwit: XXI. 1971.9. Emendat: XXVII. 1975.4; XLIX. 1981.4.*

**56.** (1) Kull min iwaqqa’ jew jittanta jwaqqa’ l-Gvern ta’ Malta billi jagħmel wieħed mill-atti msemmija hawn taħt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal għomru:

(*a*) billi jaqbad l-armi kontra l-Gvern ta’ Malta bil-ħsieb li jwaqqgħu;

(*b*) billi jidħol fil-forzi armati ta’ xi pajjiż barrani kontra r-Repubblika ta’ Malta;

(*ċ*) billi jgħin lill-egħdewwa tar-Repubblika ta’ Malta b’kull mod ieħor kontra l-istess Repubblika;

(*d*) billi jieħu f’idejh bla jedd jew kontra l-liġi xi setgħa esekuttiva tal-Gvern ta’ Malta, bil-ħsieb li jwaqqgħu;

(*e*) billi jaqbad l-armi bil-ħsieb li jġiegħel lill-Gvern ta' Malta jbiddel il-liġijiet jew id-deċiżjonijiet u l-miżuri tiegħu, jew biex ma jħallihx jeżerċita s-setgħat tiegħu skont il-liġi.

(2) Iżda l-piena titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi, meta d-delitt ma jkunx sar minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jitkompla d-delitt.

Ċirkostanzi li jnaqqsu l-piena.

**57.** (1) Kull min jieħu sehem f'konġura li jkollha bħala skop tagħha wieħed mid-delitti msemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin.

Konġura kontra l-Istat. *Emendat: V. 1868.4; XLIX. 1981.4.*

(2) Iżda, jekk minbarra l-konġura sempliċi, ikunu saru wkoll mezzi li jippreparaw l-esekuzzjoni tad-delitt, il-piena tkun ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin.

Ċirkostanza aggravanti.

**58.** Il-konġura teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftiehma bejn żewġ persuni jew iżjed il-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom għandhom jimxu.

Bidu tal-konġura.

**59.** (1) Kull min, b'diskorsi magħmulin f'lok pubbliku jew f'laqgħat pubbliċi, ixewwex direttament sabiex isir wieħed mid-delitti msemmija f'dan it-Titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tad-delitt li jkun xewwex, imnaqqsa bi grad.

Tixwix sabiex isir delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern.

(2) Jekk it-tixwix ma jkollu ebda effett, il-piena titniżżel minn grad sa tliet gradi.

**60.** Fid-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, kull min fost il-ħatjin, qabel ma jsir id-delitt jew qabel ma jsir l-attentat tad-delitt, u qabel ebda proċediment, igħarraf b'hekk lill-Gvern jew lill-awtoritajiet tal-Gvern, jiġi meħlus mill-piena.

Ħelsien mill-piena.

**61.** Kull min waqt li jkun jaf li sejjer isir wieħed mid-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, u, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, ma jgħarrafx lill-Gvern jew lill-awtoritajiet tal-Gvern, iċ-ċirkostanzi li huwa jkun sar jaf bihom, jeħel, meta jinsab ħati, għal dan in-nuqqas biss, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tmintax-il xahar.

Min jonqos li jikxef id-delitt.

**62.** Ma jidħlux taħt l-aħħar artikolu qabel dan, ir-raġel jew il-mara, l-axxendenti jew id-dixxendenti, l-aħwa bniet jew subien, missier jew omm ir-raġel jew il-mara, żewġ it-tifla jew mart it-tifel, iz-zijiet, in-neputijiet, u l-kunjati tal-awtur jew tal-kompliċi tad-delitt li ma jkunux kixfu.

Eżenzjonijiet.

---

## Titolu II

### FUQ ID-DELITTI KONTRA L-PAĊI PUBBLIKA

**63.** Kull reat li jsir minn numru ta' tlieta minn nies jew iżjed miġmugħin flimkien bil-ħsieb li jagħmlu reat, u tnejn minnhom ikollhom fuqhom armi regolari, jitqies li sar bi vjolenza pubblika.

Meta reat jitqies akkumpanjat bi vjolenza pubblika. *Emendat: IX. 1859.2.*

X'inhuma "armi regulari" u "armi irregulari". *Emendat: XI. 1900.15.*

**64.** (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.

Piena għal reati akkumpanjati bi vjolenza pubblika. *Emendat: IX. 1859.3.*

**65.** (1) Il-piena għal reat akkumpanjat bi vjolenza pubblika, tiżdied bi grad fuq il-piena li hemm għall-istess reat mingħajr vjolenza pubblika.

(2) F'ebda każ il-piena m'għandha tkun anqas mill-piena msemmija fl-artikolu 66.

Ġemgħa ta' nies armati. *Emendat: IX. 1859.4.*

**66.** Il-persuni miġmugħin flimkien kif jingħad fl-artikolu 63 jeħlu, għall-fatt biss li jkunu hekk inġemgħu flimkien, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

Kospirazzjoni.

**67.** Kull delitt li jsir minn waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 63, jitqies, għall-finijiet tal-piena, bħala akkumpanjat bi vjolenza pubblika, jekk fl-esekuzzjoni tad-delitt dawk il-persuni jkunu mxew wara ftehim li jkun sar bejniethom.

Ġemgħa ta' nies kontra l-liġi. *Emendat: IX. 1859.5; VIII. 1909.5.*

**68.** (1) Kull min ixewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewxa jinġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat, jeħel, meta jinsab ħati, għall-fatt biss tat-tixwix, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

(2) Kull min jieħu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' nies ma tkun ġiet imxewxa minn ħadd in partikulari, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur jew il-multa.

(3) Jekk ir-reat li dik il-ġemgħa ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel fil-fatt isir, għandhom jiġu mogħtija, jekk il-piena stabbilita għar-reat tkun anqas mill-pieni hawn fuq imsemmija, dawn il-pieni biż-żieda ta' grad; iżda, jekk il-piena li hemm għar-reat tkun akbar minn dawn il-pieni, jew daqshom, għandha tiġi mogħtija dik il-piena biż-żieda ta' grad.

Min ixewwex persuna oħra biex tagħmel reat. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**69.** Kull min, pubblikament, ixewwex persuna oħra sabiex tagħmel reat, għall-fatt biss li jkun hekk xewwixha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena -

(*a*) ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin, fil-każ ta' delitt suġġett għal piena akbar minn dik ta' priġunerija għal żmien tliet snin;

(*b*) ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn, fil-każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet snin; jew

(*ċ*) tal-multa jew tad-detenzjoni, fil-każ ta' kull reat ieħor.

Min ixewwex persuna oħra biex tikser il-liġi.

**70.** Kull min, pubblikament, ixewwex lil persuna oħra sabiex tikser il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jew, fil-każijiet ħfief, id-detenzjoni jew l-ammenda.

**71.** Kull min, b'xi mezz kontra l-liġi li ma jkunx jikkostitwixxi d-delitt imsemmi fl-artikolu 56, jittanta li jġiegħel lill-President ta' Malta jew lill-Gvern ta' Malta biex ibiddel il-liġijiet jew id-deċiżjonijiet tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn.

Min jittanta kontra l-liġi li jġiegħel il-Gvern ibiddel il-liġijiet jew id-deċiżjonijiet tiegħu.
*Emendat: XXI. 1971.10; XXVII. 1975.5.*

**72.** Kull min juża kliem, egħmil jew ġesti li jinġurjaw, jinsultaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta, inkella jiċċensura jew b'nuqqas ta' qima jsemmi jew jirrappreżenta lill-imsemmi President, bi kliem, sinjali, jew b'rappreżentazzjonijiet viżibbli, jew b'xi mod ieħor mhux ikkontemplat fil-liġi tal-Istampa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

Disprezz lill-President.
*Emendat: XXVII. 1975.6.*

**73.** Jekk tliet persuni jew aktar jinġemgħu flimkien kontra l-liġi, jew, wara li jinġemgħu kontra l-liġi, jissoktaw hekk flimkien, bil-ħsieb li, b'diskorsi fil-pubbliku, b'wiri ta' bandieri, b'iskrizzjonijiet, jew b'mezzi oħra jew b'figuri ta' kull xorta li jkunu, ixewxu mibegħda jew disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta jew lejn il-Gvern ta' Malta, jew li jxewxu oħrajn biex jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi, xort'oħra milli b'mezzi skont il-liġi, kull persuna li tinsab ħatja ta' dan teħel il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

Ġemgħa ta' nies kontra l-liġi bi ħsieb ta' sedizzjoni.
*Emendat: XXI. 1971.11; XXVII. 1975.7; XLIX. 1981.4.*

**74.** Jekk żewġ persuni jew aktar jikkonġuraw bejniethom biex ixewxu mibegħda jew disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta jew lejn il-Gvern ta' Malta, jew biex ixewxu oħrajn sabiex jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi, xort'oħra milli b'mezzi skont il-liġi, kull persuna li tinsab ħatja ta' dan teħel il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

Konġura sedizzjuża.
*Emendat: XXVII. 1975.8; XLIX. 1981.4.*

**75.** Kull min, b'diskorsi magħmulin f'lok pubbliku jew f'laqgħat fil-pubbliku, jakkuża falsament persuna impjegata jew imdaħħla fl-amministrazzjoni tal-Gvern ta' Malta b'xi egħmil ħażin fl-amministrazzjoni ta' dak il-Gvern, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

Akkuża falza ta' tagħwiġ fl-amministrazzjoni tal-Gvern.
*Emendat: XXVII. 1975.9.*

**76.** (1) Kull min jagħti jew iġiegħel li jingħata xi ġurament, inkella jagħti jew iġiegħel li jittieħed xi obbligu sabiex min ikun ħa l-ġurament jew l-obbligu jintrabat għal xi ħaġa li jkollha bi ħsieb ammutinament jew sedizzjoni, jew biex jikser il-paċi pubblika, jew biex jieħu sehem f'xi assoċjazzjoni, xirka jew għaqda iffurmata għal xi ħsieb minn dawn, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

Għoti ta' ġuramenti kontra l-liġi.

(2) Il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tiġi mogħtija wkoll meta l-ġurament jew l-obbligu jkollhom bi ħsieb li jorbtu l-persuna li tieħu l-ġurament jew l-obbligu f'xi mod jew ieħor minn dawk hawn taħt imsemmija:

(*a*) li tobdi l-ordnijiet ta' xi kumitat jew korp ta' nies mhux magħmul skont il-liġi, inkella ta' xi kapurjun jew ta' xi ħaddieħor li ma jkollux setgħa b'liġi għal daqshekk;

(*b*) li ma tagħtix tagħrif jew xiehda kontra xi wieħed mill-isħab jew persuna oħra, inkella li żżomm is-sigriet jew

ma tikxifx xi egħmil kontra l-liġi, li jkun sar jew li jkun ġie ittantat jew li kien maħsub li jsir minn dik il-persuna jew minn xi ħaddieħor.

Persuna li tieħu ġurament kontra l-liġi.
*Emendat:*
*IX. 1982.2.*

**77.** Il-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan tiġi mogħtija lil kull persuna li tieħu dak il-ġurament jew obbligu kif jingħad f'dak l-artikolu, barra minn meta tkun ġiet imġiegħla għal hekk:

Iżda, il-fatt li persuna tkun ġiet imġiegħla ma jiġġustifikax u lanqas jiskuża lil dik il-persuna li tieħu l-ġurament jew l-obbligu, ħlief kemm-il darba, fi żmien erbat ijiem minn mindu ma tibqax hekk imġiegħla, tgħarraf bil-fatt lill-awtorità pubblika.

Min ixewwex sedizzjoni jew ammutinament.
*Emendat:*
*XXVII. 1975.10;*
*XLIX. 1981.4.*

**78.** Kull min ifittex li jisseduċi lil xi persuna fis-servizz tal-Forzi Armati ta' Malta biex tonqos minn dmirha u mil-lealtà lejn ir-Repubblika ta' Malta, inkella jxewwex jew isaħħan lil dik il-persuna biex tagħmel xi att ta' ammutinament, jew biex tiġbor jew tfittex li tiġbor għaqda ta' nies sabiex jimmutinaw, jew biex tagħmel xi ħaġa, tkun li tkun, li jkollha bi ħsieb tradiment jew ammutinament, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.

Rewwixta.
*Emendat:*
*XXVII. 1975.11;*
*XLIX. 1981.4.*

**79.** (1) Jekk tliet persuni jew aktar jinġemgħu jew jibqgħu flimkien, għal kull ħsieb li jkun, b'mod tali u taħt ċirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'oħra, li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies f'Malta, kull ġemgħa bħal dik titqies kontra l-liġi, u kull persuna li tkun ħadet sehem fiha, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tnax-il xahar.

Ċirkostanzi aggravanti.

(2) Jekk dawk il-persuni miġmugħa kontra l-liġi jgħaddu, għal kollox jew f'parti, biex jesegwixxu l-ħsieb tagħhom ta' flimkien, inkella jittantaw li jesegwuh, kull persuna li tkun hekk inġemgħat teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

Meta ma jiġix obdut l-ordni biex kulħadd jixxerred.

**80.** Jekk tnax-il persuna jew aktar, miġmugħin flimkien kontra l-liġi bi ksur tal-paċi pubblika, wara li jiġu formalment imwissija jew mitluba minn awtorità kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogħolhom, jibqgħu jew jissoktaw flimkien kontra l-liġi, f'numru ta' tnax jew aktar, għal żmien siegħa wara li tkun ġiet magħmula dik it-twissija pubblika, kull wieħed li jinsab ħati ta' dan jeħel il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.

Meta l-ġemgħa ta' nies mhix kontra l-liġi.
*Emendat:*
*XXVII. 1975.12.*

**81.** Ma jitqiesx li hemm ġemgħa ta' nies kontra l-liġi għall-finijiet tal-artikoli ta' qabel dan, jekk tliet persuni jew aktar jinġemgħu flimkien bi ħsieb wieħed li jgħinu fid-difiża tal-pussess tad-dar fejn joqgħod xi ħadd minnhom jew ta' beni oħra tiegħu, inkella fid-difiża tal-persuna ta' xi ħadd minnhom, għalkemm jesegwixxu jew ifittxu li jesegwixxu dan il-ħsieb tagħhom, jew jaġixxu xort'oħra bi vjolenza jew bi rvell, jew b'mod tali u taħt ċirkostanzi tali li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies f'Malta.

Tixrid ta' aħbarijiet foloz.
*Miżjud:*
*VI. 1933.2.*

**82.** Kull min dolożament ixerred aħbarijiet foloz illi x'aktarx jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon-ordni pubbliku jew il-paċi pubblika inkella illi jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi

klassijiet tal-pubbliku, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

Tixwix għal mibegħda razzjali, eċċ. *Miżjud: III. 2002.19. Emendat: XI. 2009.2; VIII. 2012.2; XXIV. 2014.13; XXXVII. 2016.2.*

**82A.** (1) Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi pmaterjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza razzjali jew reliġjuża kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali jew reliġjuża, jeħel, meta jinsab ħati, l-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu qabel dan "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda razzjali jew reliġjuża kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

Meta ġenoċidju, eċċ., kontra grupp jiġi skużat, miċħud jew mtaffi. *Miżjud: XI. 2009.3. Emendat: XXIV. 2014.14.*

**82B.** Kull min pubblikament jiskuża, jiċħad jew itaffi b'mod grossolan xi ġenoċidju, delitt kontra l-umanità u delitt tal-gwerra dirett kontra grupp ta' persuni jew xi membru ta' dak il-grupp b'referenza għar-razza, kulur, reliġjon, ċittadinanza, dixxendenza jew oriġni nazzjonali jew etnika meta dik l-imġieba titwettaq b'mod li -

(*a*) x'aktarx ixxewwex għall-vjolenza jew mibegħda kontra dak il-grupp jew membru ta' dak il-grupp;

(*b*) x'aktarx jikser l-ordni pubblika jew li jkun ta' theddid, abbuż jew insult,

jista', meta jinstab ħati, jeħel priġunerija għal żmien minn tmien xhur sa sentejn:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu "ġenoċidju", "delitti kontra l-umanità" u "delitti tal-gwerra" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom fl-artikolu 54A.

Meta delitti kontra l-paċi kontra grupp jiġu skużati, miċħuda jew mtaffija. *Miżjud: XI. 2009.3. Emendat: VIII. 2012.3; XXIV. 2014.15.*

**82Ċ.** (1) Kull min pubblikament jiskuża, jiċħad jew itaffi b'mod grossolan delitti kontra l-paċi diretti kontra persuna jew grupp ta' persuni b'referenza għal ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra meta dik l-imġieba titwettaq b'mod li -

(*a*) x'aktarx ixxewwex għall-vjolenza jew mibegħda kontra dik il-persuna jew dak il-grupp; jew

(*b*) x'aktarx jikser l-ordni pubblika jew li jkun ta' theddid, abbuż jew insult,

jista', meta jinstab ħati, jeħel priġunerija għal żmien minn tmien xhur sa sentejn.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu delitt kontra l-paċi jfisser mġieba li tkun tikkonsisti:

(*a*) fl-ippjanar, tħejjija, bidu jew għemil ta' gwerra ta' aggressjoni, jew gwerra bi ksur ta' kull trattat, ftehim jew assikurazzjoni internazzjonali;

(*b*) fil-parteċipazzjoni fi pjan komuni jew assoċjazzjoni għall-għemil ta' xi wieħed mill-atti msemmija fil-paragrafu (*a*).

Min jgħin, jassisti jew iġieggel li jsiru reati taħt l-artikoli 82A sa 82Ċ.
*Miżjud: XI. 2009.3.*

**82D.** Kull min jgħin, jassisti jew iġiegħel li jsir xi reat taħt l-artikoli 82A sa 82Ċ, it-tnejn inklużi, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel meta jinstab ħati l-piena stabbilita għal dak ir-reat li jkun għen, assista jew ġiegħel.

Applikabilità ta' l-artikoli 121D, 208B(5), 248E(4) u 328K.
*Miżjud: XI. 2009.3.*

**82E.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 121D, 208B(5) u 248E(4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull reat taħt l-artikoli 82A sa 82D, iż-żewġ artikoli inklużi.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 328K għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għal kull reat taħt l-artikoli 82A sa 82D, iż-żewġ artikoli inklużi, daqs li kieku r-referenza għall-artikolu 328J fl-artikolu 328K kienet referenza għall-artikolu 121D.

Tmexxija 'l quddiem ta' skop politiku bl-użu jew wiri ta' forza fiżika.
*Miżjud: XV. 1959.2.*
*Sostitwit: XV. 1973.2.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007; XXIV. 2014.16.*

**83.** Kull persuna li twaqqaf, iżżomm waħedha jew ma' persuni oħra jew tagħmel parti minn xi assoċjazzjoni ta' persuni li jkunu organizzati u mħarrġa jew organizzati u mgħammra sabiex ikunu jistgħu jiġu wżati għall-użu jew wiri ta' forza fiżika fit-tmexxija 'l quddiem ta' xi skop politiku tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5000) jew il-piena ta' priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa ħames snin jew għal multa u priġunerija flimkien.

Promozzjoni, eċċ., ta' għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali.
*Miżjud: III. 2002.20.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007; XXIV. 2014.17.*

**83A.** (1) Kull min -

(*a*) jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganiz-za jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew

(*b*) waqt li jkun jaf jew ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a), jipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa sa disa' snin.

(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba' snin.

(3) Meta l-għadd ta' persuni fl-għaqda jkun ta' għaxra jew iktar il-piena fis-subartikoli ta' qabel għandha tiżdied minn grad wieħed sa tnejn.

(4) Meta l-persuna li tkun insabet ħatja ta' reat taħt dan it-titolu

tkun id-direttur, *manager*, segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha l-poter li tirrappreżenta lil dak il-korp jew li jkollha awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teserċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat li dwaru tkun insabet ħatja dik il-persuna jkun kollu jew f'parti sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza ġuridika tal-istess korp magħqud li jista' jeħel kif ġej:

(*a*) meta r-reat li l-persuna tkun insabet ħatja dwaru jkun ir-reat li hemm fis-subartikolu (1), il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (34,940.60) u mhux iżjed minn mija u sittax- il elf erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67);

(*b*) meta r-reat li l-persuna tkun insabet ħatja dwaru jkun ir-reat li hemm fis-subartikolu (2), il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u mhux iżjed minn disgħa u sittin elf tmien mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmu (69,881.20);

(*ċ*) meta r-reat li l-persuna tkun insabet ħatja dwaru jkun punibbli kif hemm provdut fis-subartikolu (3) -

(i) meta r-reat ikun dak li hemm dwaru fis-subartikolu (1), piena ta' multa ta' mhux inqas minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) u mhux iżjed minn miljun u mija u erbgħa u sittin elf u sitt mija u sitta u tmenin euro u sebgħin ċenteżmu (1,164,686.70);

(ii) meta r-reat ikun dak li hemm dwaru fis-subartikolu (2), piena ta' multa ta' mhux inqas minn erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (34,940.60) u mhux iżjed minn mija u sittax- il elf erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67).

(5) L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta.

---

DISPOSIZZJONI ĠENERALI LI TKUN TAPPLIKA GĦAL REATI LI JKUNU RAZZJALMENT AGGRAVATI JEW LI JKUNU MOTIVATI BI KSENOFOBIJA JEW OMOFOBIJA

*Emendat: XXIV. 2014.18.*

**83B.** Il-piena stabbilita dwar xi reat għandha tiżdied minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat, għal kollox jew b'mod parzjali b'mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni, fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew

Disposizzjoni ġenerali. *Miżjud: XI. 2009.4. Emendat: VIII. 2012.4; XXIV. 2014.19.*

twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx jgħoddu meta l-aggravju tal-piena fir-rigward tal-motivi msemmija f'dan l-artikolu jkun diġà previst f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra.

Reati mwettqa minn korp magħqud.
*Miżjud: XXIV. 2014.20.*
*Emendat: VIII. 2015.6.*

**83Ċ.** Kull meta jiġi kommess reat għall-benefiċċju, jew kollu jew f'parti, ta' korp magħqud minn persuna li għandha s-setgħa li tirrappreżenta l-korp magħqud, l-awtorità li tieħu deċiżjoni f'isem il-korp magħqud, jew l-awtorità li teżerċita kontroll fuq il-korp magħqud, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jeħel taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, l-imsemmi korp magħqud jista' jkun suġġett għal:

(*a*) esklużjoni minn intitolament ta' benefiċċji pubbliċi jew għajnuna;

(*b*) is-sospensjoni jew it-tħassir ta' kull liċenza, permess jew awtorità oħra biex jeżerċita xi kummerċ, negozju jew attività kummerċjali oħra;

(*ċ*) tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

(*d*) l-istralċ obbligatorju tal-korp magħqud; jew

(*e*) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' xi stabbiliment li seta' ġie użat għall-għemil tar-reat:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-piena msemmija f'dan l-artikolu tkun diġà prevista f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra.

---

## Titolu III

### FUQ ID-DELITTI KONTRA L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA U AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI OĦRA

---

## *Sub-titolu I*

### FUQ MIN JIEĦU F'IDEJĦ BLA JEDD L-AWTORITÀ PUBBLIKA U S-SETGĦAT LI BIĦOM ĦIJA TINQEDA

### § FUQ MIN JEŻERĊITA FUNZJONIJIET BLA JEDD

Min jeżerċita funzjonijiet pubbliċi bla jedd.

**84.** Kull min jieħu f'idejh xi funzjoni pubblika, sew ċivili jew militari, mingħajr ma jkollu jedd għaliha, u jeżerċita xi att ta' dik il-funzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.

---

§ FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA

Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet. *Emendat: XVI. 2006.2.*

**85.** (1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:

Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**86.** Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:

Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

Ċirkostanzi aggravanti. *Emendat: XLIX. 1981.4; IV. 1994.2; XVII. 1996.19; XX. 2005.10.*

**87.** (1) Il-piena tad-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, tkun ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk il-persuna tinżamm jew tibqa' issekwestrata għal aktar minn għoxrin ġurnata;

(*b*) jekk l-arrest ikun sar bl-użu bla jedd ta' uniformi, jew taħt isem falz, jew b'ordni falz li jidher bħala maħruġ minn awtorità pubblika;

(*ċ*) jekk il-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata, tkun ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

(*d*) jekk il-ħati jissokta jżomm jew jissekwestra lill-persuna għad li jkun jaf li ġie maħruġ mandat jew ordni mill-awtorità kompetenti għall-ħelsien jew kunsinna tal-persuna miżmuma jew issekwestrata;

(*e*) jekk id-delitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex persuna oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

(*f*) jekk id-delitt ikun sar sabiex persuna oħra tkun imġiegħla tagħmel jew tonqos li tagħmel att, li, jekk wieħed jagħmlu jew jonqos li jagħmlu volontarjament, ikun delitt;

(*g*) jekk id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna;

(*h*) jekk id-delitt ikun sar fuq il-persuna tal-missier, l-omm jew fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(*h*).

(2) Fejn persuna jagħmel ir-reat imsemmi fl-artikolu li jiġi minnufih qabel dan, jedded li joqtol, li jagħmel offiża fuq il-persuna jew li jkompli jżomm lil xi persuna oħra sabiex iġiegħel lil xi stat, organizzazzjoni governamentali internazzjonali jew persuna li tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi għemil, jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal għomru.

Piena għall-arrest kontra l-liġi, eċċ., li jsir b'offiża fuq il-persuna.
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

**88.** Jekk l-offiża fuq il-persuna msemmija fil-paragrafu (*ċ*) tal-aħħar artikolu qabel dan, tkun taqa' taħt piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, jew tkun ġiet magħmula jew saret flimkien ma' xi xorta ta' torturi, il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien minn erba' snin sa sitt snin.

Ċirkostanza li tnaqqas il-ħtija.

**89.** Il-piena talli wieħed jarresta, iżomm jew jissekwestra lil persuna kontra l-liġi, mingħajr ma jkun hemm ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 87(*b*), (*ċ*), (*d*), (*e*), (*f*) u (*g*), u fl-aħħar artikolu qabel dan, hija ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena, jekk il-ħati, qabel il-bidu ta' kull proċediment legali, ikun ħeles lill-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn mindu jkun arrestaha, żammha jew issekwestraha, kemm-il darba f'dak iż-żmien il-ħati ma jkunx wasal fil-ħsieb li għalih dik il-persuna tkun ġiet arrestata, miżmuma jew issekwestrata.

Min jieħu kontra l-liġi persuna f'pajjiż barrani jew iżommha issekwestrata hemm.
*Emendat: XXVII. 1975.13.*

**90.** Kull min kontra l-liġi u bil-forza jieħu xi persuna f'pajjiż ieħor, jew kontra s-sewwa jżomm, jarresta jew jissekwestra xi ċittadin ta' Malta f'pajjiż ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-artikolu 87.

---

## *Sub-titolu II*

## FUQ INĠURJI U VJOLENZA KONTRA UFFIĊJALI PUBBLIĊI

Vjolenza u theddid kontra uffiċjali pubbliċi.
*Emendat: V. 2014.2.*

**91.** Kull min bi vjolenza jew b'theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa ħames snin u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000).

Tifsir ta' "uffiċjal pubbliku".

**92.** Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Inġurji jew theddid lill-imħallfin, lill-Avukat Ġenerali, lill-maġistrati jew lill-ġurati.
*Emendat:*
*VI. 1871.6;*
*XI. 1900.16;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*V. 2014.3.*

**93.** (1) Kull min jinġurja jew ihedded imħallef, jew l-Avukat Ġenerali, jew maġistrat, jew ġurat, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' sa tmintax-il xahar u għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (500) u mhux iżjed minn elf u ħames mitt euro (1,500).

Ċirkostanzi aggravanti.

(2) Jekk l-iskop tal-inġurja jkun li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' dak li kontra tiegħu tkun ġiet magħmula, il-piena hija l-priġunerija minn tnax-il xahar sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (700) u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500).

(3) Jekk it-theddid ikun ta' delitt, il-piena hija ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin u għal multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (1,500) u mhux iżjed minn erbat elef euro (4,000), u meta t-theddid isir bil-miktub, sew anonimu kemm taħt l-isem ta' wieħed innifsu jew taħt isem falz, il-piena tiżdied bi grad, u, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-ħati jista' jiġi issuġġettat għall-obbligi msemmijin fl-artikoli 383, 384 u 385, bi pleġġerija jew mingħajrha, skont iċ-ċirkostanzi.

(4) Meta r-reati msemmija f'dan l-artikolu jkunu saru kontra xi uffiċjal tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, meta jkun qed jaġixxi taħt l-ordni tal-Avukat Ġenerali f'dak kollu li fih l-Avukat Ġenerali għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu jew b'konnessjoni mal-uffiċċju tiegħu, il-ħati għandu jeħel l-istess piena stabbilita fis-subartikoli ta' qabel.

Offiża fuq il-persuna ta' mħallef, Avukat Ġenerali, maġistrat jew ġurat.
*Emendat:*
*IX. 1859.6;*
*XI. 1900.17;*
*XLIX. 1981.4;*
*V. 2014.4.*

**94.** (1) Kull min jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed mill-uffiċjali pubbliċi msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erbgħa sa seba' snin u għal multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (5,000) u mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (25,000).

(2) Meta l-offiża fuq il-persuna tkun ta' xorta tali li, kieku saret fuq persuna li ma tkunx waħda minn dawk imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, kienet tissuġġetta lill-ħati għal piena akbar, għandha tiġi mogħtija dik il-piena akbar, miżjuda bi grad.

Inġurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi oħra jew offiżi fuq il-persuna tagħhom.
*Emendat:*
*IV. 1856.10;*
*XI. 1900.18, 19;*
*XLIX. 1981.5;*
*V. 2014.5.*

**95.** Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).

Attakk jew reżistenza.
*Emendat: XLIX. 1981.4; V. 2014.6.*

**96.** Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);

(*b*) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn tlieta min-nies jew aktar, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin u għal multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (5,000) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (15,000).

Ċirkostanza aggravanti.
*Emendat: IX. 1859.7; V. 1956.14; XLIX. 1981.4; V. 2014.7.*

**97.** Kull min fost il-ħatjin imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, fil-waqt tal-attakk jew tar-reżistenza, juża arma regulari jew ikun ħa fuqu minn qabel din l-arma bil-ħsieb li jgħin dak l-attakk jew reżistenza u jinqabad b'dik l-arma fuqu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin u għal multa ta' mhux inqas minn tmint elef euro (8,000) u mhux iżjed minn għoxrin elf euro (20,000).

Attakk jew reżistenza bi vjolenza pubblika.
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

**98.** Meta d-delitti msemmijin fl-artikolu 96 isiru bi vjolenza pubblika, il-piena hija ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin.

Ħelsien mill-piena fil-każ ta' dawk li ma jissoktawx fl-esekuzzjoni tad-delitt.

**99.** Ma tiġi mogħtija l-ebda piena għall-fatt biss tal-attakk jew tar-reżistenza msemmijin fl-artikoli 96 u 98, kontra dawk li, għalkemm ikunu ittantaw li jibdew jaġixxu jew fil-fatt ikunu bdew jaġixxu, mal-ewwel twissija tal-persuna li għaliha jkunu ħabtu jew irreżistew, jew ta' awtorità pubblika, ma jibqgħux jissoktaw fl-esekuzzjoni tad-delitt.

Dispożizzjonijiet ġenerali.
*Miżjud: V. 2014.8.*

**99A.** (1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal reati taħt dan is-subtitolu.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' kull persuna ħatja ta' reat taħt dan is-subtitolu.

(3) Kull multa li għaliha l-persuna ħatja ġiet ikkundannata li tħallas tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

*Sub-titolu III*

FUQ IL-KALUNNJA, SPERĠUR U ĠURAMENT FALZ

*Emendat: IV. 1856.11.*

**100.** F’dan is-sub-titolu "proċeduri kriminali" tinkludi l-kompilazzjoni msemmija fis-Sub-titolu II tat-Titolu II tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta’ dan il-Kodiċi u kull proċedura skont l-Att dwar il-Forzi Armati ta’ Malta.

Tifsir. *Miżjud: XXI. 1971.13. Sostitwit: III. 2002.21.* Kap. 220.

**101.** (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b’reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel, meta jinsab ħati -

Kalunnja. *Emendat: IX. 1859.8; V. 1956.15; XLIX. 1981.4.*

(*a*) il-piena ta’ priġunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuża falza tkun ta’ delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta’ priġunerija għal żmien sentejn;

(*b*) il-piena ta’ priġunerija minn sitt xhur sa disa’ xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta’ delitt suġġett għall-piena mhux akbar mill-piena ta’ priġunerija għal żmien sentejn, iżda li ma jaqax taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

(*ċ*) il-piena ta’ priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta’ kull reat ieħor.

(2) Meta d-delitt isir bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra, il-piena tiżdied grad.

Ċirkostanzi aggravanti.

**102.** Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, jikkorrompi xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xiehda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz, jeħel, meta jinsab ħati -

Korruzzjoni jew attentat ta’ korruzzjoni ta’ xhud, perit jew interpretu. *Emendat: XI. 1900.20; III. 2002.22; XXXI. 2007.7.*

(*a*) jekk ix-xiehda jew il-perizja falza jew it-tifsir falz ikunu ġew mogħtija, il-piena li għaliha hija suġġetta persuna li tagħti xiehda falza;

(*b*) meta jkun hemm biss attentat ta’ korruzzjoni ta’ xhud, perit jew interpretu, l-istess piena mnaqqsa grad jew żewġ gradi;

(*ċ*) meta l-korruzzjoni tkun saret bl-użu ta’ forza, theddid, biża’ jew bit-twegħid, offerta jew għoti ta’ xi vantaġġ mhux dovut sabiex tinġiegħel li tingħata xiehda falza, il-piena msemmija fil-paragrafu (*a*) miżjuda bi grad wieħed jew tnejn.

**103.** Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iġiegħel li jsir, jew xjentement iġib, dokument falz, jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz.

Min jagħmel jew iġib dokument falz.

**104.** (1) Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta’ priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija.

Sperġur f’xi kawżi kriminali. *Emendat: VIII. 1909.6; XXI. 1971.12; XLIX. 1981.4: XIV. 1983.2; III. 2002.23; XVI. 2006.3.*

(2) Iżda, jekk il-persuna akkużata tiġi ikkundannata għal piena

akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien ħames snin, ix-xhud li jkun ta x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawża, jew, li mix-xiehda tiegħu jkun sar użu kontra il-persuna akkużata f'dik il-kawża, jeħel dik il-piena akbar.

Sperġur f'kawżi kriminali oħra. *Emendat: IX. 1859.9; XLIX. 1981.4; III. 2002.24.*

**105.** Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa sentejn.

Sperġur fi proċeduri ċivili. *Emendat: XII. 1914.7; XLIX. 1981.4; III. 2002.25.*

**106.** (1) Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.

(3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).

Sperġur minn perit jew interpretu.

**107.** (1) Il-perit illi, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iwettaq fatti li jkun jaf li huma foloz, jew dolożament jagħti fehma falza, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena li għaliha hu suġġett xhud falz skont l-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

(2) L-istess piena tiġi mogħtija lil kull persuna li, meta tagħmilha bħala interpretu fi proċeduri ġudizzjarji u taħt ġurament, tagħti xjentement tifsir falz.

Ġurament falz. *Emendat: XI. 1900.21, 22; XLIX. 1981.4; III. 2002.26.*

**108.** (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;

(*b*) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti promissorji.

Interdizzjoni fil-kundanni għal kalunnja, sperġur u ġurament falz.

**109.** (1) Il-qorti għandha, meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu, tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun.

(2) Din l-interdizzjoni tkun għaż-żmien minn ħames snin sa għaxar snin fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, u għaż-żmien minn għaxar snin sa għoxrin sena f'kull każ ieħor imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

**110.** (1) Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bil-mod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

Ħolqien qarrieqi ta' provi foloz. *Emendat: IX. 1911.9; XLIX. 1981.4.*

(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.

Ħolqien ta' reat.

**111.** (1) Kull min ma jħallix lil persuna oħra tagħti t-tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża, ċivili jew kriminali, jew lil xi awtorità kompetenti jew quddiemha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena jew il-multa.

Min ma jħallix li jingħata tagħrif jew prova meħtieġa. *Emendat: VIII. 1909.7; XLIX. 1981.4; A.L. 407 tal-2007.*

(2) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati -

Fuq min jissoprimi, jeqred, jew ibiddel traċċi ta' delitt.

(*a*) jekk ir-reat ikun delitt suġġett għall-piena mhux anqas mill-piena ta' priġunerija għal żmien ta' sena, il-piena msemmija fis-subartikolu (1);

(*b*) fil-każ ta' reati oħra, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, jew id-detenzjoni jew ammenda mhux anqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33).

---

*Sub-titolu IV*

FUQ L-ABBUŻ TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA

§_FUQ UFFIĊJALI JEW IMPJEGATI PUBBLIĊI LI JESIĠU FLUS JEW ĦWEJJEĠ OĦRA KONTRA L-LIĠI, FUQ L-ESTORSJONI, U FUQ IL-KORRUZZJONI

**112.** Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena.

Uffiċjal pubbliku li jesiġi flus kontra l-liġi. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**113.** Jekk l-eżazzjoni kontra l-liġi msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, issir b'theddid jew b'abbuż ta' awtorità, hija titqies estorsjoni, u l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin.

Estorsjoni. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**114.** Kemm-il darba d-delitti msemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan ikunu akkumpanjati minn ċirkostanzi li jwaqqgħuhom

Ċirkostanzi aggravanti.

taħt pieni oħra wkoll, għandha tiġi mogħtija l-piena aktar gravi miżjuda grad.

Korruzzjoni.
*Emendat:*
*XII. 1914.8, 9;*
*IV. 1974.2;*
*XLIX. 1981.4;*
*III. 2002.27;*
*III. 2004.70;*
*IV. 2013.2.*

**115.** (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;

(*b*) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;

(*ċ*) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin.

(2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, meta d-delitt kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun sar minn persuna li, fiż-żmien meta kien sar id-delitt, kellha l-kariga ta' Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru tal-Kamra tad-Deputati, Sindku jew Kunsillier, u d-delitt ikun jinvolvi l-abbuż ta' dik il-kariga, id-disposizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma japplikawx għal dik il-persuna u għal kull kompliċi.

Meta n-nuqqas ta' dmir ikun jikkonsisti filli kwerelat jew akkużat jiġi ikkundannat.
*Emendat:*
*XXI. 1971.14;*
*IV. 1974.3;*
*XLIX. 1981.4;*
*X.2000.11;*
*III. 2004.71.*

**116.** (1) Kemm-il darba d-delitt imsemmi fil-paragrafu (*ċ*) tal-aħħar artikolu qabel dan ikun jikkonsisti filli kwerelat jew akkużat jiġi ikkundannat, il-piena tkun ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa għaxar snin:

Iżda fl-ebda każ ma għandha il-piena tkun inqas minn dik li għaliha jkun ikkundannat il-kwerelat jew l-akkużat.

(2) Kemm-il darba l-piena li għaliha l-kwerelat jew l-akkużat jiġi ikkundannat, tkun akbar mill-piena ta' priġunerija għal għaxar snin, għandha tiġi mogħtija din il-piena akbar.

Meta n-nuqqas ta' dmir ikun jikkonsisti filli wieħed jerħi persuna imputata jew jeħles kwerelat jew persuna akkużata.
*Emendat:*
*IV. 1974.4;*
*XLIX. 1981.4;*
*III. 2004.72;*
*IV. 2013.3.*

**117.** Jekk id-delitt imsemmi fl-artikolu 115(*ċ*) ikun jikkonsisti filli persuna imputata tiġi mitluqa, jew filli kwerelat jew persuna akkużata tiġi illiberata, il-piena tkun kif sejjer jingħad:

(*a*) jekk l-imputazzjoni, il-kwerela, jew l-akkuża tkun ta' delitt suġġett għall-piena akbar minn dik ta' priġunerija għal sentejn, il-piena tkun ta' priġunerija minn tliet snin sa disa' snin;

(*b*) jekk tkun ta' reat suġġett għall-piena mhux iżjed minn dik ta' priġunerija għal sentejn, imma li ma jkunx jaqa' fil-klassi tal-kontravvenzjonijiet, il-piena tkun ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin;

(*ċ*) jekk tkun ta' kontravvenzjoni, il-piena tkun ta'

priġunerija minn disa' xhur sa sentejn.

Korruzzjoni ta' membru tal-Kamra tad-Deputati.
*Miżjud: IV. 1974.5. Emendat: XLIX. 1981.4; XIII. 2002.10; III. 2004.73; IV. 2013.4.*

**118.** (1) Kull membru tal-Kamra tad-Deputati li jitlob, jirċievi jew jaċċetta, għalih jew għal xi persuna oħra, xi rigal, jew wegħda jew offerta ta' xi rigal, fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, mogħti jew magħmula bil-għan li jiġi influwenzat fl-imġieba tiegħu bħala membru tal-Kamra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin.

(2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra d-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma japplikawx dwar reat taħt dan l-artikolu għal dak il-Membru tal-Kamra tad-Deputati u għal kull kompliċi.

Każijiet li għalihom tingħata l-piena tal-interdizzjoni ġenerali.
*Emendat: XLIX. 1981.4; VII. 2010.6.*

**119.** Il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa jew interdizzjoni ġenerali speċjali, jew it-tnejn, skont kif ikun il-każ, tiżdied mal-pieni msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, meta l-*maximum* ta' dawn il-pieni jkun iżjed minn sentejn priġunerija; meta l-piena ma tkunx iżjed minn sentejn priġunerija, tiżdied il-piena tal-interdizzjoni ġenerali temporanja jew interdizzjoni speċjali temporanja, jew it-tnejn, kif ikun il-każ.

Piena għal min jikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku.
*Miżjud: I. 1903.3. Sostitwit: IV. 1974.6. Emendat: XLIX. 1981.4; III. 2004.74; IV. 2013.5.*

**120.** (1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117 u 118, il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull disposizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi.

(2) Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin:

Iżda meta d-delitt huwa dak imsemmi fl-artikolu 117(*ċ*), il-piena ma tistax tkun iżjed minn tmintax-il xahar priġunerija.

(3) Meta l-membru tal-Kamra tad-Deputati ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dak il-membru biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin.

Korruzzjoni ta' ġurati u persuni oħra.
*Emendat: VI. 1871.7. Sostitwit: IV. 1974.7. Emendat: III. 2002.28; XIII. 2002.10; III. 2004.75; VII. 2010.7.*

**121.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu jgħoddu għal u dwar kull persuna li tkun mogħtija jew li jkollha funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ta' korp imwaqqaf b'liġi jew xi korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta, jew li tkun impjegata ma' dak il-korp, kif igħoddu għal jew dwar uffiċjal jew persuna msemmija fl-artikolu 112 jew uffiċjal jew impjegat pubbliku msemmi fl-artikolu 115.

(2) L-artikoli minn 115 sa 117, l-artikolu 119 u tal-artikolu 120(1) u (2) jgħoddu għal u dwar ġurati kif igħoddu għal jew dwar uffiċjal jew impjegat pubbliku msemmi fl-artikolu 115:

Iżda i-kelma "ġurat" għandha f'kull każ tinkludi persuna lajka li tkun qed taġixxi bħala membru ta' korp kolleġġjali li jkollu r-responsabbiltà li jiddeċiedi dwar il-ħtija ta' persuna akkużata fil-

qafas ta' kawża fi ħdan is-sistema ġudizzjarja ta' stat, minbarra Malta.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu dwar xi uffiċjal jew persuna msemmija fl-artikolu 112 jew xi uffiċjal jew impjegat pubbliku msemmija fl-artikolu 115 għandhom ikunu wkoll japplikaw għal u dwar kull impjegat jew persuna oħra meta dawn ikunu qed imexxu jew jaħdmu f'xi kapaċità għal jew f'isem xi persuna naturali jew ġuridika li tkun qed taħdem fis-settur privat li xjentement, matul l-attivitajiet kummerċjali tagħha, sew b'mod dirett sew permezz ta' xi intermedjarju u bi ksur ta' dmirijiet tagħha, ġġib ruħha b'xi mod minn dawk li hemm provdut dwarhom f'dawk l-artikoli:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-frażi "ksur ta' dmirijiet" tinkludi kull imġieba mhux leali li tikkostitwixxi ksur ta' xi dmir statutorju, jew, skont il-każ, ksur tar-regolamenti jew struzzjonijiet professjonali, li jkunu japplikaw fi ħdan il-kummerċ inkwistjoni.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu għandhom ukoll japplikaw għal kull mġieba li tinkwadra fid-deskrizzjonijiet murija fid-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu u fejn ikun hemm involut:

(*a*) uffiċjal pubbliku jew impjegat ta' xi Stat barrani inkluż xi membru ta' xi assemblea pubblika domestika ta' xi Stat barrani li teżerċita setgħat leġislattivi jew amministrattivi; jew

(*b*) xi uffiċjal jew impjegat, jew xi impjegat ieħor b'kuntratt, ta' xi organizzazzjoni jew korp internazzjonali jew sovranazzjonali jew ta' xi istituzzjoni jew korp tiegħu, jew xi persuna oħra li tkun qed taqdi funzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk li jitwettqu minn xi uffiċjal, impjegat jew impjegat b'kuntratt bħal dawk; jew

(*ċ*) xi membru ta' assemblea parlamentari ta' xi organizzazzjoni internazzjonali jew sovranazzjonali; jew

(*d*) xi detentur ta' kariga ġudizzjarja jew xi uffiċjal ta' xi qorti internazzjonali; jew

(*e*) xi membru, uffiċjal jew impjegat ta' Kunsill Lokali;

(*f*) xi persuna msemmija fil-paragrafi preċedenti u r-reat ikun sar barra minn Malta minn ċittadin ta' Malta jew minn resident permanenti f'Malta;

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "resident permanenti" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bil-proviso tal-artikolu 5(1)(*d*);

(*g*) bħala l-persuna li kkommettiet ir-reat, xi persuna msemmija fil-paragrafu (*b*) u l-organizzazzjoni, istituzzjoni jew korp li jkun ikollu s-sede prinċipali tiegħu f'Malta;

(*h*) kull min:

(i) jiġi mitlub biex jaġixxi bħala arbitru skont d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ, sew jekk l-arbitraġġ ikun domestiku jew internazzjonali; Kap. 387.

(ii) minħabba ftehim ta' arbitraġġ jiġi mitlub mill-partijiet għal ftehim biex jagħti deċiżjoni legali vinkolanti f'tilwima preżentata quddiemu; u

(iii) ikun arbitru qed iwettaq l-funzjonijiet tiegħu skont il-liġi nazzjonali ta' xi stat, minbarra Malta:

Iżda:

(i) meta l-persuna involuta tkun persuna msemmija fil-paragrafi (*a*), (*b*), (*d*) jew (*e*) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikoli 115, 116, 117 u 120; u

(ii) meta l-persuna involuta tkun persuna msemmija fil-paragrafu (*ċ*) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikoli 118 u 120.

Meta persuna tuża l-influwenza li jkollha.
*Miżjud: III. 2002.29. Emendat: VI. 2007.2; XXXI. 2007.8; IV. 2013.6.*

**121A.** (1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.

(2) Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.

(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għalkollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.

Reati li għandhom x'jaqsmu mal-kontabilità.
*Miżjud: III. 2002.29. Emendat: VI. 2007.3; IV. 2013.7.*

**121B.** Kull min, bil-ħsieb li jagħmel, jaħbi jew juri ħaġa b'oħra dwar xi reat, joħloq jew juża xi fattura jew xi dokument jew *record* ta' kontabilità ieħor li jkun fih informazzjoni falza jew mhux kompleta jew jommetti b'mod mhux leġittimu milli jirreġistra xi ħlas, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jeħel taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.

Ġurisdizzjoni.
*Miżjud: III. 2002.29. Emendat: XIII. 2002.10; VIII. 2015.7.*

**121Ċ.** Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandhom ukoll ikollhom ġurisdizzjoni fuq ir-reati stabbiliti f'dan is-sub-titolu meta:

(*a*) biss parti mill-azzjoni li tikkostitwixxi l-esekuzzjoni

tar-reat tkun saret ġewwa Malta fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 5(1)(*d*); jew

(*b*) min jagħmel ir-reat ikun ċittadin jew residenti permanenti f'Malta, uffiċjal pubbliku jew impjegat ta' Malta jew membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti jew ta' Kunsill Lokali; jew

(*ċ*) ir-reat ikun jinvolvi uffiċjal pubbliku jew impjegat ta' Malta jew persuna li tkun membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti jew ta' Kunsill Lokali; jew

(*d*) ir-reat ikun jinvolvi xi persuna minn dawk li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 121(4)(*b*), (*ċ*) jew (*d*) u dik il-persuna tkun fl-istess ħin ċittadin jew resident permanenti f'Malta skont it-tifsira mogħtija fl-artikolu 5(1)(*d*).

Responsabbiltà ta' korp magħqud għal reati taħt dan it-titolu.
*Miżjud: III. 2002.29.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*
*Sostitwit: VIII. 2015.8.*

**121D.** Meta reat taħt dan it-titolu ġie mwettaq minn persuna li dak iż-żmien tal-imsemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza ta' dak il-korp jew li jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat imsemmi li dwaru tkun instabet ħatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li jista' jeħel il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Kap. 12.

Iżda meta l-imsemmija persuna ma tkunx għadha vestita bir-rappreżentanza legali, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ir-rappreżentanza legali għandha tiġi vestita fil-persuna li tkun qed tokkupa l-kariga minflokha jew f'dik il-persuna kif imsemmi f'dan l-artikolu.

Applikabbiltà tal-artikolu 248E(4) tal-Kodiċi.
*Miżjud: XXXI. 2007.9.*

**121E.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 248E(4) ta' dan il-Kodiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal persuna li tkun instabet ħatja tar-reati taħt dan is-sub-titolu.

---

§ FUQ ABBUŻI TA' AVUKATI U PROKURATURI LEGALI

Egħmil ħażin fl-eżerċizzju tal-professjoni minn avukati jew minn prokuraturi legali.

**122.** L-avukat jew il-prokuratur legali illi, wara li jkun ġa beda jiddefendi waħda mill-partijiet, fl-istess kawża, jew f'kawża oħra li fiha tkun imdaħħla l-istess kwistjoni u interess, igħaddi, kontra l-istess parti jew kontra l-persuni li jkollhom jeddijiet minnha, mingħajr il-kunsens ta' dik il-parti jew ta' dawk il-persuni, għad-difiża tal-parti l-oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-multa, u l-interdizzjoni temporanja mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu għal żmien minn erba' xhur sa sena.

**123.** L-avukat jew il-prokuratur legali li jittradixxi l-interessi tal-klijent tiegħu, b'mod illi, minħabba l-egħmil jew nuqqas qarrieqi tiegħu, il-klijent jitlef il-kawża, jew jitlef xi jedd bil-preskrizzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tmintax-il xahar, u l-interdizzjoni perpetwa mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Tradiment tal-interessi tal-klijent.
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

---

FUQ L-ABBUŻI TA' UFFIĊJALI U IMPJEGATI PUBBLIĊI FL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

**124.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, bid-dieher jew bil-moħbi jew bil-mezz ta' persuna oħra, jieħu interess privat f'aġġudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu għal kollox jew f'parti t-triġija jew is-sorveljanza tagħhom, kif ukoll jekk kellu din it-triġija jew sorveljanza fiż-żmien li l-aġġudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur, u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tiegħu pubbliku.

Interess privat f'aġġudikazzjoni-jiet, eċċ.

**125.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi jieħu interess privat f'affari li dwarha jkun inkarigat jagħti ordnijiet, jagħmel likwidazzjonijiet, ranġamenti jew ħlasijiet ta' kull xorta li jkunu, jeħel, meta jinsab ħati, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.

Interess privat f'għoti ta' ordnijiet eċċ.

**126.** Kemm-il darba, fil-każijiet imsemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, tkun ukoll saret ħsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi magħha l-affari jkollha x'taqsam, il-piena tkun ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin, bl-interdizzjoni stabbilita f'dawk l-artikoli.

Ċirkostanza aggravanti.
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

**127.** (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Serq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku.
*Emendat: XLIX. 1987.4; XXXI. 2007.10; IV. 2013.8.*

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu wkoll għal u fir-rigward ta' kull impjegat jew persuna oħra meta dawn ikunu qed jaġixxu jew jaħdmu f'xi kariga għal jew f'isem persuna naturali jew ġuridika li tkun topera fis-settur privat li xjentement, matul l-attivitajiet tagħhom ta' negozju, direttament jew permezz ta' intermedjarju u bi ksur tad-dmirijiet tagħhom, jaġixxu b'xi mod previst fl-imsemmi subartikolu.

---

§ FUQ ABBUŻI LI GĦANDĦOM X'JAQSMU MAL-ĦABS

**128.** Kull kustodju jew karzrier li jdaħħal priġunier il-ħabs mingħajr *warrant* jew ordni legali ta' persuna li jkollha b'liġi s-setgħa li toħroġ dak il-*warrant* jew ordni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

Kustodju jew karzrier li jieħu priġunier b'kustodja mingħajr *warrant.*

Atti arbitrarji jew restrizzjonijiet minn kustodji jew karzriera.

**129.** (1) Kull kustodju jew karzrier li jissuġġetta persuna taħt il-kustodja tiegħu għal atti arbitrarji jew restrizzjonijiet mhux permessi mir-regolamenti tal-ħabs, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Ċirkostanza aggravanti.

(2) Meta r-restrizzjonijiet jew l-atti arbitrarji hawn fuq imsemmija jkunu jikkostitwixxu minnhom infushom delitt li jġib l-istess piena jew piena akbar, għandha tingħata dik il-piena biż-żieda ta' grad.

Nies taħt arrest miżmumin f'post li m'huwiex ħabs pubbliku.

**130.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, bla setgħa jew mingħajr bżonn, iżomm, jew iġiegħel li tinżamm persuna taht arrest, f'post li mhux maħtur bħala ħabs pubbliku, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

§ RIFJUT TA' SERVIZZ LI B'LIĠI GĦANDU JINGĦATA

Rifjut ta' servizz li b'liġi għandu jingħata.

**131.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jkollu taħt l-ordnijiet tiegħu l-forza tal-Pulizija ċivili u illi, wara li jkun ġie msejjaħ skont il-liġi minn awtorità kompetenti, jonqos li jagħti l-għajnuna ta' dik il-forza, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sitt xhur.

Skuża falza miġjuba minn ġurat, xhud jew perit.

**132.** Kull ġurat, xhud jew perit illi, biex ma jagħtix għajnuna lill-awtorità kompetenti li titolbu din il-għajnuna, jew bħala raġuni talli jkun naqas li jidher quddiem dik l-awtorità, iġib skuża li tiġi ippruvata falza, jeħel, meta jinsab ħati, barra mill-piena talli jkun naqas li jidher, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

*Emendat: VI. 1899.3.*

§ FUQ ABBUŻI TA' AWTORITÀ, U FUQ KSUR TA' DMIRIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' KARIGA PUBBLIKA

Kxif ta' sigrieti uffiċjali. *Miżjud: VI. 1899.4. Emendat: I. 1903.4.*

**133.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun ġie fdat lilu jew li jkun ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jiġi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa.

Uffiċjal jew impjegat pubbliku li jkompli kontra l-liġi fil-kariga jew impieg tiegħu.

**134.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi jkun ġie mkeċċi, interdett jew sospiż, u illi, wara li jkun ġie mgħarraf skont il-liġi b'daqshekk, ikompli fl-eżerċizzju tal-kariga jew impieg tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur.

Uffiċjal pubbliku li ma jħallix li tiġi esegwita l- liġi. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**135.** Kull depożitarju tal-awtorità pubblika illi, b'mezzi kontra l-liġi miftehmin ma' persuni oħra, ma jħallix li l-liġi tiġi esegwita, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin.

Promozzjoni ta' vjolenza jew mibegħda razzjali minn uffiċjali pubbliċi. *Miżjud: XXIV. 2014.21.*

**135A.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, f'konnessjoni mal-kariga, joħloq jew jassumi l-kariga ta' kap ta' grupp li jippromwovi vjolenza jew mibegħda razzjali fi ħdan it-tifsira tas-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A, għandu, meta l-att li ġie mwettaq ma tikkostitwix reat aktar serju, jeħel piena ta' priġunerija minn sena sa ħames snin.

**136.** (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, taħt il-libsa tal-kariga jew impieg tiegħu, jidħol, barra minn fil-każijiet permessi mil-liġi, jew mingħajr ma jħares il-formalitajiet meħtieġa mil-liġi, fid-dar, jew bini ieħor jew reċint ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa jew l-ammenda.

Dħul f'dar kontra l-liġi minn uffiċjal pubbliku. *Emendat: VI. 1871.8.*

(2) Jekk jiġi ippruvat li dan id-dħul sar għal xi skop kontra l-liġi jew għal xi interess privat, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tnax-il xahar.

Ċirkostanzi aggravanti.

**137.** Kull maġistrat illi, f'xi ħaġa li taqa' taħt is-setgħa tiegħu, jonqos jew jirrifjuta li jagħti widen għal ilment leġittimu li jsir biex juri li xi ħadd jinsab miżmum kontra l-liġi, u kull uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva illi, meta jsirlu ilment bħal dan, ma jurix li ta lill-awtorità superjuri rapport ta' dak l-ilment fiż-żmien ta' erbgħa u għoxrin siegħa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur.

Maġistrat jew uffiċjal tal-Pulizija li jonqos jew jirrifjuta li jagħmel xi dmirijiet.

**138.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi att mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa:

Ksur doluż ta' dmirijiet uffiċjali. *Emendat: V. 1868.5; VI. 1871.9; I. 1903.5.*

Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

**139.** Jekk l-att ta' ħsara jew ta' tagħkis ikun wieħed minn dawk imsemmijin fl-artikoli 86, 87, 88 u 89, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti f'dawk l-artikoli rispettivament, miżjuda bi grad.

Ċirkostanza aggravanti.

**139A.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku jew kull persuna oħra li tkun qegħda taġixxi f'kapaċità uffiċjali li xjentement tinfliġġi fuq persuna uġiegħ jew tbatija gravi, sew fiżika sew mentali -

Tortura u trattament jew piena oħra krudila, inumana jew degradanti. *Miżjud: XXIX. 1990.5.*

(*a*) sabiex tikseb mingħand dik il-persuna jew mingħand terza persuna xi tagħrif jew stqarrija; jew

(*b*) sabiex tikkastiga lil dik il-persuna għal xi att li hi jew terza persuna tkun wettqet jew tkun suspettata li wettqet; jew

(*ċ*) sabiex tbeżża' lil dik il-persuna jew terza persuna jew iġġiegħel lil dik il-persuna jew terza persuna li tagħmel, jew li tonqos li tagħmel, xi att; jew

(*d*) għal kull raġuni li tkun bażata fuq diskriminazzjoni ta' liema xorta tkun,

teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames sa disa' snin:

Iżda ma hemmx reat meta l-uġigħ jew it-tbatija tirriżulta biss minn sanzjonijiet jew miżuri leġittimi, jew tkun inerenti fihom jew inċidentali għalihom:

Iżda wkoll, ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabilità ta' disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra li jipprovdu għal piena ogħla.

Żieda tal-piena tal-interdizzjoni.

**140.** Fil-każijiet ikkontemplati fl-artikoli 133 sal-139 inklużivament, il-qorti tista', mal-piena hemm fihom imsemmija, iżżid il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, temporanja jew perpetwa.

---

*Sostitwita: III. 2002.30.*

DISPOSIZZJONI GENERALI LI TAPPLIKA GĦALL-UFFIĊJALI PUBBLIĊI

Disposizzjoni ġenerali. *Emendat: IX. 1859.10.*

**141.** Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.

---

*Sub-titolu V*

FUQ IL-VJOLAZZJONI TA' ARKIVJI PUBBLIĊI, UFFIĊĊJI PUBBLIĊI, POSTIJIET TA' KUSTODJA PUBBLIKA U MONUMENTI PUBBLIĊI

§ FUQ IL-KSUR TA' SIĠILLI, U SERQ TA' DOKUMENTI JEW DEPOŻITI MILL-ARKIVJI PUBBLIĊI JEW MINN UFFIĊĊJI PUBBLIĊI OĦRA

Ksur ta' siġilli.

**142.** (1) Kull minn jikser siġill imwaħħal b'ordni tal-awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

Traskuraġni tal-kustodju.

(2) Jekk f'dan il-ksur tkun tindaħal it-traskuraġni tal-kustodju, dan, għall-fatt biss tat-traskuraġni, jeħel l-istess piena msemmija fis-subartikolu (1).

(3) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-qorti tista' minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

Serq ikkwalifikat bi "ksur".

**143.** Kull serq li jsir bi ksur ta' siġilli mwaħħlin b'ordni tal-awtorità pubblika, jitqies bħala serq ikkwalifikat bil-mezz ta' "ksur".

Serq, eċċ., ta' dokumenti' eċċ., minn postijiet ta' depożitu pubbliku. *Emendat: XLIX. 1981.4; V. 2005.37; A.L. 407 tal-2007.*

**144.** (1) Kull min jieħu b'qerq, jiddistruġġi, ma jħallix sħaħ jew jisraq dokumenti, proċessi jew karti oħra, reġistri, atti jew xi ħwejjeġ oħra, li jkunu qegħdin fl-arkivji pubbliċi, jew f'uffiċċji oħra pubbliċi, jew li jkunu mogħtija f'idejn depożitarju jew uffiċjal ieħor pubbliku minħabba l-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Traskuraġni ta' uffiċjali.

(2) Jekk f'dan tkun tindaħal it-traskuraġni tal-arkivisti, reġistraturi, kanċillieri, nutari jew uffiċjali oħra, huma jeħlu, għall-fatt biss tat-traskuraġni, meta jinsabu ħatja, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sitt xhur jew il-multa.

(3) Meta l-qirda, mutilazzjoni, ħsara, jew bidla ta' xi ħaġa

minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1) issir minħabba f'nuqqas ta' prudenza, negliġenza, nuqqas ta' ħila f'sengħa jew professjoni jew minħabba fin-nuqqas ta' osservanza ta' xi regolament, il-ħati jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn disat elef tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (9,317.49) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

**145.** Meta xi wieħed mid-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jsir bi vjolenza fuq il-persuna, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin.

Ċirkostanza aggravanti ta' "vjolenza". *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**146.** *Imħassar bl-Att XVII.1996.19.*

Min jirtira b'qerq ittri u pakketti. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**147.** *Imħassar bl-Att XVII.1996.19.*

Min bil-qerq iżomm, eċċ., pakketti jew pakki postali. *Emendat: V. 1868.6; XVI. 1900.136; XLIX. 1981.4.*

**148.** *Imħassar bl-Att XVII.1996.19.*

Ftuħ bla jedd ta' ittri, eċċ., minn uffiċjali tal-posta. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**149.** *Imħassar bl-Att XVII.1996.19.*

Qirda ta' ittri, eċċ., minn uffiċjali tal-posta. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**150.** Barra minn fil-każijiet ta' traskuraġni msemmijin fl-artikoli 142 u 144, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu, ikun awtur f'wieħed mid-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jew konniventi fihom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għad-delitt, miżjuda bi grad, u l-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Piena iżjed gravi fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi.

---

### § FUQ IL-VJOLAZZJONI TA' POSTIJIET TA' KUSTODJA PUBBLIKA, FUQ IL-ĦARBA TA' ARRESTATI JEW SUSPETTI JEW IKKUNDANNATI U FUQ ĦABI TA' ĦATJIN

**151.** Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta' ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena.

Ħarba sempliċi ta' ikkundannat. *Sostitwit: VII. 1999.6.*

F'dan l-artikolu "priġunier" tfisser kull persuna li tkun miżmuma f'ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar.

Ħarba bi ksur.
*Sostitwit:*
*VII. 1999.6.*

**152.** Kull priġunier li jinsab ħati li ħarab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew minn xi sptar fejn ikun qiegħed għall-kura jew osservazzjoni, jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel, meta biex jaħrab issir vjolenza fuq xi persuna, jew bi ksur tal-postijiet imsemmija, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin, bla ħsara għal kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra.

F'dan l-artikolu "priġunier" għandha l-istess tifsira li ngħatat fl-artikolu 151.

Traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' min tkun lilu fdata l-kustodja, eċċ., tal-persuna li taħrab.
*Emendat:*
*XXI. 1971.15;*
*XLIX. 1981.4.*

**153.** Meta l-ħarba ta' arrestat jew ikkundannat issir bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb tal-persuna li lilha jkunu fdati l-kustodja, il-għassa jew it-trasport tiegħu, il-persuna li jkollha dan l-inkarigu teħel, meta tinsab ħatja -

(*a*) jekk min jaħrab ikun imputat jew ikkundannat għal delitt suġġett għall-piena mhux akbar minn sentejn priġunerija, inkella jkun taħt kustodja legali għal kull ħaġ'oħra li ma hix delitt, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur;

(*b*) jekk min jaħrab ikun imputat jew ikkundannat għal delitt suġġett għall-piena akbar minn sentejn priġunerija iżda mhux akbar minn ħames snin, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sitt xhur;

(*ċ*) jekk min jaħrab ikun imputat jew ikkundannat għal delitt suġġett għall-piena akbar minn ħames snin priġunerija, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

Konnivenza, eċċ., ta' persuna li jkollha l-kustodja, eċċ., tal-persuna li taħrab.
*Emendat:*
*XXI. 1971.16;*
*XLIX. 1981.4.*

**154.** Meta l-ħarba tal-arrestat jew ikkundannat issir bil-konnivenza jew bil-korruzzjoni ta' dawk li lilhom ikunu fdati l-kustodja, il-għassa jew it-trasport tiegħu, il-persuna li jkollha dan l-inkarigu, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-aħħar artikolu qabel dan, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija għaż-żmien li, għal kull każ, hu stabbilit f'dawk il-paragrafi, miżjuda grad u l-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Ċirkostanzi aggravanti.

**155.** Il-pieni stabbiliti fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan jiżdiedu bi grad, meta l-ħarba ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 152, jew billi jiġu mdaħħlin fil-post ta' kustodja jew ta' piena, għodod jew armi sabiex jgħinu l-ħarba.

Kompliċità ta' persuni li ma tkunx lilhom fdata l-kustodja, eċċ., tal-persuna li taħrab.
*Emendat:*
*IX. 1982.2.*

**156.** Kull min, għad li ma jkunux lilu fdati l-kustodja, il-għassa jew it-trasport ta' arrestat jew ta' ikkundannat, igħin il-ħarba tiegħu jew ikun kompliċi fiha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dawk li jkollhom dak l-inkarigu u li jkunu konniventi, imnaqqsa grad:

Iżda, fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, il-ħati jeħel l-istess piena stabbilita għal dawk li jkollhom dak l-inkarigu u li jkunu konniventi.

**157.** Kull min xjentement jagħti l-mezz sabiex issir il-ħarba minn Malta, ta' persuna akkużata b'delitt jew ta' arrestat jew ta' ikkundannat għal delitt, inkella ta' persuna li tkun taħt mandat ta' arrest għal delitt, jew ta' persuna li tkun għamlet delitt, għad li din il-persuna tkun għadha mhix ikkundannata, arrestata jew taħt mandat ta' arrest, jeħel, meta jinsab ħati - Għajnuna lil delinkwenti biex jaħarbu minn Malta. *Emendat: XXI. 1971.17; II. 1973.2; XLIX. 1981.4.*

(*a*) jekk dak id-delitt, rigward min jaħrab, ma jkunx suġġett għall-piena ta' iżjed minn sentejn priġunerija, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur;

(*b*) jekk dak id-delitt, rigward min jaħrab, ikun suġġett għall-piena ta' iżjed minn sentejn imma mhux aktar minn ħames snin priġunerija, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sitt xhur;

(*ċ*) jekk id-delitt, rigward minn jaħrab, ikun suġġett għall-piena ta' iżjed minn ħames snin priġunerija, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

**158.** Kull min, xjentement, jilqa' għandu jew iġiegħel lil ħaddieħor li jilqa' għandu persuna li kontra tagħha jkun hemm ordni ta' arrest għal reat suġġett għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Eżekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestaha għal dak ir-reat, jew li tkun ħarbet wara li tkun ġiet arrestata għal dak ir-reat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlett ijiem sa tliet xhur. Riċettazzjoni ta' delinkwenti. *Emendat: VIII. 1857.1; XXI. 1971.18; XLIX. 1981.4.*

**159.** Iżda l-mara u r-raġel, l-axxendenti u d-dixxendenti, l-aħwa subien u bniet, missier il-mara u misser ir-raġel, omm il-mara u omm ir-raġel, żewġ il-bint u mart l-iben, iz-zijiet u n-neputijiet, u l-kunjati tal-maħrubin jew ta' dawk li jiġu milqugħa, huma meħlusa mill-pieni stabbiliti fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan. Ħelsien mill-piena.

**160.** Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inklużivament igħoddu fil-każ ta' ħarba ta' persuni, miżmuma skont il-liġi, minn lok maħtur għall-kustodja tagħhom. Ħarba minn postijiet ta' kustodja. *Miżjud: I. 1903.6.*

§ FUQ IL-ĦSARAT F'MONUMENTI PUBBLIĊI

**161.** Kull min ikisser, iġarraf, jisfigura jew b'xi mod ieħor jagħmel ħsara lil monumenti, statwi jew oġġetti oħra ta' arti, li qegħdin għall-vantaġġ pubbliku jew għat-tisbiħ pubbliku u li jkunu ġew imwaqqfin mill-awtorità pubblika, jew bis-setgħa tagħha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar jew ta' multa ta' mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500): Ħsara fil-monumenti, eċċ. *Emendat: III. 2002.31; A.L. 407 tal-2007; XXIV. 2014.22.*

Iżda l-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tapplika waħda jew oħra mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

**162.** Kull min isir ħati ta' vjolazzjoni ta' oqbra, jew ta' postijiet ta' dfin, magħrufin bħala hekk minn kulħadd, jeħel il-piena ta' priġunerija minn disa xhur sa sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000). Vjolazzjoni ta' oqbra. *Emendat: III. 2002.32; A.L. 407 tal-2007; XXIV. 2014.23.*

Titolu IV

FUQ ID-DELITTI KONTRA S-SENTIMENT RELIĠJUŻ

*Miżjud: XXVIII. 1933.1.*

Tkasbir tar-Reliġjon Kattolika Apostolika Romana. *Miżjud: XXVIII. 1933.2.*

**163.** *Imhassar bl-Att XXXVII. 2016.3.*

Tkasbir ta' reliġjonijiet oħra tollerati mil-liġi. *Miżjud: XXVIII. 1933.2.*

**164.** *Imhassar bl-Att XXXVII. 2016.3.*

Tfixkil ta' servizzi reliġjużi. *Miżjud: XXVIII. 1933.2. Emendat; XXXVII. 2016.4.*

**165.** (1) Kull min ma jħallix li ssir jew ifixkel funzjoni, ċerimonja, jew servizz reliġjuż ta' kull reliġjon tollerata mil-liġi, illi jsiru bil-għajnuna ta' ministru tar-reliġjon jew f'lok ta' qima jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku,għandu, jekk l-impediment jew l-istorbju ma jikkawża ebda perikolu serju lill-ordni pubblika jeħel piena sa sitt xhur priġunerija u jekk jirriżulta dak il-perikolu serju, il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed.

(2) Jekk id-delitt isir bi vjolenza jew theddid kontra l-persuna, il-piena tkun ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn.

Titolu V

FUQ ID-DELITTI KONTRA L-FIDUĊJA PUBBLIKA

*Sub-titolu I*

FUQ IL-FALSIFIKAZZJONI TA' KARTA, TA' TIMBRI U TA' SIĠILLI

Falsifikazzjoni ta' obbligazzjonljiet tal-Gvern. *Emendat: XII. 1913.4; XLIX. 1981.4.*

**166.** (1) Kull min jiffalsifika obbligazzjoni tal-Gvern ta' somom li jkunu ngħataw b'self lill-Gvern, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

(2) L-istess piena tiġi mogħtija jekk il-falsifikazzjoni tkun tikkonsisti fi ftuħ ta' kreditu dwar dan is-self fil-kotba tat-Teżorerija tal-Gvern.

(3) Jekk il-falsifikazzjoni tkun tikkonsisti f'ġira ta' obbligazzjoni vera tal-Gvern, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Falsifikazzjoni ta' dokumenti. *Emendat: XII. 1913.5; XLIX. 1981.4.*

**167.** (1) Kull min jiffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar

sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

(2) L-istess piena tiġi mogħtija jekk id-delitt isir billi tiġi iffalsifikata partita fil-kotba ta' dak l-uffiċċju, bank jew stabbiliment ieħor, li jkollha x'taqsam mal-ħlas, oġġetti, depożiti, jew rahan hawn fuq imsemmijin.

(3) Meta l-falsifikazzjoni tkun tikkonsisti fil-ġira biss ta' ċeduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti li jkunu veri, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Falsifikazzjoni ta' obbligazzjonljiet tal-Gvern u dokumenti minn uffiċjali pubbliċi.
*Emendat: IV. 1882.1.*

**168.** (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, isir ħati ta' wieħed mid-delitti msemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dawk l-artikoli għal dak id-delitt, miżjuda bi grad.

(2) L-istess piena tiġi mogħtija lil kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi xjentement joħroġ mill-ġdid ordni għall-ħlas ta' flus jew xi wieħed mid-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, wara li jkun sar il-ħlas jew il-kunsinna tal-oġġetti li jistgħu jittieħdu bil-preżentata ta' dak l-ordni jew dokument.

Użu ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern jew ta' dokumenti foloz.

**169.** Kull min xjentement jagħmel użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena bħall-awtur.

Falsifikazzjoni ta' atti tal-Gvern, ġudizzjarji, jew uffiċjali.
*Emendat: XXVII. 1975.14; XLIX. 1981.4.*

**170.** (1) Kull min jiffalsifika xi att li jkun hemm fih ordni jew deċiżjoni tal-Gvern ta' Malta, u kull min jiffalsifika deċiżjoni, digriet jew ordni ta' xi qorti, imħallef, maġistrat jew uffiċjal pubbliku, illi bihom tiġi ordnata jew mitmuma obbligazzjoni, inkella mogħti jew miċħud xi jedd lil xi ħadd, inkella li bihom xi persuna tiġi meħlusa jew ikkundannata fuq akkuża kriminali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Użu ta' atti iffalsifikati.

(2) Kull min xjentement jagħmel użu minn dawn l-atti, deċiżjonijiet, digrieti jew ordnijiet iffalsifikati, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena bħall-awtur.

Falsifikazzjoni ta' atti jew użu ta' atti iffalsifikati minn uffiċjal jew impjegat pubbliku.

(3) Jekk il-ħati tad-delitti msemmijin f'dan l-artikolu jkun uffiċjal jew impjegat pubbliku li jkollu bħala dmir tiegħu speċjali li jikteb, jirreġistra jew li jarfa' dawn l-atti, deċiżjonijiet, digrieti jew ordnijiet, il-piena tiżdied bi grad.

Falsifikazzjoni tas-Siġill Pubbliku ta' Malta.
*Emendat: XV. 1937.3; XXVII. 1975.15; XLIX. 1981.4.*

**171.** Kull min jiffalsifika s-Siġill Pubbliku ta' Malta, jew xjentement jagħmel użu minn dan is-siġill iffalsifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Falsifikazzjoni ta' siġilli, timbri jew marki oħra tal-Gvern.
*Emendat: XLIX. 1981.4; III. 2002.33.*

**172.** (1) Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, jiffalsifika siġilli, timbri jew marki oħra, li qegħdin sabiex jissiġillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiċċertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti, sew jekk ta' proprjetà pubblika jew privata, jew li jkunu qegħdin taħt il-garanzija pubblika, jeħel, meta jinsab

ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Użu ta' siġill, timbru jew marka iffalslfikati.

(2) Kull min xjentement jagħmel użu minn dawn is-siġilli, timbri jew marki u kull min xjentement u mingħajr awtorità leġittima jkollu fil-pussess tiegħu l-imsemmija oġġetti, jeħel l-istess piena.

Falsifikazzjoni ta' frankobolli u użu tagħhom. *Miżjud: XVI. 1900. 137. Emendat: XLIX. 1981.4.*

**173.** Kull min jiffalsifika frankobolli, jew xjentement jagħmel użu ta' frankobolli iffalsifikati, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Pussess ta' frankobolli iffalsifikati, konnijiet, eċċ. *Miżjud: XVI. 1900.137. Emendat: XXVII. 1975.16.*

**174.** (1) Kull min, mingħajr permess speċjali tal-Gvern, xjentement iżomm fil-pussess tiegħu frankobolli iffalsifikati, konnijiet, makni jew għodod iddestinati għall-fabbrikazzjoni ta' frankobolli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u tal-aħħar artikolu qabel dan jgħoddu wkoll għal kull frankoboll li jġib fuqu dritt ta' posta ta' pajjiż stranġier.

Xiri jew pussess ta' karta qabel ma tiġi stampata jew maħruġa regolarment. *Miżjud: XVI. 1900.137. Emendat: VIII. 1909.9.*

**175.** L-istess piena msemmija fl-artikolu 173 tiġi mogħtija lil kull persuna li, bla setgħa jew raġuni skont il-liġi, (u ta' din, il-prova tmiss lill-persuna akkużata), xjentement, tixtri jew tirċievi, jew tieħu jew ikollha fil-kustodja jew pussess tagħha, karta li tinħadem jew tinħareġ mill-Gvern ta' Malta biss, jew taħt l-ordnijiet tiegħu, sabiex tiġi wżata bħala *envelopes*, faxex jew frankobolli tal-posta, u sabiex tieħu fuqha l-impressjoni ta' konnijiet, pjanċi jew għodod oħra ipprovduti, magħmulin jew użati taħt it-triġija tal-Gvern għal skopijiet postali, qabel ma din il-karta tkun ġiet stampata b'dik l-impressjoni u tkun ġiet maħruġa għall-użu tal-pubbliku.

Tifsir ta' falsifikazzjoni tas-Siġill Pubbliku ta' Malta, ta' timbri, eċċ.

**176.** Hemm il-falsifikazzjoni fis-sens tal-artikoli 171 u 172, mhux biss meta ssir il-għodda falza jew meta din tiġi applikata, iżda wkoll meta jsir użu falz tal-għodda vera.

Piena lill-uffiċjali pubbliċi li jiffalsifikaw is-Siġill Pubbliku ta' Malta, timbri, eċċ.

**177.** Jekk il-ħati ta' xi wieħed mid-delitti msemmijin fl-artikoli 171, 172 u 176 ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku li jkollu d-dmir tat-triġija, tal-irfigħ, jew tal-użu sewwa tas-siġilli, timbri jew għodod oħra, il-piena tiżdied bi grad.

Ħelsien mill-piena. *Sostitwit: IX. 1982.2.*

**178.** Kull persuna ħatja ta' xi wieħed mid-delitti msemmija fl-artikoli mill-166 sal-177, it-tnejn inklużi, tkun eżentata mill-piena jekk, qabel ma jkun ġie ikkunsmat dak id-delitt u qabel ma jinbdew xi proċedimenti, tagħti l-ewwel tagħrif dwaru u tikxef l-awturi mal-awtoritajiet kompetenti.

*Sub-titolu II*

FUQ IL-FALSTFIKAZZJONI TA' SKRITTURI OĦRA PUBBLIĊI JEW PRIVATI

**179.** Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fis-sub-titolu ta' qabel dan, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu, jagħmel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi jdaħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Falsifikazzjoni ta' atti minn uffiċjal pubbliku. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**180.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, meta jikteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, ibiddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi jniżżel pattijiet diversi minn dawk li jkunu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi jiddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma jkunux, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan jew il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Tibdil b'qerq f'atti magħmul minn uffiċjal pubbliku. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**181.** Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li joħroġ minn taħt idejh skrittura f'forma legali, u jagħtiha bħala kopja ta' att pubbliku meta dan l-att ma jkunx jeżisti, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Għoti ta' skritturi li falsament jidhru bħala kopji ta' atti pubbliċi li ma jeżistux. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**182.** (1) Tingħata l-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan meta l-falsifikazzjoni mill-uffiċjal jew impjegat pubbliku ssir fuq kopja legali u awtentika, billi joħroġha minn taħt idejh bis-saħħa tal-kariga tiegħu, b'mod kuntrarju jew xort'oħra mill-oriġinal, mingħajr ma l-oriġinal ikun ġie mbiddel jew meqrud.

Għoti ta' kopja ta' atti xort'oħra mill-oriġinal.

(2) Jekk il-kopja tiġi hekk maħruġa bi traskuraġni biss tal-uffiċjal jew impjegat pubbliku, huwa jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-multa.

Piena f'każ ta' traskuraġni.

**183.** Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku. *Emendat: VI. 1871.10; XLIX. 1981.4.*

**184.** Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.

Min xjentement jagħmel użu minn dokumenti foloz.

**185.** (1) Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.

Għoti ta' dikjarazzjonijiet jew ċertifikati foloz. *Emendat: VI. 1871.11; XXXVIII. 1973.3; XLIX. 1981.4.*

(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

Min xjentement jagħmel użu minn dikjarazzjonijiet jew ċertifikati foloz.

**186.** Kull min xjentement jagħmel użu minn wieħed mid-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena stabbilita għall-awtur.

Falsifikazzjoni fi skritturi privati. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**187.** (1) Kull min, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Min xjentement jagħmel użu minn skrittura privata falza.

(2) Kull min xjentement jagħmel użu minnha, jeħel l-istess piena.

Dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika. *Miżjud: XIII. 1980.4.*

**188.** (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.

(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.

---

*Miżjud: XLIX. 2016.9.*

## Sub-titolu III

## DWAR IL-FALSIFIKAZZJONI TA' FLUS

Referenza għal flus. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

**188A.** Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-Sub-titolu, kull referenza għal "flus" hija referenza għall-karti tal-flus euro jew muniti euro jew kull biljett ieħor jew munita oħra tal-flus, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkun jew tkun valuta legali fil-pajjiż barra minn Malta fejn ikun ġie maħruġ jew tkun ġiet maħruġa u li hu maħsub jew hi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni bħala valuta legali wkoll jekk ikun għadu ma ġiex maħruġ jew tkun għadha ma ġietx maħruġa.

Falsifikazzjoni u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' flejjes. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

**188B.** (1) Kull min b'qerq jagħmel, jibdel jew jiffalsifika xi flus jew iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni xi flus falsifikati li jkun jaf li huma falsifikati jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sentejn u mhux iżjed minn disa' snin:

Iżda meta l-flus falsifikati jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni minn persuna li tagħti prova li fiż-żmien li fih ġew f'idejha jew fil-pussess tagħha ma kenitx taf li kienu flus falsifikati, il-piena tiġi ridotta għal żmien ta' priġunerija għal mhux anqas minn xahrejn u mhux iżjed minn tliet snin.

(2) Kull min jagħmel użu minn xi faċilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura xi flus bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jintużaw dawk il-faċilitajiet jew dak il-materjal jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien mhux inqas minn sentejn u mhux iżjed minn għaxar snin.

Importazzjoni, esportazzjoni, trasport u pussess ta' flus falsifikati. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

**188Ċ.** Kull min mingħajr awtorità legali jimporta, jesporta, jittrasporta, jixtri, jirċievi, jikseb jew ikollu taħt il-kustodja jew pussess tiegħu flus falsifikati li jkun jaf li l-istess ikunu falsifikati jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.

Għemil, aċċettazzjoni, kisba jew pussess ta' karta jew għodod għal falsifikazzjoni. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

**188D.** Kull min mingħajr awtorità legali -

(*a*) jagħmel, jirċievi, jikseb, juża, jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi karta maħsuba biex tixbah u biex tgħaddi bħala karta speċjali bħal dik provduta u użata għall-għemil ta' xi biljett tal-flus, jew xi karta speċjali bħal dik imsemmija;

(*b*) jagħmel, jirċievi, jikseb, juża, jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi tilar, forma jew strument biex jagħmel dik il-karta, jew biex jipproduċi f'dik jew fuq dik il-karta xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, jew disinji, partikolari għal u użati f'xi karta bħal dik imsemmija jew fuqha;

(*ċ*) jagħmel inċiżjoni jew b'xi mod ieħor jagħmel fuq pjanċa, injam, ġebla jew materjal ieħor, jew jipproduċi f'forma elettronika jew diġitali xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, jew disinji, li l-istampar tagħhom jixbah għal kollox jew f'parti l-kliem, figuri, ittri, marki, linji, jew disinji, partikolari għal u użati f'xi flus jew fuqhom;

(*d*) jagħmel, jirċievi, jikseb, juża jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu xi pjanċa, injam, ġebla, jew materjal ieħor, jew xi apparat ieħor ta' ħżin elettroniku jew diġitali li fuqhom xi kliem, ittri, figuri, marki, linji, jew disinji, ikunu ġew inċiżi, prodotti jew maħżunin f'forma elettronika jew diġitali, jew b'xi mod ieħor magħmula kif intqal qabel;

(*e*) jagħmel, jirċievi, jikseb, juża jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu xi karta jew kwalunkwe materjal ieħor li fuqu xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, disinji, ologrammi jew komponenti oħra jew dettalji ta' sigurtà li huma maħsuba għal kontra l-falsifikazzjoni li jkunu ġew stampati jew b'xi mod ieħor magħmula kif intqal qabel;

(*f*) jagħmel, jirċievi, jikseb, juża jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu strumenti, oġġetti, programmi tal-kompjuter u data, u mezzi oħra speċifikament adattati għall-falsifikazzjoni jew tibdil ta' flus;

(*g*) jagħmel, jirċievi, jikseb, juża jew xjentement ikollu

fil-kustodja jew pussess tiegħu xi konn jew strument ieħor jew makna esklużivament maħsuba għall-għemil ta' muniti, jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.

Mutilazzjoni u sfigurazzjoni ta' flus. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

**188E.** Kull min mingħajr awtorità legali jew skuża leġittima jew raġonevoli jimmutila, jaqta', iqatta', idewweb, iħassar jew jipperfora b'toqob, xi flus jew b'xi mod jisfigura xi flus b'kitba, stampar, tpinġija, jew b'xi mezz ieħor li jkun jew b'timbrar fuqhom jew billi jwaħħal jew iżid magħhom xi ħaġa ta' natura jew forma ta' reklam, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn mija u ħmistax-il euro (€115).

Konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

**188F.** Jekk, waqt proċeduri kriminali, il qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qerda ta' flus falsifikati, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta u għandha, jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali ta' Malta, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-flus lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex jinflew minnu.

Midalji u *tokens* li jixbhu l-muniti euro. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

188G.(1) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u *tokens* li jixbhu l-muniti euro, u kif sussegwentement emendat, kull min, ħlief jekk dan ikollu l-awtorità tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, jipproduċi, ibigħ, jimporta jew iqassam għal skopijiet ta' bejgħ jew għal skopijiet kummerċjali oħra midalji u *tokens*, għajr midalji jew *tokens* eżenti, kif previst fir-Regolament imsemmi, li jixbhu l-muniti euro, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf euro (€23,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx għal midalji u *tokens* li jkunu ħarġu qabel is-6 ta' Diċembru 2004.

Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi. *Miżjud: XLIX. 2016.9.*

**188H.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 121D u 248E(4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal reati taħt l-artikoli 188B sa 188D.

---

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JGĦODDU GĦAL DAN IT-TITOLU

Każijiet oħra ta' falsifikazzjoni u użu ta' dokumenti foloz. *Emendat: IX. 1911.10. Sostitwit: V. 1956.16.*

**189.** Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

Tifsira ta' dokument, eċċ. *Miżjud: III. 2002.34.*

**189A.** Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, "dokument", "għodda", "skrittura" u "ktieb" jinkludu kull kartonċina, *disc*, *tape*, *soundtrack* jew mezz ieħor li fuqu jew fih tkun jew tista' tiġi rregistrata u maħżuna informazzjoni b'mezzi mekkaniċi, elettroniċi

jew mezzi oħra.

**190.** Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni magħmulin minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa għandha dejjem tiżdied mal-piena stabbilita għad-delitt.

Żieda tal-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

## Titolu VI

## FUQ ID-DELITTI KONTRA L-KUMMERĊ PUBBLIKU

*Emendat: XI. 1900.23.*

### FUQ ID-DELITTI FIL-FALLIMENTI

**191.** Hu ħati ta' falliment doluż u jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin, il-kummerċjant fallut li jinsab f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Falliment doluż. *Emendat: IX. 1859.12; VI. 1871.12; XI. 1900.23; XLIX. 1981.4.*

(*a*) jekk jaħbi jew jiffalsifika l-kotba tiegħu;

(*b*) jekk jagħmel użu ħażin, jaħbi jew, juri xort'oħra xi parti mill-attiv tiegħu;

(*ċ*) jekk juri djun li ma jeżistux;

(*d*) jekk fil-kotba tiegħu jew fi skritturi pubbliċi jew privati b'qerq jistqarr ruħu debitur ta' somom li ma jkollhomx jingħataw.

**192.** Hu ħati ta' falliment sempliċi u jeħel il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena, il-kummerċjant fallut li jinsab f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Każijiet li jagħtu lok għal falliment sempliċi. *Emendat: IX. 1859.13; VI. 1871.12; XI. 1900.23.*

(*a*) jekk l-ispejjeż persunali tiegħu jew dawk tal-familja tiegħu kienu iżjed milli jmisshom għall-mezzi tiegħu;

(*b*) jekk ikun ħela biċċa kbira minn ħwejġu f'operazzjonijiet għal kollox tal-fortuna jew biċ-ċar imprudenti;

(*ċ*) jekk, sabiex ibiegħed għal xi żmien il-falliment tiegħu, jixtri merkanzija bil-ħsieb li jerġa' jbiegħha taħt il-prezz tas-suq, u fil-fatt ikun hekk biegħha, inkella jirrikorri għal self ta' flus, għal ġiri ta' dokumenti kummerċjali inkella għal xi mezzi oħra li jġibu rvina, biex jikseb kapitali;

(*d*) jekk, wara li jieqaf mill-ħlasijiet, jibqa' jikkummerċja;

(*e*) jekk, wara li jieqaf mill-ħlasijiet, iħallas lil xi kreditur jew jagħtih preferenza bla ma tkun tmissu bi ħsara tal-massa tal-kredituri:

Iżda, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tniżżel il-piena msemmija f'dan l-artikolu minn wieħed sa tliet gradi.

**193.** Kull sensal illi, fil-kors tax-xogħol tiegħu abitwali, ifalli, jeħel il-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Falliment ta' sensal. *Emendat: XI. 1900.23.*

Ċirkostanzi li jistgħu jagħtu lok għal falliment sempliċi.
*Emendat: XI. 1900.23.*

**194.** Jista' jiġi iddikjarat ħati ta' falliment sempliċi u jeħel il-pieni msemmijin fl-artikolu 192, il-kummerċjant fallut li jinsab f'wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk ma jkunx żamm il-kotba meħtieġa mil-liġi, jew żammhom ħażin, jew jekk dawn il-kotba ma jkunux juru l-istat veru tal-attiv u l-passiv tiegħu;

(*b*) jekk, meta jkun imħarrek legalment biex jiġi mistoqsi quddiem l-awtorità kompetenti, ma jidhirx, bla ma jkun impedut għal raġuni xierqa, fiż-żmien li jiġi lilu mogħti għaldaqshekk.

Kompliċità fil-falliment.
*Emendat: XI. 1900.23.*

**195.** Huma kompliċi f'falliment dawk biss li jiftiehmu mal-fallut biex jiffrodaw il-kredituri tiegħu:

Iżda ma jistgħux ikunu akkużati bħala kompliċi -

(*a*) dawk illi, għad li jkunu wrew krediti li ma kellhomx kontra l-fallut, ma jkunux talbu dawn il-krediti fil-proċeduri tal-falliment, la f'isimhom u lanqas bil-mezz ta' ħaddieħor;

(*b*) dawk illi, għad li jkunu ftiehmu mal-fallut biex hu jagħmel użu ħażin minn parti mill-attiv tiegħu jew biex jaħbi jew juri xort'oħra parti mill-attiv tiegħu, ikunu l-ewwel nies li jgħarrfu b'dan il-fatt lill-awtorità kompetenti, u jagħtu jew juru l-mezzi li bihom jistgħu jinsabu l-ħwejjeġ li minnhom ikun sar użu ħażin, jew li ġew moħbija jew li l-fallut ikun wera xort'oħra.

---

## TITOLU VII

## FUQ ID-DELITTI LI JATTAKKAW IL-BON-ORDNI TAL-FAMILJI

---

### *Sub-titolu I*

### FUQ ID-DELITTI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAD-DMIRIJIET TAL-MEMBRI TAL-FAMILJI LEJN XULXIN

Bigamija.
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

**196.** Min mill-miżżewġin, fil-waqt li jkun iseħħ żwieġ leġittimu, jagħmel żwieġ ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin.

Bigamija li tinvolvi unjoni ċivili.
*Miżjud: IX. 2014.15.*
Kap. 530.

**196A.** Ir-reat previst fl-artikolu 196 jiġi mwettaq ukoll u l-pieni provduti f'dak l-artikolu għandhom japplikaw ukoll għal kull sieħeb, f'unjoni ċivili li tkun ġiet kuntrattata jew li tkun rikonoxxuta taħt l-Att dwar l-Unjonijiet Ċivili, illi filwaqt li unjoni ċivili valida tkun fis-seħħ jidħol f'unjoni ċivili oħra jew fi żwieġ u għal kull persuna li waqt żwieġ validu tikkuntratta unjoni ċivili.

**197.** (1) L-axxendent mid-demm jew bi żwieġ illi, bi vjolenza jew b'theddid iġiegħel, jew bil-qerq, iħajjar għall-prostituzzjoni lid-dixxendent taħt l-età, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Prostituzzjoni tad-dixxendent taħt l-età minn axxendent, *Emendat: VIII. 1900.10; XIV. 1918.2; XLVI. 1973.108; XLIX. 1981.4; IV. 1994.3; II 2014.2.*

(2) L-istess piena tingħata lir-raġel jew lill-mara jew lit-tutur illi, bi vjolenza jew b'thedida, iġiegħel jew iġġiegħel, jew, bil-qerq, iħajjar jew tħajjar għall-prostituzzjoni lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha, li jkunu taħt l-età, jew lill-minuri li tiegħu jkollu jew ikollha t-tutela.

ta' mara miżżewġa jew ta' raġel miżżewweġ taħt l-età, jew ta' minuri, mir-raġel jew mill-mara jew mit-tutur,

(3) L-axxendent jew ir-raġel jew il-mara illi, bi vjolenza jew b'theddid, iġiegħel jew iġġiegħel, jew, bil-qerq iħajjar jew tħajjar għall-prostituzzjoni lid-dixxendent jew lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha, li jkunu tal-età, jeħel jew teħel, meta jinsabu ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

ta' dixxendent jew mara miżżewġa jew raġel miżżewweġ, tal-età, minn axxendent jew mir-raġel jew mill-mara.

(4) Il-kundanna taħt dan l-artikolu ġġib it-telfa ta' kull awtorità u ta' kull jedd mogħtija lill-ħati fuq il-persuna jew il-beni tar-raġel jew tal-mara jew tad-dixxendent li bi ħsara tiegħu jew tagħha jkun sar ir-reat, u, għat-tutur, it-tneħħija tiegħu mit-tutela u l-interdizzjoni perpetwa mill-eżerċizzju ta' kull kariga oħra ta' tutur:

Konsegwenzi tal-kundanna.

Iżda meta d-drittijiet tal-ħati fuq il-persuna li bi ħsara tiegħu jew tagħha jkun sar ir-reat ikun jikkonsisti fi drittijiet tal-awtorità tal-ġenituri t-telfa li hemm provdut dwarha f'dan is-subartikolu ma għandhiex tapplika awtomatikament imma tista' tkun imposta mill-qorti wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u meta tkun qed timponi dik it-telfa, il-qorti tista' wkoll timponi kondizzjonijiet:

Iżda wkoll li fil-każijiet imsemmija fil-proviso hawn qabel il-qorti tista', meta jsir rikors mill-ħati, biss wara li tkun ħatret kull espert li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li taħtar, tneħħi jew tvarja l-kondizzjonijiet tat-telfa, wara li tkun sodisfatta li bidla materjali fiċ-ċirkustanzi tiġġustifika dik ir-revoka jew varjazzjoni ta' kondizzjonijiet.

---

*Sub-titolu II*

FUQ ID-DELITTI SESSWALI

*Emendat: XI. 1900.24. Sostitwit: XXXVII. 2016.5*

**198.** Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Stupru vjolent. *Emendat: XI. 1900.26; XLIX. 1981.4.*

Serq ta' persuna.
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4.*

**199.** (1) Kull min jisraq persuna bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuża minnha jew li jiżżewwiġha, jeħel, fl-ewwel każ, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, u, fit-tieni każ, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tmintax-il xahar.

(2) Il-pieni msemmijin fis-subartikolu (1) jgħoddu għal kull min jisraq, b'qerq jew b'seduzzjoni, persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena, li tkun taħt is-setgħa tal-ġenituri jew ta' tuturi, jew taħt ħsieb ħaddieħor, jew f'lok ta' edukazzjoni.

Meta l-ħati jagħti lura l-persuna misruqa.
*Emendat:*
*VIII. 1909.15;*
*IV. 1994.4.*

**200.** (1) Jekk il-ħati taħt l-aħħar artikolu qabel dan, jitlaq minrajh, fi żmien ta' erbgħa u għoxrin siegħa, lill-persuna misruqa mingħajr ma jkun abbuża minnha, u jagħtiha lura lill-familja tagħha, jew fid-dar tal-kustodja tagħha, inkella jqegħedha f'lok ieħor fiż-żgur, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

Jekk il-ħati jiżżewweġ lill-persuna misruqa.

(2) F'dan il-każ, jekk il-ħati, wara li jisraq persuna, jiżżewweġ lil dik il-persuna, ma jittieħed ebda proċediment kontra tiegħu jekk mhux bi kwerela tal-persuna li, il-kunsens tagħha, skont il-liġijiet ċivili, hu meħtieġ għaż-żwieġ; u jekk iż-żwieġ isir wara l-kundanna, l-effetti tal-kundanna jispiċċaw, u l-ikkundannat, fuq talba tiegħu, jiġi meħlus minnufih b'ordni tal-qorti.

Meta l-istupru u l-attentat għall-pudur jitqiesu vjolenti.
*Emendat:*
*XI. 1900.27.*

**201.** L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolent -

(*a*) meta jsir fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena;

(*b*) meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.

Ċirkostanzi aggravanti.
*Emendat:*
*XI. 1900.28;*
*XX. 2005.11;*
*IV. 2014.4.*

**202.** Il-piena stabbilita għad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, tiżdied bi grad swa żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-ħati jkun inqeda bil-kwalità tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, jew meta jkun seftur tal-persuna offiża, b'salarju jew ħlas ieħor;

(*b*) meta d-delitt isir minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena;

(*ċ*) meta d-delitt isir fuq priġunier mill-persuna li jkollha l-inkarigu tal-kustodja jew tat-trasport ta' dak il-priġunier;

(*d*) meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jiġi mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed;

(*e*) meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jagħmel użu minn armi regulari;

(*f*) meta l-persuna li fuqha jkun sar id-delitt, jew persuna oħra li tkun resqet biex tagħtiha għajjut, tiġi offiża fuq il-persuna;

(*g*) jekk il-persuna li fuqha jsir l-istupru tkun minuri;

(*h*) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':

(i) il-konjuġi; jew

(ii) l-ħu jew l-oħt; jew

(iii) axxendent jew dixxendent naturali; jew

(iv) xi persuna oħra li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-ħati; jew

(v) xi persuna oħra li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati matul perjodu ta' sena qabel ir-reat; jew

(vi) persuna oħra li tkun jew kienet kemm formalment kemm informalment għarusa bil-ħsieb li tiżżewweġ; jew

(vii) persuni oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi żwieġ sat-tielet grad inklużivament:

Iżda li f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi lill-persuna li ż-żwieġ tagħha mal-ħati jkun ġie xolt jew dikjarat null;

(*i*) meta d-delitt isir quddiem minuri jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir;

(*j*) id-delitt, jew id-delitti relatati, saru ripetutament;

(*k*) id-delitt sar kontra persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2);

(*l*) id-delitt sar bit-theddida ta' arma;

(*m*) id-delitt wassal għal ħsara ħarxa fiżika jew psikoloġika għall-vittma;

(*n*) min wettaq id-delitt ikun qabel ġie misjub ħati ta' delitt ta' xorta simili.

Korruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-età.
*Emendat:*
*III. 1885.1;*
*VIII. 1909.16;*
*XIV. 1918.3;*
*II. 1973.4;*
*XLIX. 1981.4;*
*IV. 1994.5.*

**203.** (1) Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

Ċirkostanzi aggravanti.

Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;

(*b*) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;

(*ċ*) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.

L-art. 197 (4) igħodd għal dan id-delitt.

(2) Id-disposizzjoni tal-artikolu 197(4) tgħodd ukoll għad-delitt imsemmi f'dan l-artikolu, meta d-delitt isir minn axxendent jew tutur.

Kwerela tal-parti offiża.

(3) Għad-delitt taħt dan l-artikolu ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża:

Meta l-kwerela mhix ammissibbli.

Iżda, jekk id-delitt ma jkunx akkumpanjat minn waħda miċ-ċirkostanzi ta' fatt jew ta' persuna msemmijin fis-subartikolu (1)(*a*), (*b*) u (*ċ*), il-kwerela ma tkunx iżjed ammissibbli wara sena minn dak in-nhar li jkun sar il-fatt jew li tkun saret taf bih il-persuna li jkollha jedd tagħmel il-kwerela minflok il-parti offiża:

Proċediment *ex officio*.

Iżda, ukoll, jitmexxa *ex officio* -

(*a*) fil-każijiet imsemmijin fil-*proviso* tal-artikolu 544;

(*b*) meta l-egħmil isir b'abbuż tas-setgħa ta' ġenitur jew ta' tutur.

Istigazzjoni, eċċ., ta' korruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-età. *Miżjud: III. 2002.35.*

**203A.** Kull min, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1), jeċċita, jgħin jew jiffaċilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-età tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 203(2) u (3) jgħoddu, *mutatis mutandis*, għal delitt taħt dan l-artikolu:

Iżda l-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fil-proviso li hemm għall-artikolu 203(1).

Tħajjir, eċċ., għall-prostituzzjoni ta' persuni ta' taħt l-età. *Miżjud: XIV. 1918.4. Emendat: IX. 1935.2; XLIX. 1981.4; XXIX. 1990.6; IV. 1994.6; IV. 2014.5.*

**204.** (l) Kull min, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iħajjar għall-prostituzzjoni persuna ta' taħt l-età, jew jeċċita l-korruzzjoni tagħha, jew igħin jew jiffaċilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

Ċirkostanzi aggravanti.

Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn tlieta sa disa' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' tnax-il sena;

(*b*) jekk id-delitt isir b'qerq;

(*ċ*) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, mill-missier jew l-omm adottivi, mir-raġel jew mill-mara jew mit-tutur tal-persuna minuri, inkella minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu;

(*d*) jekk id-delitt isir bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qligħ.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 197(4) jgħoddu wkoll għad-delitti msemmijin f'dan l-artikolu, meta d-delitt isir mir-raġel, jew mill-mara, minn axxendent jew mit-tutur.

**204A.** (1) Kull min -

(*a*) bi vjolenza, theddid, sfurzar jew forza jġiegħel persuna ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew biex tipparteċipa f'wirja pornografika, jew

(*b*) xjentement jagħmel qligħ jew jikseb xi benefiċċju mill-imġiba msemmija fil-paragrafu (*a*),

jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien minn tlieta sa tnax-il sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Istigazzjoni bi vjolenza ta' persuni ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew għal parteċipazzjoni f'wirja pornografika. *Miżjud: XXXI. 2007.11. Emendat: IV. 2014.6.*

(2) Il-piena għar-reat imsemmi fis-subartikolu (1)(*b*) għandha tiżdied bi grad, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(*b*) meta r-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(*ċ*) meta r-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1);

(*d*) fejn l-akkużat jabbuża minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq persuna taħt l-età.

**204B.** (1) Kull min sabiex jissodisfa ż-żina ta' xi persuna oħra iqabbad, jingaġġa jew jikkawża persuna taħt l-età fil-prostituzzjoni, jew jipparteċipa f'atti pornografiċi jew jiggwadanja minn jew b'mod ieħor jisfrutta persuna taħt l-età għal dawn l-għanijiet, jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn sentejn sa disa' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Tħajjir ta' persuni ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew għal parteċipazzjoni f'wirja pornografika. *Miżjud: XXXI. 2007.11. Emendat: IV. 2014.7.*

(2) Ir-reat għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn tliet snin sa tnax-il sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(*b*) meta r-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(*ċ*) meta r-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1);

(*d*) meta l-akkużat jabbuża minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq persuna taħt l-età.

**204Ċ.** (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-età. *Miżjud: XXXI. 2007.11. Emendat: IV. 2014.8.*

(2) Ir-reat għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn erba' sa tnax-il sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk ir-reat isir bi vjolenza, sforz, forza jew theddid;

(*b*) meta jingħataw flus jew għamliet oħra ta' rimunerazzjoni jew korrispettiv b'kumpens għall-

persuna li tkun qegħda tipparteċipa fl-attivitajiet sesswali;

(*ċ*) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq tali persuna u tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (*d*);

(*d*) iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (*b*) huma dawn li ġejjin:

(i) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(ii) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(iii) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1).

Attivitajiet sesswali illegali.
*Miżjud: VII. 2010.9.*
*Emendat: IV. 2014.9.*

**204D.** (1) Kull min:

(*a*) iġiegħel, jagħmel pressjoni fuq, jisforza jew jhedded persuna ta' taħt l-età biex tipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' xi persuna oħra; jew

(*b*) xjentement iġiegħel, għal skopijiet sesswali, persuna ta' taħt l-età sabiex tkun preżenti waqt abbuż sesswali jew attivitajiet sesswali, ukoll jekk dik il-persuna ma tasalx biex tkun imġiegħla tieħu sehem fl-attivitajiet; jew

(*ċ*) xjentement iġiegħel, għal skopijiet sesswali, persuna ta' taħt l-età sabiex tipparteċipa f'imġiba espliċitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluż permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni; jew

(*d*) jieħu sehem f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età, f'liema attività jkollha x'taqsam l-prostituzzjoni ta' tfal; jew

(*e*) xjentement jattendi wirja pornografika li fiha jieħdu sehem xi tfal ta' taħt l-età,

jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tlieta sa għaxar snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

(2) Il-piena għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad wieħed, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(*b*) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(*ċ*) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1);

(*d*) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq persuna taħt l-età.

**205.** Kull min, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iġiegħel bil-vjolenza, jew iħajjar b'qerq, persuna tal-età, għall-prostituzzjoni, jekk il-fatt ma jkunx jikkostitwixxi delitt akbar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

Min iġiegħel jew iħajjar għall-prostituzzjoni persuna tal-età.
*Miżjud: XIV. 1918.4. Emendat: XLIX. 1981.4. Sostitwit: IV. 1994.7. Emendat: IV. 2014.10.*

Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin, jekk id-delitt isir -

(*a*) b'abbuż ta' awtorità, ta' fiduċja jew ta' relazzjonijiet familjari; inkella

(*b*) bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ.

**206.** Id-delitti msemmijin f'dan it-Titolu li sabiex isiru jeħtieġ li jkun hemm konġunġiment karnali, għandhom jitqiesu ikkunsmati bil-bidu tal-konġunġiment, mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova ta' atti oħra.

Prova ta' konġunġiment karnali.
*Sostitwit: II. 1973.6.*

**207.** Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena:

Attentat għall-pudur bil-vjolenza.
*Emendat: VI. 1871.13; XI. 1900.30; VIII. 1909.17; XLIX. 1981.4.*

Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad.

**208.** (1) Kull min juri jew jippermetti li juri xi materjal pornografiku f'post pubbliku jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn tlett elef euro (€3,000).

Wiri ta' materjal pornografiku f'postijiet pubbliċi.
*Miżjud: XXVII. 1975.17. Emendat: A.L. 407 tal-2007; VII. 2010.10. Sostitwit: XXXVII. 2016.6.*

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "post pubbliku" tfisser kull post li għalih il-pubbliku jkollu jew li għandu l-permess li jkollu aċċess, kemm bi ħlas jew xort'oħra:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu "post pubbliku" m'għandux jinkludi xi post li għalih il-pubbliku għandu l-permess li jkollu aċċess bi ħlas biss li hu jew jinkludi ħlas għall-imsemmija wirja, jew għal xi ħanut jew stabbiliment, jew għal kull parti ta' dak il-ħanut jew stabbiliment, li għalih il-pubbliku jista' jikseb aċċess biss billi jgħaddi lil hinn minn avviż ta' twissija adegwata:

Iżda wkoll li dawn l-esklużjonijiet għandhom japplikaw biss meta minorenni ma jkollhomx permess jidħlu waqt li l-wirja in kwistjoni tkun għaddejja.

(3) Dan l-artikolu m'għandux japplika għal kull materjal:

(*a*) li jkun inkluż minn kull persuna f'servizz ta' xandira televiżiva regolata mill-Awtorità tax-Xandir fit-tifsira tal-Att dwar ix-Xandir; jew

Kap. 350.

(*b*) li jkun inkluż fil-wirja ta' xi gallerija tal-arti jew mużew u viżibbli biss ġewwa l-gallerija jew mużew fejn l-organizzatur tal-wirja jkun ħa l-prekawzjonijiet raġonevoli għall-ħarsien tal-minorenni; jew

(*ċ*) li jkun inkluż f'wirja tal-*films* li tkun soġġetta għar-Regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni tal-Età dwar il-Pellikoli u l-Palk; jew

L.S. 542.01

(*d*) li b'mod ieħor iservi għall-ġid pubbliku fuq il-bażi li jkun fl-interess tax-xjenza, letteratura, arti jew tagħlim jew oġġetti oħra ta' tħassib ġenerali.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, materjal għandu jinkludi dak kollu li jkun kapaċi jiġi muri, ħlief li ma jkunx jinkludi ġisem uman attwali jew xi parti minnu u xejn f'dan l-artikolu ma għandu jiġi mfisser bħala li jippermetti xi wirja diretta u attwali ta' attività sesswali li tkun tinvolvi l-organi sesswali u li ssir biss jew prinċipalment għall-iskop ta' tqanqil sesswali. Fid-determinazzjoni għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk kull materjal għall-wiri jkunx pornografiku:

(*a*) għandu jiġi injorat kull parti minn dak il-materjal li ma jkunx espost għall-wiri;

(*b*) jista' jittieħed kont tal-effett ta' tqegħid ta' ħaġa waħda ma' oħra.

(5) Avviż ta' twissija m'għandux ikun adegwat għall-finijiet ta' dan l-artikolu sakemm ma jkunx konformi mal-ħtiġiet li ġejjin:

(*a*) l-avviż ta' twissija għandu jkollu l-kliem li ġejjin u l-ebda kliem ieħor:

"TWISSIJA Persuni għaddejjin lil hinn minn dan l-avviż ħa jsibu materjal għall-wiri li jistgħu jqisu li jkun indiċenti. Dħul projbit għal persuni taħt it-18-il sena.";

(*b*) il-kelma "TWISSIJA" għandha tidher bħala intestatura;

(*ċ*) l-ebda stampi jew materjal ieħor m'għandhom jidhru fuq l-avviż;

(*d*) l-avviż għandu jkun jinsab b'mod illi ħadd ma jkun jista' jikseb aċċess raġonevoli għall-ħanut jew stabbiliment, jew parti mill-ħanut jew stabbiliment in kwistjoni, mingħajr ma jkun konxju tal-avviż u għandu jkun jinqara faċilment minn kull persuna li tikseb dak l-aċċess.

Ritratti, *films*, eċċ., indeċenti ta' persuni ta' taħt l-età.
*Miżjud: III. 2002.36.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007; XXXI. 2007.12; VII. 2010.11; IV. 2014.11; VIII. 2015.9.*

**208A.** (1) Kull ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li tagħmel jew tipproduċi jew tippermetti li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew tipproduċi, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegħ, tissupplixxi, tittrasmetti, tagħmel disponibbli, takkwista għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew turi dak il-materjal indeċenti tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija minn tnax-il xahar sa ħames snin.

(1A) Ir-reat fis-subartikolu (1) għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn sentejn sa tmien snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(*b*) meta r-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(*ċ*) meta r-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1).

(1B) Kull persuna li takkwista, xjentement takkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew ikollha fil-pussess tagħha, xi materjal indeċenti li juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-età, tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin.

(1Ċ) Għall-finijiet tas-subartikoli (1) u (1A), il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

(2) Ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika, jekk dawn ikunu juru persuna ta' taħt l-età u jkunu indeċenti, għandhom, għall-finijiet kollha ta' dan l-artikolu, jiġu trattati bħala ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti.

(3) Meta r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (1B) jsiru minn axxendent minħabba fil-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur, jew minn xi persuna oħra li tkun fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, bil-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll jew il-kustodja tal-persuna ta' taħt l-età murija, mogħtija stampa jew rappreżentati fil-materjal indeċenti, jew meta dik il-persuna ta' taħt l-età ma tkunx għalqet l-età ta' disa' snin jew meta l-materjal indeċenti juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta persuna ta' taħt l-età involut f'atti ta' bestjalità, brutalità, sadiżmu jew tortura:

(*a*) fil-każ tar-reat imsemmi fis-subartikolu (1), il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa disa' snin, u

(*b*) fil-każ tar-reat imsemmi fis-subartikolu (1B), il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa erba' snin, u għandhom japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet ta' artikolu 197(4).

(4) Meta persuna tkun imputata ta' tqassim jew wiri, jew ta' pussess ta', xi materjal indeċenti taħt is-subartikolu (1), hija tista' tiddefendi ruħha billi tipprova li kellha raġuni leġittima biex tqassam jew turi, jew biex kellha fil-pussess tagħha, dak il-materjal indeċenti jew li hija nnifisha ma kenitx rat il-materjal indeċenti u la kienet taf u lanqas kellha xi raġuni biex tissuspetta li kienu indeċenti.

(5) Għall-finijiet tal-artikolu 635(1)(*a*), il-persuna ta' taħt l-età murija fil-materjal indeċenti titqies li tkun il-persuna li kontra tagħha ikun sar ir-reat.

(6) F'dan l-artikolu referenzi għal ritratt jinkludu l-verżjoni negattiva kif ukoll il-verżjoni pozittiva.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kliem "materjal indeċenti" jinkludi ritratti, xbiehat, awdjo, jew *video recordings,* kreati diġitalment jew xbiehat elettroniċi, disinni, *cartoons,* test u rappreżentazzjonijiet simulati jew xbiehat realisitiċi ta' persuna ta' taħt l-età, jew kwalunkwe materjal li viżwalment juri kwalunkwe

persuna li tidher li hija tfal, ukoll jekk dik il-persuna ma teżistix, jew tal-partijiet sesswali ta' tfal għal għanijiet primarjament sesswali.

Tħajjir ta' persuni ta' taħt l-età.
*Miżjud: VII. 2010.12.*
*Emendat: IV. 2014.12.*

**208AA.** (1) Kull min, permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, jipproponi li jiltaqa' ma persuna ta' taħt l-età bil-ħsieb li jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u 208A, jista', meta l-proposta tkun segwita b'atti materjali li jwasslu għal dik il-laqgħa, jeħel, li jwasslu għal dik il-laqgħa, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin.

(2) Il-piena għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad wieħed, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(*b*) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(*ċ*) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1);

(*d*) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq persuna taħt l-età.

Riklamar ta' turiżmu sesswali.
*Miżjud: VII. 2010.12.*
*Emendat: IV. 2014.13.*

**208AB.** (1) Kull min ixerred xi materjal li jirriklama l-opportunità biex jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204Ċ, it-tnejn inklużi, 208A(1) u 208A(1A), jew ikun involut fl-organizzazzjoni ta' arranġamenti ta' safar bil-ħsieb li jwettaq xi reati msemmija minn dawn, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin.

(2) Il-piena għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad wieħed, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(*b*) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(*ċ*) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1);

(*d*) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq persuna taħt l-età.

Ċirkostanzi aggravanti.
*Miżjud: VII. 2010.12.*
*Emendat: IV. 2014.14.*

**208AĊ.** (1) Il-piena għar-reati msemmija fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inklużi, 208A(1) sa 208AB, it-tnejn inklużi, għandha tiżdied bi grad jew b'żewġ gradi, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

(*a*) meta r-reat jinvolvi l-użu ta' vjolenza jew jirriżulta li jagħmel ħsara lis-saħħa fiżika jew mentali tal-persuna ta' taħt l-età;

(*b*) meta l-persuna ta' taħt l-età hija persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tas-subartikolu (2);

(*ċ*) meta r-reat jitwettaq minn żewġ persuni jew aktar li jkunu qed jaġixxu flimkien;

(*d*) f'kull ċirkostanza msemmija fl-artikolu 202(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*h*);

(*e*) jekk min jinsab ħati jgħix ma', jew huwa membru tal-familja tal-vittma;

(*f*) jekk min jinsab ħati kien ġa kkundannat għal reat taħt dan is-sub-titolu;

(*g*) meta r-reat ġie mwettaq minn membru tal-familja tal-wild, persuna li tkun qed tgħix mal-wild jew persuna li tkun abbużat b'pożizzjoni ta' fiduċja rikonoxxuta jew awtorità;

(*h*) meta r-reat ġie mwettaq skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/JHA tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

(*i*) meta l-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja ta' wild:

Iżda meta l-aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu diġà previst f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra, għandha tiġi mogħtija l-piena aktar gravi.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:

(*a*) kull persuna ta' taħt il-ħmistax-il sena; jew

(*b*) kull persuna li ssofri minn mard fiżiku jew mentali; jew

(*ċ*) kull persuna oħra li tkun meqjusa mill-qorti li qiegħda partikolarment f'riskju li tiġi mħajjra biex tikkopera ma' min jinsab ħati jew li ċċedi għal volontà ta' min jinsab ħati meta tieħu kont tal-età, il-maturità, is-saħħa, it-tqala, id-diżabilità, kondizzjonijiet soċjali jew oħrajn tal-persuna, inkluż kull sitwazzjoni ta' dipendenza, kif ukoll l-konsegwenza fiżika jew psikoloġika tar-reat fuq dik il-persuna.

Disposizzjonijiet li japplikaw għall-artikoli 204 sa 204Ċ u 208A tal-Kodiċi.
*Miżjud: XXXI. 2007.13. Emendat: VII. 2010.13; IV. 2014.15; VIII. 2015.10.*

**208B.** (1) Dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu japplikaw għar-reati taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inklużi, u l-artikolu 208A(1), (1A), (1B), 208AA u 208AB.

(2) B'żjieda mal-piena stabbilita għar-reati msemmija, il-Qorti tista' tordna li l-ħati jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal.

(2A) Meta l-qorti tagħmel l-ordni taħt is-subartikolu (2) dik l-ordni għandha tkun reġistrata fil-fedina penali tal-ħati.

(2B) Meta l-persuna misjuba ħatja fuq xi reat imsemmi fis-subartikolu (1) tkun soġġetta għal ordni provdut taħt is-subartikolu (2) magħmula minn qorti barranija, il-qorti għandha tordna illi l-ordni magħmula mill-qorti barranija għandha tkun effettiva daqs li

kieku kienet magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (2).

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 121D, 248E(4) u 248E(6) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

Kap. 63.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 13 u 14 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandhom ukoll ikollhom ġurisdizzjoni fuq l-imsemmija reati meta:

(*a*) parti biss mill-azzjoni li tagħti lok għall-eżekuzzjoni tar-reat tkun seħħet f'Malta; jew

(*b*) il-ħati jkun ċittadin Malti jew resident permanenti f'Malta jew ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' korp magħqud reġistrat f'Malta; jew

(*ċ*) ir-reat ikun sar permezz ta' sistema ta' *computer* li tkun tista' tinfetaħ u tintuża minn Malta minkejja li dik is-sistema ta' *computer* tista' tkun sitwata barra minn Malta; jew

(*d*) ir-reat ikun sar kontra xi persuna b'nazzjonalità Maltija jew residenti permanenti f'Malta.

(6) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda għaddej mill-ġurnata meta l-vittma tkun tal-età.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

Għajnuna jew assistenza.
*Miżjud: IV. 2014.16.*

**208Ċ.** Kull min jgħin, jassisti jew iġiegħel li jsir xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u l-artikoli 208A sa 208AB, it-tnejn inklużi, ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinstab ħati l-piena stabbilita għal dak ir-reat li jkun għen, assista jew instiga.

Delitti li jkollhom x'jaqsmu ma' immaġnijiet estremi pornografiċi.
*Miżjud: XXXVII. 2016.7.*

**208D.**(1) Kull min, għall-qligħ, tqassim, jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jimmanifattura, jistampa jew xort'oħra jagħmel, jew idaħħal f'Malta, jew jakkwista, iżomm, jiċċirkola jew jesporta xi immaġni pornografika estrema jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien minn tmintax-il xahar sa tliet snin jew multa ta' mhux inqas minn tliet elef euro (€3,000) u mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

(2) Kull min jinnegozja f'xi immaġni msemmija fis-subartikolu (1), ukoll jekk dak in-negozju jsir bil-moħbi, jew iqassam xi immaġni bħal dik jew juri xi immaġni bħal dik fil-pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena preskritta fis-subartikolu (1).

(3) Persuna akkużata b'delitt taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

(*a*) kellha raġuni leġittima biex kienet fil-pussess tal-immaġni konċernata;

(*b*) li ma kinitx rat l-immaġni konċernata f'xi materjal, artikolu jew kommunikazzjoni miksuba jew riċevuta minnha u ma kinitx taf, u lanqas kellha raġuni biex tissuspetta li dak il-materjal, artikolu jew kommunikazzjoni kellha immaġni pornografika estrema;

(*ċ*) l-immaġni konċernata ntbagħtet lilha mingħajr ma tkun saret talba minn qabel minnha jew f'isimha:

Iżda m'għandhiex tinġieb prova taħt dan il-paragrafu jekk dik il-persuna tkun rat, jew tkun raġonevolment issuspettat li rat immaġni, u żammet l-immaġni konċernata għal perjodu ta' żmien mhux raġonevoli;

(*d*) ħadet sehem fl-att muri fl-immaġni b'mod dirett u bil-kunsens tagħha:

Iżda m'għandhiex tinġieb prova taħt dan il-paragrafu jekk dik il-persuna turi, tagħti jew toffri għall-bejgħ l-immaġni lil xi persuna li ma kinitx ħadet sehem b'mod dirett fl-att muri:

Iżda wkoll m'għandhiex tinġieb prova taħt dan il-paragrafu jekk l-att muri fl-immaġni jinvolvi:

(i) att ta' stupru jew attività sesswali penetrattiva oħra mhux konsenswali;

(ii) att ta' nekrofilja jew bestjalità;

(iii) att sesswali jew immaġni li tkun tinvolvi minuri.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, immaġni għandha titqies li tkun immaġni pornografika estrema jekk tkun hekk deskritta jew imfissra b'regolamenti magħmula taħt is-subartikolu (5) jew xort'oħra għandu jkun hekk meqjus skont xi regolament magħmul kif intqal qabel.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu jagħmel regolamenti għall-fini sabiex jiddeskrivi jew ifisser jew xort'oħra jistabbilixxi x'għandu jitqies bħala immaġni pornografika estrema għall-finijiet ta' dan l-artikolu u jista' b'dawk ir-regolamenti jipprovdi dwar il-kriterji li għandhom jitħarsu għal hekk u jista' jagħmel dispożizzjonijiet differenti għal ċirkostanzi differenti u għanijiet differenti.

Żvelar mhux konsenswali ta' *films* u ritratti sesswali privati. *Miżjud: XXXVII. 2016.7.*

**208E.**(1) Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, jiżvela xi ritratt jew xi *film* sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew *film* jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien sentejn jew multa ta' mhux inqas minn tlett elef euro (€3,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

(2) Persuna ma tinstabx ħatja ta' delitt taħt dan l-artikolu jekk:

(*a*) tkun żvelat ir-ritratt jew *film* sesswali lill-persuna jew persuni murija jew impinġija f'dak ir-ritratt jew *film*; jew

(*b*) l-iżvelar kien meħtieġ sabiex timpedixxi, tikxef jew

tinvestiga xi delitt; jew

(*ċ*) sal-limitu li jkun raġonevolment meħtieġ, l-iżvelar ikun awtorizzat minn qorti jew tribunal matul proċedimenti ġudizzjarji:

Iżda meta awtorizzazzjoni tiġi hekk mogħtija minn xi qorti jew tribunal, ir-ritratt jew *film* sesswali għandu, mingħajr dewmien, jiġi ssiġillat mir-reġistratur jew deputat reġistratur ta' dik il-qorti jew tribunal u għandu jkun aċċessibbli biss mill-partijiet fil-kawża jew għar-rappreżentanti legali awtorizzati.

(3) Meta r-reat kontemplat f'dan l-artikolu jsir bħala mezz jew fil-kuntest ta' rikatt il-piena tiżdied bi grad.

(4) F'dan l-artikolu:

"żvelar" għandha tiġi interpretata bħala li tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni, id-distribuzzjoni, in-negozju, it-tixrid jew l-użu mhux awtorizzat ta' ritratti u *films* sesswali privati, b'kull mezz;

"privat" għandha tirreferi għal kull ritratt jew *film* meħud mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tal-persuna jew persuni rappreżentati fih, jew għal kull ritratt jew *film* li qatt ma kien intenzjonat li jkun għal użu pubbliku;

"sesswali" għandha tinkludi r-rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti jew mill-*pubic area* ta' persuna, jew, fil-każ tas-sess femminil, tas-sider, jew ta' kull kontenut li, meta meħud bħala sħiħ, persuna raġonevoli tikkunsidra li tkun sesswali minħabba x-xorta tagħha;

"ritratt jew *film*" tfisser immaġni jew *data* li tiċċaqlaq jew wieqfa, maħżuna b'kull mezz, li tkun tista' tiġi mibdula f'immaġni li tiċċaqlaq jew wieqfa.

Offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula fil-pubbliku.

**209.** Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu jew f'disposizzjonijiet oħra tal-liġi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'egħmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u multa.

Ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21. *Miżjud: IV. 2014.17.*

**209A.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' persuna li tkun instabet ħatja ta' reat taħt dan is-subtitolu.

*Sub-titolu III*

FUQ ID-DELITTI MAGĦMULIN BIL-ĦSIEB LI JIMPEDIXXU JEW JEQIRDU L-PROVA TAL-ISTAT TA' TARBIJA

Distruzzjoni, eċċ., tal-prova tal-istat ċivili ta' tarbija. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**210.** Kull persuna li tisraq jew taħbi tarbija, jew taħbi t-twelid tagħha, jew tibdel tarbija ma' oħra, jew b'ingann tagħmel tidher tarbija bħala mwielda minn mara li ma tkunx ħelset, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin.

Titolu VIII

FUQ ID-DELITTI KONTRA L-PERSUNA

*Sub-titolu I*

FUQ L-OMIĊIDJU VOLONTARJU

**211.** (1) Kull min jinsab ħati ta' omiċidju volontarju jeħel il-piena ta' priġunerija għal għomru.

Omiċidju volontarju. *Emendat: V. 1868.7; XXI. 1971.19; XLIX. 1981.4.*

(2) Hu ħati ta' omiċidju volontarju kull min, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, jikkaġunalha l-mewt.

Min hu ħati ta' omiċidju volontarju.

(3) Meta l-ħati jkun ta kaġun għall-mewt ta' persuna ġewwa l-limiti tal-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta, l-omiċidju jitqies li ġie ikkunsmat għal kollox ġewwa l-limiti ta' dik il-ġurisdizzjoni, għad illi l-mewt ta' dik il-persuna tkun ġrat barra minn dawk il-limiti.

Mewt barra mill-ġurisdizzjoni ta' persuna feruta fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' Malta.

**212.** Id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll, għalkemm il-ħati ma jkollux il-ħsieb li jikkaġuna l-mewt ta' persuna partikulari, jew, bi żball jew b'aċċident, joqtol persuna oħra diversa minn dik li jkollu l-ħsieb joqtol.

Meta l-ħati ma jkollux il-ħsieb li jikkaġuna l-mewt ta' persuna partikulari jew joqtol persuna oħra diversa minn dik li kellu l-ħsieb joqtol.

**213.** Kull min iġiegħel lil ħaddieħor jiddeċidi li joqtol ruħu b'idejh jew jagħtih xi għajnuna, jeħel, meta jinsab ħati, fil-każ li s-suwiċidju jsir, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tnax-il sena.

Meta l-ħati jġiegħel jew igħin lil ħaddieħor biex joqtol ruħu b'idejh. *Miżjud: XI. 1900.31. Emendat: XLIX. 1981.4.*

*Sub-titolu II*

FUQ L-OFFIŻI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA

**214.** Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.

Offiża fuq il-persuna. *Emendat: XI. 1900.32.*

**215.** L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.

Taqsim tal-offiża.

**216.** (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -

Offiża gravi fuq il-persuna. *Emendat: V. 1868.8; VI. 1871.14; XI. 1900.32; XLIX. 1981.4.*

(*a*) jekk tista' ġġib periklu -

(i) tal-ħajja; jew

(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew

(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella

(iv) ta’ marda permanenti tal-moħħ;

(*b*) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn tal-offiż;

(*ċ*) jekk tkun magħmula b’ferita li tidħol f’waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;

(*d*) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;

(*e*) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.

(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f’periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(*a*), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.

Offiża gravi fuq il-persuna b’arma regulari, eċċ.
*Emendat:*
*VIII.1857.2;*
*VI. 1871..14;*
*XI. 1900.32;*
*XLIX. 1981.9;*
*XIV. 1983.3.*
Kap. 446.

**217.** L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħames xhur sa erba’ snin jekk tiġi magħmula b’arma regulari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggeż, inkella b’xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ:

Iżda meta r-reat ikun sar b’xi sustanza jew likwidu li jesplodi l-piena minima tkun priġunerija għal sentejn u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx.

Każijiet oħra ta’ offiża gravi fuq il-persuna.
*Emendat:*
*IX. 1859.14;*
*V. 1868.9;*
*XI. 1900.32;*
*XLIX. 1981.4;*
*XIV. 1983.4.*

**218.** (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa’ xhur sa disa’ snin -

(*a*) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;

(*b*) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn tal-offiż;

(*ċ*) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x’aktarx ikunu hekk.

(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq il-persuna tkun saret bil-mezz ta’ likwidu jew sustanza li jesplodu.

Tnaqqis tal-piena f’każ ta’ kawża aċċidentali li tinqala’ wara.
*Emendat:*
*V. 1868.10;*
*XI. 1900.32.*

**219.** Il-pieni msemmija fl-artikoli 216 u 218 jitnaqqsu bi grad jew żewġ gradi jekk, biex iġġib il-konsegwenzi msemmijin f’dawk l-artikoli, tkun ikkontribwiet kawża aċċidentali li tinqala’ wara.

**220.** (1) Il-ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna li biha tiġri l-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara, jeħel -

Offiża gravi fuq il-persuna li wara l-offiż imut biha. *Emendat: V. 1868.11; XI. 1900.32; XLIX. 1981.4.*

(*a*) il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa għoxrin sena, jekk il-mewt tiġri fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew igħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;

(*b*) il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tnax-il sena, jekk il-mewt tiġri wara l-erbgħin ġurnata hawn fuq imsemmija, imma qabel sena li tibda tgħodd bħal ma jingħad hawn fuq.

(2) Meta l-mewt tiġri minħabba xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux biss minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa disa' snin.

(3) Jekk l-offiża ssir ġewwa l-limiti tal-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta, id-delitt jitqies li ġie ikkunsmat ġewwa dawn il-limiti, ukoll jekk il-mewt tal-persuna offiża tiġri barra minn dawk il-limiti.

**221.** (1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.

Offiża ħafifa fuq il-persuna. *Emendat: VIII. 1857.3, 5; VI. 1871.15; II. 1886.8; XI. 1900.32; I. 1903.7; VIII. 1909.19; IX. 1911.11; XX. 2005.12.*

(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien minn xahrejn sa sena.

(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -

Meta l-effett tal-offiża hu ta' importanza żgħira.

(*a*) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*);

(*b*) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f'kull każ ieħor.

(4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*).

Kwerela tal-parti offiża.

**222.** (1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir -

Ċirkostanzi aggravanti. *Emendat: VII1.1857.4; XXXII. 1986.2; III. 2002.37; XX. 2005.13; XXII. 2010.11.*

(*a*) fuq il-persuna tal-missier, tal-omm jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna tar-raġel jew tal-mara, jew fuq il-persuna tal-missier jew tal-omm naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(*h*);

(*b*) fuq il-persuna ta' xhieda jew periti illi jkunu xehdu

jew taw il-fehma tagħhom f'kawża, u minħabba dik ix-xiehda jew perizja, jew fuq il-persuna ta' tifel taħt l-età ta' disa' snin;

(*ċ*) fuq il-persuna ta' min kien uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

Kap. 389.

(*d*) fuq il-persuna ta' kull min kien qiegħed jaqdi d-dmirijiet tal-kariga tiegħu bħala gwardjan privat, gwardjan privat speċjalizzat jew gwardjan lokali skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali.

Il-piena ma tiżdiedx f'każ ta' żball jew aċċident.

(2) Iżda l-piena ma tiżdiedx meta l-ħati, mingħajr ħsieb li jagħmel offiża lil persuna partikulari, inkella bil-ħsieb li jagħmel offiża lil xi persuna oħra, bi żball jew b'aċċident, jagħmel offiża lil xi waħda mill-persuni msemmijin fis-subartikolu (1)(*a*) u (*b*).

Żieda fil-piena f'ċerti każi.
*Miżjud: XXIX. 1990.7.*
*Emendat: III. 2002.38; XVI. 2006.4; XI. 2009.5; VIII. 2012.5; XXXI. 2014.2; XXIV. 2014.24; VIII. 2015.11.*

**222A.** (1) Il-pieni msemmijin fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-offiża ssir fuq persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew fuq persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx meta hemm previst diġà aggravju tal-piena f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra.

(2) Il-pieni stabbiliti fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom ukoll jiżdiedu minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija f'dawn is-subartikoli li ġejjin.

(3) Reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jekk:

(*a*) fil-waqt li fih isir ir-reat, jew minnufih qabel l-għemil tar-reat, il-ħati juri lejn il-vittma tar-reat ostilità, stmerrija jew disprezz li tkun ibbażata fuq il-fatt li l-vittma tkun tappartjeni (jew preżunta li tappartjeni) għal grupp ta' persuni, li juru l-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra; jew

(*b*) ir-reat ikun motivat, għalkollox jew b'mod parzjali, minn ostilità, stmerrija jew disprezz lejn grupp ta' persuni kif imsemmi fil-paragrafu (*a*).

(4) Fis-subartikolu (3)(*a*):

"jappartjeni għal", għar-rigward ta' grupp, tinkludi

assoċjazzjoni ma’ membri ta’ dak il-grupp;

"preżunta" tfisser preżunta mill-ħati.

(5) Għall-finijiet tas-subregolament (3)(*a*) jew (*b*) m’għandu jiġi tenut ebda kont dwar jekk l-ostilità tal-ħati tkun jew ma tkunx ibbażata, f’xi limitu jew ieħor, fuq xi fattur ieħor li m’huwiex imsemmi f’dawk il-paragrafi.

(6) F’dan l-artikolu:

"grupp razzjali" tfisser grupp ta’ persuni definit b’riferenza għal razza, dixxendenza, kulur, nazzjonalità (inkluża ċ-ċittadinanza) jew l-oriġini etnika jew nazzjonali;

"grupp reliġjuż" tfisser grupp ta’ persuni definit b’riferenza għal twemmin reliġjuż jew nuqqas ta’ twemmin reliġjuż.

---

*Sub-titolu III*

FUQ L-OMIĊIDJI U L-OFFIŻI FUQ IL-PERSUNA MHUX IMPUTABBLI

Omiċidju jew offiża fuq il-persuna mhux imputabbli.

**223.** Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta’ wieħed innifsu jew ta’ ħaddieħor.

Każijiet ta’ difiża leġittima.

**224.** Jidħlu taħt il-każijiet ta’ bżonn attwali tad-difiża leġittima, dawn li ġejjin:

(*a*) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt li wieħed, bil-lejl, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta’ reċinti, ta’ ħitan, jew ta’ bibien li minnhom tidħol għal dar jew appartament abitat, jew ta’ post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma’ dik id-dar jew ma’ dak l-appartament;

(*b*) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt tad-difiża kontra persuna li tkun tagħmel serq bi vjolenza jew sakkeġġ bi vjolenza, jew li tittanta tagħmel dak is-serq jew sakkeġġ;

(*ċ*) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jkunu meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża tal-kastità ta’ persuna nnifisha, jew ta’ persuna oħra.

---

*Sub-titolu IV*

FUQ L-OMIĊIDJI U L-OFFIŻI INVOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA

Omiċidju involontarju.
*Emendat:*
*IX. 1859.15;*
*VI. 1871.16;*
*XI. 1900.33;*
*III. 1971.4;*
*XIII. 1980.5;*
*III. 2002.39.*
*Emendat:*
*A.L. 407 tal-2007;*
*VII. 2010.14.*

**225.** (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).

(2) Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaġuna l-mewt ta' iżjed minn persuna waħda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun ikkaġuna ukoll offiża fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni oħra l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija bejn ħames sa għaxar snin.

Offiża invotontarja fuq il-persuna.
*Emendat:*
*VI. 1871.17;*
*XI. 1900.33;*
*VIII. 1909.20;*
*III. 1971.5;*
*XIII. 1980.6;*
*III. 2002.40;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**226.** (1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -

(*a*) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);

(*b*) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);

(*ċ*) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(*ċ*), il-proċediment jista' jittieħed biss fuq kwerela tal-parti offiża.

Omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna filwaqt ta' serq jew tentattiv ta' serq.
*Miżjud:*
*XXIX. 1990.8.*

**226A.** Meta persuna tkun tat kaġun għal mewt jew offiża fuq il-persuna msemmija fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subtitolu filwaqt li tkun qegħda tikkommetti serq jew filwaqt ta' tentattiv ta' serq, jew minnufih wara li tikkommetti dak is-serq jew dak it-tentattiv waqt li tkun qegħda taħrab mill-post fejn is-serq ikun sar jew ġie ttentat, hija għandha, bla ħsara għar-responsabbiltà tagħha għas-serq jew tentattiv ta' serq u salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17, meta tinstab ħatja, teħel -

(*a*) fil-każ ta' mewt, il-piena ta' priġunerija minn erba' sa disa' snin;

(*b*) fil-każ ta' offiża fuq il-persuna, il-pieni msemmijin fl-artikolu 226 li għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi.

Fluwidu esploživ jew sustanza esploživa.
*Miżjud:*
*VIII. 2008.17.*

**226B.** Meta xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikoli 225, 226 u 226A jitwettaq permezz ta' fluwidu esploživ jew sustanza esploživa, il-piena stabbilita għar-reat għandha tiżdied b'żewġ gradi jew tlieta.

*Sub-titolu V*

FUQ L-ISKUŻI TAD-DELITTI MSEMMIJIN TAĦT IS-SUB-TITOLI TA' QABEL TA' DAN IT-TITOLU

Każijiet ta' omiċidju volontarju skużabbli. *Emendat: V. 1868.12; VIII. 1909.21; XLIX. 1981.4; III. 2002.41.*

**227.** L-omiċidju volontarju hu skużabbli -

(*a*) jekk ikun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija;

(*b*) jekk ikun sar fil-waqt li wieħed, bi nhar, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew tad-daħla ta' dar jew ta' appartament abitat, jew post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;

(*ċ*) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;

sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

(*d*) jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn:

Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret.

Piena għall-omiċidju volontarju skużabbli. *Emendat: V. 1868.13; VIII. 1909.22; III. 2002.42.*

**228.** (1) Fil-każ ta' omiċidju volontarju skużabbli skont il-paragrafi (*a*) jew (*b*) tal-aħħar artikolu qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn.

(2) Fil-każ ta' omiċidju volontarju skużabbli skont il-paragrafu (*ċ*) tal-aħħar artikolu qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħamsa sa għoxrin sena.

(3) Fil-każ ta' omiċidju volontarju skużabbli skont il-paragrafu (*d*) tal-aħħar artikolu qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-priġunerija għal żmien mhux aktar minn tnax-il sena.

Meta l-iskuża mhux ammissibbli.

**229.** L-iskuża msemmija fl-artikolu 227(*ċ*), mhix ammissibbli -

(*a*) jekk il-passjoni tkun ipprovokata mill-korrezzjoni legali tal-persuna akkużata;

(*b*) jekk il-passjoni tkun ipprovokata mill-esekuzzjoni legali ta' dmir minn uffiċjal pubbliku;

(*ċ*) jekk il-ħati jfittex il-provokazzjoni bħala pretest biex joqtol jew biex jagħmel ħsara gravi fuq il-persuna, inkella jfittex li joqtol jew li jagħmel ħsara gravi fuq il-persuna qabel ma kien hemm ebda provokazzjoni.

Offiża skużabbli.
*Emendat:*
*V. 1868.14;*
*VIII. 1909.23.*

**230.** L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli -

(*a*) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(*a*) u (*b*);

(*b*) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(*ċ*);

(*ċ*) jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna;

(*d*) fil-każ magħdud bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(*d*).

Piena għall-offiża skużabbli msemmija fil-paragrafu (*a*) tal-artikolu 230,
*Emendat:*
*V. 1868.15;*
*XI. 1900.34;*
*XIII. 1980.7.*

**231.** (1) Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (*a*) tal-aħħar artikolu qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -

(*a*) jekk tkun ġrat il-mewt -

(i) minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena;

(ii) minħabba xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur;

(*b*) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur;

(*ċ*) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur;

(*d*) jekk l-offiża ssir gravi minħabba kawża aċċidentali li tinqala' wara -

(i) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*b*);

(ii) il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*ċ*).

(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), jekk l-offiża tkun ħafifa, ma jittieħed ebda proċediment.

**232.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 230(*b*) u (*ċ*), l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -

fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*) tal-artikolu 230, *Emendat: VIII. 1857.6, 7; V. 1868.15; XI. 1900.34; I. 1903.8; XXIX. 1990.9; A.L. 407 tal-2007.*

(*a*) jekk l-offiża tkun gravi, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn żewġ terzi tal-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża;

(*b*) jekk l-offiża tkun ħafifa u magħmula b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, inkella fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(*a*) u (*b*), jew fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222A, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur;

(*ċ*) jekk l-offiża tkun ħafifa, mingħajr iċ-ċirkostanzi aggravanti msemmijin fl-aħħar paragrafu qabel dan, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn xahar, jew il-multa jew il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet:

Iżda jekk il-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża tkun dik tal-kontravvenzjonijiet, iż-żmien tad-detenzjoni ma jistax ikun iżjed minn għoxrin ġurnata u l-ammenda ma tistax tkun aktar minn sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99).

**233.** (1) Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 230(*d*), l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -

fil-paragrafu (*d*) tal-artikolu 230. *Miżjud: VIII. 1909.24.*

(*a*) fil-każ ta' offiża gravi, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar mit-terz tal-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża;

(*b*) fil-każ ta' offiża ħafifa magħmula b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn xahrejn.

(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), jekk l-offiża tkun ħafifa u mhux magħmula b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, ma tingħata ebda piena.

**234.** Kull min, bi żball jew b'aċċident, jikkaġuna omiċidju jew offiża bi ħsara ta' persuna diversa minn dik li kellu fi ħsiebu, għandu jedd għall-iskuża li kienet tnaqqaslu l-piena tad-delitt kieku għamlu bi ħsara tal-persuna li kontra tagħha l-egħmil tiegħu kien maħsub.

Skuża li tgħodd għall-omiċidju u għall-offiża fuq persuna diversa minn dik li l-ħati jkollu fi ħsiebu. *Emendat: XI. 1900.34.*

**235.** Ma jiswewx lill-ħati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża.

Meta l-provokazzjoni tiswa. *Emendat: V. 1868.14.*

**236.** *Imħassar: XXIX. 1990.10.*

Omiċidju jew offiża mir-raġel fuq il-mara adultera u fuq l-adulteru.

Omiċidju jew offiża fuq il-persuna fi ġlieda aċċidentali.
*Emendat:*
*VIII. 1857.8;*
*VI. 1871.18;*
*III. 1885.2;*
*XI. 1900.35;*
*XLIX. 1981.4.*

**237.** Meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd jibqa' maqtul jew offiż fuq il-persuna, u ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża, kull wieħed li jkun ħa parti attiva kontra l-maqtul jew l-offiż, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) fil-każ ta' omiċidju, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin;

(*b*) fil-każ ta' offiża gravi li tkun ġiebet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena;

(*ċ*) fil-każ ta' offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur;

(*d*) fil-każ ta' offiża ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet:

Iżda, fil-każ ta' omiċidju, il-persuna jew il-persuni li jkunu għamlu, fuq il-persuna li ġiet maqtula, offiża li setgħat tikkaġuna l-mewt, jeħlu, meta jinsabu ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames snin sa tnax-il sena.

Tixwix ta' rewwixta jew ġlieda bi ħsieb ta' omiċidju jew ta' offiża fuq il-persuna.
*Miżjud:*
*XI. 1900.35.*

**238.** Kull min iqajjem rewwixta jew ġlieda bil-ħsieb li jagħmel omiċidju jew offiża fuq il-persuna, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk xi ħadd jiġi maqtul, il-piena stabbilita għall-omiċidju volontarju;

(*b*) jekk xi ħadd jiġi offiż fuq il-persuna, il-piena stabbilita għal dik l-offiża miżjuda bi grad.

---

## *Sub-titolu VI*

### FUQ IL-ĦABI TA' OMIĊIDJU JEW TA' OFFIŻA FUQ IL-PERSUNA U FUQ IL-ĦABI TA' KADAVRI

Ħabi ta' persuna maqtula.

**239.** Kull min xjentement jaħbi l-kadavru ta' persuna li mietet b'delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erba' xhur sa sitt xhur.

Ħabi ta' twelid.
*Emendat:*
*IV. 1994.8.*

**240.** Jekk persuna li minnufih wara t-twelid ta' tarbija, billi tidfen bil-moħbi l-kadavru tat-tarbija jew tagħmel minnu xort'oħra, tfittex li taħbi t-twelid ta' dik it-tarbija, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erba' xhur sa sena.

---

## *Sub-titolu VII*

*Sostitwit:*
*III. 2002.43.*

### FUQ L-ABORT U FUQ MIN JAGĦTI JEW IBIEGĦ SUSTANZI VELENUŻI JEW TA' ĦSARA GĦAS-SAĦĦA, U FUQ IT-TXRID TAL-MARD

Abort prokurat.
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4.*

**241.** (1) Kull min b'ikel, b'xorb, b'mediċini, jew bi vjolenza, jew b'kull mezz ieħor, jikkaġuna l-abort ta' mara tqila, sew bil-kunsens kemm ukoll mingħajr il-kunsens tagħha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin.

(2) L-istess piena tingħata kontra l-mara li tikkaġuna l-abort fuqha nfisha, jew li tkun qagħdet għall-użu tal-mezzi li bihom l-abort ġie ikkaġunat.

**242.** Kemm-il darba l-mezzi li jsir użu minnhom jikkaġunaw il-mewt tal-mara jew ħsara kbira fuq il-persuna tagħha, sew jekk l-abort isir kemm jekk ma jsirx, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita għall-omiċidju volontarju jew għall-offiżi volontarji fuq il-persuna, imnaqqsa minn grad sa tliet gradi.

Abort li jikkaġuna mewt jew ħsara kbira fuq il-persuna.
*Emendat: III. 2002.44.*

**243.** Kull tabib, kirurgu, ostetriku jew spiżjar illi xjentement ikun wera jew ta l-mezzi li jkunu ikkaġunaw l-abort, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin u l-piena tal-interdizzjoni perpetwa mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Tabib, eċċ., li juri jew jagħti l-mezzi biex isir abort.
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

**243A.** Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-abort ta' mara tqila jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

Abort kolpevoli.
*Miżjud: III. 2002.45.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

**244.** Kull min, b'kull mod li jkun, dolożament, jagħti jew iġiegħel lil ħaddieħor jieħu sustanzi velenużi jew li jagħmlu ħsara; li jistgħu jkunu ta' deni jew ta' ħsara għas-saħħa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa sentejn, meta d-delitt fih innifsu ma jkunx id-delitt ta' omiċidju ikkunsmat jew ittentat, jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna.

Għoti ta' sustanzi li huma ta' ħsara għas-saħħa.
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

**244A.** (1) Kull min, meta jkun jaf li jkollu, jew li jkun afflitt b'xi marda jew kondizzjoni li tista' tigi speċifikata skont is-subartikolu (3), b'xi mod xjentement jittrasmetti, jikkomunika jew jgħaddi dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna oħra li ma tkunx marida jew afflitta biha jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn erba' snin sa disa' snin:

Trasmissjoni, komunikazzjoni eċċ., ta' mard.
*Miżjud: III. 2002.46.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

Iżda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala rizultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 211(1).

(2) Meta dik il-marda jew kondizzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) tigi trasmessa, ikkomunikata jew mgħoddija b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' xi regolament mill-persuna li kienet li kien imissha tkun taf li tkun marida jew li tkun afflitta b'dik il-marda jew kondizzjoni, dik il-persuna teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37):

Iżda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala riżultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti fl-artikolu 225.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu, b'avviż fil-Gazzetta, jispeċifika l-mard jew kondizzjonijiet li għalihom japplika dan l-artikolu.

*Sub-titolu VIII*

*Emendat: VI. 1947.8. Sostitwit: III. 2002.47.*

FUQ L-INFANTIĊIDJU U FUQ L-ABBANDUN, ESPOSIZZJONI U MOGĦDRIJA TA' TFAL

Infantiċidju. *Miżjud: VI. 1947.9.*

**245.** Jekk mara b'xi għemil jew nuqqas ta' rieda tikkaġuna l-mewt tat-tarbija tagħha li tkun taħt l-età ta' tnax-il xahar, iżda filwaqt tal-egħmil jew nuqqas moħħha ma jkunx f'loku minħabba li hija tkun għad ma ġietx f'tagħha għal kollox fuq il-ħlas ta' dik it-tarbija jew minħabba t-traddigħ fuq it-twelid tat-tarbija, f'dan il-każ, għalkemm iċ-ċirkostanzi jkunu hekk illi, kieku ma kienx għal dan l-artikolu, il-ħtija kienet titqies omiċidju volontarju, hija tkun ħatja ta' infantiċidju u teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn għoxrin sena.

Abbandun jew esposizzjoni ta' tifel taħt is-seba' snin. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

**246.** Kull min ikun ħati li abbanduna jew ħalla espost tifel ta' età anqas minn seba' snin, jeħel il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

Jekk tifel imut jew jibqa' offiż fuq il-persuna. *Emendat: IX. 1859.16; V.1868.16; VI. 1947.10; III. 2002.48.*

**247.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 245, jekk minħabba l-abbandun jew l-esposizzjoni, it-tifel imut jew ibati offiża fuq il-persuna, il-ħati jitqies li għamel, fl-ewwel każ, omiċidju volontarju, u, fit-tieni każ, offiża fuq il-persuna u jkun suġġett għad-disposizzjonijiet dwar l-omiċidju volontarju u l-offiża volontarja fuq il-persuna, skont ma jkun il-każ; iżda l-piena titniżżel grad.

Abbandun jew esposizzjoni ta' tifel bla periklu tal-ħajja jew ta' offiża.

(2) Jekk l-abbandun jew l-esposizzjoni ta' tifel, kif jingħad f'dan l-artikolu, ma jsirux taħt ċirkostanzi ta' periklu ċar tal-ħajja jew ta' offiża fuq il-persuna tat-tifel hekk abbandunat jew espost, il-piena titniżżel żewġ gradi:

Iżda, jekk il-piena msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ma tkunx akbar minn dik stabbilita fl-aħħar artikolu qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-piena msemmija f'dan l-aħħar artikolu biż-żieda ta' grad.

Mogħdrija jew traskruaġni ta' tifel ta' taħt it-tnax-il sena. *Miżjud: III. 2002.49.*

**247A.** (1) Kull min ikollu r-responsabbiltà ta' tifel ta' taħt it-tnax-il sena u b'atti persistenti ta' għemil jew ta' nuqqas ta' għemil jaħqar lit-tifel jew iġiegħel jew jippermetti l-moħqrija tat-tifel b'mezzi simili, jeħel, meta jinsab ħati, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar gravi taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), moħqrija tinkludi li wieħed jittraskura lit-tifel fil-bżonnijiet tiegħu ta' nutrizzjoni adegwata, ta' lbies adegwat, ta' kenn adegwat, u ta' protezzjoni adegwata biex ma tiġrilux ħsara, li wieħed persistentement joffendi d-dinjità u l-karattru tat-tifel b'mod gravi u li wieħed persistentement jimponi fuq it-tifel xogħol mhux adattat għall-età tiegħu jew xogħol fiżiku iebes.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 197(4) jgħoddu wkoll fil-każ ta' reat taħt dan l-artikolu, meta r-reat isir minn axxendent jew tutur.

**248.** Kull min, meta jsib tarbija li tkun għadha kif titwieled, jonqos li jagħmel minnufih dak kollu li jinħtieġ biex isalvaha, jew, jekk ikun ħa l-ħsieb tagħha, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, ma jagħtihiex jew ma jgħarrafx biha lill-Pulizija Eżekuttiva, jeħel, meta jinsab ħati, fl-ewwel każ, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sitt xhur, u fit-tieni każ, minn xahar sa tliet xhur:

Min jonqos li jieħu ħsieb ta' tarbija misjuba jew li jgħarraf biha lill-Pulizija.

Iżda fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' tagħti l-piena tal-multa jew tal-ammenda minflok il-piena ta' priġunerija.

---

DISPOŻIZZJONI ĠENERALI LI TKUN TAPPLIKA GĦAL REATI TAĦT IS-SUB-TITOLI I SA V, IT-TNEJN INKLUŻI, U S-SUB-TITOLU VIII

*Miżjud: VII. 2010.15.*

**248 Bis.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 208B(2) u (2A) għandhom japplikaw għal kull persuna misjuba ħatja ta' xi reat taħt is-Sub-titoli I sa V, it-tnejn inklużi, u s-Sub-titolu VIII meta r-reat ikun sar kontra xi persuna ta' taħt l-età.

Diżabilità fil-każ ta' reati kontra persuni ta' taħt l-età. *Miżjud: VII. 2010.15.*

---

*Sub-titolu VIII BIS*

FUQ IT-TRAFFIKAR TA' PERSUNI

*Miżjud: III. 2002.50.*

**248A.** (1) Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fis-subartikolu (2), jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata:

Traffikar ta' persuna tal-età bil-għan li tiġi sfruttata fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fil-għoti ta' servizzi. *Miżjud: III. 2002.50. Emendat: VII. 2010.16; XVIII. 2013.2.*

(*a*) fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi; jew

(*b*) fil-jasar jew prattiċi simili għall-jasar; jew

(*ċ*) fl-iskjavitù jew xogħol furzat; jew

(*d*) f'attivitajiet assoċjati mal-elemosina; jew

(*e*) f'xi attivitajiet oħra illegali mhux speċifikament provduti imkien f'dan is-sub-titolu,

jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erbgħa sa tnax-il sena.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu sfruttament jinkludi li persuna tiġi meħtieġa tipproduċi oġġetti u tipprovdi servizzi taħt kundizzjonijiet u f'ċirkostanzi li jmorru kontra *standards* fil-kamp tax-xogħol li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, pagi u s-saħħa u s-sigurtà.

(2) Il-mezzi li għalihom hemm riferenza fis-subartikolu (1) huma dawk li ġejjin:

(*a*) vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna;

(*b*) qerq jew ingann;

(*ċ*) użu ħażin tal-awtorità, influenza jew pressjoni;

(*d*) li wieħed jagħti jew jirċievi ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-

kontroll fuq persuna oħra;

(*e*) abbuż ta' poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà:

Iżda f'dan il-paragrafu "pożizzjoni ta' vulnerabbiltà" tfisser sitwazzjoni li fiha persuna kkonċernata ma jkollhiex alternattiva reali jew aċċettabbli ħlief li tissottometti ruħha għall-abbuż involut.

(3) Il-kunsens ta' vittma ta' traffikar jew ta' sfruttament, kemm jekk maħsub jew fattwali, ma jkunx relevanti fejn kwalunkwe mezz kif stabbilit fis-subartikolu (2) ikun ġie użat.

Traffikar ta' persuna tal-età bil-għan li tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni, eċċ. *Miżjud: III. 2002.50. Emendat: XVIII. 2013.3.*

**248B.** Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew forom oħra ta' sfruttament sesswali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1).

Traffikar ta' persuna tal-età bil-għan li tiġi sfruttata għat-tneħħija ta' xi parti tal-ġisem. *Miżjud: III. 2002.50. Emendat: XVIII. 2013.4; XXVIII. 2016.16.*

**248Ċ.** (1) Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2), jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għat-tneħħija ta' xi parti tal-ġisem jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu t-tneħħija tal-organi, tessuti u ċelloli għandha tinkludi l-imġiba msemmija fl-artikolu 248ĊA(1).

Traffikar ta' organi umani. *Miżjud: XXVIII. 2016.16.*

**248ĊA.** (1) Kull min ineħħi organu, tessut jew ċellola umana minn donaturi ħajjin jew mejtin f'kull ċirkustanza minn dawn li ġejjin -

(*a*) meta t-tneħħija ma ssirx taħt l-Att bil-kunsens liberu, infurmat u speċifiku tad-donatur ħaj jew mejjet, jew, fil-każ tad-donatur mejjet, mingħajr ma t-tneħħija tkun awtorizzata taħt dan l-Att;

(*b*) meta, bi skambju għat-tneħħija ta' organi, tessuti jew ċelloli, id-donatur ħaj, jew terza persuna, ikun ġie offrut jew ikun irċieva qligħ finanzjarju jew daqstant vantaġġ;

(*ċ*) meta, bi skambju għat-tneħħija ta' organi, tessuti jew ċelloli minn persuna mejta, terza persuna tkun ġiet offruta jew tkun irċeviet qligħ finanzjarju jew daqstant vantaġġ,

ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena.

(2) Persuna li tagħmel xi att minn dawn li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu -

(*a*) tagħmel użu mit-tneħħija ta' organi, tessuti jew ċelloli illeċiti, kif imfisser fis-subartikolu (1), għal finijiet ta' impjantazzjoni jew finijiet oħra ta' dik l-impjantazzjoni;

(*b*) l-impjantazzjoni ta' organi, tessuti jew ċelloli umani

minn donaturi ħajjin jew mejtin meta l-impjantazzjoni ma ssirx taħt dan l-Att jew meta l-impjantazzjoni tkun, f'kull mod, magħmula bi ksur tal-Att;

(*ċ*) tħajjar jew tirrekluta donatur tal-organi jew riċevitur għal qligħ finanzjarju jew daqstant vantaġġ;

(*d*) tipprepara, tippreżerva jew taħżen organi, tessuti jew ċelloli umani illeċiti li jkunu tneħħew kif imfisser fis-subartikolu (1);

(*e*) tittrasporta, tittrasferixxi, tirċievi, timporta jew tesporta organi, tessuti jew ċelloli umani illeċiti li jkunu tneħħew kif imfisser fis-subartikolu (1),

u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija kif hemm fis-subartikolu (1).

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 115 u 121(3) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal reat taħt dan l-artikolu.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

"l-Att" tfisser l-Att dwar id-Donazzjoni ta' Organi, Tessuti u Ċelloli Umani; Kap. 558

"organu" tfisser parti differenzjata tal-ġisem tal-bniedem, iffurmata minn tessuti differenti, li tirritjeni l-istruttura u l-vaskularizzazzjoni tagħha, u li jkollha l-kapaċità li tiżviluppa funzjonijiet fiżjoloġiċi b'livell sinifikattiv ta' awtonomija:

Iżda parti minn organu titqies ukoll li tkun organu jekk il-funzjoni tagħha tkun ser tintuża għall-istess għan bħal dak tal-organu sħiħ fil-ġisem tal-bniedem, filwaqt li tirritjeni l-ħtiġiet ta' struttura u vaskularizzazzjoni;

"qligħ finanzjarju jew daqstant vantaġġ" m'għandhomx jinkludu kumpens għal telf ta' qligħ u kull spiża ġustifikata oħra kkawżata mit-tneħħija jew mill-eżamijiet mediċi relatati, jew kumpens fil-każ ta' danni li mhuwiex inerenti mat-tneħħija tal-organi.

Traffikar ta' minuri għal xi wieħed mill-għannijiet imsemmija fl-artikoli 248A sa 248Ċ. *Miżjud: III. 2002.50. Emendat: XXVIII. 2016.16.*

**248D.** Kull min jittraffika minuri b'xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikoli 248A sa 248ĊA, it-tnejn inkużi, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena li hemm f'dawk l-artikoli, skont kif ikun il-każ, ukoll jekk ma jkun intuża ebda wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2):

Iżda fejn ikun intuża xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) biex isir ir-reat taħt dan l-artikolu l-piena għar-reat għandha tiżdied bi grad.

Li tħajjar b'mod improprju li jingħata l-kunsens għall-adozzjoni ta' persuna ta' taħt l-età għal finijiet ta' sfruttament. *Miżjud: VII. 2010.17. Emendat: XXVIII. 2016.16.*

**248DA.** Kull min, għall-finijiet imsemmija fl-artikoli 248A sa 248ĊA, it-tnejn inklużi, jaġixxi bħala intermedjarju għall-adozzjoni ta' persuna ta' taħt l-età iħajjar b'mod improprju li jingħata l-kunsens ta' xi persuna li l-kunsens tagħha jkun meħtieġ għall-adozzjoni jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 248D.

Xogħol magħmul mit-tfal.
*Miżjud:*
*VII. 2010.17.*

**248DB.** Kull min jieħu sehem jew jinvolvi ruħu fix-xogħol magħmul mit-tfal għal kull fini msemmija fl-artikolu 248A jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita taħt l-artikolu 248D.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu xogħol tat-tfal għandu jinkludi persuna ta' taħt l-età li tkun kostretta biex taħdem b'mod sfurzat jew obbligatorju għal kull fini inkluż ir-reklutaġġ sfurzat jew obbligatorju ta' persuni ta' taħt l-età biex jieħdu sehem f'kunflitt bl-armi.

Disposizzjonijiet ġenerali li jgħoddu għal dan is-Sub-titolu.
*Miżjud:*
*III. 2002.50.*
*Emendat:*
*A.L. 407 tal-2007;*
*XXXI. 2007.14;*
*VII. 2010.18;*
*XVIII. 2013.4;*
*VIII. 2015.12;*
*XXVIII. 2016.16.*

**248E.** (1) F'dan is-sub-titolu, l-espressjoni "jittraffika persuna" jew "jittraffika minuri" tfisser ir-reklutaġġ, trasport, bejgħ jew trasferiment ta' persuna, jew ta' minuri, skont kif jista' jkun il-każ, inkluż il-ħabi ta' dik il-persuna, jew tal-minuri, li wara tiġi riċevuta u jkun hemm bdil jew trasferiment ta' kontroll fuq dik il-persuna, jew fuq il-minuri, u tinkludi kull għemil li jiffaċilita id-dħul, transitu, residenza fi jew ħruġ mit-territorju ta' xi pajjiż għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu, skont kif jista' jkun il-każ.

(2) Meta xi wieħed mir-reati fl-artikoli 248A sa 248D, it-tnejn inklużi -

(*a*) isir flimkien ma' vjolenza, jew tkun irriżultat fi ħsara għas-saħħa fiżika jew psikoloġika tal-vittma fuq il-persuna; jew

(*b*) jiġġenera rikavat li jkun ta' aktar minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); jew

(*ċ*) isir bl-involviment ta' xi għaqda kriminali skont it-tifsira li hemm fl-artikolu 83A(1); jew

(*d*) isir minn uffiċjal jew funzjonarju pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijiet tiegħu; jew

(*e*) isir kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2); jew

(*f*) meta l-akkużat ikun xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ipperikola l-ħajja tal-persuna ttraffikata; jew

(*g*) meta l-akkużat ikun diġà nstab ħati ta' offiża taħt dan l-artikolu; jew

(*h*) isir minn membru tal-familja tat-tfal, persuna li tkun qed tgħix mat-tfal jew persuna li tkun abbużat minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja jew awtorità,

il-piena li xort'oħra kienet tkun tgħodd għandha tiżdied bi grad.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 121D għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għar-reati taħt dan is-sub-titolu, hekk iżda li l-piena li l-korp magħqud għandu jeħel taħt dan is-subartikolu tkun il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(4) Meta l-persuna misjuba ħatja ta' wieħed mir-reati taħt dan

is-sub-titolu -

(*a*) kienet fiż-żmien li sar ir-reat impjegata jew xort'oħra fis-servizz ta' korp magħqud, u

(*b*) ir-reat sar għall-benefiċċju, f'parti jew għal kollox, ta' dak il-korp magħqud, u

(*ċ*) ir-reat seta' jsir minħabba n-nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll ta' xi persuna li għaliha hemm riferenza fl-artikolu 121D,

il-persuna misjuba ħatja kif ingħad għandha titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li jeħel multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux iżjed minn żewġ miljun euro (€2,000,000).

(4A) Meta r-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta', fl-intier tiegħu jew f'parti minnu, korp magħqud minn persuna li jkollha s-setgħa li tirrappreżenta dak il-korp magħqud, l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-korp magħqud, jew awtorità li twettaq kontroll fuq il-korp magħqud, il-persuna ġuridika tista' tkun soġġetta għal:

(i) esklużjoni milli tkun intitolata għall-benefiċċji jew għajnuna pubblika;

(ii) is-sospensjoni jew it-tħassir ta' kull liċenza, permess jew awtorità oħra biex jeżerċita xi kummerċ, negozju jew attività kummerċjali oħra;

(iii) it-tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

(iv) l-istralċ obbligatorju tal-korp magħqud; jew

(v) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' xi stabbiliment li seta' ġie użat għall-għemil tar-reat.

(5) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati Maltin għandu jkollhom ġurisdizzjoni fuq l-imsemmijin reati meta:

(*a*) parti biss mill-azzjoni li tagħti lok għall-esekuzzjoni tar-reat tkun twettqet f'Malta; jew

(*b*) il-ħati jkun ċittadin Malti jew residenti permanenti f'Malta jew ir-reat ġie mwettaq għall-benefiċċju ta' korp ġuridiku reġistrat f'Malta; jew

(*ċ*) ir-reat twettaq fuq ċittadin Malti jew residenti permanenti f'Malta.

Eżenzjoni għal atti li jsiru b'ġegħil. *Miżjud: XXXI. 2007.14.*

(6) M'għandu jkun hemm ebda kastig għal reati li jsiru taħt dan is-sub-titolu jekk il-ħati kien imġiegħel jagħmilhom minn xi persuna oħra fejn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 33(*b*) ma jkunux japplikaw.

Meta l-Att dwar l-Immigrazzjoni ma japplikax. *Miżjud: XXXI. 2007.14.* Kap. 217.

(7) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 14 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni m'għandhomx ikunu japplikaw qabel ma jgħaddu tletin ġurnata minn meta l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jkollu tassew għaliex jaħseb li l-persuna in kwistjoni tkun vittma ta' xi wieħed mir-reati taħt dan is-subtitolu.

Kap. 63.

(8) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 13 u 14 tal-Ordinanza tal-

Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw.

(9) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda' mill-ġurnata meta l-vittma tkun tal-età.

(10) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

Għajnuna u assistenza.
*Miżjud: XVIII. 2013.6.*

**248F.** (1). Kull min jgħin, jassisti jew jinstiga xi reat taħt dan is-subtitolu jkun ħati ta' reat u jeħel meta jinstab ħati, il-piena stabbilita għar-reat mgħejjun, assistit jew instigat.

(2) Kull persuna li twettaq jew tagħmel użu mis-servizzi jew xogħol kif imsemmija fl-artikoli 248A sa 248D, it-tnejn inklużi, meta tkun taf li l-persuna li tipprovdi s-servizz ġiet ittraffikata fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 248E(1), tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, priġunerija għal perjodu bejn tmintax-il xhar u ħames snin.

Ċerti disposizzjonijiet ma japplikawx.
*Miżjud: XVIII. 2013.6.*
Kap. 446

**248G.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28 ta' dan il-Kodiċi u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' xi persuna li tinstab ħatja ta' reat taħt dan is-subtitolu.

---

*Sub-titolu IX*

FUQ IT-THEDDID, VJOLENZA PRIVATA U FASTIDJU

*Emendat: VIII. 1909.25. Sostitwit: XX. 2005.14.*

Theddid bil-mezz ta' kitba.
*Emendat: IX. 1859.17; XIV. 1983.5; III. 2002.51.*

**249.** (1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil ħaddieħor b'xi delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur:

Iżda jekk it-theddida tkun dwar l-użu ta' materjal nukleari sabiex tiġi kkaġunata l-mewt ta' jew offiża gravi fuq xi persuna jew ħsara kbira fil-proprjetà jew tkun dwar li jsir reat ta' serq ta' materjal nukleari sabiex xi persuna naturali jew legali, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jiġi mġiegħel jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, il-piena għar-reat għandha tiżdied bi tliet gradi; il-frażi "materjal nukleari" għandha jkollha l-istess tifsira li ngħatat fl-artikolu 314B(4).

(2) Kemm-il darba flimkien mat-theddid, ukoll fil-każ ta' theddid bil-fomm, ikun hemm ordni jew kondizzjoni, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) biż-żieda tal-multa.

(3) Barra minn dan il-qorti tordna li l-ħati jġib il-pleġġerija jew jagħti l-obbligazzjoni msemmija fl-artikoli 383, 384 u 385.

**250.** (1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ’oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn sena sa erba’ snin.

Rikatt. *Emendat: IX. 1859.18; VIII. 1909.26; XLIX. 1981.4; III. 2002.52; XXIV. 2014.25.*

(2) Kemm-il darba b’dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta’ priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin.

**251.** (1) Kull min juża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan.

Vjolenza kontra l-privat. *Emendat: XXIV. 2014.26.*

(2) Jekk il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena msemmija fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan.

(3) Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b’grad wieħed jew tnejn:

Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista’ jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b’grad wieħed jew tnejn.

**251A.** (1) Persuna li ġġib ruħha:

Il-fastidju. *Miżjud: XX. 2005.15. Emendat: A.L. 407 tal-2007; XXIV. 2014.27.*

(*a*) b’mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u

(*b*) b’mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju għal dik il-persuna,

tkun ħatja ta’ reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta’ dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b’mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta’ persuna oħra jekk fil-qjies ta’ persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b’reat taħt dan l-artikolu tista’ ġġib prova li:

(*a*) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

(*b*) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma’ xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew

(*ċ*) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.

(4) Persuna misjuba ħatja ta’ reat taħt dan l-artikolu tista’ teħel

il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (2,500) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).

Segwiment ta' persuna bil-moħbi.
*Miżjud: XXIV. 2014.28.*
*Emendat: VIII. 2015.13.*

**251AA.** (1) Persuna:

(*a*) li ġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur tal-artikolu 251A(1), u

(*b*) l-imġiba tagħha jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (*b*) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u l-artikolu 251BA(1)(*a*), persuna ġġib ruħha b'mod li l-imġiba tagħha tkun tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi jekk:

(*a*) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna,

(*b*) tikkostitwixxi xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (3), u

(*ċ*) dik il-persuna, li twettaq dik l-imġiba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Dawn l-atti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala atti ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi:

(*a*) li wieħed jimxi wara persuna,

(*b*) li wieħed jagħmel kuntatt, jew jittanta jagħmel kuntatt, ma' persuna bi kwalunkwe mezz,

(*ċ*) il-pubblikazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' xi dikjarazzjoni jew materjal ieħor -

(i) li jirrigwarda jew li jagħti lil wieħed x'jifhem li jirrigwarda persuna, jew

(ii) li jagħti lil wieħed x'jifhem li joriġina minn persuna,

(*d*) il-monitoraġġ tal-użu ta' persuna tal-internet, tal-posta elettronika jew ta' kull forma oħra ta' komunikazzjoni elettronika,

(*e*) li wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat,

(*f*) indħil f'xi proprjetà li tkun fil-pussess ta' persuna,

(*g*) li wieħed joqgħod għassa jew jispija fuq persuna.

(4) Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000), jew dik il-

multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).

**251B.** (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom. *Miżjud: XX. 2005.15. Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

(*a*) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251A(3)(*a*) jew (*b*); jew

(*b*) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.

**251BA.** (1) Persuna li l-imġiba tagħha -

Segwiment ta' persuna bil-moħbi li jinvolvi biża' li titwettaq vjolenza, li wieħed jallarma jew li jdejjaq lil ħaddieħor. *Miżjud: XXIV. 2014.29.*

(*a*) tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, u

(*b*) jew:

(i) tikkaġuna li persuna oħra tibża' f'għallinqas żewġ okkażjonijiet li ser tintuża vjolenza fuqha, jew

(ii) tikkaġuna fuq persuna oħra allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' dik il-persuna,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu jekk tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġiba tagħha ser tikkaġuna biża' fil-persuna f'kull waħda minn dawk l-okkażjonijiet jew, kif ikun il-każ, ser tikkaġuna dak l-allarm jew dwejjaq.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġiba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun ser tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġiba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġiba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun ser tikkaġuna allarm jew dwejjaq f'ħaddieħor li ser ikollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' dik il-persuna jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġiba tkun ser tikkaġuna dak l-allarm jew dwejjaq.

prova li l-imġiba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251B(3)(*a*) jew (*b*).

(5) Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa ħames snin jew multa ta' mhux iżjed minn tletin elf euro (30,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).

(6) Il-fatt li persuna mixlija b'reat taħt dan l-artikolu tiġi illiberata ma jeskludix li tinstab ħatja ta' reat kontra l-artikoli 251A jew 251AA.

(7) Dan l-artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 251B.

Tifsir fl-artikoli 251A u 251B.
*Miżjud: XX. 2005.15.*
*Emendat: XXIV. 2014.30.*

**251Ċ.** Fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna.

Dispożizzjonijiet ġenerali.
*Miżjud: XVI. 2006.5.*
*Emendat: VIII. 2012.6.*
*Sostitwit: XXIV. 2014.31.*

**251D.** (1) Il-pieni stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika jew nazzjonali, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A.

(2) Il-pieni stabbiliti fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad wieħed meta r-reat isir b'xi wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 337B(1).

(3) Meta persuna tiġi mixlija taħt l-artikoli 251 sa 251BA, it-tnejn inklużi, ilk-qorti tista' tagħmel ordni skont is-subartikolu (1) u l-paragrafi (*a*) sa (*ċ*), it-tnejn inklużi, tas-subartikolu (3) tal-artikolu 412Ċ.

Mutilazzjoni tal-organi ġenitali ta' mara.
*Miżjud: I. 2014.2.*

**251E.** (1) Kull min, għal raġunijiet li ma jkunux mediċi, jagħmel operazzjoni jew iwettaq xi intervent fuq l-organi ġenitali ta' mara, liema operazzjoni jew intervent jikkawżaw ħsara fuq l-organi ġenitali jew iġibu fuq dawk l-organi tibdil permanenti, ikun ħati ta' mutilazzjoni furzata tal-organi ġenitali ta' mara u jeħel il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' minn tliet snin sa disa' snin.

(2) (*a*) Kull min jinsab ħati ta' mutilazzjoni tal-organi ġenitali ta' mara li biha tiġri l-mewt minħabba biss fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara, jeħel -

(i) il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa għoxrin sena, jekk il-mewt tiġri fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew igħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;

(ii) il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tnax-il sena, jekk il-mewt tiġri wara l-erbgħin ġurnata hawn fuq imsemmija, imma qabel sena li tibda tgħodd bħal ma jingħad hawn fuq.

(*b*) Jekk il-mewt tiġri minħabba f'xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux biss minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-operazzjoni jew intervent, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa disa' snin.

(3) Il-kunsens tal-persuna li fuqha jsiru l-operazzjoni jew l-intervent ma jiġġustifikax l-eżenzjoni mill-piena.

(4) Kull min xjentement jonqos milli jipprova jevita, permezz ta' lment formali jew b'xi mod ieħor, mutilazzjoni tal-organi ġenitali ta' mara, jeħel multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) jew priġunerija għal żmien ta' minn sitt xhur sa sentejn jew għal multa u priġunerija flimkien:

Iżda d-dmir li jiġi evitat att bħal dan għandu jgħodd minkejja kull dmir ta' kunfidenzjalità.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "operazzjoni" u "intervent" għandhom jinkludu l-qtugħ, infibulazzjoni jew mutilazzjoni tal-organi ġenitali.

(6) Kull min jgħin, iħajjar, jagħti parir jew iħabrek mara sabiex taqta', tinfibula jew b'xi mod ieħor timmutila l-organi ġenitali tagħha kollha jew xi parti minnha, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita taħt dan l-artikolu.

Sterilizzazzjoni furzata.
*Miżjud: I. 2014.2.*

**251F.** Kull min bl-użu tal-forza, qerq, tixħim jew theddid, u mhux għal raġuni medika, permezz tal-kirurġija jneħħi jew jiddiżabilita l-organi riproduttivi ta' individwu sabiex iwassal għal sterilizzazzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-kunsens sħiħ u infurmat ta' dak l-individwu jkun ħati ta' sterilizzazzjoni furzata u jeħel, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar gravi taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' minn erba' snin sa għaxar snin.

Żwieġ furzat.
*Miżjud: I. 2014.2.*

**251G.** Kull min bl-użu tal-forza, tixħim, qerq, deprivazzjoni tal-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, iġiegħel lil xi ħadd jiżżewweġ ikun ħati li jkun ikkawża żwieġ furzat u jeħel, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar gravi taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' minn tliet snin sa ħames snin:

Iżda kull att li hekk isir li jmur kontra din id-dispożizzjoni għandu jkun null u mingħajr effett legali.

Żjieda fil-piena.
*Miżjud:*
*I. 2014.2.*

**251H.** Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) id-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha:

Iżda f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi persuna li ż-żwieġ tagħha mal-akkużat ġie xolt jew ġie dikjarat null;

(*b*) id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament;

(*ċ*) id-delitt twettaq fuq persuna vulnerabbli skont it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2);

(*d*) id-delitt twettaq fuq jew fil-preżenza ta' minuri;

(*e*) id-delitt twettaq minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien;

(*f*) twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

(*g*) id-delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma

(*h*) id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma;

(*i*) l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili.

Applikabilità ta' dispożizzjonijiet.
*Miżjud:*
*I. 2014.2.*
*Emendat:*
*VIII. 2015.14.*

**251I.** (1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin jgħoddu għad-delitti taħt l-artikoli 198, u 251 sa 251G, it-tnejn inklużi.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni wkoll fuq id-delitti msemmija meta:

(*a*) parti biss mill-azzjoni li twassal għall-eżekuzzjoni tad-delitt twettqet f'Malta; jew

(*b*) l-akkużat hu ċittadin Malti jew hu resident permanenti f'Malta; jew

(*ċ*) id-delitt twettaq fuq ċittadin Malti jew fuq resident permanenti f'Malta.

(3) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, fejn id-delitt jitwettaq fuq persuna li tkun taħt l-età, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jiddekorri mill-ġurnata li fiha l-vittma tkun tal-età.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

*Sub-titolu X*

FUQ L-INĠURJI U L-KXIF TA’ SIGRIETI

**252.** (1) Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta’ xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b’ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.

Inġurji. *Emendat: XI. 1900.36; IV. 1916.2.*

(2) Jekk l-inġurja ssir bi kliem mhux imfisser ċar jew b’ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem jew egħmil li jkun biss mhux xieraq, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

(3) Jekk l-inġurja ssir b’kitba, b’figuri jew b’disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-ħati jeħel il-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sena.

(4) Jekk l-inġurja ssir kontra axxendenti, u l-piena stabbilita għal dan ir-reat tkun il-priġunerija, tiżdied ukoll il-piena tal-multa.

**253.** (1) L-imputat tad-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan ma jistax, biex jeħles mill-ħtija, jipprova li l-fatt attribwit lill-persuna offiża huwa veru jew magħruf minn kulħadd.

Meta mhix ammissibbli l-prova tal-verità tal-fatt. *Emendat: XI. 1900.36; IV. 1916.3.*

(2) Iżda l-prova tal-verità tista’ ssir -

Eċċezzjonijiet.

(*a*) jekk l-offiż ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku, u l-fatt attribwit lilu jkollu x’jaqsam mal-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu, u jekk l-imputat, fil-bidu tas-smigħ tal-kawża, jieħu r-responsabbiltà tal-inġurja u jiddikjara illi b’difiża tiegħu jrid jagħmel il-prova tal-verità tal-fatt attribwit minnu lill-offiż:

Iżda din id-disposizzjoni ma tgħoddx fil-każ tar-reati ikkuntemplati fl-artikoli 93 u 95;

(*b*) jekk il-kwerelant jitlob formalment illi fis-smigħ tal-kawża jiġi wkoll żgurat jekk hux veru jew falz il-fatt attribwit lilu.

(3) Jekk il-verità tal-fatt tiġi ippruvata, l-imputat jiġi meħlus mill-piena, kemm-il darba l-qorti tkun sodisfatta illi l-prova tal-verità kienet ta’ ġid pubbliku, u l-mod użat, meta jittieħed kont taċ-ċirkostanzi ta’ żmien, ta’ lok u ta’ persuna, ma jkunx fih innifsu jikkostitwixxi inġurja jew reat ieħor, apparti milli tkun ġiet ippruvata l-verità tal-fatt attribwit lill-kwerelant.

(4) Kemm-il darba l-imputat, fil-każijiet li fihom ikun ġie ammess li jagħmel il-prova tal-verità tal-fatt attribwit lill-kwerelant, ma jirnexxilux jipprova din il-verità, il-qorti tista’, jekk l-inġurja tkun ġiet ippruvata, iżżid il-piena bi grad jew tnejn wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**254.** Meta jkun hemm raġunijiet ta’ skuża, il-qorti tista’ tagħti piena anqas minn dawk hawn fuq imsemmijin jew tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 378, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ċirkostanzi li jnaqqsu l-piena. Setgħat tal-qorti. *Emendat: XI. 1900.36.*

Ebda proċediment ma jittieħed mingħajr il-kwerela tal-parti offiża.

**255.** Għall-inġurja ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża:

Jekk l-offiż imut qabel il-kwerela jew jekk l-inġurja ssir kontra t-tifkira tal-mejjet. *Emendat: XI. 1900.36.*

Iżda, jekk il-parti offiża tmut qabel ma tkun għamlet il-kwerela, jew jekk l-inġurja ssir kontra t-tifkira ta' persuna mejta, jistgħu jagħmlu l-kwerela, il-mara jew ir-raġel, l-axxendenti, id-dixxendenti, l-aħwa, subien u bniet, u l-werrieta immedjati.

Libelli. *Emendat: XIV. 1889.44; XI. 1900.36; XXII. 1976.4.* Kap. 248.

**256.** (1) Fil-każijiet ta' inġurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa.

(2) Meta, skont l-Att hawn fuq imsemmi, il-proċediment jista' jsir biss bi kwerela tal-parti offiża, igħoddu wkoll id-disposizzjonijiet tal-*proviso* tal-aħħar artikolu qabel dan.

Kxif ta' sigrieti professjonali. *Sostitwit: XXIV. 1994.15; Emendat: II. 1998.7; A.L. 407 tal-2007.*

**257.** Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, tkun difiża li turi li l-kxif ikun sar lil awtorità pubblika kompetenti f'Malta jew barra minn Malta li tkun qed tinvestiga xi att jew ommissjoni li jkun sar Malta u jkun jikkostitwixxi, jew jekk ikun sar barra minn Malta f'ċirkostanzi korrispondenti kien jikkostitwixxi -

(*a*) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 22(2)(*a*)(i) tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi; jew

Kap. 101.

(*b*) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 120A(2)(*a*)(i) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew

Kap. 31.

(*ċ*) xi reat ta' *money laundering* kif imfisser fl-Att kontra Money Laundering:

Kap. 373.

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tal-ewwel proviso ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal persuna li tkun membru tal-professjoni legali jew tal-professjoni medika.

Min jeqred korrispondenza b'ittra jew b'telegramm. *Miżjud: VI. 1899.5. Emendat: I. 1903.9; XLIX. 1981.4; IX. 1982.2.*

**258.** *Imħassar bl-Att XVII.1996.19.*

**259.** *Imħassar bl-Att XVII.1996.19.*

Ftuħ bla jedd ta' ittri magħluqa, eċċ. Pussess bla jedd ta' korrispondenza mhux magħluqa.
*Miżjud: VI. 1899.5.*
*Emendat: I. 1903.10; VIII. 1909.27.*

**260.** *Imħassar bl-Att XVII.1996.19.*

Kwerela tal-parti.

---

*Sub-titolu I*

DWAR L-ABBUŻ FUQ PERSUNI ANZJANI JEW PERSUNI DIPENDENTI

*Miżjud: XXXI. 2014.3.*

**257A.** (1) Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li xi persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu, tkun ħatja ta' reat u, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun hemm għar-reat taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, teħel il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin.

Meta persuna ġġiegħel jew tippermetti li persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru taħt ċirkostanzi li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt.
*Miżjud: XXXI. 2014.3.*

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li persuna tkun persuna anzjana jew adult dipendenti jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik il-persuna hi persuna anzjana jew adult dipendenti.

(3) Meta bħala riżultat tal-imġiba mfissra fis-subartikolu (1), il-vittma ssofri offiża gravi fuq il-persuna, il-piena prevista fis-subartikolu (1) għandha tiżdied kif ġej:

(*a*) meta l-vittma tkun taħt l-età ta' sebgħin sena, bi grad jew żewġ gradi;

(*b*) meta l-vittma tkun ta' età 'l fuq minn sebgħin sena, b'żewġ jew bi tliet gradi.

**257B.** (1) Kull min jinsab ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna li biha tiġri l-mewt minħabba biss fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-ħsara kkawżata bl-imġiba mfissra fl-artikolu 257A(1) u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara, jeħel -

Offiża gravi fuq il-persuna li wara l-offiża l-persuna tmut biha.
*Miżjud: XXXI. 2014.3.*

(*a*) il-piena ta' priġunerija minn disa' snin sa għoxrin sena, jekk il-mewt tiġri fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;

(*b*) il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa ħmistax-il sena, jekk il-mewt tiġri wara l-erbgħin ġurnata hawn fuq imsemmija, imma qabel sena li tibda tgħodd bħal ma jingħad hawn fuq.

(2) Meta l-mewt tiġri minħabba f'xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux biss minħabba fin-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames snin sa tnax-il sena.

(3) Jekk l-offiża ssir ġewwa l-limiti tal-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta, id-delitt jitqies li ġie kkunsmat ġewwa dawn il-limiti, ukoll jekk il-mewt tal-persuna offiża tiġri barra minn dawk il-limiti.

(4) Il-pieni previsti f'dan l-artikolu għandhom jiżdiedu kif ġej:

(*a*) meta l-vittma tkun taħt l-età ta' sebgħin sena, bi grad jew żewġ gradi;

(*b*) meta l-vittma tkun ta' età 'l fuq minn sebgħin sena, b'żewġ jew bi tliet gradi.

Meta persuna ġġiegħel jew tippermetti li persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru taħt ċirkostanzi ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt. *Miżjud: XXXI. 2014.3.*

**257Ċ.** (1) Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu, tkun ħatja ta' reat u, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun hemm għar-reat taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, teħel il-piena ta' priġunerija minn sena sa tliet snin.

(2) Meta bħala riżultat tal-imġiba mfissra fis-subartikolu (1), il-vittma ssofri offiża fuq il-persuna, il-piena prevista fis-subartikolu (1) għandha tiżdied kif ġej:

(*a*) meta l-vittma tkun taħt l-età ta' sebgħin sena, bi grad wieħed;

(*b*) meta l-vittma tkun ta' età 'l fuq minn sebgħin sena, b'żewġ gradi.

Reati li għandhom x'jaqsmu ma' delitti kontra l-proprjetà u kontra s-sigurtà pubblika. *Miżjud: XXXI. 2014.3.*

**257D.** (1) Kull persuna li tinsab ħatja ta' xi reat taħt it-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb, meta r-reat jitwettaq fuq persuna anzjana jew adult dipendenti, teħel il-piena prevista f'dan l-artikolu:

(*a*) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn tlett elef euro (€3,000) il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin;

(*b*) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda mhux

iżjed minn tlett elef euro (€3,000), il-piena tkun dik ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin:

Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti f'dan is-Sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294 il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha;

(*ċ*) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.

(2) B'żieda ma' kull piena li tista' tingħata lil persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan is-Sub-titolu u b'żieda ma' kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D, il-qorti tista' tordna lill-ħati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa jew rikavat minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu jew akkwista bi frodi jew bi qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat; u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni jkun jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Arrest, żamma jew sekwestru ta' persuna anzjana jew adult dipendenti. *Miżjud: XXXI. 2014.3.*

**257E.** (1) Kull min, bla ordni skont il-liġi, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna anzjana jew adult dipendenti kontra l-volontà ta' dik il-persuna jew adult, jew b'xi mod jirrestrinġi jew jostakola l-moviment liberu u aċċess mhux ostakolat ta' persuna anzjana jew ta' adult dipendenti jeħel, meta jinsab ħati l-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin.

(2) Meta l-imġiba mfissra fis-subartikolu (1) tkun twettqet bl-użu tal-vjolenza, forza, tixħim, qerq, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, il-piena għandha tiżdied b'żewġ gradi jew tliet gradi.

Applikabilità ta' dispożizzjonijiet. *Miżjud: XXXI. 2014.3. Emendat: VIII. 2015.15.*

**257F.** (1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għal reati taħt l-artikoli 257A sa 257E.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 121D u 248E(4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandu jkollhom ġurisdizzjoni wkoll fuq ir-reati msemmija meta:

(*a*) parti biss mill-azzjoni li tikkostitwixxi l-esekuzzjoni tar-reat tkun saret ġewwa Malta; jew

(*b*) min jagħmel ir-reat ikun ċittadin jew residenti permanenti f'Malta jew ir-reat twettaq għall-benefiċċju ta' korp magħqud reġistrat f'Malta; jew

(*ċ*) ir-reat isir kontra ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta.

(4) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu:

"persuna anzjana" tfisser persuna li għalqet l-età ta' sittin sena;

"adult dipendenti" tfisser persuna tal-età li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha l-kapaċità tagħha li twettaq attivitajiet normali jew li tipproteġi d-drittijiet tagħha jkunu ristretti, inklużi, iżda mhux limitati għal, persuni li jkollhom diżabilitajiet fl-iżvilupp tagħhom jew li l-kapaċitajiet fiżiċi u mentali tagħhom ikunu naqsu minħabba fl-età u tinkludi kull persuna li tkun daħlet bħala pazjent residenti fi faċilità tas-saħħa li topera għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, jew tkun residenti f'istituzzjoni, jew daħlet f'istituzzjoni li toffri xi forma ta' kura medika jew psikoloġika;

"resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(*d*);

"rikavat" tfisser kull vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà ġejja jew miksuba, b'mod dirett jew mhux dirett, mill-għemil tar-reat u tinkludi kull qligħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà;

"proprjetà" tfisser kull attiv ta' liema xorta jkun, kemm korporali kif ukoll inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali li jkunu prova ta' titolu għal dak l-attiv jew xi interess fih.

---

## Titolu IX

*Emendat: XVI. 1901.1; I. 1903.11.*

## FUQ ID-DELITTI KONTRA L-PROPRJETÀ U KONTRA S-SIGURTÀ PUBBLIKA

---

### *Sub-titolu I*

### FUQ IS-SERQ

### § FUQ IS-SERQ IKKWALIFIKAT

Serq. Kwalifiki.

**261.** Is-serq huwa ikkwalifikat -

(*a*) bil-"vjolenza";

(*b*) bil-"mezz";

(*ċ*) bil-"valur";

(*d*) bil-"persuna";

(*e*) bil-"lok";

(*f*) bil-"ħin";

(*g*) bix-"xorta tal-ħaġa misruqa".

Serq ikkwalifikat bil-"vjolenza".

**262.** (1) Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" -

(*a*) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;

(*b*) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn;

(*ċ*) meta wieħed li jkun qiegħed jiġġerra mal-kampanja, armat b'armi regulari, jew li jkun jagħmel sehem minn ġemgħa ta' nies miġbura flimkien fis-sens tal-artikolu 63, b'talba bil-miktub jew bil-fomm, magħmula minnu nnifsu jew permezz ta' persuna oħra, iġiegħel li jiġu mogħtija lilu ħwejjeġ ħaddieħor, għad illi t-talba ssir mingħajr ebda theddid.

(2) Sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex igħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa tal-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.

Serq ikkwalifikat bil-"mezż ".

**263.** Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" -

(*a*) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;

(*b*) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq, jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari, jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel.

Tifsir ta' "ksur".
*Emendat:*
*IX. 1859.19;*
*XVI. 1921.3,4;*
*XXXII. 1986.3;*
*XXIX. 1990.11.*

**264.** (1) Taħt l-isem ta' "ksur" jidħlu kull tbattija fl-art, ksur, ħatt, ħruq, qligħ, tagħwiġ jew sgassar ta' ħajt, li ma jkunx ħajt ta' għalqa mibni bis-sejjieħ, saqaf, qofol, katnazz, bieb jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint, jew biex isakkru jew jerfgħu fiż-żgur ħwejjeġ jew oġġetti oħra f'kaxex, fi sniedaq, f'armarjijiet jew reċipjenti oħra, u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew reċipjent ieħor, saħansitra jekk dan il-ksur ma jsirx fil-lok fejn ikun sar is-serq.

Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 326, kull ksur, tagħwiġ, qligħ jew sgassar ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* ta' dawn is-servizzi, jew ta' xi siġill ta' xi *meter*, magħmul sabiex isir tniffid illeġittimu ma' dawn il-kanni, fili, jew gumni, jew l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2), jitqies ukoll li huwa "ksur".

Preżunzjoni fil-każ ta' ksur ta' kanni, eċċ.

(2) Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi *meter*, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.

Tifsir ta' "imfietaħ foloz".

**265.** Taħt l-isem ta' "imfietaħ foloz" jidħlu l-ganċijiet, il-ħdejjed għall-ftuħ ta' bibien, l-imfietaħ li jaqblu għal kull xorta ta' serraturi, l-imfietaħ imxebbhin, l-iffalsifikati, l-imqabblin, u l-istess imfietaħ veri miksubin b'serq, b'qerq, jew b'mezz ieħor qarrieqi, u, in ġenerali, kull biċċa għodda oħra tajba biex tiftaħ jew tneħħi qofol, ta' kull xorta li jkun, sew ta' ġewwa kemm ta' barra.

Tifsir ta' "skalata".

**266.** (1) Id-dħul f'wieħed mill-postijiet imsemmijin fl-artikolu 264 minn band'oħra barra milli mill-bibien li ordinarjament qegħdin għaldaqshekk, sew jekk id-dħul isir bil-mezz ta' sellum jew ta' ħabel, jew b'xi mezz ieħor, kemm bil-għajnuna tal-ġisem ta' bniedem ieħor, inkella billi b'xi mod wieħed jixxabbat biex jitla' jew jinżel, kif ukoll id-dħul minn fetħa taħt l-art barra milli minn dik li qiegħda għad-dħul, jitqies "skalata".

(2) Għall-finijiet tal-piena, jitqies ukoll li hemm "skalata" meta l-ħati, għalkemm ikun daħal f'wieħed mill-postijiet hawn fuq imsemmija minn xi daħla li tkun qiegħda għaldaqshekk, joħroġ minnha b'xi wieħed mill-mezzi hawn fuq imsemmija.

Serq ikkwalifikat bil-"valur".
*Emendat:*
*XI. 1900.37;*
*III. 1971. 6;*
*XIII. 1980.8;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**267.** Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

Serq ikkwalifikat bil-"persuna".

**268.** Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"persuna" -

(*a*) meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi ħsara tas-sid, jew bi ħsara ta' barrani, jekk biex jagħmel is-serq tkun swietlu ta' għajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur;

Tifsir ta' "seftur".

taħt l-isem ta' "seftur" tidħol kull persuna impjegata ma' ħaddieħor b'salarju jew bi ħlas ieħor, sew jekk din il-persuna tkun toqgħod jew le fid-dar mas-sid tagħha;

(*b*) meta jsir mill-mistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, fid-dar fejn ikun milqugħ bħala mistieden, jew, taħt l-istess ċirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, bi ħsara tal-mistieden jew ta' xi ħadd tal-familja tiegħu;

(*ċ*) meta jsir minn lukandier, tvernar, *driver* ta' vettura, barklor jew minn wieħed li jagħmel flokhom, jew minn sefturi jew impjegati oħra tagħhom, fil-lukanda,

tverna, vettura, jew dgħajsa, fejn dan il-lukandier, tvernar, *driver* jew barklor ikun jaħdem jew iqabbad lil min jaħdem is-snajja hawn fuq imsemmija inkella jagħmel jew iqabbad lil min jagħmel xi wieħed minn dawk ix-xogħlijiet; u wkoll meta jsir f'dawn l-istess postijiet, minn min ikun ħa alloġġ jew post, jew minn min ikun fada ħwejġu hemmhekk;

(*d*) meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq il-bastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu.

Serq ikkwalifikat bil-"lok".

**269.** Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir -

(*a*) f'lok pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla;

(*b*) fl-awli li fihom il-qorti toqgħod u waqt is-seduta tal-qorti;

(*ċ*) fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat;

(*d*) f'maħżen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu jew ta' rahan li qiegħed għall-kumdità tal-pubbliku;

(*e*) fuq bastiment jew biċċa oħra ta' fuq il-baħar li jkunu rmiġġati;

(*f*) fil-ħabs jew f'lok ieħor ta' kustodja jew ta' piena;

(*g*) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.

Serq ikkwalifikat bil-"ħin".

**270.** Huwa ikkwalifikat bil-"ħin" is-serq li jsir bil-lejl, jiġifieri, bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx.

Serq ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa". *Emendat: XXXII. 1986.4; III. 2002.53; V. 2005.37; A.L. 407 tal-2007.*

**271.** Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" -

(*a*) meta jsir fuq ħwejjeġ imqegħdin f'periklu, sew jekk jinxeħtu jew jinġarru sabiex jitqiegħdu fiż-żgur, kemm jekk jintelqu fil-għaġla biex wieħed isalva ħajtu, minħabba ħruq, tiġrif ta' bini, għarqa, ilma li jgħarraq l-art, invażjoni ta' għedewwa, jew xi hemm kbir ieħor;

(*b*) meta jsir fuq ġarar tan-naħal;

(*ċ*) meta jsir fuq kull xorta li tkun ta' bhejjem, kbar jew żgħar, f'mergħa, f'razzet jew stalla, jekk il-valur ta' dawn il-bhejjem ma jkunx anqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33);

(*d*) meta jsir fuq ħbula jew ħwejjeġ oħra li huma essenzjali għan-navigazzjoni jew għas-sigurtà ta' vapuri jew bastimenti;

(*e*) meta jsir fuq xibka jew armar ieħor kalati l-baħar għas-sajd;

(*f*) meta jsir fuq oġġett ta' tiżjin jew ta' lbies, li f'dak il-waqt ikun fuq il-persuna ta' tifel ta' anqas minn disa' snin;

(*g*) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post

aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura;

(*h*) meta jsir fuq materjal nukleari skont it-tifsira mogħtija fl-artikolu 314B(4);

Kap. 477.

(*i*) meta jsir fuq *records* pubbliċi kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar Arkivji Nazzjonali.

Piena għal serq b'omiċidju volontarju.
*Emendat: XXI. 1971.20; XLIX. 1981.4.*

**272.** Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' omiċidju volontarju jeħel il-piena ta' priġunerija għal għomru.

Piena għal serq b'offiża gravi fuq il-persuna li biha tikkawża l-mewt.
*Miżjud: VII. 2010.19.*

**272A.** (1) Kull min jinsab ħati ta' serq b'offiża gravi fuq il-persuna li biha tikkawża l-mewt jista' jeħel:

(*a*) jekk l-offiża hija gravi u l-mewt tiġi kkawżata minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara:

(i) il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmien snin sa tletin sena, jekk l-mewt tiġi kkawżata fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel d-delitt;

(ii) il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt snin sa ħamsa u għoxrin sena, jekk l-mewt tiġi kkawżata wara l-erbgħin ġurnata hawn fuq msemmija, imma qabel sena li tibda tgħodd bħalma jingħad hawn fuq;

(*b*) meta l-mewt tiġi kkawżata minħabba f'xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux biss minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża, l-akkużat jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames snin sa għaxar snin.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 220(3) għandhom japplikaw meta l-offiża tkun saret fil-limiti territorjali ta' Malta imma l-mewt tiġi kkawżata barra minn dawk il-limiti.

Piena għal serq b'attentat ta' omiċidju.
*Emendat: IV. 1856.13; VI. 1871.19; XI. 1900.38; XLIX. 1981.4.*

**273.** Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' attentat ta' omiċidju jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt snin sa għoxrin sena.

Piena għal serq b'offiża fuq il-persuna.
*Emendat: XI. 1900.38; XLIX. 1981.4.*

**274.** Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' offiża fuq il-persuna jeħel -

(*a*) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erba' snin sa tnax-il sena;

(*b*) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi

msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa disa' snin;

(*ċ*) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin;

(*d*) jekk l-offiża tkun ħafifa u ta' importanza żgħira u mhux magħmula b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il xahar sa tliet snin.

Piena għas-serq b'sekwestru tal-persuna. *Emendat: V. 1868.17; XLIX. 1981.4.*

**275.** Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' sekwestru tal-persuna jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa erba' snin.

Piena għas-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" iżda mhux b'omiċidju ikkunsmat jew attentat jew b'offiża jew sekwestru tal-persuna. *Emendat: V. 1868.17; XLIX. 1981.4.*

**276.** Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"vjolenza", iżda li ma jsirx flimkien ma' xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikoli 272, 273, 274 u 275, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa tliet snin.

Piena għal meta l-"vjolenza" tkun diretta kontra ċerti persuni. *Miżjud: XXIX. 1990.12. Emendat: III. 2002.54.*

**276A.** Il-pieni msemmijin fl-artikoli 273, 274, 275 u 276 għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-"vjolenza" hemm imsemmija tkun diretta kontra persuna taħt l-età ta' tnax-il sena jew li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew kontra persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tagħmel reżistenza xierqa.

Piena għas-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" u bi kwalifiki oħra. *Emendat: XXIX. 1990.13.*

**277.** Meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -

(*a*) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed minn dawk il-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-mezz, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A, illi ma tingħatax fil-*minimum* tagħha;

(*b*) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal-"mezz", sew jekk ma' kwalifiki oħra kemm mingħajrhom, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A miżjuda bi grad jew tnejn.

Piena għas-serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss jew bil-"mezz" u bi kwalifiki oħra.
*Emendat:*
*VI. 1871.20;*
*XI. 1900.39;*
*I. 1903.12;*
*XII. 1913.6;*
*III. 1971.7;*
*XIII. 1980.9;*
*XLIX. 1981.4;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**278.** (1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.

(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-*minimum* tagħha.

(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-*minimum* tagħha.

Setgħa tal-qorti.

(4) Iżda, jekk il-valur tal-ħwejjeġ misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), il-qorti tista', bla ħsara tad-disposizzjoni tal-artikolu 371(2)(*ċ*), tagħti f'kull każ il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa disa' xhur.

Piena għas-serq ikkwalifikat bil-"valur".
*Emendat:*
*XI. 1900.39;*
*XII. 1913.7;*
*III. 1971.8;*
*XIII. 1980.10;*
*XLIX. 1981.4;*
*V. 2005.37;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**279.** Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel -

(*a*) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin;

(*b*) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin:

Iżda meta għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 325(2) ma jkunx possibbli li jiġi stmat il-valur tal-ħaġa misruqa, dak il-valur għandu jiġi stmat li jkun jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

Piena għas-serq ikkwalifikat bil-"valur" u bi kwalifiki oħra.
*Emendat:*
*XI. 1900.39;*
*XII. 1913.8;*
*XXIX. 1990.14.*

**280.** (1) Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-*minimum* tagħhom.

(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:

Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu ta' qabel dan, meta l-"vjolenza" tkun diretta kontra xi waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 276A, il-piena applikabbli għal serq meta akkumpanjat bil-kwalifika tal-"vjolenza" għandha tkun il-piena kif miżjuda b'dak l-artikolu.

**281.** Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel -

Piena għas-serq ikkwalifikat bil-"persuna", "lok", "ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa".
*Emendat: XLIX. 1981.4.*

(*a*) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn;

(*b*) jekk is-serq ikun akkumpanjat bi tnejn minn dawk il-kwalifiki, l-istess piena, iżda qatt fil-*minimum* tagħha;

(*ċ*) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'iżjed minn tnejn minn dawk il-kwalifiki, il-piena fuq imsemmija, iżda din il-piena tista' tiżdied għal żmien mhux iżjed minn tliet snin.

**282.** Meta fis-serq akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki msemmijin fl-artikolu 261, iżda mhux dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.

Piena għas-serq ikkwalifikat meta l-ħaġa misruqa ma tiswiex aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).
*Emendat: IV. 1856.14; V. 1868.18; VI. 1871.21; XI. 1900.40; I. 1903.14; III. 1971.9; XLIX. 1981.4; A.L. 407 tal-2007.*

**283.** Fil-każijiet imsemmijin fit-tieni paragrafu tal-artikolu 264(1), is-serq ikkwalifikat bil-"mezz" jitqies ikkunsmat meta jsir l-infid hemm imsemmi, u l-ħati jeħel il-piena msemmija fl-artikolu 278(4), kemm-il darba ma jiġix ippruvat illi l-valur ta' ilma, gass, jew kurrent elettriku misruq huwa iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).

Serq ta' ilma, gass jew kurrent elettriku.
*Miżjud: XVI. 1921.5.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*
Meta jitqies ikkunsmat.
Piena meta l-valur tal-ilma, eċċ., ma jiskorrix tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).

**283A.** Għar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża wkoll meta r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiż ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa oħra li jingħad fil-proviso tal-artikolu 373.

Kwerela tal-parti offiża.
*Miżjud: XXII. 2005.3.*

---

§ FUQ IS-SERQ SEMPLIĊI

**284.** Is-serq mhux akkumpanjat minn waħda mill-kwalifiki msemmijin fl-artikolu 261 huwa serq sempliċi.

Serq sempliċi.

Piena.
*Emendat:*
*III. 1971.10;*
*XLIX. 1981.4;*
*XXIX. 1990.15;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**285.** Il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur:

Iżda jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.

Pussess ta' ħwejjeġ misruqa minn persuna ġa ikkundannata fuq serq jew riċettazzjoni.
*Emendat:*
*XII. 1900.41;*
*I. 1903.15.*

**286.** Il-piena stabbilita għas-serq sempliċi skont il-valur tal-ħaġa misruqa, tiġi mogħtija lil kull min, wara li jkun ġie ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' ħwejjeġ misruqa mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu.

Pussess mhux ġustifikat ta' flus, oġġetti, eċċ., minn persuna ġa ikkundannata għal serq jew għal riċettazzjoni.
*Miżjud:*
*XI. 1900.41.*

**287.** Kull min, wara li jkun ġie ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.

Serq tal-użu biss tal-ħaġa misruqa.
*Emendat:*
*IV. 1856.15;*
*VI. 1871.22;*
*XI. 1900.42.*

**288.** Il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, meta, fil-każ ta' serq sempliċi, l-utli li kellu fi ħsiebu, kien dak tal-użu biss tal-ħaġa, bil-ħsieb li jroddha minnufih.

---

### DISPOSIZZJONI ĠENERALI LI TGĦODD GĦAL DAN IS-SUB-TITOLU

Piena fil-każ ta' reċidiva f'serq.

**289.** (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata sa tmintax-il perijodu.

---

## *Sub-titolu II*

### FUQ REATI OĦRA DWAR ĦWEJJEĠ AKKWISTATI JEW MIŻMUMIN KONTRA L-LIĠI

Pussess kontra l-liġi ta' ħwejjeġ tar-Repubblika ta' Malta.
*Emendat:*
*IV. 1856.16;*
*XXVI. 1931.3;*
*XXVII. 1975.19.*

**290.** Kull min jixtri jew b'xi mod ieħor jirċievi mingħand persuna oħra jew jinsab li għandu fil-pusses tiegħu xi oġġett li jkollu xi marka jew sinjal li juri li dak l-oġġett huwa proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, jew oġġett illi l-pussessur tiegħu jkun jaf li huwa proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorità kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wieħed jista' jiddisponi

minnhom, u jonqos li jagħti kont sodisfaċenti ta' kif l-oġġett jew il-ħaġa jkunu ġew għandu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahar.

**291.** Kull min, bil-ħsieb li jaħbi proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, jiddistruġġi jew iħassar mill-oġġetti jew ħwejjeġ imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, li għalihom ma jkunx ġie mogħti permess sabiex wieħed jista' jiddisponi minnhom, xi marka jew sinjal li juru li dawk l-oġġetti jew ħwejjeġ huma proprjetà tar-Repubblika ta' Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur.

Min jiddistruġġi jew iħassar marki li juru li l-oġġett huwa tar-Repubblika ta' Malta.
*Emendat:*
*XXVI. 1931.3;*
*XXVII. 1975.20;*
*XLIX. 1981.4.*

**292.** Kull min, mingħajr liċenza tal-Gvern, iżomm għandu għall-bejgħ jew jittraffika f'oġġetti li huma magħrufa taħt l-isem ta' oġġetti tal-baħar jew tal-bastimenti, u kull min, mingħajr din il-liċenza, jinsabu għandu dawn l-oġġetti bla ma jkun jista' jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ġew għandu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-multa u l-konfiska tal-istess oġġetti.

Min jittraffika jew iżomm għandu bla liċenza oġġetti tal-baħar jew tal-bastimenti.

---

*Sub-titolu III*

FUQ IL-FRODI

**293.** Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:

Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

Approprjazzjoni bla jedd.
*Emendat:*
*IV. 1874.3;*
*VIII. 1909.28;*
*XLIX. 1981.4;*
*III. 2002.55.*

**294.** Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio*, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

Ċirkostanzi aggravanti.
*Emendat:*
*VIII. 1909.29;*
*XLIX. 1981.4;*
*III. 2002.56.*

**295.** Kull min bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurtà kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mhux mistħoqq, jiddistruġġi, ixerred 'l hawn u 'l hemm jew jgħarraq b'xi mezz li jkun, ħwejjeġ tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn, u, jekk jasal fil-ħsieb tiegħu, minn disa' xhur sa tliet snin.

Frodi dwar sigurtà.
*Emendat:*
*VIII. 1857.9;*
*IV. 1874.4;*
*VIII. 1909.30;*
*XLIX. 1981.4;*
*III. 2002.57.*

**296.** (1) Kull kaptan tal-baħar, patrun, jew barklor jew kull min ikollu f'idejh il-kmand, l-użu jew il-ħsieb ta' puntun, dgħajsa, skiff, kajjikk jew ta' biċċa oħra tal-baħar, ukoll jekk dawn ikunu iddestinati għal vjaġġ wieħed biss ġewwa l-limiti ta' Malta, illi, għal ħsieb ta' utli -

Baratterija.
*Emendat:*
*IV. 1874.5;*
*XLIX.1981.4;*
*III. 2002.58.*

(*a*) jabbanduna jew jagħmel ħsara lill-bastiment jew jikkaġuna l-għarqa tiegħu;

(*b*) jisraq merkanzija jew ħwejjeġ oħra li jkunu jinsabu

fuq il-bastiment, jew jagħmlilhom ħsara;

(*ċ*) juri bla ma jkun tassew it-telfa jew il-ħsara tal-bastiment, tal-merkanzija jew ta' ħwejjeġ oħra;

(*d*) ibiegħ jew b'xi mod ieħor jiddisponi mill-bastiment kontra r-rieda u bi ħsara tas-sid,

jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sentejn.

(2) Din il-piena tingħata wkoll meta l-ħati jkollu sehem fil-bastiment, fil-merkanzija jew fi ħwejjeġ oħra.

Abbuż ta' karta in bjank jew xort'oħra. *Emendat: XLIX. 1981.4; III. 2002.59.*

**297.** Kull min billi jagħmel użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, jikteb fuqha xi ħaġa li tkun ta' ħsara għal persuna oħra, jew, bl-istess ħsieb, iżid fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.

Qerq fil-kummerċ u fl-industrji. *Emendat: XI. 1899.106; XLIX. 1981.4; A.L. 407 tal-2007.*

**298.** (1) Kull min -

(*a*) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

(*b*) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

(*ċ*) jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

(*d*) iqiegħed fil-kummerċ merkanzija li għaliha tkun ġiet irreġistrata *trade-mark* distintiva, wara li jneħħi dik il-marka mingħajr il-kunsens ta' sidha;

(*e*) iwaħħal fuq merkanzija deskrizzjoni kummerċjali falza, jiġifieri, jwaħħal iffalsifikata jew imbiddla, ċifra, kelma jew marka illi skont l-użu tal-kummerċ tiswa biex turi -

(i) in-numru, il-kwantità, il-kejl, il-qies jew il-piż tal-merkanzija,

(ii) il-lok jew pajjiż li fih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta,

(iii) il-mod li bih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta,

(iv) il-fatt illi l-merkanzija jkollha privattiva, privileġġ jew jedd ta' proprjetà industrjali;

(*f*) xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta'

kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

(*g*) xjentement jagħmel, iżomm għandu, jew jittrasferixxi lil ħaddieħor konn, klixè, makna jew għodod oħra sabiex jiffalsifikaw, jew sabiex jiġu wżati għall-falsifikazzjoni ta' *trade-mark*,

jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(*e*), kull ċifra, kelma jew marka illi, skont l-użu tal-kummerċ, tkun tiswa biex turi waħda mill-ħwejjeġ hawn fuq imsemmijin, titqies li hija deskrizzjoni kummerċjali tagħhom.

Dħul b'qerq f'sistemi ta' telekomunikazzjoni.
*Miżjud: XII. 1991.41.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

**298A.** Kull min jibni, jibdel, jagħmel, jippossjedi, ibiegħ jew jixtri xi apparat li bih ikun jista' jikkonnetti kontra l-liġi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni, għandu, meta jinsab ħati, jeħel-

(*a*) meta r-reat isir għal qligħ jew bi skop ta' kummerċ, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(*b*) fil-każi l-oħra kollha, multa ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

Ksur ta' drittijiet tal-awtur.
*Miżjud: XII. 1991.41.*
*Emendat: XIX. 1992.2; A.L. 407 tal-2007.*
*Sostitwit: XXIV. 2014.32.*

**298B.**(1) Kull persuna li, fl-eżercizzju ta' xi kummerċ jew fil-kors tan-negozju jew bil-għan li tagħmel qligħ għaliha nnifsha jew għal xi persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkawża telf, jew tippreġudika, lil persuna oħra:

(*a*) tistampa, timmanifattura, tidduplika jew mod ieħor tirriproduċi jew tikkopja, jew tbiegħ, tqassam, jew mod ieħor toffri għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tad-drittijiet tal-awtur protetti bi jew taħt il-liġi ta' Malta, jew

(*b*) ikollha fil-pussess tagħha, kustodja jew kontroll ta' xi artikolu bħal dan jew ħaġa oħra bil-għan li twettaq wieħed mill-atti msemmija taħt il-paragrafu (*a*),

teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux anqas minn tliet elef euro (€3,000) u mhux aktar minn erba' u għoxin elf euro (€24,000) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Proċedimenti taħt dan l-artikolu ma jistgħux jittieħdu ħlief bil-kwerela tal-parti offiża.

Użurija.
*Miżjud: III. 2002.60.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

**298Ċ.** (1) Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' pruġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elfejn tliet mija u

disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) sa erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (34,940.60).

(2) L-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) tapplika għal kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi servizz li jkun jikkonsisti f'xi benefiċċju ieħor ta' liema xorta jkun, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li jkun xort'oħra sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti.

(3) L-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) tapplika wkoll għal kull min, minkejja li ma jkunx kompliċi fir-reat imsemmi fl-istess subartikolu, jindaħal biex jipprokura għal persuna oħra ammont ta' flus jew xi benefiċċju ieħor billi jġiegħel persuna tagħti jew twiegħed li tagħti, lilu stess jew lil oħrajn, minħabba fl-indħil tiegħu, kumpens sproporzjonat b'mod grossolan.

(4) Għall-finijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3), sabiex jiġi stabbilit jekk l-imgħaxijiet ikunux, jew jekk xi qligħ jew kumpens ikunx, sproporzjonat b'mod grossolan għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-fatt u tar-rati medji li soltu jingħataw għal ħidmiet bħal dik inkwistjoni.

(5) Meta, matul proċeduri kriminali għal reat taħt dan l-artikolu jiġi ppruvat quddiem il-qorti li l-akkużat irċieva mingħand xi persuna oħra ammont ta' mgħax, jew korrispettiv f'ammont, b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li xort'oħra jkun sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti, il-qorti għandha tordna lill-akkużat iħallas lill-persuna l-oħra dak l-ammont li jista' jiġi stabbilit mill-qorti bħala li jkun l-eċċess li jkun irċieva l-akkużat kif ingħad qabel. Dak l-ordni tal-qorti jkun bla ħsara għal xi dritt ta' dik il-persuna l-oħra biex tiġbor b'xi mod ieħor kull ammont akbar dovut lilha u l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu esekuttiv li jista' jiġi esegwit bħallikieku kien sentenza finali mogħtija f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna li lilha jiġi ordnat il-ħlas.

(6) Il-piena għal reat taħt dan l-artikolu għandha titnaqqas bi grad meta l-akkużat, qabel is-sentenza finali, jirrifondi l-ammont eċċessiv li jkun irċieva lill-persuna li mingħandha kien irċieva l-ammont imsemmi.

Tbagħbis, tneħħija, eċċ., ta' numru ta' chassuis jew makna.
*Miżjud: III. 2002.61.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

**298D.** Kull min, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, ibagħbas, ineħħi, jbiddel jew jagħmel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew għall-multa ta' mhux inqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) u mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.

**299.** F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż.

Preżunzjoni ta' att doluż. *Miżjud: XI. 1899.106. Emendat: XII. 1991.41.*

**300.** Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar biċċa tal-artikolu 298(1)(*a*) u (*b*) u (*d*), il-prova tal-kunsens tas-sid tmiss lill-akkużat.

Il-piż tal-prova. *Miżjud: XI.1899.106.*

**301.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(*e*), il-fatt li deskrizzjoni kummerċjali tkun *trade mark* jew biċċa minn *trade mark* ma jneħħix li din id-deskrizzjoni kummerċjali tista' tkun deskrizzjoni kummerċjali falza fis-sens tal-paragrafu hawn fuq imsemmi.

Deskrizzjoni kummerċjali falza. *Miżjud: XI. 1899.106.*

**302.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(*f*), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax -

Kif f'xi każijiet tista' tiġi attakkata l-preżunzjoni ta' att doluż. *Miżjud: XI. 1899.106.*

(*a*) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u

(*b*) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u

(*ċ*) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen.

**303.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(*g*), ma tiġi mogħtija ebda piena kemm-il darba l-akkużat jipprova -

Ħelsien mill-piena. *Miżjud: XI. 1899.106.*

(*a*) illi x-xogħol tiegħu tas-soltu huwa li jagħmel għal ħaddieħor konnijiet, klixejiet, makni jew għodod oħra biex jagħmlu, jew sabiex bihom isiru *trade-marks*, inkella, skont il-każ, biex iwaħħlu marki, sinjali, jew emblemi fuq merkanzija; u

(*b*) illi, fil-każ li dwaru tkun l-akkuża, hu kien ġie hekk imqabbad minn persuna li toqgħod f'Malta, u li ma kellu bl-ebda mod jidħol fil-qligħ mill-bejgħ tal-merkanzija li fuqha setgħu jiġu mwaħħla dawk il-marki, sinjali, jew emblemi.

**304.** Għall-finijiet tal-artikoli ta' qabel dan, jitqies li waħħal fuq merkanzija, *trade-mark* jew sinjal distintiv tal-kummerċ jew deskrizzjoni kummerċjali, kull min -

Każijiet li fihom jitqies li twaħħlu *trade-mark*, sinjal jew deskrizzjoni kummerċjali. *Miżjud: XI. 1899.106.*

(*a*) fil-fatt iwaħħalhom fuq il-ħaġa nfisha; jew

(*b*) iwaħħalhom fuq il-għata, tikketta, romblu jew ħaġ'oħra li fihom jew li bihom din il-ħaġa tinbiegħ, tiġi sponuta jew tinżamm għall-bejgħ, għall-kummerċ jew biex tinħadem; jew

(*ċ*) iqiegħed, idaħħal jew iwaħħal ħaġa mibjugħa jew sponuta jew miżmuma għall-bejgħ, ġewwa, ma', jew f'għata, tikketta, romblu jew ħaġ'oħra, illi għalihom tkun ġiet irreġistrata *trade-mark* jew applikata deskrizzjoni kummerċjali; inkella

(*d*) jagħmel użu minn *trade mark*, sinjal jew deskrizzjoni kummerċjali b'mod li jista' jġiegħel lil ħaddieħor jemmen li l-ħaġa li għaliha jkunu wżati hija tassew il-ħaġa li jkollha fuqha dik it-*trade-mark*, sinjal jew deskrizzjoni kummerċjali.

Tifsir ta' "għata" u "tikketta". *Miżjud: XI. 1899.106.*

**305.** Għal-finijiet tal-artikoli ta' qabel dan, il-kelma "għata" tfisser ukoll tapp, bittija, flixkun, reċipjent, kaxxa, għatu, kapsula, vetrina jew qartas; u l-kelma "tikketta" tfisser ukoll faxxa jew tikketta li turi x'inhija l-ħaġa li fuqha titwaħħal.

Kelmiet jew marka fuq kaxxa ta' arloġġ. *Miżjud: XI. 1899.106.*

**306.** Għall-finijiet tal-artikolu 298(1)(*d*), kemm-il darba fil-kaxxa ta' arloġġ ikun hemm kelmiet jew marki li huma, jew li ġeneralment huma magħrufa bħala li huma indikazzjoni tal-pajjiż li fih l-arloġġ inħadem u f'ebda parti tal-arloġġ ma jkun hemm din l-indikazzjoni, dawk il-kelmiet jew marki, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqiesu li huma indikazzjoni ta' dak il-pajjiż.

Użu ta' wżin jew kejl falz. *Miżjud: XI. 1900.43. Emendat: XLIX. 1981.4.*

**307.** Kull min, b'użin jew kejl falz, iqarraq lil ħaddieħor fuq il-kwantità ta' oġġetti mogħtijin b'titolu oneruż, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena.

Frodi b'egħmil qarrieqi. *Emendat: XLIX. 1981.4; III. 2002.62; XXIV. 2014.33.*

**308.** Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.

Każijiet oħra ta' qligħ b'qerq. *Emendat: XLIX. 1981.4; III. 2002.63; XXIV. 2014.34.*

**309.** Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.

Skala tal-piena skont l-ammont tal-ħsara. *Emendat: VI. 1871.23; IV. 1874.6; XI. 1900.44; I. 1903.16; III. 1971.11; XLIX. 1981.4; III. 2002.64; A.L. 407 tal-2007. Sostitwit: XXIV. 2014.35.*

**310.** (1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-sub-titolu -

(*a*) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin;

(*b*) meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin:

Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha;

(*ċ*) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn ħames mitt euro (€500), il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.

(2) Id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1)(ċ) ma tgħoddx fil-każ

ta' delitti msemmija fl-artikoli 296 u 298.

**310A.** Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 121Ċ, 121D, 248E(4) u 328K għandhom japplikaw għal reati taħt dan is-subtitolu.

Responsabbiltà ta' korp maqgħud għal reati taħt dan is-subartikolu.
*Miżjud: III. 2002.65.*
*Emendat: XXXI. 2007.15; XXIV. 2014.36.*

**310B.** Ir-reati taħt dan is-subtitolu għandhom jitqiesu reati wkoll meta jkunu saru barra minn Malta u, mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, l-azzjoni kriminali dwarhom tista' wkoll titmexxa f'Malta skont il-liġijiet tagħha kontra kull min ikun għamel jew ħa sehem fir-reat kif provdut f'dan il-Kodiċi -

Ġurisdizzjoni.
*Miżjud: III. 2002.65.*

(*a*) meta r-reat ikun sar, ukoll jekk biss in parti, f'Malta jew fuq il-baħar f'kull lok sa fejn tasal il-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta; jew

(*b*) meta l-qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor ikun ġie riċevut f'Malta; jew

(*ċ*) meta xi persuna f'Malta xjentement għenet jew ħajret lil ħaddieħor sabiex jagħmel ir-reat; jew

(*d*) meta l-ħati jkun ċittadin Malti jew resident permanenti f'Malta u l-fatt ikun jikkostitwixxi reat skont il-liġi wkoll tal-pajjiż fejn sar:

B'dan illi għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu l-espressjoni "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira li ngħatat lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

**310BA.**(1) Kull jinstab fil-pussess ta' jew ikollu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tliet snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.

Pussess, għemil jew provvista, eċċ. ta' oġġetti għall-użu fi frodi.
*Miżjud: XXIV. 2014.37.*

(2) Kull minn jagħmel, jaddatta, jipprovdi jew joffri li jipprovdi xi oġġett -

(*a*) meta jkun jaf li dak l-oġġett huwa intiż jew adattat biex jintuża fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi, jew

(*b*) bl-intenzjoni li jintuża biex titwettaq frodi jew jassisti fl-għemil ta' frodi,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa ħames snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"oġġett" jinkludi kull dokument, programm jew data miżmuma b'mod elettroniku; u

"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 558(2).

*Miżjud:*
*VII. 2010.20.*

## DISPOŻIZZJONI ĠENERALI LI TKUN TAPPLIKA GĦAL REATI TAĦT IS-SUB-TITOLI I, II u III

Diżabilità fil-każ ta' reati kontra persuni ta' taħt l-età.
*Miżjud:*
*VII. 2010.20.*

**310Ċ.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 208B(2) u (2A) għandhom japplikaw għal kull persuna li tinsab ħatja ta' xi reat taħt is-Sub-titoli I sa III, it-tnejn inklużi, meta jsiru kontra xi persuna ta' taħt l-età.

---

### *Sub-titolu IV*

*Emendat:*
*XVI. 1901.2.*

### FUQ ID-DELITTI KONTRA S-SIGURTÀ PUBBLIKA U FUQ ĦSARAT FIL-PROPRJETÀ

Esplożjoni b'periklu tal-ħajja jew tal-proprjetà.
*Miżjud:*
*XVI. 1901.3.*
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4;*
*XIV. 1983.6.*

**311.** Kull min, dolożament, b'sustanza esploživa, jagħmel esplożjoni li tista' tqiegħed f'periklu l-ħajja ta' ħaddieħor jew tagħmel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa erbatax-il sena, għalkemm fil-fatt ma tiġri ebda ħsara fuq il-persuna jew lil ħwejjeġ ħaddieħor.

Jekk l-esplożjoni tikkaġuna l-mewt jew offiża gravi fuq il-persuna.
*Miżjud:*
*XVI. 1901.3.*
*Emendat:*
*XXI. 1971.21;*
*XLIX. 1981.4;*
*XIV. 1983.7.*

**312.** (1) Jekk bil-fatt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, persuna titlef ħajjitha, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal għomru.

(2) Jekk bil-fatt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, issir offiża gravi fuq il-persuna, il-ħati jeħel priġunerija għal żmien ta' minn erba' sa għoxrin sena.

(3) Jekk bil-fatt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, xi proprjetà mobbli jew immobbli ta' xi persuna ssirilha tħassir, ħsara jew tgħarriq serju, il-piena hemmhekk imsemmija ma tingħatax fil-minimu tagħha.

Min jagħmel jew iżomm esploživi kontra l-liġi.
*Miżjud:*
*XVI. 1901.3.*
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4.*
*Sostitwit:*
*XIV. 1983.8.*
*Emendat:*
*III. 2002.66.*
Kap. 446.

**313.** Kull min jagħmel jew xjentement iżomm jew ikollu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu xi sustanza esploživa, taħt dawk iċ-ċirkostanzi illi jagħtu għaliex wieħed għandu bir-raġun jaħseb illi hu għamilha, żammha jew kienet għandu għal ħsieb mhux leċitu, jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' minn tmintax-il xahar sa disa' snin, u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u tal-artikolu 21 ta' dan il-Kodiċi ma japplikawx.

Tifsir ta' "sustanza esploživa".
*Miżjud:*
*XVI. 1901.3.*

**314.** Għall-finijiet tal-aħħar tliet artikoli qabel dan, il-kelmiet "sustanza esploživa" ifissru wkoll kull ħaġa li biha tista' ssir sustanza esploživa; kif ukoll kull apparat, makna, għodda, inkella materjal użat, jew qiegħed biex jiġi wżat, jew tajjeb biex jikkaġuna jew biex igħin l-esplożjoni ta' sustanza esploživa, inkella esplożjoni b'dik is-sustanza; kif ukoll kull parti ta' dan l-apparat, makna jew għodda.

Sparar, eċċ., ta' mezz letali.
*Miżjud:*
*III. 2002.67.*
*Emendat:*
*VII. 2010.21.*

**314A.** (1) Kull min, dolożament, jikkonsenja, jqiegħed, jispara jew jisplodi xi mezz letali li jista' jqiegħed f'periklu l-ħajja ta' ħaddieħor jew jagħmel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-artikolu 311 għalkemm bil-fatt ma tiġri ebda ħsara fuq il-persuna jew lil ħwejjeġ ħaddieħor.

(2) Jekk bil-fatt imsemmi fis-subartikolu (1) persuna titlef ħajjitha, jew issir offiża gravi fuq il-persuna, jew xi proprjetà mobbli jew immobbli ta' xi persuna ssirilha tħassir, ħsara jew tgħarriq serju, il-ħati jeħel il-pieni msemmija fl-artikolu 312 skont il-każ.

(3) Meta r-reat imsemmi fis-subartikolu (1) isir fi, jew ikun dirett lejn, post pubbliku, faċilità tal-istat jew tal-gvern, faċilità infrastrutturali jew sistema ta' trasport pubbliku l-piena għar-reat għandha tiżdied bi grad.

(4) F'dan l-artikolu:

"mezz letali" tinkludi kull tixrid radioattiv jew mezz li jarmi r-radjazzjoni, u kull ħaġa oħra mfassla sabiex, jew li għandha l-kapaċità li, tikkawża l-mewt, ħsara gravi fuq il-persuna jew ħsara lill-proprjetà billi tħalli joħorġu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta', kimiċi tossiċi jew aġenti bioloġiċi jew *toxins* jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv jew minħabba fil-proprjetajiet radioloġiċi tiegħu;

"faċilità tal-istat jew tal-gvern" tinkludi kull faċilità jew mezz ta' ġarr, kemm jekk permanenti kemm jekk temporanja, li tintuża jew tiġi okkupata minn rappreżentanti ta' xi Stat, membri tal-Gvern, tal-leġislatura jew tal-ġudikatura jew minn uffiċjali jew impjegati ta' xi Stat jew ta' xi awtorità jew entità pubblika oħra minn impjegati jew uffiċjali ta' għaqda intergovernattiva f'dak li jkollu x'jaqsam mal-qadi tad-doveri uffiċjali tagħhom;

"faċilità infrastrutturali" tfisser kull faċilità kemm jekk pubblika kemm jek privata li tipprovdi jew tqassam servizzi għall-benefiċċju tal-pubbliku, bħal ilma, drenaġġ, enerġija, *fuel* jew komunikazzjonijiet;

"sistema ta' trasport pubbliku" tfisser dawk il-faċilitajiet, mezzi u strumentalitajiet, kemm pubbliċi jew privati, li jintużaw fi jew għal servizz għall-użu mill-pubbliku għall-ġarr ta' persuni jew merkanzija.

Pussess, użu, eċċ., ta' materjal nukleari.
*Miżjud: III. 2002.67.*

**314B.** (1) Kull min, dolożament, ikollu għandu jew jagħmel użu minn, jikkonsenja, jbiddel, jiddisponi minn jew ixerred, materjal nukleari li jista' jqiegħed f'periklu l-ħajja ta' ħaddieħor jew jagħmel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-artikolu 311 għalkemm bil-fatt ma tiġri ebda ħsara fuq il-persuna jew lil ħwejjeġ ħaddieħor.

(2) Jekk bil-fatt imsemmi fis-subartikolu (1) tiġri xi konsegwenza msemmija fl-artikolu 314A(2) il-ħati jeħel il-pieni msemmija fl-artikolu 312 skont il-każ.

(3) Id-dispożizzjoni tal-artikolu 313 għandhom japplikaw għal min iżomm jew ikollu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu xi materjal nukleari taħt dawk iċ-ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu.

(4) F'dan l-artikolu:

"materjal nukleari" tfisser il-plutonju ħlief dak li jkollu konċentrazzjoni ta' isotopi li jaċċedu t-tmenin fil-mija fi plutonju-238; l-uranju arrikkit bl-isotopi 234 jew 233; uranju li jkun fih

taħlita ta' isotopi kif tinsab fin-natura ħlief taħt il-forma ta' minerali grezz jew ta' residwi ta' minerali grezz; kull materjal li jkun fih waħda jew iżjed minn dawk imsemmija qabel;

"uranju arrikkit bl-isotopi 234 jew 233" tfisser uranju li jkun fih l-isotopi 235 jew 233 jew it-tnejn fi kwantità tali li l-proporzjon ta' abbondanza tas-somma ta' dawn l-isotopi mal-isotopu 238 ikun akbar mill-proporzjon tal-isotopu 235 mal-isotopu 238 kif jinsab fin-natura.

Pussess ta' mezzi letali bi skop illeġittimu jew bl-għan ta' proliferazzjoni. *Miżjud: XXIV. 2007.6.*

**314Ċ.** (1) Kull min xjentement ikollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi mezz letali jew materjal nukleari, f'ċirkostanzi tali li jagħtu lok għal suspett raġonevoli li dak il-materjal ikun fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu bi skop illeġittimu jew bil-għan ta' proliferazzjoni jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 313.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu:

"mezz letali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 314A(4) u "mezz letali" u "materjl nukleari" għandhom jinkludu s-sistemi ta' twassil, materjal, tagħmir jew teknoloġija, ta' kull xorta jew tip, tagħhom li jkollhom x'jaqsmu u għandhom l-għan li jintużaw fl-iżvilupp, produzzjoni, utilizzazzjoni jew twassil ta' dawk il-mezzi letali jew materjal nukleari; u

"proliferazzjoni" tfisser it-trasport ta' armi nukleari, kimiċi, bijoloġiċi jew radjoloġiċi, is-sistemi ta' twassil tagħhom u materjal relatat lejn jew minn stati jew entitajiet impenjati fi sforzi biex jiżviluppaw, jakkwistaw, jew jittraffikaw f'armi, sistemi jew materjal bħal dawk.

Użu ta' materjal radioattiv, mezz letali jew faċilità nukleari mfassla biex jikkawżaw il-mewt eċċ. *Miżjud: VII. 2010.22.*

**314ĊA.** Kull min juża b'kwalunkwe mod materjal radioattiv jew mezz letali, jew juża jew jagħmel ħsara lil impjant nukleari b'dak il-mod li joħroġ jew ikun hemm riskju li joħroġ materjal radioattiv:

(*a*) bil-ħsieb li jikkawża l-mewt jew offiża serja fuq il-persuna; jew

(*b*) bil-ħsieb li ssir ħsara serja lill-proprjetà jew lill-ambjent; jew

(*ċ*) bil-ħsieb li jġiegħel persuna naturali jew ġuridika, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi att,

jista' jeħel meta jinsab ħati l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmien snin sa tletin sena ukoll jekk fil-fatt ma tikkawża ebda ħsara fuq xi persuna, proprjetà jew l-ambjent u wkoll jekk fil-fatt l-ebda persuna naturali jew ġuridika jew organizazzjoni internazzjonali jew Stat ma tkun ġiet mġiegħla kif imsemmi hawn fuq.

Jekk l-użu ta' materjal radioattiv jew mezz letali jikkawżaw l-mewt jew l-offiża gravi fuq il-presuna eċċ. *Miżjud: VII. 2010.22.*

**314ĊB.** (1) Jekk bħala riżultat tar-reat imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, xi persuna titlef ħajjitha, il-ħati għandu jeħel il-piena ta' priġunerija għal għomru.

(2) Jekk bħala riżultat tar-reat imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, issir offiża gravi fuq il-persuna, il-ħati għandu jeħel priġunerija għal żmien ta' minn erba' sa għoxrin sena:

Iżda jekk l-offiża gravi fuq il-persuna ssir fuq żewġ persuni jew iżjed il-piena stabbilita fl-aħħar artikolu qabel dan għandha tapplika u ma tingħatax fil-minimu tagħha.

(3) Jekk bħala riżultat tar-reat imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan -

(*a*) isir xi tħassir, ħsara jew tgħarriq serju lil jew fuq xi proprjetà mobbli jew immobbli ta' xi persuna jew lil jew fuq l-ambjent;

(*b*) xi persuna naturali jew ġuridika, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jiġu mġiegħlha jagħmli jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa,

il-piena hemm msemmija ma tingħatax fil-minimu tagħha.

(4) Meta r-reat isir fi, jew ikun dirett lejn, post pubbliku, faċilità tal-istat jew tal-gvern, faċilità infrastrutturali jew sistema ta' trasport pubbliku l-piena għar-reat għandha tiżdied bi grad.

Pussess illegali ta' materjal radioattiv jew li jiġi magħmul jew ikun hemm pussess ta' mezz letali. *Miżjud: VII. 2010.22.*

**314ĊĊ.** (1) Kull min ikollu pussess illegali ta' materjal radioattiv jew jagħmel jew ikollu pussess ta' mezz letali -

(*a*) bil-ħsieb li tikkawża l-mewt jew offiża serja fuq il-persuna; jew

(*b*) bil-ħsieb li ssir ħsara serja lill-proprjetà jew lill-ambjent,

jista' jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 313 miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi.

(2) Kull min -

(*a*) jhedded, taħt ċirkostanzi li juru l-kredibbiltà tat-theddida, li jikkommetti r-reat taħt is-subartikolu (1); jew

(*b*) bl-użu ta'theddid, taħt l-istess ċirkostanzi msemmija qabel, jew bl-użu tal-forza, jitlob illegalment u xjentement materjal radioattiv, mezz letali jew faċilità nukleari,

jista' jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 313 miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi.

(3) Kull min -

(*a*) jorganizza jew imexxi persuni biex jikkommettu reat taħt is-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi; jew

(*b*) b'xi mod ieħor jikkontribwixxi xjentement sabiex jitwettaq xi wieħed jew iżjed mir-reati taħt is-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi, minn grupp ta' persuni li jkunu qed jaġixxu bl-istess għan meta dak il-kontribut ikun magħmul bil-għan li titferrex l-attività kriminali ġenerali jew il-ħsieb tal-grupp jew l-għarfien tal-ħsieb tal-grupp sabiex jikkommettu ir-reat jew reati konċernati,

jista' jeħel il-piena għar-reat taħt is-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi, skont il-każ xi jkun, iżda meta ir-reat kien biss attentat

imma mhux ikkunsmat il-piena għandha tkun dik stabbilita għall-attentati.

(4) F'dan l-artikolu u l-artikoli 314ĊA u 314ĊB:

"mezz letali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 314A(4) u tinkludi mezz ta' splużjoni nukleari;

"faċilità nukleari" tfisser:

(*a*) kull reattur nukleari, inklużi reatturi installati fuq bastimenti, vetturi, inġenji tal-ajru jew oġġetti spazjali biex jintużaw bħala sors ta' enerġija sabiex dawk il-bastimenti, vetturi, inġenji tal-ajru jew oġġetti spazjali jimxu jew għal finijiet oħra;

(*b*) kull impjant jew mezzi ta' twassil użati għall-produzzjoni, ħażna, proċessar jew trasport ta' materjal radioattiv;

"materjal nukleari" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 314B(4);

"materjal radioattiv" tfisser materjal nukleari jew sustanzi radioattivi oħra li jkun fihom nuklidi li jkunu sottoposti għal disintegrazzjoni spontanja (proċess li miegħu hemm emmisjonijiet ta' xi tip wieħed jew iżjed ta' radjazzjoni ionizzanti, bħal partikoli alpha-, beta-, neutron u raġġi gamma) u li jistgħu, minħabba l-proprjetajiet radjoloġiċi jew fissili tagħhom, jikkaġunaw il-mewt, offiżi serji fuq il-persuni jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent;

"sistema ta' trasport pubbliku" "faċilità tal-istat jew gvern", u "faċilità infrastrutturali" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom rispettivament fl-artikolu 314A(4).

Ġurisdizzjoni.
*Miżjud: VII. 2010.22.*
*Emendat: VIII. 2015.16.*

**314ĊD.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandu jkollhom ġurisdizzjoni ukoll fuq ir-reati fl-artikoli 314A, 314B, 314Ċ, 314ĊA u 314ĊB, meta:

(*a*) il-ħati ikun ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta; jew

(*b*) ir-reat isir kontra ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta; jew

(*ċ*) ir-reat isir bħala attentat sabiex Malta tiġi mġiegħlha tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa; jew

(*d*) ir-reat isir fuq inġenju tal-ajru li jkun imħaddem mill-Gvern ta' Malta; jew

(*e*) ir-reat isir kontra Malta jew faċilità tal-gvern ta' Malta barra mill-pajjiż, inkluż kull ambaxxata jew fond diplomatiku jew konsolari ta' Malta.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

**314D.** (1)Meta l-kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jirċievi jew jiġi mgħarraf b'xi talba li ssir f'isem xi awtorità ġudizzjarja, ta' prosekuzzjoni, ta' infurzar ta' liġi, amministrattiva jew xi awtorità kompetenti oħra ta' xi Stat jew post li ma jkunx Malta jew li jkun jinsab barra minn Malta (hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejħa "awtorità rikjedenti") fejn tintalab awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat jew post ikunu jistgħu jieħdu miżuri adatti dwar biċċa tal-baħar rilevanti li tkun raġonevolment suspettata li tkun involuta fl-għemil ta' reat rilevanti, il-kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jista', bi ftehim mal-Prim Ministru, jawtorizza t-teħid ta' dawk il-miżuri mill-awtoritajiet kompetenti hawn qabel imsemmija bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li setgħu ġew maqbula bejn Malta u dak l-Istat jew skont ma jista' jiġi maqbul bejn l-awtorità rikjedenti u l-kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta bi ftehim mal-Prim Ministru.

Kooperazzjoni fis-soppressjoni ta' reati rilevanti fuq il-baħar.
*Miżjud: XXIV. 2007.6.*
*Emendat: VII. 2010.23.*

(2) Meta l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat mill-kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta kif hawn qabel imsemmi l-awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subartikolu (1), bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li setgħu ġew maqbula kif provdut fl-istess subartikolu, ikunu awtorizzati jieħdu l-miżuri adatti u jeżerċitaw abbord il-biċċa tal-baħar li fir-rigward tagħha jkunu ġew awtorizzati miżuri adatti taħt dan l-artikolu, kull setgħa ta' arrest, dħul, perkwiżizzjoni u qbid li huma mogħtija lill-pulizija eżekuttiva ta' Malta.

(3) Għall-fini ta' dan l-artikolu:

"reat rilevanti" tfisser reat li jkun jikkonsisti f'att jew ommisjoni li, li kieku kellu jsir f'dawn il-gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, kien jikkostitwixxi xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikoli 313, 314B, 314Ċ, 314ĊA u 314ĊĊ;

"biċċa tal-baħar rilevanti" tfisser biċċa tal-baħar li tintuża għal finijiet kummerċjali jew privati li tkun ittajjar jew li jkollha jedd ittajjar il-bandiera Maltija jew li tkun reġistrata f'Malta u li teżerċita l-libertà ta' navigazzjoni skont id-dritt internazzjonali.

**315.** Kull min volontarjament jagħti n-nar jew b'xi mod ieħor jiddistruġġi tarznar, bastiment tal-gwerra sew fil-baħar kemm jekk ikun jinħadem, maħżen tal-porvli, baċil pubbliku jew kamp ta' artillerija, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal għomru.

Ħruq ta' tarznar, eċċ.
*Emendat: XXI. 1971.22; XLIX. 1981.4.*

**316.** Kull min volontarjament jagħti n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal għomru:

Ħruq b'periklu tal-ħajja.
*Emendat: XXI. 1971.23; XLIX. 1981.4; XXIV. 2014.38.*

Iżda, jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -

(*a*) jekk huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena;

(*b*) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa disa' snin.

Ħruq b'periklu komuni.
*Emendat:*
*XXI. 1971.24;*
*XLIX. 1981.4;*
*XXIV. 2014.39.*

**317.** Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:

Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -

(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;

(ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin;

(*b*) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin.

Ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies.
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4;*
*XXIV. 2014.40.*

**318.** Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.

Ħruq ta' dwieli, eċċ.
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4.*

**319.** Kull min volontarjament jagħti n-nar lil għalqa ta' dwieli, qatgħa mħawla b'siġar, munzelli jew ġemgħa oħra ta' qmugħ, qoton jew prodott ieħor utili, jew materjal ieħor, ikun li jkun, sew jekk ikunu maqlugħa jew maħsuda kemm jekk ikunu għadhom imqabbdin mal-art, basta li ma jkunux qegħdin b'mod li jistgħu jqabbdu n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, fejn fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.

Distruzzjoni b'esplożjoni ta' mina.

**320.** Għall-finijiet tal-piena, id-distruzzjoni tal-materjal jew tal-ħaġa msemmijin fl-aħħar ħames artikoli qabel dan, b'esplożjoni ta' mina, titqies li tikkostitwixxi r-reat imsemmi f'dawk l-artikoli.

Wiri ta' dwal foloz, eċċ., b'periklu għan-navigazzjoni.
*Emendat:*
*IV. 1874.7;*
*XI. 1900.45;*
*III. 1971.12;*
*XXI. 1971.25;*
*XLIX. 1981.4;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**321.** (1) Kull min juri dawl jew sinjal falz, jew ħaġ'oħra magħmula sabiex jissejħu vapuri, bastimenti jew dgħajjes, jew sabiex tirregola n-navigazzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jikkaġuna li jegħrqu jew jinkaljaw vapuri, bastimenti jew dgħajjes jew b'dan il-ħsieb jitfi jew ineħħi dawl, sinjal jew ħaġ'oħra magħmula mill-Gvern biex turi t-triq lin-nies tal-baħar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin, għalkemm ma tkun ġrat l-ebda ħsara.

(2) Jekk tiġri ħsara, kull min jinsab ħati, jeħel -

(*a*) jekk il-ħsara tkun f'vapur, bastiment jew dgħajsa jew fl-armament jew fi ħwejjeġ oħra tagħhom inkella fit-

tagħbija jew f'ħaġa oħra li tkun tinsab abbord, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin, jekk l-ammont tal-ħsara jkun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), jew, il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa sitt snin, jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47);

(*b*) jekk, minbarra jew mingħajr il-ħsara fuq imsemmija, xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna li ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa għoxrin sena, jew, jekk l-offiża tkun gravi iżda mingħajr il-konsegwenzi msemmijin f'dak l-artikolu, il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tnax-il sena, jew, jekk l-offiża tkun ħafifa, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin;

(*ċ*) jekk xi persuna titlef ħajjitha, il-piena ta' priġunerija għal għomru.

Qtigħ ta' ktajjen, eċċ.
*Emendat:*
*IV. 1874.7.*

**322.** (1) Kull min jaqta', iħoll jew b'xi mod ieħor ineħħi mill-irbit katina, gumna jew ħabel ieħor illi bihom tkun marbuta baga pubblika li tkun qiegħda għall-użu tal-bastimenti, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa disa' xhur.

(2) Kull min jaqta', iħoll jew b'xi mod ieħor ineħħi mill-irbit katina, gumna jew ħabel ieħor illi bihom vapur jew bastiment ikun irmiġġat, ankrat jew b'xi mod ieħor marbut, inkella ħabel illi bih ikun miżmum il-kavitell tal-ankra ta' bastiment, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).

Ċirkostanzi aggravanti.
*Emendat:*
*IV. 1874.7.*

**323.** Jekk, minħabba xi wieħed mid-delitti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, tiġri ħsara lil bastiment, jew offiża fuq il-persuna, mal-piena msemmija f'dak l-artikolu tiżdied il-piena stabbilita f'dan il-Kodiċi għall-ħsara volontarja jew għall-offiża volontarja fuq il-persuna, skont il-kobor tal-ħsara jew ix-xorta tal-offiża; u jekk fl-istess ħin issir ħsara lil bastiment u offiża fuq il-persuna, għandha tingħata l-akbar piena, bejn il-pieni stabbiliti għall-ħsara volontarja u għall-offiża volontarja, flimkien mal-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Ħruq fi ħwejjeġ ta' wieħed innifsu.
*Emendat:*
*IV. 1874.7.*

**324.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, il-ħati jeħel il-pieni msemmijin f'dawk l-artikoli, għalkemm huwa jkun għamel id-delitt fi ħwejġu stess.

Min b'mezzi oħra jħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq.
*Emendat:*
*IX.1859.20;*
*V. 1868.19;*
*VI. 1871.24;*
*XI. 1900.47;*
*V. 1956.17;*
*III. 1971.13;*
*XLIX. 1981.4;*
*XIV. 1983.9;*
*III. 2002.68;*
*A.L. 407 tal-2007;*
*XXIV. 2014.41.*

**325.** (1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;

(*b*) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;

(*ċ*) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;

(*d*) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet:

Iżda, meta d-delitt ikun skużabbli minħabba provokazzjoni inġusta, il-ħati jeħel, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*), il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn żewġ terzi tal-piena hemm imsemmija; u fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*d*), il-piena tal-kontravvenzjonijiet.

Meta tiġi biex titqies l-iskuża, għandha titħares ir-regola miġjuba fl-artikolu 235:

Iżda wkoll fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*ċ*) u (*d*), ħlief meta il-ħsara tkun magħmula fi proprjetà pubblika, proċedimenti jistgħu jittieħdu biss bil-kwerela tal-parti offiża:

Iżda wkoll fil-każ ta' ħsara lill-proprjetà pubblika, il-piena tiżdied bi grad jew tnejn, u l-ħati għandu jiġi ikkundannat iħallas multa ekwivalenti għall-ħsara li tkun saret.

(2) Jekk minħabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjetà mħassra, danneġġata jew mgħarrqa ma jkunx possibbli li l-ħsara titqies skont ir-regola stabbilita fl-artikolu 335, il-ħsara għandha titqies li tkun ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Żjieda ta' piena f'ċerti każijiet.
*Miżjud: XVI. 2006.6.*
*Emendat: VIII. 2012.7; XXIV. 2014.42.*

**325A.** (1) Il-pieni stabbiliti fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "reat rilevanti" tfisser kull wieħed mir-reati taħt l-artikoli 311, 312, 314A, 316, 317 sa 320, it-tnejn inklużi, u 325.

Ħsara fil-kanali tal-ilma, eċċ.
*Emendat: XVI. 1901.4; I. 1904.51; A.L. 4 tal-1963; XXVII. 1975.21; XII. 1991.41; XXII. 2005.4.*

**326.** (1) Kull min volontarjament -

(*a*) ikisser jew isodd il-kanni jew katusi ta' akwedott pubbliku, jew b'xi mod ieħor iżomm jew jikser il-mixi tal-ilma inkella jagħmel ħsara xort'oħra f'xi parti ta' dan l-akwedott;

(*b*) ikisser ġibjuni, bjar jew akwedotti pubbliċi, jew iħażżen l-ilma tagħhom;

(*ċ*) jagħmel ħsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, jew jikkaġuna t-telf tal-kurrent elettriku;

(*d*) jagħmel ħsara fil-katusi jew f'xi parti tad-drenaġġ pubbliku;

(*e*) jaqta', ikisser, iwaqqa', jiddistruġġi, jagħmel ħsara jew ineħħi batterija, makkinarju, fil, gumna, arblu jew materjal ieħor jew kull ħaġa oħra li tagħmel parti minn telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew mingħajr fili, jew li tkun użata jew li sservi f'dan it-telegrafu, jew fit-tħaddim tiegħu, jew jagħmel xi ħaġa li żżomm jew tfixkel b'xi mod ieħor il-mogħdija minn banda għal oħra ta' messaġġ;

(*f*) jagħmel ħsara jew ikisser xi parti minn xi *meter* tal-elettriku, jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista tal-elettriku, jew is-siġilli tagħhom;

(*g*) jaqta', ikisser, iwaqqa', jiddistruġġi, jagħmel ħsara, ineħħi, ibagħbas jew jikkonnetti ma' xi parti ta' apparat, *duct*, arblu, *cabinet*, fil, *cable* jew oġġett jew ħaġa li jkunu, li jagħmlu sehem minn, jew li jintużaw jew iservu fin-*network* ta' *cable television* jew fit-tħaddim tiegħu jew għall-għoti tas-servizz ta' *cable television*,

jeħel, meta jinsab ħati, bla ħsara ta' kull piena akbar li għaliha jista' jkun suġġett taħt l-aħħar artikolu qabel dan, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn:

Iżda għar-reati taħt il-paragrafi (*ċ*), (*e*) u (*f*) ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża.

(2) Kull min, ukoll jekk bla ħsieb doluż, -

(*a*) imiss fil ta' telegrafu jew iqiegħed jew jixħet xi ħaġa fuq batterija, makkinarju, fil, gumna, jew materjal ieħor jew ħaġ'oħra msemmija fis-subartikolu (l)(*e*), jew jagħmel xi ħaġa fil-qrib ta' dan il-fil tat-telegrafu b'mod li tista' tagħmillu ħsara, jew li tista' żżomm jew tfixkel il-mogħdija minn banda għal oħra jew it-twassil ta' messaġġ; jew

(*b*) jistad f'lok li l-Ministru responsabbli għall-elettriku, biex iħares mill-ħsara l-gumni ta' telegrafu ta' taħt il-baħar, ikun iddikjara li fih assolutament ma jista' jsir ebda sajd, jew jistad b'xibka jew għodod illi, għall-istess finijiet, il-Ministru responsabbli għall-elettriku ikun ipprojbixxa l-użu tagħhom; jew

(*ċ*) jagħmel xi ħaġa msemmija fis-subartikolu (1)(*g*),

jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-kontravvenzjonijiet.

Dħul kontra l-liġi fil-mogħdijiet ta' taħt l-art użati għas-servizz pubbliku.
*Emendat: XVI. 1901.4.*

**327.** Kull min, mingħajr raġuni tajba, li l-prova tagħha tmiss lill-akkużat, jidħol fil-mogħdijiet ta' taħt l-art fejn ikun hemm il-gumni tal-elettriku jew il-katusi prinċipali tad-drenaġġ pubbliku, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa tliet xhur, jekk miċ-ċirkostanzi jkun jidher li l-ħsieb tal-ħati kien li jagħmel ħsara lill-gumni jew katusi hawn fuq imsemmijin;

(*b*) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn

xahar f'każijiet oħra.

Ħruq jew ħsara involontarja.
*Emendat:*
*IV. 1856.17;*
*XI. 1900.48;*
*V. 1956.18;*
*XIII. 1980.11;*
*A.L. 407 tal-2007;*
*VII. 2010.24;*
*XXIV. 2014.43;*
*VIII. 2015.17.*

**328.** Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk minħabba f'hekk tiġri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225;

(*b*) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, li tkun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);

(*ċ*) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69);

(*d*) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:

Iżda fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (*d*), ħlief meta l-ħsara tkun kaġunata fi proprjetà pubblika, ħlief vettura bil-mutur, jistgħu jittieħdu proċedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiża:

Iżda wkoll meta jittieħdu l-proċedimenti msemmija fil-paragrafu (*d*) fir-rigward ta' ħsara kaġunata fuq vettura bil-mutur, li tkun proprjetà pubblika, bil-kwerela tal-kap ta' dak id-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat minn dik il-vettura, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 374(*d*) ma għandhomx japplikaw għal dawk il-proċedimenti wara li l-kwerelant ikun ikkonferma l-kwerela tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti u l-assenza tal-kwerelant mill-qorti f'kull stadju tal-proċedimenti ma għandha bl-ebda mod taffettwa l-legalità tal-proċeduri u lanqas ma tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi l-irtirar tal-kwerela.

---

## *Sub-titolu IV A**

*Miżjud:*
*VI. 2005.2.*

### FUQ ATTI TA' TERRORIŻMU, FINANZJAR TA' TERRORIŻMU U REATI ANĊILLARI

Atti ta' terroriżmu u attivitajiet terroristiċi.
*Miżjud:*
*VI. 2005.2.*
*Emendat:*
*III. 2015.24;*
*VIII. 2015.18.*

**328A.** (1) Għall-finijiet ta' dan is-subtitolu, "att ta' terroriżmu" tfisser kull att elenkat fis-subartikolu (2), li jsir xjentement, li jista' gravement jagħmel ħsara lil pajjiż jew lil xi organizzazzjoni internazzjonali meta dan isir bil-għan illi:

(*a*) gravement jintimida lil xi popolazzjoni, jew

*kif magħmul liġi bl-Att VI tal-2005, dan is-Sub-titolu kien oriġinarjament enumerat bħala Sub-titolu V.

(*b*) indebitament iġiegħel lil xi Gvern jew organizzazzjoni internazzjonali li jwettqu jew jastjenu milli jwettqu xi att, jew

(*ċ*) gravement jiddestabilizza jew jiddistruġġi l-istrutturi fondamentali politiċi, kostituzzjonali, ekonomiċi jew soċjali tal-pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali.

(2) L-atti msemmija fis-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(*a*) it-teħid tal-ħajja jew il-libertà ta' persuna;

(*b*) li tiġi perikolata l-ħajja ta' persuna b'offiża fuq il-persuna;

(*ċ*) l-għemil ta' offiża fuq il-persuna;

(*d*) li tiġi kaġunata distruzzjoni estensiva f'xi faċilità statali jew tal-Gvern, sistema ta' trasport pubbliku, faċilità ta' infrastruttura, inkluża sistema ta' informazzjoni, pjattaforma fissa li tkun tinsab fuq l-ixkaffa kontinentali, post pubbliku jew proprjetà privata li x'aktarx tkun tipperikola l-ħajja jew tikkaġuna ħsara gravi fil-proprjetà ta' xi persuna oħra jew tkun tirriżulta f'telfien ekonomiku gravi;

(*e*) il-ħtif ta' inġenji tal-ajru, bastimenti jew mezzi oħra tat-trasport kemm ta' persuni kemm ta' hwejjeġ mobbli;

(*f*) il-manifattura, pussess, akkwist, trasport, provvista jew użu ta' armi, esplożivi jew ta' armi nukleari, bioloġiċi jew kimiċi;

(*g*) ir-riċerka fi jew l-iżvilupp ta' armi bioloġiċi u kimiċi;

(*h*) it-tperriċ ta' sustanzi perikolużi, jew li jiġu kaġunati nirien, għargħar jew splużjonijiet li bihom tiġi perikolata l-ħajja ta' xi persuna;

(*i*) it-tbagħbis jew it-tfixkil fil-provvista tal-ilma, enerġija jew kull riżorsa naturali fondamentali oħra li b'hekk tiġi perikolata l-ħajja ta' xi persuna;

(*j*) it-theddida tal-għemil ta' xi wieħed mill-atti fil-paragrafi (*a*) sa (*i*):

Iżda f'dan is-subartikolu "faċilità statali jew tal-Gvern", "faċilità ta' infrastruttura" u "sistema ta' trasport pubbliku" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom fl-artikolu 314A(4).

(3) Min jagħmel att ta' terroriżmu jkun ħati ta' reat u meta jinsab ħati jista' jeħel il-piena ta' priġunerija minn seba' snin sa għomru l-ħabs.

(4) Għall-finijiet ta' dan is-subtitolu, "attivitajiet terroristiċi" tfisser xi wieħed minn dawn l-atti li ġejjin, kull meta u kull fejn dawn jittwetqu:

(*a*) att ta' terroriżmu kif imfisser fis-subartikolu (1);

(*b*) il-ħtif illegali jew l-eżerċizzju ta' kontroll ta' inġenju tal-ajru f'titjira, bl-użu ta' forza jew theddid ta' forza,

jew b'kull forma oħra ta' biża';

(*ċ*) l-għemil illegali u intenzjonat ta' xi wieħed minn dawn l-atti li ġejjin:

(i) att ta' vjolenza kontra persuna abbord inġenju tal-ajru f'titjira, li x'aktarx iqiegħed fil-perikolu s-sigurtà ta' dak l-inġenju tal-arju;

(ii) id-distruzzjoni ta' inġenju tal-ajru fis-servizz jew l-ikkawżar ta' ħsara lil dak l-inġenju tal-ajru, b'tali mod li jinabilitah milli jtir jew li x'aktarx iqiegħed fil-perikolu s-sigurtà ta' dak l-inġenju tal-arju f'titjira;

(iii) it-tqegħid jew l-ikkawżar ta' tqegħid fuq xi inġenju tal-ajru, b'xi mezz ikun li jkun, ta' xi artifizzju jew sustanza li x'aktarx li tiddistruġġi dak l-inġenju tal-ajru, jew tikkawżalu ħsara li tinabilitah milli jtir jew li x'aktarx tqegħedlu fil-perikolu s-sigurtà fit-titjira;

(iv) id-distruzzjoni jew il-ħsara ta' faċilitajiet ta' navigazzjoni tal-ajru, jew l-interferenza fl-operat tagħhom, meta dak l-att x'aktarx iqiegħed fil-perikolu s-sigurtà ta' dak l-inġenju tal-arju f'titjira;

(v) il-komunikazzjoni ta' informaz-zjoni li hi magħrufa li hi falza, li tqiegħed fil-perikolu s-sigurtà ta' inġenju tal-ajru f'titjira;

(*d*) l-għemil intenzjonat ta' xi wieħed minn dawn l-atti li ġejjin:

(i) it-teħid tal-ħajja jew il-libertà ta', jew l-ikkawżar ta' offiża fuq il-persuna ta', xi persuna protetta internazzjonalment;

(ii) it-twettiq ta' attakk vjolenti fuq il-bini uffiċjali, ir-residenza privata jew il-mezz ta' trasport ta' xi persuna protetta internazzjonalment li x'aktarx iqiegħed fil-perikolu s-sigurtà tal-persuna jew l-libertà tagħha;

(iii) theddida li jitwettaq xi wieħed mill-atti msemmija fis-subparagrafi (i) u (ii);

(*e*) il-ħtif jew id-detenzjoni u t-theddida li tittieħed il-ħajja, li tiġi kkawżata offiża fuq il-persuna jew li tkompli tinżamm persuna ("l-ostaġġ") sabiex iġġiegħel xi Stat, organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali, persuna naturali jew ġuridika jew xi grupp ta' persuni, li jagħmlu jew li jonqsu milli jagħmlu xi att bħala kondizzjoni espliċita jew impliċita għall-ħelsien tal-ostaġġ;

(*f*) l-għemil illegali u intenzjonat ta' xi wieħed minn dawn l-atti li ġejjin, billi jiġi użat xi artifizzju, sustanza jew arma:

(i) l-esekuzzjoni ta' xi att ta' vjolenza kontra xi persuna f'ajruport li jservi avjazzjoni ċivili

internazzjonali, li jikkawża jew li x’aktarx li jikkawża feriment gravi jew mewt, jekk dan l-att iqiegħed fil-perikolu jew x’aktarx iqiegħed fil-perikolu s-sigurtà f’dak l-ajruport; jew

(ii) id-distruzzjoni jew il-ħsara serja tal-faċilitajiet ta’ ajruport li jservi avjazzjoni ċivili internazzjonali jew ta’ xi inġenju tal-ajru mhux fis-servizz li jkun jinsab ġo dak l-ajruport, jew l-isfrattar tas-servizzi ta’ dak l-ajurport, meta xi wieħed minn dawk l-atti iqiegħed fil-perikolu jew x’aktarx iqiegħed fil-perikolu s-sigurtà f’dak l-ajruport;

(*g*) xi attentat biex jiġi esegwit xi wieħed mill-atti msemmija fil-paragrafi (*b*) sa (*f*) jew il-parteċipazzjoni bħala kompliċi fl-esekuzzjoni jew fl-attentat ta’ esekuzzjoni ta’ dawk l-atti;

(*h*) l-għemil intenzjonat ta’ xi wieħed minn dawn l-atti li ġejjin:

(i) l-irċevuta, il-pussess, l-użu, it-trasferiment, il-bidla, ir-rimi jew it-tixrid ta’ materjal nukleari, mingħajr awtorità legali, li tikkawża jew li x’aktarx tikkawża mewt jew feriment gravi lil xi persuna jew ħsara sostanzjali lil xi proprjetà;

(ii) is-serq jew il-ksib b’qerq ta’ materjal nukleari;

(iii) it-talba għal materjal nukleari bit-theddid jew bl-użu tal-forza jew b’kull forma oħra ta’ biża’;

(iv) it-theddid li jiġi użat materjal nukleari biex jikkawża mewt jew feriment gravi lil xi persuna jew ħsara sostanzjali lil xi proprjetà, jew it-theddid li jsir serq ta’ materjal nukleari sabiex iġiegħel xi persuna naturali jew ġuridika, organizzazzjoni internazzjonali, jew Stat li jagħmlu jew li jonqsu milli jagħmlu xi att;

(v) xi attentat biex jiġi esegwit xi wieħed mill-atti msemmija fis-subparagrafi (i) u (ii) jew il-parteċipazzjoni bħala kompliċi f’xi wieħed mill-atti jew fl-attentat ta’ wieħed mill-atti msemmija fis-subparagrafi (i) sa (iv);

(*i*) l-għemil illegali u intenzjonat ta’ xi wieħed minn dawn l-atti li ġejjin:

(i) il-ħtif illegali jew l-eżerċizzju ta’ kontroll ta’ bastiment jew pjattaforma fissa bl-użu ta’ forza jew theddid tiegħu, jew b’kull forma oħra ta’ biża’;

(ii) l-esekuzzjoni ta’ xi att ta’ vjolenza kontra persuna abbord xi bastiment jew pjattaforma fissa, li x’aktarx iqiegħed fil-perikolu n-navigazzjoni sigura ta’ dak il-bastiment jew is-sigurtà ta’ dik il-pjattaforma fissa;

(iii) id-distruzzjoni ta’ bastiment jew ta’ pjattaforma

fissa jew l-ikkawżar ta' ħsara lil dak il-bastiment jew il-merkanzija tiegħu, jew lil pjattaforma fissa li x'aktarx iqiegħed fil-perikolu n-navigazzjoni sigura ta' dak il-bastiment, jew is-sigurtà ta' dik il-pjattaforma fissa;

(iv) it-tqegħid jew l-ikkawżar ta' tqegħid fuq xi bastiment, b'kull mezz li jkun, ta' xi artifizzju jew sustanza li x'aktarx li tiddistruġġi dak il-bastiment jew li tikkawża ħsara lil dak il-bastiment jew il-merkanzija tiegħu, li tqiegħed fil-perikolu jew li x'aktarx tqiegħed fil-perikolu n-navigazzjoni sigura ta' dak il-bastiment;

(v) it-tqegħid jew l-ikkawżar ta' tqegħid fuq pjattaforma fissa, b'kull mezz li jkun, ta' xi artifizzju jew sustanza li x'aktarx tiddistruġġi dik il-pjattaforma fissa jew li x'aktarx tqiegħed fil-perikolu s-sigurtà tagħha;

(vi) id-distruzzjoni jew l-ikkawżar ta' ħsara serja lil faċilitajiet ta' navigazzjoni marittimi jew l-interferenza serja fl-operat tagħhom, meta dak l-att x'aktarx iqiegħed fil-perikolu n-navigazzjoni sigura ta' dak il-bastiment;

(vii) il-komunikazzjoni ta' informazzjoni li hi magħrufa li hi falza, li tqiegħed fil-perikolu n-navigazzjoni sigura tal-bastiment;

(viii) l-ikkawżar ta' offiża fuq il-persuna jew it-teħid tal-ħajja ta' persuna f'konnessjoni mat-twettiq jew attentat ta' twettiq ta' xi wieħed mill-atti msemmija fis-subparagrafi (i) sa (vii);

(*j*) xi attentat biex jiġi mwettaq xi wieħed mill-atti msemmija fil-paragrafu (*i*), il-parteċipazzjoni bħala kompliċi fit-twettiq tiegħu jew l-assistenza fit-twettiq ta' dawk l-atti mwettqa minn persuna oħra;

(*k*) l-użu ta' theddid bil-għan li jġiegħlu persuna li tagħmel jew li tonqos milli tagħmel xi att imsemmi fis-subparagrafi (ii), (iii) u (vi) tal-paragrafu (*i*), meta dik it-theddida x'aktarx li tqiegħed fil-perikolu n-navigazzjoni sigura tal-bastiment jew is-sigurtà tal-pjattaforma fissa;

(*l*) il-kunsinna illegali u intenzjonata, it-tqegħid, l-isparar jew l-isplużjoni ta' xi esploživ jew artifizzju ieħor letali fi, ġo jew kontra post għall-użu tal-pubbliku, faċilità tal-Istat jew tal-gvern, faċilità infrastrutturali jew sistema ta' trasport pubbliku bl-intenzjoni li tiġi kkawżata mewt jew offiża serja fuq il-persuna, jew bl-intenzjoni li tiġi kkawżata distruzzjoni estensiva ta' dak il-post, faċilità jew sistema, meta d-distruzzjoni tkun tirriżulta jew x'aktarx li tkun tirriżulta f'telf ekonomiku kbir;

(*m*) l-attentat biex jitwettaq xi wieħed mill-atti msemmija fil-paragrafu (*l*) jew il-parteċipazzjoni bħala kompliċi

fl-esekuzzjoni jew attentat tagħhom;

(*n*) l-organizzazzjoni jew id-direzzjoni ta' oħrajn biex iwettqu jew jagħmlu attentat li jwettqu l-atti msemmija fil-paragrafu (*l*);

(*o*) il-kontribuzzjoni b'kull mod għat-twettiq ta' wieħed mill-atti msemmija fil-paragrafu (*l*) jew għall-attentat tagħhom minn grupp ta' persuni li jkunu qed jaġixxu bl-istess għan, meta dak il-kontribut ikun intenzjonat u jkun jew magħmul bil-għan li titferrex l-attività kriminali ġenerali jew il-ħsieb tal-grupp, jew bl-għarfien tal-ħsieb tal-grupp li jikkommettu xi wieħed mill-atti msemmija fil-paragrafu (*l*);

(*p*) kull att bil-ħsieb li jikkawża mewt jew offiża serja fuq il-persuna lil xi persuna ċivili, jew lil xi persuna oħra li ma tieħu ebda sehem attiv fl-ostilitajiet f'sitwazzjoni ta' konflitt armat, meta l-għan ta' dak l-att, mix-xorta jew kuntest tiegħu, hu sabiex ibeżża' populazzjoni, jew biex iġiegħel xi organizzazzjoni governattiva jew internazzjonali biex tagħmel jew tieqaf milli tagħmel xi att.

Gruppi terroristiċi.
*Miżjud: VI. 2005.2.*
*Emendat: III. 2015.25.*

**328B.** (1) Għall-fini ta' dan is-subtitolu "grupp terroristiku" tfisser grupp strutturat ta' iżjed minn żewġ persuni, stabbiliti tul perjodu ta' żmien u li jaġixxu flimkien bl-iskop li jagħmlu attivitajiet terroristiċi.

(2) Fis-subartikolu (1) "grupp strutturat" tfisser grupp li ma jkunx iffurmat kif ġie ġie sabiex jitwettaq xi reat ta' malajr u fejn ma jkunx meħtieġ li l-membri jkollhom xi pożizzjonijiet formalment stabbiliti fi ħdan il-grupp, li dawk l-istess membri jibqgħu fil-grupp jew li jkun hemm xi struttura żviluppata.

(3) Kull min iġib 'il quddiem, jikkostitwixxi, jorganizza, imexxi, jipprovdi informazzjoni jew materjal lil, jew b'kull mezz, direttament jew indirettament, jiġbor, jirċievi, jipprovdi jew jistieden persuna oħra sabiex tipprovdi flus jew proprjetà oħra, jew b'modi oħra jiffinanzja grupp terroristiku filwaqt li jkun jaf li dik il-parteċipazzjoni, involviment jew finanzjar ikunu ser jikkontribwixxu għall-attivitajiet, sew kriminali sew xort'oħra, tal-grupp terroristiku, jeħel -

(*a*) meta l-imsemmija parteċipazzjoni jew involviment ikunu jikkonsistu fid-direzzjoni tal-grupp terroristiku, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tletin sena:

Iżda meta l-attività tal-grupp terroristiku tkun tikkonsisti biss fl-atti msemmija fl-artikolu 328A(2)(*j*) il-piena tkun dik ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmien snin;

(*b*) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmien snin.

Reati li għandhom x'jaqsmu ma' atti terroristiċi.
*Miżjud: VI. 2005.2.*
*Emendat: XI. 2009.6; III. 2015.26; VIII. 2015.19.*

**328Ċ.** (1) Kull min, bil-ħsieb li jagħmel xi wieħed mill-atti elenkati fl-artikolu 328A(2)(*a*) sa (*i*) jew fl-artikolu 328B -

(*a*) jagħmel reat ta' serq aggravat skont m'hemm provdut fl-artikolu 261; jew

(*b*) jagħmel ir-reat imsemmi fl-artikolu 113 jew 250; jew

(*ċ*) jagħmel ir-reat ta' falsifikazzjoni jew ir-reat li hemm fl-artikolu 188,

jista' jeħel l-istess piena li hemm stabbilita fl-artikolu 328A(3).

(2) Kull min, xjentement -

(*a*) pubblikament jipprovoka l-għemil ta' xi attivitajiet terroristiċi;

(*b*) jirrekluta jew iħajjar lil xi persuna oħra biex tagħmel attivitajiet terroristiċi jew biex tivjaġġa għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (*d*);

(*ċ*) iħarreġ jew jgħallem lil xi persuna oħra tagħmel jew tuża splussivi, armi tan-nar jew armi oħra jew sustanzi li jagħmlu l-ħsara jew li huma perikolużi, jew tuża metodi oħra speċifiċi jew tekniċi, bil-għan li jsiru xi attivitajiet terroristiċi;

(*d*) jivvjaġġa jew jittanta jivvjaġġa sabiex iwettaq, jippjana, jew jipprepara għal, jew jipparteċipa f'attivitajiet terroristiċi, jew l-għoti jew sabiex jirċievi taħriġ f'attivitajiet terroristiċi;

(*e*) jiffinanzja, jorganizza jew b'xi mod ieħor jiffaċilita l-ivvjaġġar għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (*d*);

(*f*) jipproduċi, jiddistribwixxi, iqassam, jimporta, jesporta, joffri, ibigħ, jissupplixxi, jittrasmetti, jagħmel disponibbli, jipprokura għalih jew għal ħaddieħor, jew juri pubblikazzjoni li x'aktarx tinkoraġġixxi jew iġiegħel biex isiru attivitajiet terroristiċi jew ikun utli fit-twettiq ta' dawn l-attivitajiet,

jista' jeħel l-istess piena bħal ma hemm stabbilita fl-artikolu 328A(3).

(3) Kull min -

(*a*) jorganizza jew imexxi persuni biex jikkommettu reat taħt is-subartikolu (2); jew

(*b*) b'xi mod ieħor jikkontribwixxi xjentement sabiex jitwettaq xi wieħed jew iżjed mir-reati taħt is-subartikolu (2), minn grupp ta' persuni li jkunu qed jaġixxu bl-istess għan meta dak il-kontribut ikun magħmul bil-għan li titferrex l-attività kriminali ġenerali jew il-ħsieb tal-grupp jew l-għarfien tal-ħsieb tal-grupp sabiex jikkommettu r-reat jew reati konċernati,

jista' jeħel il-piena ta' priġunerija minn erbgħa sa tletin sena.

(4) Biex isir reat taħt dan l-artikolu, mhux meħtieġ li attivitajiet

terroristiċi jkunu fil-fatt saru.

**328D.** Kull min ixewwex, jgħin jew jassisti f'xi reat taħt l-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita għal dak ir-reat li jkun ġie mxewwex, mgħejjun jew assistit.

Tixwix, għajnuna jew assistenza. *Miżjud: VI. 2005.2.*

**328E.** (1) F'dan is-subtitolu, "proprjetà ġejja mit-terroriżmu" tfisser -

Proprjetà ġejja mit-terroriżmu. *Miżjud: VI. 2005.2. Emendat: III. 2015.27.*

(*a*) flus jew proprjetà oħra li x'aktarx li jintużaw għall-finijiet ta' attivitajiet terroristiċi, inklużi r-riżorsi ta' grupp terroristiku,

(*b*) rikavat mill-għemil ta' attivitajiet terroristiċi, u

(*ċ*) rikavat minn atti li jsiru għal finijiet ta' attivitajiet terroristiċi.

(2) Fis-subartikolu (1) -

(*a*) riferenza għal rikavat minn xi att tinkludi riferenza għal kull proprjetà li għal kollox jew biss f'parti, u direttament jew indirettament, tkun tirrappreżenta r-rikavat mill-att (inkluż kull ħlas jew kumpens ieħor li jkollu x'jaqsam mal-għemil ta' dak ir-reat), u

(*b*) riferenza għar-riżorsi ta' grupp jinkludu riferenza għal kull flus jew proprjetà oħra li tiġi applikata jew issir disponibbli, jew tkun se tiġi applikata jew tkun se ssir disponibbli, biex tintuża mill-grupp.

**328F.** (1) Kull min b'kull mezz, direttament jew indirettament, jiġbor, jirċievi, jipprovdi jew jistieden persuna oħra sabiex tipprovdi, flus jew proprjetà oħra jew b'mod ieħor jipprovdi finanzi bil-ħsieb li dawn jintużaw, jew li huwa jkollu kawża raġonevoli li jissuspetta li dawn jistgħu jintużaw, b'mod sħiħ jew f'parti, għal finijiet ta' attivitajiet terrorisitiċi jew li jkun jaf li jkunu ser jikkontribwixxu għal attivitajiet, sew kriminali sew xort'oħra, ta' xi persuna involuta f'attivitajiet terroristiċi għandu, meta jinsab ħati, u kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar gravi taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin jew multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Finanzjament ta' terroriżmu. *Miżjud: VI. 2005.2. Emendat: A.L. 407 tal-2007; III. 2015.28.*

(2) F'dan l-artikolu, riferenza għall-provdiment ta' flus jew proprjetà oħra hija riferenza għal li dawn jingħataw, jinsilfu jew xort'oħra jintgħamlu disponibbli, kemm jekk bħala korrispettiv kemm jekk le.

**328G.** (1)Kull min juża flus jew proprjetà oħra għall-finijiet ta' attivitajiet terroristiċi jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tnax-il sena.

Użu u pussess. *Miżjud: VI. 2005.2. Emendat: III. 2015.29.*

(2) Kull min ikollu fil-pussess tiegħu flus jew proprjetà oħra bil-ħsieb li dawn jintużaw, jew li huwa jkollu kawża raġonevoli li jissuspetta li dawn jistgħu jintużaw, għall-finijiet ta' attivitajiet

terroristiċi jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 328F(1).

Arranġamenti ta' finanzjament.
*Miżjud:*
*VI. 2005.2.*
*Emendat:*
*III. 2015.30.*

**328H.** Kull min -

(*a*) jipparteċipa jew jinvolvi ruħu f'xi arranġament li jirriżulta f'illi flus jew proprjetà oħra jsiru disponibbli jew ikunu sejrin isiru disponibbli lil xi ħadd ieħor, u

(*b*) ikun jaf jew ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta li flus jew proprjetà oħra jkunu sejrin jintużaw jew jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' attivitajiet terroristiċi,

jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 328F(1).

Meta tiġi faċilitata ż-żamma jew il-kontroll ta' proprjetà ġejja mit-terroriżmu.
*Miżjud:*
*VI. 2005.2.*

**328I.** (1) Kull min jipparteċipa jew jinvolvi ruħu f'xi arranġament li jiffaċilita ż-żamma jew il-kontroll minn jew f'isem xi persuna oħra ta' proprjetà ġejja mit-terroriżmu -

(*a*) bil-ħabi,

(*b*) bi tneħħija mill-ġurisdizzjoni,

(*ċ*) bi trasferiment lil *nominees*, jew

(*d*) b'kull mod ieħor,

jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 328F(1).

(2) Jista' min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) iġib prova li ma kienx jaf u li ma kellu ebda kawża raġonevoli għax jissuspetta li dak l-arranġament b'xi mod kellu x'jaqsam ma' proprjetà ġejja mit-terroriżmu.

Responsabbiltà kriminali ta' korp magħqud.
*Miżjud:*
*VI. 2005.2.*
*Emendat:*
*A.L. 407 tal-2007.*

**328J.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 121D għandhom japplikaw meta persuna tinsab ħatja ta' reat taħt dan is-subtitolu iżda b'dan illi l-korp magħqud jista' jeħel għal reat bħal dak il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) u mhux iżjed minn żewġ miljuni u tliet mija u disgħa u għoxrin elf u tliet mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (2,329,373.40).

(2) Il-korp magħqud ikun ukoll responsabbli għal reat taħt dan is-subtitolu meta minħabba fin-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fl-artikolu 121D ikun sar possibbli l-għemil tar-reat għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, li meta jinsab ħati jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (1).

Pieni oħrajn.
*Miżjud:*
*VI. 2005.2.*

**328K.** Mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun hemm għar-reat taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, meta l-ħati jkun korp magħduq li jista' jeħel piena taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 328J il-Qorti tista', fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna -

(*a*) is-sospensjoni jew it-tħassir ta' kull liċenza, permess jew awtorità oħra biex jeżerċita xi kummerċ, negozju jew attività kummerċjali oħra;

(*b*) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' xi stabbiliment li seta' ġie użat għall-għemil tar-reat;

(*ċ*) l-istralċ obbligatorju tal-korp magħqud.

Konfiska. *Miżjud: VI. 2005.2. Emendat: III. 2015.31.*

**328L.** (1) Il-qorti li ssib ħati jew li quddiemha tinstab ħatja xi persuna ta' reat taħt l-artikoli 328F sa 328I tista' tagħmel ordni ta' konfiska skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Meta persuna tinsab ħatja ta' reat taħt l-artikolu 328F jew 328G il-qorti tista' tordna l-konfiska ta' kull flus jew proprjetà oħra -

(*a*) li, fi żmien ir-reat, kellha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha u,

(*b*) li, dak iż-żmien, kellha l-intenzjoni li jiġu użati, jew li kien jaf jew kellha għalfejn raġonevolment tissuspetta kienu sejrin jew setgħu jiġu użati, għal għanijiet ta' attivitajiet terroristiċi.

(3) Meta persuna tinsab ħatja ta' reat taħt l-artikolu 328H il-qorti tista' tordna l-konfiska ta' kull flus jew proprjetà oħra -

(*a*) li magħhom ikollu x'jaqsam l-arranġament in kwistjoni, u

(*b*) li, fi żmien ir-reat, kienet taf jew kellha għalfejn raġonevolment tissuspetta kienu sejrin jew setgħu jiġu użati, għal għanijiet ta' attivitajiet terroristiċi.

(4) Meta persuna tinsab ħatja ta' reat taħt l-artikolu 328I il-qorti tista' tordna l-konfiska ta' kull flus jew proprjetà oħra li magħhom ikollu x'jaqsam l-arranġament in kwistjoni.

(5) Meta persuna tinsab ħatja ta' reat taħt xi wieħed mill-artikoli 328F sa 328I, il-qorti tista' tordna l-konfiska ta' kull flus jew proprjetà oħra li fl-intier tagħhom jew in parti, u direttament jew indirettament, jiġi riċevut minn xi persuna bħala pagament jew rikompens ieħor in konnessjoni mal-għemil tar-reat.

(6) Meta persuna li ma tkunx il-persuna misjuba ħatja tallega li tkun il-proprjetarju ta' jew xort'oħra interessata fi kwalunkwe ħaġa li tista' tiġi konfiskata b'ordni taħt dan l-artikolu, il-qorti għandha tagħtiha opportunità li tinstema' qabel ma tagħmel xi ordni.

Ġurisdizzjoni. *Miżjud: VI. 2005.2. Emendat: VIII. 2015.20.*

**328M.** Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati f'Malta jkollhom ukoll ġurisdizzjoni fuq ir-reati stabbiliti f'dan is-subtitolu meta -

(*a*) ir-reat isir ukoll jekk biss f'parti minnu fit-territorju ta' Malta jew fuq il-baħar f'xi post fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta;

(*b*) il-ħati ikun ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 5(1)(*d*) f'Malta;

(*ċ*) il-ħati jkun persuna suspettata jew misjuba ħatja ta' reat stabbilit f'dan is-subtitolu u li jkollu l-konsenja jew l-estradizzjoni tiegħu lejn xi pajjiż ieħor għal dak ir-reat miċħud minn Malta ukoll jekk ma jkun hemm ebda provvediment skont il-liġijiet ta' Malta ħlief dan il-provvediment preżenti li bis-saħħa tiegħu l-azzjoni kriminali tista' tinbeda kontra dik il-persuna f'Malta;

(*d*) ir-reat isir għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita f'Malta;

(*e*) ir-reat ikun reat taħt l-artikolu 328B jew reat taħt l-artikolu 328D li jinvolvi grupp terroristiku ukoll jekk il-grupp terroristiku ikun ibbażat jew iwettaq l-attivitajiet kriminali tiegħu barra minn Malta;

(*f*) ir-reat isir kontra l-istituzzjonijiet jew il-poplu ta' Malta jew kontra xi istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew xi korp imwaqqaf skont it-Trattati u li jkun ibbażat f'Malta:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu:

Kap. 460.

"l-Unjoni Ewropea" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"it-Trattati" tfisser it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea magħmul f'Ruma fil-25 ta' Marzu,1957 u t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea magħmul f'Maastricht fis-7 ta' Frar, 1992, u l-Protokolli li jinsabu annessi magħhom.

---

*Miżjud: XI. 2009.7.*

## *Sub-titolu IVB*

## FUQ IL-PIRATERIJA

Tifsir ta' piraterija. *Miżjud: XI. 2009.7. Emendat: XXIV. 2014.44.*

**328N.**(1) Għall-finijiet ta' dan is-subtitolu "piraterija" tfisser xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin:

(*a*) xi att illegali ta' vjolenza jew detenzjoni, jew xi att ta' sakkeġġ, li jkun sar b'għan privat mill-ekwipaġġ jew mill-passiġġieri ta' bastiment privat jew ta' xi inġenju tal-ajru privat, u li jkun:

(i) f'ibħra miftuħa, dirett kontra xi bastiment ieħor jew inġenju tal-ajru ieħor, jew kontra persuni jew proprjetà abbord dak il-bastiment jew dak l-inġenju tal-ajru;

(ii) dirett kontra bastiment, inġenju tal-ajru, persuni jew proprjetà x'imkien 'il barra mill-ġurisdizzjoni ta' xi Stat;

(*b*) kull att imsemmi fil-paragrafu (*a*) li jkun sar mill-ekwipaġġ jew mill-passiġġieri ta' xi bastiment tal-gwerra, ta' bastiment tal-gvern jew ta' inġenju tal-ajru tal-gvern li l-ekwipaġġ tagħhom ikun għamel att ta' ammutinament u jkun ħa kontroll ta' dak il-bastiment jew inġenju tal-ajru;

(*ċ*) kull att ta' parteċipazzjoni volontarja waqt li jkun qed jitħaddem xi bastiment jew inġenju tal-ajru, bil-ħsieb li dak il-bastiment jew inġenju jsiru bastiment jew inġenju tal-pirati;

(*d*) kull att ta' ġegħil jew li jiġi xjentement faċilitat xi att kif hemm deskritt fil-paragrafu (*a*) jew (*b*) jew (*ċ*).

(2) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, bastiment jew inġenju tal-ajru jitqiesu li jkunu bastiment jew inġenju tal-ajru tal-pirati jekk il-persuni li jkollhom kontroll dominanti jkollhom il-ħsieb li jużawh bil-għan li jagħmlu xi wieħed mill-attijiet imsemmija fis-subartikolu (1) jew jekk il-bastiment jew l-inġenju tal-ajru jkunu intużaw biex isir xi att bħal dak u l-bastiment jew l-inġenju tal-ajru jkunu baqgħu taħt il-kontroll tal-persuna li tkun ħatja ta' dak l-att.

(3) Kull min ikun ħati ta' piraterija taħt dan l-artikolu jista' jeħel:

(*a*) meta r-reat ikun jikkonsisti f'xi wieħed mill-attijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(*a*) u (*b*) u tiġri wkoll il-mewt ta' xi persuna, għall-piena ta' priġunerija għall-għomor;

(*b*) meta r-reat ikun jikkonsisti f'xi wieħed mill-attijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(*a*) u (*b*) u ma tiġrix ukoll il-mewt ta' xi persuna, għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tletin sena;

(*ċ*) meta r-reat ikun jikkonsisti f'xi att imsemmi fis-subartikolu (1)(*ċ*), għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmien snin;

(*d*) meta r-reat ikun jikkonsisti f'xi att imsemmi fis-subartikolu (1)(*d*), għall-piena stipulata għall-att li jkun sar b'tixwix jew li jkun ġie faċilitat.

Ġurisdizzjoni. *Miżjud: XI. 2009.7. Emendat: VIII. 2015.21.*

**328O.**(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandu jkollhom ukoll ġurisdizzjoni fuq ir-reati stipulati f'dan l-artikolu meta r-reat isir minn:

(*a*) xi `ittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta;

(*b*) xi persuna waqt li tkun abbord xi bastiment, vapur jew inġenju tal-baħar li jkunu jappartjenu lil Malta;

(*ċ*) xi persuna kontra xi bastiment, vapur jew inġenju tal-ajru li jkunu jappartjenu lil Malta jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi `ittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu bastiment, vapur jew inġenju tal-ajru għandu jitqies li jkun jappartjeni lil Malta skont l-istess ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 5(2).

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(*d*).

---

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JGĦODDU GĦAL DAN IT-TITOLU

Piena għal reati kontra l-proprjetà b'offiżi fuq il-persuna.

**329.** Il-pieni stabbiliti fl-artikoli rispettivi ta' dan it-Titolu għal kull reat kontra l-proprjetà li jsir flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, għandhom jingħataw

dejjem jekk l-att tal-vjolenza jkun ġie ikkunsmat, għalkemm id-delitt kontra l-proprjetà jkun ġie biss ittentat.

Dħul b'abbuż fi djar, eċċ.
*Miżjud: IX. 1859.21.*
*Emendat: VI. 1871.25; XLIX. 1981.4; III. 2002.69.*

**330.** Fil-każ ta' dħul f'dar jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, għalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ieħor, l-akkużat, għall-fatt biss tad-dħul hawn fuq imsemmi, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk miċ-ċirkostanzi jkun jidher li l-ħsieb tal-ħati kien li jagħmel serq jew ħsara lil proprjetà jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(*d*), inkella jekk jiġi ippruvat li hu kien ġa ġie kkundannat għal xi reat minn dawn jew għal waħda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(*i*) u (*w*), il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar;

(*b*) f'każijiet oħra, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.

Ma hemmx azzjoni kriminali għal reati kontra l-ħwejjeġ ta' dixxendenti, eċċ.
*Emendat: XI. 1900.49; XX. 2005.16.*

**331.** Ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 3l6, 3l7 u 3l8, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ tad-dixxendenti jew tal-qraba bi żwieġ fil-linja tad-dixxendenti, jew tar-raġel jew tal-mara, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, jew sekwestru tal-persuna jew b'theddida ta' omiċidju jew ta' offiża fuq il-persuna.

L-azzjoni għal reati kontra ħwejjeġ l-axxendenti, eċċ., ma titmexxiex mingħajr kwerela tal-parti.
*Emendat: XI. 1900.49.*

**332.** Ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża, għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ tal-axxendenti jew kontra ħwejjeġ tal-qraba bi żwieġ fil-linja tal-axxendenti, jew tal-aħwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi żwieġ fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, minbarra offiża ħafifa u ta' importanza żgħira, jew ma' sekwestru tal-persuna.

Eċċezzjoni f'kaz ta' barranin.
*Emendat: XI. 1900.49.*

**333.** Il-benefiċċju mogħti fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan ma jiswiex lill-barranin li jkunu ħadu parti fir-reat.

Riċettazzjoni.
*Emendat: XI. 1900.50. XXIX. 1990.16.*

**334.** Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa;

(*b*) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi, bil-piena li hemm għal min hekk jakkwista jew iżomm;

(*ċ*) jekk tkun ġejja minn frodi, bil-pieni li hemm għal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-ħaġa tkun ġejja:

Ħelsien mill-piena.

Iżda il-ħati ta' wieħed mid-delitti msemmijin f'dan l-artikolu jiġi meħlus mill-piena, kemm-il darba, qabel xejn ma tibda

titmexxa ebda proċedura kriminali kontra tiegħu u fi żmien tlitt ijiem minn dak in-nhar li jkun laqa' għandu, xtara jew indaħal fix-xiri, fil-bejgħ jew fit-tmexxija tal-ħaġa bħal ma jingħad hawn fuq, jagħti f'idejn l-awtorità kompetenti l-ħwejjeġ milqugħa, mixtrija, mibjugħa, jew li jkun mexxa, u jikxef l-awturi tar-reat:

Iżda wkoll għall-fini ta' dan l-artikolu dik il-ħaġa għandha titqies biss li tkun insterqet, ittieħdet b'qerq, jew ġiet akkwistata b'reat li jkun sar barra minn Malta jekk tkun inkisbet b'xi att ta' kommissjoni jew omissjoni li, kieku sar f'Malta, kien jikkostitwixxi wieħed mir-reati msemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*).

Meta wieħed jonqos li jgħarraf il-Pulizija dwar ħwejjeġ misruqa, eċċ. *Miżjud: III. 2002.70.*

**334A.** Kull min, malli jsir jaf li xi ħaġa li tkun fil-pussess tiegħu tkun ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, jonqos li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta jkun hekk sar jaf, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa.

Regoli kif għandu jitqies il-valur tal-ħsara.

**335.** Fir-reati li għalihom il-piena tiġi mogħtija skont ma jkun il-valur tal-ħsara, dan il-valur ma jiġix meqjus mill-qligħ li jkun għamel il-ħati, lanqas mill-imgħaxijiet li jiżdiedu ma' dak il-qligħ, iżda jitqies biss fuq kemm tkun fil-fatt il-ħsara bħal ma jkun batiha l-offiż fiż-żmien tar-reat.

Tiqjis tal-ħsara magħmula sew fuq ħwejjeġ ta' qarib kemm ta' barrani.

**336.** Meta l-istess reat ikun jolqot il-ħwejjeġ ta' waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 331 u fl-istess ħin il-ħwejjeġ ta' barrani, u l-piena tkun tmiss tingħata skont ma jkun il-valur tal-ħsara, dan il-valur jitqies biss fuq il-ħsara li jkun bata l-barrani.

Tnaqqis tal-piena. *Sostitwit: III. 2002.71.*

**337.** (1) Fil-każ ta' frodi, il-piena stabbilita titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi, kemm-il darba l-ħati, qabel ma tibda titmexxa xi proċedura kriminali kontra tiegħu, jrodd għal kollox il-ħsara kkaġunata bir-reat.

(2) Fil-każ ta' serq, sew jekk sempliċi sew ikkwalifikat, kif ukoll reat ta' ħsara volontarja lil proprjetà li jsir filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq, il-piena stabbilita titnaqqas b'żewġ gradi kemm-il darba, qabel ma jitressaq quddiem il-qorti f'konnessjoni ma' dak is-serq:

(*a*) il-ħati jikxef lill-awtorità kompetenti kull persuna li setgħet laqgħet għandha jew xtrat mingħandu, jew li setgħet hadet sehem fil-bejgħ jew tmexxija tal-proprjetà misruqa; u

(*b*) (i) jew jikkonsenja lill-awtorità kompetenti l-proprjetà kollha misruqa minnu, u jrodd lill-offiż kull ħsara li setgħet tkun ġiet ikkaġunata lill-proprjetà, jew

(ii) fil-każ li l-proprjetà ma tkunx inġabret lura, iħallas lill-offiż il-valur sħiħ tal-proprjetà hekk misruqa; u

(*ċ*) irodd għal kollox lill-offiż kull ħsara, lil proprjetà mobbli jew immobbli oħra, kkaġunata bir-reat ta' serq jew filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq.

(3) Il-piena stabbilita fil-każ tar-reati msemmija fis-subartikolu (2) tista' titnaqqas bi grad jekk il-ħati jhares id-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu wara li jitressaq quddiem il-qorti kif hawn aktar qabel imsemmi.

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ma jgħoddux -

(*a*) fil-każ ta' serq ikkwalifikat bi vjolenza li tkun tikkonsisti f'omiċidju volontarju, attentat ta' omiċidju, offiża volontarja fuq il-persuna jew sekwestru tal-persuna;

(*b*) fil-każ ta' serq ikkwalifikat bi vjolenza diretta kontra xi waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 276A;

(*ċ*) fil-każ ta' serq li filwaqt li dan ikun qed isir tiġi kkaġunata mewt jew offiża fuq il-persuna kif provdut fl-artikolu 226A.

(5) Iċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx jitqiesu bħala raġunijiet speċjali jew straordinarji għall-finijiet tal-artikolu 21.

Traffiku fil-persuni sabiex dawn jiddaħħlu jew jinħarġu minn Malta kontra l-liġi.
*Miżjud: III. 2002.72.*
*Emendat: VI. 2005.3; A.L. 407 tal-2007; VIII. 2015.22.*

**337A.** (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, jgħin, jassisti, jagħti parir jew iħabrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, jikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra jista', mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, jeħel il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin jew multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u dawk tal-Att dwar il-*Probation* ma jkunux japplikaw:

Kap. 446.

Iżda meta l-għadd ta' persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel ikun ta' aktar minn tlieta, il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed sa tliet gradi:

Iżda wkoll meta r-reat isir -

(*a*) bħala attività ta' xi organizzazzjoni kriminali; jew

(*b*) waqt li tiġi perikolata l-ħajja tal-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtijin parir, prokurati jew li jkunu l-mira tal-konġura hawn qabel imsemmija,

il-piena għandha dejjem tiżdied b'żewġ gradi ukoll meta l-ewwel proviso ma jkunx japplika.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati f'Malta għandu wkoll ikollhom ġurisdizzjoni fuq ir-reat f'dan l-artikolu meta -

(*a*) ir-reat isir ukoll jekk biss f'parti minnu fit-territorju ta' Malta jew fuq il-baħar f'xi post fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta;

(*b*) il-ħati jkun ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti

f'Malta fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 5(1)(*d*);

(*ċ*) ir-reat isir għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita f'Malta.

Responsabbiltà kriminali ta' korp magħqud. *Miżjud: VI. 2005.4.*

**337AA.**[*] Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 328J u 328K għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull reat taħt is-Subtitolu IV ta' dan it-titolu u għar-reat fl-artikolu 337A.

---

*Sub-titolu V*

FUQ L-UŻU MHUX KIF DOVUT TAL-*COMPUTER*

*Miżjud: III. 2001.27.*

Tifsir. *Miżjud: III. 2001.27. Emendat: VII. 2010.25; VIII. 2015.23..*

**337B.** (1) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"*computer*" tfisser apparat elettroniku li jwettaq funzjonijiet ta' loġika, aritmetika u memorja billi jimmanipola impulsi elettroniċi jew manjetiċi, u tinkludi kull *input, output,* proċessar, ħżin, *software* u faċilitajiet ta' komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma' *computer* f'sistema ta' *computer* jew *computer network*;

"*computer data*" tfisser kull rappreżentazzjoni ta' fatti, tagħrif jew kunċetti f'forma xierqa biex jiġu proċessati f'sistema tal-informatika jew f'sistema ta' *computer*, inkluż programm xieraq biex iġiegħel sistema ta' *computer* tagħmel funzjoni;

"*computer network*" tfisser l-interkonnessjoni ta' linji ta' komunikazzjoni u ċirkwiti ma' *computer* permezz ta' tagħmir remot jew kumpless li jkun magħmul minn żewġ *computers* interkonnessi jew iktar;

"*computer output*" jew "*output*" tfisser il-preżentazzjoni jew ix-xbieha ta' *data* sew f'għamla miktuba, stampata, bi stampi, ta' wiri fuq skrin, fotografika jew filmata xort'oħra, grafika, bil-ħoss, sew f'kull għamla oħra li tiġi prodotta minn *computer*;

"*computer software*" jew "*software*" tfisser programm, proċedura jew dokumentazzjoni relattiva ta' *computer* li jintużaw fit-tħaddim ta' sistema ta' *computer*;

"dokumentazzjoni ta' appoġġ" tfisser kull dokumentazzjoni li tintuża fis-sistema tal-*computer* fil-kostruzzjoni, kjarifika, implementazzjoni, użu jew modifikazzjoni tas-*software* jew tad-*data*;

"funzjoni" tinkludi loġika, kontroll, aritmetika, tħassir, ħżin, ksib lura u komunikazzjoni ta' *data* jew telekomunikazzjoni lil, mingħand jew ġewwa l-istess *computer*;

"provvisti tal-*computer*" tfisser *punched cards*, strixxa karta, strixxa manjetika, pakki ta' diski, disketti, *CD-roms, computer output*, inkluża l-karta u l-mikroforma u kull medja ta' ħżin, sew

---

*kif magħmul liġi bl-Att VI tal-2005, dan l-artikolu kien oriġinarjament enumerat bħala l-artikolu 377B.

elettronika sew xort'oħra;

"sistema tal-*computer*" tfisser sett ta' tagħmir tal-*computer* relatat, sew *hardware* sew *software*;

"sistema tal-informatika" tfisser apparat jew grupp ta' apparat imqabbad ma' xulxin jew relatati, wieħed jew aktar minnhom, skont programm, jipproċessa awtomatikament *data* tal-*computer*, kif ukoll *data* maħżuna fuq il-*computer*, ipproċessata, miġbura jew trasmessa minn dak l-apparat jew grupp ta' apparat għall-finijiet tiegħu jew l-operat tagħhom, l-użu, il-protezzjoni u l-manutenzjoni;

(2) Riferenza f'dan is-Sub-titolu għal *software* tinkludi riferenza għal parti mis-*software*.

(3) Riferenza f'dan is-Sub-titolu għal *computer* tinkludi riferenza għal *computer network*.

(4) Riferenza f'dan is-Sub-titolu għal *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'xi *computer* jew sistema ta' *computer* tinkludi riferenza għal *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jiġu trasmessi permezz ta' *computer network*.

(5) Għall-iskopijiet ta' dan is-Sub-titolu, persuna tuża *software* jekk il-funzjoni li ġġiegħel lill-*computer* jagħmel:

(*a*) tikkaġuna li s-*software* jiġi esegwit; jew

(*b*) tkun fiha nnifisha funzjoni tas-*software*.

(6) Riferenza f'dan is-Sub-titolu għal xi *software* jew *data* miżmuma f'*computer* tinkludi riferenza għal kull *software* jew *data* li jinżamm f'xi medjum ta' ħżin li jista' jinqala' u li għal dak iż-żmien ikun jinsab fil-*computer*.

Aċċess mhux leġittimu għall-informazzjoni jew użu tagħha.
*Miżjud: III. 2001.27. Emendat: VII. 2010.26; VIII. 2015.24.*

**337Ċ.** (1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu -

(*a*) tuża *computer* jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

(*b*) tagħmel *output* ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-*computer* li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

(*ċ*) tikkopja kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;

(*d*) tipprevjeni jew tostakola d-dħul għal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;

(*e*) tipprevjeni jew tostakola l-funzjonament jew t-tħaddim ta' xi sistema ta' *computer*, *software* jew l-

integrità jew affidabilità ta' xi *data*;

(*ee*) tfixkel jew tinterrompi l-funzjonament ta' sistema tal-informatika, billi tiddaħħal *data* fil-*computer*, billi tittrassmetti, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, tibdel jew iżżomm lura *data* bħal din jew billi tirrendiha inaċċessibbli;

(*f*) tieħu pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom;

(*g*) tinstalla, tneħħi, tbiddel, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, trażżan, teqred, tvarja jew iżżid ma' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tirrendi *data* bħal din inaċċessibbli;

(*h*) tiżvela xi *password* jew kull mod ieħor ta' dħul, kodiċi ta' dħul jew xi tagħrif ieħor dwar kif isir id-dħul lil xi persuna mhux awtorizzata;

(*i*) tuża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'*computer* jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha;

(*j*) tikxef xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm-il darba dan ma jkunx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha jew b'xi liġi oħra;

(*k*) tinterċetta b'mezzi tekniċi, transmissjonijiet ta' *data* mhux pubbliċi, lil, minn jew ġo sistema tal-informatika jew sistema ta' *computer*, inkluż emissjonijiet elettromanjetiċi minn sistema tal-informatika jew sistema ta' *computer* li tkun iġġorr dik id-*data* tal-*computer*;

(*l*) tipproduċi, tbiegħ, takkwista għal użu, timporta, tqassam, tkun fil-pussess jew xort'oħra tagħmel disponibbli mezz, inkluż program ta' *computer*, ddsinjat jew adattat primarjament bil-għan li jitwettqu xi atti taħt il-paragrafi (*a*) sa (*j*) jew *password* tal-*computer*, kodiċi ta' aċċess, jew *data* simili b'liema parti jew is-sistema tal-informatika sħiħa tkun kapaċi tiġi aċċessata.

(2) Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu:

(*a*) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata;

(*b*) persuna titqies bħala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(*a*) sa (*j*) jew fl-artikolu 4(*a*) u (*b*) ta' dan is-Sub-titolu.

(3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1):

(*a*) persuna titqies li tkun għamlet reat irrispettivament jekk, fil-każ ta' xi modifikazzjoni, dik il-modifikazzjoni tkunx maħsuba li tkun waħda permanenti jew temporanja;

(*b*) il-forma kif jinħareġ *output* ta' xi *software* jew *data* u partikolarment jekk din tkunx forma jew le li fiha, fil-każ ta' *software*, tkun tista' tiġi esegwita jew, fil-każ ta' *data*, tkun tista' tiġi pproċessata minn *computer*, mhix importanti.

(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(*f*), persuna li minħabba li jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi *data*, *computer software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha.

Użu mhux kif dovut ta' *hardware*. *Miżjud: III. 2001.27.*

**337D.** Kull persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu -

(*a*) timmodifika tagħmir jew provvisti tal-*computer* li jintużaw jew li huma maħsubin li jintużaw f'xi *computer*, sistema ta' *computer* jew *computer network*;

(*b*) tieħu pussess ta', tagħmel ħsara fi jew teqred xi *computer*, sistema ta' *computer, computer network*, jew provvisti ta' *computer* li jintużaw jew huma maħsubin li jintużaw f'xi *computer*, sistema ta' *computer* jew *computer network* jew tħassar it-tħaddim ta' xi wieħed minnhom.

Għemil ta' reat barra minn Malta. *Miżjud: III. 2001.27.*

**337E.** Jekk reat isir barra minn Malta illi, li kieku sar f'Malta kien jikkostitwixxi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu, dan għandu, jekk dak l-għemil ikun jolqot lil xi *computer, software*, *data* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jkunu jinsabu Malta jew li b'xi mod ikollhom x'jaqsmu jew ikunu konnessi ma' *computer* f'Malta, jitqies li jkun sar f'Malta.

Reati u pieni. *Miżjud: III. 2001.27. Emendat: A.L. 407 tal-2007; VIII. 2015.25.*

**337F.** (1) Mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra stabbilita taħt dan is-Sub-titolu, kull min jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn erba' snin, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Il-penali għandha tiżdied għal multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) jew priġunerija għal terminu ta' tnax-il xahar sa għaxar snin, jew kemm dik il-multa u priġunerija flimkien fejn ir-reat jikkonsisti f'wieħed mis-segwenti każijiet li ġejjin:

(*a*) jikkostitwixxi att li b'xi mod ikun ta' ħsara għal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew itellef, jgħarraq jew jinterrompi b'xi mod l-għoti ta' xi servizz jew utilità pubblika, kemm jekk dak is-servizz jew dik l-utilità jkunu provduti jew imħaddma minn xi entità tal-

Gvern;

(*b*) jikkawża ħsara serja;

(*ċ*) isir kontra sistema ta' informazzjoni dwar faċilità infrastrutturali kritika;

(*d*) jitwettaq skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/ 841/JHA tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

(*e*) isir permezz tal-użu ħażin ta' data personali ta' persuna oħra, bil-għan li tiġi akkwistata l-fiduċja mingħand terza persuna, b'hekk jiġi kkawżat preġudizzju lis-sid leġittimu tal-identità:

Iżda meta persuna tinstab ħatja ta' reat kontra dan is-subartikolu għat-tieni jew aktar drabi, il-penali minima għal dak ir-reat ma għandhiex tkun inqas minn ħamest elef euro (€5,000):

Iżda wkoll f'dan l-artikolu "faċilità infrastrutturali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 314A(4).

(3) Il-pieni stabbiliti taħt is-subartikolu (2) għandhom ukoll japplikaw fil-każ ta' reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu:

(*a*) meta r-reat isir f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, tkun għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat;

(*b*) bl-eċċezzjoni tas-subartikolu (2), meta r-reat li persuna tagħmel ikun it-tieni reat jew reat sussegwenti kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu.

(4) Persuna li tipproduċi xi materjal jew li tagħmel xi att ieħor preparatorju għal jew bi tkomplija tal-għemil ta' xi reat taħt dan is-Sub-titolu tkun ħatja ta' dak ir-reat u teħel, meta tinsab ħatja, l-istess piena li hemm għar-reat.

(5) Persuna li tkun kompliċi fl-għemil ta' reat kontra dan is-Sub-titolu jew li b'xi mod ixxewwex, tgħin jew tħajjar dak l-għemil tista' teħel dawk l-istess pieni bħalma hemm maħsuba għal dak ir-reat.

(6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Sub-titolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni:

Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.

**337G.** Il-Ministru jista', għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu, b'regolamenti jippreskrivi:

Tfittix u qbid.
*Miżjud: III. 2001.27.*

(*a*) il-mod kif il-Pulizija tista' tagħmel tfittix fuq *computers*, sistemi tal-*computer* jew provvisti tal-*computer* u taqbad *data* jew *software* li jkunu maħżuna ġo fih;

(*b*) il-proċeduri u l-metodi għal dak li għandu jsir minn provi li jkollhom format elettroniku.

Applikabilità tal-artikoli 121D, 208B(5), 248E(4) u 328K.
*Miżjud: XI. 2009.8.*
*Emendat: VIII. 2015.26.*

**337H.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 121D, 208B(5), 248E(4) u 248E(4A) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal kull reat taħt dan is-subtitolu.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 328K għandhom ikunu japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għal kull reat taħt dan is-subtitolu daqs li kieku r-referenza li hemm fih għall-artikolu 328J kienet tirreferi għall-artikolu 121D.

---

## TAQSIMA III

## FUQ IL-KONTRAVVENZJONIJIET U L-PIENI

---

### Titolu I

### FUQ IL-KONTRAVVENZJONIJIET

---

#### *Sub-titolu I*

#### FUQ IL-KONTRAVVENZJONIJIET KONTRA L-ORDNI PUBBLIKU

Kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku.

**338.** Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min -

(*a*) mingħajr permess, jaqla' ħaxix mis-swar jew minn madwar is-swar;

(*b*) jixħet materjal fil-fossijiet jew qrib is-swar;

*Emendat: IV. 1856.18; XII. 1904.48; XII. 1913.9.*

(*ċ*) minn barra l-persuni msemmijin fl-artikolu 62, f'każ ta' rvell jew hemm kbir, jew ta' reat maqbud fil-fatt jew ta' għagħa tan-nies, jirrifjuta, mingħajr raġuni tajba, jagħti l-għajnuna tiegħu, jew jirrifjuta jagħti tagħrif dwar dak li fuqu jiġi mistoqsi, jew jagħti tagħrif jew partikularitajiet foloz, lil min ikun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu;

(*d*) iħalli jiġġerrew barra imġienen, furjużi jew le, li jkunu qegħdin taħt il-kustodja tiegħu;

(*e*) minn barra l-persuni msemmijin fl-artikolu 62, ikun preżenti waqt attentat kontra l-ħajja jew kontra ħwejjeġ ħaddieħor, u ma jgħarrafx bih lill-Pulizija Eżekuttiva;

(*f*) iżomm skola pubblika mingħajr permess;

(*g*) jirrifjuta jagħti, jew jagħti falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra;

*Emendat: IV. 1856.19; XII. 1913.9.*

(*h*) *Imħassar bl-Att: X.1998.52.*

*Emendat: XII. 1914.10; XXXII. 1986.5.*

(*i*) meta ma jkollu ebda xorta ta' beni, u ma jkollux mezzi oħra biex jgħix, ma jippruvax li hu fittex dejjem li jaħdem xi arti jew sengħa jew li jagħmel xi ħaġa;

*Emendat: VIII. 1909.3l.*

(*j*) mingħajr liċenza, jiftaħ jew iżomm postijiet pubbliċi għall-qima t'Alla;

(*k*) jirrifjuta jieħu bil-valur stabbilit, il-flus li jkollhom kors legali;

(*l*) billi jipprofitta ruħu mill-bluha ta' ħaddieħor, bi ħsieb ta' qligħ, iġiegħel min jemmen li huwa jista' jindovna jew li jista' jkun jaf x'għandu jiġri jew li jista' jfisser il-ħolm;

(*m*) bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;

(*n*) f'lok pubbliku, jilbes maskra jew ibiddel is-sura tiegħu, barra minn fiż-żmien u bil-mod li tippermetti l-liġi;

(*o*) mingħajr permess jew kontra l-projbizzjoni tal-awtorità kompetenti, jilbes uniformi ċivili, navali, militari jew tal-forzi tal-ajru, inkella lbies ta' qassisin jew abiti sagri;

*Emendat: XV. 1937.5.*

(*p*) iħalli barra fit-toroq, fil-pjazez, fl-egħlieqi jew f'post ieħor pubbliku, slielem, pali tal-ħadid, armi, jew għodod oħra, li bihom jistgħu jinqdew il-ħallelin jew nies oħra ta' kondotta ħażina, jew li bihom tista' tiġri xi ħsara;

(*q*) fil-portijiet, fi xtut il-baħar jew f'lok ieħor pubbliku, jinża' għarwien jew ma jkunx liebes xieraq;

*Emendat: XLI. 1933.1.*

(*r*) fit-toroq jew fil-pjazez, jiġġieled jew jirraġġa' ma' ħaddieħor, għalkemm b'logħob, b'mod li jista' jdejjaq jew jagħmel ħsara lil min ikun għaddej;

(*s*) isuq bhejjem (tat-tagħbija jew tar-rkib) fuq pontijiet li jintrefgħu, bil-vettura jew mingħajrha, xort'oħra milli bil-pass;

*Emendat: IV. 1856.20; XI. 1905.15.*

(*t*) jiftiehem ma' persuni oħra tal-professjoni jew sengħa tiegħu biex igħollu jew ibaxxu l-prezz ta' oġġett, jew il-pagi tax-xogħol, jew biex jagħmlu kondizzjonijiet bi ħsara għall-pubbliku, f'dak li jidħol fil-professjoni jew sengħa tagħhom;

(*u*) bla jedd iċarrat jew jaqla' avviżi pubbliċi mwaħħlin bl-ordni tal-awtoritajiet, inkella kartelluni jew avviżi mwaħħlin f'post pubbliku jew ma' bini privat bil-kunsens, espress jew taċitu tas-sid, fi żmien ta'

*Emendat: XXVI. 1927.1.*

elezzjonijiet, minn partit politiku jew minn persuna, li jkun fihom l-ismijiet tal-kandidati u sejħa lin-nies tal-pajjiż biex jivvotaw għal dawk il-kandidati, inkella jgħatti b'oħrajn, għal kollox jew parti minnhom, dawk il-kartelluni jew avviżi, jew jaħbi b'mod ieħor l-istampa ta' dawk il-kartelluni jew avviżi:

Iżda, f'dawn il-postijiet pubbliċi ebda partit jew kandidat indipendenti ma' jista' jieħu wisa' akbar minn dak li jkun ħa partit ieħor jew kandidat indipendenti, skont ma jkun jagħti l-wisa' li jkun hemm f'dawk il-postijiet u n-numru ta' dawk il-partiti jew kandidati indipendenti, u għaldaqshekk il-Pulizija għandha, b'regolamenti li joħorġu fil-Gazzetta tal-Gvern, tistabbilixxi l-wisa' li kull partit jew kandidat indipendenti għandu jieħu u taqla' l-kartelluni jew l-avviżi li jkunu ġew imwaħħla kontra r-regolamenti hawn fuq imsemmija billi jkunu jieħdu wisa' li jmiss lil ħaddieħor;

(*v*) iġiegħel tabib, kirurgu, ostetriku, jew saċerdot imur biex jassisti jew iżur persuna li huwa jgħid falsament li hija marida;

*Emendat: XIII. 1899.1; XIII. 1918.1l.*

(*w*) igħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ;

*Miżjud: XLIII. 1966.2.*

(*x*) f'xi post pubbliku jimmolesta n-nies biex jitlob il-karità;

*Sostitwit: XXI. 1993.86.*

(*y*)* bħala ġenitur iħalli lil uliedu fil-bżonn, jew bħala parti fiż-żwieġ tħalli lill-parti l-oħra fil-bżonn, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

*Miżjud: XIV. 1983.10. Sostitwit: XXXII. 1986.5; III. 2002.73. Emendat: XVI. 2006.7; XI. 2009.9.*

(*z*) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:

Iżda, minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur:

Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn;

*Miżjud: IX. 1859.22.*

(*aa*) iħalli fil-bżonn lil missieru u 'l ommu, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

*L-ittra *y*, li ma tinsabx fl-alfabet Malti, tidħol hawnhekk biex taqbel fis-sekwenza tal-ittri tat-test Ingliż.

(*bb*) għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika; *Emendat: IX. 1911.13. Sostitwit: XXVII. 1975.22.*

(*ċċ*) jiġri bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b'periklu li jaħbat ma' xi ħadd u jweġġgħu;

(*dd*) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

(*ee*) ma jobdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra; *Miżjud: IV. 1856.21. Emendat: XII. 1913.9.*

(*ff*) f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, jinsab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, ikun jidher biċ-ċar fis-sakra waqt li jkollu l-ħsieb ta' tfal ta' taħt is-seba' snin, jew ta' żwiemel, bgħula jew barrin, jew ta' makni bl-istim jew ta' xi vettura, inkella, waqt li jkun f'dak l-istat, idejjaq in-nies jew jagħmel storbju, jew ikollu fuqu armi tan-nar, jew ma jkunx irid joħroġ minn ħanut tax-xorb, ħanut tal-ikel, tverna jew lukanda, jew ifittex li jirkeb f'dgħajsa jew fuq bastiment tal-passiġġieri, jew fuq vettura oħra, jew ma jkunx irid jinżel minn fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra għalkemm jiġi mwissi mill-persuna li jkollha l-ħsieb tagħhom biex ma jirkibx fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra, jew biex jinżel minn fuqhom; *Miżjud: III. 1885.5. Emendat: IV. 1888.1; XI. 1905.15; VIII. 1909.31.*

(*gg*) minn barra mill-każijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodiċi jew f'liġi oħra, jagħmel xi ħaġa mingħajr liċenza tal-awtorità kompetenti, meta din il-liċenza hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi; *Miżjud: I. 1903.17. Emendat: VIII. 1909.31; A.L. 4 tal-1963.*

(*hh*) meta l-fatt ma jaqax taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra, biex iqarraq l-awtorità, iġib quddiem din l-awtorità atti, dikjarazzjonijiet jew ċertifikati veri, u jgħaddihom b'qerq bħala li jirriferixxu għalih jew għal ħaddieħor; *Miżjud. XII. 1913.9.*

(*ii*) ħlief kif permess bil-liġi, u kemm-il darba xi liġi oħra ma tipprovdix għal piena ogħla għar-reat, jagħmel jew jipprova jagħmel jew b'xi mod ikollu x'jaqsam mal- *Miżjud: XXXII. 1986.5.*

għemil ta' xi mħatra magħduda mħatra li għandha x'taqsam ma' xi logħba, *sport* jew ġrajja f'Malta jew x'imkien ieħor; jew li jkun preżenti f'xi post fejn ikun qed issir xi mħatra bħal dik;

*Miżjud: XXXII. 1986.5.*

(*jj*) f'kull post idejjaq lil xi ħadd biex jirreklama, jew biex iġiegħel lil xi ħadd jakkwista, xi servizz, prodott, proprjetà jew drittijiet ikunu li jkunu fuq proprjetà;

*Miżjud: II. 1967.2.*

(*kk*) jekk ikollu aktar minn ħmistax-il sena, juża f'xi *playground* tat-tfal miftuħ għall-pubbliku xi ħaġa provduta hemm għall-logħob jew xi faċilitajiet simili li jkun hemm fih;

*Miżjud: XXI. 1993.86. Emendat: III. 2002.73.*

(*ll*) meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa;

(*mm*) juża kanuni tal-gass jew xi tagħir ieħor li jkun jaħdem b'mod manwali jew awtomatiku, biex jipproduċi ħsejjes, maħsuba prinċipalment biex jinżammu 'l bogħod minn għelieqi jew pjazez l-annimali:

Iżda f'każ bħal dan, il-Qorti, minbarra l-piena, għandha tordna t-tneħħija tat-tagħmir.

---

*Sub-titolu II*

FUQ IL-KONTRAVVENZJONIJIET KONTRA L-PERSUNA

Kontravvenzjonijiet kontra l-persuni.

**339.** (l) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-

(*a*) jistieden għall-ġlied bil-ġebel;

(*b*) mingħajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra n-nies;

(*ċ*) iwaddab ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin għall-istħa, bjut, twieqi, bibien, btieħi, fanali, ħitan tad-djar ta' ħaddieħor, jew ta' bini ieħor; jew iħabbat bibien, jew iċempel qniepen tad-djar jew ta' bini ieħor ta' ħaddieħor;

(*d*) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

(*e*) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(*f*) bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb jixħet ilma jew ħwejjeġ oħra maħlula jew ħmiġijiet fuq xi ħadd;

(*g*) isewwes lill-kelb tiegħu biex jagħmel għal xi ħadd, jew ma jfittixx li jżommu meta jkun idejjaq lil xi ħadd;

(*h*) għad li jkollu l-jedd li jwiddeb lil ħaddieħor, joħroġ barra mill-qies: *Emendat: III. 2014.6.*

Iżda, biex jiġi evitat kull dubju, swat tal-ġisem ta' kull tip għandu dejjem jitqies li jkun barra mill-qies.

(*i*) jagħti qtajja jew ibeżża' lil ħaddieħor, b'mod li jista' jagħmillu ħsara, għalkemm jagħmlu b'ċajt;

(*j*) meta hu fid-dmir li jieħu l-ħsieb ta' tfal, jew ta' persuni oħra li ma jkunux kapaċi li jieħdu ħsieb tagħhom infushom, jonqos li jieħu l-ħsieb kif jinħtieġ ta' dawn it-tfal jew persuni oħra;

(*k*) meta jsib fit-triq tifel mitluq jew mitluf, ma jiħdux għand il-Pulizija Eżekuttiva jew ma jgħarrafhiex minnufih bih, jew xort'oħra ma jiħux ħsieb biex iqiegħed dan it-tifel fiż-żgur;

(*l*) jimbotta lil ħaddieħor fit-triq biex iweġġgħu jew jinsultah;

(*m*) jixħet ħmieġ jew porkeriji fil-bibien jew taħt il-ħitan tad-djar ta' ħaddieħor;

(*n*) idejjaq, jagħti fastidju, jew jiddieħek b'nies boloh, xjuħ, magħtubin, mifluġin, jew immankati;

(*o*) għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor. *Miżjud: IV. 1856.22.*

(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(*d*), (*e*), (*l*) u (*o*), ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti. *Miżjud: XI. 1900.51. Emendat: I. 1903.18; VIII. 1909.32, 33.*

---

*Sub-titolu III*

FUQ IL-KONTRAVVENZJONIJIET KONTRA L-PROPRJETÀ

Kontravvenzjonijiet kontra l-proprjetà.

**340.** Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min -

(*a*) jispara fuq ħamiem jew bċieċen, li ma jkunux tal-barr u li jkunu ta' ħaddieħor;

(*b*) jaqta' jew jiekol, mir-raba' ta' ħaddieħor, frott jew prodotti oħra;

(*ċ*) meta jsib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, ma jgħarrafx bihom, fi żmien tlitt ijiem, lill-Pulizija Eżekuttiva;

(*d*) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi.

## Titolu II

*Emendat:*
*XI. 1900.52.*

## FUQ IL-PIENI TAL-KONTRAVVENZJONIJIET

Setgħa tal-qorti fil-għoti tal-pieni għall-kontravvenzjonijiet
*Emendat:*
*XI. 1900.58;*
*IX. 1911.14.*

**341.** Meta l-każ jaqa' taħt il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti dawn il-pieni, sew separatament kemm imgħaqqdin flimkien.

L-inqas piena f'każ ta' dagħa.
*Miżjud:*
*X. 1949.2.*
*Emendat:*
*A.L. 407 tal-2007.*

**342.** Fil-każ tal-kontravvenzjoni taħt l-artikolu 338(*bb*), meta tkun tikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa, l-inqas piena li tista' tingħata ma għandha tkun qatt inqas minn ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-ikbar piena tista' tkun priġunerija għal żmien tliet xhur - bla ħsara tad-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb.

Skwalifika fuq dikjarazzjoni ta' ħtija skont l-artikolu 340 (*a*).
*Miżjud:*
*XVI. 1963.2.*

**343.** Meta jinsab ħati ta' kontravvenzjoni skont l-artikolu 340(*a*), il-qorti għandha, barra milli tagħti piena, tordna li l-ħati jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenza biex iżomm arma tan-nar tal-klassi jew xorta użata fl-egħmil tal-kontravvenzjoni (inkluża kull *air gun*) għal żmien ta' tnax-il xahar.

Konfiska ta' oġġetti f'xi kontravvenzjonljiet
*Emendat:*
*VIII. 1857.10;*
*III. 1885.6;*
*IV. 1888.3;*
*XXI.1944.2;*
*IX. 1982.2;*
*XXXII. 1986.6;*
*X. 1998.52.*

**344.** Jistgħu jiġu maqbuda u ikkonfiskati-

(*a*) *Imħassar bl-Att: X.1998.52.*

(*b*) is-slielem, il-pali tal-ħadid, l-armi u l-għodod imsemmijin fl-artikolu 338(*p*);

(*ċ*) kull flus li jinsabu fuq xi persuna li tagħmel reat taħt l-artikolu 338(*ii*).

---

## DISPOSIZZJONI ĠENERALI

Liġijiet u regolamenti speċjali.

**345.** Fil-każijiet mhux ikkontemplati f'dan il-Kodiċi, u li huma s-suġġett ta' liġijiet jew regolamenti speċjali, għandhom jitħarsu dawn il-liġijiet jew regolamenti speċjali.

---

# IT-TIENI KTIEB

# LIĠIJIET TA' PROĊEDURA KRIMINALI

---

## TAQSIMA I

## FUQ L-AWTORITAJIET LI LILHOM HIJA FDATA L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI

---

Titolu I

FUQ IS-SETGĦAT U D-DMIRIJIET TAL-PULIZIJA ESEKUTTIVA FIL-PROĊEDIMENTI KRIMINALI

ĠENERALI

**346.** (1) Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja.

Dmirijiet tal-Pulizija. *Emendat: IV. 1856.23; VIII. 1990.3. Sostitwit: III. 2002.74.*

(2) Minkejja l-ġeneralità tas-subartikolu (1), meta tkun awtorizzata bil-liġi u bil-mod hekk provdut, il-Pulizija tista' ddewwem l-intervent tagħha immedjat għall-prevenzjoni tal-għemil ta' reat.

**347.** Il-Pulizija ma timxix ħlief b'talba tal-parti privata fil-każijiet li fihom il-liġi ma tagħtix li l-azzjoni titmexxa mingħajr dik it-talba.

Talba tal-parti privata. *Emendat: XIV. 1889.45; XXX. 1934.2; XXI.1971.26; XXII.1976.4; XLIX. 1981.4. Sostitwit: III. 2002.74.*

**348.** Jekk kap ta' dar jitlob lil uffiċjal tal-Pulizija biex imur f'dik id-dar, sabiex jiżgura ruħu minn reat li jkun sar jew biex jaqbad il-provi tiegħu, l-uffiċjal għandu jfittex imur mill-aktar fis li jista' jkun, u għandu jieħu xhieda miegħu, meta dan jista' jsir.

Għajnuna li tingħata meta mitluba minn kap ta' dar. *Emendat: XXII. 1976.4. Sostitwit: III. 2002.74.*

**349.** (1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

Setgħa ta' twaqqif u perkwiżizzjoni. *Sostitwit: III. 2002.74.*

(2) L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.

Ommissjoni tal-kawzjoni, formalità jew ħtieġa mhumiex ostakolu għall-ammissibbilità tal-provi.

**350.** (1) F'dan it-Titolu, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2):

Tifsiriet. *Emendat: XI. 1900.54. Sostitwit: III. 2002.74. Emendat: A.L. 274 tal-2007; A.L. 246 tal-2013; IV. 2014.18.*

"kampjun intimu" tfisser kampjun ta' demm, sperma jew fluwidu tessutali ieħor, jew xagħar pubiku, u tinkludi kampjun miġbur b'assorbenti minn fetħa fil-ġisem ta' persuna minbarra l-ħalq;

"kampjun mhux intimu" tinkludi -

(*a*) kampjun ta' xagħar minbarra xagħar pubiku;

(*b*) kampjun meħud minn difer jew minn taħt difer;

(*ċ*) kampjun miġbur b'assorbenti meħud minn xi parti tal-ġisem ta' persuna inkluż il-ħalq iżda mhux minn xi fetħa oħra fil-ġisem;

(*d*) urina jew saliva;

(*e*) marka tas-sieq jew xi marka simili ta' xi parti tal-ġisem ta' persuna minbarra xi parti minn idu;

(*f*) kampjun tal-vuċi;

"kunsens xieraq" tfisser -

(*a*) dwar persuna li tkun għalqet tmintax-il sena, l-kunsens ta' dik il-persuna;

(*b*) dwar persuna li għadha ma għalqitx tmintax-il sena iżda li tkun għalqet erbatax-il sena, l-kunsens ta' dik il-persuna u l-kunsens tal-ġenitur jew tutur tagħha;

(*ċ*) dwar persuna li għadha ma għalqitx erbatax-il sena, l-kunsens tal-ġenitur jew tutur tagħha;

"materjal eskluż" tfisser:

(*a*) *records* personali akkwistati jew oriġinati minn persuna matul l-eserċizzju ta' xi kummerċ, negozju, professjoni jew okkupazzjoni oħra, jew għal finijiet ta' xi kariga bi ħlas jew bla ħlas li dik il-persuna konfidenzjalment ikollha;

(*b*) tessut uman jew fluwidu tessutali meħud għal finijiet ta' djanjosi jew kura medika u li dik il-persuna konfidenzjalment ikollha;

(*ċ*) materjal ġurnalistiku li persuna konfidenzjalment ikollha;

"materjal ġurnalistiku" tfisser materjal li jkun għand xi ħadd li jkun kisbu jew oriġinah għall-finijiet tal-ġurnaliżmu, u min jirċievi materjal mingħand xi persuna li jkollha l-ħsieb li min jirċevih se jużah għall-fini tal-ġurnaliżmu għandu jitqies li jkun kisbu għal dawk l-għanijiet;

"oġġetti soġġetti għal privileġġ legali" tfisser kull komunikazzjoni bejn konsulent legali professjonali u l-klijent tiegħu jew kull persuna li tirrappreżenta lill-klijent tiegħu u kull dokument jew *record* li jkunu annessi ma' jew li ssir referenza għalihom fl-istess komunikazzjoni u magħmula għall-finijiet tal-għoti ta' parir legali jew b'konnessjoni ma', jew b'kontemplazzjoni ta' xi proċeduri legali u għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri, imma l-frażi ma tinkludix oġġetti miżmuma bil-għan tat-tkomplija ta' xi fini kriminali;

"perkwiżizzjoni intima" tfisser tfittxija li tikkonsisti fl-eżami fiżiku ta' fetħiet fil-ġisem ta' persuna minbarra l-ħalq;

"għassa tal-pulizija msemmija" tfisser għassa tal-pulizija msemmija mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija b'avviż pubblikat fil-Gazzetta;

"*records* personali" tfisser *records* dokumentati jew *records* oħra li għandhom x'jaqsmu ma' individwu (ħaj jew mejjet) li jista' jiġi identifikat permezz tagħhom u li jirreferu -

(*a*) għas-saħħa fiżika jew mentali tiegħu; jew

(*b*) għal pariri jew għajnuna spiritwali lilu mogħtija jew li

tkun se tingħatalu;

(*ċ*) għal pariri jew għajnuna lilu mogħtija jew li tkun se tingħatalu, għall-finijiet tal-ġid personali tiegħu, minn xi organizzazzjoni volontarja jew minn xi individwu li minħabba fil-kariga jew l-okkupazzjoni tiegħu jkun responsabbli għall-ġid personali tiegħu, jew li minħabba f'xi ordni tal-qorti jkun responsabbli għas-superviżjoni tiegħu;

"Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni u r-Regolament (KE) Nru. 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

(*a*) persuna konfidenzjalment ikollha materjal ġurnalistiku jekk -

(i) dan ikun għandha suġġett għal tali impenn, restrizzjoni jew obbligu; u

(ii) dan ikun inżamm kontinwament (minn persuna waħda jew iktar) suġġett għal tali impenn, restrizzjoni jew obbligazzjoni mindu jkun ġie l-ewwel miksub jew oriġinat għall-finijiet tal-ġurnaliżmu;

(*b*) persuna konfidenzjalment ikollha materjal li ma jkunx materjal ġurnalistiku jekk dan ikun għandha skont -

(i) impenn espress jew taċitu li żżommu għandha konfidenzjalment; jew

(ii) restrizzjoni dwar l-iżvelar jew obbligu ta' segretezza li tinsab f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi oħra.

---

*Sub-titolu I*

SETGĦA TA' TWAQQIF U PERKWIŻIZZJONI

Setgħa ta' twaqqif u perkwiżizzjoni.
*Emendat:*
*III. 1937.2;*
*XX. 1959.4;*
*XXVII. 1975.23.*
*Sostitwit:*
*III. 2002.74.*
*Emendat:*
*A.L. 274 tal-2007.*

**351.** (1) Uffiċjal tal-Pulizija jista', f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku ukoll bi ħlas, jipperkwiżixxi kull persuna jew vettura, jekk ikollu suspett raġonevoli li l-perkwiżizzjoni tista' tikxef il-pussess ta' affarijiet li huma projbiti, misruqa jew akkwistati permezz ta' reat ikun liema jkun, jew li jistgħu jiġu wżati jew li setgħu ġew użati biex isir xi reat.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), il-Pulizija tista' twaqqaf persuna jew vettura sakemm issir il-perkwiżizzjoni, u għandha taqbad kull oġġett misjub waqt il-perkwiżizzjoni u li l-pussess tiegħu jkun projbit jew li jista' jkollu x'jaqsam ma' xi reat.

(3) Konformement ma', u għall-finijiet ta', il-Konvenzjoni tad-

19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985, reat taħt dan l-artikolu għandu jitqies bħala reat ukoll meta dan isir x'imkien ieħor mhux f'Malta.

Mandat.
*Sostitwit:*
*IV. 1994.9;*
*III. 2002.74.*

**352.** Meta l-perkwiżizzjoni li għandha ssir tkun meħtiega fuq vettura li ma jkun hemm ħadd magħha u ma jkunx possibbli li jinġieb is-sid reġistrat tagħha, uffiċjal tal-Pulizija jista' biss jagħmel il-perkwiżizzjoni jekk ikollu mandat ta' uffiċjal superjuri ta' grad mhux inqas minn dak ta' spettur.

Limitazzjoni tal-perkwiżizzjoni, eċċ.
*Emendat:*
*XI. 1900.55;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*VIII. 1990.3.*
*Sostitwit:*
*III. 2002.74.*

**353.** Ħlief f'każijiet urġenti u meta persuna tinqabad *in flagrante delicto* ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tawtorizza l-perkwiżizzjoni ta' persuna minn uffiċjal tal-Pulizija tas-sess oppost, jew li l-perkwiżizzjoni tkun magħmula minn uffiċjal tal-Pulizija li ma jkunx liebes l-uniformi jekk dan ma jkunx identifikat b'mod ċar bil-wiri ta' karta tal-identità tal-Pulizija.

Rapport fuq il-perkwiżizzjoni.
*Sostitwit:*
*III. 2002.74.*

**354.** Kull oġġett maqbud permezz ta' perkwiżizzjoni taħt l-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu għandu jkun konservat u l-Pulizija li jagħmlu l-perkwiżizzjoni għandhom jagħmlu rapport li jagħti d-dettalji kollha tal-perkwiżizzjoni u li jkun jinkludi elenku dettaljat tal-oġġetti maqbudin.

---

*Sub-titolu II*

KONTROLLI FIT-TOROQ

Kondizzjonijiet għal kontrolli fit-toroq.
*Emendat:*
*VIII. 1857.11;*
*V. 1868.20.*
*Sostitwit:*
*III. 2002.74.*
*Emendat:*
*A.L. 274 tal-2007.*
Kap. 248.

**355.** Il-Pulizija tista' tagħmel kontroll fit-toroq meta jkun hemm raġunijiet xierqa biex taħseb li l-kontroll ta' vetturi ġo xi lokalità jew li jgħaddu minnha jista' jwassal għal -

(*a*) l-arrest ta' persuna li tkun għamlet, jew li hemm suspett raġonevoli li għamlet jew li ser tagħmel reat serju, minbarra delitt punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa; jew

(*b*) il-kxif ta' oġġetti li l-pussess tagħhom hu projbit jew limitat bil-liġi jew li b'xi mod jew ieħor għandhom konnessjoni mal-għemil ta' reat serju jew li huma prova ta' dan ir-reat; jew

(*ċ*) l-arrest ta' persuna li l-arrest tagħha ġie ordnat minn qorti jew minn xi awtorità leġittima oħra jew li hi b'xi mod ieħor illegalment libera; jew

(*d*) l-aċċertament li persuna ma tkunx qed tħares xi kondizzjoni leġittimament imposta fuqha minn xi qorti; jew

(*e*) l-aċċertament ta' vjolazzjonijiet ta' xi liġi dwar vetturi bil-mutur jew ir-regolament tat-traffiku;

(*f*) l-arrest ta' persuna jew biex jiġi aċċertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; jew

(*g*) is-sejbien ta' xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu "reat serju" tfisser kull reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

**355A.** (1) Għal kemm idum il-kontroll fit-toroq il-Pulizija tista' twaqqaf kull jew xi vetturi għaddejjin minn jew ġo xi lokalità fejn ikun qed isir il-kontroll fit-toroq.

Kif isir il-kontroll fit-toroq. *Miżjud: III. 2002.74.*

(2) Meta xi vettura ttitwaqqaf skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subtitolu dik il-vettura tista' tiġi perkwiżita mill-Pulizija.

**355B.** Il-kontroll fit-toroq taħt dan is-subtitolu jista' biss jiġi organizzat jekk ikun hemm l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt ir-grad ta' spettur sakemm ma jistax ikun hemm dewmien fil-kwistjoni, f'liema każ dik l-awtorizzazzjoni tista' wkoll tingħata bil-fomm minn uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' surġent u wara titniżżel bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

Awtorizzazzjoni. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355Ċ.** Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu, meta matul kontroll fit-toroq jinsabu provi li jkun sar reat ieħor minbarra dak li dwaru jkun sar il-kontroll fit-toroq, il-Pulizija jkollha wkoll il-jedd li tinvestiga dak ir-reat u fejn xieraq jibdew proċedimenti dwar dak ir-reat.

Provi ta' reati oħra. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355D.** Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subtitolu jkunu mingħajr preġudizzju għal kull setgħa mogħtija lill-Pulizija b'kull liġi oħra biex iwaqqfu l-vetturi għal finijiet oħra li ma jkunux dawk imsemmija f'dan is-subtitolu.

Riservi dwar liġijiet oħra. *Miżjud: III. 2002.74.*

---

## *Sub-titolu III*

### SETGĦAT TA' DĦUL, PERKWIŻIZZJONI U QBID B'MANDAT

**355E.** Salvi l-każijiet fejn il-liġi tipprovdi xort'oħra, ebda uffiċjal tal-Pulizija ma għandu, sakemm ma jkollux mandat minn Maġistrat, jidħol f'xi lokal, dar, bini jew reċint għall-fini li jagħmel xi perkwiżizzjoni hemm ġew jew li jarresta lil xi persuna li tkun għamlet reat jew li tkun raġonevolment suspettata li tkun għamlet jew li tkun se tagħmel xi reat, ħlief jekk -

Kondizzjonijiet għal perkwiżizzjoni. *Miżjud: III. 2002.74. Emendat: A.L. 274 tal-2007.*

(*a*) ir-reat ikun delitt, minbarra delitt punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa, u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista' taħrab jew li l-*corpus delicti* jew il-provi dwar ir-reat jistgħu jiġu mneħħija; jew Kap. 248.

(*b*) il-persuna tinkixef fl-att tal-għemil tar-reat innifsu, minbarra reat punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa; jew Kap. 248.

(*ċ*) l-intervent tal-pulizija jkun meħtieġ sabiex jipprevjeni l-għemil ta' delitt, li ma jkunx delitt punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa; jew Kap. 248.

(*d*) d-dħul ikun meħtieġ għall-esekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni maħruġin minn xi awtorità kompetenti oħra fil-każijiet preskritti bil-liġi; jew

(*e*) l-arrest ikun għall-fini li persuna tinqabad li tkun għadha tiġri barra kontra l-liġi wara li tkun ħarbet

minn arrest jew detenzjoni leġittimi; jew

(*f*) id-dħul ikun meħtieġ għall-finijiet li:

(i) jiġi eżegwit l-arrest ta' xi persuna jew biex jiġi aċċertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista' taħrab; jew

(ii) jsir is-sejbien ta' xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-proprjetà tista' tinħeba, tintilef, titgħarraq, tinbidel jew tinqered.

(2) Il-frażi "reċint" ma tinkludix biċċa art mdawra b'ħitan tas-sejjieħ.

(3) Jista' wkoll jinħareġ mandat minn Maġistrat kif imsemmi fis-subartikolu (1) sabiex:

(*a*) isir l-arrest jew biex jiġi aċċertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; jew

(*b*) jinkixef u tiġi elevata xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Setgħat sussidjarji tal-Pulizija fl-esekuzzjoni ta' mandati.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355F.** Fil-każiiet fejn uffiċjal tal-Pulizija jkollu setgħa jidħol f'xi postijiet imsemmija fl-artikolu li jiġi minufih qabel dan, dak l-uffiċjal jista' bil-liġi jiftaħ jew jiskassa kull bieb jew tieqa, jekk, wara li jkun għarraf bil-kariga u l-iskop tiegħu, huwa jibqa' ma jistax jidħol xort'oħra.

Skop ta' perkwiżizzjoni u mandat ta' perkwiżizzjoni.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355G.** (1) Kull mandat ta' dħul u perkwiżizzjoni maħruġ taħt dan is-subtitolu u kull tfittxija jew qbid magħmulin taħt id-disposizzjonijiet ta' dan is-subtitolu ma għandhomx jestendu għal xi privileġġ legali jew materjal eskluż.

(2) Kull mandat ta' dħul u perkwiżizzjoni maħruġ taħt dan is-subtitolu għandu jitqies li jkun ingħata lill-uffiċjal jew uffiċjali tal-pulizija li jkunu qegħdin jesegwuh.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dritt li jinkiseb mandat ġdid għall-istess skop, mandat ta' dħul u perkwiżizzjoni ma jistax jiġi esegwit wara li jiskadi xahar mid-data tal-ħruġ tiegħu.

Ħinijiet għall-esekuzzjoni ta' mandat.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355H.** Ebda mandat ta' dħul u perkwiżizzjoni ma jista' jiġi esegwit wara nżul ix-xemx kemm-il darba l-Maġistrat ma jkunx awtorizza li jsir xort'oħra fil-mandat, jew kemm-il darba l-uffiċjal tal-pulizija esekutur ikollu għaliex raġonevolment jaħseb li l-fini tad-dħul u t-tfittxija kien se jiġi ffrustrat jekk l-esekuzzjoni tal-mandat tiddewwem.

Tingħata kopja tal-mandat lill-persuna.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355I.** L-uffiċjal esekutur għandu jagħti kopja tal-mandat lill-persuna li tkun toqgħod u tkun preżenti fil-post imfittex jew lil kull persuna oħra li tkun tidher lil dak l-uffiċjal bħala li tkun inkarigata mill-istess post u li tista' tkun hemm preżenti waqt it-tfittxija. Jekk ma jkunx hemm persuna preżenti li l-uffiċjal esekutur ikun jidhirlu

li tkun inkarigata mill-post, il-kopja tal-mandat għandha titħalla fil-post b'tali mod li tkun faċilment tidher.

**355J.** Kull perkwiżizzjoni li ssir b'mandat għandha tkun perkwiżizzjoni limitata għal dak li hu meħtieġ għall-finijiet li għalihom ikun inħareġ il-mandat:

Limitazzjoni. *Miżjud: III. 2002.74.*

Iżda jekk, matul il-perkwiżizzjoni, jinkixfu reati li ma jkunux dawk imsemmija fil-mandat, il-perkwiżizzjoni tista' testendi kif meħtieġ għall-finijiet ta' dawk ir-reati l-oħra.

---

*Sub-titolu IV*

SETGĦAT TA' DĦUL U PERKWIŻIZZJONI MINGĦAJR MANDAT

**355K.** Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jidħol u jfittex mingħajr mandat kull post, dar, bini jew reċint fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 355E(1)(*a*) sa (*e*).

Każijiet fejn ma jista' jkun hemm ebda dewmien. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355L.** (1) Il-Pulizija għandha s-setgħa li tidħol u tfittex f'kull post, dar, bini jew reċint użat, okkupat jew kontrollat, ukoll jekk biss għal xi żmien, minn persuna li tkun taħt arrest, jekk ikollhom għaliex ragonevolment jissuspettaw li hemm provi, minbarra oġġetti li jaqgħu taħt il-privileġġ legali, li għandhom x'jaqsmu mar-reat jew ma' reat li għandu x'jaqsam miegħu, u dik it-tfittxija għandha tkun limitata għal dak li hu raġonevolment meħtieġ biex jinstabu dawk il-provi:

Dħul u perkwiżizzjoni wara arrest. *Miżjud: III. 2002.74.*

Iżda jekk jiġu mikxufa reati matul it-perkwiżizzjoni li ma jkunux ir-reat jew ir-reati li dwarhom il-persuna tkun ġiet arrestata, dik il-perkwiżizzjoni tista' testendi kif meħtieġ għall-finijiet ta' dawk ir-reati l-oħra.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-Subtitolu V, il-Pulizija tista', matul xi perkwiżizzjoni li ssir skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), taqbad u żżomm kull oġġett li ma jkunx suġġett għal xi privileġġ legali u li jkun jikkostitwixxi provi relevanti għall-fini ta' xi reat imsemmi fl-istess subartikolu.

**355M.** (1) Is-setgħat imsemmija fl-artikolu 355L jistgħu jiġu eserċitati minn uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux anqas minn dak ta' spettur jew minn uffiċjali ta' grad inqas jekk dawn ikunu hekk awtorizzati bil-miktub minn uffiċjal mhux taħt il-grad ta' spettur.

Limitazzjoni. *Miżjud: III. 2002.74.*

(2) Meta l-uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post ikunu kollha taħt il-grad ta' spettur u l-każ ma jkunx jisa' jiddewwem, u l-persuna li tokkupa jew tikkontrolla l-post tkun preżenti u l-preżenza tagħha tkun meħtieġa għall-investigazzjoni effettiva tar-reat, dawk l-uffiċjali tal-Pulizija jistgħu jgħaddu għal biex jidħlu u jagħmlu perkwiżizzjoni tal-post mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub imsemmija fis-subartikolu (1).

**355N.** Uffiċjal tal-Pulizija li jkun eserċita xi setgħat minn dawk imsemmija fl-artikoli 355K u 355L għandu, kemm jista' jkun malajr, jagħmel rapport tad-dħul u l-perkwiżizzjoni mingħajr

Rapport mill-uffiċjal. *Miżjud: III. 2002.74.*

mandat, fejn jagħti r-raġunijiet għaliex ikun sar dan, u jiddeskrivi r-riżultati tal-perkwiżizzjoni.

Reat li għandu x'jaqsam ma' reat ieħor.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355O.** Għall-finijiet ta' dan is-subtitolu, reat ikollu x'jaqsam mal-ieħor meta:

(*a*) il-fatti tar-reati jkunu sostanzjalment l-istess; jew

(*b*) reat ikun serva bħala mezz għall-għemil ta' reat ieħor; jew

(*ċ*) il-prova ta' reat jew ta' ċirkostanza tiegħu jkun jolqot il-provi ta' reat ieħor jew ta' xi ċirkostanza tiegħu.

---

*Sub-titolu V*

QBID U ŻAMMA

Regoli ġenerali dwar qbid.
*Miżjud: III. 2002.74. Emendat: A.L. 274 tal-2007.*

**355P.** Il-Pulizija, meta tkun bil-liġi ġo xi lokal, tista' taqbad kull oġġett li jkun f'dak il-lokal jekk ikollha għaliex raġonevolment taħseb li dak l-oġġett ikun ġie akkwistat b'riżultat tal-għemil ta' reat jew li jkun prova dwar xi reat jew ikun soġġett għal allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u l-qbid tiegħu jkun meħtieġ biex jiġi evitat li jinħeba, jintilef, jitgħarraq, jinbidel jew jinqered.

Computer data.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355Q.** Il-Pulizija tista', flimkien mas-setgħa li taqbad magna ta' *computer*, titlob li tingħatalha informazzjoni li tkun maħżuna f'xi *computer* f'għamla li tista' tinġarr u li tkun tidher u tinqara.

Riċevuta għall-oġġetti maqbuda.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355R.** Il-Pulizija għandha dejjem toħroġ riċevuta lill-persuna fil-post jew li jkollha l-kontroll tal-oġġett maqbud għal kull oġġett maqbud u fuq talba tal-istess persuna, il-Pulizija għandha, bi ħlas u fi żmien raġonevoli, tagħtih ritratti fotografiċi jew kopji tal-oġġett maqbud, ħlief jekk l-uffiċjal investigatur ma jkollux tassew għaliex raġonevolment jaħseb li dan jista' jkun ta' preġudizzju għall-investigazzjoni jew għal xi proċedimenti kriminali li jistgħu jinbdew b'riżultat ta' dan.

Żamma.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355S.** (1) Kull oġġett li jkun ġie maqbud bil-liġi mill-Pulizija jista' jinżamm għal kemm żmien ikun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi kollha.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, kull oġġett maqbud bil-liġi skont dan il-Kodiċi jista' jinżamm biex jinġieb bi prova fil-kawża jew għal eżamijiet forensiċi jew f'kull aspett ieħor tal-investigazzjoni, jew sabiex jiġi stabbilit min ikun sidu bil-ligi.

(3) Il-Kummissarju għandu jipprovdi għall-kustodja kif dovuta ta' kull oġġett maqbud.

Għoti lura lis-sid.

**355T.** Kull min ikun is-sid bi dritt ta' oġġett maqbud u miżmum jista, ħlief jekk ikunu għadhom pendenti quddiem xi qorti proċedimenti kriminali li matulhom l-oġġett maqbud ikun ġie esibit jew ikun għad irid jiġi esibit, jagħmel rikors quddiem il-Maġistrat biex dan jingħatalu lura, u l-Maġistrat jista', wara li jisma' lill-Pulizija, b'digriet jordna r-rilaxx tal-oġġett jew mingħajr ebda

kondizzjoni, jew taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jenħtieġu sabiex jiġi konservat il-valur probatorju tiegħu.

**355U.** Sakemm ma jkunx il-każ li oġġett jista' jiġi konfiskat, ebda oġġett ma għandu jinżamm jekk ritratt fotografiku, film, *video recording* jew xbieha elettronika jew kopja tal-oġġett tkun suffiċjenti:

Ritratti fotografiċi. *Miżjud: III. 2002.74.*

Iżda qabel ma jitilqu l-oġġett minn idejhom il-Pulizija jistgħu, fejn ikunu jqisu li jkun hekk meħtieġ, jagħmlu rikors quddiem il-Maġistrat sabiex isir *repertus* u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi.

*Sub-titolu VI*

SETGĦAT TA' ARREST U DETENZJONI

**355V.** Meta jkun hemm raġunijiet bil-ligi għall-arrest ta' persuna, il-Pulizija tista' titlob il-ħruġ ta' mandat ta' arrest mingħand Maġistrat, ħlief jekk skont xi disposizzjoni tal-liġi dak l-arrest jista' jsir mingħajr mandat.

Arrest b'mandat. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355W.** (1) Kulħadd ukoll jekk ma jkunx uffiċjal pubbliku jista' jagħmel arrest mingħajr mandat lil xi ħadd li jkun fl-att li jagħmel jew li jkun għadu kemm għamel delitt li jolqot il-paċi u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omiċidju volontarju jew offiża kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dħul volontarju illegali jew ħsara lill-proprjetà.

Arrest minn persuni privati. *Miżjud: III. 2002.74.*

(2) Min ikun qed jagħmel l-arrest taħt is-subartikolu (1) għandu mingħajr ebda dewmien jgħarraf lill-Pulizija li jkun għamel dak l-arrest u għandu jeserċita dik is-setgħa biss sakemm din tkun għalkollox meħtieġa biex il-Pulizija tieħu f'idejha l-persuna arrestata.

**355X.** (1) Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jarresta mingħajr mandat lil persuna li tkun fl-att ta' għemil jew li tkun għadha kemm għamlet delitt punibbli bi priġunerija, jew li jkollu suspett raġonevoli fiha li qegħda biex tagħmel jew li tkun għadha kif għamlet xi delitt.

Arrest mill-Pulizija mingħajr mandat. *Miżjud: III. 2002.74. Emendat: A.L. 274 tal-2007.*

(2) Kull uffiċjal tal-pulizija jista' wkoll jarresta lil xi persuna li dwarha jkun ingħata allert għall-arrest tagħha taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

(3) Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' wkoll jgħaddi biex jarresta lil xi persuna li xjentement, jew wara twissija xierqa, tostakolah jew ittellfu fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu, jew ma tobdix l-ordnijiet leġittimi tiegħu.

(4) Is-setgħat imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) għandhom ikunu biss eserċitati sakemm ikunu għalkollox meħtieġa għall-uffiċjal tal-Pulizija biex jieħu l-persuna arrestata f'Għassa tal-Pulizija u jikkonsenjaha lil uffiċjal superjuri mhux anqas mill-grad ta' surġent.

Kap. 248.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal xi delitt punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa.

Detenzjoni mingħajr mandat taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.
*Miżjud:*
*A.L. 274 tal-2007.*

**355XX.** Uffiċjal tal-pulizija jista' jżomm mingħajr ma jkollu mandat lil xi persuna li tiġi indikata f'allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen bħala persuna nieqsa jew bħala persuna li, għall-protezzjoni tagħha jew sabiex jiġi prevenut xi theddid, tkun tenħtieġ li titqiegħed temporanjament taħt il-ħarsien tal-pulizija.

Arrest għal reati żgħar.
*Miżjud:*
*III. 2002.74.*
Kap. 248.

**355Y.** (1) F'każ ta' kontravvenzjonijiet, jew ta' delitti mhux suġġetti għal piena ta' priġunerija, minbarra dejjem id-delitti punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa, il-Pulizija tista' bil-liġi tgħaddi għall-arrest ta' persuna mingħajr mandat, sakemm -

(*a*) il-persuna tinqabad fl-att li tagħmel ir-reat; jew

(*b*) l-arrest ikun meħtieġ biex iwaqqaf reat li għalih il-Pulizija tista' tmexxi proċedimenti kriminali mingħajr il-kwerela tal-parti offiża; u

(*ċ*) f'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafu (*a*) jew (*b*), xi waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 355Z trid tkun teżisti wkoll.

(2) Persuna għandha titqies li tinqabad fl-att li tagħmel ir-reat, jekk tinqabad jew fl-att li tkun qed tagħmel ir-reat, jew filwaqt li tkun qed tiġi segwita mill-parti offiża jew minn għajta pubblika ta' allarm.

Kondizzjonijiet ġenerali għall-arrest.
*Miżjud:*
*III. 2002.74.*

**355Z.** Il-kondizzjonijiet ġenerali għall-arrest huma li -

(*a*) l-identità tal-persuna ma tkunx magħrufa jew ma tistax tiġi aċċertata malajr mill-uffiċjal tal-Pulizija; jew

(*b*) ikun hemm dubju dwar jekk id-dettalji mogħtija mill-persuna humiex veri; jew

(*ċ*) il-persuna ma tkunx tat indirizz sodisfaċenti għan-notifika jew ikun hemm dubju dwar jekk l-indirizz mogħti huwiex sodisfaċenti għan-notifika, jew għall-inqas ikun hemm xi persuna oħra li tista' skont il-liġi tiġi notifikata għan-nom tiegħu fl-indirizz mogħti; jew

(*d*) l-arrest ikun meħtieġ biex iwaqqaf lil persuna milli -

(i) tikkaġuna ħsara fiżika lilha nnifisha jew lil xi persuna oħra; jew

(ii) ssofri ħsara fuq il-persuna tagħha; jew

(iii) tikkaġuna telf jew ħsara ta' proprjetà; jew

(iv) tikkawża ingombru kontra l-liġi f'xi triq pubblika; jew

(*e*) l-uffiċjal tal-Pulizija jkollu għaliex raġonevolment jaħseb li l-arrest ikun meħtieġ biex iħares minuri jew xi persuna oħra vulnerabbli.

Mġieba lejn il-persuna arrestata.
*Miżjud:*
*III. 2002.74.*

**355AB.** Meta l-uffiċjal jew kull min hu iktar awtorizzat bil-liġi jkun qed jagħmel arrest, huwa ma għandu juża ebda ħruxija, rbit jew xi mezz ieħor ta' trażżin kemm-il darba dan ma jkunx meħtieg

b'mod indispensabbli biex iqiegħed fiż-żgur, jew isir meħtieġ bl-insubordinazzjoni tal-persuna arrestata.

Tagħrif li jingħata mal-arrest. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AĊ.** (1) Meta persuna tiġi arrestata, l-arrest ma jkunx wieħed leġittimu kemm-il darba l-persuna arrestata ma tkunx mgħarrfa li qiegħda taħt arrest, ukoll jekk l-arrest jista' jidher li hu evidenti.

(2) L-arrest ma jkunx wieħed leġittimu kemm-il darba l-persuna arrestata ma tkunx mgħarrfa fil-waqt tal-arrest jew detenzjoni tagħha, f'ilsien li hija tifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew id-detenzjoni tagħha:

Iżda jekk ikun meħtieġ interpretu u ma jkunx jista' jinstab wieħed malajr jew inkella jekk ma jkunx xort'oħra prattiku li jitħarsu d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu fil-waqt tal-arrest jew id-detenzjoni tal-persuna, dawk id-disposizzjonijiet għandhom jitħarsu kemm jista' jkun malajr:

Iżda wkoll, f'kull każ, meta l-arrest isir minn persuna privata taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 355V, l-għoti ta' dak it-tagħrif jista' jiddewwem sakemm il-persuna arrestata tittieħed f'idejn il-Pulizija.

Attendenza f'xi Għassa jew uffiċċju tal-Pulizija. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AD.** (1) Meta, waqt investigazzjoni, persuna tmur minn jeddha, jew tmur flimkien ma' uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa jew uffiċċju tal-Pulizija, dik il-persuna tkun ħielsa li titlaq minn hemm fi x'ħin trid, kemm-il darba u sakemm ma tkunx mgħarrfa li qiegħda taħt arrest.

(2) Meta spettur tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-persuna li marret minn jeddha fl-Għassa jew fl-uffiċċju tal-Pulizija setgħet għamlet reat li għalih hemm priġunerija, huwa jista' jarresta lil dik il-persuna minnufih mingħajr ebda mandat u jgħarrafha b'dan kollu. Għandu jiġi minnufih reġistrat il-ħin tal-arrest filwaqt li jingħata avviż immedjat dwar dan kollu lil Maġistrat.

(3) Il-Pulizija tista, bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5).

(4) Kull min il-Pulizija tqis li jkollu xi tagħrif jew dokument rilevanti għal xi investigazzjoni, għandu l-obbligu legali li jimxi mat-talba li ssirlu mill-Pulizija li jattendi f'Għassa tal-Pulizija sabiex hemm jagħti kif ikun meħtieġ dak it-tagħrif jew dokument:

Iżda ħadd ma jkun marbut li jagħti xi tagħrif jew dokument li jista' jinkriminaha.

(5) Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha ma' uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li

jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih taħt mandat.

(6) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (3) jista' jiġi notifikat b'urġenza f'każijiet fejn l-interessi tal-ġustizzja jistgħu jkunu hekk jeħtieġu.

(7) Persuna li tmur minn jeddha kif imsemmi fis-subartikolu (3) tista' tinżamm mwarrba minn kull persuna oħra, iżda ma għandhiex tinżamm f'xi post li normalment jintuża għad-detenzjoni ta' persuni arrestati.

Arrest barra l-Għassa jew uffiċċji tal-Pulizija.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AE.** (1) Meta uffiċjal tal-Pulizija jarrest lil xi persuna f'post li ma jkunx Għassa tal-Pulizija, il-persuna arrestata għandha tittieħed fl-eqreb Għassa u meta l-uffiċjal li jagħmel l-arrest ikun uffiċjal ta' grad inqas minn dak ta' spettur huwa għandu minnufih jirrapporta l-arrest lil uffiċjal mhux inqas mill-grad ta' spettur. F'kull każ l-ispettur jew l-uffiċjal inkarigat minn dik l-Għassa tal-Pulizija għandhom ukoll jiġu mgħarrfa.

(2) Meta jkun hemm raġunijiet għaliex l-arrest għandu jitkompla, l-persuna arrestata għandha tittieħed ġewwa Għassa tal-Pulizija msemmija kemm jista' jkun malajr u f'ebda każ iktar tard minn sitt siegħat mill-waqt ta' dak l-arrest.

(3) It-teħid ta' persuna arrestata f'Għassa tal-Pulizija skont id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jista' jiddewwem jekk il-preżenza ta' dik il-persuna tkun tenħtieġ xi mkien ieħor għall-fini ta' xi investigazzjoni li tista' tkun meħtieġa.

(4) Meta persuna li tkun ġiet arrestata wara tiġi meħlusa, l-uffiċjal tal-Pulizija li jkun ordna dak il-ħelsien għandu jirreġistra bil-miktub dak il-fatt filwaqt li jagħti r-raġunijiet.

Perkwiżizzjoni fuq persuna arrestata.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AF.** (1) Uffiċjal tal-Pulizija jista' jagħmel perkwiżizzjoni minnufih fuq il-persuna arrestata:

(*a*) jekk l-uffiċjal tal-Pulizija għandu tassew għax jaħseb raġonevolment li l-persuna arrestata tista' tkun ta' periklu għaliha nnifisha jew għall-oħrajn; jew

(*b*) għal kull ħaġa li l-persuna arrestata tista' tuża b'għajnuna biex taħrab mill-kustodja; jew

(*ċ*) għal kull ħaġa li tista' tkun ta' prova li jkollha x'taqsam mar-reat.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 353 għandhom japplikaw għal kull perkwiżizzjoni taħt dan l-artikolu.

*Sub-titolu VII*

MANDATI

Id-dmir tal-esekuzzjoni ta' mandati ta' arrest jew ta' perkwiżizzjoni hu tal-Pulizija. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AG.** (1) Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 666, huwa d-dmir tal-Pulizija li jesegwixxu xi mandat jew ordni ta' arrest jew ta' perkwiżizzjoni li jistgħu, fil-każijiet preskritti bil-liġi, jinħarġu jew jingħataw minn xi awtorità kompetenti oħra.

(2) Mandat jew ordni bhal dawk għandu jkun fih ix-xorta tar-reat, isem-il persuna, jekk ikun magħruf, li r-reat ikun qed jiġi allegat li sar minnha u, fil-każ ta' mandat ta' perkwiżizzjoni, dan għandu jindika l-post fejn għandha ssir it-tfittxija.

(3) Ġaladarba jkun inħareġ mandat jew ordni, kull uffiċjal tal-pulizija jkun jista' jesegwixxi dak il-mandat jew ordni.

Proċedura għall-ħruġ ta' mandati. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AH.** (1) Kulmeta skont il-liġi l-għemil ta' xi att mill-Pulizija ikun jeħtieġ il-ħruġ ta' mandat minn Maġistrat, uffiċjal tal-Pulizija jista' jattendi personalment quddiem Maġistrat u jitolbu joħroġ il-mandat dovut, filwaqt li jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dik it-talba u jagħti lill-Maġistrat dak it-tagħrif kollu li jista' jwassal lill-Maġistrat jiddeċiedi dwar dik it-talba. Qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ il-mandat il-Maġistrat jista' jitlob lill-uffiċjal tal-Pulizija jikkonferma bil-ġurament it-tagħrif li jkun wassallu u l-mandat jinħareġ biss jekk il-Maġistrat ikun sodisfatt li jkunu jeżistu raġunijiet biżżejjed għall-ħrug tal-mandat.

(2) F'każijiet urġenti, it-talba għall-ħruġ tal-mandat jistgħu jiġu mibgħuta wkoll bil-*facsimile*:

Iżda l-mandat oriġinali għandu jiġi kkunsinnat kemm jista' jkun malajr għall-iskop ta' żamma ta' inkartamenti.

(3) Mandat maħruġ minn Maġistrat għandu jinħareġ fuq il-Kummissarju tal-Pulizija u jista' jiġi esegwit minn kull uffiċjal tal-pulizija.

(4) Kull meta uffiċjal tal-pulizija jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' arrest jew ta' perkwiżizzjoni mingħand Maġistrat skont id-disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi u l-Maġistrat jirrifjuta li joħroġ dak il-mandat il-Pulizija tista' titlob il-ħruġ tal-istess mandat mingħand Imħallef li ordinarjament jippresjedi fil-Qorti Kriminali.

Kopji ta' mandati. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AI.** Ħlief fil-każ ta' mandat li jiġi trasmess bil-facsimile, mandat għandu jsir bi tliet kopji ffirmati li waħda minnhom għandha tinżamm mill-Maġistrat filwaqt li l-oħrajn għandhom jingħataw lill-uffiċjal tal-Pulizija li għandu jżomm kopja waħda fl-inkartamenti tiegħu u jara li l-kopja l-oħra tiġi notifikata lill-persuna li lilha din għandha tiġi notifikata:

Iżda meta uffiċjal tal-pulizija jiltaqa' ma' persuna li kontriha jkun inħareġ mandat ta' arrest u, għalkemm ma jkollux fuqu kopja tal-mandat, l-uffiċjal tal-pulizija jkun jaf li l-mandat ikun hekk inħareġ, l-uffiċjal għandu jarresta lil dik il-persuna u jinnotifikaha bil-kopja tal-mandat mal-ewwel opportunità li jkollu.

Rapport dwar arrest.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AJ.** (1) Meta persuna tkun arrestata, sew b'mandat jew mingħajru, l-uffiċjal tal-pulizija li jkun qed jagħmel l-arrest jew is-superjur tiegħu għandu, kemm jista' jkun malajr u sakemm il-persuna arrestata ma tkunx inħelset fi żmien sitt siegħat mill-arrest tagħha, jgħarraf lill-Maġistrat, billi jagħtih id-dettalji kollha tal-ħin u l-post fejn il-persuna tkun qed tiġi miżmuma.

(2) Il-Maġistrat jista' jordna li l-persuna arrestata għandha tiġi trasferita għal xi mkien ieħor b'effett immedjat.

(3) Min ikun ġie arrestat in forza ta' xi disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi u ma jkunx inġieb quddiem qorti fi żmien tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tiegħu għandu jinħeles.

Ordnijiet immedjati.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AK.** Ordni ta' awtorità kompetenti li tolqot id-drittijiet tal-individwu li joħorġu mid-disposizzjonijiet ta' dan is-subtitolu għandha tiġi esegwita mingħajr dewmien, u għal dak l-għan tista' tiġi mwassla ukoll b'facsimile jew bit-telefon, taħt dawk il-kondizzjonijiet li tiġi żgurata l-awtentiċità ta' dik l-ordni.

---

*Sub-titolu VIII*

DETENZJONI

Dritt għall-ħelsien mill-kustodja.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AL.** (1) Ikun id-dmir tal-uffiċjal tal-kustodja li jordna l-ħelsien immedjat mill-kustodja ta' persuna li tkun qed tinżamm f'detenzjoni mill-Pulizija fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 355AJ(3) jew meta l-uffiċjal tal-kustodja jsir jaf li r-raġunijiet għad-detenzjoni ta' dik il-persuna jkunu temmu japplikaw u li ma jkunx hemm raġunijiet oħra bil-liġi li minħabba fihom id-detenzjoni mkomplija ta' dik il-persuna tista' tkun ġustifikata.

(2) Qabel l-uffiċjal tal-kustodja jordna il-ħelsien mill-kustodja ta' persuna taħt is-subartikolu (1) l-uffiċjal tal-kustodja għandu jinforma lill-uffiċjal investigatur u lill-Maġistrat u d-deċiżjoni finali tkun tispetta lill-Maġistrat.

(3) Persuna li jiġi ordnat il-ħelsien tagħha taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu jinħeles bla ebda kondizzjoni sakemm l-uffiċjal tal-kustodja ma jkunx jidhirlu -

(*a*) li jkun hemm bżonn ta' iktar investigazzjoni dwar xi kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' dak li dwaru tkun saret id-detenzjoni f'xi waqt matul il-perjodu tad-detenzjoni tiegħu; jew

(*b*) li jkunu jistgħu jinbdew proċeduri kontrih dwar dik il-kwistjoni,

u jekk ikun hekk jidhirlu, il-persuna għandha tinħeles bla ħsara għall-kondizzjonijiet, li għandhom jitniżżlu bil-miktub u jiġu ffirmati mill-persuna li tkun se tinħeles, li ma tippruvax jew tagħmel xi ħaġa biex taħrab minn Malta mingħajr l-awtorità tal-uffiċjal investigattiv li kienet ġiet arrestata taħt l-awtorità tiegħu, u li jkollha tattendi f'xi Għassa tal-Pulizija u f'xi ħin hekk kif l-uffiċjal tal-kustodja jista' jaħtar u, jew li jkollha tattendi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati f'dak il-ħin u f'dak il-post hekk kif il-qorti

tista' tistabbilixxi.

(4) Meta uffiċjal tal-kustodja jkun ta l-ħelsien taħt garanzija lil xi persuna b'dan li hija m'għandhiex tipprova jew tagħmel xi ħaġa biex titlaq minn Malta mingħajr l-awtorità tal-uffiċjal investigattiv li kienet ġiet arrestata taħt l-awtorità tiegħu jew li għandha tidher f'Għassa tal-Pulizija, l-uffiċjal tal-kustodja jista' jagħti avviż bil-miktub lil dik il-persuna li l-kondizzjoni li hija m'għandhiex tipprova jew tagħmel xi ħaġa biex titlaq minn Malta mingħajr l-awtorità ma kinetx għadha tapplika jew li l-attendenza tagħha fl-Għassa tal-Pulizija ma tkunx meħtieġa.

(5) Kull min jonqos milli jħares xi kondizzjoni imposta fuqu meta huwa jinħeles kif hemm provdut fis-subartikolu (3) jkun ħati ta' kontravvenzjoni.

(6) Uffiċjal tal-Pulizija jista' jarresta mingħajr mandat lil persuna li, wara li tkun ġiet meħlusa bla ebda kondizzjoni taħt is-subartikolu (3) b'dan li hija m'għandhiex tipprova jew tagħmel xi ħaġa biex titlaq minn Malta mingħajr l-awtorità jew li għandha tattendi f'xi Għassa tal-Pulizija jew li jkollha tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, tipprova jew tagħmel xi ħaġa biex titlaq minn Malta mingħajr awtorità jew tonqos milli tattendi f'dik l-Għassa jew quddiem dik il-Qorti fil-ħin li jkun ġie lilha mogħti għaldaqshekk.

(7) Għall-finijiet ta' dan is-sub-titolu, persuna li terġa' lura f'Għassa tal-Pulizija biex twieġeb għal xi kondizzjoni ta' ħelsien taħt garanzija jew li tiġi arrestata taħt is-subartikolu (6) għandha tiġi ttrattata bħallikieku arrestata għar-reat taħt is-subartikolu (5) u għar-reat li dwaru jkun ingħata l-ħelsien taħt garanzija u d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw għal dik il-persuna.

(8) Il-kondizzjonijiet magħmula taħt is-subartikolu (3) ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ għal aktar minn tliet xhur mid-data li fihom ġew imposti ħlief jekk jiġu mġedda minn Maġistrat għal perjodi ulterjuri ta' mhux aktar minn tliet xhur kull perjodu fuq rikors tal-Pulizija li għandu jiġi notifikat għar-risposta tiegħu lill-persuna li fuqha ġew imposti l-kondizzjonijiet imsemmija.

(9) F'kull żmien li matulu jkunu jseħħu l-kondizzjonijiet magħmula taħt is-subartikolu (3) il-persuna li fuqu jkunu ġew imposti dawk il-kondizzjonijiet jista' b'rikors li jiġi notifikat lill-Pulizija għar-risposta jitlob lil Maġistrat sabiex jitneħħew jew jiġu modifikati l-istess kondizzjonijiet.

(10) Il-Ministru jista' joħroġ linji ta' gwida biex fuqhom jimxu l-uffiċjali ta' kustodja meta jiġu biex jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom biex jimponu kundizzjonijiet taħt is-subartikolu (3).

Ħtieġa ta' uffiċjal tal-kustodja. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AM.** Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jaħtar f'kull post ta' detenzjoni stabbilit lil xi uffiċjal tal-kustodja wieħed jew iktar mhux taħt il-grad ta' surġent li, fi kwistjonijiet ta' detenzjoni, għandu jħares kull ordni ta' Maġistrat.

(2) Jista' uffiċjal ta' kull grad iwettaq il-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-kustodja f'post ta' detenzjoni stabbilit jekk ma jkunx jista'

jinstab malajr uffiċjal tal-kustodja biex ikun hu li jwettaqhom.

(3) Meta l-uffiċjal tal-kustodja li jissejjaħ biex iwettaq xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu dwar persuna li tkun qed tinżamm mill-Pulizija jkun, fil-ħin li dik il-funzjoni għandha titwettaq, involut fl-investigazzjoni ta' xi reat li dwaru l-persuna tkun qegħda tinżamm mill-Pulizija, dik il-funzjoni għandha titwettaq minn xi uffiċjal tal-kustodja ieħor jew inkella jekk ma jkunx hemm uffiċjal tal-kustodja ieħor disponibbli, mill-uffiċjal tal-Pulizija l-aktar anzjan li jmiss li jista' jkun disponibbli f'dak il-ħin.

(4) F'dan l-artikolu u mkien ieħor f'dan is-sub-titolu "post ta' detenzjoni stabbilit" tfisser dak il-post li jiġi stabbilit mill-Ministru fejn persuna tista' tinżamm għal iktar minn sitt sigħat.

Funzjonijiet ta' uffiċjal tal-kustodja.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AN.** L-uffiċjal tal-kustodja għandu jwettaq dawk il-funzjonijiet li jistgħu jkunu lilu assenjati b'dan il-Kodiċi jew b'kull liġi oħra.

Funzjonijiet tal-uffiċjal tal-kustodja f'post ieħor minbarra post ta' detenzjoni msemmi.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AO.** Meta persuna arrestata tittieħed f'Għassa tal-Pulizija li ma tkunx post ta' detenzjoni msemmi, dawk il-funzjonijiet li jirrigwardawha li kieku kienu jitwettqu minn uffiċjal tal-kustodja għandhom jitwettqu:

(*a*) minn uffiċjal mhux taħt il-grad ta' surġent li ma jkunx involut fl-investigazzjoni ta' reat li għalih il-persuna arrestata tkun qed tiġi miżmuma, jekk dak l-uffiċjal jkun jista' jinstab malajr; u

(*b*) meta ma jkun hemm disponibbli ebda tali uffiċjal, mill-uffiċjal li jkun wassal lill-persuna arrestata fl-Għassa tal-Pulizija jew mill-iktar uffiċjal tal-Pulizija anzjan li jkun hemm fl-Għassa dak il-ħin.

Perkwiżizzjoni intima tal-persuna arrestata.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AP.** Meta l-uffiċjal li jagħmel l-arrest jew l-uffiċjal tal-kustodja jkollu suspett raġonevoli li l-persuna arrestata setgħet ħbiet fuq il-persuna tagħha xi droga li l-pussess illegali tagħha jikkostitwixxi reat kriminali jew xi oġġett ieħor li uffiċjal tal-kustodja huwa awtorizzat b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra li jaqbad mill-pussess ta' persuna arrestata, dak l-uffiċjal jista' jitlob lil Maġistrat biex jordna perkwiżizzjoni intima tal-persuna arrestata.

Periti li jinħatru.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AQ.** (1) Meta ssir talba għal ordni taħt l-artikolu 355AP il-Maġistrat għandu jaħtar perit biex jagħmel il-perkwiżizzjoni b'dawk il-garanziji li jista' jqis bħala li jkunu xierqa għall-finijiet ta' deċenza u biex jagħmillu rapport dwar ir-riżultanzi tiegħu. Kopja ta' dak ir-rapport għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-uffiċjal li jagħmel l-arrest jew lill-uffiċjal tal-kustodja, skont il-każ.

(2) Ħadd ma jista' jinħatar perit biex jagħmel perkwiżizzjoni intima fuq persuna tas-sess oppost kemm-il darba l-perit ma jkunx tabib u l-persuna li fuqha għandha ssir it-tfittxija ma tagħtix il-kunsens tagħha bil-miktub.

Qbid.
*Miżjud: III. 2002.74.*

**355AR.** Kull ħaġa li tinstab bħala riżultat ta' perkwiżizzjoni intima taħt l-artikolu ta' qabel tista' tinżamm għal xi żmien mill-perit u tista' sussegwentement tinqabad b'ordni tal-Maġistrat, u din

għandha tingħata riċevuta għaliha lill-persuna miżmuma. Il-Maġistrat jista' jawtorizza l-kunsinna, b'riċevuta, ta' kull ħaġa hekk maqbuda lill-uffiċjal tal-Pulizija li jkun qed jinvestiga lill-persuna li tkun saritilha l-perkwiżizzjoni intima.

---

*Sub-titolu IX*

## DRITT GĦAL ASSISTENZA LEGALI U DRITTIJIET OĦRA WAQT DETENZJONI

*Sostitwita: LI. 2016.2.*

Dritt li tikkonsulta ma' tabib. *Miżjud: III. 2002.74. Sostitwit: LI. 2016.3.*

**355AS.** (1) Il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata għandha, fuq talba tagħha stess, tkun tista' tikkonsulta ma' tabib tal-għażla tagħha u, jekk it-tabib ma jkunx disponibbli, tikkonsulta ma' xi tabib ieħor.

(2) Minnufih malli jseħħ l-arrest u mingħajr ebda dewmien, il-Pulizija Eżekuttiva jew kwalunkwe awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jinfurmaw lill-persuna suspettata jew lill-persuna arrestata dwar dan id-dritt.

(3) Għandu jinżamm rekord li l-persuna suspettata jew il-persuna akkużata ġiet infurmata dwar dan id-dritt mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn kwalunkwe awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew minn awtorità ġudizzjarja.

(4) Il-kliem "il-persuna suspettata" u "il-persuna akkużata" f'dan l-artikolu għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom bl-artikolu 355AT(2).

Suġġett ta' dan is-Sub-titolu. *Miżjud: III. 2002.74. Sostitwit: LI. 2016.4.*

**355AT.** (1) Dan it-Sub-titolu jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/1).

(2) Dan is-Sub-titolu jistabbilixxi r-regoli minimi li jikkonċernaw id-drittijiet ta':

(*a*) il-persuna suspettata (hawn iżjed 'il quddiem f'dan is-Sub-titolu msejħa "il-persuna suspettata"), jiġifieri, persuna li tkun miżmuma jew arrestata mill-Pulizija Eżekuttiva jew kwalunkwe awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fejn dik il-persuna tkun għadha ma ġietx mixlija quddiem qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali u tkun qed tiġi interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn kwalunkwe awtorità oħra kif imsemmi fir-rigward ta' reat kriminali;

(*b*) persuna mixlija jew akkużata li kkommettiet reat kriminali (hawn iżjed 'il quddiem f'dan is-Sub-titolu msejħa "il-persuna akkużata");

(*ċ*) persuna soġġetta għal proċeduri skont id-Deċiżjoni

Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA) ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-18 ta' Lulju 2002. (L190/1), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew".

(3) Il-persuni msemmija fis-subartikolu (2) għandhom igawdu mid-drittijiet li ġejjin:

(*a*) dritt ta' aċċess għal avukat;

(*b*) li terza persuna tiġi infurmata dwar it-tiċħid tal-libertà tagħhom; u

(*ċ*) li jikkomunikaw ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt li jkunu mċaħħda mil-libertà tagħhom.

(4) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu l-espressjoni "avukat" tfisser avukat jew prokuratur legali li huwa awtorizzat bil-liġi li jeżerċita dik il-professjoni rispettiva skont il-liġi.

Skop ta' dan is-Sub-titolu.
*Miżjud: III. 2002.74. Sostitwit: LI. 2016.4.*

**355AU.** (1) Dan is-Sub-titolu japplika għal persuni jew għal persuni akkużati fi proċeduri kriminali mill-ħin li jkunu mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, permezz ta' notifika uffiċjali jew xort'oħra, li huma suspettati jew akkużati li kkommettew reat kriminali, u irrispettivament jekk ġewx imċaħħda mil-libertà jew le.

(2) Dan is-Sub-titolu japplika sal-konklużjoni tal-proċeduri, li għandu jinftiehem li jfisser id-deċiżjoni finali tal-kwistjoni jekk il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata wettqitx reat, inkluż, fejn applikabbli, id-deċiżjoni u l-konklużjoni ta' kull appell.

(3) Dan is-Sub-titolu japplika wkoll għal persuni soġġetti għal proċeduri ta' mandat ta' arrest Ewropew skont id-Deċiżjoni Qafas 2002/584/JHA msemmija fl-artikolu 355AT(2)(*ċ*) (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuni li dwarhom tkun qed issir it-talba") mill-ħin li jkunu taħt arrest skont l-artikolu 355AUJ.

(4) Dan is-Sub-titolu japplika wkoll, taħt l-istess kondizzjonijiet kif previst fis-subartikolu (1), għal persuni għajr dawk suspettati jew akkużati li, matul l-interrogazzjoni mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, isiru persuni suspettati jew persuni akkużati.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' proċess kriminali ġust, fir-rigward ta' reati minuri -

(*a*) fejn il-liġi tipprovdi għall-impożizzjoni ta' sanzjoni minn awtorità għajr minn qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, u l-impożizzjoni ta' dik is-sanzjoni tista' tiġi appellata jew imressqa quddiem dik il-qorti; jew

(*b*) fejn iċ-ċaħda tal-libertà ma tistax tkun imposta bħala sanzjoni,

dan is-Sub-titolu għandu japplika biss għall-proċeduri quddiem

qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali:

Iżda, fi kwalunkwe eventwalità, dan is-Sub-titolu għandu japplika kompletament fejn il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata tiġi mċaħħda mil-libertà, irrispettivament mill-istadju tal-proċeduri kriminali.

Id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali. *Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUA.** (1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.

(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:

(*a*) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;

(*b*) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(*e*);

(*ċ*) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;

(*d*) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.

(3) Talba għall-assistenza legali għandha tiġi rrekordjata fir-rekord ta' kustodja flimkien mal-ħin meta din it-talba tkun saret sakemm it-talba ma tkunx saret f'ħin meta l-persuna li tkun għamlitha tkun il-qorti wara li tkun akkużata b'reat f'liema każ it-talba m'għandhiex għalfejn tiġi rrekordjata.

(4) Malli tkun saret talba għall-assistenza legali, il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata lista ta' avukati mfassla mill-Kamra tal-Avukati u mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali u sottomessa darba kull sena lill-Pulizija Eżekuttiva u lil kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, li minnha l-persuna akkużata jew suspettata tista' tagħżel avukat tal-għażla tagħha. Alternattivament, il-persuna suspettata jew akkużata tista' tagħżel sabiex tkun assistita minn Avukat tal-Għajnuna Legali f'liema każ l-Avukat tal-Għajnuna Legali għandu jassenja avukat għal dan il-għan.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AUI(3), kwalunkwe uffiċjal tal-pulizija li jindika jew jagħmel tentattiv sabiex jindika lil persuna miżmuma l-avukat jew prokuratur legali li għandu jkun ingaġġat waqt id-detenzjoni tagħha, ikun ħati ta' reat u jeħel ammenda u dan mingħajr preġudizzju għal kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontrih bħala konsegwenza li jinstab ħati ta' dak ir-reat jew minflok il-prosekuzzjoni għal dak ir-reat f'konformità mar-regolamenti dixxiplinarji li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(6) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza

legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata ma għażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinżamm taħt arrest.

(7) Fejn fi kwalunkwe proċeduri quddiem qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali kontra persuna għal reat, tingħata evidenza li l-persuna suspettata jew akkużata -

(*a*) fi kwalunkwe ħin qabel ma ġiet akkużata bir-reat, fl-interrogazzjoni mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja waqt li qegħdin jippruvaw jiskopru jekk jew minn min ġie kommess ir-reat, tonqos milli ssemmi kwalunkwe fatt fid-difiża tagħha f'dawk il-proċeduri; jew

(*b*) malli tkun akkużata b'dak ir-reat jew tiġi infurmata uffiċjalment li tista' tgħaddi minn proċess ta' prosekuzzjoni għalih, tonqos milli ssemmi xi fatt,

li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu meta l-persuna suspettata jew akkużata setgħet raġonevolment tkun mistennija li ssemmi waqt l-interrogazzjoni, meta ġiet akkużata jew infurmata, skont kif ikun il-każ, ebda inferenza ma tista' ssir min-nuqqas tal-persuna suspettata jew akkużata milli ssemmi fatti li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala provi ta' ħtija jew li jammontaw għall-korroborazzjoni ta' kwalunkwe prova ta' ħtija tal-persuna suspettata jew akkużata.

(8) Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:

(*a*) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;

(*b*) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;

(*ċ*) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li

dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (*d*):

Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;

(*d*) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe *recording* għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-*recording* mhuwiex ir-*recording* oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-*recording* meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;

(*e*) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:

(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta' identifikazzjoni;

(ii) konfrontazzjonijiet;

(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.

(9) L-informazzjoni ġenerali biex tiffaċilita l-għarfien li jingħata lil avukat minn persuni suspettati jew akkużati għandha tkun disponibbli skont is-subartikolu (4) jew dik il-proċedura oħra kif il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti.

(10) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jikkonċernaw il-preżenza mandatorja ta' avukat, il-Pulizija

Eżekuttiva jew awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandha tiżgura li l-persuni suspettati jew akkużati li huma mċaħħda mil-libertà jkunu f'pożizzjoni li b'mod effettiv jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għal avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw għal dak id-dritt skont l-artikolu 355AUG.

(11) F'ċirkostanzi eċċezzjonali u fl-istadju ta' qabel il-ġuri biss, tista' ssir deroga temporanja mill-eżerċizzju tad-dritt previst fis-subartikolu (2)(ċ) fejn it-tbegħid ġeografiku tal-persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li tiżgura d-dritt ta' aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà.

(12) F'ċirkostanzi eċċezzjonali u fl-istadju ta' qabel il-ġuri biss, tista' ssir deroga temporanja mill-eżerċizzju tad-drittijiet previsti fis-subartikolu (8) sal-limitu ġustifikat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fuq il-bażi ta' xi waħda minn dawn ir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:

(*a*) fejn hemm il-ħtieġa urġenti sabiex jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, libertà jew integrità fiżika ta' persuna;

(*b*) fejn hi meħtieġa azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi sabiex wieħed jipprevjeni perikolu sostanzjali għal proċeduri kriminali.

(13) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu, l-espressjoni "stadju qabel il-ġuri" tfisser l-istadju ta' qabel ma jkun ippreżentat l-att tal-akkuża fil-Qorti Kriminali, jew, skont kif ikun il-każ, qabel ma l-Avukat Ġenerali jibgħat ir-rekord ta' proċeduri lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, skont l-artikolu 370(3), sabiex il-persuna akkużata titressaq quddiem dik il-qorti.

Kunfidenzjalità.
*Miżjud:*
*LI. 2016.4.*

**355AUB.** (1) Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn il-persuni suspettati jew akkużati u l-avukat tagħhom fl-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għal avukat previst taħt dan is-Sub-titolu għandha tiġi rispettata.

(2) Dik il-komunikazzjoni għandha tinkludi laqgħat, korrispondenza, konverżazzjonijiet bit-telefon u kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni oħra permessa bil-liġi.

Id-dritt li terza persuna tiġi infurmata dwar it-tiċħid tal-libertà.
*Miżjud:*
*LI. 2016.4.*

**355AUĊ.** (1) Persuni suspettati jew akkużati li huma mċaħħda mil-libertà għandhom ikunu infurmati, minnufih, mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn kwalunkwe awtorità oħra ta' infurzar jew awtorità ġudizzjarja, li huma għandhom id-dritt li tiġi infurmata tal-inqas persuna waħda, bħal qarib jew imgħallem jew kwalunkwe persuna oħra tal-għażla tagħhom, nominata minnhom, dwar it-tiċħid tal-libertà tagħhom mingħajr ebda dewmien jekk iridu, sakemm dik il-persuna l-oħra mhijiex raġonevolment suspettata li hija involuta fir-reat li qed jiġi investigat. Għandu jinżamm rekord dwar il-mod kif il-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra ta' infurzar jew awtorità ġudizzjara kkonċernata wettqet dmirijietha taħt dan l-artikolu.

(2) Jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija taħt l-età, tal-inqas persuna li għandha awtorità tal-ġenituri, tutela, kurazija jew ħarsien fir-rigward tal-persuna taħt l-età għandha tkun infurmata

minnufih malli tiġi mċaħħda l-libertà u dwar ir-raġunijiet għat-tiċħid, sakemm ma jkunx kontra l-aħjar interess tal-minuri li dan isir, f'liema każ għandha tiġi infurmata persuna adulta oħra. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna li hi taħt l-età ta' tmintax-il sena għandha tkun ikkunsidrata bħala persuna taħt l-età.

(3) Fil-każijiet kollha, id-dettalji tal-persuna msemmija fis-subartikolu (1) jew tad-detentur tal-awtorità ta' ġenitur, tutela, kurazija jew ħarsien fuq il-persuna taħt l-età msemmija fis-subartikolu (2) kif ukoll il-ġurnata u l-ħin li fihom tkun ingħatat l-informazzjoni lil dik il-persuna jew detentur tal-awtorità ta' ġenitur jew awtorità oħra kif intqal qabel, għandhom jiddaħħlu fir-rekord ta' detenzjoni tal-persuna suspettata jew fir-rekord tal-proċeduri tal-persuna akkużata, skont kif ikun il-każ.

(4) Fejn ikun ġustifikat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tista' ssir deroga temporanja mill-applikazzjoni tad-drittijiet stabbiliti fis-subartikoli (1) u (2), fuq il-bażi ta' xi waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:

(*a*) fejn hemm ħtieġa urġenti ta' prevenzjoni minn konsegwenzi ħżiena għall-ħajja, libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;

(*b*) fejn hemm ħtieġa urġenti ta' prevenzjoni ta' sitwazzjoni fejn proċeduri kriminali jistgħu jkunu ppreġudikati b'mod sostanzjali:

Iżda f'kull każ bħal dan, id-dewmien m'għandux ikun ta' aktar minn sitt sigħat mill-ħin li seħħ l-arrest.

(5) Meta ssir deroga mill-applikazzjoni tad-dritt stabbilit fis-subartikolu (2), il-Pulizija Eżekuttiva jew kwalunkwe awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja kkonċernata għandha tiżgura li l-awtorità responsabbli għall-protezzjoni jew il-ħarsien ta' persuni taħt l-età, kif deċiż minn żmien għal żmien mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'ordni fil-Gazzetta, tiġi infurmata mingħajr dewmien żejjed dwar it-tiċħid tal-libertà tal-persuna taħt l-età.

Id-dritt li wieħed jikkomunika ma' terzi persuni, waqt li jkun imċaħħad mil-libertà.
*Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUD.** (1) Il-persuna suspettata jew akkużata li tkun imċaħħda mil-libertà għandu jkollha d-dritt li tikkomunika mingħajr dewmien żejjed, ma' tal-inqas terza persuna waħda, bħal qarib, ħabib jew kwalunkwe persuna oħra tal-għażla tagħha.

(2) Maġistrat jista', wara li tkun saret talba bil-miktub mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew minn awtorità oħra għajr qorti li teżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, jillimita jew jiddifferixxi l-eżerċitar tad-dritt imsemmi fis-subartikolu (1) fid-dawl ta' ħtiġiet urġenti jew ħtiġiet operazzjonali proporzjonati.

Dritt li wieħed jikkomunika ma' awtoritajiet konsulari.
*Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUE.** (1) Il-persuna suspettata jew akkużata li tkun ta' nazzjonalità oħra u li tkun imċaħħda mil-libertà għandu jkollha d-dritt li tinforma lill-awtoritajiet konsulari tal-Istat tagħha dwar it-tiċħid tal-libertà mingħajr ebda dewmien żejjed u tikkomunika ma' dawk l-awtoritajiet, jekk hija tixtieq li tagħmel dan. Iżda, meta l-persuna suspettata jew akkużata jkollha żewġ nazzjonalitajiet jew

aktar, hija tista' tagħżel liema awtorità konsulari, jekk ikun hemm, għandha tkun infurmata dwar it-tiċħid tal-libertà u li magħha tixtieq li tikkomunika.

(2) Persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom ukoll id-dritt li jżuruhom l-awtoritajiet konsulari tagħhom, id-dritt li jitkellmu u jikkorrispondu magħhom u d-dritt li jkollhom rappreżentanza legali rranġata mill-awtoritajiet konsulari tagħhom, soġġett għall-qbil ta' dawk l-awtoritajiet u r-rieda tal-persuni suspettati jew akkużati kkonċernati.

(3) L-eżerċizzju tad-drittijiet imniżżla f'dan l-artikolu jista' jkun regolat b'dawk ir-regolamenti li jsiru mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jew b'dawk il-proċeduri li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien, sakemm dawk ir-regolamenti jew proċeduri jippermettu li jingħata effett sħiħ lill-finijiet li għalihom huma intiżi dawk id-drittijiet.

Kundizzjonijiet ġenerali għall-appliokazzjoni ta' derogi temporanji. *Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUF.** (1) Kull deroga temporanja taħt l-artikolu 355AUA(11) jew (12) jew taħt l-artikolu 355AUĊ(4) għandha:

(*a*) tkun proporzjonata u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju;

(*b*) tkun strettament limitata biż-żmien;

(*ċ*) ma tkunx ibbażata esklussivament fuq it-tip jew is-serjetà tal-allegat reat; u

(*d*) ma tippreġudikax l-imparzjalità ġenerali tal-proċeduri.

(2) Derogi temporanji taħt l-artikolu 355AUA (11) jew (12) jistgħu jiġu awtorizzati biss permezz ta' deċiżjoni debitament motivata abbażi ta' każ b'każ minn Maġistrat, liema deċiżjoni tista' tkun soġġetta għal appell fil-Qorti tal-Appell Kriminali kif kostitwita skont l-artikolu 418 permezz ta' rikors li jiġi ppreżentat fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tkun ingħatat id-deċiżjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tirregola l-proċedura tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni tal-appell. Il-preżentata ta' appell m'għandhiex twaqqaf l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Maġistrat sakemm il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tordnax xort'oħra. Id-deċiżjoni debitament motivata għandha tkun irrekordjata fl-atti tal-proċeduri relattivi.

(3) Derogi temporanji taħt l-artikolu 355AUĊ(4) jistgħu jiġu awtorizzati abbażi ta' każ b'każ biss, minn Maġistrat.

Rinunzja. *Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUG.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:

(*a*) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;

(*b*) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.

(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.

(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.

Id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċeduri ta' mandat ta' arrest Ewropew.
*Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUH.** (1) Persuna li tkun qed tiġi mitluba għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat malli jseħħ l-arrest f'Malta skont mandat ta' arrest Ewropew.

(2) Fir-rigward tal-kontenut tad-dritt ta' aċċess għal avukat f'Malta bħala l-Istat Membru li qed jeżegwixxi, il-persuna li qed tiġi mitluba għandu jkollha dawn id-drittijiet li ġejjin f'Malta:

(*a*) id-dritt ta' aċċess għal avukat f'tali ħin u b'tali mod li jippermetti l-persuna li qed tiġi mitluba sabiex teżerċita d-drittijiet tagħha b'mod effettiv u fi kwalunkwe eventwalità mingħajr ebda dewmien żejjed mit-tiċħid tal-libertà;

(*b*) id-dritt li tiltaqa' u li tikkomunika mal-avukat li qed jirrappreżentaha;

(*ċ*) id-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u, skont il-proċeduri stabbiliti bil-liġi, jipparteċipa, waqt is-smigħ tal-persuna li qed tiġi mitluba mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti li qed teżegwixxi f'Malta. Meta avukat jipparteċipa waqt is-smigħ, dan għandu jiġi rreġistrat fir-rekords tal-proċeduri tal-awtorità kompetenti ġudizzjarja f'Malta.

(3) Id-drittijiet previsti fl-artikoli 355AUB, 355AUĊ, 355AUD, 355AUE, 355AUG, u, meta tkun applikata deroga temporanja taħt l-artikolu 355AUĊ(4), fl-artikolu 355AUF, għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-proċeduri ta' mandat ta' arrest Ewropew f'Malta bħala l-Istat Membru li qed jeżegwixxi.

(4) L-awtorità kompetenti f'Malta bħala l-Istat Membru li qed jeżegwixxi għandha, mingħajr ebda dewmien żejjed wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà, tinforma lill-persuni li qed jiġu mitluba li għandhom id-dritt li jaħtru avukat fl-Istat Membru, jiġifieri, Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkun ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew bil-għan li tiġi arrestata u ċeduta minn Malta l-persuna li qed tiġi mitluba. L-irwol ta' dak l-avukat fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew ikun li jassisti lill-avukat f'Malta, bħala l-Istat Membru li qed jeżegwixxi, billi jipprovdi lil dak l-avukat informazzjoni u parir bil-għan li jkunu eżerċitati b'mod effettiv id-drittijiet tal-persuna li qed tiġi mitluba taħt id-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI.

(5) Meta persuna li qed tiġi mitluba tixtieq teżerċita d-dritt li taħtar avukat fl-Istat Membru li ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew u ma jkollhiex diġà avukat, l-awtorità kompetenti f'Malta bħala l-Istat Membru li qed jeżegwixxi għandha minnufih tinforma lill-

awtorità kompetenti tal-Istat Membru li ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew.

(6) L-awtorità kompetenti f'Malta bħala l-Istat Membru li ħareġ il-mandat fi proċeduri ta' arrest Ewropew għandha, mingħajr ebda dewmien żejjed, wara li tkun saret talba minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru li jeżegwixxi, tipprovdi lill-persuni li qed jiġu mitluba informazzjoni li tiffaċilita l-ħatra tal-avukat tagħhom f'Malta.

(7) Id-dritt ta' persuna li qed tiġi mitluba li taħtar avukat fl-Istat Membru li ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew huwa mingħajr preġudizzju għaż-żminijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI jew l-obbligu tal-awtorità ġudizzjarja li qed teżegwixxi f'Malta li tiddeċiedi, fi żmien dawk il-perjodi ta' żmien u l-kundizzjonijiet imfissra fid-Deċiżjoni Qafas, jekk il-persuna għandhiex tiġi ċeduta.

Rimedji.
*Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUI.** (1) Il-persuna suspettata jew akkużata fi proċeduri kriminali, u l-persuni li qed jiġu mitluba fi proċeduri ta' mandat ta' arrest Ewropew, għandhom ikunu intitolati li jfittxu rimedju fl-eventwalità li jkunu nkisru d-drittijiet tagħhom taħt dan is-Sub-titolu quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li jistgħu jkunu inkarigati bil-każ tagħhom jew quddiem Maġistrat. Talba bħal dik għal rimedju għandha ssir minnufih u l-qorti li tisma' t-talba jkollha l-awtorità li tagħti rimedju kif jidhrilha xieraq, liema rimedju għandu jingħata mill-aktar fis possibbli. Għandu jkun hemm dritt ta' appell minn deċiżjoni li jingħata jew li jiġi miċħud dak ir-rimedju lill-Qorti tal-Appell Kriminali stabbilita skont l-artikolu 418. Dak l-appell għandu jsir b'rikors li għandu jsir fi żmien tmint'ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni u l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tirregola l-proċedura tagħha fir-rigward tas-smigħ ta' dak l-appell.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi li jirrigwardaw l-ammissibilità tal-evidenza, id-drittijiet tad-difiża u l-proċeduri xierqa għandhom ikunu rispettati fil-proċeduri kriminali kollha, fil-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn persuni suspettati u akkużati jew mill-evidenza li tinġieb bi ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn deroga għal dan id-dritt kienet awtorizzata skont l-artikolu 355AUA(12).

Persuni vulnerabbli.
*Miżjud: LI. 2016.4.*

**355AUJ.** (1) Il-Pulizija Eżekuttiva u kull awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jiżguraw li l-bżonnijiet partikolari ta' persuni suspettati vulnerabbli jew persuni akkużati vulnerabbli għandhom jingħataw kas fit-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu, l-espressjoni "persuni vulnerabbli" għandu jkollha l-istess tifsira mogħti lilha fl-artikolu 208AĊ(2).

**355AUK.** Xejn f'dan is-Sub-titolu m'għandu jinftiehem li jillimita jew li jidderoga minn kwalunkwe dritt u proċedura ta' salvagwardja li hemm fil-Kostituzzjoni, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jew fi kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' liġi internazzjonali jew nazzjonali li huma infurzabbli fil-qrati ta' Malta u li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni.

Klawsola ta' ebda rigressjoni. *Miżjud: LI. 2016.4.*

---

*Sub-titolu X*

TEĦID TA' KAMPJUNI, MARKI TAS-SWABA U PROĊEDURI OĦRA INVESTIGATTIVI

**355AV.** L-uffiċjal investigatur jista' personalment, permezz ta' rikors jew *facsimile*, jitlob lil Maġistrat jawtorizza l-proċedura meħtieġa -

Kampjuni, eċċ., taħt awtorizzazzjoni. *Miżjud: III. 2002.74. Emendat: XXIV. 2014.45.*

(*a*) meta jkollu kawżi raġonevoli li jeħtieġ it-teħid ta' kampjuni intimi minn fuq il-persuna arrestata; jew

(*b*) li jieħu ritratti, film, *video recording* jew xbieha elettronika ta' partijiet intimi ta' ġisem il-persuna arrestata; jew

(*ċ*) meta l-persuna arrestata ma tagħtix il-kunsens tagħha għal xi proċedura li l-uffiċjal investigatur jista' jagħmel skont il-liġi bil-kunsens tal-persuna arrestata u d-dispożizzjonijiet tal-proviso għall-artikolu 355BB għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw:

Iżda meta t-talba ssir taħt il-paragrafu (*a*), id-disposizzjonijiet tal-artikolu 355AW għandhom ikunu japplikaw u, jekk it-talba ssir taħt il-paragrafu (*b*), għandhom *mutatis mutandis* japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 355AP.

**355AW.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 355AV u 355AX, kampjun intimu jisa' jittieħed minn persuna arrestata biss jekk jingħata l-kunsens tagħha kif dovut.

Kampjuni intimi b'kunsens. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AX.** (1) Meta ssir talba taħt l-artikolu 355AV(*a*), il-Maġistrat għandu jikseb kull tagħrif bħal dak mingħand l-uffiċjal investigatur biex ikun jista' jiddeċiedi dwar jekk it-talba tkunx ġustifikata jew le.

Meta l-kunsens għal kampjun intimu jiġi rifjutat. *Miżjud: III. 2002.74.*

(2) Meta l-Maġistrat jiddeċiedi li t-talba tkun waħda ġustifikata huwa għandu jżur lill-persuna arrestata biex jitlob il-kunsens tagħha u qabel ma jitlob il-kunsens tagħha huwa għandu jfissrilha:

(*a*) ix-xorta tat-talba u r-raġunijiet għaliha;

(*b*) il-konsegwenzi li jitnisslu mill-għoti jew mir-rifjut tal-għoti tal-kunsens tiegħu kif provdut fl-artikolu 355AZ; u

(*ċ*) li jkollha jedd tikkonsulta avukat jew prokuratur legali qabel ma tiddeċiedi jekk għandhiex tagħti jew le l-kunsens tagħha.

(3) Meta l-persuna arrestata tkun teħtieġ tikkonsulta avukat jew

prokuratur legali taħt is-subartikolu (2) il-Maġistrat għandu jirreġistra l-fatt, id-data u l-ħin tat-talba u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandha tippermetti lill-persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali għal dak il-ħin li l-Maġistrat jista' jqis li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

(4) Il-Maġistrat jista', meta ssir oġġezzjoni ġustifikata mill-Pulizija, idewwem kull komunikazzjoni ma' avukat jew prokuratur legali jekk l-interessi tal-ġustizzja jkunu hekk jeħtieġu jew meta xi waħda mill-ġrajjiet imsemmija fl-artikolu 355AT(5) x'aktarx li sseħħ jekk dik il-komunikazzjoni tkun permessa minnufih:

Iżda meta l-persuna arrestata tkun talbet li tikkonsulta avukat jew prokuratur legali l-kunsens tagħha jista' biss jintalab wara li tkun saret dik il-konsultazzjoni.

Proċedura li tapplika għal kampjuni. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AY.** Meta jkollu jittieħed kampjun intimu taħt dawn l-artikoli għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 355AP.

Inferenzi minn rifjut. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355AZ.** Meta l-kunsens kif dovut għat-teħid ta' kampjun intimu minn fuq persuna jkun ġie rifjutat mingħajr kawża ġusta, fi proċeduri kontra dik il-persuna għal xi reat, kull min għandu jiġġudika l-fatti jista' jiġbed dawk l-inferenzi mir-rifjut bħalma jidhru li jkunu xierqa u r-rifjut jista', minħabba f'dawk l-inferenzi, jitqies bħala, jew bħala li hu kapaċi jammonta għal korroborazzjoni ta' xiehda kontra l-persuna li dwarha r-rifjut ikun wieħed materjali.

Kampjuni fuq talba tal-persuna arrestata. *Miżjud: III. 2002.74. Emendat: XXIV. 2014.46.*

**355BA.** (1) L-uffiċjal investigattiv jista', bil-kunsens kif dovut bil-miktub tal-persuna arrestata, jara li jittieħdu:

(*a*) marki tas-swaba, marki tal-pali tal-idejn, marki oħra jew kampjuni tal-kaligrafija mill-persuna arrestata;

(*b*) ritratti fotografiċi tal-persuna arrestata jew ta' partijiet mhux intimi ta' ġisimha;

(*ċ*) kampjuni mhux intimi mill-persuna arrestata.

(2) Il-persuna arrestata tista' titlob bil-miktub li għandhom jittieħdu:

(*a*) l-marki tas-swaba', marki tal-pala tal-id, marki oħra jew kampjuni tal-kaligrafija tagħha,

(*b*) ritratti fotografiċi tal-persuna tagħha jew ta' partijiet mhux intimi ta' ġisimha,

(*ċ*) kampjuni mhux intimi minn fuq il-persuna tagħha,

u kull talba bħal dik għandha tiġi mħarsa mill-uffiċjal investigatur bl-għajnuna ta' persuna kompetenti kif jista' jkun meħtieġ.

(3) Il-persuna arrestata tista' wkoll titlob bil-miktub li l-uffiċjal investigatur iwettaq xi proċeduri minn dawk imsemmija fl-artikolu 355 AV(*a*) u (*b*), u kull talba bħal dik għandha tintbagħat mingħajr dewmien għand Maġistrat. Il-Maġistrat għandu jawtorizza l-proċedura meħtieġa wara li jivverifika t-talba magħmula mill-persuna arrestata u fejn jgħodd għandhom japplikaw id-

disposizzjonijiet tal-artikolu 355AP.

**355BB.** Kampjuni minn persuna li ma tkunx persuna arrestata jistgħu biss jittieħdu bil-kunsens mogħti bil-quddiem u bil-miktub ta' dik il-persuna:

Kampjuni minn fuq persuni li mhumiex dawk arrestati. *Miżjud: III. 2002.74. Emendat: XXIV. 2014.47.*

Iżda fil-każ fejn persuna, li ma tkunx il-persuna arrestata, tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha għat-teħid ta' kampjun, kemm jekk ikun kampjun intimu kif ukoll jekk ikun kampjun mhux intimu, tista' wkoll tinkiseb l-awtorizzazzjoni ta' Maġistrat wara li jsir rikors u, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AZ, dik l-awtorizzazzjoni għandha tkopri wkoll it-teħid ta' dawk il-miżuri proporzjonati u neċessarji inkluż l-użu tal-forza mill-Pulizija Eżekuttiva biex jingħata effett għal dik l-awtorizzazzjoni.

**355BĊ.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 355BA għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal kull persuna li ma tkunx persuna arrestata li tagħmel talba għall-għemil fir-rigward tagħha ta' xi proċedura msemmija f'dak l-artikolu sakemm it-talba ssir bil-miktub u jkun fiha dikjarazzjoni li l-persuna li tagħmel it-talba jkollha għaliex raġonevolment taħseb li hu probabbli li n-nuqqas li tintagħmel il-proċedura mitluba x'aktarx jirriżulta f'li hija tiġi arrestata jew miżmuma.

Kampjuni fuq talba ta' persuni li mhumiex dawk arrestati. *Miżjud: III. 2002.74.*

**355BD.** Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmel użu ta' kampjuni, li jkunu ttieħdu fi proċedimenti kriminali, għal proċedimenti kriminali oħra.

Użu ta' kampjuni. *Miżjud: XXIV. 2014.48.*

---

*Sub-titolu XI*

*Miżjud: III. 2002.75.*

SETGĦAT U DMIRIJIET TAL-PULIZIJA DWAR PROĊEDURI FIL-QRATI

**356.** (1) Huwa dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li ġġib quddiem il-qorti mill-aktar fis li tista', u, meta jista' jkun, flimkien mal-imputat, il-provi kollha li tkun ġabret fuq ir-reat.

Dmir tal-Pulizija li ġġib il-provi quddiem il-qorti. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; VIII. 1990.3; III. 2002.76.*

(2) Ikun id-dmir tal-uffiċjali tal-pulizija prosekuturi li jiżvelaw lid-difiża dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhomx il-ħsieb li jġibu quddiem il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni.

(3) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha, ukoll wara li l-imputat jiġi mressaq quddiem il-qorti, tibqa' tiġbor u tagħti lill-Qorti tal-Maġistrati jew, wara li l-imputat jinbagħat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża, lill-Avukat Ġenerali, kull informazzjoni oħra li jista' jkollha dwar ir-reat.

Dmir tal-Pulizija li tibqa' tiġbor il-provi u ġġibhom quddiem il-qorti.

**357.** Meta uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva jikxef armi, dokumenti, traċċi jew sinjali jew ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam mar-reat, hu għandu jfittex li jistabbilixxi u jiżgura l-eżistenza tagħhom u li jżommhom fl-istat li jkun sabhom, sakemm jagħmel ir-rapport tiegħu lill-Qorti tal-Maġistrati, u, jekk ma jkunx jista' jistabbilixxi u jiżgura din l-eżistenza jew jekk ma jkunx jista' jżommhom,

Konservazzjoni tal-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mar-reat. *Emendat: VIII. 1990.3.*

għandu josserva l-istess proċedura li hemm għar-"*reperti* ".

Dmirijiet tal-Pulizija fi proċeduri kriminali. *Sostitwit: III. 2002.77.*

**358.** (1) Ikun id-dmir tal-Pulizija li toħroġ u tinnotifka ċitazzjonijiet li jħarrku persuni biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, f'dawk il-ħwejjeġ li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti.

(2) Fil-każ ta' proċeduri sommarji dwar reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma jkunx id-dmir tal-Pulizija li tinnotifika lill-persuna akkużata b'avviż tad-data tas-smigħ minbarra dak għall-ewwel seduta tal-proċedimenti.

Il-Pulizija Eżekuttiva għandha tesegwixxi mandati ta' arrest jew ta' perkwiżizzjoni. *Emendat: IV. 1994.10.*

**359.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 666, huwa dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li tesegwixxi mandati jew ordnijiet ta' arrest, jew ta' perkwiżizzjoni, li, fil-każijiet imsemmija fil- liġi, jinħarġu jew jingħataw minn awtorità kompetenti oħra.

X'għandu jkun fih il-mandat.

(2) F'dan il-mandat jew ordni għandu jkun hemm imsemmija x-xorta tar-reat u l-isem tal-persuna, jekk ikun magħruf, li suppost tkun għamlitu.

Taħrika tal-imputat mhux taħt arrest. *Emendat: IX. 1911.15; VIII. 1990.3.*

**360.** (1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b'ordni bil-miktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

X'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni.

(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

Kull affidavit jiġi notifikat flimkien maċ-ċitazzjoni. *Miżjud: III. 2002.78. Emendat: XXIV. 2014.49.*

Kap. 399.

**360A.** (1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma "dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558(2):

Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.

(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija *viva voce* fil-preżenza tal-akkużat.

Sentenzi mogħtija *in absentia.* *Miżjud: XXIV. 2014.50.*

*__360B.__ (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1).

(2) Meta persuna, wara li tkun ġiet akkużata b'reat imsemmi fis-subartikolu (1) u wara li tkun ġiet ippreżentata b'taħrika, tonqos milli tidher personalment quddiem il-qorti, hija għandha titqies illi tkun tat il-kunsens tagħha sabiex titmexxa l-kawża fin-nuqqas tagħha u, il-qorti għandha tipproċedi bis-smigħ fin-nuqqas tal-persuna akkużata u għandha minn hemm 'il quddiem tipproċedi biex tagħti s-sentenza:

Iżda kull persuna akkużata kif imsemmi qabel tista', minflok tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, tippreżenta fir-reġistru ta' dak il-qorti, rappreżentazzjonijiet bil-miktub u, jew dikjarazzjoni tal-fatti tal-kawża konfermati b'ġurament li jikkontestaw l-akkuża kontriha, u l-qorti għandha, qabel ma tiddeċiedi fuq il-kawża, tqies dawn ir- rappreżentazzjonijiet u, jew id-dikjarazzjoni daqslikieku saru viva voce quddiem l-imsemmija qorti.

(3) Sentenza mogħtija skont dan l-artikolu għandha tkun soġġetta għal appell.

(4) Meta ma jiġix ppreżentat appell, is-sentenza mogħtija skont dan l-artikolu għandha tiġi notifkata lill-akkużat personalment li, fi żmien sebat ijiem min-notifika, għandu jkollu d-dritt ulterjuri li jappella mis-sentenza u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi li jirrigwardaw l-appelli għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, mutatis mutandis, japplikaw:

Iżda ma jkun hemm l-ebda dritt għal appell jekk jintwera li jeżistu xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) l-akkużat kif fiż-żmien dovut:

(i) ġie mħarrek personalment u b'hekk ġie informat

---

*dan l-artikolu għadu mhux fis-seħħ.

bid-data skedata u l-post fejn ser tinstema l-kawża, li rriżultat fl-għotja tas-sentenza, u b'xi mezz ieħor fil-fatt irċieva informazzjoni uffiċjali tad-data skedata u l-post fejn ser tinstema dik l-kawża b'dak il-mod illi inekwivokament ġie stabbilit li kien jaf bil-kawża skedata; u

(ii) ġie informat li s-sentenza jista' jkun tingħata jekk ma jidhirx għall-kawża; u

(*b*) l-akkużat, li jkun jaf bil-kawża skedata, ta mandat lil avukat maħtur minnu sabiex jiddefendih fil-kawża tiegħu, u li l-imsemmi avukat tabilħaqq iddefenda lill-akkużat fil-kawża.

(5) It-taħrika maħruġa taħt dan l-artikolu għandu wkoll ikun fiha twissija li jekk il-persuna ma tidhirx, il-persuna mħarrka għandha titqies illi tat il-kunsens tagħha sabiex titmexxa l-kawża fin-nuqqas tagħha.

(6) Meta sentenza tiġi notifikata kif provdut taħt is-subartikolu (4) l-akkużat għandu wkoll jiġi informat bid-dritt ulterjuri tiegħu għall-appell skont l-imsemmi subartikolu.

Żmien li fih għandha ssir in-notifika taċ-ċitazzjoni.
*Emendat:*
*VI. 1871.26;*
*II. 1886.9;*
*IX. 1911.16.*

**361.** Ħlief f'każ ta' għaġla, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi innotifikata lill-imħarrek, għall-anqas jumejn tax-xogħol qabel il-jum li fih huwa għandu jidher.

Kif għandha ssir in-notifika.
*Emendat:*
*III. 2002.79;*
*VII. 2010.28.*

**362.** (1) Iċ-ċitazzjoni għandha tingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod. Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-uffiċjal esekutur għandu jagħmel rapport ta' dan lill-qorti.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja wara li jikkonsulta lill-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel regolamenti li jkunu jipprovdu, fi proċeduri sommarji bħal dawk imsemmija fl-artikolu 360A(1), għan-notifika taċ-ċitazzjoni u ta' kull dokument mehmuż magħha, u ta' kull att ieħor tal-proċedimenti, bil-posta jew b'xi mod ieħor li jista' jiġi pprovdut dwaru fir-regolamenti.

(3) Meta l-persuna li lilha tkun indirizzata ċ-ċitazzjoni jew kull att ieħor tal-proċedimenti skont regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (2) tirrifjuta li tirċeviha, il-qorti tista' permezz ta' digriet li jingħata wara rikors li jsirilha mill-Pulizija u wara li teżamina r-riferta ta' notifika, tiddikjara lil dik il-persuna bħala li tkun ġiet debitament notifikata biċ-ċitazzjoni jew b'dak l-att ieħor u tagħmel ordni għall-arrest tagħha.

(4) Meta xi persuna, minbarra l-persuna li lilha tkun indirizzata ċ-ċitazzjoni jew xi att ieħor tal-proċediment, tirrifjuta li tirċievi ċ-ċitazzjoni jew dak l-att ieħor personalment, il-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-Pulizija u wara li tkun eżaminat ir-riferta ta' notifika u tkun sodisfatta li dik il-persuna kienet waħda li setgħet tiġi notifikata biċ-ċitazzjoni jew b'dak l-att ieħor skont il-liġi, tikkundanna lil dik il-persuna għall-ħlas ta' ammenda:

Iżda l-Qorti tista', f'kull waqt li jkun, jekk jintwera li kien hemm kawża ġusta, taħfer l-ammenda.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għan-notifika taċ-ċitazzjoni u ta' kull dokument li jkun magħha kull meta persuna għandha tiġi nnotifikata b'xi ċitazzjoni jew xi dokument ieħor li jkun magħha skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra.

Żmien u lok tan-notifika taċ-ċitazzjoni. *Emendat: XXX. 1934.3; XIX. 1965.18. Sostitwit: IV. 2014.19.*

**363.** Iċ-ċitazzjoni għandha tiġi esegwita bejn is-sebgħa ta' filgħodu u s-sebgħa ta' filgħaxija f'xi dar residenzjali minbarra fil-ġurnata tal-Ħadd jew Festa Pubblika jew fil-każ li tkun qed tiġi eżegwita f'fond kummerċjali jew uffiċċju f'kull jum u f'kull ħin li dak il-fond kummerċjali jew dak l-uffiċċju ikun miftuħ għall-pubbliku jew meta l-każ ma jkunx irid dewmien f'dawk il-ħinijiet hekk awtorizzati mill-Qorti.

Każijiet li ma jridux dewmien.

**364.** Meta l-każ ma jkunx irid dewmien, il-persuna tista' tiġi mħarrka biex tidher minnufih jew f'ħin fiss dak in-nhar stess. Jekk din il-persuna tonqos li tidher, hija tista' tiġi, b'mandat tal-qorti, arrestata u mressqa quddiemha.

Taħrik tax-xhieda. *Emendat: IV. 1874.8; XI. 1900.56; XII. 1913.10; XXXII. 1986.7; VIII. 1990.3.*

**365.** (1) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha tħarrek ix-xhieda, bil-miktub, biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sew għall-akkuża kemm ukoll għall-imputat.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-aħħar tliet artikoli qabel dan igħoddu wkoll għat-taħrikiet tax-xhieda.

(3) It-taħrikiet imsemmijin f'dan l-artikolu u ċ-ċitazzjoni msemmija fl-artikolu 360 għandhom ikunu iffirmati minn uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva ta' grad mhux anqas minn dak ta' sotto-spettur jew ittimbrati b'*facsimile* ta' dik il-firma.

L-esekuzzjoni tas-sentenzi, eċċ., issir mill-Pulizija Eżekuttiva.

**366.** L-esekuzzjoni tas-sentenzi u tal-ordnijiet tal-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll tal-mandati u tal-ordnijiet imsemmijin fl-artikolu 359, hija dmir tal-Pulizija Eżekuttiva:

Il-ġbir ta' multi u ammendi jsir mir-reġistratur. *Emendat: VIII. 1990.3.*

Iżda l-multi u l-ammendi jiġborhom ir-reġistratur ta' dik il-qorti.

---

## Titolu II

### FUQ IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI

*Emendat: VIII. 1990.3.*

Kostituzzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Kompetenza. *Emendat: XI. 1900.57; VIII. 1990.3; III. 2002.80.*

**367.** (1) Kull Qorti tal-Maġistrati hija magħmula minn maġistrat, u għandha żewġ attribuzzjonijiet, jiġifieri, waħda ta' qorti ta' ġudikatura kriminali għar-reati ta' kompetenza tagħha, u l-oħra ta' qorti istruttorja għar-reati ta' kompetenza superjuri.

Għadd ta' Qrati tal-Maġistrati.

(2) Għandu jkun hemm żewġ Qrati tal-Maġistrati, qorti għall-Gżira ta' Malta u qorti għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna li jkunu magħrufa bħala l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) rispettivament.

Meta maġistrat jista' jiġi rikużat jew jastjeni ruħu.
*Emendat:*
*VI. 1871.27;*
*I. 1903.19;*
*I. 1924.2;*
*XXX. 1934.4;*
*A.L 46 tal-1965;*
*XLVI. 1973.108;*
*LVIII. 1974.68.*
Kap. 12.

**368.** (1) Ebda maġistrat ma jista' jiġi rikużat f'kawża jew jastjeni ruħu milli joqgħod fiha, ħlief minnufih wara r-rapport jew il-kwerela, u għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin taħt il-paragrafi (*a*), (*b*), (*ċ*) u (*e*), u taħt il-paragrafu (*d*), sa fejn dan jista' jgħodd, tal-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew minħabba li huwa jkun xehed jew ikollu jixhed f'dik il-kawża, jew minħabba li l-kawża tkun dwar reat li jkun sar bi ħsara tiegħu jew ta' martu jew żewġha jew ta' xi ħadd li jiġi minnu mid-demm jew imħallat miegħu bi żwieġ fil-gradi msemmijin fil-paragrafi (*a*) u (*b*) tal-artikolu fuq imsemmi.

(2) Lanqas ma jista' maġistrat jiġi rikużat f'kawża jew jastjeni ruħu milli joqgħod fiha, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 403 u fl-artikolu 433(5), għalkemm matul il-kompilazzjoni l-maġistrat ikun tħaddet mal-Pulizija jew ma' xi membru tagħha inkella mal-Avukat Ġenerali dwar il-ġabra tal-provi.

(3) Jekk wara li jisma' r-rapport jew il-kwerela, il-maġistrat jidhirlu li tinsab fih xi waħda mir-raġunijiet fuq imsemmija, hu għandu jagħmel dikjarazzjoni fuq daqshekk qabel ma jgħaddi għal atti oħra tal-kawża.

(4) Ebda waħda mir-raġunijiet hawn fuq imsemmija ma timpedixxi maġistrat li joħroġ mandati jew li jagħmel atti dwar l-"*in genere*", aċċessi jew "*reperti*" li jsiru skont id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.

Xogħol ta' reġistratur.
*Miżjud:*
*VI. 1871.28.*
*Emendat:*
*XI. 1900.58;*
*VII. 1990.3.*
*Sostitwit:*
*XXIV. 1995.360;*
*XXXI. 2002.199.*
Kap. 12.

**369.** Fil-Qorti tal-Maġistrati, ix-xogħol ta' reġistratur jista' jsir minn uffiċjal eżekuttiv tal-qorti msemmi fl-artikolu 57(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

---

*Emendat:*
*VIII. 1990.3.*

*Sub-titolu I*

FUQ IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

Reati li tagħmel minnhom il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali.
*Emendat:*
*IV. 1856.24;*
*VI. 1871.29;*
*XIV. 1889.46;*
*XI. 1900.59;*
*XXIX. 1940.2;*
*XXIII. 1963.2;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XIII. 1980.12;*
*XLIX. 1981.4;*
*XIII. 1987.2;*
*VIII. 1990.3;*
*XXIX. 1990.17;*
*III. 2002.81;*
*IX. 2003.128;*
*IV. 2014.20;*
*VIII. 2015.27.*

**370.** (1) Huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati -

(*a*) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin f'dan il-Kodiċi;

(*b*) id-delitti msemmijin f'dan il-Kodiċi meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew tal-interdizzjoni;

(*ċ*) ir-reati kollha ikkontemplati f'liġijiet oħra meta jaqgħu taħt il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-liġi ma tkunx tiddisponi xort'oħra.

(2) Ir-reati msemmijin fis-subartikolu (1) jibqgħu ta' kompetenza tal-qorti fuq imsemmija għad illi, minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, minħabba r-reċidiva jew minħabba l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 18, ikun hemm lok li tingħata piena akbar minn dawk imsemmijin f'dak is-subartikolu.

(3) (*a*) B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(*b*), l-Avukat

Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.

(*b*) Meta l-atti jinbagħtu lura lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.

(*ċ*) Jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, l-akkużat iwieġeb illi huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tinnota t-tweġiba fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ tal-akkużat u għandha tagħti s-sentenza minnufih, kif provdut fl-artikolu 377.

(*d*) Jekk l-akkużat isib oġġezzjoni illi l-każ jiġi ittrattat bi proċedara sommarja, il-qorti għandha tordna li l-atti tal-każ jinbagħtu lill-Avukat Ġenerali, fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 401(3), sabiex il-każ ikun iġġudikat skont il-liġi. F'dan il-każ, iż-żmien imsemmi fl-artikolu 432 għall-preżentata tal-att tal-akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-Avukat Ġenerali jirċievi l-atti tal-każ.

(*e*) Meta n-numru tal-akkużati mibgħuta biex ikunu iġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) jkun tnejn jew iżjed, id-disposizzjonijiet tal-aħħar paragrafu qabel dan għandhom japplikaw biss dwar dak il-wieħed jew iżjed mill-akkużati li jagħmlu oġġezzjoni illi l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u, f'dan il-każ iż-żmien stabbilit fl-artikolu 432 sabiex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih l-Avukat Ġenerali jkun irċieva l-proċess wara li s-sentenza f'kull każ li jkun ġie ittrattat bi proċedura sommarja jkun għadda b'ġudikat.

(*f*) Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (*b*), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (*a*).

(4) (*a*) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*b*), jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn sentejn iżda mhux aktar minn sitt snin, il-qorti għandha, waqt l-eżami tal-akkużat skont l-artikolu 392 iżda qabel ma jiġi eżaminat skont is-subartikolu (l)(*b*) ta' dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat

bi proċedura sommarja; u l-qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.

(*b*) Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-qorti għandha tinnota dan il-fatt fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li titratta l-każ tal-akkużat u għandha tipproċedi skont hekk:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li żżomm lill-qorti milli tipproċedi bil-kompilazzjoni meħtieġa jekk mill-provi jkun jidher li sar delitt li jaqbeż il-kompetenza tagħha.

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għad-delitti msemmijin fis-subartikoli (3) u (4).

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A għandhom japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*, għal reati li tagħmel minnhom il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Kif tiġi stabbilita l-kompetenza.
*Emendat:*
*IV. 1856.25;*
*XI. 1900.60;*
*XII. 1913.11;*
*XXIII. 1963.3;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*III. 1971.14;*
*LVIII. 1974.68;*
*XLIX. 1981.4;*
*VIII. 1990.3;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**371.** (1) Sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza, għandu jittieħed qies tar-reat miġjub fl-akkuża u mhux taċ-ċirkostanzi li jnaqqsuh, ukoll jekk, minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-imputat m'għandux jeħel piena, jew jista' jkun hemm lok għall-mogħdija minn piena iżjed gravi għal piena oħra anqas gravi. F'dan il-każ igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 389 u dawk ta' warajh.

(2) Iżda jibqgħu ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati -

(*a*) id-delitti magħmulin minn persuni ta' età taħt tmintax-il sena jew minn torox-u-muti, meta l-piena, skont il-liġi, ma tkunx taqbeż il-kompetenza ta' dik il-qorti;

(*b*) id-delitti skużabbli skont il-liġi, meta, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, ir-raġunijiet tal-iskuża jkunu jirriżultaw mill-atti tal-kompilazzjoni u l-piena, skont il-liġi, ma tkunx taqbeż il-kompetenza ta' dik il-qorti:

Iżda dan kemm-il darba, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, id-delitt ma jkunx imputat fl-istess ħin lil persuni oħra, bħala awturi jew bħala kompliċi, jew ma jkunx xort'oħra konness ma' delitti oħra li jkunu joħorġu mill-kompetenza ta' dik il-qorti;

(*ċ*) is-serq ikkwalifikat bil-"mezz", iżda mingħajr il-kwalifika tal-"vjolenza", tal-"persuna" jew tax-"xorta tal-ħaġa misruqa", meta l-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx aktar minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u, fil-fehma tal- Avukat Ġenerali, tkun biżżejjed għad-delitt il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, biż-żieda tal-multa jew mingħajrha.

**372.** (1) Il-kompetenza bejn il-Qrati tal-Maġistrati titnissel-

Kif titnissel il-kompetenza bejn il-Qrati tal-Maġistrati.
*Miżjud: XI. 1900.61. Emendat: XII. 1913.12; VIII. 1990.3.*

(*a*) mil-lok tar-reat; inkella

(*b*) jekk ikun hemm imputat wieħed biss jew jekk, fil-każ li l-imputati jkunu tnejn jew iżjed, ikunu kollha joqogħdu f'Malta, jew ikunu kollha joqogħdu f'Għawdex jew Kemmuna, mil-lok ta' fejn ikun joqgħod, jew ta' fejn ikunu joqgħodu.

(2) Jekk persuna tkun imputata ta' żewġ reati jew aktar magħmulin mhux fi Gżira waħda, din il-persuna għandha tiġi iġġudikata quddiem il-qorti li fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha jkun sar ir-reat l-aktar gravi, inkella, jekk reat ma jkunx aktar gravi minn ieħor, fejn ikun sar l-akbar għadd ta' reati.

(3) Meta l-lok tar-reat ma jkunx magħruf u l-imputat ikun wieħed biss, jew l-imputati jkunu tnejn jew iżjed imma jkunu joqogħdu lkoll fil-ġurisdizzjoni territorjali tal-istess qorti, il-kompetenza titnissel biss mill-post ta' fejn ikun joqgħod l-imputat jew ta' fejn ikunu joqogħdu l-imputati; jew jekk l-imputati ma jkunux joqogħdu fl-istess Gżira, il-kompetenza titnissel mil-lok ta' fejn tkun toqgħod il-biċċa l-kbira tal-imputati; jew jekk il-għadd tal-imputati li jkunu joqogħdu Malta u l-għadd tal-imputati li jkunu joqogħdu Għawdex jew Kemmuna jkun indaqs, kull waħda mill-qrati tkun kompetenti għall-imputati kollha.

(4) L-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba l-lok tar-reat jew il-lok ta' fejn ikun joqgħod l-imputat tista' tiġi irrinunzjata, u, meta ma tingħatax minnufih wara li jiġu sponuti l-fatti tal-akkuża, titqies li ġiet irrinunzjata.

Rinunzja tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza.

**373.** Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:

Eżerċizzju tal-azzjoni kriminali bi kwerela tal-offiż.
*Emendat: XI. 1900.62; I. 1903.20, 21; VIII. 1909.35; VIII. 1990.3; III. 2002.82.*

Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat.

Eċċezzjonijiet.

**374.** Fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-offiż, għandhom jitħarsu d-disposizzjonijiet li ġejjin:

Il-kawża.
*Emendat: IV. 1856.26; XI. 1900.62; VII. 2010.29.*

(*a*) il-kwerelant u l-kwerelat għandhom jidhru persunalment fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża. Iżda huma jistgħu jkunu assistiti minn avukati jew prokuraturi legali;

Il-partijiet għandhom jidhru persunalment.

Eċċezzjonijiet.

(*b*) fil-każijiet ta' kontravvenzjoni, il-qorti tista', għal raġuni tajba, teħles lil kull waħda mill-partijiet milli tidher hija nfisha u tippermetti minflok li jidhru r-raġel jew il-mara jew qarib, mid-demm jew bi żwieġ, ta' dik il-parti, inkella persuna oħra li taħt il-ħsieb tagħha tkun dik il-parti jew li tkun inkarigata minnha bil-miktub;

Nuqqas ta' dehra tal-partijiet.

(*ċ*) jekk ma tidher ebda waħda mill-partijiet, il-kawża tiġi mħassra mil-lista;

Nuqqas ta' dehra tal-kwerelant.

(*d*) jekk fl-ewwel seduta ma jidhirx il-kwerelant u jidher biss il-kwerelat, dan jista' jitlob li jiġi illiberat;

Il-qorti tista' tordna ġurnata oħra għas-smigħ tal-kawża.

(*e*) iżda, fuq rikors tal-kwerelant magħmul fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar tat-tħassir tal-kawża jew tal-liberazzjoni tal-kwerelat, flimkien ma' dikjarazzjoni tal-istess kwerelant maħlufa quddiem ir-reġistratur, li twettaq illi, minħabba mard jew xi ħaġ'oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-kawża fuq l-istess atti;

Avviż lill-partijiet u lix-xhieda tal-ġurnata tas-smigħ tal-kawża.

(*f*) tal-ġurnata li fiha għandha tinsama' l-kawża, għandu jingħata avviż bil-miktub lill-partijiet u lix-xhieda, fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 361 u fl-artikolu 441(1);

Telfien tal-jedd tal-azzjoni.

(*g*) fin-nuqqas tar-rikors hawn fuq imsemmi, il-jedd tal-azzjoni jispiċċa;

Nuqqas ta' dehra tal-kwerelat.

(*h*) jekk il-kwerelat ma jidhirx, tgħodd it-tieni parti tal-artikolu 364;

Is-smigħ tal-kawża.

(*i*) meta jidhru ż-żewġ partijiet, it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm, fl-ordni li ġej:

(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;

(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;

(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:

Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża;

Il-qorti tista' titlob li l-kwerela tiġi mwettqa bil-ġurament.

(*j*) il-qorti tista' tordna li l-kwerela tiġi magħmula jew imwettqa bil-ġurament.

Tmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio.* *Emendat: VI. 1871.30; III. 1880.2; XI. 1900.62.*

**375.** Meta l-azzjoni hija mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva, għandhom jitħarsu d-disposizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) l-imputat għandu jidher huwa nnifsu. Iżda hu jista' jkun assistit minn avukati jew prokuraturi legali; — L-imputat għandu jidher huwa nnifsu.

(*b*) fil-każ ta' kontravvenzjoni, tgħodd għall-imputat id-disposizzjoni tal-paragrafu (*b*) tal-aħħar artikolu qabel dan; — Ħelsien mid-dehra.

(*ċ*) l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva, li bih titmexxa l-azzjoni, u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, jinsemgħu fl-ordni msemmi fil-paragrafu (*i*) tal-aħħar artikolu qabel dan; — Is-smigħ tal-kawża.

(*d*) il-qorti tista' titlob li r-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva jiġi mwettaq bil-ġurament; — Twettiq tar-rapport bil-ġurament.

(*e*) l-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lill-uffiċjal hawn fuq imsemmi. — Kontro-eżami tal-uffiċjal prosekutur mill-imputat.

**376.** (1) Il-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur iniżżel- — Tniżżil tal-eċċezzjonijiet tal-imputat u tas-sustanza tax-xiehda. *Miżjud: XI. 1900.62. Emendat: XII. 1913.13.*

(*a*) kull eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti, jew ta' inammissibbiltà jew estinzjoni ta' azzjoni, jew ta' inammissibbiltà ta' prova kif ukoll kull digriet li bih tiġi miċħuda dik il-prova; u

(*b*) is-sustanza tax-xiehda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu tal-kawża, meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba.

(2) In-notamenti tax-xiehda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti. — Qari tax-xiehda lix-xhud.

(3) In-nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma jagħmilx null il-proċediment; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk ikun jinħtieġ, f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-disposizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu. — In-nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma jannullax il-proċediment. Provi oħra li jistgħu jinġiebu. Eżami mill-ġdid ta' xhieda.

**377.** (1) Meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. — Sentenza. *Emendat: XI. 1900.62; I. 1903.22; VIII. 1909.36; XII. 1913.14; XXXIII. 1972.5; III. 2002.83; A.L. 407 tal-2007.*

(2) Jekk mill-provi jirriżulta reat li għalih it-tmexxija tal-azzjoni tmiss lill-offiż, tgħodd id-disposizzjoni tal-artikolu 403(2). — Igħodd is-subartikolu (2) tal-artikolu 403.

Il-qorti tista' tordna lil min jagħmel ir-reat biex ineħħi l-inkonvenjent.

(3) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

Proroga taż-żmien.

(4) Il-qorti ma tilqa' ebda rikors għall-proroga taż-żmien stabbilit skont l-aħħar subartikolu qabel dan jekk dak iż-żmien u ż-żmien tal-proroga jkunu iktar b'kollox minn tliet xhur u l-Pulizija topponi dik il-proroga.

Tneħħija tal-inkonvenjent mill-Pulizija għas-spejjeż tal-ħati.

(5) Il-qorti għandha, fuq rikors f'dak is-sens mill-Pulizija f'kull żmien wara li persuna tkun instabet ħatja ta' reat f'każ ta' raġuni li tinħoloq wara jew, f'kull każ ieħor, wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (3) jew (4), tawtorizza lill-Pulizija biex tneħħi kull disordni jew inkonvenjent li għalih ikun jirriferixxi r-reat għas-spejjeż tal-ħati, f'liema każ il-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ mill-istess qorti.

Il-qorti tista' tagħti lill-ħati li jgiddeb ruħu jew li jitlob skuża.

**378.** Fil-każ ta' kontravvenzjoni għal insulti, inġurji jew theddid, il-qorti tista', fis-sentenza, tagħti lill-ħati, bħala kondizzjoni biex jeħles mill-piena kollha jew minn biċċa minnha, li jgiddeb ruħu jew li jitlob skuża lill-offiż quddiem il-qorti bil-miftuħ, skont ma tkun ix-xorta tal-kontravvenzjoni.

Preżunzjoni dwar logħob ta' azzard u ta' interess.
*Miżjud: XII. 1913.15.*
*Emendat: XII. 1914.11; XI. 1977.2.*

**379.** (1) Fil-każ ta' kontravvenzjoni maħsuba fl-artikolu 338(*h*), il-flus, l-oġġetti, il-għodod u l-mezzi tal-logħob imsemmijin fl-artikolu 344(*a*), illi tkun sabet u qabdet il-Pulizija fit-tfittxija li tkun għamlet f'lok suspett li qiegħed iservi għal-logħob b'kontravvenzjoni tal-artikolu 338(*h*), jistgħu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqiesu bħala prova biżżejjed li dak il-lok kien fil-fatt qiegħed iservi għal-logħob ta' azzard u ta' interess u li n-nies misjubin hemm ġew fil-ħin tat-tfittxija kienu qegħdin jilagħbu logħob ta' azzard u ta' interess, għalkemm l-ebda logħob ma jkun qiegħed isir f'dak il-waqt quddiem l-uffiċjali tal-Pulizija li jkunu daħlu f'dak il-lok.

(2) Jekk uffiċjal tal-Pulizija mogħti s-setgħa skont il-liġi li jidħol f'lok suspett li qiegħed iservi għall-egħmil tal-kontravvenzjoni maħsuba fl-artikolu 338(*h*), isib min, xjentement, iżommu, jew ifixklu jew idewmu biex jidħol f'dak il-lok jew f'xi banda tiegħu, jew kemm-il darba l-bibien jew il-mezzi tad-dħul, ta' ġewwa jew ta' barra, ta' dak il-lok, ikunu jinsabu li għandhom jew li huma mgħammra b'qofol jew bi staneg jew b'xi mezz jew ħaġa maħsuba biex iżżomm, iddewwem jew tfixkel id-dħul f'dak il-lok, jew f'xi banda tiegħu, ta' uffiċjali tal-Pulizija mogħtijin is-setgħa skont il-liġi kif jingħad hawn fuq, jew biex jingħata l-allarm fil-każ li huma jidħlu hemm, jew kemm-il darba dak il-lok ikun jinsab imgħammar jew ipprovdut b'mezzi jew għodda għal-logħob projbit, jew biex jinħbew, jitwarrbu jew jinqerdu l-għodod tal-

logħob, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li dak il-lok qiegħed fil-fatt iservi għal-logħob ta’ azzard u interess, u li l-persuni misjubin hemm ġew kienu jilagħbu logħob ta’ azzard u ta’ interess.

Qtigħ tal-ispejjeż fil-kawżi bi kwerela tal-offiż. *Emendat: XI. 1900.63; VIII. 1909.37, 38; A.L. 407 tal-2007.*

**380.** (1) Meta l-azzjoni titmexxa mill-persuna li batiet il-ħsara jew l-offiża, kif ukoll fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 374(*ċ*) u (*d*), il-qorti għandha tiddeċidi wkoll fuq l-ispejjeż u, meta l-ikkundannati jkunu tnejn jew aktar, għandha tiddeċidi jekk huma għandhomx iwieġbu għall-ispejjeż *in solidum* inkella kull wieħed għalih.

Dritt ta’ avukati jew prokuraturi legali.

(2) Id-dritt tal-avukat jew tal-prokuratur legali tal-parti l-waħda u l-oħra tintaxxah il-qorti fis-sentenza stess, minn tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58) sa euro u erbgħin ċenteżmu (1.40) għal kull seduta.

(3) Id-disposizzjoni tas-subartikolu (2) tgħodd ukoll għall-każijiet imsemmijin fl-artikolu 374(*ċ*) u (*d*), kif ukoll fil-każ li l-kwerelant jirrinunzja għall-azzjoni, jekk l-avukati jew il-prokuraturi legali tal-partijiet ikunu dehru fil-kawża.

Ir-rebbieħ għandu jedd minn għand it-tellief għad-dritt ta’ avukat jew prokuratur legali wieħed biss.

(4) Jekk jidhru iżjed minn avukat jew prokuratur legali wieħed għal waħda mill-partijiet, din il-parti ma tistax titlob mingħand il-parti telliefa ħlief id-dritt ta’ avukat jew prokuratur legali wieħed biss.

Kwerela fiergħa jew magħmula biex tivvessa.

(5) Jekk il-kwerela tkun biċ-ċar fiergħa jew magħmula biex tivvessa, il-qorti tista’, fuq talba tal-kwerelat, tikkundanna lill-kwerelant għall-piena tal-ammenda, u fin-nuqqas ta’ ħlas ta’ din l-ammenda, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 13(2).

Taxxa u ġbir tad-drittijiet ta’ reġistru.

(6) Id-drittijiet tar-reġistru jiġu intaxxati u miġbura skont it-tariffi fl-Iskedi A u B li hawn ma’ dan il-Kodiċi.

Tmexxija għall-ħlas tal-ispejjeż. *Emendat: XI. 1900.63; VIII. 1909.39.*

**381.** Għall-ħlas tal-ispejjeż u tad-drittijiet tal-avukati jew tal-prokuraturi legali intaxxati bħal ma jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, il-kreditur jista’ jaġixxi quddiem l-istess qorti bil-mod u bil-mezzi li tgħid il-liġi għall-esekuzzjoni tas-sentenzi mogħtijin mill-Qrati Ċivili Inferjuri f’affarijiet ċivili.

X’għandu jkun fiha s-sentenza.

**382.** Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

Ordnijiet ta’ Trażżin. *Miżjud: XX. 2005.17. Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

**382A.** (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħha taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin ta’ dan is-Sub-titolu, meta l-qorti tqis li jkun espedjenti li hekk tagħmel għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 412Ċ(1), il-qorti tista’, meta tagħti sentenza kontra l-akkużat, flimkien ma’ kull piena li tista’ tagħti lill-ħati, tagħmel ordni (hawn aktar ’il quddiem imsejħa "ordni ta’ trażżin") li tista’ tagħti effett għal kull ma hemm fis-subartikolu (3) tal-artikolu 412Ċ imsemmi.

(2) Ordni ta’ trażżin għandha tibqa’ fis-seħħ għal dak il-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin, kif speċifikat mill-qorti li tista’ tordna li dak il-perjodu jibda għaddej mid-data tal-iskadenza

jew maħfra tal-piena. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 412Ċ(6) għandhom *mutatis mutandis* ukoll japplikaw għal ordni ta' trażżin.

(3) Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu minn ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Setgħa tal-qorti li torbot il-ħati b'obbligi.
*Emendat:*
*XI. 1900.64;*
*XII. 1913.16;*
*XXII. 1976.4;*
*XXIX. 1990.18;*
*XX. 2005.18;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**383.** (1) Il-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti.

Ammont u żmien tal-obbligi.

(2) Din is-somma ma tistax tkun anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) jew aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), skont il-mezzi tal-persuna obbligata, u ż-żmien tal-obbligi ma jistax ikun aktar minn tnax-il xahar.

Bidu taż-żmien tal-obbligi.

(3) Meta għall-istess fatt li jagħti lok għall-obbligi fuq imsemmija, l-imputat ikun ġie ikkundannat għal piena li tnaqqas il-libertà persunali, iż-żmien ta' dawk l-obbligi jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih dik il-piena tiġi skuntata jew maħfura.

Obbligu msaħħaħ bi pleġġerija.
*Emendat:*
*IV.1856.27;*
*V. 1868.21.*

**384.** Iżda, meta jkun hemm raġuni għaliex wieħed jaħseb li, sabiex titħares il-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, l-obbligu msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan ma jkunx biżżejjed, il-qorti tista' barra minn dan tordna lill-ħati li jġib pleġġ tajjeb, u l-qorti tista' tordna wkoll li dak l-obbligu, bil-pleġġerija, jew mingħajrha, jibqa' għal żmien mhux stabbilit, jiġifieri, sakemm il-qorti jidhrilha li jkun hemm raġuni tajba l-għaliex dak l-obbligu m'għandux jibqa' jseħħ.

Detenzjoni fil-każ li l-ħati ma jintrabatx bl-obbligi.
*Emendat:*
*VIII. 1857.12;*
*V. 1868.21;*
*IV. 1874.9;*
*XII. 1913.17;*
*XII. 1957.17;*
*III. 2002.84.*

**385.** (1) Kull min, fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 35, 36 u 383, ma jkunx irid jobbliga ruħu, jew, kull min, fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jkunx irid jew ma jkunx jista' jagħmel dak li hu ordnat f'dak l-artikolu, jiġi, b'ordni tal-qorti, miżmum taħt detenzjoni sakemm jesegwixxi l-obbligu li l-qorti tkun trid minnu, jew, jekk l-obbligu jkun ta' pleġġerija, sa dak iż-żmien li l-qorti, fuq talba b'rikors tal-persuna miżmuma taħt detenzjoni, tiddikjara li m'għadhomx iseħħu r-raġunijiet li għalihom l-obbligu tal-pleġġerija kien ġie ordnat.

Żmien tad-detenzjoni.

(2) Iż-żmien tad-detenzjoni ma jistax ikun iżjed minn tnax-il xahar.

Manteniment tal-persuna taħt detenzjoni.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12(1) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal persuna miżmuma taħt detenzjoni taħt dan l-artikolu.

Ħelsien tal-persuna detenuta.

(4) Il-persuna taħt detenzjoni, kif tesegwixxi l-obbligu, tista' f'kull żmien taqla' l-liberazzjoni tagħha.

**386.** Il-parti mqiegħda taħt l-obbligi msemmijin fl-artikoli 35, 36 u 383, u l-garanti tagħha, meta jkun hemm, għandhom jobbligaw ruħhom bil-miktub, *in solidum* jew xort'oħra, kif tordna l-qorti. Il-garanzija tista' wkoll, meta hekk jidhrilha l-qorti, issir bi tqegħid ta' somma ta' flus jew ta' rahan li jkun jiswa daqs dik is-somma.

Forma tal-obbligazzjoni. Il-garanzija tista' ssir bi tqegħid ta' flus jew bi pleġġerija. *Emendat: VIII. 1857.13; III. 1899.11; XII. 1913.18; XII. 1957.17.*

**387.** (1) Meta l-persuna mqiegħda taħt l-obbligi msemmijin fl-artikoli ta' qabel dan tiġi misjuba ħatja, quddiem qorti kompetenti, li kisret il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjoni tagħha, is-somma li għaliha tkun obbligat ruħha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ksur tal-kondizzjonijiet tal-obbligi. *Emendat: VIII. 1857.13; XI. 1900.65; XXVII. 1975.24.*

(2) Għall-ħlas ta' din is-somma jitmexxa kontra l-persuna fuq imsemmija u l-garanti tagħha skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 585.

(3) Igħoddu wkoll id-disposizzjonijiet tal-artikolu 586.

(4) Il-ġbir jew il-ħlas tas-somma hawn fuq imsemmija, inkella id-detenzjoni msemmija fl-artikolu 586(1), ma jeħilsux lill-persuna li tkun kisret il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjoni tagħha mill-piena stabbilita għar-reat li, bi ksur ta' dik l-obbligazzjoni, tkun għamlet.

**388.** Jista' jingħata dejjem li wieħed jara, fil-ħinijiet permessi, lill-imputat li jkun detenut.

Hu mogħti li wieħed jara lid-detenut.

---

*Sub-titolu II*

FUQ IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI BĦALA QORTI ISTRUTTORJA

*Emendat: VIII. 1990.3.*

**389.** Fir-reati suġġetti għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati tmexxi l-kompilazzjoni li tinħtieġ.

Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja. *Emendat: VIII. 1990.3.*

**390.** (1) Il-qorti tisma' r-rapport bil-ġurament tal-uffiċjali tal-Pulizija, teżamina, bla ġurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu r-rapport. Kollox għandu jitniżżel bil-miktub.

Mod ta' proċedura fil-kompilazzjoni. *Emendat: VI. 1871.31; XIII. 1980.13.*

(2) Il-qorti għandha tisma' u tniżżel bil-miktub ix-xiehda li jġib l-imputat għad-difiża tiegħu.

Tniżżil bil-miktub tal-provi li jġib l-imputat.

(3) Meta ma jistgħux jinfetħu proċeduri kriminali ħlief bit-talba tal-privat, l-imputat jista', ukoll qabel l-eżami tiegħu, jitlob li tinġieb il-kwerela, jekk din tkun saret bil-miktub, inkella li jinġiebu provi oħra ta' dik il-kwerela, jekk din tkun saret bil-fomm.

L-imputat jista' jitlob li tinġieb il-kwerela.

(4) Mhux meħtieġ li jinġieb il-kwerelant biex tiġi ippruvata l-kwerela, jekk minn xiehda oħra jinsab, b'sodisfazzjon tal-qorti, li dik il-kwerela tkun saret.

(5) Jekk, matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skont il-liġi.

Meta jitqies li hemm kwerela.

(6) Il-qorti tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, *ex officio*, tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sustanza tagħhom, jittieħdu bl-istenografija minn stenografi maħturin għal hekk jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi. In-noti tal-istenografat għandhom jittieħdu b'linka li ma titħassarx u jkunu iffirmati fuq kull paġna mill-istenografi u flimkien mat-traskrizzjoni għandhom, fl-oriġinal, jidħlu fl-atti tal-kawża. Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-atti tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-*typewriter* u għandha tinqara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mir-reġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni.

Eżami tax- xhieda.
*Emendat:*
*V. 1868.22;*
*I. 1903.23;*
*XXX. 1934.5;*
*VIII. 1944.2;*
*XXXII. 1965.8;*
*IV. 1994.11;*
*XVI. 2006.8;*
*A.L. 426 tal-2012.*
Kap. 258.

**391.** (1) Ix-xhieda jiġu eżaminati mill-qorti. L-isem u l-kunjom tax-xhud, isem missieru u, meta x-xhud ikun persuna li għaliha japplikaw l-artikoli 4, 9 u 13 tal-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità, in-numru, jekk ix-xhud ikun jafu, ta' d-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tiegħu maħruġ taħt l-imsemmi Att, kif ukoll il-lok tat-twelid u ta' fejn joqgħod ix-xhud u l-ilsien li bih jagħti x-xiehda tiegħu, għandhom jitniżżlu fil-bidu nett ta' kull xiehda:

Iżda l-qorti tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali u sabiex tipprovdi għas-sigurezza tax-xhud, tħalli barra l-partikolaritajiet ta' hawn fuq, ħlief għall-isem u l-kunjom tax-xhud u l-ilsien li bih jagħti x-xhieda tiegħu, u tagħmel nota f'dan is-sens fl-atti tal-kawża.

Interpretu.

(2) Meta l-maġistrat ikun jaf bl-ilsien li bih jitkellem ix-xhud, huwa stess jista' jfisser ix-xiehda fl-ilsien li bih il-proċeduri bil-miktub ikunu qegħdin isiru; f'kull każ ieħor, jew b'talba tal-imputat, jiġi mqabbad interpretu ġuramentat.

(3) Meta x-xhud ikun minuri ta' taħt is-sittax-il sena, ix-xhud għandu jiġi eżaminat u kontro-eżaminat f'seduta waħda u x-xiehda tiegħu għandha tiġi reġistrata b'mezzi awdjo-viżivi. Ir-reġistrazzjoni awdjo-viżiva għandha tkun tagħmel parti mill-inkartament tal-proċedimenti:

Iżda għal raġunijiet speċjali u eċċezzjonali li jinqalgħu wara li x-xhud ikun ta x-xhieda tiegħu, il-Qorti tista' tawtorizza s-smigħ tal-istess xhud f'xi seduta oħra wara.

Eżami tal-imputat.
*Emendat:*
*IV. 1856.28;*
*IV. 1874.10;*
*XIII. 1980.14;*
*IV. 1994.12.*

**392.** (1) L-eżami tal-imputat, imsemmi fl-artikolu 390(1), isir, bla theddid jew twegħid, u bla ġurament, kif sejjer jingħad hawn:

(*a*) il-qorti tistaqsih ismu u kunjomu, kemm-il sena għandu, fejn twieled u fejn joqgħod, is-sengħa, professjoni jew stat ieħor tiegħu, l-isem u l-kunjom ta' missieru, u jekk missieru hux ħaj jew mejjet;

(*b*) il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkuża.

Twissija lill-imputat.

(2) Qabel ma tagħmel ebda waħda mill-mistoqsijiet hawn fuq imsemmija, il-qorti għandha tfisser lill-imputat ix-xorta tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u twissih li mhux obbligat iwieġeb għal ebda

mistoqsija lanqas li jitfa' l-ħtija fuqu nnifsu, li hu jista', jekk irid, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali u li kull ħaġa li huwa jgħid tkun tista' tinġieb bħala prova kontra tiegħu.

(3) Il-qorti għandha tniżżel fil-bidu nett tal-eżami li d-disposizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan ġew imħarsa.

Tniżżil tat-tweġib.

(4) It-tweġib għandu jiġi meħud mill-maġistrat bil-mod li jingħad fl-artikolu 391, u għandu jiġi iddikjarat l-ilsien li bih it-tweġib ikun ingħata.

Meta l-imputat jibqa' sieket.

(5) Jekk l-imputat jibqa' sieket, il-qorti għandha tniżżel bil-miktub din iċ-ċirkostanza u tibda tisma' l-kawża bħallikieku l-imputat kien stqarr li mhux ħati.

Meta l-akkużat jistqarr li hu ħati waqt l-eżami. *Miżjud: III. 2002.85. Emendat: IX. 2003.128; IV. 2014.21; VIII. 2015.28.*

**392A.** (1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(*b*) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata, u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.

(3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 370(2) u tal-artikolu 371 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal proċeduri taħt dan l-artikolu dwar reat li għalih japplika s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(5) Fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom.

(6) Il-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5).

(7) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-

subartikolu preċedenti jkunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija, u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.

(8) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 453A(3) sa (5), iż-żewġ subartikoli inklużi, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-proċeduri taħt dan l-artikolu.

Ammissjoni ta' ħtija.
*Miżjud: IV. 2014.22.*
*Sostitwit: XXIV. 2014.51.*
*Emendat: VIII. 2015.29.*

**392B.** (1) Fil-każ li l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija skont l-artikolu 392(1)(*b*) u fi kwalunkwe stadju tal- proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ġie akkużat u l-imsemmi reat ikun soġġett għal piena ta' aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-qorti għandha twissieh b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 392A u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, l-qorti għandha, wara li tkun ġiet registrata l-ammissjoni ta' ħtija:

(*a*) tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni, flimkien mal-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mal-każ jiġu mibgħuta, fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, lill-Avukat Ġenerali; u

(*b*) tinnotifika lir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali li saret ammissjoni ta' ħtija.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu ż-żmien ta' xahar biex jippreżenta nota fil-Qorti Kriminali li biha jiddikjara illi l-akkuża li tkun saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja u li għaliha jkun ammetta l-akkużat għandha titqies bħala att ta' akkuża, b'dana illi din id-dikjarazzjoni ma għandha tagħti lok għal ebda nullità jew difett ieħor fil-proċeduri minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.

(3) Meta l-Qorti Kriminali tiġi notifikata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja dwar ammissjoni ta' ħtija skont il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1), il-Qorti Kriminali għandha fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika tiffissa data għas-smigħ.

(4) Il-Qorti Kriminali għandha, ex officio, jew wara talba mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat, tisma' dawk il-provi li jidhrilha li huma rilevanti għall-fini ta' piena, u, wara li tisma' s-sottomissjonijiet dwar il-piena mill-Avukat Ġenerali u mill-akkużat, tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra l-akkużat li jinsab ħati tar-reat.

(5) (*a*) L-akkużat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jitolbu lill-Qorti Kriminali li tapplika sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta'

sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftiehma bejniethom u li dwarhom l-akkużat ikun jista' jingħata sentenza.

(*b*) Jekk il-Qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri mitluba kif provdut fil-paragrafu (*a*) ikunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-akkużat ikun ammetta l-ħtija, il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qiegħda tingħata tkun qiegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.

(*ċ*) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5) tal-artikolu 453A għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan is-subartikolu.

(6) Minkejja xi dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ammissjoni magħmula u reġistrata skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma tkunx tista' tigi revokata jew irtirata.

(7) Meta l-Qorti Kriminali jidhrilha li ma tkunx ġiet osservata xi formalità skont dan l-artikolu jew ikun hemm xi difett ieħor fil-proċeduri, il-Qorti Kriminali għandha tibgħat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bħala qorti istruttorja sabiex terġa' tibda l-kumpilazzjoni mill-ġdid.

Ħlas ta' spejjeż meta ssir ammissjoni ta' ħtija.
*Miżjud: XXIV. 2014.52.*

**392Ċ.** (1) Meta l-akkużat jistqarr li huwa ħati, kemm waqt l-eżami jew f'kull stadju tal-proċeduri, il-qorti għandha, qabel ma tipproċedi biex tagħti s-sentenza tagħha, taċċerta jekk atti dwar l-*in genere* jew *reperti* jkunu saru u jekk dawn ikunu saru, il-qorti għandha, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni:

Iżda meta l-imsemmija spejjeż ikunu għandhom ma ġewx stabbiliti fiż-żmien li tkun ingħat is-sentenza jew fl-eventwalità li xi espert jew perit fil-proċeduri jkun għadu ma ppreżentax ir-rapport tiegħu jew il-proċess verbal ikun għandu ma ġiex magħluq, ir-Reġistartur għandu d-dritt li jistabbilixxi l-ispejjeż, u sabiex jipproċedi biex jiġbor l-ispejjeż lura, kollha jew parti minnhom, mill-persuna jew mill-persuni kkundannati, kif jiġi ordnat mill-qorti fis-sentenza tagħha:

Iżda wkoll il-Qorti għandha, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza kif imsemmi qabel u biex tagħti ordni skont l-artikolu 23B, taċċerta jekk saritx ordni kif imsemmi fl-artikoli 23A u 23D, u jekk tkun saret, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal kull ordni bħal din.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 533 għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal kull ordni magħmula taħt dan l-artikolu.

Kontro-eżami mill-imputat.
*Emendat:*
*III. 1880.3.*

**393.** L-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lix-xhud u l-mistoqsijiet tiegħu, flimkien mat-tweġib, għandhom jitniżżlu wara l-eżami.

Tniżżil ta' ċirkostanzi ta' fatt miġjubin 'il quddiem mill-imputat.

**394.** Kull ċirkostanza ta' fatt li l-imputat, wara l-eżami ta' xhud jew matul il-kompilazzjoni, iġib 'il quddiem, għandha titniżżel mill-qorti fil-lok li jmiss tal-kompilazzjoni.

Il-maġistrat għandu jiffirma l-eżami tax-xhieda u tal-imputat.
*Emendat:*
*Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 1.*

**395.** L-eżami tax-xhieda u tal-imputat għandu jiġi iffirmat mill-maġistrat.

Il-maġistrat għandu jiffirma d-dokumenti.

**396.** Kull dokument miġjub matul il-kompilazzjoni għandu jiġi kontro-firmat mill-maġistrat, u notament ta' din il-produzzjoni għandu jitniżżel fuq id-dokument stess mir-reġistratur jew mill-uffiċjal li jagħmel floku.

Setgħa tal-maġistrat matul il-kompilazjoni.
*Emendat:*
*IX. 1859.23;*
*V. 1868.23;*
*XIII. 1931.2;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*XXXI. 1966.2;*
*XXIV. 2014.53.*

**397.** (1) Il-qorti tista' tordna t-taħrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha meħtieġa, kif ukoll il-ħruġ ta' ċitazzjonijiet jew mandati ta' arrest kontra kull awtur ieħor jew kompliċi li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, it-teħid ta' xi kampjun u kull miżura jew ħaġa oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox.

Eżami tal-ġisem.

(2) Il-qorti tista' wkoll, taħt dawk il-kawtieli li jidhrilha meħtieġa sabiex titħares id-deċenza, teżamina jew tordna li tiġi eżaminata minn periti xi parti tal-ġisem tal-imputat jew tal-persuna li fuqha jew li magħha jkun jingħad li sar id-delitt, kemm-il darba l-qorti tkun tal-fehma li minn dak l-eżami tista' toħroġ prova kontra jew favur l-imputat.

Fotografiji, qisien, u teħid tal-istampi tas-subgħajn.

(3) Il-qorti tista' tordna wkoll, fuq talba tal-Pulizija, li l-imputat jiġi iffotografat, meqjus jew li jittieħdu l-istampi ta' subgħajh:

Iżda, jekk imputat, li qabel ma jkun ġie qatt ikkundannat fuq delitt, jiġi illiberat, il-fotografiji kollha (negattivi u kopji), l-istampi kollha tas-subgħajn, u n-notamenti kollha fuq il-qisien hekk meħuda, għandhom jiġu meqruda jew mogħtija lill-persuna illiberata.

(4) Il-fotografiji, l-istampi tas-swaba u l-qisien imsemmijin fl-aħħar subartikolu qabel dan, jiġu meħuda skont ir-regolamenti li minn żmien għal ieħor jiġu magħmula mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

Arrest ta' imputat li ma jkunx taħt arrest.

(5) Il-qorti tista' wkoll tordna l-arrest tal-imputat li ma jkunx ġa taħt arrest.

Kif u fejn it-tibdil, il-korrezzjonijiet u ż-żieda jistgħu jsiru.

**398.** (1) Jekk, qabel ma jiġi iffirmat att, ikun jinħtieġ isir fih xi tibdil, korrezjoni jew żieda, dawn għandhom isiru b'postilla taħt l-att, u qabel ma dan jiġi iffirmat. It-tibdil, il-korrezzjoni jew iż-żieda li jinħtieġu jsiru wara li l-att jiġi iffirmat, għandhom isiru b'postilla fil-ġenb.

(2) Ma jista' jsir ebda brix f'ebda att u lanqas ma jista' jitħalla ebda vojt fih mingħajr ma jkollu linja mgħoddija fuqu, u jekk ikun jinħtieġ li jsir xi taħsir, dan għandu jsir b'mod li jħalli li l-kelma mħassra tkun tista' tinqara sewwa.

Ma jistax isir brix.

(3) Il-maġistrat għandu jiffirma wkoll dawk il-postilli jew taħsiriet.

Il-maġistrat għandu jiffirma l-postilli, eċċ.

**399.** (1) Meta l-qorti tiddeċiedi li l-eżami ta' xi xhud jew li xi proċess ieħor fl-inkjesta minn xi awtorità barra minn Malta jkun meħtieġ b'mod indispensabbli, l-ittra rogatorja għal għajnuna legali u d-deċiżjoni tal-qorti għandhom, fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali li mbagħad jista', fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, jagħmel kull sottomissjoni bil-miktub skont ma hu jkun jidhirlu meħtieġ.

Prova b'mezz ta' rogatorja.
*Miżjud: XI. 1900.66.*
*Emendat: XXXI. 2007.16.*
*Sostitwit: XXIV. 2014.54.*

(2) L-imputat jista', mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol minn dik id-deċiżjoni, jissottometti talba addizzjonali għall-eżami ta' xhud jew ta' xi proċess ieħor tal-inkjesta, u jaħtar persuna oħra li tidher għalih fl-eżami jew fil-proċess. Dan iż-żmien jista', għal raġuni tajba, jiġi mġedded:

Iżda dak iż-żmien hekk imġedded ma jisax jeċċedi tletin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni.

(3) Il-qorti għandha tordna t-trasmissjoni tat-talba għal għajnuna legali lill-awtorità barra minn Malta fi żmien tliet ijiem tax-xogħol minn meta jiskadi l-perjodu msemmi fis-subartikolu (2).

(4) Il-Qorti Kriminali tkun kompetenti li tordna t-trasmissjoni tat-talba għal għajnuna legali lill-awtorità barranija wara li jsir rikors mill-Avukat Ġenerali jew mill-imputat meta jiskadi l-perjodu ta' żmien imsemmi fis-subartikolu (3).

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 622B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdu għall-irrekordjar ta' xhieda fuq tejp jew fuq video jew b'mezzi oħra għandhom japplikaw għal talba għall-eżami ta' xi xhud taħt dan l-artikolu.

Kap. 12.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 618 u 619 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-finjiet ta' dan l-artikolu:

Kap. 12.

Iżda fejn ikun jeżisti xi trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim, bejn Malta u pajjiż ieħor jew li jkun japplika għaż-żewġ pajjiżi jew li fih iż-żewġ pajjiżi jkunu parti, it-talba għandha ssir u tiġi trasmessa skont l-imsemmi trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-ittra rogatorja li biha ssir it-talba għandu jkollha dan li ġej:

(*a*) l-għan ta' jew ir-raġuni għal dik it-talba;

(*b*) id-dettalji tal-persuna jew persuni msemmija fit-talba inkluż, fejn possibbli, l-indirizz, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità;

(*ċ*) deskrizzjoni tar-reati li l-persuna qed tiġi akkużata bihom u l-piena li tista' teħel għal dak ir-reat;

(*d*) rapport fil-qasir tal-fatti li wasslu għat-talba; u

(*e*) kopja tal-leġiżlazzjoni rilevanti li tikkriminalizza l-imġiba attribwita lill-imputat u li tagħti informazzjoni dwar ir-reat, il-piena u d-drittijiet li persuna tista' tkun mogħtija.

L-imputat jista' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali.

**400.** L-imputat, matul il-kompilazzjoni, jista' jkun assistit minn avukat jew minn prokuratur legali.

Żmien għall-egħluq tal-kompilazzjoni.
*Emendat:*
*VIII. 1857.14;*
*XI. 1900.67;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*III. 1973.2;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.40;*
*XIII. 1980.15;*
*III. 2001.86;*
*XVI. 2006.9.*

**401.** (1) Il-kompilazzjoni għandha tingħalaq fi żmien xahar, illi, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded mill-President ta' Malta għal perijodi oħra kull wieħed minnhom ta' xahar, u kull tiġdid bħal dan għandu jsir fuq talba bil-miktub magħmula mill-qorti:

Iżda ż-żmien fuq imsemmi m'għandux b'kollox jiġi hekk imġedded għal aktar minn tliet xhur:

Iżda wkoll kemm-il darba ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-akkużat għandu jinġieb quddiem il-qorti għall-anqas darba kull ħmistax-il ġurnata sabiex il-qorti tiddeċidi jekk għandux jibqa' arrestat.

Meta l-akkużat jinbagħat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża jew jiġi illiberat.

(2) Meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu.

L-atti għandhom jinbagħtu lill-Avukat Ġenerali.

(3) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-qorti tordna li l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mal-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mad-delitt jiġu mibgħuta, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol, lill-Avukat Ġenerali.

(3A) Meta l-qorti tqiegħed lill-imputat taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminal, il-qorti għandha, minbarra li tagħti l-ordni msemmija fis-subartikolu (3), taġġorna l-każ għal data oħra, li tkun data mhux aktar kmieni minn xahar iżda mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data tal-aġġornament. Il-qorti għandha wkoll taġġorna l-każ għal data oħra kif ingħad wara li tkun irċeviet lura mingħand l-Avukat Ġenerali l-atti tal-kumpilazzjoni u qabel ma tibgħat l-atti lura lill-Avukat Ġenerali skont xi disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi.

(4) Meta tkun qed tiddeċiedi jekk ikunx jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża l-Qorti ma għandha tikkonsidra ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni jew xi eċċezzjoni bħal dik imsemmija fl-artikolu 449(1)(*d*).

**402.** (1) Iż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, fl-artikolu 407 u fl-artikolu 432(3) jitwaqqfu -

Twaqqif taż-żmien tal-kompilazzjoni, *Miżjud: IV. 1856.29. Emendat: XI. 1900.67; A.L. 46 tal-1965; XXV. 1967.2; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.40; XXIX. 1990.19; XXIV. 2014.55.*

(*a*) jekk jiġi allegat jew jekk ikun hemm suspett raġonevoli li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat jew li hu miġnun fiż-żmien tal-kompilazzjoni;

f'każ ta' ġenn ta l-imputat,

(*b*) jekk l-imputat minħabba mard jew ħag'oħra, ma jkunx jista' jidher;

f'każ ta' mard tal-imputat,

(*ċ*) jekk jiġi ordnat l-eżami ta' xhieda jew att ieħor ta' kompilazzjoni taħt l-artikolu 399;

f'każ ta' rogatorja,

(*d*) meta l-qorti taċċetta t-talba li tkun saret skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni.

(2) Iż-żminijiet fuq imsemmija jistgħu jitwaqqfu wkoll -

(*a*) meta xhud ikun hekk marid li ma jkunx jista' jagħti x-xiehda tiegħu lanqas f'daru;

f'każ ta' mard ta' xhieda,

(*b*) meta l-imputat ma jkunx jista' jinstab u wieħed għandu għaliex jaħseb li hu jkun inħeba jew telaq minn Malta.

f'każ meta imputat ma jinstabx.

(3) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (l)(*a*), il-qorti taħtar perit wieħed jew aktar biex jeżaminaw l-imputat u l-fatti li jippruvaw il-ġenn tal-imputat.

Ħatra ta' periti.

(4) Jekk mir-rapport tal-periti jinsab li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat, il-qorti tordna li l-atti tal-kompilazzjoni jinbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (3) tal-aħħar artikolu qabel dan, u tagħti l-provvediment imsemmi fl-artikolu 623.

Ġenn tal-imputat fi żmien ir-reat.

(5) Jekk l-Avukat Ġenerali, meta jirċievi l-atti, ma jkunx irid joqgħod għall-fehma tal-periti dwar il-ġenn tal-imputat, huwa jista', fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 432(1), jew jibgħat lura l-atti lill-qorti istruttorja u jitlob bil-miktub li tissokta l-kompilazzjoni fuq il-mertu tal-akkuża, inkella jista', b'rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali, iġib il-kwistjoni quddiem dik il-qorti, u jitlob li titmexxa skont l-artikoli 620, 627 u 628:

Meta l-Avukat Ġenerali ma joqgħodx għar-rapport tal-periti dwar il-ġenn tal-imputat.

Iżda l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta dak ir-rikors jekk l-akkużat b'rikors quddiem il-qorti istruttorja jagħmel talba f'dak is-sens qabel ma l-atti jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skont l-aħħar subartikolu ta' qabel dan.

(6) Jekk mir-rapport tal-periti jirriżulta l-ġenn tal-imputat fiż-żmien tal-kompilazzjoni, il-qorti għandha tissokta l-kompilazzjoni fuq il-mertu tal-akkuża.

Ġenn tal-imputat fi żmien il-kompilazzjoni.

(7) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (5) u (6), il-kompilazzjoni tista' tibqa' titmexxa wkoll mingħajr l-imputat, u jekk dan ma jkunx assistit minn avukat jew prokuratur legali,

Il-kompilazzjoni tista' tibqa' miexja mingħajr l-imputat.

igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 519.

It-termini taħt l-artikolu 402(1) għandhom jibdew għaddejjin mill-ġdid.
*Miżjud: XXXI. 2007.17.*

**402A.** Meta fir-rigward ta' persuna li tiġi akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' inkjesta kriminali, qorti tkun għamlet ordni għall-konsenja tagħha temporanja lejn Stat barrani li jkun qiegħed jitlob l-estradizzjoni tagħha jew lil xi awtorità kompetenti barranija oħra li tkun qegħda titlob il-konsenja tagħha, it-termini ta' żmien imsemmija fl-artikolu 402(1) għandhom, mid-data tat-treġġigħ lura tagħha f'Malta, jerġgħu jibdew għaddejjin mill-ġdid.

Meta l-qorti hija ta' fehma li r-reat hu ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali.
*Miżjud: XI. 1900.76.*
*Emendat: I. 1903.24; VIII. 1909.40; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.40; VIII. 1990.3.*

**403.** (1) Jekk, meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti jkun jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u li dwaru ma hemmx ħtieġa ta' kwerela tal-parti offiża, il-qorti li mexxiet il-kompilazzjoni għandha tagħti s-sentenza fuq ir-reat skont l-artikolu 377, u tordna li l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 401(3).

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tgħodd ukoll kemm-il darba r-reat ikun wieħed li għalih it-tmexxija tal-azzjoni tmiss lill-parti offiża, u din ma tidhirx biex tirrinunzja għall-azzjoni.

Dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li tissokta l-investigazzjoni fuq il-każ meta l-imputat jiġi ililberat minħabba nuqqas ta' provi.
*Emendat: VIII. 1990.3.*

**404.** Kull meta il-Qorti tal-Maġistrati teħles imputat minħabba nuqqas ta' provi, hu dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li tissokta tfittex li tgħarbel aħjar dwar il-fatt.

Eżami mill-ġdid ta' xhieda jew eżami ta' xhieda ġodda fuq talba tal-Avukat Ġenerali.
*Emendat: IV. 1856.30; III. 1880.4; VIII. 1909.41; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; XXIV. 2014.56.*

**405.** (1) Il-qorti, wara li tibgħat l-atti biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u qabel ma jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża, b'talba bil-miktub tal-Avukat Ġenerali, għandha tagħmel mistoqsijiet oħra lix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu jew tisma' xhieda ġodda.

L-Avukat Ġenerali għandu jibgħat lura l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mat-talba.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu, għal dan l-iskop, jibgħat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mat-talba tiegħu bil-miktub, u fiha għandu jfisser fuqhiex għandu jsir l-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda.

Eżami tax-xhieda quddiem l-imputat.

(3) L-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda għandu jsir quddiem l-imputat, sabiex hu jkun jista' jagħmel il-kontro-eżami, u, għal dan il-ħsieb, il-qorti tordna li l-akkużat, jekk ikun arrestat, jinġieb quddiem il-qorti, u jekk ma jkunx arrestat, illi jiġi mħarrek biex jidher quddiemha.

Jekk l-imputat imħarrek ma jidhirx.

(4) Jekk l-imputat imħarrek ma jidhirx, ix-xhud jinsama', u x-xiehda tiegħu titqies bħallikieku ġiet mismugħa quddiem l-imputat stess.

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll meta l-imputat ikun irid jisma' jew jerga' jisma' xi xhieda. F'dan il-każ, it-talba għandha tiġi ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali illi, mhux aktar tard mill-jum ta' wara, għandu jibgħat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni. Imbagħad il-qorti għandha tordna li l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi innotifikat bil-ġurnata li fiha għandhom jinsemgħu x-xhieda, sabiex hu jew uffiċjal ieħor tal-Pulizija jkun jista', jekk irid, jidher u jagħmel kontro-eżami lix-xhieda.

Eżami mill-ġdid ta' xhieda jew eżami ta' xhieda ġodda fuq talba tal-imputat.
L-Avukat Ġenerali għandu jibgħat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni.
Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jiġi innotifikat.

(6) Ix-xiehda tax-xhieda meħudin taħt dan l-artikolu għandhom, bla ebda dewmien, jinbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali.

L-atti għandhom jinbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali.

Żmien għall-att tal-akkuża meta t-talba għall-eżami mill-ġdid ta' xhieda jew l-eżami ta' xhieda ġodda ssir mill-imputat.

(7) Meta t-talba għas-smigħ tax-xhieda ssir mill-imputat, iż-żmien li fih għandu jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jibda jgħodd mill-jum li fih l-atti tal-kompilazzjoni, flimkien max-xiehda tax-xhieda hekk mismugħa, ikunu ntbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali.

(8) Il-qorti għandha tmexxi sabiex tieħu kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub.

**406.** (1) Jekk l-att tal-akkuża jkun ġa ġie ippreżentat, it-talba tal-Avukat Ġenerali jew tal-imputat, imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandha ssir b'rikors lill-Qorti Kriminali. Dan ir-rikors għandu jkun fih lista tax-xhieda li jintalab li jinġiebu u fih għandu jingħad ċar fuqhiex dawk ix-xhieda għandhom jinsemgħu. Il-qorti, jekk tilqa' t-talba, għandha tordna li jinsemgħu x-xhieda u li, għal dan il-ħsieb, ir-rikors jiġi mibgħut lill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja, u din il-qorti msemmija l-aħħar għandha timxi skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu hawn fuq imsemmi.

Talba għas-smigħ mill-ġdid ta' xhieda jew għas-smigħ ta' xhieda ġodda wara li jkun ippreżentat l-att tal-akkuża.
*Emendat: III. 1880.5; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.40; IX. 1982.2; VIII. 1990.3.*

(2) Kemm-il darba l-atti tal-kompilazzjoni jkunu ġa ġew imqegħdin fir-reġistru tal-Qorti Kriminali, huma għandhom jiġu mir-reġistratur mibgħuta lill-Qorti tal-Maġistrati flimkien mar-rikors fuq imsemmi; u jekk l-atti jkunu għadhom għand l-Avukat Ġenerali, dan għandu jibgħathom lill-Qorti tal-Maġistrati mhux aktar tard mill-jum ta' wara dak li fih din l-istess qorti tkun ikkomunikatlu l-ordni tal-Qorti Kriminali, sabiex jinsemgħu x-xhieda kif huwa jew l-akkużat ikun talab.

(3) Il-Qorti tal-Maġistrati għandha tibgħat lura l-atti, flimkien max-xiehda, lill-Qorti Kriminali, meta tkun irċeviethom mingħand din il-qorti, u, f'każijiet oħra, lill-Avukat Ġenerali.

(4) It-talba għas-smigħ tax-xhieda fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu ma tiġix milqugħa ħlief meta l-qorti tkun sodisfatta li x-xhieda jkunu sejrin isiefru jew ikunu fil-periklu tal-mewt jew fi stat li aktarx ma jkunux jistgħu jidhru l-qorti dak in-nhar tal-kawża; u jekk ix-xhieda jinsemgħu wara li jkun għalaq iż-żmien li hemm mogħti fl-artikolu 438 għall-preżentata tan-nota tax-xhieda li għandhom jinġiebu fil-kawża, ix-xiehda tagħhom ma tistax tinġieb ħlief bil-permess tal-Qorti Kriminali, li jingħata biss meta din il-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, tkun tal-fehma li l-prova li

It-talba tiġi milqugħa biss f'xi każijiet.
Xiehda meħuda wara li jagħlaq iż-żmien stabbilit għall-preżentata tan-nota tax-xhieda, tista' biss tinġieb fil-kawża bil-permess tal-qorti.

tista' ssir b'dik ix-xiehda tkun rilevanti għall-kawża.

Żmien li fih għandha tingħalaq il-kompilazzjoni fil-każ li l-Avukat Ġenerali jikkontesta l-ġenn tal-imputat u fil-każ ta' smigħ ta' xiehda ġodda. *Emendat: XI. 1900.68.*

**407.** Fil-każijiet imsemmijin fl-ewwel biċċa tal-artikolu 402(5) u fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-kompilazzjoni għandha tingħalaq fiż-żmien li jingħad fl-artikolu 401(1), li jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-qorti tkun irċeviet l-atti.

Żjara lill-imputat matul il-kompilazzjoni. *Emendat: XI. 1900.68; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68.*

**408.** (1) Matul il-kompilazzjoni u sakemm l-atti jinbagħtu lill-Avukat Ġenerali, ħadd ma jista' jara lill-imputat, meta hu taħt arrest, jekk mhux bil-permess tal-maġistrat li jkun imexxi l-kompilazzjoni.

(2) Dan il-permess ma jingħatax jekk il-maġistrat ikun jidhirlu li jista' jkun ta' ħsara għall-finijiet tal-ġustizzja.

Meta l-kompilazzjoni tista' ssir bil-magħluq. *Miżjud: XI. 1900.69.*

**409.** (1) Il-qorti tista' tordna li l-kompilazzjoni titmexxa bil-magħluq, meta hija jidhrilha li l-kompilazzjoni bil-miftuħ tista' tkun ta' ħsara għall-finijiet tal-ġustizzja.

(2) F'dan il-każ, l-uffiċjali tal-qorti li jieħdu parti fl-atti tal-kompilazzjoni ma jistgħux igħidu xi jkun fihom dawk l-atti, taħt il-piena stabbilita fl-artikolu 257.

Rikors minn persuna miżmuma taħt arrest li tallega li qed tinżamm detenuta kontra l-liġi. *Miżjud: III. 2002.87.*

**409A.** (1) Kull min jallega li jkun qiegħed jiġi detenut kontra l-liġi taħt l-awtorità tal-Pulizija jew ta' xi awtorità pubblika oħra mhux f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi reat li dwaru qiegħed jiġi imputat jew akkużat f'xi qorti, jista' f'kull waqt jagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li għandu jkollha l-istess setgħat li għandha l-istess qorti bħala qorti istruttorja, fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-kustodja. Rikors bhal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ bl-urgenza u r-rikors flimkien mad-data tas-smigħ għandhom jiġu notifikati fl-istess jum li jsir ir-rikors sew lir-rikorrent sew lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-awtorità pubblika li taħt l-awtorità tagħha r-rikorrent ikun qiegħed jallega li qiegħed jiġi detenut kontra l-liġi. Il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-awtorità pubblika, skont il-każ, jistgħu jippreżentaw risposta sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ.

(2) Fil-jum appuntat għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tisma' fil-qosor lir-rikorrent u lill-intimat u kull prova relevanti li tinġieb minnhom biex isostnu s-sottomissjonijiet tagħhom, kif ukoll ir-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi li jmorru favur jew kontra l-legalità tad-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent.

(3) Jekk il-qorti, wara li tkun semgħet il-provi miġjuba u s-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrent u mill-intimat, jirriżultalha li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrent ma tkun imsejsa fuq ebda disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra li tkun tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent, din għandha tilqa' r-rikors. Jekk ikun xort'oħra l-qorti għandha tiċħad ir-rikors.

(4) Meta l-qorti tiddeċiedi li tilqa' r-rikors, l-inkartament tal-proċeduri, inkluża kopja tad-deċiżjoni tal-qorti, għandhom

jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jiġi minnufih wara, u l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jirċievi l-inkartament u jekk ikun tal-fehma li l-arrest u l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tal-persuna meħlusa mill-arrest kienu imsejsa fuq xi provvediment ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jikseb l-arrest mill-ġdid u l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tal-persuna hekk meħlusa mill-arrest. L-inkartament tal-proċeduri u d-deċiżjoni tal-qorti li jkunu ntbagħtu lill-Avukat Ġenerali taħt id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jigu ppreżentati flimkien mar-rikors tal-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti Kriminali.

---

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JGĦODDU GĦALL-QORTI TAL-MAĠISTRATI SEW BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI KEMM BĦALA QORTI ISTRUTTORJA

*Emendat: VIII. 1990.3.*

Jedd tal-kwerelant jew tad-difensur tiegħu li jkun preżenti fil-kawża. *Miżjud: VIII. 1909.42. Emendat: VI. 1930.2; III. 2002.88.*

**410.** (1) Fil-każijiet li fihom il-Pulizija Eżekuttiva taġixxi fuq kwerela tal-parti offiża, il-kwerelant jista' jkun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, jista' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali, jista jagħmel eżami jew kontro-eżami lix-xhieda u jġib, biex isaħħaħ l-akkuża kull prova oħra li l-qorti jkun jidhrilha li tista' tinġieb skont il-liġi.

Eżami b'ġurament tal-kwerelant.

(2) Meta l-kwerelant għandu jinsama' taħt ġurament, ix-xiehda tiegħu għandha tittieħed qabel dik tax-xhieda l-oħra tal-prosekuzzjoni, barra minn meta, fil-fehma tal-qorti, jinħass il-bżonn wara, f'xi waqt ieħor tal-kawża jew meta dik ix-xiehda tiġi mitluba mill-imputat f'kull waqt li jkun tal-kawża, jew meta l-qorti jidhrilha li hu sewwa li tbiddel l-ordni tal-provi.

Il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali.

(3) Fil-każijiet ta' proċeduri magħmulin mill-Pulizija *ex officio*, il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali, illi jista' jagħmel eżami u kontro-eżami lix-xhieda, iġib provi u jagħmel, sabiex isaħħaħ l-akkuża, kull osservazzjoni oħra li l-qorti jidhrilha li tista' ssir skont il-liġi.

Il-parti offiża tista' tkun preżenti fil-qorti waqt is-seduti.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6), parti offiża li jkollha interess li tkun preżenti matul proċeduri magħmulin mill-Pulizija jkollha l-jedd li tikkomunika dak l-interess lill-pulizija billi tagħti l-partikolaritajiet tagħha flimkien mal-indirizz fejn tkun toqgħod u malli jsir dan dik il-parti offiża għandha tiġi notifikata b'avviż li jkun fih id-data, il-post u l-ħin tal-ewwel smigħ f'dawk il-proċeduri u jkollha l-jedd li tkun preżenti fil-qorti matul dak is-smigħ u matul kull smigħ ieħor li jiġi wara wkoll jekk tkun xhud.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6), persuna li ma tiġix notifikata bl-avviż imsemmi fis-subartikolu (4) u li tkun qed tippretendi li hi parti offiża tista' titlob lill-Qorti li tiddaħħal fil-proċeduri bħala parti offiża u jekk il-pretensjoni tagħha li hija parti offiża tintlaqa' mill-qorti, minn dak il-waqt 'il

quddiem dik il-persuna jkollha l-jedd li tkun preżenti matul kull smigħ li jiġi wara wkoll jekk tkun xhud.

(6) Jekk l-avviż tad-data tal-ewwel smigħ ma jiġix notifikat lill-parti offiża wara li jkun sar tentattiv għaldaqshekk, jew jekk għal xi raġuni li tkun parti offiża tonqos milli tidher waqt xi seduta, dan ma għandux jipprekludi lill-qorti milli tipproċedi bis-smigħ tal-każ jew tal-kumpilazzjoni sakemm dawn jiġu konklużi.

Taxxar tad-drittijiet tad-difensuri fil-kawżi tal-Pulizija.
*Miżjud: XVI. 1921.6.*
Kap. 12.

**411.** (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija Eżekuttiva, id-drittijiet tal-avukat jew prokuratur legali jiġu intaxxati fuq it-tariffa fl-Iskeda Ċ li hawn ma' dan il-Kodiċi. It-taxxi ta' dawn id-drittijiet jistgħu jiġu attakkati u jista' jintalab il-ħlas tagħhom l-istess bħat-taxxi tal-ispejjeż imsemmijin fl-artikolu 253(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Ir-reġistratur, fl-intaxxar ta' drittijiet, jista' jitlob il-fehma tal-maġistrat li jkun sama' l-kawża, dwar l-importanza tal-akkuża, iż-żmien li tkun ħadet il-kawża u ċirkostanzi oħra. L-avukat jew prokuratur legali jista' jitlob ukoll lill-istess maġistrat biex jordna t-taxxa mill-ġdid tad-drittijiet fuq it-tariffa fl-Iskeda Ċ li hawn ma' dan il-Kodiċi.

Ġranet li fihom il-Qrati tal-Maġistrati tista' żżomm is-seduti.
*Emendat: XII. 1922.2; XXX. 1934.6; A.L 4 tal-1963; XXXI. 1966.2; XXVII. 1975.25; VIII. 1990.3; III. 2002.89.*
Kap. 252.

**412.** (1) Il-Qorti tal-Maġistrati għandha żżomm is-seduti ordinarji tagħha kuljum, minbarra s-Sibt, btajjel pubbliċi skont l-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, u l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Gimgħa l-Kbira.

Eċċezzjonijiet.

(2) Iżda, meta l-każ ikun sabiex il-ħati jiġi mġiegħel għall-obbligi msemmijin fl-artikoli 383 u 384, jew sabiex isiru atti li għandhom x'jaqsmu ma aċċessi jew atti oħra ta' kompilazzjoni msemmijin f'dan il-Kodiċi, jew f'każ ta' talba għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, jew f'każ ta' ħruġ ta' taħrikiet li ma jridux dewmien jew ta' smigħ ta' xhieda li jkunu sejrin isiefru jew li jkunu fil-periklu tal-mewt, il-maġistrat jista' joqgħod, biex imexxi l-proċeduri, fil-ġranet imsemmijin fis-subartikolu (1) u f'kull lok fejn ikun jinħtieġ.

Lok tas-seduti.

(3) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iżżomm is-seduti tagħha l-Belt Valletta, u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) żżomm is-seduti tagħha l-Belt Vittorja:

Iżda, l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', b'notifikazzjoni, jaħtar postijiet oħra li fihom il-qrati hawn fuq imsemmija, bħala qrati ta' ġudikatura kriminali, jistgħu jżommu s-seduti tagħhom:

*L-art. 3 tal-Ordinanza II tal-1867, ikkonsolidat.*

Iżda, minbarra dan, il-Qorti tal-Maġistrati, wkoll bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, tista' żżomm is-seduti tagħha fil-Lazzarett jew f'kull post ieħor li jidhrilha xieraq, meta l-akkużat

jew xi xhud ikun kwarantina, u l-qorti ma jkunx jidhrilha xieraq li tħalli l-kawża għal wara li tispiċċa l-kwarantina.

Kondizzjonijiet imposti fuq l-akkużat jew l-imputat li ma jkunx taħt arrest.
*Miżjud: III. 2002.90.*

**412A.** (1) Meta l-imputat jew l-akkużat li jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, ma jkunx taħt arrest, il-Pulizija tista' f'dak il-waqt stess jew f'kull stadju tal-proċeduri li jiġi wara titlob lill-Qorti li timponi xi kondizzjonijiet fuq l-akkużat jew l-imputat sabiex tiġi żgurata d-dehra fil-proċeduri ta' dik il-persuna fil-ħin u l-post stabbiliti jew sabiex jiġi xort'oħra żgurat li dik il-persuna ma tkun sejra b'ebda mod mhux leġittimu tindaħal fl-amministrazzjoni korretta tal-ġustizzja f'dawk il-proċeduri.

(2) Il-qorti tista' teħtieġ li tingħata garanzija biżżejjed mill-akkużat jew mill-imputat bl-obbligazzjoni biss tal-istess akkużat jew imputat sabiex jiġi żgurat li huwa jkun se jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu minnha u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 576 u 584 għandhom japplikaw għall-garanzija mogħtija taħt dan is-subartikolu.

(3) Is-somma li tingħata b'garanzija tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra l-imputat jew l-akkużat meta dik il-persuna tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u f'xi waħda miċ-ċirkostanzi l-oħra msemmija fl-artikolu 579, iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw meta l-qorti tikkunsidra li l-ksur tal-kondizzjoni imposta mill-qorti ma hiex ta' konsegwenza serja.

Rikors minn persuna arrestata, pendenti proċedimenti kriminali, li tallega arrest mhux leġittimu.
*Miżjud: III. 2002.90.*

**412B.** (1) Kull min ikun jinsab taħt arrest għal reat li dwaru jkun qed jiġi imputat jew akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li, f'kull stadju ieħor minbarra dak li jirreferi għalih l-artikolu 574A, jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu ma tkunx skont il-liġi, jista' f'kull waqt jagħmel rikors lill-qorti fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-arrest. Rikors bhal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ b'urġenza u flimkien mad-data tas-smigħ għandu jiġi notifikat fl-istess jum li jsir lill-Kummissarju tal-Pulizija jew, skont il-każ, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali, li jistgħu jippreżentaw risposta għalih sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 574A(2) u (3) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal rikors li jsir taħt dan l-artikolu.

(3) Meta r-rikors isir għar-rigward ta' proċeduri li jkunu għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja qabel ma jkun ġie ppreżentat att tal-akkuża u l-inkartament tal-inkjesta jkun għand l-Avukat Ġenerali għar-rigward ta' xi att tal-proċeduri, r-rikors isir quddiem il-Qorti Kriminali u għandhom *mutatis mutandis* japplikaw id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu dwar dak ir-rikors.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 409A(4) għandhom japplikaw għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati taħt dan l-artikolu.

Ordnijiet ta' Protezzjoni.
*Miżjud: XX. 2005.19.*
*Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

**412Ċ.** (1)Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa "l-akkużat") tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' inkjesta kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-qorti tista', minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

(2) Ordni ta' protezzjoni tista' timponi kull restrizzjoni jew projbizzjoni fuq l-akkużat li jistgħu jidhru lill-qorti bħala meħtieġa jew mixtieqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jingħata effett lil kull skop minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1).

(3) Bla ma tiġi limitata x-xorta tal-ordnijiet li jistgħu jinħarġu taħt is-subartikolu (1), ordni ta' protezzjoni tista' tagħmel dan li ġej kollu jew xi ħaġa biss minnu:

(*a*) tipprojbixxi jew tirrestrinġi akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiża jew ta' xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni; jew

(*b*) tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew sas-sentenza finali, ġewwa fond fejn il-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni, tkun qegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond; jew

(*ċ*) tipprojbixxi lill-akkużat milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna offiża jew lil xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni.

(4) Qabel ma toħroġ l-ordni, il-qorti għandha tqis:

(*a*) il-ħtieġa li tiżgura li l-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni jkunu protetti minn kull dannu jew molestja; u

(*b*) il-benesseri ta' tfal jew dipendenti oħra li jistgħu jintlaqtu mill-ordni; u

(*ċ*) il-ħtiġiet ta' akkommodazzjoni tal-persuni kollha li jistgħu jintlaqtu mill-ordni, b'mod partikolari tal-persuna offiża, it-tfal tagħha jew id-dipendenti l-oħra tagħha; u

(*d*) kull tbatija li tista' tkun kaġunata lill-akkużat jew lil xi persuna oħra minħabba li tkun saret l-ordni; u

(*e*) jekk l-akkużat ikunx irid jew le li jingħata dak it-trattament li l-qorti jista' jidhrilha li jkun xieraq; u

(*f*) kull materja oħra li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-qorti jidhrilha li tkun rilevanti:

Iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-materji li jinsabu fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*e*).

(5) Ordni ta' protezzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu, ta' mhux aktar minn tliet snin, speċifikat mill-qorti, iżda li jista'

jiġi revokat jew estiż għal perjodi ulterjuri.

(6) Kull parti fi proċedimenti li fihom tkun inħarġet ordni taħt dan l-artikolu jew kull individwu ieħor imsemmi fl-ordni, jista' jagħmel rikors quddiem il-qorti f'kull waqt għall-estensjoni, varjazzjoni jew revoka tal-ordni u wara li l-partijiet kollha jkunu ngħataw l-opportunità li jinstemgħu, il-qorti għandha, meta tiġi biex tiddetermina jekk testendix, tvarjax jew tirrevokax l-ordni, tqis il-materji speċifikati fis-subartikolu (4).

(7) Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li kull arma regolari jew arma irregolari, kif imfissra fl-artikolu 64, jiġu depożitati għand ir-reġistratur tal-Qorti.

Ordnijiet ta' Trattament. *Miżjud: XX. 2005.19. Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

**412D.** (1) Flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412Ċ u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, il-qorti tista' toħroġ ordni (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ordni ta' trattament") li tkun teħtieġ li persuna taċċetta li jsirilha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni:

Iżda meta persuna tinstab ħatja ta' reat, tista' ssir l-ordni ta' trattament mill-qorti bil-kunsens tal-ħati jew mingħajru u fil-każ ta' persuna akkużata b'reat, ordni ta' trattament tista' ssir biss bil-kunsens tal-akkużat.

(2) It-trattament jista' jkun ta' kull xorta minn dawk speċifikati fl-artikolu 7(5) tal-Att dwar il-*Probation*. Kap. 446.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 412Ċ(5) u (6) għandhom japplikaw għal ordni li ssir taħt dan l-artikolu.

(4) Jekk f'xi żmien matul il-perjodu li fih l-ordni tkun fis-seħħ tinġieb prova għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-persuna tkun naqset milli tikkonforma ruħha ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni, il-qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

*Sub-titolu III*

*Miżjud: XI. 1900.70. Emendat: VIII. 1990.3.*

FUQ L-APPELLI MIS-SENTENZI TAL-QORTI TAL-MAĠISTRATI BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

Appelli mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali. *Miżjud: XI. 1900.70. Emendat: I. 1903.25; VIII. 1909.43; IV. 1916.4; XVI. 1921.7; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; XXXII. 1986.8; VIII. 1990.3; III. 2002.91; IX. 2003.127; XXII. 2005.5; XXIV. 2014.57.*

**413.** (1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati -

(*a*) il-persuna misjuba ħatja;

(*b*) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:

(i) l-qorti inferjuri taqta' li ma jkollha ebda ġurisdizzjoni li tittratta r-reat;

(ii) il-fatt li dwaru jkun instab ħati l-imputat jista' jinkorri piena li tkun teċċedi l-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;

(iii) il-piena mogħtija mill-qorti inferjuri tkun, minħabba fix-xorta jew kwantità tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza;

(iv) l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f'li -

(*i*) l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat,

(*ii*) l-azzjoni tiġi estinta,

(*iii*) ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti;

(v) l-intimat, f'każ li fih ikun ġie permess li jipprova l-verità tal-fatt attribwit lill-kwerelant skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 253, jiġi dikjarat bħala eżenti mill-piena;

(vi) il-Pulizija, jew, skont il-każ, il-kwerelant ma jkunx ġie permess waqt il-kawża li jipproduċi, b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-liġi;

(vii) il-parti akkużata kienet inħelset minn xi waħda mill-obbligazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 321 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew fl-artikolu 377 ta' dan il-Kodiċi, jew mill-osservanza ta' xi projbizzjoni magħmula, jew mill-osservanza jew mill-esekuzzjoni ta' xi projbizzjoni jew ordnijiet magħmula jew mogħtija, mill-pulizija jew minn kull uffiċjal pubbliku ieħor, taħt il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew taħt kull liġi oħra; Kap. 10.

(viii) id-deċiżjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minħabba nuqqas ta' formalità jew minħabba ħtiġiet ta' proċedura;

(*ċ*) fil-każijiet l-oħra kollha, l-Avukat Ġenerali.

(2) Meta sentenza tingħata dwar diversi reati u appell taħt il-paragrafu (*ċ*) tas-subartikolu ta' qabel dan, jew taħt xi liġi oħra, ikun jista' jsir dwar xi wieħed minn dawk ir-reati, appell ikun jista' jsir dwar kull wieħed minn dawk ir-reati l-oħra li jkunu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura taħt l-artikolu 370(1) u li jkollu x'jaqsam ma' dak ir-reat.

Reati jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin meta -

(i) il-fatti tar-reati jkunu sostanzjalment l-istess; jew

(ii) reat ikun serva bħala mezz għall-għemil ta' reat ieħor; jew

(iii) il-prova ta' reat jew ċirkostanza tiegħu jkun jolqot mal-prova ta' reat ieħor jew ta' ċirkostanza tiegħu.

(3) Meta l-imputat jew il-kwerelat jiġi illiberat għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(*b*) (iv), (v) u (vi), il-qorti fis-sentenza għandha ssemmi biċ-ċar din ir-raġuni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullità tkun tagħti jedd ta' appell lill-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 373, lill-kwerelant.

Talba mill-Pulizija biex jintbagħtu l-atti tal-kawża lill-Avukat Ġenerali.
*Miżjud: XI. 1900.70. Emendat: VIII. 1909.44; XII. 1913.19; VI. 1947.11; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; III. 2002.92.*

**414.** (1) Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza, tibgħat lill-Avukat Ġenerali, bil-mezz tar-reġistratur, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.

(2) Fil-każ ta' sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża, u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub, jistgħu jinbagħtu bil-posta.

Appell mid-digrieti interlokutorji.
*Miżjud: XI. 1900.70.*

**415.** (1) L-appell minn digriet interlokutorju li ma jżommx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien mal-appell minn din is-sentenza.

(2) Jekk is-sentenza definittiva ma tkunx appellabbli, ma jingħatax lanqas appell mid-digriet interlokutorju.

(3) L-esekuzzjoni volontarja ta' digriet interlokutorju ma ġġibx li dan id-digriet ma jistax ikun appellat.

(4) L-appell mill-mertu tal-kawża jġib miegħu l-appell mid-digrieti interlokutorji, għalkemm dawn id-digrieti ma jkunux ġew imsemmijin speċifikatament.

Twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza minħabba l-appell tal-ħati li ma jkunx taħt arrest.
*Miżjud: XI. 1900.70.*
*Emendat: XII. 1914.12; XXX. 1934.7; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; III. 2002.93; XVI. 2006.10.*

**416.** (1) Il-persuna misjuba ħatja li ma tkunx taħt arrest għar-reat li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja tista', meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, kemm-il darba tagħti garanzija tajba, skont l-artikolu 577(1), li tidher għal kull att tal-kawża quddiem il-qorti superjuri kull darba li tiġi msejħa minn dik il-qorti; u f'dan il-każ igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 579, 581, 583, 585, 586 u 587.

(1A) Meta l-parti misjuba ħatja li ma tkunx taħt arrest għar-reat li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja tiġi kkundannata għal priġunerija jew detenzjoni u minnufih qabel is-sejbien ta' ħtija dik il-persuna kienet qed tgawdi l-ħelsien mill-arrest kif provdut fit-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi, il-kondizzjonijiet relattivi għal dak il-ħelsien mill-arrest, inkluż il-mod ta' garanzija u s-somma jew pleġġ ekwivalenti, jekk ikun il-każ, speċifikati fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, għandhom jibqgħu japplikaw b'żieda mal-garanzija meħtieġa taħt is-subartikolu (1) malli jinkiseb waqfien fl-esekuzzjoni tas-sentenza kif provdut f'dak is-subartikolu sew sakemm jiskadi ż-żmien biex ikun jista' jiġi ppreżentat l-appell jekk ma jiġi ppreżentat ebda appell, sew jekk xort'oħra sa meta jiġi deċiż l-appell.

Garanzija.

(2) Is-somma tal-garanzija tiġi stabbilita mill-qorti inferjuri skont ir-regoli miġjubin fl-artikoli 576 u 584:

Iżda meta l-kundanna tkun għal piena ta' flus biss, is-somma tal-garanzija għandha tkun daqs is-somma tal-piena, u f'dak il-każ il-qorti tista' titlob li l-garanzija għandha jew tkun fl-għamla ta' depożitu ta' somma daqs l-ammont imsemmi jew fl-għamla ta' garanzija bankarja, magħmula għas-sodisfazzjon tagħha, għall-ammont imsemmi; imma l-garanzija ma tkunx meħtieġa ħlief b'talba tal-prosekuzzjoni u meta jkun hemm raġuni tajba li tissodisfa l-qorti. F'dan il-każ, il-garanzija tiġi ordnata mill-qorti inferjuri, fiż-żmien li fih jista' jsir l-appell, jew mill-qorti superjuri, wara l-preżentata tal-appell.

Appell tal-persuna misjuba ħatja meta hi taħt arrest.

(3) Id-dikjarazzjoni tal-appell twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza għall-persuna misjuba ħatja li tkun taħt arrest u din il-persuna tista' taqla', fiż-żmien li hemm għall-appell u matul is-smigħ tal-appell, il-ħelsien mill-arrest, fil-każijiet li l-ħelsien mill-arrest jista' jingħata taħt id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi.

(3A) In-nuqqas li ssir dikjarazzjoni tal-appell kif maħsub fis-subartikolu (3) ma jkunx ta' ostakolu li l-parti misjuba ħatja tappella mis-sentenza sakemm l-appell isir fiż-żmien mogħti biex isir l-appell.

L-appell tal-Avukat Ġenerali jew tal-kwerelant ma jwaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza.

(4) F'ebda każ l-appell magħmul mill-Avukat Ġenerali jew mill-kwerelant ma jwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Meta l-appellant jonqos li jagħti garanzija.

(5) Meta l-persuna misjuba ħatja, wara li tiddikjara li trid tappella, tonqos li tagħti l-garanzija msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, hija tinżamm arrestata sakemm tagħti dik

il-garanzija, jew jekk le, sakemm jinqata-l-appell.

**417.** (1) L-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li għandu jiġi ippreżentat fi żmien tmint ijiem tax-xogħol, u, fil-każ ta' appell minn kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), fi żmien tnax-il jum tax-xogħol, li jibdew igħaddu, għall-persuna misjuba ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva, u, għall-Avukat Ġenerali, minn dak in-nhar li jirċievi l-atti:

Forma u żmien tal-appell.
*Miżjud:*
*XI. 1900.70.*
*Emendat:*
*I. 1903.26;*
*VIII. 1909.45;*
*VI. 1947.12;*
*XII. 1957.17;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXV. 1967.3;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.40;*
*VIII. 1990.3;*
*VI. 2001.2.*

Iżda fil-każ ta' appell minn kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ir-rikors tal-appell jista' jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti u jintbagħat permezz tar-reġistratur lir-reġistratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali flimkien ma kopja tas-sentenza, l-inkartament tal-proċedimenti u n-noti tax-xiehda mogħtija, jekk ikun hemm, kemm-il darba dawn ma jkunux diġà ġew hekk mibgħutin skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 414(2); iżda wkoll f'kull każ ta' appell minn tali sentenza kif hawn aktar qabel imsemmi, l-atti kollha li jiġu wara r-rikors tal-appell, sew jekk dak ir-rikors ikun ġie ppreżentat kif hawn aktar qabel imsemmi sew jekk fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jistgħu wkoll jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u jintbagħtu fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif hawn aktar qabel imsemmi.

(2) Kull min ikun ġie illiberat sew għal kollox sew taħt kondizzjoni jew li fil-każ tiegħu jkun ġie magħmul ordni ta' *probation* mill-Qorti tal-Maġistrati jista' jappella mid-dikjarazzjoni tal-ħtija tiegħu, fiż-żmien stabbilit fis-subartikolu (1), li jibda jgħaddi mill-ġurnata li fiha l-ordni għall-liberazzjoni jew l-ordni ta' *probation* jiġi magħmul. Fuq xi appell bħal dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali jkollha, b'żieda tas-setgħat skont dan is-sub-titolu, is-setgħa li temenda, tbiddel jew tħassar kull waħda mill-kondizzjonijiet jew ħtieġiet tal-ordni għal-liberazzjoni jew l-ordni ta' *probation.*

**418.** (1) Wieħed mill-imħallfin li ordinarjament joqgħod fil-Qorti tal-Appell Kriminali jew li ordinarjament joqgħod fil-Qorti Kriminali għandu joqgħod mingħajr ġuri fil-Qorti tal-Appell Kriminali għas-smigħ u deċiżjoni ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati.

Kostituzzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali għall-appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati.
*Miżjud:*
*XI. 1900.70.*
*Sostitwit:*
*XXV. 1967.4.*
*Emendat:*
*XXVII. 1975.40;*
*VIII. 1990.3;*
*XXXII. 1997.3.*

(2) Għas-smigħ ta' appelli minn deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha żżomm is-seduti tagħha f'Għawdex.

**419.** (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità -

X'għandu jkun fih ir-rikors tal-appell.
*Miżjud:*
*XI. 1900.70.*
*Emendat:*
*XII. 1913.20;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*I. 1984.2;*
*XXIV. 1995.362;*
*III. 2002.94.*

(*a*) il-fatti fil-qosor;

(*b*) ir-raġunijiet tal-appell;

(*ċ*) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.

(2) Jekk l-appell isir mill-Avukat Ġenerali, ir-rikors, taħt il-

piena ta' nullità, għandu jkun iffirmat minnu, u għandu jiġi, flimkien mal-atti tal-proċess, ippreżentat mill-ewwel fil-qorti superjuri:

Iżda ma jkunx hemm il-ħtieġa li r-reġistratur jinnota bil-miktub il-preżentata tal-atti tal-proċess.

(3) Jekk l-appellant ma jkunx l-Avukat Ġenerali, ir-rikors, taħt piena ta' nullità, għandu jkun iffirmat minn avukat, u għandu jiġi ppreżentat fir-reġistru tal-qorti li tkun tat is-sentenza li minnha jsir l-appell. Ir-reġistratur għandu, fi żmien jumejn tax-xogħol minn dak in-nhar li jirċievi r-rikors, jibgħat dan ir-rikors lill-qorti superjuri, flimkien ma' kopja tas-sentenza, max-xiehda, meta jkunu tniżżlu bil-miktub, u mal-atti kollha tal-proċess.

(4) Fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), ir-rikors, il-kopja tas-sentenza, ix-xiehda, jekk ikunu tniżżlu bil-miktub, u l-atti tal-kawża jistgħu jintbagħtu bil-posta.

Difiża bl-Avukat għal Għajnuna Legali.
*Miżjud: XI. 1900.70.*
*Emendat: XXI. 1971.27; XXIV. 1995.362.*
*Sostitwit: III. 2002.95.*

**420.** L-appellant kif ukoll l-appellat jista' jkun assistit mill-Avukat għall-Għajnuna Legali u għandhom japplikaw d-disposizzjonijiet tal-artikolu 570.

Avviż tal-ġurnata għas-smigħ tal-appell.
*Miżjud: XI. 1900.70.*
*Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; XXIV. 1995.362; III. 2002.96.*

**421.** (1) Avviż tal-ġurnata maħtura mill-qorti superjuri għas-smigħ tal-appell, għandu jiġi mogħti lill-partijiet u lill-parti offiża li tkun ġiet notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew iddaħħlet fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5) b'ordni bil-miktub iffirmat mir-Reġistratur tal-Qrati:

Iżda l-fatt li l-avviż tad-data tal-ewwel smigħ ma jiġix notifikat lill-parti offiża wara li jkun sar tentattiv għaldaqshekk, jew il-fatt li l-parti offiża tonqos għal xi raġuni milli tkun preżenti waqt xi seduta, m'għandux izomm lill-qorti milli tibqa' għaddejja bl-appell sakemm tingħata s-sentenza finali.

(2) Meta l-appellant ma jkunx l-Avukat Ġenerali, u l-kawża quddiem il-qorti inferjuri tkun ġibitha l-Pulizija, l-avviż fuq imsemmi, għall-appellat, għandu jingħata lill-Avukat Ġenerali.

(3) Il-parti offiża li tkun ġiet notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew iddaħħlet fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), tista' tkun preżenti waqt kull seduta tal-appell u tista' tqabbad avukat sabiex jassistiha għalkemm jista' jkun li ma tkunx ġiet notifikata bl-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) u għalkemm hija tista' tkun xhud fil-proċeduri; avukat imqabbad mill-parti offiża jista' jagħmel eżami jew kontro-eżami tax-xhieda u jagħmel kull sottomissjoni oħra li l-qorti tista' tqis li tkun ammissibbli.

(4) Għandu wkoll jingħata avviż bil-miktub, kif provdut fis-subartikolu (1), lill-parti li fl-assenza tagħha l-appell ikun ġie differit.

**422.** (1) Jekk, f'jum tas-smigħ tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tiegħu jingħadd deżert u s-sentenza appellata tiġi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ippreżentat fi żmien erbat ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell, u, f'dan il-każ, igħoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan.

Nuqqas ta' dehra tal-appellant. *Miżjud: XI. 1900.70. Emendat: III. 2002.97; XIII. 2002.9.*

(2) Meta ma jidhirx l-appellat, il-qorti tisma' l-appellant, u tagħti s-sentenza skont il-liġi.

Nuqqas ta' dehra tal-appellat.

(3) F'każ meta l-appellant kien ħieles mill-arrest kif provdut fl-artikolu 416(1A) u (3) qabel id-deżerzjoni tal-appell, it-talba tiegħu għal ħelsien mill-arrest tista' ssir fl-istess rikors imsemmi fis-subartikolu (1).

**423.** Jekk, fil-jum tas-smigħ tal-appell, l-appellant ikun taħt arrest, tgħodd id-disposizzjoni tal-artikolu 443(1).

Dehra tal-appellant taħt arrest. *Miżjud: XI. 1900.70.*

**424.** Quddiem il-qorti superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief -

(*a*) jekk jiġi ippruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-qorti inferjuri;

(*b*) jekk il-prova tkun ġiet offerta quddiem il-qorti inferjuri, u din il-qorti, bla ma kien imissha, ċaħdet din il-prova.

Meta jistgħu jinġiebu xhieda ġodda. *Miżjud: XI. 1900.70.*

**425.** Jekk xhud imħarrek jonqos li jidher, u l-qorti jidhrilha li hu meħtieġ li tisma' dak ix-xhud, il-qorti tista' tħalli s-smigħ tal-appell għal ġurnata oħra, u jgħoddu, sa fejn jistgħu jgħoddu, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 441. Kemm-il darba l-qorti ma tordnax xort'oħra, ix-xhieda għandhom jiġu mharrka mill-Pulizija Eżekuttiva b'dak il-mod li hemm provdut fl-artikolu 365.

Tħollija tal-kawża għal ġurnata oħra minħabba xhieda li ma jidhrux. *Miżjud: XI. 1900.70. Emendat: VIII. 1909.46; III. 2002.98.*

**426.** Meta, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 420, il-parti tkun assistita mill-Avukat għal Għajnuna Legali jew minn avukat ieħor maħtur floku mill-qorti, l-ispejjeż għat-taħrik tax-xhieda jsiru għall-mument mill-Pulizija.

Spejjeż għat-taħrik ta' xhieda meħtieġa mlll-parti assistita mill-Avukat għal Għajnuna Legali. *Miżjud: XI. 1900.70. Emendat: XXI. 1971.27.*

**427.** Bla ħsara tad-disposizzjoni tal-artikolu 422(2), il-qorti tisma' lill-appellant u lill-appellat, fl-ordni li jidhrilha li hu l-aħjar, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ordni li fih isir is-smigħ tal-kawża. *Miżjud: XI. 1900.70.*

Setgħa tal-qorti tal-appell.
*Miżjud:*
*XI. 1900.70.*
*Emendat:*
*XII. 1913.2l;*
*I. 1938.2;*
*VIII. 1990.3;*
*XXIV 1995.362;*
*III. 2002.99.*

**428.** (1) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-fatt miġjub fl-akkuża jġib reat suġġett għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, għandha tħassar is-sentenza, u tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi skont il-liġi.

(2) Jekk il-qorti ssib li l-fatt miġjub fl-akkuża ma kienx ta' kompetenza tal-qorti inferjuri li minnha ġie deċiż, imma hu ta' kompetenza ta' qorti inferjuri oħra, il-qorti superjuri għandha tħassar is-sentenza u tibgħat il-kawża lill-qorti kompetenti. Iżda f'dan il-każ l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti ma tiġix milqugħa -

(*a*) jekk ma tkunx ingħatat quddiem il-qorti inferjuri;

(*b*) jekk, wara li tkun ingħatat, tkun ġiet irrinunzjata espressament jew taċitament.

(3) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.

(4) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-appell, li jkun sar biss minħabba l-inkompetenza tal-qorti jew minħabba li tkun inkisret jew tkun naqset li ssir xi formalità, huwa mingħajr bażi, għandha tiddikjara dan u terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-qorti inferjuri.

(5) Meta l-appell isir minħabba l-inkompetenza tal-qorti jew minħabba li tkun inkisret jew tkun naqset li ssir xi formalità, u fl-istess ħin minħabba deċiżjoni ħażina tal-mertu tal-kawża, il-qorti superjuri, hekk issib li l-appell, għal dik li hija raġuni ta' inkompetenza jew ta' ksur jew ta' nuqqas ta' formalità, huwa mingħajr bażi, għandha tiddikjara dan u tiddeċidi l-mertu tal-kawża kif sejjer jingħad fis-subartikolu li ġej.

(6) Jekk l-appell ikun biss fuq il-mertu tal-kawża, il-qorti superjuri għandha tiddeċidi l-kawża billi twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell.

(7) Jekk l-appell isir biss mill-persuna misjuba ħatja, il-piena ma tistax tiżdied.

Dmir tar-reġistratur li jibgħat lill-qorti inferjuri kopja tas-sentenza tal-qorti tal-appell.

(8) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu, żmien tnax-il ġurnata tax-xogħol, jibgħat lill-qorti inferjuri, kopja tas-sentenza li tkun wettqet, biddlet jew ħassret is-sentenza appellata.

(9) Meta l-qorti inferjuri tkun il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-kopja tas-sentenza tista' tintbagħat bil-posta.

Deċiżjoni tal-ispejjeż mill-qorti ta l-appell.
*Miżjud:*
*XI. 1900.70.*
*Emendat:*
*VIII. 1909.47;*
*XXIV. 1995.362;*
*III. 2002.100;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**429.** (1) Meta, skont l-artikolu 380, għandhom jinqatgħu l-ispejjeż, il-qorti superjuri tiddeċidi wkoll min għandu jbati l-ispejjeż li jkunu saru fil-qorti inferjuri u fl-appell, u tiffissa d-drittijiet tal-avukat tal-parti l-waħda u l-oħra fl-appell bil-mod li jingħad fis-subartikolu (2) tal-artikolu hawn fuq imsemmi f'somma minn tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58) sa euro u erbgħin ċenteżmu (1.40) għal kull seduta. Għall-ħlas tal-ispejjeż hawn fuq imsemmija jitmexxa fil-qorti inferjuri bl-istess mod kif jingħad fl-artikolu 381.

(2) Fil-każijiet kollha l-qorti superjuri tista', jekk ikun jidhrilha li l-appell huwa fieragħ, tikkundanna l-appellant, barra milli għall-ispejjeż, fejn applikabbli, għall-ħlas ta' ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

Appell fieragħ.

(3) Jekk l-ammenda msemmija fis-subartikolu (2) ma titħallasx, tgħodd id-disposizzjoni tal-artikolu 13(2).

(4) Id-drittijiet li jmiss jitħallsu fl-appelli fil-kawżi meta l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, kif provdut fl-artikolu 373, jiġu intaxxati skont it-tariffi fl-Iskedi A u B li hawn ma' dan il-Kodiċi, u f'kull każ jinġabru mir-Reġistratur tal-Qrati.

---

## Titolu III

### FUQ L-AVUKAT ĠENERALI

**430.** (1) L-Avukat Ġenerali huwa l-prosekutur quddiem il-Qorti Kriminali.

Dmirijiet tal-Avukat Ġenerali.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.26, 40.*

(2) L-Avukat Ġenerali jakkuża fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u jipproċedi *ex officio* indipendentement mill-kwerela tal-offiż, barra minn meta, skont il-liġi, ma jistgħux jittieħdu proċeduri ħlief bi kwerela tal-parti offiża.

**431.** (1) Kemm-il darba mhux provdut xort'oħra f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra, il-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali jibdew minn dak in-nhar li jirċievi l-atti tal-kompilazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati.

Bidu tal-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali.
*Emendat:*
*XII. 1913.22;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.101.*

(2) Mill-jum imsemmi fis-subartikolu (1) u sakemm l-att tal-akkuża ma jiġix ippreżentat, ħadd ma jista' jara l-imputat, jekk ikun taħt arrest, ħlief bil-permess tal-Avukat Ġenerali. Għal dan il-permess tgħodd id-disposizzjoni tal-artikolu 408(2).

Żjara lill-imputat.

**432.** (1) L-Avukat Ġenerali għandu ż-żmien ta' xahar biex jippreżenta l-att ta' akkuża, illi jibda jgħodd minn dak inhar li jirċievi l-atti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan. Dan iż-żmien għandu, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, jiġi mġedded mill-qorti għal ħmistax-il jum ieħor, u, egħluq dan iż-żmien, mill-President ta' Malta għal ħmistax-il jum ieħor, u, meta l-fatt ikun tali illi biex tinstab ix-xorta sewwa tar-reat ikun meħtieġ bil-fors li jgħaddi żmien aktar twil, għal dan iż-żmien itwal:

Żmien għall-preżentata tal-att tal-akkuża.
*Emendat:*
*IV. 1856.31;*
*XI. 1900.71;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XIII. 1980.16;*
*XXIX. 1990.20.*

Iżda, jekk dan iż-żmien itwal jaqbeż erbgħin jum, l-imputat għandu l-jedd li jiġi meħlus mill-arrest taħt garanzija.

Tiġdid taż-żmien.

(2) Meta l-atti tal-kompilazzjoni jkunu difettużi billi ma jkunux tħarsu xi disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra dwar dawn l-atti, l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat l-atti lura lill-qorti li minn għandha jkun irċevihom, flimkien ma' talba bil-miktub biex il-qorti terġa' tibda mill-ġdid il-kompilazzjoni jew

Setgħa tal-Avukat Ġenerali li jibgħat lura l-atti tal-kompilazzjoni.

biex l-atti jiġu ikkorreġuti, skont iċ-ċirkostanzi, billi jsemmi d-difett u d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' dik il-liġi oħra li jkunu jgħoddu għall-każ.

Żmien għall-egħluq tal-kompilazzjoni ġdida jew għall-korrezzjoni ta' atti tal-kompilazzjoni.

(3) Il-qorti għandha, fi żmien ta' ħamest ijiem tax-xogħol illi jibdew igħoddu minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lilha bħal ma jingħad hawn fuq, (liema żmien fuq talba bil-miktub tal-qorti u għal raġuni tajba, il-President ta' Malta jista' jġedded għal ħamest ijiem oħra tax-xogħol), tagħlaq il-kompilazzjoni ġdida jew tikkorreġi l-atti, u tibgħathom lill-Avukat Ġenerali; u f'dan il-każ, iż-żmien għall-preżentata tal-att tal-akkuża jibda miexi minn dak in-nhar li l-Avukat Ġenerali jirċievi l-atti il-ġodda jew l-atti kif ikunu ġew ikkorreġuti.

Setgħa tal-Avukat Ġenerali li jillibera imputat,
*Emendat:*
*IV. 1856.32;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXV. 1967.5;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.40;*
*XIII. 1980.17;*
*VIII. 1990.3;*
*VI. 2007.4.*

**433.**[*] (1) Jekk l-Avukat Ġenerali jidhirlu li ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex iqiegħed lill-imputat taħt att ta' akkuża, jista', fiż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, b'mandat maħruġ taħt il-firma tiegħu, jordna l-liberazzjoni tal-imputat, u jippreżenta dikjarazzjoni fuq hekk fil-Qorti Kriminali.

li jċedi att ta' akkuża,

(2) L-Avukat Ġenerali jista' wkoll iċedi att ta' akkuża ġa ippreżentat, billi jagħmel dikjarazzjoni fuq hekk fil-qorti.

li jarresta persuna illiberata mill-Qorti tal-Maġistrati.

(3) Fl-aħħarnett, l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien xahar minn dak in-nhar li jkunu ġew lilu mibgħuta l-atti tal-kompilazzjoni, jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest ta' persuna illiberata mill-Qorti tal-Maġistrati. Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3A) u (3B) għandhom japplikaw għal rikors magħmul taħt dan is-subartikolu.

(3A) Ir-rikors għandu jiġi appuntat għas-smiegħ u għandu jiġi notifikat lill-persuna illiberata flimkien ma' avviż tad-data tas-smiegħ.

(3B) Meta l-Qorti Kriminali tkun tal-fehema illi hemm raġunijiet biżżejjed biex il-persuna illiberata tiġi mqiegħda taħt att ta' akkuża hija għandha minnufih toħroġ mandat għall-arrest ta' dik il-persuna; u f'dan il-każ, iż-żmien għall-preżentata tal-att ta' akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-arrest.

(3Ċ) Jekk il-persuna illiberata tonqos milli tidher għas-smiegħ mingħajr raġuni tajba l-Qorti għandha tordna l-arrest tagħha sabiex tidher għas-smiegħ tar-rikors.

Rapport lill-President ta' Malta.

(4) Fil-każijiet kollha msemmijin fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, l-Avukat Ġenerali għandu jibgħat rapport lill-President ta' Malta u fih jagħti r-raġunijiet li fuqhom ikun mexa.

[*]Ara d-disposizzjoni transitorja fl-artikolu 5 tal-Att VI tal-2007 rigward l-emendi għal dan l-artikolu.

(5) Iżda, jekk, minħabba n-nuqqas ta' ċirkostanzi li jġibu reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, l-Avukat Ġenerali jiddeċidi li ma jqegħidtx l-imputat taħt att ta' akkuża, iżda jkun jidhirlu li mill-kompilazzjoni jista' joħroġ reat ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, hu ma jordnax il-liberazzjoni tal-imputat, iżda jibgħat lura l-atti lil din il-qorti, u din il-qorti tiddeċidi fuq l-akkuża ta' dan ir-reat, indipendentement minn kull ċirkostanza oħra.

Setgħa tal-Avukat Ġenerali meta hu ta' fehma li r-reat hu ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

(6) Qabel ma ssib ħati jew tillibera l-imputat jew qabel ma tagħti provvedimenti oħra ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-qorti tista', fuq l-akkuża ta' dan ir-reat, tisma' provi oħra sew kontra kemm favur l-imputat.

Setgħa tal-qorti li tisma' provi oħra.

**434.** L-imputat, illi kontra tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx ordna l-arrest taħt is-subartikolu (3) tal-aħħar artikolu qabel dan, jew li jkun ġie illiberat minħabba li ma jkunx ġie ippreżentat l-att ta' akkuża, jibqa' dejjem suġġett għal proċedura mill-ġdid, li tinbeda regolarment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kull meta jinqalgħu provi ġodda.

Kompilazzjoni mill-ġdid fuq provi ġodda.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*VIII. 1990.3.*

Jissejħu "provi ġodda" dawk li fiż-żmien tal-liberazzjoni tal-imputat ma kinux jeżistu, jew ma kienx jaf bihom min kellu l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali.

Tifsir ta' "provi ġodda".

**435.** (1) L-Avukat Ġenerali jista' jiġbor u jġib provi oħra ma' dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni:

Setgħa tal-Avukat Ġenerali wara l-ġabra ta' provi oħra.
*Emendat:*
*IV. 1856.33;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*VIII. 1990.3.*

Iżda ma jista' jdaħħal fl-att tal-akkuża ebda reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħroġ mill-kompilazzjoni li tkun saret.

(2) Kemm-il darba minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu kif jingħad hawn fuq, l-Avukat Ġenerali jsir jaf b'reat ieħor li ma jkunx hekk imdaħħal fil-kompilazzjoni, hu għandu jibgħat lura l-atti kollha lill-Qorti tal-Maġistrati, u din il-qorti għandha tissokta l-kompilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor. F'dawn il-każijiet iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jerġa' jibda mill-ġdid, u l-ewwel żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati.

(3) Jekk ir-reat l-ieħor li, kif jingħad hawn fuq, ma jkunx imdaħħal fil-kompilazzjoni, ikun reat separat u iddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni, għandha tinbeda, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, kompilazzjoni ġdida u separata rigward dan ir-reat l-ieħor.

(4) Kull talba li jagħmel l-Avukat Ġenerali taħt dan l-artikolu għandha ssir bil-miktub.

**435A.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni għaliex jissuspetta li persuna tkun ħatja ta' reat rilevanti u d-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 4 għandhom japplikaw għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru li ssir applikazzjoni dwaru jew li jinħareġ bis-saħħa ta' dan is-subartikolu bħallikieku kien ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru li ssir applikazzjoni dwaru jew li jinħareġ taħt l-istess artikolu 4 tal-Att u b'mod partikolari, id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (12) u

Poteri ta' investigazzjoni speċjali.
*Miżjud:*
*III. 2002.102.*
*Emendat:*
*XXXI. 2007.18.*

(13) tal-imsemmi artikolu 4 għandhom ukoll japplikaw għal kull investigazzjoni għal reat rilevanti bis-saħħa ta' dan is-subartikolu.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta persuna tkun akkużata b'reat rilevanti u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Att għandhom japplikaw għal kull ordni li jinħareġ bis-saħħa ta' dan is-subartikolu bħallikieku kien ordni maħruġ taħt l-imsemmi artikolu 5.

(3) F'dan l-artikolu l-frażijiet "l-Att" u "reat rilevanti" għandhom l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilhom rispettivament bl-artikolu 23A(1).

Ħruġ ta' ordni ta' sorveljanza ta' operazzjonijiet bankarji.
*Miżjud: XXXI. 2007.19. Emendat: VII. 2010.30; XXIV. 2014.58; VIII. 2015.30.*

**435AA.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jkollu tassew għaliex jissuspetta li persuna tkun ħatja ta' reat rilevanti (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "persuna suspettata"), huwa jista' jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għal ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' sorveljanza") li biha bank jiġi mitlub jissorvelja għal perjodu speċifiku t-transazzjonijiet jew l-operazzjonijiet bankarji li jkunu qegħdin isiru permezz ta' xi kont wieħed jew aktar tal-persuna suspettata, jew permezz ta' kont wieħed jew aktar li jkun hemm suspett li intużaw fit-twettiq tar-reat jew li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-reat jew iċ-ċirkostanzi tiegħu, kemm qabel, matul jew wara t-twettiq tar-reat, inkluż xi kontijiet oħra f'isem il-persuni ġuridiċi. Il-bank għandu, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, jikkomunika lill-persuna jew lill-awtorità li tiġi indikata mill-Avukat Ġenerali, l-informazzjoni li tirriżulta minn dik is-sorveljanza.

(2) Meta tinħareġ jew isir rikors għal ordni ta' sorveljanza, kull min ikun jaf jew jissuspeta li s-sorveljanza qeda fis-seħħ jew sar rikors għaliha, jikxef li dik is-sorveljanza qeda fis-seħħ jew li sar rikors għaliha jew jiżvela xi ħaġa li x'aktarx tagħmel ħsara lill-operazzjoni tas-sorveljanza jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux aktar minn tnax-il elf euro (12,000) jew piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tnax-il xahar, jew għal multa u priġunerija flimkien:

Iżda fil-proċedimenti għal reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi ma kienx jaf jew ssupetta illi l-kxif kien x'aktarx ser jagħmel ħsara lill-operazzjoni ta' sorveljanza.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "reat rilevanti" tfisser reat, mhux wieħed ta' natura involontarja, li jkun jikkonsisti f'xi għemil jew nuqqas ta' għemil li kieku kellu jsir f'dawn il-gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikun jikkonsisti f'reat suġġett għal piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien ta' iktar minn sena.

Konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja lejn pajjiż barrani.
*Miżjud: XXXI. 2007.19.*

**435AB.** (1)B'mod konformi ma' u skont kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim li Malta tkun parti fih jew li jkun xort'oħra japplika għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jagħti l-kunsens tiegħu għall-konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja għall-fini ta' investigazzjoni li tkun ser issir jew li tkun

qegħda ssir minn xi awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta wara talba li ssir minn awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva f'Malta.

(2) Il-persuna konsenjata għandha tinżamm f'kustodja fil-post barra minn Malta lejn fejn hija tkun ġiet konsenjata.

(3) Kull żmien li jingħadda f'kustodja barra minn Malta għandu jitqies li jkun żmien mgħoddi f'kustodja f'Malta.

Poteri ta' investigazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' reati li jsiru proċedimenti dwarhom fi qrati barra minn Malta. *Miżjud: III. 2002.102. Emendat: XXXI. 2007.20.* Kap. 101.

**435B.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba li ssir minn awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali biex isiru investigazzjonijiet f'Malta dwar xi persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 435BA imsemmija "is-suspettat") li tkun suspettata minn dik l-awtorità jew qorti b'reat rilevanti, l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali għal ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru jew għat-tnejn li huma u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 24A tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan it-titolu msemmija "l-Ordinanza", għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dak ir-rikors u għas-suspettat u għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru magħmulin mill-qorti bħala riżultat ta' dak ir-rikors.

(2) Il-frażi "ordni ta' investigazzjoni" fis-subartikoli (2) u (5) tal-istess artikolu 24A tal-Ordinanza għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' investigazzjoni magħmula taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Il-frażi "ordni ta' sekwestru" fl-artikolu 24A(6A) tal-Ordinanza għandha tinqara u tiftiehem bħala li tinkludi ordni ta' sekwestru taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Ħruġ ta' ordni ta' sorveljanza ta' operazzjonijiet bankarji. *Miżjud: XXXI. 2007.21. Emendat: VII. 2010.31; XXIV. 2014.59; VIII. 2015.31.*

**435BA.** (1) Meta t-talba msemmija fl-artikolu ta' qabel issir bil-għan li jkun hemm sorveljanza ta' transazzjonijiet jew operazzjonijiet bankarji li jkunu qegħdin isiru permezz ta' xi kont wieħed jew aktar kontijiet ta' persuna suspettata b'reat rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 435AA(3) permezz ta' xi kont wieħed jew aktar tal-persuna suspettata, jew permezz ta' kont wieħed jew aktar li jkun hemm suspett li intużaw fit-twettiq tar-reat jew li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-reat jew iċ-ċirkostanzi tiegħu, kemm qabel, matul jew wara t-twettiq tar-reat, inkluż xi kontijiet oħra f'isem il-persuni ġuridiċi, l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għall-ħruġ ta' ordni ta' sorveljanza u għandhom *mutatis mutandis* japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 435AA.

(2) Meta persuna jew awtorità tkun indikata mill-Avukat Ġenerali kif stabbilit taħt l-artikolu 435AA, dik il-persuna jew awtorità għandha tittrasmetti t-tagħrif li jirriżulta mill-operazzjoni ta' sorveljanza lill-Avukat Ġenerali.

Konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja f'Malta.
*Miżjud: XXXI. 2007.21.*

**435BB.** (1) B'mod konformi ma', u skont kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim li Malta tkun parti fih jew li jkun xort'oħra japplika għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jagħti l-kunsens tiegħu għall-konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja fi Stat barrani għall-fini ta' investigazzjonijiet li jkollhom isiru jew li jkunu qegħdin isiru f'Malta wara talba ta' awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' dak l-Istat.

Kap. 101.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 30Ċ tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal persuna li tkun temporanjament konsenjata lejn Malta taħt is-subartikolu (1).

Konsenja temporanja ta' persuna li tkun qiegħda tinżamm f'kustodja lejn pajjiż barrani fuq talba ta' awtorità estera.
*Miżjud: VII. 2010.32.*

**435BĊ.** (1) B'mod konformi ma' u skont kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim li Malta tkun parti fih jew li jkun xort'oħra applikabbli għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista', bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jagħti l-kunsens tiegħu għall-konsenja temporanja ta' persuna li tkun qiegħda tinżamm f'kustodja għall-fini ta' investigazzjoni li tkun ser issir jew li tkun qiegħda ssir minn xi awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta wara talba li ssir minn dik l-awtorità.

(2) Il-persuna konsenjata għandha tinżamm f'kustodja fil-post barra minn Malta lejn fejn hija tkun ġiet konsenjata.

(3) Kull zmien li jingħadda f'kustodja barra minn Malta għandu jitqies li jkun żmien mgħoddi f'kustodja f'Malta.

Imblukkar ta' proprjetà ta' persuna imputata b'reati li jsiru proċedimenti dwarhom minn qrati barra minn Malta.
*Miżjud: III. 2002.102.*
*Emendat: XXXI. 2007.22.*

**435Ċ.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba li ssir minn xi awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali għall-qbid temporanju ta' kull jew parti mill-flus jew proprjetà, mobbli jew immobbli, ta' persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msemmija bhala "l-imputat") li tiġi akkużata jew imputata fi proċedimenti quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiż jew quddiem qorti internazzjonali dwar xi reat rilevanti, l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan it-titolu msemmija "ordni ta' mblukkar") li jkollha l-istess effett bħalma għandha ordni bħal dik imsemmija fl-artikolu 22A(1) tal-Ordinanza, u d-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 22A għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, japplikaw *mutatis mutandis* għal dik l-ordni.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24Ċ(2) sa (5) tal-Ordinanza għandhom japplikaw għal ordni li jsir taħt dan l-artikolu bħallikieku kien ordni magħmul taħt l-imsemmi artikolu 24Ċ.

(3) L-artikolu 22B tal-Ordinanza għandu wkoll japplika għal kull persuna li taġixxi bi ksur ta' ordni ta' mblukkar taħt dan l-artikolu.

Infurzar ta' ordnijiet ta' konfiska li jsiru minn qrati barra minn Malta wara sejbien ta' ħtija għal reati li jsiru proċedimenti dwarhom f'dawk il-qrati.
*Miżjud: III. 2002.102. Emendat: III. 2004.76; VIII. 2015.32.*

**435D.** (1) Ordni ta' konfiska li ssir minn qorti barra minn Malta li tkun tipprovdi jew ikollha l-iskop li tkun qed tipprovdi għall-konfiska jew it-teħid ta' xi proprjetà ta' xi persuna deskritta fl-ordni, jew li tkun fil-pussess jew fil-kontroll tagħha, għandha tkun esegwibbli f'Malta skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24D(2) sa (11) tal-Ordinanza.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "ordni ta' konfiska" tinkludi sentenza, deċiżjoni, dikjarazzjoni, jew ordni oħra magħmula minn qorti ta' ġurisdizzjoni sew kriminali sew ċivili li tkun tipprovdi jew li jkollha l-iskop li tipprovdi għall-konfiska jew it-teħid ta' proprjetà kif hemm deskritt fis-subartikolu (1).

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikoli 435B u 435Ċ:

"l-Att" u "l-Ordinanzi" għandhom l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilhom rispettivament bl-artikolu 23A(1);

"reat rilevanti" tfisser reat li jkun jikkonsisti f'xi att jew ommissjoni illi, li kieku jsiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, jikkostitwixxu reat, ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena.

Konsenji kontrollati u investigazzjonijiet flimkien ma' awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi oħra.
*Miżjud: IX. 2003.128. Emendat: III. 2004.77; XXXI. 2007.23.*

**435E.** (1) Minkejja kull ħaġa oħra li tinsab f'kull liġi oħra l-Avukat Ġenerali jkollu s-setgħa li jawtorizza lill-Pulizija Eżekuttiva u, fejn ikun xieraq, lill-awtoritajiet tad-Dwana sabiex iħallu li ssir konsenja kontrollata bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-għemil ta' xi reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew taħt il-liġijiet ta' pajjiż ieħor.

Kap. 101.

Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu "konsenja kontrollata" għandu jkollha l-istess tifsira *mutatis mutandis* li ngħatat lilha bl-artikolu 30B(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi b'dan illi l-konsenja illeċita jew suspettata li għaliha hemm riferenza f'dak is-subartikolu tista' għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu tkun tikkonsisti minn ħaġa ta' kull xorta tkun li tkun u li l-konsenja tista' tiġi interċettata u mħollija tkompli ssir bil-kontenut oriġinali tagħha bla mittiefes jew imneħħi jew mibdul għal kollox jew in parti.

(2) Bl-istess għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-għemil ta' reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew taħt il-liġijiet ta' pajjiż ieħor, l-Avukat Ġenerali jkollu wkoll is-setgħa li jawtorizza lill-Pulizija Eżekuttiva jew lil xi persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva biex takkwista jew tipprokura konsenja illeċita jew sospettata ta' kull ħaġa tkun li tkun mingħand kull persuna jew post ikun li jkun.

(3) Skont dak li jipprovdi xi arranġament, inkluż kull trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil, li tiegħu Malta tkun parti jew li jkun xort'oħra applikabbli għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista' jawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż ieħor sabiex f'Malta, flimkien ma' jew taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva, jagħmlu investigazzjonijiet dwar reati kriminali bil-mezz ta' uffiċjali li jaġixxu b'identità moħbija jew falza, b'dan li l-Avukat Ġenerali jkun sodisfatt mill-identità vera u mill-kariga uffiċjali tal-uffiċjali li jkunu u jkun informat għal

kollox dwar in-natura ta’ kull dokumenti li jidhru li jiggarantixxu, jiċċertifikaw jew jawtentikaw l-identità falza li jkunu ħadu dawk l-uffiċjali. Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra l-għemil jew użu ta’ dokumenti bħal dawk mill-awtoritajiet kompetenti jew minn dawk l-uffiċjali għall-għan ta’ jew matul dawk l-investigazzjonijiet awtorizzati kif ingħad għandu jitqies li jkun skont il-liġi u ma għandux iġib miegħu xi responsabilità ċivili, kriminali jew xort’oħra, ta’ dawk l-awtoritajiet jew uffiċjali.

(4) Kull uffiċjal minn pajjiż ieħor li jkun jieħu sehem f’xi waħda mill-operazzjonijiet li għalihom hemm riferenza fis-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi, għandu, għall-għan ta’ kull responsabilità kriminali taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra ta’ dak l-uffiċjal jew ta’ ħaddieħor għal għemil kontra dak l-uffiċjal, jitqies li jkun uffiċjal pubbliku.

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull uffiċjal minn xi pajjiż ieħor li jkun qiegħed jieħu sehem f’xi operazzjoni f’Malta tax-xorta msemmija fis-subartikolu (3) ukoll jekk ebda wieħed mill-uffiċjali li jkunu qegħdin jieħdu sehem fl-operazzjoni ma jkun qiegħed jopera taħt identità moħbija jew falza.

(6) Għall-għanijiet ta’ dan l-artikolu "awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiż ieħor" u "uffiċjal minn pajjiż ieħor" għandha tiftiehem li tinkludi uffiċjali ta’ korpi mwaqqfa b’mod konformi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea.

Kap. 460.

(7) Meta l-Avukat Ġenerali jkun awtorizza t-twaqqif ta’ grupp investigattiv konġunt skont m’hemm provdut fis-subartikolu (3), l-uffiċjali barranin li jkunu qegħdin jipparteċipaw f’dik l-investigazzjoni jkollhom jedd li jkunu preżenti meta jkunu qegħdin jittieħdu xi miżuri investigattivi u, jekk dawn ikunu hekk awtorizzati jagħmlu mill-uffiċjal kompetenti tal-Pulizija Eżekuttiva, li jadottaw miżuri eżekuttivi.

---

## Titolu IV

## FUQ IL-QORTI KRIMINALI

*Emendat: XXVII. 1975.40.*

Kif hija ikkostitwita l-Qorti Kriminali.
*Emendat: IX. 1857.1; V. 1868.24; Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 3; XI. 1900.72, 73; I. 1903.27; II. 1914.3; XVI. 1929.3; XVI. 1932.2; XV. 1937.6; XXV. 1967.6; XXVII. 1975.40; XIII. 1987.4.*

**436.** (1) Il-Qorti Kriminali tkun ikkostitwita minn wieħed mill-imħallfin li joqgħod flimkien ma’ ġuri sabiex tiġġudika kull reat li dwaru tista’ titmexxa azzjoni kriminali skont il-liġi f’Malta salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 370.

(2) Imiss lill-ġuri li jiddeċidi fuq dak kollu li għandu x'jaqsam dwar jekk l-akkużat hux ħati jew le, u fuq il-kwistjonijiet kollaterali msemmijin taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi; u jmiss lill-qorti li tiddeċidi fuq l-applikazzjoni tal-liġi għall-fatt kif jiġi iddikjarat mill-ġuri, kemm ukoll fuq kull punt ieħor ta' liġi jew tal-fatt dwar il-proċediment. Setgħa tal-ġuri u tal-qorti.

(3) Imiss ukoll lill-qorti - Setgħat oħra tal-qorti.

(*a*) li żżomm il-bon-ordni tas-seduta;

(*b*) li trieġi s-smigħ tal-kawża;

(*ċ*) li tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullità, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità.

(4) Il-qorti hija kompetenti wkoll biex tisma' u tiddeċidi kawżi fuq reati li, għalkemm ta' kompetenza inferjuri, jinġiebu quddiemha sew għax ikunu konnessi mar-reat aktar gravi miġjub fl-att tal-akkuża kemm għax ikunu magħmulin mill-istess persuna akkużata ta' dak ir-reat aktar gravi.

(5) Il-qorti hija wkoll in ġenerali kompetenti biex tisma' u tiddeċidi kawżi fuq reati ta' kompetenza inferjuri, u biex tapplika l-provvedimenti msemmijin fl-artikoli 377, 378, 383, 384 u 385 meta, wara s-smigħ tal-kawża, l-akkużat jinsab ħati ta' reat iżgħar, sew jekk ikun miġjub kemm jekk ikun kompriż jew involut fl-att tal-akkuża, inkella meta dawn il-provvedimenti jsiru meħtieġa.

(6) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-akkużat jista', mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara d-data tan-notifika tal-avviż imsemmi fl-artikolu 438(6) jew tal-ordni msemmi fl-artikolu 620(4), jippreżenta nota fir-reġistru tal-qorti li biha jagħżel li ġuri ma jiġix magħżul għall-kawża jew għad-deċiżjoni dwar kull kwistjoni kollaterali taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi, u kopja uffiċjali ta' dik in-nota għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax għall-kawża dwar ir-reat meta t-talba fl-att tal-akkuża tkun għal piena ta' priġunerija għall-għomor.

(7) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) m'għandhomx japplikaw għall-akkużat li jkun sab oġġezzjoni kif imsemmi fl-artikolu 370(3)(*d*).

(8) Meta akkużi kontra żewġ persuni jew aktar ikunu nġiebu f'att ta' akkuża wieħed u mhux l-akkużati kollha jkunu ippreżentaw in-nota msemmija fis-subartikolu (6), il-kawża tal-akkużat li jkun għażel li ġuri ma jiġix magħżul għall-kawża tiegħu għandha tinstema' wara li l-kawża tal-akkużat li ma jkunx ippreżenta n-nota msemmija tkun għaddiet b'ġudikat.

(9) Meta ssir l-għażla kif provdut fis-subartikolu (6) l-qorti għandha tkun kostitwita minn wieħed mill-imħallfin li joqgħod mingħajr ġuri, u d-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu u tas-Sub-titolu I tat-Titolu II u tat-Titolu V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta'

dan il-Kodiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Żjara lili-imputat.
*Emendat:*
*V. 1868.25;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*IX. 1982.2.*

**437.** (1) Wara l-preżentata tal-att tal-akkuża, ħadd ma jista' jżur l-imputat ħlief bil-permess tal-qorti, jew bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali.

(2) Il-qorti, qabel ma tagħti l-permess mitlub lilha, għandha tisma' lill-Avukat Ġenerali, fl-assenza tal-imputat u bil-magħluq. Il-qorti ma tagħtix il-permess ħlief meta hija sodisfatta li din iż-żjara ma tistax tkun ta' ħsara għall-finijiet tal-ġustizzja.

Notifika tal-att tal-akkuża lill-akkużat.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*III. 1976.2.*
*Sostitwit:*
*LIII. 1981.2.*
*Emendat:*
*IX. 1982.2;*
*XIII. 1987.5;*
*III. 2002.103.*

**438.** (1) Kopja uffiċjali tal-att tal-akkuża u tan-nota msemmija fl-artikolu 590(2) għandhom jiġu notifikati lill-akkużat.

(2) L-akkużat għandu, permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru tal-qorti mhux iktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data ta' dik in-notifika -

(i) jagħti avviż dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eċċezzjoni dwar l-ammissibbiltà tal-provi li jkollu l-ħsieb li jagħti, u

(ii) jindika x-xhieda u jipproduċi d-dokumenti u oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li juża fil-kawża,

u kopja uffiċjali ta' dik in-nota għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali.

(3) L-Avukat Ġenerali għandu, permezz ta' nota ippreżentata fir-reġistru tal-qorti mhux iktar tard minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika lilu tan-nota tal-akkużat, jagħti avviż ta' kull eċċezzjoni dwar l-ammissibbiltà ta' provi li jkollu l-ħsieb li jagħti.

(4) Malli jgħaddi ż-żmien imsemmi fis-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti għandha tistabbilixxi l-jum għas-smigħ tal-eċċezzjonijiet kollha u għandha f'dak il-jum tordna lir-reġistratur biex jaqra l-att tal-akkuża, u wara tgħaddi biex tiddeċidi fuq dawk l-eċċezzjonijiet qabel ma l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le:

Iżda l-qorti tista' *ex officio* jew fuq rikors tal-Avukat Ġenerali jew tal-akkużat titlob li dak li jrid jiġi ippruvat bix-xhieda, dokumenti jew oġġetti jiġi iddikjarat.

(5) Jekk l-ebda eċċezzjonijiet ma jkunu ġew mogħtija kif provdut fis-subartikoli (2) u (3), jew wara li jiġu deċiżi dawn l-eċċezzjonijiet, il-qorti għandha tistabbilixxi jum għas-smigħ tal-kawża.

(6) L-akkużat għandu jiġi notifikat b'avviż ta' din id-data u jingħata lilu mill-inqas għoxrin jum żmien biex jipprepara d-difiża. Il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni xierqa, u wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, testendi dan iż-żmien għal kull żmien ieħor li jidhrilha xieraq.

(7) Jekk, fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-kawża skont is-subartikolu (5), jew f'kull jum ieħor wara stabbilit għall-istess għan, il-kawża tiġi mħollija għal ġurnata oħra minħabba l-fatt li l-akkużat, mingħajr raġuni tajba, u għalkemm avżat skont il-liġi bil-jum stabbilit, jonqos milli jidher, jew minħabba l-fatt li għalkemm

jidher, il-kawża ma tkunx tista’ ssir għal xi raġuni imputabbli lill-akkużat u li l-Qorti tiddeċiedi li ma tkunx raġuni tajba, l-ispejjeż kollha li jkunu saru jeħilhom l-akkużat u l-qorti tista’, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, iġġiegħel lill-akkużat li jħallashom.

(8) L-akkużat jista’ jirrinunzja għall-jedd ta’ dan iż-żmien.

**439.** Il-kawżi jinstemgħu kull waħda meta jmissha, skont id-data li fiha jiġu ppreżentati l-atti tal-akkuża:

Ordni tas-smigħ tal-kawżi.

Iżda l-qorti tista’, meta tara li hemm raġuni tajba għal dan, tħalli għal darb’oħra, s-smigħ tal-kawża li lilha jkun imiss, u tgħaddi għas-smigħ ta’ kawża oħra.

**440.** (1) L-atti tal-kompilazzjoni, dokumenti u oġġetti ppreżentati fir-reġistru tal-qorti mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat jistgħu jarawhom l-Avukat Ġenerali u l-akkużat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu.

Min jista’ jara l-atti tal-kompilazzjoni, eċċ.
*Emendat:*
*IX. 1857.2;*
*III. 1880.6;*
*XI. 1900.74;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*LIII. 1981.3.*

(2) Ir-reġistratur għandu jqis li jagħmel kull ma jkun meħtieġ biex id-dokumenti, l-oġġetti u l-atti kollha jinżammu fl-istat li jkunu fil-ħin li jiġu ppreżentati.

Irfigħ tad-dokumenti, eċċ., mir-reġistratur.

(3) Ebda xhud, dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-noti jew li ma jkunux ġew ppreżentati kif provdut fl-artikolu 438, ma jista’ jinġieb fil-kawża mingħajr permess speċjali tal-qorti.

Xhieda, eċċ., li ma jistgħux jinġiebu ħlief bil-permess tal-qorti.

(4) Dan il-permess jingħata biss meta jinstab li l-prova hija rilevanti, u l-Avukat Ġenerali jew l-akkużat ma jkunx bata ħsara billi l-prova ma tkunx ġiet mogħtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-preżentata ma tkunx saret fiż-żmien speċifikat fl-artikolu 438.

Meta jingħata l-permess.

(5) Iżda, jekk matul il-kawża jintsab li hu meħtieġ jew utili li jinstema’ xi xhud, jew li wieħed ikollu taħt għajnejh dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-nota minn ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tista’ *ex officio* tordna li jissejjaħ ix-xhud u li tittieħed ix-xiehda tiegħu, jew li jinġieb id-dokument jew l-oġġett mhux imsemmi fin-nota.

Setgħa tal-qorti.

**441.** (1) Ix-xhieda għandhom jiġu msejħin b’taħrika, li għandha tkun innotifikata lil kull xhud mhux aktar tard mill-jum ta’ qabel il-kawża:

Taħrik tax-xhieda.
*Emendat:*
*IX. 1859.24;*
*V. 1868.26;*
*XI. 1900.75;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*VIII. 1990.3;*
*XXIV. 1995.362;*
*III. 2002.104.*

Iżda fil-każ imsemmi fis-subartikolu (5) tal-aħħar artikolu qabel dan, ix-xhud jista’ jkun imħarrek biex jidher minnufih jew f’ħin fiss matul dak in-nhar stess.

(2) It-taħrika tiġi innotifikata billi tingħata kopja tagħha lix-xhud, jew meta x-xhud ma jkunx faċli li jinstab, billi titħalla dik il-kopja fid-dar fejn soltu jkun joqgħod.

Notifika tat-taħrika.

(3) Jekk ix-xhud ikun joqgħod fil-Gżira ta’ Għawdex jew ta’ Kemmuna, ir-Reġistratur tal-Qrati jista’ jibgħat, ukoll bil-posta, il-kopja tat-taħrika lill-uffiċjal inkarigat mill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex), biex tkun innotifikata lix-xhud; u l-uffiċjal li jagħmel in-notifika, għandu jagħti r-riferta ta' din in-notifika, imwettqa bil-ġurament, f'idejn ir-reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), u dan għandu jibgħatha, ukoll bil-posta, lir-Reġistratur tal-Qrati.

Nuqqas, eċċ., ta' dehra ta' xhieda.

(4) Kull min, meta hekk imħarrek biex jixhed, jew biex jagħti l-fehma tiegħu bħala perit, ma jidhirx il-qorti fil-ħin imsemmi fit-taħrika, jew, għalkemm ikun deher, jitbiegħed qabel ma l-qorti tibagħtu, jiġi ikkundannat mill-qorti għall-ammenda u jista' jkun imġiegħel jidher biex jixhed b'mandat ta' akkumpanjament jew ta' arrest.

(5) Jekk, minħabba li xhud ma jidhirx, il-kawża tiġi mħollija għal ġurnata oħra, l-ispejjeż kollha li jkunu saru jeħilhom ix-xhud, u l-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali jew tal-akkużat, iġġiegħel lil dan ix-xhud li jħallashom:

Iżda l-qorti tista', f'kull żmien, meta tinġieb quddiemha raġuni tajba, taħfer l-ammenda u l-ispejjeż ukoll.

Setgħa tal-qorti li tħoll il-ġuri.

(6) Il-qorti tista', jekk jidhrilha li x-xiehda tax-xhud li jkun telaq qabel ma jkun ġie mibgħut, hija meħtieġa għall-finijiet tal-ġustizzja, tħoll il-ġuri u tħalli l-kawża għal ġurnata oħra.

Ħlas lix-xhieda tal-akkużat li jidher bl-Avukat għal Għajnuna Legali.
*Emendat: XXI. 1971.27.*

**442.** Meta d-difiża tal-akkużat issir mill-Avukat għal Għajnuna Legali, id-drittijiet li jmissu lix-xhieda li fil-fatt jinġiebu favur l-akkużat jitħallsu mill-Gvern bl-istess rata li hemm għax-xhieda tal-akkuża, iżda dan kemm-il darba l-Avukat għal Għajnuna Legali ikun wettaq bil-ġurament li, fil-fehma tiegħu, ix-xiehda ta' dawk ix-xhieda kienet meħtieġa għad-difiża u kemm-il darba wkoll l-akkużat ma jkollux mnejn iħallas dawk id-drittijiet minħabba l-faqar tiegħu.

Smigħ tal-kawża. Il-post tal-akkużat fil-qorti.
*Emendat: IV. 1856.34; IV. 1894.1, 2; XXX. 1934.8; XV. 1937.7.*

**443.** (1) Fil-ġurnata u fil-ħin stabbiliti għas-smigħ tal-kawża, jew għal xi kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-kawża, l-akkużat jitqiegħed, mingħajr irbit, fil-post iddestinat għaldaqshekk.

Ċitazzjoni tal-akkużat meta mhux taħt arrest.

(2) Jekk l-akkużat ma jkunx taħt arrest, hu għandu jiġi msejjaħ biex jidher b'ċitazzjoni, u, jekk jonqos li jidher, jiġi ordnat l-arrest tiegħu; jekk ikun taħt arrest, huwa jinġieb fil-post fuq imsemmi bil-mod li jkun meħtieġ sabiex ma jkunx jista' jaħrab.

Imġieba ħażina tal-akkużat.

(3) Jekk l-akkużat jittanta jagħmel vjolenza, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex dan ma jsirx.

Post fejn jinżammu x-xhieda matul il-kawża.
*Emendat: V. 1868.27; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; III. 2002.105.*

**444.** Matul il-kawża x-xhieda għandhom jinżammu f'lok għalih mnejn ma jistax jinstema' dak li jkun jingħad fil-qorti. Mhux permess li x-xhieda jerġgħu lura f'dak il-lok wara li jixhdu; imma meta aktarx ikun meħtieġ li huma jkollhom jiġu mismugħa mill-ġdid fuq xi ċirkostanza partikulari, għandhom jinżammu għalihom mifrudin mix-xhieda l-oħra li jkunu għadhom ma xehdux:

Setgħat tal-qorti.

Iżda, il-qorti tista', bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat, tħalli li xhud joqgħod fl-awla waqt is-smigħ tal-kawża:

Iżda wkoll, il-qorti tista', għad li jkun hemm l-oppożizzjoni

tal-parti l-waħda jew l-oħra, tagħti dan il-permess lil xhieda li jixhdu fuq ħwejjeġ tal-professjoni tagħhom jew bħala periti, meta l-istess qorti jkun jidhrilha li hu meħtieġ għall-finijiet tal-ġustizzja li dawk ix-xhieda jisimgħu x-xiehda ta' xhieda oħra.

**445.** Jekk l-akkużat jidher bla difensur, il-qorti għandha tgħarrfu li huwa għandu l-jedd li jkun assistit minn avukat.

Jekk l-akkużat jidher bla difensur.

**446.** (1) Kull eċċezzjoni kontra l-imħallef għandha tingħata, u mill-qorti tinqata', qabel il-qari tal-att tal-akkuża meta l-akkużat jitqiegħed fl-isbarra, fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-eċċezzjonijiet preliminari, jew, jekk l-ebda eċċezzjoni ma tkun ingħatat, fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-kawża.

Eċċezzjoni kontra mħallef. L-eċċezzjoni għandha tingħata u tinqata' qabel il-qari tal-att tal-akkuża. *Emendat: IV. 1856.35; IX. 1857.3; Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 4; XVI. 1929.4; XVI. 1932.3; A.L. 46 tal-1965; XXV. 1967.7; LVIII. 1974.68; LIII. 1981.4; IX. 1982.2; III. 2002.106.*

(2) L-imħallef ma jistax jiġi rikużat mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat, lanqas jista' jastjeni ruħu, f'ebda kawża, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minħabba li r-reat ikun sar bi ħsara tiegħu, ta' żewġ jew mart l-imħallef, jew ta' xi ħadd li jiġi minnu mid-demm jew imħallat miegħu bi żwieġ fil-gradi msemmijin fil-paragrafi (*a*) u (*b*) ta' dak l-artikolu.

Raġuni li għaliha mħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastieni ruħu. Kap. 12.

(3) L-imħallef li, qabel il-qari tal-att tal-akkuża, ikun jaf li hemm xi waħda mir-raġunijiet li għaliha jista' jiġi rikużat, jew li għaliha jista' jastjeni ruħu, għandu jiddikjara l-astensjoni tiegħu u jagħti r-raġuni tagħha.

Dikjarazzjoni ta' astensjoni.

(4) Din id-dikjarazzjoni tista' ssir bil-miktub qabel il-ġurnata tas-smigħ tal-kawża, u, f'dan il-każ, għandhom jiġu innotifikati biha l-Avukat Ġenerali u l-akkużat, u jitqies li l-astensjoni ġiet minnhom aċċettata, jekk, żmien jumejn minn dak in-nhar li jiġu innotifikati, ebda wieħed minnhom ma jiddikjara, bil-mezz ta' nota, li hu bi ħsiebu jopponiha.

Id-dikjarazzjoni tista' ssir bil-miktub qabel il-ġurnata tas-smigħ tal-kawża,

(5) Din id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-fomm dak in-nhar tas-smigħ tal-kawża; f'dan il-każ kull oppożizzjoni għandha ssir minnufih wara d-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija.

jew bil-fomm dak in-nhar tas-smigħ tal-kawża.

(6) Meta tingħata l-eċċezzjoni tar-rikuża jew issir l-oppożizzjoni għall-astensjoni, il-qorti tiddeċidi fuq il-kwistjoni qabel il-qari tal-att tal-akkuża.

Il-kwistjoni għandha tinqata' qabel il-qari tal-att tal-akkuża.

(7) Wara li jinqara l-att tal-akkuża, l-imħallef ma jistax jiġi rikużat, u lanqas ma jista' jastjeni ruħu, ħlief meta r-raġuni tal-eċċezzjoni ta' rikuża jew astensjoni ssir magħrufa wara li jinqara l-imsemmi att tal-akkuża.

L-astensjoni jew ir-rikuża ma jistgħux isiru wara l-qari tal-att tal-akkuża.

Setgħa tal-imħallef għad li jkun hemm ir-rikuża jew l-astensjoni.

(8) L-imħallef, għalkemm ikunu jinsabu fih raġunijiet li għalihom jista' jiġi rikużat, jew għalkemm ikun astjena ruħu, huwa b'dan kollu kompetenti, bħall-imħallef li jkun ġie surrogat floku, biex joħroġ u jiffirma ċitazzjonijiet jew mandati, u biex jagħti digriet jew provvedimenti li jkunu meħtieġa, sew qabel il-qari tal-att tal-akkuża kemm wara li tingħata s-sentenza.

Surroga b'imħallef ieħor.
*Emendat:*
*IV. 1856.36;*
*XIII. 1964.26;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.40.*

**447.** (1) Meta l-imħallef jiġi rikużat jew jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża, jiġi maħtur imħallef ieħor floku mill-President ta' Malta.

(2) Jekk ebda wieħed mill-imħallfin għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jkun jista' joqgħod fil-kawża, il-President ta' Malta jista' jissurroga aġenti mħallfin.

Ġurament ta' kariga mill-imħallef surrogat.
Kap. 12.

(3) Aġent imħallef għandu, meta jiġi ssurrogat, jieħu l-ġuramenti preskritti fl-artikolu 10 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Ir-raġunijiet tar-rikuża jgħoddu għall-imħallef surrogat.

(4) L-imhallef surrogat jista' jiġi wkoll rikużat għar-raġunijiet imsemmija.

Qari tal-att tal-akkuża lill-akkużat.
*Sostitwit:*
*LIII. 1981.5.*

**448.** Meta l-ebda eċċezzjonijiet ma jkunu ngħataw kif provdut fl-artikolu 438, il-qorti għandha tordna lir-reġistratur biex jaqra l-att tal-akkuża.

Eċċezzjonijiet li għandhom jingħataw u jinqatgħu wara l-qari tal-att tal-akkuża.
*Emendat:*
*IV. 1856.37;*
*IX. 1857.4;*
*V. 1868.28;*
*VI. 1871.32, 33;*
*XI. 1900.76;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXV. 1967.8;*
*XXVII. 1975.40.*
*III. 1976.3;*
*XIV. 1976.2;*
*LIII. 1981.6;*
*III. 2002.107.*

**449.** (1) L-eċċezzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:

(*a*) eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti;

(*b*) eċċezzjoni ta' nullità jew ta' żball fl-att tal-akkuża;

(*ċ*) eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni;

(*d*) eċċezzjoni ta' ġudikat li bih l-akkużat kien ġa' ġie misjub ħati jew illiberat;

(*e*) eċċezzjoni tal-ġenn tal-akkużat fiż-żmien tal-kawża;

(*f*) eċċezzjoni tal-ġenn fiż-żmien tar-reat jew kull eċċezzjoni ta' kull punt ieħor ta' fatt li jneħħi l-imputabiltà tal-akkużat jew illi minħabba fih il-kawża m'għandhiex titmexxa għal mument, jew f'ebda żmien ieħor 'il quddiem; u

(*g*) bla ħsara tad-disposizzjoni tal-artikolu 446(1), kull eċċezzjoni preliminari oħra,

jistgħu jingħataw biss jekk ikun ingħata dwarhom avviż bil-miktub kif provdut fl-artikolu 438(2):

Iżda l-qorti tista' tawtorizza li jingħataw dawk l-eċċezzjonijiet għal raġuni li tkun inqalgħet wara ż-żmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ippreżentata fir-reġistru tal-qorti.

(2) *Mħassar bl-Att III. 2002.107.*

(3) Iżda, l-eċċezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), minbarra l-eċċezzjoni tar-rikuża ta' imħallef jew l-eċċezzjoni ta'

żball fl-att tal-akkuża, jistgħu jingħataw, wara l-verdett tal-ġuri u qabel is-sentenza, meta l-ħtieġa tagħhom titnissel minn fatt jew ċirkostanza ta' fatt li tiġi iddikjarata espressament mill-ġuri.

(4) Kull punt ta' fatt illi, mingħajr ma jneħħi l-imputabbiltà tal-akkużat jew il-kapaċità tiegħu li joqgħod fil-kawża, ikun tali li minħabba fih l-akkużat m'għandux ikun suġġett għal piena, jista' jinġieb 'il quddiem ukoll wara l-verdett tal-ġuri.

In-nuqqas ta' kompetenza u n-nullità tal-att tal-akkuża jistgħu jinġiebu 'l quddiem mill-qorti *ex officio.*

(5) L-inkompetenza tal-qorti u n-nullità tal-att tal-akkuża jistgħu jinġiebu wkoll 'il quddiem mill-qorti *ex officio,* sew qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-akkuża kemm wara l-verdett tal-ġuri:

Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi;

(*b*) meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att.

(6) Meta tiġi iddikjarata l-inkompetenza tal-qorti jew in-nullità tal-att tal-akkuża, l-akkużat jarġa' jiġi mqiegħed fl-istess stat li kien qabel ma ġie ippreżentat l-att tal-akkuża. Iżda meta tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni jew l-eċċezzjoni tal-ġudikat ta' qabel, l-akkużat jiġi illiberat.

Mistoqsija lill-akkużat jekk hux ħati skont l-att tal-akkuża.

**450.** Wara li jinqatgħu l-eċċezzjonijiet preliminari jew jekk ebda eċċezzjoni ta' din ix-xorta ma tiġi mogħtija, l-akkużat jiġi mistoqsi jekk hux ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu fl-att tal-akkuża.

Regoli li għandhom jitħarsu meta l-akkużat hu trux-u-mutu, eċċ. *Emendat: VIII. 1857.15; XXX. 1934.9.*

**451.** (1) Meta l-akkużat ikun trux-u-mutu u jkun jaf jikteb, dak kollu li hu miġjub fl-att tal-akkuża għandu jiġi mfisser, u l-mistoqsija msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan għandha ssir, lill-akkużat, bil-miktub, u huwa għandu jwieġeb bil-miktub; u f'dan il-każ, it-tifsir, il-mistoqsija u t-tweġiba għandhom jinqraw fil-pubbliku mir-reġistratur, u għandhom jiġu mqiegħda quddiem il-qorti u quddiem il-ġuri, u mbagħad għandhom jintrefgħu mal-atti tal-qorti.

(2) Jekk l-akkużat ikun trux-u-mutu u ma jkunx jaf jikteb, il-qorti għandha, *ex officio*, taħtar, bħala interpretu, persuna li tkun imdorrija miegħu, jew persuna oħra li jkollha l-ħila tifhmu.

(3) Meta l-akkużat ikun mutu, iżda mhux trux, it-tifsir u l-mistoqsija għandhom isirulu bħal ma jsiru lil kull akkużat ieħor. Jekk ikun jaf jikteb, iwieġeb bil-miktub; jekk ma jkunx jaf jikteb, jiġi mogħti lilu interpretu.

(4) Il-qorti tista', meta jidhrilha li hu meħtieġ, tagħmel igħoddu id-disposizzjonijiet dwar it-torox-u-muti, għall-akkużat li jkun trux biss.

Ħatra ta' interpretu.
*Emendat:*
*V. 1868.29;*
*XVI. 1932.5;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

**452.** (1) Ħlief fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, l-interpretu ma jistax jiġi maħtur minn fost il-ġurati, id-difensuri, ix-xhieda, il-periti, jew il-persuni l-oħra li jkunu fis-servizz tal-qorti jew tal-Avukat Ġenerali, eċċettwat l-interpretu uffiċjali. Iżda, il-partijiet jistgħu jagħmlu oppożizzjoni għall-interpretu uffiċjali, kif ukoll għal kull persuna oħra li tkun maħtura biex tagħmilha ta' interpretu, qabel xejn ma huwa jibda d-dmirijiet tiegħu, u din l-oppożizzjoni tiġi deċiża mill-qorti.

(2) Iżda, il-qorti tista' ssejjaħ bħala interpretu kull persuna li tkun fis-servizz tal-qorti, meta tkun sodisfatta li saret tfittxija biżżejjed u li ebda persuna oħra tajba biex taqdi d-dmirijiet ta' interpretu ma setgħat tinsab.

(3) Il-persuna maħtura bħala interpretu, meta ma tkunx tinsab ġewwa l-edifizzju fejn toqgħod il-qorti, tiġi msejħa b'taħrika.

(4) Kull persuna li tkun toqgħod f'Malta illi, meta tkun maħtura bħala interpretu, mingħajr raġuni tajba, tonqos li tidher fil-ħin u fil-lok mogħtijin mill-qorti, jew tirrifjuta li tagħmilha ta' interpretu, inkella titbiegħed mill-qorti qabel ma tiġi mibgħuta, tista' titqies bħala xhud li jonqos li jidher biex jixhed, jew li, meta jidher, jirrifjuta jagħti x-xiehda tiegħu, jew li jitbiegħed mill-qorti qabel ma jiġi mibgħut.

(5) Id-disposizzjoni tal-artikolu 633(2) tgħodd għall-interpretu jekk dan ikun żewġ jew mart l-akkużat, jew jiġi minnu mid-demm fil-gradi msemmijin f'dak l-artikolu, inkella jekk ikun hemm xi ċirkostanza partikulari oħra.

(6) L-interpretu maħtur mill-qorti, meta ma jkunx persuna fis-servizz tal-Gvern, għandu jedd għal hlas li l-istess qorti tiffissalu skont iċ-ċirkostanzi.

Meta l-akkużat jistqarr li hu ħati.
*Emendat:*
*VIII. 1909.48.*

**453.** (1) Jekk l-akkużat, bħala tweġiba għall-mistoqsija li għandha ssir skont l-artikolu 450, jistqarr li hu ħati tar-reat, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jarġa' lura minnha. Iżda jekk l-akkużat jibqa' jtenni dik it-tweġiba, din it-tweġiba tiġi irreġistrata u l-qorti tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat.

Dmir tal-qorti.

(2) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat *in genere* kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr, tordna li l-kawża titmexxa 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.

Sentenza fuq talba tal-partijiet.
*Miżjud:*
*III. 2002.108.*
*Emendat:*
*XIII. 2002.9.*

**453A.** (1) Qabel ma l-imputat iwieġeb dwar il-każ b'mod ġenerali kif hemm provdut fl-artikolu 453, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jitolbu lill-qorti, fil-każ li jkun hemm ammissjoni ta' ħtija, li tapplika sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom.

(2) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu (1) ikunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 453(2) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.

(3) Meta l-Avukat Ġenerali u l-imputat jaqblu li s-sentenza li għandha tingħata tkun tikkonsisti f'perjodu ta' priġunerija li għandu jkun sospiż skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28A u l-ftehim ma jinċaħadx mill-qorti kif provdut fis-subartikolu (2), dak il-ftehim m'għandu b'ebda mod jolqot il-poter li għandha l-qorti li tagħmel ordni taħt l-artikolu 28G jew 28H jew it-tnejn.

(4) Meta l-Avukat Ġenerali u l-imputat jaqblu li għandha tiġi applikata miżura li jkun hemm provdut dwarha taħt l-Att dwar il-*Probation*, u l-ftehim ma jkunx miċħud mill-qorti kif provdut fis-subartikolu (2) dak il-ftehim m'għandu b'ebda mod jolqot il-poter li għandha l-qorti li tagħmel ordni taħt l-artikolu 11 tal-imsemmi Att. Kap. 446.

(5) Sentenza li tingħata fuq talba tal-partijiet kif provdut f'dan l-artikolu m'għandhiex tolqot xi kwistjoni msemmija fl-artikolu 25(3)(*a*) sa (*b*) tal-Att dwar il-*Probation*. Kap. 446.

Reġistrazzjoni tat-tweġiba tal-akkużat li mhux ħati.
*Emendat: IX. 1857.5; III. 1880.7; Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 7; XVI. 1932.6; XXX. 1934.10; XX. 1936.2; XXXII. 1965.8; A.L. 46 tal-1965; XXV. 1967.9; LVIII. 1974.68; LIII. 1981.7; IX. 1982.2.*

**454.** (1) Jekk l-akkużat iwieġeb li mhux ħati, din it-tweġiba għandha tiġi reġistrata.

Meta l-proċeduri għandhom isiru b'ilsien Ingliż. Kap. 189.

(2) Meta, skont l-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu tal-Ilsien Ingliż), il-proċeduri għandhom isiru bl-ilsien Ingliż, il-qorti għandha, jekk l-ebda eċċezzjonijiet ma jkunu ingħataw kif provdut fl-artikolu 438, jew wara li jiġu deċiżi dawk l-eċċezzjonijiet, taħtar il-ġurnata għas-smigħ tal-kawża quddiem ġuri speċjali magħżul mill-persuni mdaħħlin fil-lista tal-ġurati speċjali għall-kawżi kontra persuni li jitkellmu bl-Ingliż, skont id-disposizzjoni tal-artikolu 605.

Ħatra tal-ġuri.

(3) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-kawża l-qorti tgħaddi 'l quddiem għall-ħatra tal-ġuri u għas-smigħ tal-kawża.

Jekk l-akkużat ma jweġibx biss li hu ħati jew jekk jibqa' sieket.

(4) Jekk l-akkużat ma jweġibx biss li hu ħati, kull tweġiba oħra, jew is-skiet tiegħu, jittieħed bħallikieku huwa wieġeb li mhux ħati.

L-akkużat m'għandux jiġi mistoqsi fuq il-fatti li fuqhom ikun akkużat.

(5) Il-qorti, l-Avukat Ġenerali u l-ġuri, matul il-kawża, ma jistgħu jagħmlu ebda mistoqsija oħra lill-akkużat fuq il-fatti li fuqhom huwa jkun akkużat.

Qari tal-att tal-akkuża lill-ġuri. *Emendat: V. 1868.30.*

**455.** (1) Hekk kif jingħata l-ġurament lill-ġuri, ir-reġistratur jaqra l-att tal-akkuża, li tiegħu tingħata kopja lill-ġuri; u jaqra wkoll lill-ġuri kull ma jkun tniżżel fuq il-mistoqsija msemmija fl-artikolu 450.

Smigħ ta' aktar minn kawża waħda fl-istess ġurnata.

(2) Meta l-qorti jidhrilha li jistgħu jiġu mismugħa, waħda wara l-oħra, żewġ kawżi jew aktar, fl-istess ġurnata, mill-istess ġuri, il-ġuri jieħu l-ġurament quddiem l-akkużati kollha li l-kawżi tagħhom ikunu sejrin jiġu hekk maqtugħa, qabel ma tibda l-kawża li jkollha tinsama' l-ewwel waħda.

Rekwiżitorja. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68.*

**456.** Imbagħad l-Avukat Ġenerali ifisser lill-ġuri l-fatti li jkunu jikkostitwixxu r-reat miġjub fl-att tal-akkuża; isemmi l-provi li bi ħsiebu jġib biex jipprova dawk il-fatti; u wara li jagħmel l-osservazzjonijiet li jidhirlu meħtieġa biex il-każ ikun jiftiehem ċar, fl-aħħar jitlob li l-ġuri jiddikjara ħati l-akkużat.

L-Avukat Ġenerali iġib il-provi tiegħu. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68.*

**457.** Wara r-rekwiżitorja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, l-Avukat Ġenerali isejjaħ ix-xhieda tiegħu, jeżaminahom bil-fomm, u jġib kull prova oħra li jkollu.

Difiża tal-akkużat. *Emendat: IX. 1859.25.*

**458.** (1) Meta l-akkuża tagħlaq il-parti tagħha, l-akkużat jiġi mistoqsi x'għandu xi jgħid b'difiża tiegħu. Hu għandu l-jedd li jagħmel id-difiża tiegħu, sew huwa nnifsu, kemm b'avukat, u li jsejjaħ u jeżamina x-xhieda tiegħu bil-mod li jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, u li jġib kull prova oħra li jkollu.

Meta l-akkużat hu difiż minn aktar minn avukat wieħed.

(2) Jekk l-akkużat ikun difiż minn aktar minn avukat wieħed, dawn l-avukati jistgħu jaqsmu bejniethom id-dmirijiet tagħhom b'mod li wieħed jagħmel id-difiża u l-ieħor il-kontro-replika meta jkun hemm lok għaliha, jew, li wieħed jagħmel id-difiża u l-kontro-replika, u l-ieħor l-eżami tax-xiehda; iżda ħadd minnhom ma jista' jindirizza ruħu lill-qorti jew lill-ġuri wara d-difiża jew il-kontro-replika magħmula mill-ieħor; u d-disposizzjoni ta' dan is-subartikolu tgħodd għal kull parti oħra tal-kawża li fiha l-akkużat ikun assistit minn aktar minn avukat wieħed.

L-akkużat jista' jagħmel id-difiża huwa nnifsu.

(3) L-akkużat jista' wkoll jagħmel id-difiża huwa nnifsu u jħalli għall-avukat tiegħu l-kontro-replika, meta jkun hemm lok għaliha, inkella jagħmel il-kontro-replika, għalkemm id-difiża tkun saret mill-avukat tiegħu.

Meta l-prosekuzzjoni titmexxa minn aktar minn avukat wieħed. *Miżjud: III. 2002.109.*

**458A.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 458(2) japplikaw *mutatis mutandis* meta t-tmexxija tal-prosekuzzjoni tiġi ddelegata mill-Avukat Ġenerali lil aktar minn avukat wieħed.

**459.** L-ordni li għandu jitħares fis-smigħ tax-xhieda hu dan li ġej:

L-ordni li għandu jitħares fis-smigħ tax-xhieda.

Il-parti li ġġib ix-xhud tibda biex tagħmel l-eżami tiegħu; imbagħad il-parti l-oħra, jekk tkun trid, tagħmillu l-kontro-eżami; wara, kull wieħed mill-ġurati jista' jagħmel il-mistoqsijiet li jidhirlu meħtieġa; u l-qorti, barra mill-mistoqsijiet li jkun jidhrilha f'waqthom matul l-eżami jew il-kontro-eżami, tista' fl-aħħar tagħmel kull mistoqsija oħra li jidhrilha meħtieġa.

**459A.** (1) L-imputat li jitla' jixhed m'għandux jiġi mistoqsi, u jekk jiġi mistoqsi ma jkunx meħtieġ li jwieġeb, xi mistoqsija li x'aktarx turi li huwa jkun ikkommetta, jew instab ħati, jew ikun ġie akkużat b'xi reat ħlief dak ir-reat li jkun qed jiġi akkużat dwaru, jew li jkollu karattru ħażin, għajr meta -

Kontro-eżami dwar karattru ħażin jew xi sejbien ta' ħtija ta' qabel. *Miżjud: III. 2002.110. Emendat: XIII. 2002.10.*

(*a*) l-prova li jkun ikkommetta jew insab ħati ta' reat ieħor bħal dak tkun prova ammissibbli biex turi li jkun ħati ta' reat li jkun qed jiġi akkużat bih; jew

(*b*) huwa jkun personalment jew permezz tal-avukat tiegħu staqsa mistoqsijiet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni bil-għan li jistabbilixxi l-karattru tajjeb tiegħu, jew ikun ta xiehda tal-karattru tajjeb tiegħu, jew ix-xorta jew l-andament tad-difiża jkunu tali li jinvolvu akkużi dwar il-karattru tal-prosekutur jew ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, jew il-vittma l-mejta tad-delitt allegat; jew

(*ċ*) ikun ta xiehda li tinvolvi fl-għemil ta' xi reat li bih ikun qiegħed jiġi akkużat, lil xi persuna oħra akkużata fl-istess proċedimenti.

(2) F'kull ċirkostanza msemmija fil-paragrafi (*a*) sa (*ċ*) hawn aktar qabel kull *record* li jkun jindika li kien hemm xi sejbien ta' ħtija preċedenti tal-persuna akkużata jew imputata jista' jinġieb bi prova.

**460.** Wara l-kontro-eżami tax-xhud, il-partijiet ma jistgħux direttament jagħmlu mistoqsijiet lix-xhud. Iżda, huma jistgħu jitolbu lill-qorti li ssir kull mistoqsija oħra li jkunu jridu jagħmlu lix-xhud, u kemm-il darba l-qorti jkun jidhrilha li din il-mistoqsija hija sostanzjali għall-kawża, għandha tagħmilha lix-xhud hija stess.

Ma jistgħux isiru mistoqsijiet oħra lix-xhieda wara l-kontro-eżami ħlief permezz tal-qorti.

**461.** (1) Jekk l-Avukat Ġenerali jew l-akkużat ikun irid jipprova fatti illi milli jekk jeżistux jew le tkun tiddependi l-ammissibbiltà ta' provi, li biex jinġiebu, ikun ingħata l-permess mill-qorti taħt l-artikolu 440, hu jista' jagħmel il-prova ta' dawk il-fatti fil-waqt tal-kawża li fih ikun ġie mogħti dak il-permess.

Regoli dwar l-ammisibbiltà tal-provi. *Emendat: IX. 1857.6; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68.*

(2) Dan igħodd ukoll għall-prova li turi li hemm iċ-ċirkostanzi meħtieġa mill-artikolu 646 għall-ammissjoni tax-xiehda fih imsemmija, meta t-talba għall-qari ta' din ix-xiehda issir matul il-kawża.

Tniżżil fil-qosor tax-xiehda mill-qorti.
*Emendat: IX. 1857.7.*

**462.** Il-qorti għandha tieħu notamenti fil-qosor tax-xiehda tax-xhieda.

Noti bl-istenografija tal-proċedimenti fil-kawża.
*Miżjud: VI. 1947.13.*
*Emendat: A.L. 46 tal-1965; XXV. 1967.10; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.40.*

***463.** (1) Għandhom jittieħdu noti bl-istenografija tal-proċedimenti fil-kawża fuq att ta' akkuża ta' kull persuna quddiem il-Qorti Kriminali. Traskrizzjoni tan-noti, jew ta' xi sehem minnhom, għandha ssir kull meta l-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali hekk tordna:

Iżda, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 518, traskrizzjoni għandha tingħata lil kull parti li jkollha nteress fil-proċedimenti meta din titħallas dak li jista' jkun iffissat b'tariffa.

(2) L-Avukat Ġenerali jista' wkoll, jekk jidhirlu xieraq, f'kull każ li jkun, jordna li ssir traskrizzjoni tan-noti bl-istenografija u li tingħatalu għall-użu tiegħu.

(3) In-nefqa li ssir għat-teħid ta' dawk in-noti bl-istenografija, u għat-traskrizzjoni meta l-qorti jew l-Avukat Ġenerali jordnaw li ssir traskrizzjoni, għandha tittieħed, fuq mieta ta' ħlas li tkun iffissata minn żmien għal żmien, minn flejjes li jaħseb għalihom il-Gvern. Il-Bord maħtur bis-saħħa tal-artikolu 516(3) jista' jagħmel regoli sabiex jiżgura r-reqqa tan-noti li jittieħdu u għall-verifika tat-traskrizzjoni.

Replika u kontro-replika.
*Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68.*

**464.** Meta d-difiża tagħlaq il-parti tagħha, l-Avukat Ġenerali, jekk ikun irid, jista' jirreplika; imma, f'dan il-każ, l-akkużat għandu jedd għal kontro-replika:

Iżda, ma jistgħux jinġiebu provi ġodda, mingħajr permess speċjali tal-qorti, la fir-replika u lanqas fil-kontro-replika.

Indirizz tal-imħallef.
*Emendat: IX. 1857.8; IX. 1859.26; V. 1868.31; XXV. 1967.11.*

**465.** Meta l-akkuża u d-difiża jagħlqu l-parti tagħhom, l-imħallef jagħmel indirizz lill-ġuri, li bih ifissirlu x-xorta u l-elementi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, kif ukoll kull punt ieħor tal-liġi li f'dak il-każ partikulari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-ġuri, u jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, ifisser lill-ġuri s-setgħat li għandu fil-każ partikulari, u jagħmel kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu.

Deliberazzjoni tal-ġuri.

**466.** Wara l-indirizz tal-qorti, il-ġuri għandu jikkonsidra l-verdett tiegħu.

Attribuzzjonijiet tal-ġuri u regoli dwarhom.
*Emendat: IV. 1856.38; III. 2002.111.*

**467.** (1) Il-ġuri, meta jiġi biex jiddelibera, għandu jara, l-ewwelnett, jekk l-akkużat hux ħati tar-reat miġjub kontra tiegħu fl-att tal-akkuża, biċ-ċirkostanzi aggravanti kollha, jekk ikun hemm, u li jkunu msemmijin f'dak l-att; u, jekk il-ġuri jkun ta' fehma li din il-ħtija ġiet ippruvata, għandu, bil-mod li jingħad fl-artikoli 468 u 469, isib l-akkużat "*ħati*".

(2) Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att

*L-artikolu 463 għadu ma bediex iseħħ. *Vide* l-artikolu 13(2) tal-Ordinanza Nru. VI tal-1947.

tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan:

Iżda meta persuna akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat tiġi ddikjarata ħatja kif imsemmi qabel bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, tar-reat, ikkunsmat jew ittentat, il-piena ma għandhiex tkun aktar gravi mill-piena mitluba fl-att tal-akkuża.

(3) Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi.

(4) Meta ma jiġix ippruvat ir-reat kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-att tal-akkuża, il-ġuri jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ. Il-ġuri jista' jagħti l-verdett tiegħu billi jgħid "*ħati mingħajr iċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi ta'*...........", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jkun irid jeskludi; inkella, "*ħati biċ-ċirkostanza jew biċ-ċirkostanzi ta'*............", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti; inkella, "*ħati, iżda biss ta'*.......... ...", u jsemmi r-reat jew l-attentat (jew il-fatti li jagħmlu dan ir-reat jew attentat) li fuqu, kif jingħad hawn fuq, il-ġuri jista' jsib ħati lill-akkużat.

(5) Jekk il-ġuri jkun ta' fehma li l-akkużat m'hu ħati f'ebda mod kif jingħad hawn fuq, għandu jsib l-akkużat "*mhux ħati*".

**468.** Għal kull verdett tal-ġuri, sew favur kemm kontra l-akkużat, jinħtieġu għall-anqas sitt voti ta' fehma waħda. Numru ta' voti meħtieġa għal verdett legali.

**469.** Il-prim ġurat għandu jiġbor il-voti tal-ġurati l-oħra fuq kull verdett, u għandu jniżżel ħdejn l-isem ta' kull ġurat rispettivament il-vot ta' dak il-ġurat, u fl-aħħar iżid il-vot tiegħu nnifsu; u wara li jgħodd il-voti, u jsib li hemm għall-anqas sitt voti ta' fehma waħda huwa jikteb il-verdett li għandu jingħata, u jqiegħdu quddiem il-ġurati l-oħra. Dmirijiet tal-prim ġurat.

**470.** (1) Il-ġuri jista' jitlob lill-qorti t-tagħrif jew it-tifsir li jkun jeħtieġ biex jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu. U dan it-tagħrif jew Tifsir mitlub mill-ġuri lill-qorti.

tifsir għandu jingħata fil-qorti bil-miftuħ.

Post tad-deliberazzjonijiet.

(2) Il-ġuri jista', sabiex jikkonsidra l-verdett tiegħu, jidħol fil-post iddestinat għaldaqshekk.

Kif il-ġuri u l-qorti jikkomunikaw bejniethom.

(3) Meta l-ġuri jidħol biex jiddelibera, ir-reġistratur ikun il-mezz ta' komunikazzjoni bejn il-ġuri u l-qorti.

Il-ġurati ma jistgħux jitbiegħdu mill-post tagħhom jew jikkomunikaw ma' persuni mhux awtorizzati. *Emendat: XXVII. 1975.27.*

**471.** (1) Minn x'ħin ġurat jiġi maħtur sakemm jiġi irreġistrat il-verdett tal-ġuri, hu ma jistax jitbiegħed u lanqas jikkomunika ħlief mal-qorti, mal-ġurati l-oħra u mal-uffiċjal maħtur biex jikkomunika mal-ġurati, barra minn f'xi każ partikulari, bil-permess tal-qorti.

(2) Meta ġuri ma jispiċċax fl-istess jum li fih jittellgħu l-ismijiet tal-persuni biex iservu ta' ġurati, il-qorti tista', kemm-il darba ma tqisx li jkun ta' preġudizzju fl-interessi tal-ġustizzja, tħalli li l-ġurati jmorru lura fid-dar rispettiva tagħhom bil-kondizzjoni li jippreżentaw irwieħhom fil-qorti fil-ġurnata u fil-ħin li għalihom ikun aġġornat il-ġuri, u b'dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li l-imħallef jidhirlu xierqa li jimponi fl-interessi tal-ġustizzja.

Ma jingħatax ikel jew xorb lill-ġuri wara li jidħol biex jiddelibera u sakemm il-verdett jiġi irreġistrat mingħajr permess tal-qorti.

**472.** Wara li l-ġuri jidħol biex jiddelibera, u sakemm il-verdett tiegħu jiġi irreġistrat, il-ġurati ma jistgħux jieħdu ikel jew xorb mingħajr il-permess tal-qorti.

Dmir tal-ġuri li jgħarraf lill-qorti malli jkun lest biex jagħti l-verdett.

**473.** Hekk kif il-ġuri jkun lest biex jagħti l-verdett tiegħu, għandu jgħarraf lill-qorti, sabiex hija tisma' dan il-verdett fil-qorti bil-miftuħ.

Qari tal-verdett mill-ġuri.

**474.** Il-qorti tistaqsi lill-ġuri, bil-mezz tar-reġistratur, "*jekk l-akkużat hux ħati ta' dak li hu miġjub kontra tiegħu fl-att tal-akkuża*", u l-prim ġurat, quddiem il-ġurati l-oħra kollha, jaqra fil-qorti bil-miftuħ il-verdett li għalih ikun wasal il-ġuri, u jagħti l-verdett f'idejn ir-reġistratur sabiex dan jirreġistrah.

Dikjarazzjoni barranija mill-ġuri fuq fatti li jgħoddu bħala skuża.

**475.** Jekk, meta l-akkużat jiġi b'xi mod iddikjarat ħati, il-qorti jkun jidhrilha illi, għar-raġunijiet li tkun ġiebet id-difiża, jew bħala konsegwenza tal-fatti li jkunu ġew ippruvati matul is-smigħ tal-kawża, għandha ssir dikjarazzjoni oħra mill-ġuri dwar jekk fil-każ ġiex ippruvat jew le xi fatt li l-liġi espressament tgħodd bħala skuża u li ma jkunx ġie msemmi fl-att tal-akkuża, il-qorti tgħaddi din il-kwistjoni għad-deċiżjoni tal-ġuri, illi għandu jwieġeb iva jew le, skont il-fehma tiegħu:

Iżda, xejn f'dan l-artikolu ma jżomm lill-ġuri, meta jsib l-akkużat ħati b'xi mod milli jsemmi l-artikolu 467, illi minrajh, u mingħajr ma jistenna li jiġi mistoqsi għaldaqshekk mill-qorti, jiddikjara li xi fatt partikulari li l-liġi espressament tgħodd bħala skuża ġie ippruvat, jekk fil-fehma tiegħu jkun ġie hekk ippruvat; f'dan il-każ il-ġuri għandu, mad-dikjarazzjoni ta' "ħati", iżid ukoll id-dikjarazzjoni li ġew ippruvati l-fatti li jġibu l-iskuża msemmija fil-liġi.

**476.** (1) Jekk mara, fuq akkuża ta' qtil ta' tarbija tagħha, jew ta' infantiċidju, tiġi misjuba mhix ħatja ta' dak ir-reat, il-ġuri, li bil-verdett tiegħu dik il-mara tkun ġiet misjuba mhix ħatja, jista', kemm-il darba fil-fehma tiegħu jkun ġie hekk ippruvat, isib ħatja dik il-mara, li wildet tarbija, u li, billi difnet bil-moħbi l-kadavru jew billi għamlet minnu xort'oħra, fittxet li taħbi t-twelid ta' dik it-tarbija.

Verdett tal-ġuri f'każ ta' infantiċidju. *Emendat: VI. 1947.14; III. 2002.112.*

(2) Jekk persuna, fuq akkuża tas-serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta' xi oġġett tiġi misjuba mhux ħatja ta' dik l-akkuża, il-ġuri jista' jiddikjaraha ħatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett, jekk ikun hemm provi ta' dan; u, reċiprokament, persuna fuq akkuża ta' misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista' tigi ddikjarata ħatja ta' serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, tal-oġġett involut jekk ikun hemm provi ta' dan:

Verdett fil-każ ta' serq, misapproprjazzjoni jew riċettazzjoni.

Iżda l-piena ma għandha f'ebda każ tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att tal-akkuża.

**477.** Il-qorti tista' tagħti l-inkarigu lill-ġuri li jiddelibera dwar kull kwistjoni li fuqha għandu setgħa jagħti verdett skont id-disposizzjoni tal-artikolu 467, kif ukoll li jiddelibera jekk ġietx ippruvata jew le xi ċirkostanza sostanzjali, li tkun meħtieġa biex tagħmel komplut jew tfisser aħjar l-ewwel verdett.

Setgħa tal-qorti meta l-verdett ma jkunx komplut jew ikun mhux ċar.

**478.** Kull mistoqsija oħra illi l-qorti jidhrilha meħtieġ li tagħmel lill-ġuri wara l-ewwel verdett, għandha tiġi magħmula u t-tweġiba tagħha għandha tittieħed bil-mod li jingħad fl-artikolu 474.

Mistoqsijiet lill-ġuri fuq kwistjonijiet oħra.

**479.** Fil-każijiet kollha li fihom il-ġuri jkun meħtieġ jieħu xi deliberazzjoni oħra sabiex din tagħmel komplut il-verdett, il-qorti tordna li l-verdett ma jiġix irreġistrat sakemm ma jkunx komplut.

Il-verdett ma jitniżżilx sakemm ma jingħatax komplut.

**480.** (1) Il-qorti tista', sabiex tgħin lill-ġuri fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, tagħmel lill-ġuri, bil-mezz tar-reġistratur, mistoqsija waħda jew iżjed bil-miktub, li għandhom jiġu iffirmati u moqrija fil-qorti bil-miftuħ mir-reġistratur, dwar kwistjonijiet li fuqhom, fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 467, 475, 477 u 488, il-ġuri jista' jew għandu jagħti l-verdett tiegħu.

Mistoqsijiet lill-ġuri. *Emendat: IV. 1856.39; IX. 1857.9; A.L. 46 tal-1965; XXV. 1967.12; LVIII. 1974.68.*

(2) Il-qorti tista', meta hu meħtieġ, tagħmel il-mistoqsijiet hawn fuq imsemmija, bil-fomm jew bil-miktub, ukoll wara li l-ġuri, fuq il-mistoqsija jekk l-akkużat hux ħati tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, ikun iddikjara l-akkużat mhux ħati ta' dak ir-reat jew ikun iddikjarah ħati iżda mhux skont l-att tal-akkuża.

(3) Meta jinqala' dubju fuq punt ta' liġi li minn kif jiġi maqtugħ tkun tiddependi d-deċiżjoni tal-ġuri dwar jekk l-akkużat ikunx ħati tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, jew ta' reat ieħor kif jingħad fl-artikolu 467, inkella jekk il-fatti miġjubin mid-difiża jġibux skuża skont il-liġi, il-ġuri jista', jekk irid, flok ma jiddikjara l-akkużat ħati jew mhux ħati, inkella li hemm jew li ma hemmx skuża, jiddikjara biss, fuq mistoqsijiet bil-miktub magħmulin mill-qorti għal dan il-ħsieb, li l-fatti jew xi biċċa mill-fatti li nġiebu kontra jew favur l-akkużat, ġew jew ma ġewx ippruvati, u jħalli għall-qorti li tiddeċidi jekk il-fatti misjuba mill-ġuri jagħmlux ir-reat miġjub fl-att tal-akkuża jew reat ieħor taħt id-disposizzjoni tal-

Il-ġuri jista' jħalli għall-qorti d-deċiżjoni fuq punt ta' liġi.

artikolu 467 jew skuża skont il-liġi.

(4) Il-qorti għandha tagħti deċiżjoni fuq kull kwistjoni hekk mibgħuta lilha mill-ġuri fl-istess ġurnata jew f'xi ġurnata oħra, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali u l-akkużat jew l-avukat tiegħu bil-mod provdut fl-artikolu 490.

Verdett separat fuq kull reat u għal kull akkużat.

**481.** Jekk fl-istess att ta' akkuża jkun miġjub aktar minn reat wieħed, jew jekk l-akkużati fil-kawża jkunu tnejn jew iżjed, il-ġuri għandu jagħti verdett separat fuq kull reat u għal kull akkużat.

In-numru tal-voti għandu jingħad f'kull verdett.

**482.** Kull verdett tal-ġuri għandu jsemmi n-numru tal-voti li qablu f'dak il-verdett.

Deliberazzjoni mlll-ġdid fin-nuqqas ta' numru legali ta' voti.

**483.** Jekk, meta jinqara l-verdett fil-qorti, numru ta' ġurati, biżżejjed biex juru li għal dak il-verdett ma nġabrux mill-anqas sitt voti, igħarrfu lill-qorti b'dan id-difett, il-qorti tordna lill-ġuri li jidħol ġewwa biex jerġa' jiddelibera taħt it-triġija tal-prim ġurat jew ta' wieħed mill-ġurati l-oħra li jiġi magħżul mill-qorti għaldaqshekk sabiex jista' jiġi mogħti verdett validu; u ebda verdett ma jiġi irreġistrat sakemm ma jinġabarx in-numru ta' voti meħtieġ mil-liġi għal verdett validu.

Rakkomandazzjoni favur l-akkużat għall-ħniena tal-qorti.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

**484.** Kull wieħed mill-ġurati jista', billi jagħti r-raġuni, jirrakkomanda lill-akkużat misjub ħati, għall-ħniena tal-qorti; u din ir-rakkomandazzjoni tista' tiġi milqugħa mill-qorti, jew fl-applikazzjoni tal-liġi, jew billi tikkomunikaha lill-President ta' Malta f'rapport li tagħmel għaldaqshekk, jew f'xi wieħed mir-rapporti msemmijin fl-artikoli 493 u 494.

Il-kawża għandha tibqa' sejra sa l-aħħar bla ma titwaqqaf.
*Emendat:*
*XXX. 1934.11;*
*III. 1976.4.*

**485.** Is-smigħ tal-kawża, la darba jinħatar il-ġuri, għandu jibqa' sejjer bla ma jinżamm sar-reġistrazzjoni tal-verdett tal-ġuri inklużivament; u m'għandux jitwaqqaf ħlief għal dak il-ftit taż-żmien li l-qorti jidhrilha meħtieġ għall-mistrieħ tagħha, tal-ġurati, tax-xhieda, jew tal-akkużati, jew fil-każ li jidħol is-Sibt, il-Ħadd jew btala pubblika oħra:

Iżda l-qorti tista', jekk jidhrilha li jkun spedjenti li hekk tagħmel, tkompli s-smigħ tal-kawża f'xi Sibt, Ħadd jew btala oħra.

Mewt jew xi impediment ieħor ta' ġurat.
*Emendat:*
*X. 1896.1.*

**486.** Jekk, qabel il-verdett tal-ġuri, wieħed mill-ġurati jmut, jew ma jkunx kapaċi jkompli d-dmirijiet tiegħu, il-qorti, meta ma jkunux ġew maħtura ġurati supplenti skont l-artikolu 610(2), tgħaddi għall-ħatra ta' ġurat ieħor, jekk dan ikun jista' jsir bla tfixkil dak in-nhar stess; inkella tħalli l-kawża għal ġurnata oħra sabiex tinġieb quddiem ġuri ieħor; u fil-każ il-wieħed u l-ieħor, kull proċedura li tkun saret sa dak il-ħin quddiem il-ġuri għandha ssir mill-ġdid.

Ħelsien u liberazzjoni tal-akkużat jekk iddikjarat mhux ħati.
*Emendat:*
*XI. 1900.77.*

**487.** Jekk il-ġuri jiddikjara l-akkużat mhux ħati skont l-artikolu 467(5), il-qorti tiddikjarah meħlus, u, jekk ma jkunx detenut għal raġunijiet oħra, tordna li jiġi illiberat.

**488.** (1) Jekk l-akkużat jinsab mhux ħati minħabba li kien miġnun fiż-żmien tar-reat, jew jekk l-akkużat li jkun taħt l-età ta' erbatax-il sena, jew ikun trux-u-mutu, jinsab mhux ħati minħabba nuqqas ta' ħażen, kull raġuni bħal din għandha tingħad fil-verdett tal-ġuri.

Il-ġenn jew in-nuqqas ta' ħażen bħala raġuni ta' ħelsien mill-ħtija għandhom jiġu iddikjarati fil-verdett.
*Emendat:*
*XI. 1900.78;*
*I. 1903.28, 29.*

(2) Jekk din ir-raġuni ma tiġix mogħtija fil-verdett, il-qorti tagħmel mistoqsija speċifika fuqha lill-ġurati, u dawn għandhom iwieġbu iva jew le skont ma jkunu iddeliberaw.

(3) Jekk il-maġġoranza tal-ġurati jwieġbu iva, tgħodd, skont il-każ, id-disposizzjoni tal-artikolu 35(3) u (4), jew tal-artikolu 39(2), inkella tal-artikolu 623(1).

**489.** Meta l-liġi, minħabba r-reċidiva, tkabbar il-piena għar-reat li jsir wara, il-kawża għandha titmexxa bħallikieku fl-att tal-akkuża ma kienx hemm miġjub li, qabel, l-akkużat kien ġie misjub ħati u ikkundannat; u m'għandux jingħad lill-ġuri li l-akkużat kien ġie qabel misjub ħati u ikkundannat, ħlief wara u jekk il-ġuri jkun iddikjara l-akkużat ħati ta' dan l-aħħar reat:

Ir-reċidiva m'għandhiex tiġi mgħarrfa lill-ġuri.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

Eċċezzjoni.

Iżda, kemm-il darba fil-kawża kontra akkużat għal dan l-aħħar reat jew reċidiva, jinġiebu provi tal-kondotta tajba tal-akkużat, l-Avukat Ġenerali, bħala tweġiba għal dan, jista' jgħaddi għall-qari tal-att tal-akkuża u għall-prova li l-akkużat kien ġie misjub ħati u ikkundannat għal reat ieħor qabel, ukoll qabel ma l-ġuri jkun iddikjara ħati l-akkużat.

**490.** (l) Wara li jiġi stabbilit il-fatt tal-ħtija tal-akkużat, il-qorti tistaqsih x'għandu xi jgħid dwar l-applikazzjoni tal-piena mitluba mill-Avukat Ġenerali. Jekk ma jkun hemm ebda oppożizzjoni, il-qorti, meta hija sodisfatta li l-piena mitluba hi dik li għandha tingħata skont il-liġi, tagħti s-sentenza; iżda fil-każ ta' oppożizzjoni, jew jekk il-qorti stess tqanqal xi dubju, hija tisma' lill-Avukat Ġenerali u, bi tweġiba, lill-akkużat jew lill-avukat tiegħu. Wara t-tweġiba, l-Avukat Ġenerali jista' jirreplika, u wara r-replika, l-akkużat jew l-avukat tiegħu jista' jagħmel kontro-replika.

Mistoqsija mill-qorti lill-akkużat fuq l-applikazzjoni tal-piena.
*Emendat:*
*IX. 1857.11;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXV. 1967.14;*
*LVIII. 1974.68;*
*III. 2002.113.*

(2) Wara s-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat jew tal-avukat tiegħu, il-qorti għandha tiddeċidi jekk il-piena mitluba hijiex dik li jmissha tiġi applikata skont il-liġi u, jekk tiddeċidi li m'hijiex, għandha tiddeċidi l-piena applikabbli għall-każ, u tagħti r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha.

Kwistjoni għad-deċiżjoni tal-qorti.

(3) Parti offiża tista', b'rikors, titlob lill-Qorti Kriminali li tkun ammessa, sew personalment sew b'avukat, li tagħmel sottomissjonijiet dwar is-sentenza idonea li għandha tingħata lill-akkużat u jekk il-qorti tilqa' dak ir-rikors, il-parti offiża jew l-avukat tagħha jingħataw l-opportunità li jagħmlu dawk is-sottomissjonijiet fl-istadju msemmi fis-subartikolu (1) u qabel ma l-qorti ssaqsi lill-akkużat jekk ikunx irid jagħmel xi sottomissjoni dwar l-applikabilità tal-piena mitluba mill-Avukat Ġenerali:

Sottomissjonijiet mill-parti offiża dwar is-sentenza.

Iżda jekk għal xi raġuni tkun li tkun il-parti offiża tonqos milli tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar is-sentenza kif imsemmi hawn aktar qabel, dan in-nuqqas ma għandux iżomm lill-qorti milli tkompli bis-smigħ jew milli tagħti s-sentenza kif provdut

fl-artikolu 491.

Sentenza.
*Emendat:*
*IX. 1857.12.*
*Sostitwit:*
*XXV. 1967.15.*

**491.** Il-qorti għandha tagħti sentenza mill-aktar fis.

Il-qorti tista' tagħti piena anqas meta l-ġurati ma jkunux unanimi.
*Sostitwit:*
*XXI. 1971.28.*
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4;*
*III. 2002.114.*

**492.** (1) Meta f'xi stadju qabel jiġi fformat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għall-fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista', minflok il-piena msemmija, tagħti l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena.

(2) Il-qorti tista' tagħti piena ta' priġunerija għal żmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta' priġunerija għall-għomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta' fatt li għalih hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-voti tal-ġurati ma jkunux unanimi.

Rakkomandazzjoni tal-qorti meta tagħti l-piena ta' priġunerija għall-għomor.
*Miżjud:*
*XXI. 1971.29.*
*Emendat:*
*XLIX. 1981.4.*

**493.** Wara li tikkundanna persuna għall-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista' tirrakkomanda bil-miktub lill-Prim Ministru fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa l-inqas żmien li fil-fehma tagħha għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs. Din ir-rakkomandazzjoni tkun tista' taraha l-persuna li tkun ġiet ikkundannata, u kopja tagħha tinżamm mir-reġistratur.

Rakkomandazzjoni tal-imħallef għall-maħfra jew tnaqqis ta' piena.
*Emendat:*
*IX. 1857.14;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

**494.** Kull imħallef li jkun qagħad f'kawża jista' jirrakkomanda lill-President ta' Malta il-persuna ikkundannata għall-maħfra jew għat-tnaqqis tal-piena, billi jagħmel għaldaqshekk rapport bil-miktub imsaħħaħ bir-raġuni ta' dik ir-rakkomandazzjoni.

Mewt jew mard ta' mħallef, Avukat Ġenerali, akkużat jew avukat tiegħu.
*Emendat:*
*IV. 1856.40;*
*IX. 1857.15, 16;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXV. 1967.17;*
*LVIII. 1974.68;*
*III. 2002.115.*

**495.** (1) Jekk, matul il-kawża jew wara l-verdett li bih il-ġuri jiddikjara ħati lill-akkużat, l-imħallef li jkun qagħad fil-kawża, imut jew jimrad, jiġi surrogat imħallef ieħor skont il-liġi, u kull ma jkun sar wara li tkun ġiet irreġistrata t-tweġiba tal-akkużat, għandu jsir mill-ġdid, kemm-il darba l-qorti jkun jidhrilha li għandu jsir hekk.

(2) Iżda jkun xi jkun il-verdett tal-ġuri wara li l-proċeduri jerġgħu jsiru mill-ġdid, ma tistax tingħata piena akbar minn dik li għaliha jkun suġġett ir-reat imsemmi fil-verdett ta' qabel.

(3) Il-proċeduri li jkunu ġa saru ma jerġgħux isiru mill-ġdid jekk l-akkużat ikun ġie iddikjarat mhux ħati.

(4) Il-proċeduri jerġgħu jsiru mill-ġdid, jekk imut jew jimrad l-Avukat Ġenerali jew l-avukat prosekutur qabel ma jkun għamel id-dmirijiet tiegħu msemmijin fl-artikoli 456, 457 u 464, jew imut jew jimrad l-avukat tal-akkużat, jew jimrad l-akkużat innifsu qabel ma tispiċċa d-difiża skont l-artikolu 458.

**496.** Ix-xogħol ta' reġistratur fil-Qorti Kriminali jista' jsir minn uffiċjal eżekuttiv tal-qorti msemmi fl-artikolu 57(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Xogħol ir-reġistratur fil-Qorti Kriminali.
*It-tieni taqsima tal-artikolu 30 tal-Ord. VI tal-1880, inkorporata.*
*Emendat: XXVII. 1975.40.*
*Sostitwit: XXIV. 1995.360; XXXI. 2002.200.*
Kap. 12.

---

Titolu V

*Miżjud: XXV. 1967.18.*

FUQ IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Emendat: XXVII. 1975.40.*

**497.** F'dan it-Titolu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, -

Tifsir.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*

il-kelma "appellant" tinkludi persuna li tkun ġiet misjuba ħatja u tixtieq tappella skont dan it-Titolu; u

il-kelma "sentenza" tinkludi kull ordni tal-qorti magħmul fuq dikjarazzjoni ta' ħtija b'riferenza għall-persuna misjuba ħatja u s-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tagħti sentenza tinkludi setgħa li tagħmel ordni bħal dak.

**498.** (1) Għandu jkun hemm Qorti tal-Appell Kriminali li jkollha ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċidi appelli taħt dan it-Titolu u appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll biex tittratta proċeduri oħra taħt dan it-Titolu.

Qorti tal-Appell Kriminali.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*
*Emendat: XXI. 1971.30; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.28, 40; VIII. 1990.3.*

(2) Bla ħsara tad-disposizzjoni tal-artikolu 418 dwar kif għandha tkun kostitwita dik il-qorti għas-smigħ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Appell Kriminali tkun kostitwita mill-Prim Imħallef, li jkun il-President tal-Qorti, u żewġ imħallfin oħra nominati mill-President ta' Malta:

Iżda, fil-każ ta' assenza jew impediment leġittimu ta' xi wieħed mill-membri tal-qorti, il-President ta' Malta jinnomina minflok imħallef ieħor jew imħallfin oħra.

(3) Id-deċiżjoni fuq kull kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali tkun skont il-fehma tal-maġġoranza tal-membri tal-qorti li jisimgħu il-kawża u għandha tingħata sentenza waħda bħala s-sentenza tal-qorti kollha.

(4) Il-Qorti tal-Appell Kriminali għall-finijiet u bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandu jkollha s-setgħa kollha li tiddeċidi, skont dan it-Titolu, kull kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu deċiżi sabiex issir ġustizzja fil-kawża li tkun quddiem il-qorti.

(5) Id-disposizzjonijiet li hemm f'dan it-Titolu ma għandhomx japplikaw għall-appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati.

Appell mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*
*Emendat: LVIII. 1974.68; LIII. 1981.8; XXII. 2005.6.*

**499.** (1) Appell jista' jsir lill-Qorti tal-Appell Kriminali fuq talba tal-Avukat Ġenerali jew tal-akkużat minn kull deċiżjoni mogħtija wara l-qari tal-att tal-akkuża u qabel ma l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*), u (*g*) u minn kull deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' provi.

(2) Jista' jsir appell ukoll fuq talba tal-akkużat minn kull deċiżjoni mogħtija fuq rikors tal-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 402(5) jew minn kull deċiżjoni mogħtija wara l-qari tal-att tal-akkuża u qabel ma l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(*e*) u (*f*).

(3) Meta l-Avukat Ġenerali jew, skont il-każ, l-akkużat ikun irid jappella skont is-subartikolu (1) jew (2) huwa għandu jagħti avviż ta' appell permezz ta' nota minnufih wara li tiġi mogħtija d-deċiżjoni tal-qorti u wara dan il-qorti, jekk ikun il-każ, għandha tissospendi proċeduri oħra sa l-egħluq iż-żmien mogħti kif hawnhekk iżjed 'il quddiem provdut għall-appell jew, jekk isir appell, sad-deċiżjoni tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

(4) Appell skont is-subartikolu (1) jew (2) jsir b'rikors preżentat fil-Qorti tal-Appell Kriminali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata.

(5) Appell magħmul skont dan l-artikolu mill-Avukat Ġenerali ma għandux jissospendi l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni appellata.

(6) Fuq kull appell skont dan l-artikolu, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha, jekk jiġi milqugħ l-appell, tannulla d-deċiżjoni appellata u tagħti dak l-ordni għal-liberazzjoni tal-akkużat jew għall-prosekuzzjoni oħra tal-proċeduri jew tagħti dawk l-ordnijiet l-oħra inklużi ordnijiet għall-arrest mill-ġdid jew għall-kustodja tal-persuna akkużata jew tagħti dawk id-direttivi, kif jeħtieġ.

(7) In-nuqqas tal-akkużat li jappella skont dan l-artikolu ma jippreklużihx milli jqanqal il-kwistjoni li seta' jqanqal b'appell tali f'appell li jista' jagħmel skont l-artikolu ta' wara dan.

Appell kontra dikjarazzjoni ta' ħtija jew kontra sentenza.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*
*Emendat: III. 2002.116; IV. 2014.23; VIII. 2015.33.*

**500.** (1) Persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuża tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra d-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha fil-każijiet kollha jew kontra s-sentenza mogħtija fuq id-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha kemm-il darba s-sentenza ma tkunx waħda iffissata bil-liġi.

Appelli mill-Avukat Ġenerali kontra sentenza.
Kap. 446.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 28I(2) u tal-Att dwar il-*Probation*, jekk l-Avukat Ġenerali jkun jidhirlu li s-sentenza hi waħda mtaffija ħafna, huwa wkoll jista' jappella minn deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija ta' persuna għal reat li għalih tista' teħel priġunerija għal żmien ta' iżjed minn sentejn jekk is-sentenza tkun applikat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 jew tal-artikoli 28A sa 28H jew id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*.

(3) Il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell mill-Avukat Ġenerali jekk jidhrilha li waqt il-proċeduri seħħet irregolarità gravi jew li s-sentenza hija b'mod ċar ir-riżultat ta'

miżinterpretazzjoni manifesta jew ta' applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi li jkunu affettwaw il-verdett:

Iżda l-Qorti tista', sakemm ma tkunx tal-opinjoni li dak il-punt li sar waqt appell taħt dan is-subartikolu jkun deċiż favur l-Avukat Ġenerali, tiċħad l-appell f'każ li jkun ikkunsidrat li ma sar ebda nuqqas ta' ġustizzja.

(4) Fuq bażi ta' appell magħmul skont is-subartikolu (3), il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tiddetermina, tvarja jew tmur lura mill-verdett li minnu sar l-appell.

Sottomissjonijiet mill-parti offiża quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar is sentenza. *Miżjud: III. 2002.117.*

**500A.** Meta jsir appell minn sentenza, parti offiża tista', b'rikors, titlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali li tiġi ammessa, sew personalment sew b'avukat, li tagħmel sottomissjonijiet dwar is-sentenza idonea li għandha tingħata lill-akkużat u jekk il-qorti tilqa' dak ir-rikors, il-parti offiża jew l-avukat tagħha jingħataw l-opportunità li jagħmlu dawk is-sottomissjonijiet wara li l-qorti tkun semgħet is-sottomissjonijiet tal-appellant li fuqhom ikun qed isejjes l-appell tiegħu; sew min ikun insab ħati sew l-Avukat Ġenerali għandhom jingħataw l-opportunità li jwieġbu għas-sottomissjonijiet li tagħmel il-parti offiża jew l-avukat tagħha:

Iżda jekk għal xi raġuni l-parti offiża jew l-avukat tagħha jonqsu milli jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar is-sentenza kif hawn aktar qabel imsemmi fil-jum stabbilit, dan in-nuqqas ma għandux iżomm lill-qorti milli tkompli bis-smigħ jew milli tagħti s-sentenza.

Riferenzi mill-Avukat Ġenerali. *Miżjud: III. 2002.117.*

**500B.** (1) Meta persuna li tkun ġiet proċessata fuq att ta' akkuża tkun ġiet meħlusa (sew dwar l-att ta' akkuża kollu jew parti minnu) l-Avukat Ġenerali jista', jekk jixtieq ikollu l-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq xi punt ta' dritt li jkun qam matul il-każ u fit-terminu ta' żmien stabbilit fl-artikolu 504, jirreferi dak il-punt lill-qorti, u l-qorti għandha, skont dan l-artikolu, tqis il-punt u tagħti fehemtha fuqu.

(2) Għall-fini tal-konsiderazzjoni ta' punt riferit taħt dan l-artikolu l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tisma' r-raġunijiet li jingħataw -

(*a*) mill-Avukat Ġenerali; u

(*b*) sew mill-avukat difensur, jekk il-persuna meħlusa tkun tixtieq tippreżenta xi raġuni quddiem il-qorti jew, fin-nuqqas, mill-Avukat għal Għajnuna Legali.

(3) Referenza taħt dan l-artikolu ma għandhiex tolqot il-kawża li dwarha ssir ir-referenza jew xi liberazzjoni f'dik il-kawża.

(4) Il-Bord imsemmi fl-artikolu 516(3) jista' jagħmel regoli sabiex jirregola l-għamla u l-kontenut tar-referenza mill-Avukat Ġenerali taħt dan l-artikolu u sabiex jipprovdi għal kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam ma' dan jew li hi anċillari għalih.

Deċiżjoni ta' appelli f'każijiet ordinarji.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*
*Emendat: XXVII. 1975.29; III. 2002.118.*

**501.** (1) Fuq kull appell kontra dikjarazzjoni ta' ħtija mill-persuna misjuba ħatja l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell -

(*a*) jekk jidhrilha li l-appellant kien ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża; jew

(*b*) jekk jidhrilha li kien hemm irregolarità matul il-kawża, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:

Iżda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skont il-paragrafu (*b*) jista' jkun deċiż favur l-appellant, tiċħad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.

(2) Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu ta' wara dan u tal-artikolu 508(1), il-qorti tal-Appell Kriminali għandha, jekk tilqa' appell kontra dikjarazzjoni ta' ħtija, tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija u tordna li jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni.

(3) Fuq appell kontra sentenza mill-persuna misjuba ħatja, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha, jekk jidhrilha li missha ngħatat sentenza differenti, tħassar is-sentenza mogħtija fil-kawża, u tagħti dik is-sentenza l-oħra ġustifikata bil-liġi mill-verdett (li ma tkunx sentenza aktar gravi) minflok l-oħra kif jidhrilha li missha ngħatat, u f'kull każ ieħor għandha tiċħad l-appell.

(4) Fuq appell kontra sentenza mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha jekk jidhrilha li kellha tingħata sentenza aktar gravi, tħassar is-sentenza mogħtija fil-kawża u tagħti dik is-sentenza aktar gravi ġustifikata bil-liġi minflok l-oħra kif jidhrilha li kellha tingħata, u f'kull każ ieħor għandha tiċħad l-appell.

Setgħat tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'każijiet speċjali.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*
*Emendat: XXVII. 1975.30.*

**502.** (1) Jekk jidher lill-Qorti tal-Appell Kriminali li appellant, għalkemm misjub ħati mhux kif imiss fuq xi kap jew parti mill-att ta' akkuża, ġie misjub ħati kif imiss fuq xi kap ieħor jew parti mill-att ta' akkuża, il-qorti tista' jew tikkonferma s-sentenza mogħtija lill-appellant fil-kawża jew tagħti dik is-sentenza l-oħra minflokha kif jidhrilha xieraq u kif tkun ġustifikata bil-liġi skont il-verdett fuq il-kap jew parti mill-att ta' akkuża li dwarha l-qorti jidhrilha li l-appellant kien ġie misjub ħati kif imiss:

Iżda kull sentenza oħra bħal dik ma għandhiex tkun aktar gravi mis-sentenza mogħtija fil-kawża meħuda fil-kompless, sew jekk is-sentenza l-aħħar imsemmija kienet espressa li għaddiet fuq dik il-parti tal-att ta' akkuża sew jekk le.

(2) Meta l-appellant ikun ġie misjub ħati ta' reat u l-ġuri seta' fuq l-att ta' akkuża sabu ħati ta' xi reat ieħor, u fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-ġuri jidher lill-Qorti tal-Appell Kriminali illi l-ġuri kien effettivament sodisfatt dwar il-fatti li kienu jippruvawh ħati ta' dak ir-reat l-ieħor, il-qorti tista', minflok ma' tilqa' jew tiċħad l-appell, tissostitwixxi għall-verdett mogħti minn ġuri verdett ta' ħtija ta' dak ir-reat l-ieħor, u tagħti dik is-sentenza minflok is-sentenza mogħtija fil-kawża kif ikun ġustifikat bil-liġi għal dak ir-

reat l-ieħor, li ma tkunx sentenza aktar gravi.

(3) Meta mad-dikjarazzjoni ta’ ħtija tal-appellant il-ġuri jkun ta verdett li jaqa’ fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 480(3), u l-Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li l-Qorti Kriminali waslet għall-konklużjoni ħażina dwar l-effett ta’ dak il-verdett, il-Qorti tal-Appell Kriminali tista’, minflok ma tilqa’ l-appell, tordna li tiġi reġistrata dik il-konklużjoni kif jidher lill-qorti li jkun meħtieġ skont il-liġi mill-verdett, u tagħti dik is-sentenza (li ma tkunx sentenza aktar gravi) minflok is-sentenza mogħtija fil-kawża kif ikun ġustifikat bil-liġi.

(4) Meta fuq appell kontra dikjarazzjoni ta’ ħtija l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun tal-fehma li għalkemm l-appellant ikun ikkommetta l-att jew għamel l-ommissjoni miġjuba kontra tiegħu kien miġnun fil-ħin li sar l-att jew l-ommissjoni b’mod li ma kienx responsabbli skont il-liġi għall-atti tiegħu, il-qorti tista’ tħassar is-sentenza mogħtija fil-kawża u tordna li l-appellant jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monti Karmelu f’liema każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 623(1), (2) u (3).

Appell minn verdett ta’ mhux ħati minħabba ġenn.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*

**503.** (1) Persuna li fil-kawża tagħha jingħata verdett ta’ mhux ħati minħabba ġenn fil-ħin tal-att jew tal-ommissjoni li bih tkun akkużata tista’ tappella kontra l-verdett u fuq appell tali tapplika *mutatis mutandis* l-istess disposizzjoni li hemm fl-artikolu 501(l), salv kif provdut hawnhekk iżjed ’il quddiem.

(2) Meta apparti minn dan l-artikolu -

(*a*) appell kontra verdett bħal ma hu imsemmi fis-subartikolu (1) jistħoqqlu li jiġi milqugħ, u

(*b*) ebda waħda mir-raġunijiet biex jiġi milqugħ ma tirriferixxi għall-kwistjoni tal-ġenn tal-akkużat,

il-Qorti tal-Appell Kriminali tista’ tiċħad l-appell jekk tkun tal-fehma li, kieku ma kienx għall-ġenn tal-akkużat, il-verdett xieraq kien ikun li kien ħati ta’ reat li mhux ir-reat akkużat bih.

(3) Fil-każ ta’ appell skont is-subartikolu (1) l-appell jista’ jinstemgħa u jiġi deċiż fl-assenza tal-appellant u, jekk ma jkunx assistit minn avukat, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 519.

(4) Meta skont is-subartikolu (1) appell jiġi milqugħ -

(*a*) jekk ir-raġuni, jew waħda mir-raġunijiet, biex jiġi milqugħ l-appell hija li d-deċiżjoni tal-ġuri dwar il-ġenn tal-akkużat ma għandhiex tibqa’ u l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun tal-fehma li kien ħati ta’ reat (sew jekk ir-reat li bih ġie akkużat jew xi reat ieħor li dwaru l-ġuri seta’ sabu ħati), il-qorti għandha tissostitwixxi għall-verdett ta’ mhux ħati minħabba ġenn verdett ta’ ħati ta’ dak ir-reat, u jkollha l-istess setgħat li twaħħal piena jew xort’oħra tittratta bl-akkużat kif il-qorti li quddiemha ġie ġudikat kienet tkun tista’ tagħmel kieku l-ġuri kien ta l-verdett sostitwit;

(*b*) f'kull każ ieħor, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tissostitwixxi għall-verdett tal-ġuri verdett ta' liberazzjoni:

Iżda meta r-reat imsemmi fil-paragrafu (*a*) ikun wieħed li għalih is-sentenza hija iffissata bil-liġi, is-sentenza għandha (ikunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi) tkun waħda ta' priġunerija għal ħajtu jew għal żmien ta' mhux anqas minn tnax-il sena.

(5) Iż-żmien ta' kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4)(*a*) għandu, jekk il-qorti ma tordnax xort'oħra, jibda jgħodd minn meta kien jibda jgħodd kieku kienet mogħtija fil-proċeduri fil-Qorti Kriminali.

Forma u żmien biex isir l-appell. *Miżjud: XXV. 1967.18.*

**504.** Kull appell taħt dan it-Titolu għandu jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li jiġi preżentat f'dik il-qorti, barra fejn hemm provdut xort'oħra, fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata.

Kontenut tar-rikors tal-appell. *Miżjud: XXV. 1967.18. Emendat: LVIII. 1974.68; XXIV. 1995.362.*

**505.** (1) Barra mill-indikazzjonijiet komuni għall-atti ġudizzjarji, ir-rikors għandu jkun fih il-fatti tal-kawża fil-qosor imma ċari, ir-raġuni tal-appell u t-talba tal-appellant.

(2) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, ikun iffirmat minn avukat jew mill-appellant stess.

(3) L-atti tal-proċess tal-Qorti Kriminali għandhom jiġu preżentati mir-Reġistratur tal-Qrati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fi żmien jumejn tax-xogħol mill-ġurnata minn meta jiġi preżentat ir-rikors.

(4) Kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali jew lill-akkużat, skont il-każ, mill-anqas tmint ijiem tax-xogħol qabel il-ġurnata stabbilita għas-smigħ tal-appell, jekk il-qorti f'xi każ ta' urġenza ma tordnax in-notifika b'terminu aqsar.

Setgħat supplementari tal-Qorti tal-Appell Kriminali. *Miżjud: XXV. 1967.18.*

**506.** Il-Qorti tal-Appell Kriminali tista', jekk jidhrilha meħtieġa jew espedjenti fl-interessi tal-ġustizzja -

(*a*) tordna l-produzzjoni ta' kull dokument, esibit, jew oġġett ieħor li għandhom x'jaqsmu mal-kawża, li l-produzzjoni tagħhom jidhrilha li huma meħtieġa għad-deċiżjoni tal-kawża; u

(*b*) jekk jidhrilha xieraq tordna lil kull xhieda li setgħu jiġu obbligati jixhdu fil-kawża biex jidhru għall-eżami u jiġu eżaminati quddiem il-qorti, sew jekk kienu msejħa fil-kawża sew jekk le, jew tordna li l-eżami ta' kull xhieda bħal dawk jsir b'xi mod provdut mil-liġi; u

(*ċ*) jekk jidhrilha xieraq taċċetta x-xiehda, jekk offerta, ta' kull xhud (inkluż l-appellant) li jkun xhud kompetenti iżda li ma setax jiġi obbligat jixhed fil-kawża, u, jekk l-appellant jagħmel rikors għalhekk, tar-raġel jew tal-mara tal-appellant, f'każijiet meta x-xiehda tar-raġel jew tal-mara ma setgħetx tingħata fil-kawża ħlief wara dak ir-rikors, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 635.

**507.** Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-aħħar artikolu qabel dan, meta tiġi offerta xiehda quddiem il-qorti skont dak l-artikolu, il-qorti għandha, ħlief jekk tkun sodisfatta illi x-xiehda jekk ammessa ma tagħti ebda lok biex jiġi milqugħ l-appell, teżerċita s-setgħa tagħha skont dak l-artikolu li tirċeviha jekk -

Dmir li tiġi ammessa xiehda. *Miżjud: XXV. 1967.18.*

(*a*) jidher lill-qorti illi x-xiehda x'aktarx tkun kredibbli u kienet tkun ammissibbli fil-kawża fuq kwistjoni li hija l-oġġett tal-appell; u

(*b*) il-qorti tkun sodisfatta li ma ġietx miġjuba fil-kawża, iżda li hemm spjegazzjoni raġonevoli għan-nuqqas biex tiġi hekk miġjuba.

**508.** (1) Meta jiġi milqugħ appell kontra dikjarazzjoni ta' ħtija minħabba biss ta' provi meħuda jew li setgħu jiġu meħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali skont l-artikolu 506 u 507 jew minħabba punt imqajjem skont l-artikolu 501(1)(*b*) u f'kull każ jidher lill-qorti li l-interessi tal-ġustizzja hekk jeħtieġu, il-qorti tista', minflok ma tordna li jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni kif provdut bl-artikolu 501(2), jew bl-artikolu 503(4)(*b*), tordna li l-appellant jerġa' jiġi proċessat.

Setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tordna kawża mili-ġdid. *Miżjud: XXV. 1967.18. Emendat: XXVII. 1975.30, 31.*

(2) Appellant ma għandux jerġa' jiġi proċessat skont dan l-artikolu għal ebda reat li ma jkunx -

(*a*) ir-reat li dwaru ġie misjub ħati fil-kawża oriġinali u li dwaru l-appell tiegħu ġie milqugħ kif intqal qabel;

(*b*) xi reat li tiegħu seta' ġie misjub ħati fil-kawża oriġinali fuq att ta' akkuża dwar ir-reat l-ewwel imsemmi;

(*ċ*) xi reat miġjub f'xi kap alternattiv tal-att ta' akkuża li dwaru il-ġuri ġie meħlus milli jagħti verdett minħabba li sabu ħati dwar ir-reat l-ewwel imsemmi.

(3) Appellant li għandu jerġa' jiġi proċessat għal reat in esekuzzjoni ta' ordni skont is-subartikolu (1) għandu jiġi ġudikat wara att ta' akkuża ġdid.

(4) Il-Qorti tal-Appell Kriminali tista', meta tordna kawża mill-ġdid skont is-subartikolu (1), tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrulha meħtieġa jew espedjenti għall-kustodja jew għall-ħelsien mill-arrest bil-garanzija tal-appellant pendenti s-smigħ tal-kawża mill-ġdid.

(5) Meta tkun ordnata kawża mill-ġdid skont is-subartikolu (1) fil-każ ta' persuna li, minnufih qabel id-deċiżjoni tal-appell tagħha, kienet suġġetta li tiġi miżmuma fl-Isptar Monti Karmelu in esekuzzjoni ta' ordni tal-Qorti Kriminali, l-ordni għandu jibqa' jseħħ pendenti s-smigħ tal-kawża mill-ġdid bħallikieku l-appell ma ġiex milqugħ u kull ordni magħmul mill-Qorti tal-Appell Kriminali, skont l-aħħar subartikolu qabel dan ta' dan l-artikolu għall-kustodja jew għall-ħelsien tagħha mill-arrest bil-garanzija għandu jkollu effett bla ħsara tal-imsemmi ordni.

(6) F'kawża ordnata mill-ġdid skont is-subartikolu (l) it-traskrizzjoni tan-noti, bix-*shorthand* jew mod ieħor, tax-xiehda mogħtija minn kull xhud fil-kawża oriġinali tista', bil-permess tal-

imħallef, tinqara bħala xiehda -

(*a*) bi ftehim bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża; jew

(*b*) jekk l-imħallef ikun sodisfatt illi x-xhud huwa mejjet jew mhux kapaċi li jixhed jew li jattendi għal dak l-iskop, jew li jkunu saru mingħajr suċċess l-isforzi raġonevoli kollha biex jinsab jew tiġi żgurata l-attendenza tiegħu.

(7) Meta persuna ordnata li terġa' tiġi proċessata skont is-subartikolu (1) terġa' tiġi misjuba ħatja fil-kawża mill-ġdid, il-Qorti Kriminali tista' tagħti għar-reat kull sentenza awtorizzata mil-liġi, li ma tkunx sentenza aktar gravi minn dik mogħtija għad-dikjarazzjoni ta' ħtija oriġinali.

(8) Meta l-persuna misjuba ħatja fil-kawża mill-ġdid tiġi kundannata għall-priġunerija jew detenzjoni, is-sentenza għandha tibda tgħodd minn meta sentenza bħalha mogħtija fil-kawża oriġinali kienet tibda tgħodd, iżda fil-kalkolu taż-żmien tas-sentenza tagħha jew tal-perijodu li għalih tista' tiġi detenuta bis-saħħa tas-sentenza, skont il-każ, ma għandux jittieħed każ ta' kull żmien li matulu kienet libera wara li ġiet ħielsa mill-arrest bil-garanzija skont is-subartikolu (4).

Sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*
*Emendat: XXIX. 1989.4; III. 2002.119.*

**509.** (1) Il-Qorti tal-Appell Kriminali tista', jekk jidhrilha xieraq, fuq rikors tal-appellant teħles lill-appellant mill-arrest bil-garanzija pendenti d-deċiżjoni tal-appell tiegħu magħmul skont l-artikolu 499 jew 500.

(2) Is-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali skont is-subartikolu (1) li teħles lill-appellant mill-arrest bil-garanzija, tista' tiġi eżerċitata minn kull imħallef tal-qorti bl-istess mod kif tista' tiġi eżerċitata mill-qorti u skont l-istess disposizzjonijiet; iżda, jekk l-imħallef jiċħad rikors mill-appellant, l-appellant ikollu dritt li r-rikors jiġi deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

(3) Id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

(4) Iż-żmien li fih l-appellant, pendenti d-deċizjoni tal-appell tiegħu, ikun meħlus mill-arrest bil-garanzija ma jgħoddx bħala parti minn kull perijodu ta' priġunerija jew ta' detenzjoni skont is-sentenza kontra tiegħu.

Eċċezzjoni kontra jew astensjoni ta' imħallef.
*Miżjud: XXV. 1967.18.*
*Emendat: III. 2002.120.*

**510.** (1) Kull eċċezzjoni kontra imħallef li jkun qiegħed fil-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tingħata, u d-deċiżjoni dwar hekk għandha tinqata', qabel ma l-appellant jibda jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-qorti fuq il-merti tal-appell.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 446(2), (3), (4), (5), (6), (7) u (8) u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 447 għandhom japplikaw f'kull proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, iżda, hekk illi, għall-fini ta' dawk il-proċeduri, kull riferenza f'dawk id-disposizzjonijiet għall-qari tal-att ta' akkuża għandha tiftiehem bħala riferenza għall-bidu tas-sottomissjonijiet mill-appellant fuq il-merti tal-appell, ir-riferenza fl-imsemmija subartikoli (2) u (4) għall-akkużat għandha tiftiehem bħala li tinkludi lill-persuna

misjuba ħatja fuq att ta' akkuża li tkun appellat u lil kull persuna li tappella skont l-artikolu 503(1), u r-riferenza fl-imsemmi subartikolu (4) għas-smigħ tal-kawża għandha tiftiehem bħala riferenza għas-smigħ tal-appell.

Mewt jew mard ta' imħallef, Avukat Ġenerali, jew akkużat jew l-avukat tiegħu. *Miżjud: XXV. 1967.18. Emendat: LVIII. 1974.68; III. 2002.121.*

**511.** (1) Jekk, waqt is-smigħ tal-appell, xi wieħed mill-imħallfin li jkun fl-Appell imut jew jimrad, għandu jiġi surrogat imħallef ieħor kif provdut skont l-artikolu 498, u l-proċeduri kollha għandhom isiru mill-ġdid jekk il-qorti, fl-interessi tal-ġustizzja, jidhrilha hekk xieraq jew jekk l-akkużat jagħmel talba f'dak is-sens:

Iżda l-proċeduri għandhom f'kull każ isiru mill-ġdid meta l-imħallfin surrogati jkunu tnejn jew iżjed:

Iżda wkoll ma tkunx tista' terġa' ssir eċċezzjoni kontra mħallef li joqgħod f'qorti li tkun ġa ġiet deċiża jew xi kwistjoni li fuqha l-qorti tkun ġa tat id-deċiżjoni tagħha qabel ma tkun saret is-surroga tal-imħallef jew imħallfin.

(2) Jekk l-Avukat Ġenerali jew l-avukat delegat minnu jmut jew jimrad jew jekk l-avukat tal-appellant imut jew jimrad jew jekk l-appellant stess jimrad, waqt is-smigħ tal-appell, ikun fid-diskrezzjoni tal-qorti kif l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu li tordna li jerġgħu jsiru mill-ġdid il-proċeduri kollha:

Iżda fil-każ tal-mewt tal-avukat tal-appellant jew fil-każ ta' mard ta' dak l-avukat u sostituzzjoni minn avukat ieħor, il-proċeduri kollha għandhom dejjem jerġgħu jsiru mill-ġdid jekk l-appellant jagħmel talba għal hekk.

Disposizzjonijiet dwar proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. *Miżjud: XXV. 1967.18. Emendat: XXI. 1971.27; XXVII. 1975.32; III. 2002.122; A.L. 407 tal-2007.*

**512.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 420, l-artikolu 421(1), l-artikoli 422, 423, 425, 427, 441, 442, 444 u 452 għandhom japplikaw f'kull proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Krimimali:

Iżda, għall-fini ta' dawk il-proċeduri, kull riferenza f'dawk id-disposizzjonijiet għall-qorti superjuri u għall-qorti inferjuri għandha tiftiehem rispettivament bħala li tkun riferenza għall-Qorti tal-Appell Kriminali u għall-Qorti Kriminali.

(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 420, meta l-appellant li jkun għamel id-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija f'dak l-artikolu, ma jkunx jista' jiġi assistit mill-Avukat għal Għajnuna Legali minħabba r-raġuni li hemm fil-paragrafu (*a*) tal-istess artikolu u meta kien assistit quddiem il-Qorti Kriminali minn avukat nominat skont l-artikolu 571, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha, safejn jista' jkun, tinnomina l-istess avukat biex jassisti lill-appellant fil-proċeduri tal-appell, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 571, 572 u 573 għandhom japplikaw relattivament għal dik in-nomina.

(3) Il-Qorti tal-Appell Kriminali tista', jekk tikkonsidra li appell ikun fieragħ, tikkundanna lill-appellant għal multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

Rakkomandazzjoni minn imħallef tal-Qorti tal-Appell Kriminali.
*Miżjud:*
*XXV. 1967.18.*

**513.** Kull imħallef jista' jeżerċita, dwar kull ħaġa li tkun ġiet trattata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, waqt li kien qiegħed fiha, is-setgħa tar-rakkomandazzjoni msemmija fl-artikolu 494 bl-istess mod kif dik is-setgħa tista' tiġi eżerċitata minn imħallef li joqgħod f'Qorti Kriminali.

Xogħol ir-reġistratur fil-Qorti tal-Appell Kriminali.
*Miżjud:*
*XXV. 1967.18.*
*Sostitwit:*
*XXIV. 1995.360;*
*XXXI. 2002.201.*
Kap. 12.

**514.** Ix-xogħol ta' reġistratur fil-Qorti tal-Appell Kriminali jista' jsir minn uffiċjal eżekuttiv tal-qorti msemmi fl-artikolu 57(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Prerogattiva ta' ħniena.
*Miżjud:*
*XXV. 1967.18.*

**515.** (1) Ebda ħaġa f'dan it-Titolu ma għandha tolqot il-prerogattiva ta' ħniena, iżda l-Prim Ministru fuq talba magħmula lilu minn persuna kundannata wara att ta' akkuża jew mingħajr dik it-talba jista', jekk jidhirlu xieraq, f'kull żmien jew -

(*a*) jirriferixxi l-każ kollu lill-Qorti tal-Appell Kriminali u l-każ għandu mbagħad jiġi ittrattat għall-finijiet kollha bħala appell lil dik il-qorti magħmul mill-persuna kundannata; jew

(*b*) jekk jixtieq l-għajnuna tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq xi kwistjoni li tinqala' fil-każ, jirriferixxi dak il-punt lil dik il-qorti għall-opinjoni tagħha fuqu, u l-qorti għandha tqis il-punt hekk mibgħut lilha u tagħti lill Prim Ministru l-fehma tagħha fuqu skont hekk.

(2) Is-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li teżerċita l-funzjonijiet tagħha skont dan l-artikolu tista' tiġi eżerċitata għalkemm il-persuna interessata ma tkunx għal xi raġuni preżenti.

*Sostitwit:*
*XXV. 1967.19.*

DISPOSIZZJONIJIET LI JGĦODDU GĦALL-QRATI TA' ĠUSTIZZJA KRIMINALI

L-ilsien tal-qrati.
*Miżjud:*
*XVI. 1932.7.*
*Emendat:*
*XXX. 1934.12;*
*XX. 1936.3;*
*XIII. 1964.26.*
*Sostitwit:*
*XXXII. 1965.8.*
*Emendat:*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.33, 40;*
*IV. 1994.13.*
Kap. 189.

**516.** (1) L-ilsien Malti jkun l-ilsien tal-qrati u, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu tal-Ilsien Ingliż) il-proċeduri kollha għandhom isiru b'dak l-ilsien.

(2) Meta xi persuna akkużata ma tifhimx l-ilsien li bih ikunu qed isiru l-proċeduri jew tiġi miġjuba xi xiehda, dawk il-proċeduri jew xiehda għandhom jiġu interpretati lilha jew mill-qorti jew minn interpretu li jiġi mogħti lilu l-ġurament.

Kap. 12.

(3) Għandu jkun hemm Bord li jkun magħmul mill-Prim Imħallef, minn imħallef nominat mill-President ta' Malta minn fost l-imħallfin li ordinarjament joqogħdu fil-Qorti Kriminali, mill-Avukat Ġenerali, minn maġistrat nominat mill-Ministru tal-Ġustizzja, u mill-president tal-Kamra tal-Avukati b'setgħa li jagħmlu regoli msejħin Regoli tal-Qorti għal kull wieħed mill-iskopijiet imsemmija fl-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, safejn applikabbli, billi r-riferenza għal dak il-kodiċi f'dak l-artikolu tkun tiftiehem bħala riferenza għal dan il-kodiċi:

Iżda xejn f'dawn ir-regoli m'għandu jkun inkompatibbli jew kuntrarju għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi jew ta' liġijiet

oħra.

(4) Il-Bord jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost l-għadd tal-membri tiegħu iżda m'għandux jaġixxi jekk għall-inqas il-Prim Imħallef u żewġ membri oħra ma jkunux preżenti.

(5) Ir-regoli magħmula mill-Bord huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-President ta' Malta u għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Proċeduri li ma jistgħux jiġu ippubblikati. *Emendat: IX. 1859.27; III. 1880.8,9; A.L. 46 tal-1965; XXV. 1967.20; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.40; VIII. 1990.3; III. 2002.123.*

**517.** (1) Kull qorti ta' ġustizzja kriminali tista', b'ordni iffirmat mir-reġistratur u mwaħħal fil-bieb tal-edifizzju li fih il-qorti toqgħod, tipprojbixxi l-pubblikazzjoni, sa ma l-kawża tispiċċa, ta' kitba, stampata jew le, dwar ir-reat li fuqu tkun miexja l-kawża, jew dwar il-persuna tal-imputat jew akkużat; u kull min jikser dak l-ordni, talli jiksru biss, isir ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, u jeħel piena skont l-artikolu 686, barra minn kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett il-ħati skont il-liġi, kemm-il darba bil-kitba jew bil-pubblikazzjoni tagħha jirriżulta reat ieħor:

Piena.

Iżda għal dan ir-reat l-ieħor, l-azzjoni kriminali titmexxa separatament, skont il-liġi.

Kemm iddum il-projbizzjoni.

(2) Jekk l-ordni msemmi hawn fuq ikun ingħata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja u ma jkunx ġie mħassar minn l-istess qorti qabel it-tmiem tal-kompilazzjoni, jibqa' jseħħ sakemm jiġi mħassar mill-Qorti Kriminali wara li jagħlaq iż-żmien li fih l-Avukat Ġenerali jista' jippreżenta l-att tal-akkuża, b'ordni ieħor iffirmat mir-reġistratur u mwaħħal fl-istess post fejn l-ewwel ordni kien ġie mwaħħal.

Dmirijiet tal-Pulizija.

(3) Meta l-Pulizija ssir taf bil-pubblikazzjoni ta' xi kitba bi ksur ta' dan l-artikolu, għandha tgħarraf lill-qorti li tkun għamlet l-ordni tal-projbizzjoni u tesegwixxi l-ordnijiet li tagħti l-qorti, bil-fomm jew bil-miktub, biex iġġib lill-ħati quddiem l-istess qorti, b'taħrika jew b'arrest.

Liema qorti għandha taqtal-każ għall-ksur tal-ordni.

(4) Il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali tista' taħtar, flokha nfisha, lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, sabiex tiddeċidi fuq dan ir-reat; f'dan il-każ il-qorti msemmija l-aħħar tipproċedi bħallikieku l-ordni li ġie miksur kien mogħti minnha stess.

Imħallef jew maġistrat ma jistax jiġi irrikużat għaliex ikun ta l-ordni.

(5) Ebda mħallef jew maġistrat ma jista' jiġi irrikużat minħabba li kien l-imħallef jew maġistrat fil-kawża meta ġie mogħti l-ordni li għalih ir-reat ikun jirriferixxi.

X'jista' jiġi ippubblikat.

(6) Iżda, ma jeħel ebda piena min jippubblika kitba li jkun fiha biss kopja vera tal-akkuża jew tal-att tal-akkuża, jew il-ġurnata biss mogħtija għas-smigħ tal-kawża, basta li ma jiġi miżjud xejn li jista' jittieħed bħala għoti ta' fehma fuq dik il-kawża, sew dwar ir-reat in ġenerali kemm dwar il-persuna li tkun għamlitu.

Min jista jara l-atti u d-dokumenti tal-Qrati Kriminali.
*Emendat:*
*VIII. 1909.49;*
*XIII. 1980.18;*
*XXIX. 1990.21;*
*IV. 1994.14;*
*III. 2002.124.*

**518.** L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ, jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu:

Iżda proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u bil-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont l-artikolu 695.

Dmir tal-qorti li tipprovdi għad-difiża kif jixraq tal-akkużat.

**519.** Hu dmir tal-qrati ta' ġustizzja kriminali li jipprovdu għad-difiża ġusta tal-imputati jew akkużati; u ma jkunx meħtieġ li jinħatru kuraturi għal imputati jew akkużati li ma jkunux tal-età.

Disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħoddu għall-qrati ta' ġustizzja kriminali.
*Emendat:*
*IV. 1856.41;*
*VIII. 1857.16;*
*IX. 1859.28;*
*XIII. 1964.26;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*III. 1976.5;*
*VIII. 1990.3;*
*XXIV. 1995.360;*
*XXXI. 2002.203;*
*XXII. 2005.7;*
*VIII. 2015.34.*
Kap. 12.

**520.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi, id-disposizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, ħlief sa fejn hu provdut xort'oħra f'dan il-Kodiċi, jgħoddu għall-qrati tal-ġustizzja kriminali:

(*a*) l-artikoli 8, 10 sa 12, 16 u 17, 23 sa 30, 57 sa 61, u 65 sa 76 li għandhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni tal-qrati;

(*b*) l-artikoli 97 sa 106, 108 sa 110, 113 u 114, 119A u 123 li għandhom x'jaqsmu maż-żminijiet ġudizzjarji;

(*ċ*) l-artikoli 175 u 205;

(*d*) l-artikoli 558 sa 662 li għandhom x'jaqsmu ma' xiehda b'mod ġenerali; u

(*e*) l-artikoli 627 sa 633, u l-artikoli 635 sa 637 li għandhom x'jaqsmu ma' provi permezz ta' dokumenti u l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' ħaddieħor.

Setgħa tal-qorti dwar provi mhux meħtieġa.

(2) Il-qrati hawn fuq imsemmija għandhom is-setgħa li ma jħallux li jsir fil-provi, fit-trattazzjoni jew fid-difiża, dak kollu li, fil-fehma tal-qorti, jista' jġib dewmien mhux meħtieg, jew ma jkunx rilevanti, jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawża.

Reġistru u reġistratur.
*L-ewwel taqsima tal-artikolu 30 tal-Ord. VI tal-1880 inkorporata.*
*Sostitwit:*
*XXXI. 2002.204.*
Kap. 12.

**521.** (1) Ir-reġistru u r-reġistratur imsemmijin f'dan il-Kodiċi jiġu stabbiliti b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja taħt dan l-artikolu.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), u sakemm isiru r-regolamenti taħt l-imsemmi subartikolu (1), ir-reġistru u r-reġistratur huma dawk stess stabbiliti mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew maħtura bis-saħħa tiegħu, għall-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili.

Setgħa tal-qorti dwar xhud li ma jkunx irid igħid is-sewwa.
*Emendat: III. 2002.125; A.L. 407 tal-2007; XXIV. 2014.60.*

**522.** (1) Il-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jħawwad fix-xiehda tiegħu, billi twissih, iżżommu mwarrab għalih waħdu, jew ukoll billi tordna l-arrest tiegħu.

(2) Kull xhud li ma jkunx irid jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-qorti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mitt euro (€2,300) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mitt euro (€4,600) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Il-qorti li quddiemha ix-xhud ma jkunx irid jaħlef jew jixhed għandha tordna l-arrest tax-xhud u għandha tordna lill-Pulizija biex fi żmien tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tressaq lix-xhud quddiem il-qorti kompetenti akkużat b'reat taħt is-subartikolu (2).

(4) Meta x-xhud akkużat kif imsemmi fis-subartikolu (3), f'kull żmien qabel tingħata sentenza finali fir-rigward tiegħu, jagħti x-xiehda tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti li quddiemha tkun meħtieġa dik ix-xiehda u fi stadju li fih il-qorti tkun tista' tirċeviha, dak ix-xhud ma għandux jeħel il-piena ta' priġunerija iżda għandu jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa li ma tkunx aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

(5) Kull proċedimenti kriminali in esekuzzjoni ta' ordni tal-qorti taħt is-subartikolu (3) għandhom jitmexxew bl-urġenza.

Jekk ikun hemm suspett ta' prova falza.
*Emendat: XXV. 1967.21; XXVII. 1975.40; VIII. 1990.3.*

**523.** Meta l-qorti jkollha suspett raġonevoli ta' xi prova falza, hija tista' tordna l-arrest tal-persuna suspetta ħatja ta' dik il-prova falza; jekk dan jiġri quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-qorti tordna li din il-persuna tiġi mibgħuta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-kompilazzjoni meħtieġa; u jekk jiġri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, din il-qorti tipproċedi *ex officio*.

Imġieba ħażina tal-imputat jew akkużat.
*Miżjud: XV. 1937.8. Emendat: XXVII. 1975.34.*

**524.** Jekk quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali l-imputat jew l-akkużat iġib ruħu b'mod illi jfixkel il-bon-ordni tas-seduta, u, wara li jiġi mwiddeb mill-qorti, jibqa' jġib ruħu ħażin jew jerġa' jġib ruħu ħażin, il-qorti tista' tordna illi huwa jiġi mbiegħed mill-post fejn tkun qiegħda ssir il-kawża jew, jekk ikun taħt arrest, illi jittieħed lura l-ħabs, u tista' tibda jew tkompli l-kawża bl-assistenza biss tal-avukat jew prokuratur legali tiegħu jew, jekk huwa ma jkollux avukat jew prokuratur legali, bl-assistenza tal-Avukat għal Għajnuna Legali jew ta' avukat jew prokuratur legali ieħor maħtur mill-qorti.

Disposizzjonijiet li jgħoddu għall-qrati oħra kriminali.
*Emendat:*
*IV. 1856.42;*
*V. 1868.32;*
*XI. 1900.79;*
*VIII. 1909.50;*
*XXX. 1934.14;*
*XV. 1937.9;*
*VIII. 1944.3.4;*
*XXXII. 1965.8;*
*XXV. 1967.22;*
*XXVII. 1975.40;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.126;*
*VII. 2010.33;*
*XXIV. 2014.61.*

**525.** (1) Id-disposizzjonijiet li ġejjin igħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati:

(*a*) l-artikolu 441:

Iżda l-qorti tista' tipproċedi *ex officio* mingħajr it-talba ta' ebda parti;

(*b*) l-artikoli 443, 444 u 445;

(*ċ*) l-artikolu 451, sa fejn jirriferixxi dwar kif wieħed għandu jikkomunika ma' trux-u-mutu, jew ma' mutu u mhux trux, jew ma' trux biss; u l-artikolu 452.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 362, 363, 364, 383 sa 387, inklużi, tal-artikolu 397(5) u tal-artikolu 399 għandhom ukoll japplikaw għall-Qorti Kriminali u għall-Qorti tal-Appell Kriminali; u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 452 għandhom ikunu wkoll japplikaw għall-Qorti tal-Appell Kriminali fis-smigħ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati.

(2A) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 412B(1) u (2) għandhom ukoll japplikaw *mutatis mutandis* għall-Qorti Kriminali għar-rigward ta' persuna li tkun taħt arrest għal reat li dwaru jkun ġie ppreżentat att tal-akkuża kif ukoll għall-Qorti tal-Appell Kriminali għar-rigward ta' persuna li tkun taħt arrest u li tkun parti fi proċeduri tal-appell quddiem dik il-Qorti:

Iżda għar-rigward tal-Qorti Kriminali d-deċiżjoni relevanti għandha f'kull każ tittieħed minn dik il-Qorti li toqgħod mingħajr ġurija.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 397, tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn inklużi, tal-artikoli 467 u 623 għandhom, *mutatis mutandis*, igħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt xi dispożizzjoniet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.

Notifika tat-taħrika tax-xhieda.
*Miżjud:*
*III. 1971.15.*

**526.** It-taħrika tax-xhieda msejħin biex jidhru quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tista' tiġi notifikata minn uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 441 u 442 għandhom japplikaw lil kull xhud hekk imħarrek.

Dokumenti proċedurali.
*Miżjud:*
*IV. 2014.24.*

**526A.** Skont u b'konformità ma' xi trattat, konvenzjoni, ftehim jew patt bejn Malta u pajjiż ieħor jew li japplika għaż-żewġ pajjiżi jew li fih żewġ pajjiżi huma partijiet, dokumenti proċedurali jew kull att ta' proċedura jistgħu jintbagħtu direttament bil-posta lill-persuna li tinsab fit-territorju tal-pajjiż barrani f'lingwa li dik il-persuna tifhem:

Iżda dawk id-dokumenti proċedurali għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport li jindika lil dik il-persuna r-rimedji disponibbli u li dik l-informazzjoni dwar id-drittijiet u dmirijiet tagħha li jikkonċernaw dak id-dokument jistgħu jinkisbu mill-awtorità emittenti jew minn awtorità kompetenti oħra f'Malta.

Ħadd ma jista' jiġi iġġudikat darbtejn għall-istess fatt.

**527.** Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

**528.** Meta tiġi ippruvata l-innoċenza għal kollox tal-akkużat, il-qorti tista', meta hemm lok għal dan, tordna li jinfetaħ proċess ta' kalunnja jew ta' xiehda falza kontra min ikun għamel id-denunzja jew il-kwerela jew ta x-xiehda, jew kontra kull persuna oħra responsabbli, billi tħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 523.

Setgħa tal-qorti kontra l-kalunnjaturi, eċċ., meta tiġi ippruvata l-innoċenza għal kollox tal-akkużat.

**529.** Ir-reġistratur għandu jżomm reġistru li fih għandhom jitniżżlu l-proċeduri tal-qorti, bl-ilsien li bih dawk il-proċeduri jkunu jsiru, u dan ir-reġistru huwa prova awtentika ta' dawk il-proċeduri.

Ilsien li bih għandu jinżamm ir-reġistru. Ir-reġistru jiswa bħala prova tal-proċeduri. *Emendat: XV. 1937.10.*

**530.** (1) L-akkużat għandu jitqiegħed fl-isbarra li jkun hemm għaldaqshekk fis-sala tas-smigħ tal-kawżi.

Il-lok tal-imputat u tax-xhieda fil-qorti. *Emendat: IV. 1994.15.*

(2) Ix-xhieda, waqt li jixhdu, għandhom jitqiegħdu fil-post iddestinat għalihom għaldaqshekk:

Iżda dan ma jgħoddx fil-każ -

(*a*) ta' xhud ta' età żgħira li, jekk jitqiegħed fil-post tax-xhieda, jista', bil-mistħija jew xort'oħra, jinfixel jew jaqbdu l-biża' waqt li jkun qed jixhed u b'hekk ikun ta' ħsara għall-finijiet tal-ġustizzja;

(*b*) ta' xhud li, minħabba xjuħija, mard jew kondizzjoni fiżika, ma jkunx jista' bla nkomdu kbir joqgħod fil-post iddestinat għax-xhieda.

**531.** (1) Il-qorti għandha żżomm is-seduti tagħha bil-miftuħ. Iżda, il-qorti tista' żżomm is-seduti tagħha bil-magħluq kull meta jidhrilha li s-smigħ tal-kawża, jekk isir bil-miftuħ, jista' joffendi s-sens tal-mistħija jew jagħti skandlu; f'kull każ bħal dan il-qorti għandha qabel xejn tagħti digriet fuq daqshekk u fih tagħti r-raġuni li għaliha għandu jsir hekk.

Is-smigħ tal-kawża għandu jsir bil-miftuħ. Eċċezzjonijiet. *Emendat: XXV. 1967.23; XXVII. 1975.40; III. 2002.127.*

(2) Meta s-seduta ssir bil-magħluq, ħadd ma jista' jippubblika rapporti tal-proċeduri, taħt il-pieni stabbiliti għad-disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.

*__531A.__ Fi proċeduri quddiem qorti ta' ġustizzja kriminali, meta l-imputat jew l-akkużat, wara li jkunu ġew notifikati bid-data tal-ewwel smigħ skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ikunu dehru għall-imsemmi smigħ, l-ebda notifika sussegwenti ta' xi data għandha bżonn tingħata lil każ li jkun stabbilit għas-smigħ kif intqal qabel jew li jkun diġà beda jinstema' jiġi diferit u għandha tkun ir-responsabbiltà tal-imputat jew l-akkużat li jivverifikaw dik id-data:

Notifika sussegwenti. *Miżjud: XXIV. 2014.62,*

Iżda din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll fejn l-imputat jew l-akkużat, minkejja ma jkunux ġew notifikati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, dehru għas-smigħ.

*dan l-artikolu għadu mhux fis-seħħ.

Setgħa tal-qorti li tirregola t-tmexxija tal-kawża, eċċ.
*Sostitwit:*
*IV. 1994.16.*

**532.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 516(3), (4) u (5), il-qorti għandha s-setgħa li tagħti ordnijiet sabiex ix-xogħol jitmexxa sewwa u bla dewmien, u biex jiġi mħares u miżmum il-bon-ordni tas-seduti tagħha, basta li f'dawn l-ordnijiet ma jkun hemm xejn kuntrarju għal-liġi.

Ordnijiet għall-ħlas ta' danni meta tingħata s-sentenza.
*Miżjud:*
*XVI. 2006.11.*
Kap. 446.

**532A.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-*Probation* għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom ukoll *mutatis mutandis* japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt.

Ħlas ta' spejjeż.
*Miżjud:*
*XVI. 2006.11.*

**532B.** Meta persuna tinsab ħatja ta' delitt punibbli bi priġunerija hija jkollha tħallas dawk l-ammonti għar-rigward ta' spejjeż skont ma l-Ministru jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti. Dawk ir-regolamenti jistgħu jispeċifikaw id-delitti u, jew il-proċedimenti li dwarhom ikunu japplikaw ir-regolamenti kif ukoll liema parti tal-ispejjeż tkun tista' tiġi konvertita fi priġunerija u liema parti tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili, jew li l-ammont kollu jkun jista' jiġi hekk konvertit jew hekk jinġabar, u l-proċedura applikabbli f'kull każ.

Setgħa tal-qorti li tikkundanna l-akkużat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-periti.
*Miżjud:*
*XXX. 1934.15.*
*Emendat:*
*XXIX. 1990.22;*
*XIII. 2005.4;*
*A.L. 407 tal-2007.*

**533.** (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Proċeduri fin-nuqqas ta' ħlas.

(2) Fin-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż, bħal ma jkun ġie stabbilit mill-qorti, il-qorti għandha, fuq rikors tar-reġistratur, toħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna ikkundannata, b'ordni li din il-persuna tinġieb quddiemha, u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' dik il-persuna, tibdel l-ammont hekk maqtugħ fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu:

Iżda, il-persuna mibgħuta l-ħabs minħabba li ma tkunx ħallset dawk l-ispejjeż tista' teħles mill-piena mibdula f'ħabs billi tħallas l-ispejjeż stabbiliti mill-qorti, bit-tnaqqis ta' dik il-biċċa minnhom daqs kemm hija tkun skuntat f'ħabs bil-kalkolu msemmi f'dan l-artikolu.

Setgħa tar-reġistratur li jipproċedi għall-ispejjeż bħala dejn ċivili.

(3) Iżda, ir-reġistratur jista' jiġbor l-ispejjeż hawn fuq imsemmija bħala dejn ċivili, billi jagħmel fuq hekk dikjarazzjoni fl-atti tal-kawża, f'kull żmien li jkun sakemm l-ispejjeż ma jkunux ġew mibdula fi priġunerija; u meta ssir din id-dikjarazzjoni, id-disposizzjoni tas-subartikolu (2) ma tibqax tgħodd.

Il-mod li bih isir il-ġbir tal-ispejjeż.
Kap. 12.

(4) Il-ġbir tal-ispejjeż bħala dejn ċivili jsir b'rikors lill-istess qorti għall-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**534.** (1) Fil-każ ta' reat kontra r-regolamenti dwar il-*motor-cars* jew kontra kull liġi jew regolament dwar it-traffiku tal-vetturi, l-ispejjeż jistgħu, jekk issir id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3) tal-aħħar artikolu qabel dan, jinġabru bħala dejn ċivili mingħand sid il-vettura, għad li dan ma jkunx il-persuna li tkun ġiet misjuba ħatja:

Tmexxija għall-ħlas tal-ispejjeż kontra sid il-vettura għad li dan ma jkunx il-persuna ikkundannata. *Miżjud: XXX. 1934.15. Emendat: XXIX. 1990.23.*

Iżda, jekk il-persuna misjuba ħatja ma tkunx sid il-vettura, dan ma jweġibx għal spejjeż f'somma akbar milli tkun tiswa l-vettura.

(2) Kemm-il darba sid il-vettura ma jkunx parti fil-kawża, il-qorti għandha, fuq talba tar-reġistratur, tordna lis-sid biex jidher u jgħid għaliex m'għandux jiġi ikkundannat li jħallas l-ispejjeż imsemmija hawn fuq; u l-qorti tordna illi l-ispejjeż jitħallsu mis-sid kemm-il darba dan ma jippruvax, għas-sodisfazzjon tal-qorti, illi l-vettura, meta sar ir-reat, kienet qiegħda ssuqha jew tieħu ħsiebha l-persuna ħatja tar-reat, bla ma huwa kien jaf jew bla ma ta l-kunsens tiegħu, espress jew taċitu.

Proċedura.

Ħelsien ta' sid il-vettura mill-ħlas tal-ispejjeż.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

Tifsir ta' "vettura" u "sid". Kap. 10.

il-kelma "vettura" tfisser l-istess bħal fl-artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

il-kelma "sid" tfisser il-persuna li f'isimha tkun ħarġet il-liċenza tal-vettura.

---

## Titolu VI

*Miżjud: IV. 2014.25.*

### Fuq id-Drittijiet tal-Persuni Suspettati u l-Akkużati

**534A.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għal persuna mill-ħin li tkun mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva li hemm suspett li wettqet reat (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "persuna suspettata") u għal persuna li tinstab akkużata jew imputata li wettqet reat (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "akkużata") sa ma jkunu konklużi l-proċeduri kriminali, inkluż, fejn hu applikabbli, l-għoti tas-sentenza u d-deċiżjoni tal-appell:

Drittijiet ta' persuni suspettati u akkużati. *Miżjud: IV. 2014.25. Emendat: VIII. 2015.35.*

Iżda "l-proċeduri kriminali" għandhom jinkludu investigazzjonijiet mill-Pulizija Eżekuttiva u proċeduri ta' estradizzjoni:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom ukoll japplikaw għal persuna barra mill-persuna suspettata jew akkużata li, fil-kors tal-interrogazzjoni mill-pulizija u minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi, issir persuna suspettata jew akkużata.

**534AB.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 355AĊ, 355AS, 392 u 445, għandu jkun id-dmir tal-Pulizija jew tal-Qorti, skont kif ikun il-każ, li tinforma lill-persuna suspettata jew lill-akkużat bla ebda dewmien bid-drittijiet proċedurali li ġejjin:

Dritt għall-informazzjoni u Ittra bi Drittijiet. *Miżjud: IV. 2014.25. Emendat: LI. 2016.5.*

(*a*) id-dritt ta' aċċess għal avukat;

(*b*) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir;

(*ċ*) id-dritt li jkun infurmat b'mod dettaljat kif neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta u l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet tad-difiża għar-reat li jkun twettaq mill-persuna suspettata jew l-akkużat:

Iżda l-persuna suspettata jew l-akkużat għandhom minnufih jiġu infurmati dwar xi tibdil li jkun sar fl-informazzjoni li tkun ingħatat skont dan l-artikolu fejn ikun neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta;

(*d*) id-dritt għall-interpretazzjoni u traduzzjoni;

(*e*) id-dritt li jibqa sieket;

(*f*) id-dritt li terza persuna tiġi infurmata dwar it-tiċħid tal-libertà tal-persuna suspettata jew akkużata;

(*g*) id-dritt li tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari meta l-persuna suspettata jew akkużata tkun imċaħħda mil-libertà tagħha;

(*h*) id-dritt li tkun tista' tikkonsulta ma' tabib;

(*i*) jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkun illitterata, id-dritt li jkollha l-Ittra ta' Drittijiet moqrija u spjegata lilha.

(2) L-informazzjoni pprovduta taħt is-subartikolu (1) għandha tingħata verbalment jew bil-miktub, b'lingwa sempliċi u aċċessibbli, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet partikolari tal-persuni vulnerabbli, suspettati jew akkużati fil-kuntest tal-artikolu 208AĊ(2).

(3) Huwa d-dmir tal-Pulizija li minnufih tipprovdi lill-persuna arrestata jew detenuta Ittra bi Drittijiet kif elenkata fl-Iskeda E u l-Pulizija għandha tagħti lill-imsemmija persuna l-opportunità li taqraha u li żżommha fil-pussess tagħha waqt li tkun detenuta. L-Ittra bi Drittijiet għandha tkun miktuba f'lingwa li l-persuna tifhem:

Iżda meta l-Ittra bi Drittijiet ma tkunx disponibbli f'lingwa xierqa, il-persuna suspettata jew l-akkużat għandhom jiġu infurmati bid-drittijiet li huma intitolati għalihom b'mod verbali f'lingwa li jifhmu u l-Ittra bi Drittijiet għandha tingħatalhom mill-aktar fis possibbli f'lingwa li jifhmu.

(4) L-informazzjoni pprovduta skont dan l-artikolu għandha tinżamm mill-Pulizija jew mill-Qorti skont il-każ.

Dritt għall-interpretazzjoni.
*Miżjud: IV. 2014.25.*

**534AĊ.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 355AĊ, 451 u 516(2) meta l-persuna suspettata ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa li qed tintuża waqt il-proċeduri kriminali, skont ma jkun il-każ, għandha tingħata, bla ebda dewmien, interpretu waqt il-proċeduri msemmija, inkluż waqt l-interrogazzjoni li ssir mill-pulizija.

(2) Is-servizz ta' interpretazzjoni għandu jkun disponibbli

għall-komunikazzjoni bejn il-persuna suspettata jew l-akkużat u l-avukat tiegħhom f'konnessjoni diretta ma' kull interrogazzjoni jew mas-smigħ tal-kawża matul il-proċeduri jew fil-preżentazzjoni ta' appell jew rikorsi proċedurali oħra.

(3) Id-dritt għall-interpretazzjoni taħt is-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw għall-persuni li għandhom impediment fis-smigħ jew fit-taħdid.

(4) Għandu jkun fid-dmir tal-Pulizija Eżekuttiva u tal-qorti, skont il-każ, li jivverifikaw jekk il-persuna suspettata jew l-akkużat jifhmux u jitkellmux il-lingwa li tkun qed tintuża fil-proċeduri kriminali u jekk hemmx il-bżonn ta' assistenza minn interpretu.

(5) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jinftiehem li qed jipprekludi l-persuna suspettata jew l-akkużat li jitolbu li kull tip ta' deċiżjoni li, f'kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali, tgħid li ma hemmx il-ħtieġa għall-interpretazzjoni tkun ikkontestata, u, meta l-intepretazzjoni tkun ingħatat, il-possibilità li wieħed jilmenta dwar il-kwalità tal-interpretazzjoni li mhijiex sufficjenti sabiex tissalvagwardja proċedura ġusta.

(6) Is-servizz ta' interpretazzjoni pprovdut taħt dan l-artikolu għandu jkun wieħed ta' kwalità sufficjenti sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta, b'mod partikolari sabiex ikun żgurat li l-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu jafu dwar il-każ kontrihom u li għandhom d-dritt li jeżerċitaw id-dritt għal difiża.

Dritt għal traduzzjoni ta' dokumenti essenzjali.
*Miżjud: IV. 2014.25.*

**534AD.** (1) Meta l-persuna suspettata jew l-akkużat ma jifhmux il-lingwa li tkun qed tintuża fil-proċeduri kriminali kkonċernati, huma għandhom, fi żmien raġonevoli, jingħataw bil-miktub traduzzjoni tad-dokumenti kollha essenzjali li jiżguraw li huma jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jiddefendu ruħhom kif ukoll sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta.

(2) Id-deċiżjoni li tiddetermina x'jikkostitwixxi dokument essenzjali għandha tittieħed mill-Pulizija Eżekuttiva jew mill-Qorti skont ma jkun il-każ, u l-persuna suspettata jew l-akkużat jew l-avukat tagħhom għandhom jissottomettu talba raġonata għal dak il-għan:

Iżda d-dokumenti essenzjali għandhom jinkludu kull deċiżjoni li ċċaħħad il-libertà tal-persuna, kull imputazzjoni jew att ta' akkuża, u kull deċiżjoni:

Iżda wkoll ma jkunx hemm il-ħtieġa li jiġu tradotti l-passaġġi tad-dokumenti essenzjali li m'humiex rilevanti għall-finijiet li jippermettu lill-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu jafu li hemm każ kontrihom.

(3) Xejn f'dan l-artikolu ma jiġi miftiehem bħala li jipprekludi li l-persuna suspettata jew lill-akkużat sabiex jitolbu li kull deċiżjoni li, f'kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali, tgħid li m'hemmx bżonn traduzzjoni ta' dokumenti jew passaġġi tiegħu jkunu riveduti u, meta traduzzjoni tkun provduta, il-possibilità li wieħed jilmenta li l-kwalità tat-traduzzjoni mhijiex tajba sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu,

tista' tiġi provduta traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm tad-dokumenti essenzjali minfok traduzzjoni bil-kitba, bil-kundizzjoni li din it-traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm ma jippreġudikawx il-proċedura ġusta.

(5) Meta l-persuna suspettata jew l-akkużat jirrinunzjaw għad-dritt għal traduzzjoni ta' dokumenti msemmija f'dan l-artikolu, din ir-rinunzja għandha tiġi imniżżla bil-miktub u biss wara meta, il-Pulizija Eżekuttiva jew il-Qorti, skont il-każ, tkun sodisfatta li l-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu rċievew parir legali minn qabel jew xort'oħra kellhom għarfien sħiħ tal-konsegwenzi ta' din ir-rinunzja, u li r-rinunzja ma kenitx ekwivoka u mogħtija b'mod volontarju.

(6) It-traduzzjoni pprovduta taħt dan l-artikolu għandha tkun ta' kwalità biżżejjed li tissalvagwardja proċedura ġusta, b'mod partikolari billi tiżgura li l-persuni suspettati jew l-akkużati jkollhom għarfien tal-każ miġjub kontrihom u li jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt għal difiża.

Spejjeż u kwalità tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni.
*Miżjud: IV. 2014.25.*

**534AE.** (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 533, is-servizzi ta' interpretaz-zjoni u tat-traduzzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-artikoli minn 534AB sa 534AD, it-tnejn inklużi, għandhom ikunu mingħajr ħlas.

(2) Ir-reġistratur għandu jżomm reġistru ta' tradutturi u ta' interpreti li huma kkwalifikati b'mod xieraq. Ladarba stabblilit, dan ir-reġistru għandu, fejn xieraq, jkun disponibbli għall-avukat u awtoritajiet oħra relevanti.

Dritt għal aċċess għall-materjal tal-każ.
*Miżjud: IV. 2014.25.*

**534AF.** (1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.

(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u sakemm dan ma jippreġudikax id-dritt ta' proċess kriminali ġust, wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal jekk dan l-aċċess ikun ta'

theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew jekk dan ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku importanti jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurtà nazzjonali.

**534AG.** Meta persuna suspettata jew akkużata f'kwalunkwe proċeduri kriminali ġiet assistita minn interpretu jew meta ġiet provduta b'traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm ta' dokumenti essenzjali kif provdut skont il-liġi, jew meta l-imsemmija persuna suspettata jew akkużata ma teżerċitax id-dritt għat-traduzzjoni ta' dokumenti essenzjali kif provdut fl-artikolu 534AD(5), għandu jitniżżel record ta' dan il-fatt fl-atti tal-proċeduri relevanti kriminali.

*Records. Miżjud: IV. 2014.25.*

---

TAQSIMA II

FUQ ĦWEJJEĠ LI GĦANDĦOM X'JAQSMU MA XI PROĊEDURI U XI KAWŻI

---

## Titolu I

### RAPPORTI, DENUNZJI U KWERELI

**535.** (1) Kull persuna tista' tagħmel denunzja lil uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva ta' reat li tkun ġiet taf bih b'kull mod li jkun, u li għalih il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio*.

Denunzja. Rapport. *Emendat: IX. 1911.17.*

(2) Iżda l-Pulizija ma tistax timxi fuq rapport jew denunzja anonimi, ħlief fil-każ ta' reat maqbud fil-fatt jew meta r-rapport jew id-denunzja jkollhom x'jaqsmu ma' fatt permanenti. F'kull każ bħal dan, il-Pulizija tista' tipproċedi fuq dak ir-rapport jew denunzja, wara li tiżgura ruħha mill-flagranza tar-reat jew mill-fatt permanenti.

Dmirijiet tal-Pulizija.

**536.** Id-denunzjant għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi.

X'għandu jkun fiha d-denunzja. *Emendat: IX. 1911.17.*

**537.** Id-denunzja tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub:

Iżda, meta d-denunzja ssir bil-fomm, hija għandha, ħlief fil-każijiet li ma jkunux iridu dewmien, titniżżel bil-miktub minnufih u għandha tiġi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-uffiċjal tal-Pulizija li jkun hekk niżżilha bil-miktub.

Forma tad-denunzja. *Miżjud: IX. 1911.17.*

**538.** Kull persuna li jidhrilha li hi offiża b'reat u tkun trid tagħmel kwerela għall-kundanna tal-ħati, jekk magħruf, jew, jekk mhux magħruf, fil-każ li jinkixef, tista' tagħmel din il-kwerela lil kull uffiċjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra.

Kwerela. *Emendat: VI. 1871.34; III.1880.10; IX. 1911.18.*

L-artikoli 536 u 537 igħoddu għall-kwereli.
*Miżjud: IX. 1911.19.*

**539.** L-artikoli 536 u 537 igħoddu wkoll għall-kwereli.

Dmir tal-Pulizija wara li tirċievi rapport, denunzja jew kwerela.
*Emendat: VIII. 1990.3; III. 2002.128.*

**540.** Meta l-Pulizija Eżekuttiva tirċievi rapport, denunzja jew kwerela, illi fuqhom għandhom isiru proċeduri, hija għandha tgħarraf mill-aktar fis lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), jew lil maġistrat, skont il-każ, biex tieħu minn għandhom l-ordnijiet meħtieġa għal dawk il-proċeduri:

Iżda, jekk wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela kontra persuna, din tiġi mħarrka, jew, meta l-Pulizija Eżekuttiva għandha s-setgħa li tgħaddi minnufih għall-arrest tal-persuna, din il-persuna tiġi arrestata, il-Pulizija tista' tgħarraf lill-qorti bir-rapport, denunzja jew kwerela, f'dak il-ħin li l-persuna mħarrka jew arrestata tinġieb quddiemha.

Proċedura meta l-Pulizija Eżekuttiva ma tkunx trid tmexxi fuq ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela.
*Miżjud: VIII. 1909.51. Emendat: VIII. 1990.3; III. 2002.129; VII. 2010.34.*

**541.** (1) Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:

Iżda, ir-rikorrent għandu, qabel xejn ma t-talba tiegħu titmexxa 'l quddiem, iwettaq bil-ġurament id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela, u jobbliga ruħu, taħt penali, f'somma li tiffissa l-qorti, li jagħti fil-kawża, jekk ikun imsejjaħ, ix-xiehda tiegħu, inkella li jagħti dawk il-provi li jkollu f'idejh illi bihom l-imputat ikun jista' jinsab ħati:

Iżda wkoll fejn l-Avukat Ġenerali b'nota jiddikjara li jkun intlaħaq ftehim mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż ieħor li l-qrati ta' dak il-pajjiż għandhom jeżerċitaw ġurisdizzjoni dwar id-delitt, il-Qorti tal-Maġistrati għandha tqis dik id-dikjarazzjoni konklussiva u għandha minnufih tiċħad ir-rikors.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 383(2) u tal-artikoli 386 u 387, igħoddu, sa fejn jistgħu jgħoddu, għall-penali msemmija fis-subartikolu (1).

(3) Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tippermetti, għal kollox jew biss f'parti, rikors taħt is-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali, flimkien mal-atti tal-kawża, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni u l-Avukat Ġenerali jista' fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn notifika jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għat-tħassir jew bdil tad-deċiżjoni. Ir-rikorrent jista' wkoll jagħmel rikors bħal dak fil-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li biha ma jkunx intlaqa' r-rikors, sew għal kollox sew biss f'parti minnu. Rikors fil-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu għandu jkollu effett ta' waqfien ta' esekuzzjoni tad-

deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

**542.** Jistgħu jagħmlu kwerela r-raġel għal martu jew il-mara għal żewġha, l-axxendenti għad-dixxendenti, id-dixxendenti għall-axxendenti, wieħed jew waħda mit-tfal f'isem l-ieħor jew l-oħra, kull persuna għal oħra li tkun taħt it-tutela jew il-ħsieb tagħha, kull amministratur jew rappreżentant ta' istituzzjoni pija jew korp morali ieħor magħruf mil-liġi, għal kull reat magħmul bi ħsara ta' dik l-istituzzjoni jew korp morali, u l-werrieta immedjati għar-reati magħmulin kontra l-awtur tagħhom.

Persuni li jistgħtu jagħmlu kwerela.
*Emendat:*
*XI. 1900.81;*
*XLVI. 1973.108;*
*XXIV. 2014.63.*

**543.** Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Każijiet li fihom il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio*.
*Emendat:*
*IV. 1856.43;*
*V. 1868.33;*
*XX. 2005.20.*

(*a*) fil-każ ta' delitti li għalihom il-liġi ma tiddisponix espressament li hija meħtieġa l-kwerela privata;

(*b*) fil-każ ta' reati li jikkonsistu filli jinġiebu armi ipprojbiti fuq il-persuna jew fil-każ ta' reat kontra l-liġijiet dwar is-sajd, il-vetturi jew id-dgħajjes, inkella dwar arti jew sengħa;

(*ċ*) fil-każ ta' reat magħmul kontra persuna li, minħabba xi difett tal-ġisem jew tal-moħħ, ma tkunx tista' tmexxi l-azzjoni kriminali, ukoll jekk ir-reat ikun wieħed li għalih, kieku kien magħmul kontra persuna oħra, kienet tkun meħtieġa l-kwerela privata;

(*d*) fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali;

(*e*) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika:

Kap. 481.

Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

**544.** Ma jistgħux isiru proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata, f'ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Każijiet li fihom tinħtieġ il-kwerela tal-privat.
*Emendat:*
*II. 1886.10;*
*VIII. 1909.52;*
*II. 1973.7;*
*XX. 2005.21;*
*XXII. 2005.8.*

(*a*) stupru vjolent;

(*b*) serq ta' persuna;

(*ċ*) attentat vjolent għall-pudur;

(*d*) serq ta' elettriku u reati taħt l-artikolu 326(1)(*ċ*), (*e*) u (*f*):

Eċċezzjoni.
Kap. 481.

Iżda, meta xi wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika, jew flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata:

Iżda wkoll meta fil-każ ta' delitt li jsir bi vjolenza domestika l-azzjoni kriminali tkun tmexxiet indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata, id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 543(*e*) għandhom japplikaw ukoll għal dak il-każ.

Rinunzja għall-kwerela.
*Emendat:*
*II. 1886.11;*
*XIV. 1889.47;*
*XI. 1900.82;*
*VIII. 1909.53.*

**545.** (1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.

Rinunzja mhux aċċettata.

(2) L-imputat jew akkużat jista' ma jaċċettax ir-rinunzja; f'dan il-każ il-kawża tibqa' sejra daqs li kieku ma tkunx saret ir-rinunzja.

Kwerela fiergħa jew vessatorja.

(3) Jekk ir-rinunzja ssir wara l-ftuħ tal-kawża, u jiġi ippruvat li l-kwerela kienet fiergħa jew magħmula biex tivvessa, jew bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ta' xi ħaġa oħra, jew bil-ħsieb ta' qligħ ieħor, il-qorti tista', għad li jkun hemm ir-rinunzja, tgħaddi 'l quddiem u tagħti s-sentenza, billi tillibera lill-imputat jew akkużat u tordna li jittieħdu proċeduri kontra l-kwerelant, skont l-artikolu 528:

Iżda jekk il-kwerela ma tkunx tammonta għal wieħed mir-reati msemmijin f'dak l-artikolu, il-qorti tista' tikkundanna l-kwerelant għall-piena tad-detenzjoni jew tal-multa jew tal-ammenda, skont il-gravità tal-każ.

---

## Titolu II

### FUQ L-"*IN GENERE*", L-AĊĊESSI U R-"*REPERTI*"

Prova tal-"*in genere*".
*Sostitwit:*
*III. 1971.16.*
*Emendat:*
*XIII. 1980.19;*
*XXIX. 1990.24;*
*III. 2002.130;*
*XXII. 2005.9;*
*XVI. 2006.12;*
*A.L. 407 tal-2007;*
*XXXIV. 2014.17.*

**546.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din, għandu jsir aċċess fuq il-post:

Iżda fejn jirriżulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taħt dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li għalih kienet tingħata l-piena msemmija f'dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinżamm investigazzjoni taħt dan is-subartikolu m'għandux, għal dik ir-raġuni biss, jippreġudika b'kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew proċedimenti kriminali għal dak ir-reat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f'dawk il-procedimenti:

Iżda wkoll minkejja kull disposizzjoni oħra, meta reat li

jkun qed jiġi investigat ikun ta’ serq tal-elettriku jew reat taħt l-artikolu 326(1)(*ċ*), (*e*) u (*f*) ebda aċċess ma għandu jsir ħlief fuq talba espressa tal-Enemalta plc.

(2) Il-maġistrat li lilu jsiru r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela msemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan jista’ ma jagħmilx aċċess jekk il-fatt li għandu jiġi investigat huwa ksur għall-finijiet tal-artikolu 263(*a*) kif imfisser fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 264(1) u jekk is-serq li għalih il-ksur jirriferixxi jew jista’ jirriferixxi jkun dwar ħwejjeġ li ma jkunux jiswew aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), għalkemm jista’ jkun ikkwalifikat kif imsemmi fl-artikolu 261(*a*), (*b*), (*d*), (*e*), (*f*) u (*g*) jew x’wħud minnhom, ukoll jekk il-fatt x’aktarx li jikkostitwixxi reat li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija għal iżjed minn tliet snin:

Iżda d-deċiżjoni ta’ maġistrat li ma jagħmilx aċċess skont dan is-subartikolu ma timpedix, dwar il-fatt jew il-fatti li dwarhom dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet, l-istituzzjoni jew it-tkomplija ta’ proċeduri kriminali għal reat li jkun iktar gravi, sew minħabba x-xorta tiegħu sew minħabba l-ammont involut sew għal xi raġuni oħra, tkun liema tkun, mir-reati msemmija f’dan is-subartikolu.

(3) Meta r-reat li għandu jiġi investigat ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, il-Maġistrat jista’ minflok li jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta’ spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-uffiċjal hekk maħtur u kull fotografu jew espert ieħor li jkunu qed jgħinuh għandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u għandhom jipproduċu r-ritratti kollha li jkunu ttieħdu u l-oġġetti jew id-dokumenti l-oħra kollha li jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom.

(4) Ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela msemmijin fis-subartikolu (1) u fl-artikolu 551(1) jistgħu jsiru bil-fomm lill-maġistrat iżda f’kull każ l-istess rapport, denunzja jew kwerela għandhom isiru bil-miktub lill-maġistrat fi żmien jumejn tax-xogħol mill-jum li fih ikunu saru bil-fomm:

Iżda l-maġistrat jista’, meta jidhirlu li jkun xieraq li hekk jagħmel, jipproċedi skont id-disposizzjonijiet ta’ dan it-Titolu minkejja li r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ma jsirux bil-miktub fiż-żmien imsemmi.

(4A) Meta r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela jsiru lil Maġistrat taħt dan l-artikolu minn xi persuna li ma tkunx l-Avukat Ġenerali jew uffiċjal tal-pulizija, ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela għandhom isemmu ċar lill-persuna suspettata li għamlet ir-reat (hawn izjed ’il quddiem f’dan l-artikolu msejjħa "il-persuna suspettata"). Il-Maġistrat għandu jordna li r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, skont ma jkun il-każ, jiġi notifikat lill-persuna suspettata filwaqt li jagħtiha żmien għal risposta u wara li jgħaddi dak iż-żmien il-Maġistrat għandu jiddeċiedi jekk jagħmilx l-aċċess. Il-Maġistrat għandu jiddeċiedi li jagħmel l-aċċess biss jekk ikun stabbilixxa li l-prerekwiżiti meħtieġa biex isir dak l-aċċess ikunu jeżistu.

(4B) Id-deċiżjoni tal-Maġistrat taħt is-subartikolu (4A) għandha

tiġi notifikata lill-persuna li għamlet ir-rapport, denunzja jew il-kwerela u lill-persuna suspettata. Kull wieħed minnhom jista', fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, jagħmel rikors lill-Qorti Kriminali biex tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Maġistrat u l-Qorti Kriminali għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rikors bl-urġenza.

(4Ċ) F'kull każ fejn ikun ser isir aċċess taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4A) u (4B) il-Maġistrat li jmexxi l-aċċess għandu jingħazel bil-polza minn fost il-Maġistrati kollha.

(5) Kopja tar-rapport, denunzja jew kwerela msemmijin fis-subartikolu (1) u fl-artikolu 551(l) għandhom jintbagħtu mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta l-maġistrat ikun irċeva dak ir-rapport, dik id-denunzja jew dik il-kwerela bil-miktub.

(6) Id-deċiżjoni li ma jsirx aċċess skont is-subartikolu (2) għandha bl-istess mod tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn dik id-deċiżjoni.

Aċċess mill-maġistrat,
*Emendat:*
*IX. 1859.29;*
*VII. 1880.6;*
*VI. 1939.2;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXXI. 1966.2;*
*LVIII. 1974.68;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.131.*

**547.** (1) L-aċċess isir min maġistrat.

jew, f'ċerti każijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), mir-reġistratur ta' dik il-qorti.

(2) Kull meta l-Maġistrat assenjat lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ikun nieqes għal xi ftit taż-żmien minn Għawdex bil-permess tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jew, minħabba impediment leġittimu, ma jkunx jista' jagħmel id-dmirijiet tiegħu, l-aċċess u l-proċeduri kollha konnessi miegħu jistgħu, bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali, jsiru mir-reġistratur li għal dan il-għan għandu jkollu s-setgħat u d-dmirijiet kollha mogħtija b'dan it-Titolu lil Maġistrat..

Proċess verbal tal-aċċess.
*Emendat:*
*XIII. 1980.20;*
*XXXII. 1986.9;*
*XXIX. 1990.23;*
*XXIV. 2014.64.*

**548.** (1) Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal:

Iżda l-maġistrat jista', meta jidhirlu spedjenti, jagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u jisimgħu x-xhieda bil-ġurament u li jieħdu x-xiehda tagħhom bil-miktub u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 650(5) u tal-artikolu 653(3) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*:

Iżda wkoll, l-"*in genere*" għandu jiġi eżaminat biss minn persuni tal-professjoni kompetenti, kull meta hekk tkun titlob l-imġieba xierqa:

Iżda wkoll, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar.

(2) L-esperti maħtura fl-inkjesta sabiex jiġbru u jeżaminaw id-*data* dattiloskopika u l-kampjuni biex jiġi analizzat id-DNA uman għandhom jibagħtu lill-Pulizija Eżekuttiva kopji tad-*data* dattiloskopika u tal-profili tad-DNA flimkien ma' kull informazzjoni oħra li għandha x'taqsam mad-*data* dattiloskopika u mal-profil tad-DNA.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"*data* dattiloskopika" tfisser immaġini ta' marki tas-swaba', immaġini ta' *latents* ta' marki tas-swaba', marki tal-palma tal-id, *latents* ta' marki tal-palma tal-id, marki tal-palma tal-id ta' bniedem qed jikteb u latents ta' marki tal-palma tal-id ta' bniedem qed jikteb; u

"profil tad-DNA" tfisser kodiċi ta' ittra jew numru li jirrappreżenta grupp ta' karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti li ma tiġix kodifikata ta' kampjun ta' DNA uman analizzat, jiġifieri l-istruttura molekulari partikolari fil-varji postijiet tad-DNA (*loci*).

Firma fuq il-proċess verbal.
*Emendat:*
*X. 1858.1;*
*XIII. 1980.21;*
*VIII. 1990.3.*

**549.** (1) Il-proċess verbal għandu jiġi iffirmat mill-maġistrat jew minn uffiċjal li jkun għamel l-aċċess.

Ir-rapport tal-periti u x-xiehda tax-xhieda għandhom jiġu mdaħħla mal-proċess verbal.

(2) Meta l-periti jagħtu l-fehma tagħhom f'rapport bil-miktub, imwettaq kif imiss bil-ġurament, dan ir-rapport għandu jiġi mdaħħal mal-proċess verbal, u jitqies li jagħmel biċċa waħda mill-istess proċess verbal.

(3) Ix-xiehda tax-xhieda mismugħa fl-aċċess għandha tiġi mdaħħla wkoll fil-proċess verbal.

Kif għandha tittieħed ix-xiehda tax-xhieda.

(4) Din ix-xiehda għandha tittieħed bil-mod li tittieħed ix-xiehda tax-xhieda li jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja, u għandha l-istess effett.

Il-proċess verbal jagħmel prova.
*Emendat:*
*X. 1858.2;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.40;*
*XIII. 1980.22;*
*XVI. 2006.13;*
*XXIV. 2014.65.*

**550.** (1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni.

(2) Madankollu matul iż-żmien għall-egħluq tal-kumpilazzjoni msemmi fl-artikolu 401(1) sal-mument li l-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża kif imsemmi fl-artikolu 401(2), il-Pulizija tkun tista' ġġib, bil-permess speċjali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja, lil kull waħda mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) biex tagħti xiehda fil-kumpilazzjoni quddiem dik l-istess qorti fuq materji speċifiċi debitament imsemmija minn dik il-qorti fil-permess speċjali tagħha; b'dan li wara l-egħluq tal-kumpilazzjoni skont l-artikolu 402(1) u wara li l-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża kif imsemmi fl-artikolu 401(2), l-Avukat Ġenerali jkun jista' jġib lil kull min irid minn dawk il-persuni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 405

sabiex iwieġbu għal materji speċifiċi indikati mill-Avukat Ġenerali fit-talba bil-miktub tiegħu. Il-persuna mixlija tkun tista' wkoll iġġib lil kull min trid minn dawk il-persuni bil-għan li jsirilha kontro-eżami.

Dmir tal-Avukat Ġenerali li jdaħħal fil-lista tax-xhieda, l-ismijiet tal-periti u tax-xhieda mismugħin fl-aċċess.

(3) Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna, għall-istess effett, li jinġieb kull wieħed mill-periti jew mix-xhieda l-oħra li mill-proċess verbal ikun jidher li ġie mismugħ fl-aċċess; u, għal daqshekk, dan il-perit jew xhud għandu, fil-każijiet kollha ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jiġi mdaħħal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġi mismugħ, jekk ikun hemm bżonn.

Fil-kawża għandhom jinġiebu d-dokumenti u l-oġġetti miġjubin fl-aċċess.

(4) Iżda, id-dokumenti kollha u oġġetti materjali oħra li fuqhom ikun sar proċess verbal, u li jkunu jistgħu jintrefgħu u jinġiebu bla tfixkil, għandhom dejjem jinġiebu fil-kawża, flimkien mal-proċess verbal.

(5) Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti.

Il-maġistrat għandu jinforma lill-Avukat Ġenerali bid-dewmien. *Miżjud: XXIX. 1990.26. Emendat: XVI. 2006.14.*

**550A.** (1) Meta l-proċess verbal ma jsirx fi żmien sittin ġurnata mir-rapport, denunzja jew kwerela msemmija fl-artikolu 546(1) jew fl-artikolu 551(1), jew meta "*repert*" imsemmi fl-artikolu 558(1) ma jsirx fi żmien sittin ġurnata mill-kxif tad-dokument, il-maġistrat għandu jagħmel rapport bil-miktub li fih jindika r-raġuni tad-dewmien, u dan ir-rapport għandu jintbagħat mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn għeluq is-sittin ġurnata.

(2) F'għeluq kull xahar minn meta jkun sar l-ewwel rapport, il-maġistrat għandu jagħmel rapport bil-miktub ieħor li fih jerġa' jindika r-raġuni tad-dewmien u kull rapport sussegwenti hekk magħmul għandu jintbagħat mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn għeluq ix-xahar.

(3) Wara li jiskadu s-sittin ġurnata msemmija fis-subartikolu (1) kull min ikollu interess jista' jagħmel rikors fejn jitlob lill-maġistrat li huwa jinstema' bħala xhud, jew li jinstemgħu bħala xhieda l-persuni indikati fir-rikors. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali li jkollu erbat ijiem żmien biex jirrispondi.

(4) Il-maġistrat għandu jikkomunika lill-Avukat Ġenerali dak it-tagħrif dwar l-inkjesta kif ikun mitlub mill-Avukat Ġenerali li barra minn hekk għandu, f'kull ħin, ikollu aċċess għall-atti tal-kawża tal-inkjesta u għal kull dokument u oġġett materjali ieħor esibit tul l-inkjesta inkluż ir-rapporti tal-esperti u d-deposizzjoni tax-xhieda.

**551.** (1) Fil-każijiet ta' mewt sobtu jew vjolenti jew suspetta, jew ta' mewt li ma jkunx magħruf il-kaġun tagħha, il-Pulizija Eżekuttiva għandha tagħmel ta' dan rapport lil Maġistrat; il-maġistrat għandu jagħmel aċċess fuq il-kadavru, sabiex isib il-kaġun tal-mewt, u għandu, għal dan l-iskop, jiġbor il-provi kollha li jkun jista'; wara li jkun sama' l-provi kollha, il-maġistrat għandu jagħmel u jiffirma proċess verbal, u fih jagħti l-fehma tiegħu dwar il-kaġun tal-mewt.

Aċċess fuq il-mejjet f'każ ta' mewt sobtu, eċċ.
*Emendat:*
*XXX. 1934.16;*
*VI. 1939.3;*
*X. 1960.2;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXXI. 1966.2;*
*III. 1971.17;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXII. 1976.4;*
*XIII. 1980.23;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.132.*
Kap. 260.

(2) Kull meta persuna tmut waqt li tkun il-ħabs jew miżmuma f'xi post ta' reklużjoni maħsub fl-Att dwar il-Ħabs, jew waqt li tkun fil-kustodja tal-Pulizija, għandu jsir aċċess u għandu jsir proċess verbal għall-finijiet ta' u skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(3) Id-disposizzjoni tal-aħħar subartikolu qabel dan tapplika wkoll kull meta persuna tmut fl-Isptar Monti Karmelu fil-waqt li tkun qed tinżamm hemm b'ordni ta' qorti magħmul skont l-artikolu 525 jew l-artikolu 623(1) jew sabiex tiġi eżaminata minn periti nominati mill-qorti biex jirrapportaw fuq l-eċċezzjoni ta' ġenn.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), f'każijiet ta' mewt sobtu jew ta' mewt li ma jkunx magħruf il-kaġun tagħha, il-maġistrat jista', minflok li jagħmel aċċess fuq il-kadavru, u bla ħsara għas-setgħat tiegħu taħt l-artikolu 552, jagħmel kif provdut fl-artikolu 546(3), u meta jagħmel hekk id-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(5) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 547(2) jgħoddu għal aċċessi li jsiru għall-fini ta' dan l-artikolu.

**552.** (1) Il-maġistrat jista', meta jidhirlu meħtieġ, jordna l-ftuħ u l-eżami minn ġewwa tal-kadavru.

Awtopsja.
*Sostitwit:*
*XIII. 1980.24.*

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 551(1), il-maġistrat jista' jaħtar espert mediku jew esperti mediċi u jista' wkoll jagħti lil dak l-espert jew lil dawk l-esperti s-setgħa li jisimgħu x-xiehda bil-ġurament biex jiġu stabbiliti l-identità tal-kadavru u l-kawża tal-mewt.

**553.** Kemm-il darba l-kadavru jkun ġie midfun, il-maġistrat jista' jordna li jiġi maqlugħ bil-kawtieli meħtieġa, kemm-il darba dan il-qligħ ikun jista' jsir bla ħsara għas-saħħa pubblika.

Qligħ tal-kadavru mill-qabar.

**554.** (1) Il-maġistrat jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt aċċess jikxef li hija ħatja, jew li kontra tagħha jkunu nġabru indizji biżżejjed, kif ukoll il-qbid ta' karti, ta' oġġetti u in ġenerali ta' kull ħaġ'oħra, li huwa jkun jidhirlu meħtieġa sabiex tinsab il-verità. Jista' wkoll jordna tfittxija fi djar, f'bini jew f'reċinti, għalkemm ikunu ta' ħaddieħor, meta huwa jkun ġabar provi li jġiegħluh jaħseb li xi ħwejjeġ minn dawk imsemmija hawn fuq ikunu jinsabu hemm ġew.

Setgħa tal-maġistrat matul l-aċċess.
*Emendat:*
*XXIX. 1990.27;*
*III. 2002.133.*

(2) Il-maġistrat jista' wkoll jordna li persuna indizjata tiġi ffotografata, meqjusa jew li jittieħdu l-istampi ta' subgħajha jew li xi parti ta' ġisimha jew ħwejjiġha jiġu eżaminati minn esperti maħtura minnu għal dan l-iskop:

Iżda meta l-maġistrat ikun tal-fehma li dawk il-fotografiji (negattivi u kopji), stampi tas-subgħajn, notamenti fuq il-qisien u kull ħaġa oħra meħuda minn fuq il-ġisem jew il-ħwejjeġ kif ingħad ma jkunux aktar meħtieġa għall-verifika tal-prova dwar l-"*in genere*", huwa għandu jordna d-distruzzjoni tagħhom jew jordna li jingħataw lura lill-persuna li dwarhom jirreferu.

(3) F'kull proċedura taħt dan it-Titolu l-maġistrat għandu jkollu l-istess setgħat u privileggi ta' maġistrat li jippresjedi l-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja.

X'għandu jsir meta l-"in *genere*" ma jibqax jeżisti, eċċ.

**555.** Jekk is-suġġett materjali tar-reat ma jkunx jeżisti aktar, jew għal xi raġuni ma jistax ikun taħt il-għajnejn, jew, jekk ix-xorta tar-reat tkun tali li ma tistax tħalli sinjali tiegħu permanenti, jew, jekk dawn is-sinjali jkunu ġew b'xi mod meqruda, f'dawn il-każijiet, għandu jiġi ivverifikat fil-kompilazzjoni l-istat tal-ħaġa f'dak il-waqt u, sakemm jista' jkun, l-istat li kienet fih qabel ma saret l-oġġett tar-reat; u x-xiehda fuq hekk għandha tittieħed bil-miktub u għandha tagħmel sehem mill-kompilazzjoni:

Iżda, meta s-sinjali jkunu ġew meqruda, wieħed għandu jfittex li jiżgura wkoll, sakemm jista' jkun, il-mod u l-kaġun li għalihom dawn is-sinjali ma baqgħux jidhru, u għandhom jinġabru l-provi kollha li jistgħu jiswew biex juru li fil-fatt ir-reat kien sar.

Formalitajiet li għandhom jitħarsu fil-kompilazzjoni ta' falsifikazzjoni ta' skrittura.
*Emendat: III. 1971.18.*

**556.** (1) F'kull kompilazzjoni ta' falsifikazzjoni ta' skritturi, id-dokument attakkat bħala falz, għandu, malli jiġi ippreżentat, jiġi innumerat f'kull paġna, u għandu jsir proċess verbal fuq l-istat materjali tad-dokument u fuq il-preżentata tiegħu.

(2) Il-proċess verbal għandu jiddeskrivi kull taħsira, żieda jew il-kliem imdaħħal bejn linja u oħra f'dak id-dokument, u kull ċirkostanza oħra li tista' turi t-tibdil li jkun sar fih.

(3) Sew id-dokument attakkat bħala falz kemm ukoll il-proċess verbal jekk ikun sar, għandu jiġi iffirmat, u fuq kull faċċata kontro-firmat mill-maġistrat tal-kompilazzjoni, mir-reġistratur, u wkoll, meta jista' jkun, mix-xhieda u periti li jkunu ħadu sehem fl-aċċess.

(4) Il-maġistrat tal-kompilazzjoni minflok jagħmel il-proċess verbal imsemmi f'dan l-artikolu, jista' jordna li ssir kopja fotostatika tad-dokument attakkat bħala falz minn persuna nominata minnu għal hekk, liema kopja għandha tinżamm fil-kustodja tar-reġistratur. Ir-reġistratur għandu jipproduċi dik il-kopja kull meta jiġi mitlub minn xi qorti ta' ġustizzja kriminali.

Proċedura li għandha titħares f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' dokument attakkat bħala falz.

**557.** (1) Meta dokument attakkat bħala falz ikun jinsab merfugħ f'uffiċċju pubbliku, jew għand persuna privata, il-maġistrat tal-kompilazzjoni għandu jordna biex dak id-dokument jinġieb il-qorti bla dewmien.

(2) Il-persuna li jkollha d-dokument merfugħ għandha, hija obligata ġġibu, taħt piena ta' arrest, u jekk tonqos, tista' ssir tfittxija għad-dokument u l-persuna tista' tinżamm taħt detenzjoni sakemm iġġib dak id-dokument jew sakemm dak id-dokument jiġi maqbud, jew sa dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha xieraq, skont ma tkun id-disubbidjenza ta' dik il-persuna u skont il-gravità tal-każ.

(3) Iżda l-privat li jkollu fil-pussess tiegħu skrittura privata attakkata bħala falza, ma jistax jiġi mġiegħel iġib dik l-iskrittura, jekk qabel ma jkunx ġie mħarrek biex iġibha quddiem il-qorti jew biex jagħti r-raġuni tiegħu l-għaliex ma jkunx irid iġibha.

(4) Kemm-il darba r-raġuni tar-rifjut ma tiġix milqugħa, il-qorti għandha tordna li dan il-privat jiġi mġiegħel iġib l-iskrittura privata, ukoll bl-arrest tal-persuna, jew bit-tfittxija, jew billi jinżamm taħt detenzjoni sakemm iġib id-dokument jew sakemm dan jiġi maqbud, jew sa dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha xieraq, skont ma tkun id-disubbidjenza ta' dik il-persuna u skont il-gravità tal-każ.

**558.** (1) Meta jinkixef dokument li għandu x'jaqsam ma' reat, wieħed għandu jfittex li jiżgura l-eżistenza u l-konservazzjoni tiegħu, u għandu jsir proċess verbal, li jissejjaħ "*repert*". "*Repert*".

(2) Taħt l-isem ta' "dokument" tidħol kull karta u kull ħaġa materjali li tista' tagħti informazzjoni, tifsir, jew prova oħra dwar ir-reat, jew dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-imputat. Tifsira ta' "dokument".

**559.** Għall-finijiet tal-verifika tal-prova dwar l-"*in genere*", jew fil-każ ta' "*repert*", għandhom jittieħdu jew jissejħu fuq il-post periti ta' ħila fl-arti jew fis-sengħa, li jistgħu jagħarfu s-sinjali li jkun ħalla r-reat, l-istat u l-partikularitajiet tal-fatt permanenti, il-mezzi materjali li bihom x'aktarx sar ir-reat, l-effetti li ġieb ir-reat, x'effetti oħra jista' jġib 'il quddiem, u ż-żmien li x'aktarx idumu dawk l-effetti. Regoli għar-"*reperti*" u l-provi "*in genere*".

**560.** Fir-"*reperti*" ta' armi u ta' dak kollu li jidher li serva għar-reat, jew li kien iddestinat għall-esekuzzjoni tiegħu jew li hu l-prodott tar-reat, kif ukoll ta' karti jew ta' kull dokument ieħor li jista' jiswa biex tinsab il-verità, għandhom jittieħdu jew jissejħu fuq il-post periti ta' ħila fl-arti jew fis-sengħa partikulari, biex jistabbilixxu x-xorta, l-istat jew l-użu tal-oġġett li fuqu jsir ir-"*repert*". Sejħa ta' periti.

**561.** Il-periti għandhom jagħmlu fuq l-oġġetti tar-"*repert*" l-osservazzjonijiet u l-esperimenti kollha li titlob l-arti jew is-sengħa tagħhom. Huma għandhom isemmu l-fatti li fuqhom ikunu ibbażaw l-osservazzjonijiet tagħhom, u għandhom jagħtu l-fehma tagħhom bħal ma jingħad fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan. Fehma tal-periti.

**562.** Jekk il-perit ma jkunx jista' jagħti l-fehma tiegħu fuq il-post, jew jekk il-perizja tkun tinħtieġ esperimenti ta' kimika, jew proċessi oħra xjentifiċi, għandu jiġi mogħti lilu żmien qasir biex ilesti d-dikjarazzjoni jew ir-rapport tiegħu, iżda għandu dejjem jittieħed ħsieb li tinżamm il-prova tal-identità tal-oġġetti. Żmien mogħti lill-periti għar-rapport. *Emendat: I. 1903.31.*

**563.** Fil-każ ta' fatt permanenti, kull ċirkostanza dwar l-"*in genere*", għandha tiġi ivverifikata minn perit wieħed jew iżjed. Iżda, kull ċirkostanza bħal din tista' wkoll tiġi ivverifikata minn xhieda oħra, jekk l-eżami tagħhom ikun biżżejjed biex jikxef u jistabbilixxi l-fatt permanenti, li tiegħu jkun meħtieġ li wieħed jiżgura l-prova. Eżami ta' ċirkostanzi dwar fatt permanenti. *Emendat: VI. 1871.35.*

Twettiq tal-perizja bil-ġurament.
*Emendat:*
*VIII. 1857.17;*
*XXX. 1934.17.*

**564.** (1) Kull perizja għandha ssir, jew tiġi mwettqa, mill-periti, b'ġurament meħud quddiem il-maġistrat tal-kompilazzjoni.

Ħatra ta' periti.

(2) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 650, il-periti għandhom f'kull każ jiġu maħtura mill-maġistrat tal-kompilazzjoni.

Regoli dwar ir-"*reperti*".
*Emendat:*
*XXIX. 1990.28.*

**565.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet dwar id-dikjarazzjoni tal-periti, fir-"*reperti*" għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:

(*a*) jekk il-ħaġa tkun minnha nfisha suġġetta għal tibdil jew tħassir, għandhom isiru fuqha l-perizji li jinħtieġu, u għandha ssir deskrizzjoni tagħha bl-akbar reqqa, kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu; il-biċċa li tista' tibqa' mill-ħaġa, għandha tiġi ikkonservata;

(*b*) jekk il-ħaġa jew il-biċċa mill-ħaġa ikkonservata tkun tali li tista' ssir kitba fuqha, għandha tiġi immarkata bl-isem tal-uffiċjal u ta' kull min ikun ħa sehem fil-proċeduri, u mbagħad għandha tiġi misrura f'karta jew f'xoqqa;

(*ċ*) jekk il-ħaġa ma tkunx tali li tista' ssir kitba fuqha, għandha tiġi mqiegħda f'reċipjent addattat, jew f'kamra, u mbagħad għandha tiġi magħluqa quddiem dawk kollha li jkunu ħadu sehem fil-proċeduri;

(*d*) il-pakk, ir-reċipjent, jew il-bieb tal-kamra, għandhom jiġu magħluqin bi strixxi tal-karta jew tax-xoqqa, u għandhom jiġu issiġillati, u mbagħad iffirmati mill-uffiċjal u minn kull min ikun ħa sehem fil-proċeduri;

(*e*) jekk ikun jinħtieġ, għall-finijiet tal-ġustizzja, li jarġa' jinfetaħ il-pakk, ir-reċipjent jew il-kamra, dawn għandhom jerġgħu jinfetħu, jekk jista' jkun, quddiem dawk li qabel ikunu ħadu sehem fil-proċeduri, u għandhom jerġgħu jingħalqu quddiemhom, jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir mingħajr tfixkil, quddiem persuni oħra, iżda għandu jitqies, sakemm jista' jkun, li kollox jitħalla fl-istat ta' qabel.

(2) Fil-każijiet kollha, għandu jsir proċess verbal.

Setgħa tal-maġistrat fil-ġabra tal-provi tal-"*in genere*" u fir-"*reperti*".

**566.** Fil-ġabra ta' provi dwar l-"*in genere*" u fir-"*reperti*", il-maġistrat jista' jordna, jekk ikun jidhirlu meħtieġ, li ħadd ma joħroġ mill-post fejn tkun qiegħda ssir l-investigazzjoni.

Il-qorti tista' tordna li l-bibien magħluqa jiġu miftuħa b'saħħa.

**567.** Jekk il-bieb tal-post fejn tkun issir l-investigazzjoni dwar l-"*in genere*" jew ir-"*repert*", jinsab magħluq, u ħadd ma jidher biex jiftħu, il-maġistrat jista' jordna li jiġi miftuħ b'saħħa.

Setgħa tal-uffiċjal inkarigat f'xi każijiet.

**568.** (1) Meta ma jkunux jistgħu jittieħdu jew jiġu mħarsa kif imiss il-kawtieli u l-formalitajiet imsemmijin taħt dan it-Titolu sabiex jiġi aċċertat jew stabbilit xi fatt, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-uffiċjal inkarigat minnhom li minflokhom jieħu kull pass ieħor illi hu jkun jidhirlu l-aħjar fiċ-ċirkostanzi.

(2) Iżda, in-nuqqas ta’ dawn il-kawtieli jew formalitajiet mhux ta’ impediment illi fil-kawża tkun tista’ ssir, bil-mod li tagħti l-liġi, il-prova tal-fatti li għalihom dawk il-kawtieli jew formalitajiet ikunu jirriferixxu.

L-atti għandhom jinbagħtu lill-Avukat Ġenerali.
*Emendat:*
*VII. 1880.6;*
*III. 1896.5;*
*XI. 1900.83;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*VIII. 1990.3;*
*XXIX. 1990.29;*
*III. 2002.134.*

**569.** (1) L-atti kollha ta’ kull proċedura taħt dan it-Titolu, meta ma tkunx saret kompilazzjoni, għandhom jinbagħtu mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu jibgħat lura dawk l-atti lill-maġistrat jew lill-maġistrat tal-kompilazzjoni meta jkun jinħtieġ li l-investigazzjoni tissokta.

(3) Meta dawk l-atti jintbagħtu lura lill-maġistrat, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 550A għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw.

(4) Għall-fini tas-subartikolu (2), dawk l-atti għandhom jintbagħtu lura permezz ta’ nota li tiġi ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati u, minkejja kull ħaġa li tista’ tinstab f’dan il-Kodiċi, l-Avukat Ġenerali ma għandux jitħarrek sabiex jesibixxi dawk l-atti.

(5) Meta fi proċess verbal il-maġistrat ikun ordna li persuna tiġi mressqa quddiem il-qorti fuq xi akkuża waħda jew aktar, il-Maġistrat għandu jordna li kopja tal-istess proċess verbal tintbagħat mir-reġistratur lill-Kummissarju tal-Pulizija li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6), għandu jipproċedi skont hekk.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), f’każ ta’ dubju l-Kummissarju tal-Pulizija jista’ jikkonsulta ruħu mal-Avukat Ġenerali li jista’ jordna li ma għandhom jittieħdu ebda proċeduri jew li l-proċeduri li għandhom jittieħdu għandhom ikunu għal akkuża jew għal akkuzi differenti minn dawk speċifikati mill-Maġistrat fil-proċess verbal, mingħajr preġudizzju għall-jedd tal-Avukat Ġenerali li jordna xort’oħra kulmeta jkun hemm provi ġodda:

Iżda jekk l-Avukat Ġenerali jkun ordna li ma għandhom jittieħdu ebda proċeduri, huwa għandu jibgħat rapport lill-President ta’ Malta fejn jiddikjara r-raġunijiet għaliex ikun għamel dan.

---

Titolu III

FUQ ID-DIFENSURI TAL-AKKUŻAT

Dmirijiet tal-Avukat għal Għajnuna Legali.
*Emendat:*
*XXI. 1971.27.*
*Sostitwit:*
*III. 2002.135.*

**570.** (1) L-Avukat għal Għajnuna Legali għandu jassumi mingħajr ebda ħlas id-difiża ta’ xi akkużat li ma jkun qabbad lil ebda avukat ieħor jew li jkun ġie ammess li jħarrek jew jiddefendi ruħu bil-benefiċċju tal-għajnuna legali f’xi qorti msemmija f’dan il-Kodiċi.

(2) It-talba għall-assistenza mill-Avukat għal Għajnuna Legali jew għall-benefiċċju tal-għajnuna legali jsir jew b’rikors jew bil-fomm lill-Avukat għal Għajnuna Legali.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 911(4), (5) u (6) tal-Kodiċi Kap. 12.

ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-Avukat għal Għajnuna Legali.

(4) Meta qorti tiġi mgħarrfa mill-akkużat li huwa ma rnexxilux iqabbad lil xi avukat jew li xtaq jagħmel użu mill-benefiċċju tal-għajnuna legali, dik il-qorti għandha tara li d-dikjarazzjoni li ssir mill-akkużat tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u għandha tordna li dik id-dikjarazzjoni, flimkien mad-dettalji tal-akkużat, għandhom jiġu notifikati lill-Avukat għal Għajnuna Legali li jkollu jumejn tax-xogħol biex jippreżenta risposta li fiha jindika jekk it-talba tal-akkużat tkunx ġiet aċċettata u jekk tkun, l-isem tal-Avukat għal Għajnuna Legali li jkun se jirrappreżenta lill-akkużat:

Iżda fil-każ ta' proċeduri sommarji quddiem Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-Qorti għandha taħtar lill-avukat li jkun imissu mill-elenku ta' avukati msemmija fl-artikolu 91 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jassisti lill-akkużat f'dawk il-proċeduri kif ukoll f'kull appell minn xi deċiżjoni mogħtija f'dawk il-proċeduri b'dan illi qabel ma jiġi ppreżentat xi appell bħal dak huwa għandu jikkonsulta lill-Avukat għal Għajnuna Legali li jista', f'kull waqt, jiddeċiedi li jittratta dak l-appell hu nnifsu.

(5) L-Avukat għal Għajnuna Legali jista' jirrifjuta l-għajnuna tiegħu biss għal xi raġuni li, fil-fehma tal-qorti, tkun prima facie tiġġustifika ċ-ċaħda tal-għajnuna tiegħu. F'dak il-każ il-Qorti għandha tordna li l-akkużat ikun rappreżentat minn avukat ieħor, li ma jkunx hu nnifsu skużabbli, u li jiġi maħtur mill-Qorti fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Avukat għal Għajnuna Legali mill-elenku ta' avukati msemmija fl-artikolu 91 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda l-qorti tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali li għandha ssemmi fid-digriet tagħha tordna lil xi avukat ieħor li jassumi d-difiża tal-akkużat.

(6) L-avukat li jinħatar mill-qorti fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fis-subartikolu (5) għandu jagħti s-servizz tiegħu mingħajr ebda ħlas.

Konflitt fid-difiża ta' aktar minn akkużat wieħed.
*Emendat: XXI. 1971.27; III. 2002.136.*

**571.** (1) Jekk avukat li jkun ħa f'idejh id-difiża ta' aktar minn akkużat wieħed, isib li d-difiża ta' wieħed jew ta' aktar mill-akkużati mhix kompatibbli mal-interessi ta' wieħed jew aktar mill-akkużati l-oħra, hu għandu jitlaq minnufih id-difiża ta' dak jew ta' dawk mill-akkużati illi ma tkunx kompatibbli mad-difiża ta' dak jew ta' dawk mill-akkużati l-oħra li jkun bi ħsiebu jżomm f'idejh.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu wkoll meta l-Avukat għal Għajnuna Legali, minħabba impediment leġittimu, ma jkunx jista' jieħu f'idejh id-difiża, jew ma jkunx biżżejjed waħdu għad-difiżi li jkunu jinħtieġu.

Ir-reġistratur għandu jgħarraf bil-ħatra lill-avukat maħtur.
*Emendat: III. 2002.137.*

**572.** Il-ħatra tad-difensur li ssir taħt l-artikolu 570(4), għandha tiġi mgħarrfa mir-reġistratur lill-avukat maħtur. Il-ħatra għandha tiġi aċċettata jew irrifjutata bil-miktub; f'dan l-aħħar każ, għandha tingħad ir-raġuni tar-rifjut.

Meta l-avukat ma jaċċettax il-ħatra.

**573.** (1) Jekk l-avukat maħtur mill-qorti jirrifjuta l-inkarigu, il-qorti tisma' r-raġuni tar-rifjut, u, jekk issibha tajba, tgħaddi

għall-ħatra ta’ avukat ieħor; inkella tiddikjara li m’hemmx lok għar-rifjut.

Piena.

(2) Jekk l-avukat jippersisti fir-rifjut, il-qorti għandha, skont iċ-ċirkostanzi, bħala miżura ta’ dixxiplina, jew twiddbu bil-magħluq, jew iċċanfru fil-qorti bil-miftuħ, jew tissospendih mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu għal żmien ta’ mhux aktar minn xahar. Il-qorti għandha s-setgħa wkoll li tagħti dawk il-pieni dixxiplinari hawn fuq imsemmija kollha flimkien.

---

## Titolu IV

## FUQ IL-GARANZIJI

Ħelsien mill-arrest bil-garanzija.
*Emendat: IV. 1897.1; XVI. 1921.8; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; III. 2002.138.*

**574.** (1) L-imputat jew akkużat li jkun taħt arrest għal delitt jew għall-kontravvenzjoni jista’, b’talba tiegħu jew kif provdut fl-artikolu 574A, jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest, meta huwa jagħti garanzija tajba li jidher għal kull att tal-proċess fiż-żmien u fil-post li jiġu lilu ordnati taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet li jagħti l-ħelsien mill-arrest liema digriet għandu f’kull każ jiġi notifikat lill-imputat jew akkużat.

Setgħa tal-President ta’ Malta f’każijiet speċjali.

(2) Il-President ta’ Malta jista’ wkoll f’każijiet speċjali, jagħti l-ħelsien mill-arrest lil imputat li jkun arrestat għal delitt jew għal kontravvenzjoni, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-President ta’ Malta jkun jidhirlu sewwa li jagħmel. L-imputat li jonqos li jħares xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet jista’ jerġa’ jiġi arrestat minnufih.

Proċeduri malli persuna tidher għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.
*Miżjud: III. 2002.139.*

**574A.*** (1) Meta l-imputat jew l-akkużat li jkun taħt arrest jitressaq għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta’ ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, il-qorti għandha tara li jinqraw b’mod ċar u sew lill-imputat sew lill-akkużat l-akkużi li jkunu qed jinġiebu u, wara li jsir l-eżami tal-imputat kif provdut fl-artikolu 392 skont ma jeħtieġu l-proċeduri, hija għandha tisma fil-qosor lill-uffiċjal prosekutur jew akkużatur u kull prova li tinġieb minn dak l-uffiċjal dwar ir-raġunijiet li jkunu jsaħħu l-akkużi u dwar ir-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi, jekk ikun hemm, li jkunu jmorru kontra l-ħelsien mill-arrest tal-akkużat jew l-imputat.

(2) Wara li l-qorti tisma’ lill-uffiċjal tal-Pulizija akkużatur jew prosekutur u kull prova li tinġieb kif provdut fis-subartikolu (1), il-qorti għandha tgħarraf lill-akkużat jew imputat li jista’ jinħeles għal xi żmien mill-arrest taħt garanzija mill-qorti taħt dawk il-kondizzjonijiet li jiġu stabbiliti minnha u għandha tistaqsih x’ikollu xi jgħid dwar l-arrest u d-detenzjoni ulterjuri tiegħu u dwar ir-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi li jmorru favur il-ħelsien tiegħu.

(3) Meta xi reati li jkunu qegħdin jiġu imputati jkunu jikkonsistu f’xi reat imsemmi fl-artikolu 575(2) il-qorti għandha, wara li tisma lill-akkużat jew imputat kif provdut fis-subartikolu

---

*Fis-seħħ mill-1 ta’ Jannar, 2004.

(2) ta' dan l-artikolu, tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jew akkużatur dwar jekk huwa għandux xi jgħid fuq il-kwistjoni tal-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tal-akkużat jew imputat, u dan l-aħħar imsemmi jkun jista' wkoll jagħti r-risposta tiegħu.

(4) Meta ebda wieħed mir-reati li jkunu qegħdin jiġu imputati ma jkun jikkonsisti f'xi reat imsemmi fl-artikolu 575(2) il-qorti għandha, wara li tisma lill-akkużat jew imputat kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jew akkużatur dwar jekk huwa u l-Avukat Ġenerali għandhomx xi jgħidu, bil-miktub jew xort'oħra, fuq il-kwistjoni tal-ħelsien mill-arrest tal-akkużat jew imputat, u dan l-ahhar imsemmi jkun jista' ukoll jagħti r-risposta tiegħu.

(5) Fi tmiem is-sottomissjonijiet bhalma hemm provdut fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha teżamina ċ-ċirkostanzi li jmorru favur jew kontra dik id-detenzjoni.

(6) Jekk il-qorti jirriżultalha li d-detenzjoni ulterjuri tal-akkużat jew imputat ma tkunx imsejsa fuq xi disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra li tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tal-persuna arrestata, il-qorti għandha teħles lil dik il-persuna mill-arrest mingħajr kondizzjoni.

(7) Jekk il-qorti ma jkollhiex raġuni għaliex teħles mingħajr ebda kondizzjoni lill-akkużat jew imputat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) hija madankollu tista', salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 575(1) ta' dan il-Kodiċi u kemm-il darba l-ħelsien ma jkunx projbit b'xi disposizzjoni tal-liġi, teħles lil dik il-persuna mill-arrest taħt garanzija u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jidhrilha xierqa.

(8) Jekk il-qorti ma jkollhiex raġuni għaliex teħles mingħajr kondizzjoni lill-akkużat jew imputat u tiċħad milli tagħti lil dik il-persuna l-ħelsien mill-arrest, il-qorti għandha tibgħat lil dik il-persuna biex tinżamm taħt kustodja u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 575(11).

(9) Meta l-qorti tordna l-ħelsien mill-arrest tal-persuna akkużata jew imputata, sew mingħajr ebda kondizzjoni sew b'garanzija suġġetta għal kondizzjonijiet, taħt xi disposizzjoni ta' dan l-artikolu, id-deċiżjoni tal-qorti f'dak ir-rigward għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali sa mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li jkun imiss u l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jitlob l-arrest mill-ġdid u detenzjoni ulterjuri tal-persuna li tkun ġiet hekk meħlusa jew sabiex jemenda l-kondizzjonijiet, inkluż l-ammont tal-garanzija, li setgħu ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Maġistrati.

**575.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 574(2), fil-każ ta' -

Delitti li għalihom ma jingħatax il-ħelsien mill-arrest.
*Emendat:*
*IV. 1897.1;*
*I. 1903.32;*
*XVI. 1921.9;*
*VI. 1947.15;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXI. 1971.32;*
*LVIII. 1974.68;*
*XLIX. 198l.4;*
*XXIX. 1989.2;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.140.*

(i) imputat ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern, jew

(ii) imputat ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal għomru,

il-qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jiġi meħlus mill-arrest -

(*a*) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew

(*b*) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew

(*ċ*) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew

(*d*) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew

(*e*) jikkommetti xi reat ieħor.

Talba għall-ħelsien mill-arrest.

(2) F'kull stadju minbarra dak imsemmi fl-artikolu 574A, it-talba għall-ħelsien mill-arrest jew kull talba għal bdil fil-kondizzjonijiet tal-ħelsien wara li jkun ingħata dak il-ħelsien, għandha ssir b'rikors, u għandha tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali dak in-nhar stess b'kopja tal-istess rikors, kull meta tkun magħmula minn -

(*a*) imputati ta' falliment doluż;

(*b*) imputati tad-delitti msemmijin fis-Sub-titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, meta dawn id-delitti jkunu suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn sena;

(*ċ*) imputati ta' delitti suġġetti għall-piena ta' aktar minn tliet snin priġunerija.

Oppożizzjoni mill-Avukat Ġenerali.

(3) L-Avukat Ġenerali jista', mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol ta' wara, b'nota, jopponi t-talba, u fiha jagħti r-raġunijiet tal-oppożizzjoni tiegħu.

Meta l-ħelsien mill-arrest ma jistax jiġi irrifjutat.

(4) Il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jingħata dejjem fil-każ imsemmi fil-*proviso* tal-artikolu 432(1).

(4A)* Meta l-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tagħti l-ħelsien mill-arrest lill-persuna taħt arrest jew fi żmien li jiġi wara temenda l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, id-deċiżjoni tal-qorti f'dak ir-rigward għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali sa mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li tiġi minnufih wara u l-Avukat

*Fis-seħħ mill-1 ta' Jannar, 2004.

Ġenerali jista' b'rikors jitlob lill-Qorti Kriminali biex jikseb l-arrest mill-ġdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-persuna li tkun ġiet hekk meħlusa jew biex jemenda l-kondizzjonijiet, inkluż l-ammont li jitħallas bħala garanzija, li setgħu ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Maġistrati.

(5) Meta f'każ ta' persuna imputata ta' delitt li dwaru l-Qorti tal-Maġistrati tkun għaddiet għal kumpilazzjoni li tinħtieġ, l-Avukat Ġenerali ma jkunx jew -

(*a*) ippreżenta l-att tal-akkuża, jew

(*b*) bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati kif provdut fl-artikolu 370(3)(*a*) jew fl-artikolu 433(5) ta' dan il-Kodiċi jew f'xi provvediment simili f'xi liġi oħra

fiż-żminijiet speċifikati fis-subartikolu (6), li jibdew jgħoddu minn dakinhar li fih il-persuna imputata tinġieb quddiem l-imsemmija qorti, jew minn dakinhar meta hija tiġi arrestata kif provdut fl-artikolu 397(5), dik il-persuna għandha tingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

(6) (*a*) Iż-żminijiet li għalihom jirriferi s-subartikolu li jiġi qabel dan huma:

(i) tnax-il xahar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija ta' anqas minn erba' snin;

(ii) sittax-il xahar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija ta' erba' snin jew aktar iżda anqas minn disa' snin; u

(iii) għoxrin xaħar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija ta' disa' snin jew aktar.

(*b*) Iż-żminijiet msemmija fil-paragrafu (*a*) jitwaqqfu għal dak l-istess żmien li matulu iż-żminijiet msemmija fl-artikoli 401 u 407 u fl-artikolu 432(3) ta' dan il-Kodiċi ikunu mwaqqfa għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 402(1) u (2) ta' dan il-Kodiċi, kif ukoll għal dak iż-żmien li fih il-qorti ma tkunx tista' tkompli bil-kumpilazzjoni ħlief wara d-deċiżjoni fuq xi kwistjoni quddiem qorti oħra.

(*ċ*) Iż-żminijiet imsemmija fil-paragrafu (*a*) jitwaqqfu wkoll għal dak l-istess żmien li matulu l-atti tal-kumpilazzjoni jkunu għand il-Qorti tal-Maġistrati biex jinstemgħu xhieda kif provdut fl-artikolu 405(5) ta' dan il-Kodiċi.

(7) Il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jingħata wkoll dejjem lil persuna imputata ta' reat kemm-il darba fiż-żminijiet speċifikati fis-subartikolu (9), li jibdew jgħoddu kif provdut fis-subartikolu (8), ma jkunx hemm sentenza finali li tillibera, issib ħati jew tikkundanna lill-persuna hekk imputata.

(8) Iż-żminijiet speċifikati fis-subartikolu (9) jibdew jgħoddu:

(*a*) meta ma tkunx saret kumpilazzjoni, minn dakinhar li fih il-persuna imputata tinġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew minn dak inhar meta hija tkun ġiet

arrestata kif provdut fl-artikolu 397(5);

(*b*) meta tkun saret kumpilazzjoni, minn dakinhar li fih l-Avukat Ġenerali jibgħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati kif provdut fl-artikolu 370(3)(*a*) jew fl-artikolu 433(5) ta' dan il-Kodiċi jew f'xi provvediment simili f'xi liġi oħra, jew minn dakinhar li jkun ġie ippreżentat l-att tal-akkuża:

Iżda meta l-imputat isib oġġezzjoni illi l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja kif provdut fl-artikolu 370(3)(*d*), iż-żmien jibda jgħodd minn dakinhar li fih ikun ġie ippreżentat l-att tal-akkuża.

(9) (*a*) Iż-żminijiet li għalihom jirreferu s-subartikoli (7) u (8) huma:

(i) erba' xhur f'każ ta' kontravvenzjoni jew ta' delitt suġġett għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet jew għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur;

(ii) tmien xhur f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn erba' snin;

(iii) tnax-il xahar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn erba' snin iżda mhux iżjed minn għaxar snin;

(iv) erbgħa u għoxrin xahar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn għaxar snin iżda mhux iżjed minn ħmistax-il sena;

(v) tletin xahar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija iżjed minn ħmistax-il sena.

(*b*) Iż-żminijiet imsemmija fil-paragrafu (*a*) jitwaqqfu -

(i) għal dak iż-żmien li fih il-qorti ma tkunx tista' tkompli tisma' l-kawża ħlief wara d-deċiżjoni fuq xi kwistjoni quddiem qorti oħra jew għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 402(1) u (2);

(ii) għal dak l-istess żmien li matulu l-atti tal-kumpilazzjoni jkunu għand il-Qorti tal-Maġistrati biex jinstemgħu xhieda mitluba mill-imputat kif provdut fl-artikolu 406 ta' dan il-Kodiċi;

(iii) għal dak iż-żmien li l-każ ikun quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fuq appell tal-imputat minn digriet interlokutorju jew fuq appell tal-imputat jew tal-Avukat Ġenerali kif provdut fl-artikolu 499;

(iv) meta l-kawża tkun ġiet imħollija għal data oħra fuq talba tal-imputat jew tad-difensur tiegħu, għal dak iż-żmien mid-data ta' dik it-talba sad-data li għaliha jkun ġie mħolli s-smigħ tal-kawża.

(10) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (7) ma għandhomx japplikaw jekk meta ssir it-talba għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest jew fi żmien ġimgħa mit-talba jkun ġie ppreżentat l-att tal-akkuża, jew meta mandat ta' arrest kontra l-persuna imputata jkun inħareġ kif provdut fl-artikolu 579, kemm jekk fl-istess jew f'xi kawża oħra kontrih li tkun għadha pendenti quddiem xi qorti ta' ġustizzja kriminali.

Il-qorti għandha tgħid x'inhuma r-raġunijiet tagħha.

(11) Meta tirrifjuta li tagħti l-ħelsien mill-arrest il-qorti għandha tgħid x'ikunu r-raġunijiet tagħha għal dak ir-rifjut fl-istess digriet li bih tiċħad il-ħelsien mill-arrest, u dak id-digriet għandu jiġi notifikat lill-imputat.

Ħelsien taħt garanzija fil-każ ta' reati skedati. *Miżjud: XVI. 2006.15.*

**575A.** (1) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 574A(6) iżda minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, meta l-Qorti tal-Maġistrati f'kull żmien tordna l-ħelsien mill-arrest ta' persuna li -

(*a*) tkun akkużata b'reat skedat u li tkun reċidiva skont l-artikoli 50 u 51; u

(*b*) tkun ġiet qabel misjuba ħatja ta' reat skedat b'sentenza li tkun għaddiet b'ġudikat,

l-ordni tal-Qorti għandu jingħata fil-qorti bil-miftuħ f'data li tkun ġiet notifikata minn qabel lill-prosekuzzjoni u lill-persuna akkużata u għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li jkun imiss.

(2) L-Avukat Ġenerali jista', mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li jkun imiss wara d-data tan-notifika lilu tal-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati, jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jitlob it-tħassir jew tibdil tal-ordni u l-Qorti Kriminali għandha taħtar ġurnata għas-smigħ tar-rikors li tkun mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn meta ġie preżentat ir-rikors. Il-Qorti Kriminali għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rikors bl-urġenza.

(3) L-esekuzzjoni tal-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati li jordna l-ħelsien mill-arrest tal-persuna akkużata għandha tiġi sospiża tul iż-żmien mogħti lill-Avukat Ġenerali biex jagħmel rikors lill-Qorti Kriminali taħt dan l-artikolu u, wara li jsir ir-rikors, sakemm il-Qorti Kriminali tagħti d-deċiżjoni tagħha.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 575(1) għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' persuna akkużata b'reat skedat.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "reat skedat" tfisser reat minn dawk elenkati fl-Iskeda D.

Ammont tal-garanzija. *Emendat: IV. 1897.2.*

**576.** L-ammont tal-garanzija għandu jkun fil-limiti stabbiliti mil-liġi, skont il-kondizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalità tar-reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun suġġett.

**577.** (1) Il-garanzija ssir billi jinġieb pleġġ tajjeb, li jobbliga ruħu bil-miktub għas-somma stabbilita.

Kif issir il-garanzija.
*Emendat:*
*IV. 1897.3;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.141.*

(2) Il-garanzija tista' ssir ukoll, meta hekk jidhrilha sewwa l-qorti, bid-depożitu biss tas-somma jew ta' rahan li jiswa daqsha, jew bl-obbligazzjoni biss tal-imputat.

(3) Iżda, fil-każijiet ta' kontravvenzjonijiet jew ta' delitti ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali skont l-artikolu 370(1) u l-artikolu 371(2), il-qorti tista', meta hekk jidhrilha sewwa, teħles l-imputat, matul il-kawża, minn kull xorta ta' garanzija msemmija f'dan l-artikolu.

(4) L-imputati ta' delitt li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, jistgħu, jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni mill-Avukat Ġenerali, jiġu meħlusin minn kull xorta ta' garanzija msemmija f'dan l-artikolu, meta jkun jidher, minn ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija, li huma fqar u nies ta' morali tajba.

**578.** L-effett tal-garanzija huwa li l-imputat jew akkużat jiġi meħlus mill-arrest:

Effett tal-garanzija.
*Emendat:*
*XII. 1914.13;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

Iżda, il-qorti tista', wara, f'kull waqt ieħor tal-proċeduri, fuq talba tal-Pulizija, jew, skont il-każ, tal-Avukat Ġenerali, meta jinġiebu quddiemha raġunijiet tajba, u wara li tisma' l-imputat jew akkużat, tneħħilu l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, u tordna l-arrest tiegħu mill-ġdid.

**579.** (1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:

Effetti tan-nuqqas ta' dehra tal-persuna taħt garanzija, eċċ.
*Emendat:*
*XXII. 1976.4.*
*Sostitwit:*
*XXIX. 1989.3.*
*Emendat:*
*XXIX. 1990.30;*
*III. 2002.142;*
*XVI. 2006.16;*
*XI. 2009.10;*
*VIII. 2015.36.*

Iżda din id-disposizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.

(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu

(2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.

(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2).

Il-qorti li minnha jingħata l-ħelsien mill-arrest.
*Emendat:*
*VI. 1871.36;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXV. 1967.24;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.40;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.143.*

**580.** (1) Il-ħelsien mill-arrest jingħata lill-imputat jew akkużat mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Qorti Kriminali, li taħt is-setgħa tagħha, skont il-każ, ikun, jew għandu jkun detenut.

Meta tista' ssir it-talba għall-ħelsien mill-arrest bil-garanzija.

(2) It-talba għall-ħelsien mill-arrest tista' ssir f'kull waqt tal-kawża, wara li jitniżżlu bil-miktub il-kwerela jew ir-rapport u l-eżami msemmi fl-artikolu 390, u din it-talba tista' ssir mhux biss matul il-kompilazzjoni, imma wkoll quddiem l-imħallef tal-Qorti Kriminali wara li l-imputat jiġi mibgħut biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża jew wara li jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża, għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx tagħtu l-ħelsien mill-arrest.

Kif issir it-talba għall-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti Kriminali,

(3) It-talba għall-ħelsien mill-arrest, quddiem il-Qorti Kriminali, issir b'rikors, li fuqu l-qorti tagħti, jekk ir-rikors ikun oppost mill-Avukat Ġenerali, ġurnata biex tisma' lill-arrestat u lill-Avukat Ġenerali, u tordna li dawn jiġu innotifikati b'kopja tad-digriet.

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

(4) Ħlief kif provdut fl-artikolu 575(2), it-talba għall-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, issir bil-fomm.

Ma jerġax jingħata l-ħelsien mill-arrest lil wieħed li jerġa jiġi arrestat minħabba li naqas li jidher.

**581.** Fil-każ imsemmi fl-artikolu 579, lill-arrestat ma jistax jerġa' jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest fl-istess kawża.

Il-ħelsien mill-arrest ma jingħatax mill-qorti *ex officio*.

**582.** (1) Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, meta dan il-ħelsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkużat.

Il-qorti tista' tordna li jingħata avviż qabel tal-pleġġ li sejjer jinġieb.

(2) Il-qorti tista' tordna li jingħata avviż qabel ta' erbgħa u għoxrin siegħa tal-pleġġ li jkun sejjer jinġieb.

Il-qorti tista' ittawwal iż-żmien għad-dehra tal-akkużat.

(3) Il-qorti tista', għal raġuni tajba, ittawwal iż-żmien li qabel tkun iffissat għad-dehra tal-akkużat jew imputat.

Jedd tal-pleġġ li jiġi meħlus mill-pleġġerija f'xi każijiet.

**583.** Jekk pleġġ ikollu raġun jissuspetta illi l-imputat jew akkużat ikun sejjer jaħrab, huwa jista', wara li juri lill-Pulizija Eżekuttiva li għandu raġun il-għaliex hekk issuspetta, jitlob l-arrest mill-ġdid tal-imputat jew akkużat, u b'hekk jeħles mill-pleġġerija tiegħu:

Iżda l-imputat jew akkużat jista' jerġa' jiġi meħlus mill-arrest, kemm-il darba jġib garanzija ġdida.

Regoli għall-ammont tal-garanzija.
*Emendat: IV. 1897.4; II. 1973.8; XXXVIII. 1973.4; XLIX. 1981.4; A.L. 407 tal-2007.*

**584.** L-ammont tal-garanzija jiġi regolat bħal ma sejjer jingħad hawn:

Għall-kontravvenzjonijiet, minbarra l-każ tal-kontravvenzjoni imsemmija fl-artikolu 338(*t*), l-ammont tal-garanzija huwa minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) sa disa' euro u tnejn u tletin ċenteżmu (9.32): għall-kontravvenzjoni msemmija fl-artikolu 338(*t*), jew għad-delitti suġġetti għall-piena tad-detenzjoni jew ta' anqas minn sena priġunerija, l-ammont tal-garanzija huwa minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) sa tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73); f'kull każ ieħor l-ammont tal-garanzija huwa dik is-somma, mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), illi l-qorti jidhrilha, fiċ-ċirkostanzi, li tkun biżżejjed biex tiżgura sa fejn huwa possibbli illi l-imputat jew akkużat jidher kif provdut skont il-liġi.

Ġbir tal-garanzija.
*Emendat: VIII. 1857.18.*

**585.** (1) Għall-ġbir tas-somma stabbilita fl-obbligazzjoni tal-garanzija, fil-każ imsemmi fl-artikolu 579, il-qorti li quddiemha kellu jidher l-imputat jew akkużat, tgħaddi, skont il-każ, jew għall-ħruġ u esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid jew ta' arrest kontra l-pleġġ sakemm titħallas is-somma, jew għad-dikjarazzjoni tal-akkwist tad-depożitu favur il-Gvern ta' Malta, jew, f'każ ta' rahan, tordna l-bejgħ tiegħu.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu wkoll għall-imputat jew akkużat meta dan ikun obbliga ruħu flimkien mal-pleġġ, *in solidum* jew b'mod ieħor, jew meta l-garanzija tkun ingħatat taħt l-obbligazzjoni tal-imputat jew akkużat biss, għalkemm hu jkun ġie arrestat, ikkundannat jew illiberat fuq ir-reat li għalih ikun ġie lilu mogħti l-ħelsien mill-arrest.

Detenzjoni għal min ma jħallasx is-somma tal-garanzija.
*Emendat: IV.1874.11; XXIX. 1990.31; A.L. 407 tal-2007; XXI. 2011.46.*

**586.** (1) Kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu, għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) ta' dik is-somma, sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkużat sew jekk tkun il-pleġġ.

Iżda fl-ebda każ ma għandha d-detenzjoni għal min ma jħallasx is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu taqbeż is-sitt xhur jekk l-ammont ma jkunx iktar minn sebat elef euro (7,000), sena jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tletin elf euro (30,000), tmintax-il xahar jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tmenin elf euro (80,000) u sentejn jekk ikun iktar minn tmenin elf euro (80,000).

(2) Jekk il-persuna hekk detenuta ma jkollhiex biex titmantna minn tagħha, għandu jmantniha l-Gvern; iżda f'dan il-każ hija tista' tkun imġiegħla taħdem bħall-priġunieri l-oħra li huma suġġetti għax-xogħol, u tista' tinżamm f'kull ħabs li jkun.

Bidla tal-garanti f'xi każijiet.
*Emendat:*
*III. 2002.144.*

**587.** Jekk il-garanti jmut jew isiefer, ukoll jekk għal xi żmien, jew ifalli, l-imputat jew akkużat għandu jġib floku garanti ieħor tajjeb. Jekk jonqos li jġib dan il-garanti ieħor, hu jerġa' jiġi arrestat.

---

Titolu V

FUQ L-ATT TAL-AKKUŻA

Forma tal-att tal-akkuża.
*Emendat:*
*Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 7;*
*XVI. 1932.9;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.40.*

**588.** Fil-każijiet ta' reati ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, l-att tal-akkuża għandu jiġi magħmul bil-miktub u għandu jiġi iffirmat mill-Avukat Ġenerali.

X'għandu jkun fih l-att tal-akkuża.
*Emendat:*
*XIV. 1889.48;*
*XI. 1900.84, 85;*
*XXX. 1934.18;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*XXVII. 1975.35;*
*XXII. 1976.4.*

**589.** L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu -

(*a*) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;

(*b*) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;

(*ċ*) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u

(*d*) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat:

Kap. 248.

Iżda fil-każ ta' reati kontra l-Att dwar l-Istampa li jkunu jikkonsistu f'abbużi fil-pubblikazzjoni ta' kitba stampata, l-Avukat Ġenerali jista', minflok ma jdaħħal fl-att tal-akkuża l-kelmiet tal-kitba stampata li jkunu jikkostitwixxu r-reat, isemmi biss dik il-kitba stampata jew dik il-parti tagħha li tikkostitwixxi r-reat, iżda, meta jsir hekk, kopja ta' dik il-kitba stampata tiġi mdaħħla mal-att tal-akkuża, kemm-il darba ma tkunx fost l-atti tal-kompilazzjoni.

Preżentata tal-att tal-akkuża.
*Emendat:*
*LIII. 1981.9.*

**590.** (1) L-att tal-akkuża għandu jiġi ippreżentat fir-reġistru tal-qorti, u r-reġistratur għandu jniżżel fl-aħħar tiegħu, il-ġurnata tal-preżentata.

(2) Ma' l-att tal-akkuża l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta wkoll l-atti tal-kompilazzjoni flimkien ma' nota tax-xhieda, dokumenti u oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li jipproduċi fil-kawża.

**591.** Akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u iġġudikati kollha fl-istess kawża, għalkemm xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri.

Għaqda ta' akkużi f'att ta' akkuża wieħed.

**592.** Ir-reati huma konnessi -

Meta jingħad li reat hu konness ma' ieħor.

(*a*) meta jsiru fi żmien wieħed minn żewġ persuni jew aktar miġburin flimkien;

(*b*) meta jsiru fi żminijiet u postijiet diversi u minn persuni diversi wara ftehim li jkun sar bejniethom minn qabel;

(*ċ*) meta reat isir biex iservi ta' mezz għal reat ieħor;

(*d*) meta reat isir biex jiffaċilita l-esekuzzjoni jew il-konsumazzjoni ta' reat ieħor, jew biex jiżgura lill-ħati l-impunità dwar reat ieħor.

**593.** (1) Żewġ reati jew aktar magħmulin minn persuna waħda, għalkemm mhux konnessi bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u jiġu iġġudikati fl-istess kawża, għad li xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri; meta jsir hekk, l-att tal-akkuża għandu jitqassam f'diversi kapi, u f'kull wieħed minnhom għandha titħares id-disposizzjoni tal-artikolu 589.

Att ta' akkuża wieħed kontra l-istess persuna għal bosta reati għalkemm mhux konnessi.
*Emendat:*
*XI. 1900.86;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

(2) Iżda l-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li dawn ir-reati jiġu iġġudikati kull wieħed għalih.

Il-qorti tista' tordna kawża għaliha għal kull reat.

**594.** Il-qorti tista' wkoll, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna l-firda tal-kawżi, kemm-il darba żewġ akkużati jew iżjed ikunu miġjubin flimkien f'att ta' akkuża wieħed.

Każijiet oħra fejn il-qorti tista' tordna l-firda tal-kawżi.
*Emendat:*
*XI. 1900.86;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*III. 1976.6.*

**595.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ippreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien.

Setgħa tal-qorti li tordna l-għaqda ta' atti ta' akkuża.
*Emendat:*
*XI. 1900.86;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

**596.** Meta, għal raġuni ta' skuża, it-tnaqqis tal-piena jkun imiss isir f'latitudni li jkunu jidħlu fiha żewġ gradi jew aktar, l-Avukat Ġenerali jista' fl-att tal-akkuża jitlob waħda minn dawk il-pieni iżgħar imdaħħla f'dik il-latitudni, u li, skont il-provi li jkun hemm, huwa jidhirlu li tkun tgħodd għad-delitt; u f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali għandu fl-att tal-akkuża jsemmi wkoll l-iskuża, u l-qorti ma tkunx tista' tagħti piena akbar minn dik li tkun ġiet mitluba fl-att tal-akkuża.

L-Avukat Ġenerali jista' jdaħħal l-iskuża fl-att tal-akkuża.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

Korrezzjoni ta' att ta' akkuża mill-qorti *ex officio* jew fuq talba tal-akkużat, *Emendat: V. 1868.34; VI. 1871.37; III. 1896.6; XII. 1913.23; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; III. 2002.145.*

**597.** (1) Il-qorti tista', sew *ex officio*, kemm ukoll fuq eċċezzjoni tal-akkużat, tordna l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża, basta li dan isir qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija jekk hux ħati jew le: iżda ebda ħaġa m'għandha tiżdied fl-att tal-akkuża li tkun tista' tagħmel iżjed gravi r-reat.

jew b'talba tal-Avukat Ġeneral.

(2) Dan l-ordni jista' jingħata wkoll fuq talba tal-Avukat Ġenerali kull meta jkun hemm żball jew difett fl-att tal-akkuża, ukoll meta, minħabba dan l-iżball jew difett, l-akkużat ikun ta l-eċċezzjoni tan-nullità tal-att tal-akkuża jew il-qorti *ex officio* tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullità tal-att tal-akkuża.

L-akkużat jista' jitlob li l-kawża titħalla għal ġurnata oħra.

(3) Meta l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża tiġi ordnata mill-qorti *ex officio*, jew fuq talba tal-Avukat Ġenerali, l-akkużat jista' jitlob li l-kawża tiġi mħollija għal ġurnata oħra, sabiex ilesti d-difiża.

Difetti fl-atti tal-kompilazzjoni li għalihom jista' jiġi attakkat l-att tal-akkuża.

(4) L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova.

L-inkompetenza tal-qorti istruttorja *ratione loci* ma ġġibx nullità ta' att ta' akkuża.

(5) Lanqas ma jista' att ta' akkuża jiġi attakkat għall-inkompetenza tal-qorti li għamlet il-kompilazzjoni, minħabba li l-kompilazzjoni kien imissha ssir mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Korrezzjoni ta' żball fl-isem tal-akkużat.

**598.** (1) Kull żball fl-isem tal-akkużat jew fil-partikularitajiet l-oħra tiegħu, jista', bil-permess tal-qorti, jiġi ikkorreġut.

(2) Jekk l-akkużat ma jagħtix eċċezzjoni fuq dan l-iżball qabel ma huwa jwieġeb jekk hux ħati jew le fuq l-akkuża, il-kawża tgħaddi 'l quddiem bħallikieku l-isem u l-partikularitajiet imniżżlin fl-att tal-akkuża kienu tassew dawk tal-akkużat:

Iżda l-qorti tista', f'kull att ta' wara, iżżid il-veru isem jew il-partikularitajiet veri, jekk dawn jiġu magħrufin, u f'dan il-każ din iċ-ċirkostanza tiġi mniżżla fl-atti tal-kawża.

**599.** (1) Il-qorti tista' f'kull waqt tal-kawża sakemm il-ġuri ma jagħtix il-verdett tiegħu, tordna li jiġi ikkoreġut kull żball li, mill-provi li jinġiebu fil-kawża, jinsab li sar fl-att tal-akkuża dwar iċ-ċirkostanzi ta' żmien, post u persuna, meta, fejn, u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-ħwejjeġ li fuqhom sar ir-reat:

Korrezzjoni ta' żbalji fl-att tal-akkuża li joħorġu mill-provi miġjubin fil-kawża.
*Emendat:*
*IV. 1856.44;*
*IX. 1857.17;*
*V. 1868.35;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

Iżda, f'dan il-każ, m'għandu jittieħed ebda qies ta' ebda ħaġa li, minħabba dik il-korrezzjoni, tagħmel iżjed gravi r-reat, kemm-il darba dan l-aggravament ma jkunx miġjub espressament fl-att tal-akkuża; u l-qorti tista', jekk tara li dik il-korrezzjoni setgħat tagħmel ħsara lill-akkużat fid-difiża tiegħu, tħoll, fuq talba tiegħu, il-ġuri, u tħalli l-kawża għal ġurnata oħra, biex tagħti żmien lill-akkużat li jlesti d-difiża fuq l-att tal-akkuża hekk ikkoreġut, basta li l-akkużat jagħmel dik it-talba f'kull żmien qabel l-indirizz imsemmi fl-artikolu 465 jew, jekk din il-korrezzjoni ssir wara l-indirizz hawn fuq imsemmi, qabel il-verdett tal-ġuri.

Ma jittiħidx qies tal-aggravament tar-reat li joħroġ mill-korrezzjoni ta' żball fl-att tal-akkuża.
Setgħa tal-qorti.

(2) Kull żball fir-riferenza għall-artikolu ta' dan il-Kodiċi, jew ta' liġi oħra li ssemmi l-piena li l-applikazzjoni tagħha tkun ġiet mitluba fl-att tal-akkuża, jista' jiġi ikkoreġut f'kull żmien sakemm tingħata s-sentenza.

Żball fir-riferenza għall-artikolu tal-liġi.

(3) Kull difett jew żball imsemmi f'dan l-artikolu, jista' jinġieb 'il quddiem mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat jew mill-avukat tiegħu jew mill-qorti *ex officio*.

Min jista' jġib 'il quddiem id-difett jew l-iżball.

**600.** (1) L-Avukat Ġenerali jista' jċedi att ta' akkuża li jkun ġie ippreżentat minnu, basta li dan isir qabel ma l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le fuq l-akkuża, u f'dan il-każ il-kawża ma timxix iżjed 'il quddiem u l-akkużat jiġi illiberat; iżda jekk l-akkużat ikun laħaq wieġeb jekk hux ħati jew le fuq l-akkuża, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi ċedut mingħajr il-kunsens tal-akkużat.

Ċessjoni ta' att ta' akkuża,
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, iċ-ċessjoni ta' att ta' akkuża mhix ta' xkiel għall-ftuħ ta' proċess ġdid għal kollox kontra l-akkużat, jekk jinsabu provi ġodda.

mhix ta' xkiel għal proċess ġdid fuq provi ġodda.

**601.** Ebda akkużat ma jista' jiġi misjub ħati ta' reat li ma jkunx miġjub espressament fl-att tal-akkuża, jew li ma jkunx kompriż jew involut fl-att tal-akkuża skont l-artikolu 467.

Akkużat ma jistax jinsab ħati ta' reat mhux imdaħħal fl-att tal-akkuża.

**602.** Meta l-att tal-akkuża ma jiġix ippreżentat fiż-żmien li jmissu, il-qorti tista', fuq talba tal-imputat, u wara li tisma' l-Avukat Ġenerali, tordna li l-imputat jiġi illiberat, u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 434 għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw:

Iżda, din id-disposizzjoni ma tgħoddx, jekk fiż-żmien li ssir it-talba hawn fuq imsemmija, l-att tal-akkuża jkun ġie ippreżentat.

Nuqqas ta' preżentata ta' att ta' akkuża fiż-żmien stabbllit.
*Emendat:*
*V. 1868.36;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68;*
*III. 2002.146.*

Titolu VI

FUQ IL-ĠURATI

Kwalifiki biex wieħed iservi ta' ġurat.
*Emendat:*
*X. 1858.3;*
*X. 1896.2;*
*XXX. 1934.19;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXXIII. 1972.6;*
*XLIX. 1981.4.*

**603.** (1) Kull persuna tal-età ta' wieħed u għoxrin sena jew iżjed, li toqgħod f'Malta u li tkun ċittadin ta' Malta, tkun ikkwalifikata biex isservi bħala ġurat kemm-il darba dik il-persuna tkun taf biżżejjed bl-ilsien Malti, tkun ta' kondotta tajba u tkun tajba biex isservi ta' ġurat.

Skwalifiki.

(2) B'danakollu ebda persuna li tkun instabet ħatja minn xi qorti kompetenti f'Malta ta' xi delitt punibbli bil-piena tal-mewt jew priġunerija għal żmien ta' iktar minn sena, jew ta' xi wieħed mid-delitti dwar il-paċi u l-unur tal-familja msemmija fis-Sub-titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma tkun kwalifikata biex isservi ta' ġurat:

Iżda din id-disposizzjoni ma tapplika għal ebda persuna bħal dik li tkun kisbet maħfra ħielsa jew għal xi persuna misjuba ħatja ta' omiċidju involontarju jew xi delitt ieħor kontra l-persuna, skużabbli għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 227, u fl-artikolu 230(*a*) u (*b*).

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom japplikaw għal kull persuna li tinsab ħatja, minn qorti kompetenti ta' xi pajjiż ieħor, ta' xi delitt imsemmi f'dak is-subartikolu jew ta' xi delitt li, ikun kif ikun deskritt fil-liġi ta' dak il-pajjiż, jaqa' taħt id-deskrizzjoni ta' xi wieħed mill-imsemmija delitti.

Persuni mhux tajba biex iservu ta' ġurati.

(4) M'humiex tajba biex iservu ta' ġurati -

(*a*) l-interdetti u l-inabilitati;

(*b*) il-falluti mhux rijabilitati;

(*ċ*) il-persuni li, minħabba difett magħruf, tal-ġisem jew tal-moħħ, ma jitqisux tajba, biex iservu ta' ġurati;

(*d*) il-persuni li jkunu taħt proċess fuq delitt, sakemm jispiċċa l-proċess.

Persuni ħielsa milli jservu ta' ġurati.
*Emendat:*
*X. 1858.4;*
*X. 1896.3;*
*VIII. 1909.54;*
*X. 1960.3;*
*XXV. 1962.5;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*XXVII. 1970.186;*
*XXVII. 1975.36, 40;*
*IV. 1994.17;*
*XXIV. 1995.360, 362;*
*III. 2002.147;*
*I. 2005.24;*
*XVI. 2006.17.*

**604.** (1) Huma meħlusin milli jservu ta' ġurati -

Il-Membri tal-Kamra tad-Deputati, Sindki u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali, l-Imħallfin, il-konsli onorarji, is-saċerdoti, membri tal-Forzi Armati ta' Malta, il-persuni li għandhom il-kariga ta' Kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u d-deputati tagħhom, il-maġistrati, ir-Reġistratur tal-Qrati, l-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva, il-professuri u l-għalliema *full-time* tal-Università, is-surmastrijiet tal-iskejjel sekondarji, primarji u tekniċi, l-Uffiċjali Mediċi tad-Distretti, l-ispetturi tas-saħħa, l-Uffiċjal Prinċipali u l-Uffiċjali tal-*Probation* u kull persuna oħra ta' kull xorta skont ma l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', minn żmien għal żmien, jistabbilixxi b'Ordni fil-Gazzetta.

(2) Barra dawn, il-qorti tista', fuq talba għaldaqshekk, teħles milli jservu ta' ġurati, l-ispiżjari tar-rħula, it-tobba, il-kirurgi jew obstetriċi li jkunu fl-eżerċizzju attwali tal-professjoni tagħhom, u

kull min ikun għalaq sittin sena, kemm-il darba, f'xi każ partikulari, il-qorti ma jkunx jidhrilha xort'oħra għall-finijiet tal-ġustizzja.

(3) Persuna li tkun qed tieħu ħsieb ta' familja jew ta' persuna li tkun tbati minn xi mard fiżiku jew mentali hi wkoll meħlusa milli sservi ta' ġurat.

Kif għandha ssir il-lista tal-ġurati. *Emendat: X. 1858.5; X. 1896.4,5,6,7; Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 8 (a), (b), (ċ); VIII. 1909.55; XVI. 1932.10; XXX. 1934.20; XX. 1936.5; XXXIII. 1972.7; XLVI. 1973.108; XXVII. 1975.40; IV. 1994.18. XXIV. 1995.362; XVI. 2006.18; XXIV. 2014.66.*

**605.** (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu, il-Maġistrat Anzjan, l-Avukat Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu, il-President tal-Kamra tal-Avukati u l-President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali għandhom, darbtejn fis-sena, jattendu għal-laqgħa hekk imsejħa mid-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali sabiex, jagħmlu, mill-aħjar li jafu -

(*a*) lista ta' persuni ikkwalifikati kif imiss u biżżejjed tajba biex iservu ta' ġurati fil-kawża kontra persuni li jitkellmu bil-Malti;

(*b*) lista ta' persuni li jkollhom il-kwalifiki kollha kif imiss biex iservu ta' ġurati imma li ma jkunux jafu biżżejjed tajjeb bl-ilsien Malti, u jkunu jafu biżżejjed tajjeb bl-ilsien Ingliż biex jistgħu jifhmu u jsegwu l-proċeduri immexxija b'dan l-ilsien.

(2) Il-listi jissejħu: il-waħda "Lista tal-Ġurati għall-kawża kontra persuni li jitkellmu bil-Malti" u l-oħra "Lista ta' Ġurati Speċjali għall-kawża kontra persuni li jitkellmu bl-Ingliż". Il-listi għandhom isiru fl-ordni alfabetiku tal-kunjomijiet u għandu jkun fihom l-isem, il-kunjom u l-professjoni tal-ġurati, u l-lok fejn ikun joqgħod kull ġurat.

(3) Min-numru kollu ta' persuni li jkunu fuq il-listi hawn fuq imsemmija, għandha ssir lista oħra bl-ismijiet ta' persuni tajba biex iservu bħala primi ġurati. In-numru tal-primi ġurati m'għandux ikun iżjed mis-sitta waħda tan-numru kollu f'kull lista.

(4) Il-primi ġurati għandhom ikollhom ukoll il-kwalifika li jkunu fil-fatt servew f'ġuri fil-Qorti Kriminali.

(5) Il-listi għandhom jiġu maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern fix-xahar ta' Awissu ta' kull sena.

(6) Fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tal-listi, kull persuna li jkollha l-kwalifiki meħtieġa mil-liġi biex isservi bħala ġurat jew bħala ġurat speċjali u li tkun trid tiġi mniżżla fil-lista, jew, li ma jkollhiex il-kwalifiki meħtieġa biex isservi bħala ġurat jew bħala ġurat speċjali, u tkun trid tiġi mħassra mil-lista, għandha tagħmel rikors għaldaqshekk lill-Qorti Kriminali.

(7) Il-qorti fuq din it-talba tipproċedi fil-qosor.

(8) Ir-reġistratur għandu jniżżel fuq il-listi kull korrezzjoni illi l-qorti tordna.

(9) Fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' Novembru ta' kull sena, il-listi ikkorreġuti tal-ġurati u tal-ġurati speċjali li jistgħu jiġu msejħin biex iservu fis-sena ta' wara, għandhom jiġu maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern:

Iżda, l-uffiċjali msemmijin fis-subartikolu (1) jistgħu, f'kull żmien, iżidu fil-listi hawn fuq imsemmija l-isem ta' kull ġurat jew ġurat speċjali ieħor li jkollu l-kwalifiki, u, f'kull każ bħal dan, kull isem li jkun ġie hekk miżjud għandu jiġi maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern, u jgħoddu għaldaqshekk id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8).

(10) Listi supplementari ikkorreġuti tal-ġurati u tal-ġurati speċjali, b'dawk il-korrezzjonijiet li tkun ordnat il-qorti, għandhom jiġu maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern.

(11) Meta jiġu ippubblikati l-listi msemmijin fis-subartikoli (9) u (10), l-ismijiet tal-persuni mniżżlin fuq il-listi għandhom jinkitbu, kull isem għalih, fuq poloz tal-parċmina jew tal-karta, kemm jista' jkun bħal xulxin fil-għamla u fid-daqs. L-ismijiet tal-ġurati u tal-primi ġurati għandhom jitqiegħdu f'żewġ kaxex separati, u l-ismijiet tal-ġurati speċjali u tal-primi ġurati speċjali f'żewġ kaxex separati oħra.

(12) Il-kaxex għandhom jinżammu msakkrin għand ir-reġistratur u għandhom jinfetħu quddiem l-imħallef jew imħallfin fil-qorti bil-miftuħ.

(13) L-Imħallfin tal-Qorti Kriminali jew kull tnejn minnhom jistgħu jordnaw li l-ismijiet tal-persuni li l-imhallfin hawn fuq imsemmija jkun jidhrilhom li m'humiex tajbin biex iservu bħala ġurati jiġu mħassrin mill-listi.

It-tlugħ tal-poloz li għandu jsir kull xahar.
*Emendat:*
*IV. 1856.45;*
*X. 1896.8;*
*III. 1976.7;*
*XIV. 1976.3;*
*XVI. 2006.19.*

**606.** (1) Ir-reġistratur, kull xahar, għandu jiftaħ il-kaxex u jtella' għaxar poloz mill-kaxxa li jkun fiha l-ismijiet tal-primi ġurati u erbgħin polza mill-kaxxa li jkun fiha l-ismijiet tal-ġurati ordinarji:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', b'Ordni fil-Gazzetta, jistabbilixxi metodi ta' għażla differenti li jkunu bbażati fuq mekkaniżmu komputerizzat.

(2) Il-poloz imtellgħin jinżammu għand ir-reġistratur, u l-kaxex jiġu msakkrin mill-ġdid u issiġillati.

(3) Kemm-il darba, qabel it-tmiem tas-sena, f'kull waħda mill-kaxex ma jibqax numru ta' poloz li jilħaq daqs is-sitta waħda tal-ġurati irreġistrati, ir-reġistratur għandu jerġa' jitfa' fil-kaxex il-poloz imtellgħin matul is-sena, li jkun fihom l-ismijiet tal-ġurati li ma jkunux servew matul dik is-sena.

(4) Fit-tlugħ tal-poloz, l-ismijiet ta' dawk li jkunu mietu jew li jkunu skwalifikati jew li ma jkunux tajba biex iservu ta' ġurati kif jingħad fl-artikolu 603(2), (3) u (4) jew li jkunu meħlusa taħt l-artikolu 604, ma jgħoddux u jitqiesu bħala li ma telgħux. Il-poloz ta' dawn il-persuni għandhom jitneħħew mill-kaxex.

Ħruġ tal-ismijiet fil-Gazzetta tal-Gvern.

(5) Ir-reġistratur għandu jieħu ħsieb li joħroġ fil-Gazzetta tal-Gvern l-ismijiet li jiġu hekk imtellgħin.

(6) Kull meta jkun hemm żewġ imħallfin jew aktar nominati biex joqgħodu separatament fil-qorti, jew kull meta r-reġistratur ikun għal xi raġuni hekk awtorizzat mill-qorti, ir-reġistratur jista' jtella' u jippubblika żewġ listi separati jew iktar ta' ismijiet ta'

persuni biex iservu ta' ġurati, u kull lista tiġi mtellgħa u pubblikata skont id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, u d-disposizzjonijiet kollha tal-liġi għandhom japplikaw għal kull waħda minn dawk il-listi separatament.

(7) Kull meta fil-fehma tal-qorti n-numru ta' primi ġurati jew ta' ġurati ordinarji, jew tat-tnejn, li jkunu se jittellgħu f'xi xahar jew għall-fini ta' xi kawża (magħduda kawża li tkun ġiet imħollija għal darb'oħra għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 613) għandu jkun ikbar min-numru msemmi fis-subartikolu (1) jew fl-artikolu 618, il-qorti tista' tordna li jittella' dak in numru ta' poloz mill-kaxxi li jkun fihom l-ismijiet tal-primi ġurati jew tal-ġurati ordinarji, jew tat-tnejn, kif jidhrilha xieraq.

Talba għall-ħelsien minn ġurat.
*Emendat:*
*IV. 1856.46;*
*IV. 1994.19.*

**607.** (1) Kull min ma jkollux il-kwalifiki jew ma jkunx suġġett biex iservi ta' ġurat, jew ikollu raġunijiet speċjali biex jitlob li jiġi meħlus milli jservi bħala ġurat, jista' jgħarraf b'dan lill-qorti, b'rikors li għandu jiġi ppreżentat żmien erbat ijiem min-notifika tat-taħrika msemmija fl-artikolu li ġej.

Il-qorti teżamina r-rikors.

(2) Il-qorti teżamina dan ir-rikors u, jekk issib li r-raġuni miġjuba hija tajba, tordna lir-reġistratur li jħassar l-isem ta' dik il-persuna, u li jqiegħed floku l-isem ta' persuna oħra.

Ġurati flok oħrajn.

(3) Għandhom jitqiegħdu wkoll ismijiet ta' persuni oħra flok l-ismijiet ta' dawk li ma jistgħux ikunu mħarrka minħabba li jkunu msifrin jew għal xi raġuni oħra.

Twaħħil tal-lista ta' ġurati mtellgħin flok persuni oħra.

(4) Lista bl-ismijiet tal-persuni li jkunu ġew imtellgħin flok persuni oħra għandha titwaħħal fil-bieb tas-sala li fiha toqgħod il-qorti għall-anqas erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-kawża li fiha dawk il-persuni jkunu msejħin bħala primi ġurati jew bħala ġurati ordinarji.

Talba għall-ħelsien ta' ġurat imtella' flok persuna oħra.

(5) Ir-rikorsi tal-ġurati li jkunu ġew imtellgħin flok persuni oħra, u li ma jkollhomx il-kwalifiki jew ma jkunux suġġetti biex iservu ta' ġurati jew ikollhom raġuni tajba biex jiġu meħlusa milli jservu bħala ġurati, jiġu deċiżi mill-qorti fil-jum ta' smigħ il-kawżi, qabel il-qari tal-att tal-akkuża.

(6) Fil-każ ta' persuna msemmija fl-artikolu 604, talba biex din ma sservix ta' ġurat tista' ssir permezz ta' ittra indirizzata lir-reġistratur, u dik l-ittra għandha titqies bħala rikors għall-finijiet kollha ta' dan l-artikolu.

(7) Qabel ma teħles persuna milli sservi ta' ġurat kif provdut fis-subartikoli (2) u (5) u fl-artikolu 611(5), il-qorti tista' titlob li tisma' lill-persuna li titlob dak il-ħelsien bil-ġurament.

Taħrika tal-ġurati.
*Emendat:*
*IV. 1856.47;*
*V. 1868.37;*
*XII. 1913.24;*
*III. 2002.148.*

**608.** (1) Kull persuna li l-isem tagħha jkun tala' kif jingħad fl-artikolu 606, għandha tiġi msejħa b'taħrika, li għandha tingħata lill-persuna nfisha, jew, jekk ma tkunx tista' tinsab bla tfixkil, għandha titħalla fil-lok fejn soltu hija toqgħod bid-dar, għall-anqas erbat ijiem qabel il-kawża.

(2) Kull persuna mtella' flok oħra skont l-aħħar artikolu qabel dan, għandha tiġi mħarrka bil-mod li jingħad fis-subartikolu (1), għall-anqas jumejn qabel il-kawża.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 441(3) igħoddu għat-taħrikiet tal-ġurati.

(4) Ir-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 362(2) għan-notifika bil-posta għandhom ikunu wkoll japplikaw għan-notifika taċ-ċitazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) tal-istess artikolu għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għan-notifika ta' ċitazzjoni taħt dan l-artikolu. Persuna li tiġi notifikata b'dik iċ-ċitazzjoni kif provdut f'dawk ir-regolamenti jew kif provdut f'dan is-subartikolu għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew imħarrka bil-mod provdut f'dan l-artikolu.

Jekk ġurat jonqos li jidher.
*Sostitwit: XIV. 1976.4.*

Piena.

**609.** Kull wieħed imħarrek bil-mod li jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, u li, mingħajr raġuni li l-qorti tqis bħala tajba, jonqos li jidher fil-ħin imsemmi fit-taħrika, jew, li meta jidher, ma jibqax sakemm il-qorti tibgħatu, jiġi minnufih ikkundannat mill-qorti għal multa u jkun jista' jiġi mġiegħel jidher biex iservi ta' ġurat permezz ta' mandat ta' akkumpanjament jew ta' arrest:

Setgħa tal-qorti li taħfer il-piena.

Iżda l-qorti tista', fuq rikors li jsir għaldaqshekk, taħfer il-multa, kemm-il darba tkun sodisfatta li kien hemm raġuni tajba li għaliha naqas li jidher jew irtira.

Kif għandu jkun magħmul il-ġuri.
*Emendat: X. 1896.9; XIV. 1976.5.*

**610.** (l) Il-ġuri għandu jkun magħmul minn prim ġurat u tmien ġurati ordinarji.

Ġurati supplenti.

(2) Iżda, jekk il-kawża tkun ta' xorta tali li tkun teħtieġ smigħ fit-tul, il-qorti tista', qabel ma jittellgħu l-ġurati, tordna li jittellgħu mhux iżjed minn sitt ismijiet oħra, u l-ġurati li isimhom jittellgħu wara l-ismijiet tal-ewwel tmien ġurati ordinarji, ikunu ġurati supplenti, u jassistu għas-smigħ tal-kawża.

(3) Id-disposizzjonijiet kollha tal-liġi dwar il-ġuri u l-ġurati li jiffurmaw il-ġuri, igħoddu għal dawn il-ġurati supplenti, imma dawn il-ġurati supplenti ma jistgħux ikunu preżenti u lanqas ma jistgħu jieħdu sehem f'ebda deliberazzjoni, ħlief f'każ ta' mewt jew ta' xi impediment ta' xi wieħed mill-ġurati l-oħra.

(4) Imiss lill-qorti li tiddeċiedi jekk tkunx skont il-liġi r-raġuni tal-impediment, u t-tqegħid ta' ġurat flok ieħor isir fl-istess ordni li bih l-ismijiet tal-ġurati supplenti jkunu ġew imtellgħin.

Mewt jew impediment tal-prim ġurat.

(5) Fil-każ ta' mewt jew impediment tal-prim ġurat, id-dmirijiet tiegħu jagħmilhom wieħed mill-ġurati l-oħra li jiġi maħtur mill-qorti.

Formazzjoni tal-ġuri.
*Emendat: IV. 1856.48; IX. 1859.30; V. 1868.38; X. 1896.9,10; VIII. 1909.56; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; XIV. 1976.6; XVI. 2006.20.*

**611.** (1) Il-ġuri għandu jiġi iffurmat kif sejjer jingħad hawn:

L-ismijiet tal-persuni mħarrkin biex iservu ta' ġurati għandhom jinkitbu kull isem għalih fuq poloz tal-parċmina jew tal-karta, kemm jista' jkun bħal xulxin fil-għamla u fid-daqs tagħhom. Ir-reġistratur jaqra jgħajjat, fil-qorti, l-ewwel il-poloz li jkun fihom l-ismijiet tal-primi ġurati, u jqiegħedhom f'kaxxa, imbagħad dawk li jkun fihom l-ismijiet tal-ġurati ordinarji, u jqiegħedhom f'kaxxa oħra. Wara dan, għandu jħawwad il-poloz fil-kaxxa li jkun fiha l-

ismijiet tal-primi ġurati, itella' waħda bix-xorti, u jaqra jgħajjat l-isem miktub fiha. Il-persuna li isimha jkun fuq il-polza li titla', għandha tiġi 'l quddiem, u r-reġistratur għandu jistaqsi, l-ewwel lill-Avukat Ġenerali u mbagħad lill-akkużat, jekk ikunux bi ħsiebhom jirrikużaw lil din il-persuna.

(2) Ir-rikużi jistgħu jkunu jew perentorji jew għal raġuni. Ir-rikużi perentorji huma dawk li jsiru bla ma tingħata raġuni, u l-effett tagħhom hu li l-persuna li lilha jolqtu ma tistax toqgħod bħala ġurat f'dik il-kawża. Ir-rikużi għal raġuni, huma dawk li jsiru billi tingħata raġuni, u l-effett tagħhom hu li, jekk din ir-raġuni tinsab tajba mill-qorti, ir-rikuża tiġi milqugħa u l-persuna tiġi eskluża; iżda jekk ir-raġuni ma tiġix misjuba tajba, ir-rikuża tiġi miċħuda u l-persuna approvata:

Ġurati rikużati. Rikużi perentorji jew għal raġuni.

Iżda bil-għan li ssir ir-rikuża ta' ġurat għal raġuni l-Avukat Ġenerali jew l-akkużat jistgħu jitolbu li l-ġurat jissejjaħ biex iwieġeb bil-ġurament għall-mistoqsijiet li jsiru lill-ġurat biex tiġi stabbilita r-raġuni għar-rikuża.

(3) Bla ma tingħata raġuni jistgħu jiġu rikużati tliet persuni mill-Avukat Ġenerali u daqshekk ieħor minn kull akkużat; iżda, jekk l-akkużati f'kawża waħda jkunu aktar minn tlieta, kull wieħed minnhom għandu jedd għal żewġ rikużi perentorji biss.

Numru permess ta' rikużi perentorji.

(4) Ir-rikużi magħmulin minn wieħed mill-akkużati, igħoddu wkoll għall-akkużati l-oħra li jkunu sejrin jiġu flimkien miegħu jew warajh iġġudikati mill-istess ġuri għalkemm dawn l-akkużati l-oħra ma jkunux iridu jagħmlu dawk ir-rikużi.

Ir-rikużi minn wieħed mill-akkużati jgħoddu wkoll għall-akkużati l-oħra.

(5) Kull persuna tista', għal raġuni tajba, qabel jew wara t-tlugħ ta' isimha, tiġi mill-qorti meħlusa milli sservi ta' ġurat.

Setgħa tal-qorti li teħles persuna milli sservi ta' ġurat.

(6) Meta persuna li jitla' isimha ma tidhirx, jew, għalkemm tidher, tiġi rikużata jew meħlusa, għandhom jittellgħu ismijiet oħra bl-istess ordni, sakemm jiġi appruvat prim ġurat.

Tlugħ ta' ismijiet oħra meta l-persuni mtellgħin ma jidhrux, eċċ.

(7) Imbagħad isir it-tlugħ tal-ismijiet mill-kaxxa tal-poloz tal-ġurati ordinarji, bl-istess mod li jsir it-tlugħ tal-prim ġurat, sakemm jiġu approvati tmien ġurati ordinarji, u, meta l-qorti tkun hekk ordnat, in-numru ta' ġurati supplenti li l-qorti tkun ordnat.

Tlugħ tal-ismijiet tal-ġurati ordinarji.

(8) Id-disa' ġurati, li l-ismijiet tagħhom ikunu hekk ġew imtellgħin u approvati, jiffurmaw il-ġuri.

Kostituzzjoni tal-ġuri.

**612.** Fil-ġurament tal-ġurati għandha titħares din il-formula: Ir-reġistratur idur lejn il-ġuri u jgħid: *Intom taħilfu u twiegħdu quddiem Alla u l-bnedmin li teżaminaw bir-reqqa kollha l-akkużi li jinġiebu kontra* A. B.*; li ma tqarrqux la l-interessi tal-akkużat u lanqas dawk tar-Repubblika ta' Malta li f'isimha dak hu akkuzat; li, mingħajr permess tal-Qorti, ma tikkomunikaw ma' ħadd sakemm tagħtu l-verdett tagħkom; li ma tħallux jagħmlu bikom il-mibegħda jew il-ħażen, lanqas il-biża', jew il-ġibda tal-qalb; li tiddeċidu fuq l-akkużi u fuq id-difiża, kif tgħidilkom ruħkom u kif tħossu ġewwa fikom, bla ma żżommu ma' ħadd u b'fehma qawwija kif jixraq lil nies onesti u ħielsa. Hekk Alla jgħinkom.* Wara dan kull wieħed mill-ġurati jieħu l-ġurament.

Formola tal-ġurament tal-ġurati.
*Emendat: XXVII. 1975.37.*

Jekk jispiċċaw l-ismijiet tal-primi ġurati u tal-ġurati ordinarji minn ġewwa l-kaxex.
*Emendat:*
*VIII. 1909.57;*
*XIV. 1976.7.*

**613.** (1) Meta, minħabba dawk li ma jidhrux jew li jiġu rikużati jew meħlusa, jispiċċaw l-ismijiet imqegħdin fil-kaxxa tal-poloz tal-primi ġurati, il-qorti tista' jew tħalli l-kawża għal darb'oħra, jew tordna li mill-kaxxa tal-poloz tal-ġurati ordinarji jittella' isem ieħor man-numru msemmi fl-artikolu 610(1) u (2), u taħtar wieħed mill-ġurati li l-isem tagħhom ikun ġie mtella' biex jagħmel id-dmirijiet ta' prim ġurat.

(2) Meta, minħabba waħda mir-raġunijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), jispiċċaw l-ismijiet mill-kaxxa tal-ġurati ordinarji, il-qorti tista' jew tħalli l-kawża għal ġurnata oħra, inkella ssejjaħ biex isservi bħala ġurat persuna li tkun tinsab fl-awla u illi l-qorti tqis li hija ikkwalifikata biex isservi bħala ġurat; u din il-persuna tkun tista' tiġi rikużata biss għal raġuni. Id-dmirijiet ta' prim ġurat jistgħu wkoll, jekk ikun meħtieġ, jingħataw lill-persuna li tkun ġiet hekk imsejħa.

Setgħa tal-qorti li tagħti li jiġu irtirati r-rikużi perentorji.

(3) Iżda, fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (2), il-qorti tista', sabiex ikun jista' jiġi iffurmat il-ġuri u l-kawża ma tiġix imħollija għal darb'oħra, tagħti permess lill-partijiet li jirtiraw waħda jew aktar mir-rikużi perentorji tagħhom.

Rikuża ta' ġurat minħabba nuqqas ta' kwalifika.
*Emenedat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII.1974.68.*

**614.** In-nuqqas f'persuna tal-kwalifiki meħtieġa biex tista' sservi ta' ġurat, għandu jinġieb 'il quddiem mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat. Tista' wkoll tistqarru l-persuna nfisha, jew, jekk tkun ħaġa magħrufa minn kulħadd, tista' tiddikjarah il-qorti. Iżda, jekk dan in-nuqqas ta' dawn il-kwalifiki ma jinġiebx hekk 'il quddiem, jew ma jiġix mistqarr jew iddikjarat, u l-persuna tiġi approvata bħala tajba biex tieħu l-ġurament, wara ma tista' ssir ebda oppożizzjoni minħabba n-nuqqas ta' kwalifiki f'dik il-persuna.

Il-benefiċċju tal-ħelsien minn ġurat ma jistax jintalab jekk ma jinġiebx 'il quddiem qabel ma l-ġurat jiġi approvat.

**615.** Ebda persuna mħarrka, għalkemm meħlusa mil-liġi milli isservi ta' ġurat, illi ma tiddikjarax, qabel ma tiġi approvata biex tieħu l-ġurament, li trid tinqeda bil-jedd ta' dak il-ħelsien, ma tista', wara li tiġi approvata, titlob il-benefiċċju ta' dak il-ħelsien.

Manteniment tal-ġurati.
*Emendat:*
*X. 1896.11;*
*XXVII. 1975.38.*

**616.** (1) L-ispejjeż tal-manteniment tal-ġurati matul il-qadi tad-dmirijiet tagħhom u fil-ħin li fih jistgħu jieħdu ikel u xorb, joħroġhom il-Gvern.

Spejjeż tat-traġitt.

(2) Il-ġurati għandhom il-jedd għall-ħlas tal-ispejjeż tat-traġitt, fl-istess każijiet u bl-istess mod bħax-xhieda.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jipprovdi għall-ħlas tal-ġurati għas-servizz tagħhom.

Ħelsien tal-ġurat mill-arrest għal djun.
*Emendat:*
*IX. 1859.31;*
*III. 2002.149.*

**617.** (1) Ebda wieħed imħarrek biex iservi ta' ġurat ma jista' jiġi arrestat għal djun, waqt li minn daru jkun sejjer dritt għall-qorti jew lura mill-qorti dritt għal daru.

(2) Kull min, b'xi mod ikun li jkun, xjentement jikkomunika jew jipprova jikkomunika ma' persuna li isimiha jkun tela' biex isservi ta' ġurat u jkun ġie ppubblikat kif provdut fl-artikolu 606(5) u fl-artikolu 607(4), bil-ħsieb li jġiegħlha tmil sewwa favur jew kontra l-akkużat, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena

ta' priġunerija minn tliet xhur sa disa' xhur:

B'dana però li f'każ li r-reat jiġi kommess minn uffiċjal pubbliku li jkollu d-dmir li jara li ma ssirx din il-komunikazzjoni, il-piena applikabbli tiżdied bi grad.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jgħoddu, *mutatis mutandis*, b'relazzjoni għall-membri tal-ġuri maħtur bħalma jgħoddu b'relazzjoni għall-persuni mħarrka biex iservu ta' ġurati jew li isimhom ikun ġie ppubblikat kif imsemmi fis-subartikolu (2).

Tlugħ tal-ismijiet tal-ġurati speċjali.
*Miżjud: Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 9.*
*Emendat: XXX. 1934.21; XX. 1936.6.*

**618.** Kull meta, skont l-artikolu 516, il-proċeduri f'kawża għandhom isiru bl-ilsien Ingliż, ir-reġistratur għandu, bla telf ta' żmien, jiftaħ il-kaxex li jkun fihom l-ismijiet tal-ġurati speċjali u jerfa' għaxar poloz minn ġewwa l-kaxxa li jkun fiha l-ismijiet tal-primi ġurati u erbgħin polza minn ġewwa l-kaxxa li jkun fiha l-ismijiet tal-ġurati ordinarji, biex iservu fil-ġuri ta' dik il-kawża.

Id-disposizzjonijiet dwar il-ġuri jgħoddu għall- ġuri speċjali.
*Miżjud: Ordni fil-Kunsill tal-1899, art. 9.*

**619.** Id-disposizzjonijiet kollha tal-liġi dwar il-ġuri jgħoddu għall-ġuri speċjali.

---

## Titolu VII

## ALLEGAZZJONIJIET TA' ĠENN U KWISTJONIJIET KOLLATERALI OĦRA QUDDIEM IL-QORTI KRIMINALI

Allegazzjoni ta' ġenn jew ta' fatt ieħor.
*Emendat: IV. 1856.49; A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.40.*

**620.** (1) Kull allegazzjoni ta' ġenn, jew ta' kull fatt ieħor li, minħabba fih, jekk il-fatt ikun veru, l-akkużat m'għandux, sew għal dak il-waqt kemm f'kull żmien 'il quddiem, jiġi msejjaħ biex iwieġeb għall-akkuża, jew igħaddi ġuri, jew jiskonta l-piena, għandha qabel xejn tiġi maqtugħa minn ġuri.

Ksur tal-kondizzjoni tal-maħfra.

(2) Kemm-il darba wieħed, wara li jkun qala' taħt kondizzjoni l-maħfra tal-piena, jiġi, mill-Pulizija Eżekuttiva, minħabba li jkun kiser il-kondizzjoni tal-grazzja, meħud mill-ġdid il-ħabs jew imqiegħed mill-ġdid fl-istat li kien fih qabel dik il-grazzja, biex jiskonta jew ikompli jiskonta l-piena li għaliha jkun ġie ikkundannat, kull allegazzjoni ta' fatt li huwa jagħmel u li minħabba fiha, jekk dan il-fatt ikun veru, il-kondizzjoni hawn fuq imsemmija, kif miġjuba kelma b'kelma fl-att tal-grazzja, m'għandhiex titqies bħala li ġiet miksura, għandha tkun ukoll maqtugħa mill-ġuri.

Proċedura.

(3) Kull allegazzjoni msemmija f'dan l-artikolu għandha tinġieb quddiem il-Qorti Kriminali b'rikors.

(4) Fuq dan ir-rikors, il-qorti, b'digriet, tagħti l-ġurnata biex fiha tisma' r-rikorrent u l-Avukat Ġenerali, u tordna li dawn jiġu innotifikati b'kopja ta' dak id-digriet.

L-oppożizzjoni tal-Avukat Ġenerali issir bil-miktub.
*Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII. 1974.68.*

**621.** Meta l-Avukat Ġenerali ikun bi ħsiebu jikkontesta l-allegazzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jagħmel dan bil-miktub.

Setgħa tal-qorti li tinkariga lill-istess ġuri għad-deċiżjoni tal-allegazzjoni.

**622.** Għad-deċiżjoni ta' kull allegazzjoni bħal din, il-qorti tista' tinkariga lill-ġuri li jkun ġa ġie magħżul għall-kawża fuq l-att tal-akkuża.

Fejn għandha tinżamm il-persuna miġnuna.
*Emendat:*
*VIII. 1909.58;*
*XII. 1914.14;*
*XXVII. 1975.30;*
*XVIII. 1976.52;*
*VIII.1990.3.*
Kap. 262.

**623.** (1) Meta, fuq l-allegazzjoni msemmija fl-artikolu 620(1), l-akkużat jiġi iddikjarat miġnun, il-qorti tordna li dan jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monti Karmelu biex hemmhekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Saħħa Mentali jew kull disposizzjoni oħra ta' liġi jew leġislazzjoni applikabbli għall-każ, u dawk id-disposizzjonijiet għandhom japplikaw għall-akkużat skont dan.

Spejjeż tal-manteniment.

(2) L-ispejjeż tal-manteniment u tal-kura tal-persuna miġnuna joħroġhom il-Gvern, bla ħsara tal-jedd tal-Gvern li jieħu lura dawn l-ispejjeż minn fuq ħwejjeġ dik il-persuna, jew, jekk din ma jkollhiex beni tagħha, li jdur fuq dawk il-persuni li jkunu fid-dmir jagħtu l-manteniment lill-persuna miġnuna.

Kif jinqiesu.

(3) Dawn l-ispejjeż jinqiesu fuq ir-rati stabbiliti fir-regolamenti tal-Isptar Monti Karmelu, li jkunu jseħħu f'dak iż-żmien.

Is-subartikoli (2) u (3) igħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati.

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) jgħoddu wkoll fil-każ ta' imputat li jiġi mibgħut fl-Isptar Monti Karmelu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati, taħt l-artikoli 402 u 525.

Setgħa tal-qorti dwar il-kondizzjonijiet tal-maħfra.
*Miżjud:*
*IV. 1856.50.*

**624.** Jekk jiġi mill-ġuri iddikjarat fatt, li minħabba fih m'għandhiex titqies miksura l-kondizzjoni tal-att tal-grazzja, il-qorti tagħti l-ordnijiet meħtieġa biex ma tħallix li tiġi miksura l-kondizzjoni hawn fuq imsemmija wara dik id-dikjarazzjoni; u l-qorti tista', għal dan il-ħsieb, tordna li l-persuna li tkun qalgħat il-grazzja tinżamm kustodja f'xi ħabs pubbliku, fejn ikun jaqbel li tiġi miżmuma.

Meta l-Avukat Ġenerali ma jopponix l-allegazzjoni.
*Emendat:*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.68.*

**625.** Jekk l-Avukat Ġenerali ma jopponix allegazzjoni taħt dan it-Titolu, il-qorti tipproċedi bħallikieku l-verità tal-allegazzjoni ġiet ippruvata.

Il-kawża tissokta 'l quddiem meta jispiċċa l-impediment.

**626.** Fil-każijiet kollha illi, minħabba li waħda mill-allegazzjonijiet imsemmijin f'dan it-Titolu tiġi ippruvata, il-kawża ma tkunx tista' ssir jew ma tkunx tista' tissokta, jew tiġi mwaqqfa l-esekuzzjoni tas-sentenza, il-kawża għandha tissokta 'l quddiem jew is-sentenza għandha tiġi esegwita, hekk kif jispiċċa l-impediment.

Il-ġuri għandu jiġi magħżul skont ir-regoli ġenerali.

**627.** Kull meta jkun meħtieġ li jinħatar ġuri ġdid għad-deċiżjoni ta' waħda mill-allegazzjonijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, dan il-ġuri għandu jiġi maħtur u għandu jipproċedi skont ir-regoli stabbiliti f'dan il-Kodiċi dwar il-ġuri.

**628.** Fil-każijiet kollha msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, kull allegazzjoni għandha tiġi deċiża mill-ġuri bl-akbar għadd ta' voti.

Il-ġuri jiddeċidi bl-akbar għadd ta' voti.
*L-art. 3 (3) tal-Ord. XXXVII tal-1934 sa fejn jiddisponi li d-deċiżjoni tal-ġuri għandha tittieħed bl-akbar għadd ta' voti, inkorporat.*

---

## Titolu VIII

### Dwar Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali

*Miżjud: IX. 2003.128.*

**628A.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti sabiex jagħti seħħ lil xi arranġament, inkluż xi trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil li fih Malta tkun parti jew li jkun xort'oħra applikabbli għal Malta u li jipprovdi għal assistenza reċiproka f'materja kriminali.

Regolamenti.
*Miżjud: IX. 2003.128.*

(2) Ir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jista' jkun fihom dawk id-disposizzjonijiet li l-Ministru jista' jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluża l-applikazzjoni, b'kull modifika xierqa, ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra.

**628B.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa mogħtija lill-Ministru bl-artikolu 628A, il-Ministru jista' b'mod partikolari, jagħmel regolamenti li bihom jindika l-persuna, korp, sew jekk ikun persuna ġuridika jew le, awtorità jew aġenzija kompetenti għall-għan li tingħata l-assistenza li tista' tintalab taħt xi arranġament bħal dak imsemmi fl-artikolu 628A(1) u li jippreskrivu l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' kull talba għal assistenza bħal dik għal kull għan jew għanijiet minn dawn li ġejjin -

Kondizzjonijiet u proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' talba għal assistenza.
*Miżjud: IX. 2003.128.*

(*a*) l-interrogazzjoni ta' persuni li jkunu qegħdin jiġu investigati jew proċessati għal xi reat kriminali;

(*b*) il-ġbir ta' provi jew l-għoti ta' xiehda;

(*ċ*) in-notifika ta' kull dokument jew att;

(*d*) l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet;

(*e*) it-trasferiment temporanju għal għanijiet ta' identifikazzjoni jew sabiex tinkiseb xiehda jew assistenza oħra;

(*f*) id-dħul u t-tfittxija f'kull fond u l-qbid ta' kull oġġett;

(*g*) it-teħid ta' marki tas-swaba jew kampjuni intimi jew mhux intimi;

(*h*) l-eżumazzjoni ta' xi katavru;

(*i*) l-għoti ta' *records* u dokumenti;

(*j*) l-investigazzjoni dwar ir-rikavat ta' xi reat;

(*k*) il-monitoraġġ, l-iffriżar jew il-qbid ta' xi assi ta' kull xorta inklużi ta' kontijiet bankarji; u

(*l*) il-verifika ta' xi prova jew materjal ieħor.

(2) Kull regolament magħmul taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 628A u ta' dan l-artikolu għandu jkun fih riferenza għall-arranġament li dawk ir-regolamenti jkunu maħsuba biex iġibu fis-seħħ.

---

Taqsima III

FUQ ĦWEJJEĠ LI JGĦODDU GĦALL-KAWŻI KRIMINALI KOLLHA

---

Titolu I

*Emendat: XI. 1900.87.*

FUQ IX-XHIEDA U L-PERITI

---

*Sub-titolu I*

FUQ IX-XHIEDA

Min hu kompetenti bħala xhud. *Emendat: IX. 1859.32; III. 1880.11.*

**629.** (1) Kull min hu f'sensieh jista' jinġieb bħala xhud, jekk ma jkunx hemm xi eċċezzjoni kontra l-kompetenza tiegħu.

Tifsir lix-xhud fuq l-importanza tal-ġurament.

(2) Il-qorti tfisser lix-xhud l-importanza tal-ġurament, meta jkollha dubju jekk ix-xhud, minħabba l-età jew għal xi raġunijiet oħra, jafx b'dik l-importanza; u jekk, għalkemm tagħmillu dan it-tifsir, il-qorti jkun jidhrilha meħtieġ illi x-xhud, qabel ma jixhed, għandu jiġi mgħarraf aħjar fuq il-konsegwenzi ta' xiehda falza, hija tista', jekk fil-fehma tagħha x-xiehda ta' dak ix-xhud tkun importanti għall-finijiet tal-ġustizzja, tħalli l-kawża għal ġurnata oħra, u, jekk dan il-każ jiġri fil-Qorti Kriminali, tħoll il-ġuri.

Ebda età partikulari m'hija meħtieġa sabiex wieħed ikun kompetenti għal xhud.

**630.** Ħadd ma jista' jiġi eskluż milli jixhed minħabba li ma jkollux xi età partikulari; hu biżżejjed illi l-qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, għalkemm mhux tal-età, jaf illi hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz.

Ġurament li għandu jittieħed mix-xhud. *Emendat: V. 1868.39; XXXV. 1974.6.*

**631.** (1) Ix-xhud li jistqarr ir-Reliġjon Kattolika Rumana għandu jaħlef kif hi d-drawwa ta' dawk li huma ta' dik ir-reliġjon; u x-xhud li ma jistqarrx din ir-reliġjon għandu jaħlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu tal-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu għall-każijiet kollha li fihom jingħata ġurament.

Formula tal-ġurament.

**632.** Il-formula tal-ġurament li jingħata lix-xhieda hi din li ġejja:

*Int* A.B. *aħlef* (*jew, wettaq solennement*) *li x-xiehda li sejjer tagħti, tkun is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinek.*

**633.** (1) Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u min għandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint li x-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq.

Interess ta' xhud. *Emendat: VIII. 1909.59.*

(2) Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija.

Xhud li juri li kieku ma jixtieqx jixhed minħabba li jkun jiġi mill-akkużat, eċċ.

**634.** (1) L-imputat jew akkużat, b'talba tiegħu, jista' jixhed taħt ġurament, minnufih li l-prosekuzzjoni tagħlaq il-parti tagħha, barra minn meta jinqala' l-bżonn li jixhed ukoll wara, f'waqt ieħor tal-kawża, jew jekk il-qorti jkun jidhrilha xieraq li tbiddel l-ordni tal-provi; u l-prosekuzzjoni tista' tagħmillu kontro-eżami, għalkemm dan il-kontro-eżami jkun jista' jġibu ħati tar-reat li għalih ikun imputat jew akkużat:

L-imputat jew akkużat jista' jixhed. *Miżjud: VIII. 1909.60. Emendat: IX. 1911.20.*

Iżda, in-nuqqas tal-imputat jew akkużat li jagħti x-xiehda tiegħu ma jistax iservi ta' kumment kuntrarju mill-prosekuzzjoni.

Il-prosekutur ma jista' jagħmel ebda kumment kuntrarju jekk l-akkużat ma jixhedx.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar ix-xhieda jgħoddu għall-imputat jew akkużat li jagħti x-xiehda tiegħu taħt ġurament.

Disposizzjonijiet dwar ix-xhieda li jgħoddu għall-imputat jew akkużat.

(3) Id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ma tgħoddx għall-kawżi fl-appell.

Eċċezzjoni.

**635.** (1) B'dak kollu li jingħad fl-artikolu 633, ir-raġel ma jistax jinġieb xhud favur jew kontra martu, u l-mara favur jew kontra żewġha, ħlief meta -

Meta r-raġel jew il-mara tal-akkużat jistgħu jixhdu. *Emendat: II. 1886.12; VIII. 1909.61; XXXVIII. 1973.5.*

(*a*) ir-reat ikun sar kontra x-xhud jew kontra l-axxendenti jew id-dixxendenti tiegħu;

(*b*) fil-każ ta' reati kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, meta r-raġel jew il-mara tal-parti imputata jew akkużata tkun persuna li fuqha jew dwarha jkun sar ir-reat jew tkun persuna li fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni tagħha l-imputat jew akkużat ikun għex;

Kap. 63.

(*ċ*) b'talba tal-imputat jew akkużat għax-xiehda ta' mart jew żewġ l-imputat jew akkużat stess, meta dan jista'

jixhed taħt ġurament skont l-aħħar artikolu qabel dan.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll jekk ir-raġel jew il-mara tal-imputat jew akkużat ikunu xhud favur jew kontra wieħed barrani illi jkun għaddej kawża flimkien mar-raġel jew il-mara tax-xhud.

Ma tistax issir oppożizzjoni għall-kompetenza ta' xhud minhabba li qabel kien ġie misjub ħati, eċċ. *Emendat: IV. 2014.26.*

**636.** Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba -

(*a*) li milli jistqarr huwa nnifsu, jew xort'oħra, jinsab li huwa kien sar ħati ta' reat jew li b'xi mod kien ġie misjub ħati, ikkundannat, imċanfar, jew imwaħħal piena minn qorti jew awtorità oħra; jew

(*b*) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed; jew

(*ċ*) li jkollu interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, jew fir-riżultat tal-kawża;

Kap. 164.

(*d*) li, f'kaz ta' xhud li jkun ġie ammess biex jibbenefika taħt il-programm ta' ħarsien ta' xhieda mwaqqaf skont it-Titolu IV tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Pulizija, ix-xhud kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu jew li hu soġġett li jkun imħarrek fil-futur fir-rigward tal-imsemmi reat jew ta' xi reat relatat.

Eċċezzjonijiet li jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud.

**637.** L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għandha tinġieb l-aħjar prova.

**638.** (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.

Xhud wieħed waħdu hu biżżejjed.

(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Meta xhud wieħed waħdu mhux biżżejjed. *Emendat: XXIV. 1946.2; IX. 1950.2; XXII. 1988.20; XVI. 2006.21.*

**639.** (1) B'dak kollu li jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, ħadd ma jista' jiġi misjub ħati ta' kalunnja, sperġur, jew ġurament falz, fuq ix-xiehda weħedha ta' xhud wieħed biss li jmeri l-fatt li jkun xehed qabel taħt ġurament l-imputat jew l-akkużat; iżda dan l-imputat jew akkużat jista' jiġi misjub ħati fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, meta din ix-xiehda tkun korroborata f'xi ċirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi oħra miġjubin skont il-liġi.

(2) Lanqas ma jista' ħadd jiġi misjub ħati ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern, ħlief fil-każ ta' delitt taħt l-artikolu 55, fuq ix-

xiehda weħedha ta' xhud wieħed biss; iżda f'dan il-każ biżżejjed li xhud wieħed jipprova fatt u xhud ieħor jipprova fatt ieħor, meta kull wieħed minn dawn il-fatti jkun jiswa biex jistabbilixxi d-delitt.

(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.

Xiehda tal-kompliċi.

**640.** Fis-smigħ ta' xhud trux-u-mutu, jew trux biss, jew mutu biss, għandhom jitħarsu r-regoli miġjubin fl-artikolu 451 dwar kif wieħed għandu jiftiehem ma' akkużat trux-u-mutu, jew trux biss, jew mutu biss.

Eżami ta' xhud trux-u-mutu, jew trux biss jew mutu biss.

**641.** Bħala regola, kull min ikun preżenti fil-qorti waqt is-smigħ ta' kawża, ma jistax jinġieb bħala xhud f'dik il-kawża:

Xhud preżenti waqt is-smigħ tal-kawża ma jistax jinġieb jixhed.

Iżda, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha ma toqgħodx għal din ir-regola f'każijiet speċjali, meta jidhrilha li hemm raġuni biżżejjed biex tagħmel hekk.

Setgħa mħollija fid-diskrezzjoni tal-qorti.

**642.** (1) L-avukati u l-prokuraturi legali ma jistgħux jiġu mġegħlin jixhdu fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu minħabba li l-partijiet infishom ikunu fdaw fil-patroċinju jew konsult tagħhom.

Sigriet professjonali.

(2) Din ir-regola tgħodd ukoll għal dawk li huma obbligati mil-liġi għas-sigriet dwar ħwejjeġ li fuqhom tintalab ix-xiehda tagħhom.

**643.** Ebda xhud ma jista' jkun imġiegħel iwieġeb għal mistoqsijiet, meta t-tweġiba tista' ġġibu taħt proċess kriminali:

Mistoqsijiet li jistgħu jġibu ħati lix-xhud.
*Emendat: XII. 1913.25.*

Iżda, fil-każ ta' proċediment taħt l-artikolu 338(*h*), fuq l-imputazzjoni ta' għoti ta' post għal-logħob ta' azzard u ta' interess, jew ta' għajnuna mogħtija għal dan il-logħob, kull min ikun ħa sehem jew issieħeb f'dan il-logħob, u li x-xiehda tiegħu tkun meħtieġa biex tipprova l-akkuża hawn fuq imsemmija, jista' jiġi mġiegħel iwieġeb għal kull mistoqsija dwar dik l-akkuża, għalkemm it-tweġiba għaliha tkun tista' ġġibu taħt proċess kriminali; iżda, f'kull każ bħal dan, kull min ikun ta dik ix-xiehda fuq dik l-akkuża, u jkun xehed fedelment is-sewwa, mill-aħjar li jaf, jaqla' mill-qorti ċertifikat ta' dawn iċ-ċirkostanzi, u, bis-saħħa ta' dan iċ-ċertifikat, jiġi meħlus minn kull piena għas-sehem li jkun ħa fil-logħob li fuqu tkun l-akkuża u li fuqha huwa jkun xehed bħala xhud.

Eċċezzjoni.

**644.** Jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti li tiddeċidi, f'kull każ partikulari, jekk xhud, minħabba li t-tweġiba għal xi mistoqsija tista' ttelliflu ġiehu, għandux jiġi mġiegħel jew le jwieġeb għal dik il-mistoqsija.

Mistoqsijiet li jikxfu l-imġieba ħażina tax-xhud.

Disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħoddu għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali.
*Emendat:*
*IV. 1856.51;*
*III. 2002.150.*
Kap. 12.

**645.** Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 570, 574, 578, 579, 580, 583, 584, 585, 586, 590, 592, 598, 599, tal-artikolu 60 (1)2 u tal-artikolu 605 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu wkoll għall-qrati ta' ġustizzja kriminali u l-imsemmija artikoli 570, 574, 583, 590, u 592 jgħoddu wkoll għal kull proċedura taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi.

L-eżami tax-xhieda jsir fil-qorti u *viva voce*.
*Emendat:*
*IV. 1856.52;*
*V. 1868.40;*
*VI. 1871.38;*
*XI. 1900.88;*
*XII. 1913.26;*
*A.L. 46 tal-1965;*
*LVIII. 1974.6;*
*XXXII. 1997.3;*
*XVI. 2006.22.*

**646.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*.

Eċċezzjonijiet.

(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:

Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat *viva voce* kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8):

Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat *viva voce* kemm-il darba l-Qorti ma tordnax li jsir xort'oħra għal xi raġuni li toriġina wara d-data meta dak il-minuri jkun ta x-xiehda tiegħu u l-Qorti tqis li dan ikun fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kxif tas-sewwa.

(3) Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jinġiebu bħala prova, kemm-il darba jsiru minn xi ħadd li jkun qiegħed imut u jkun jaf li hu wasal għall-mewt, minbarra meta d-dikjarant ikun sejjer imut taħt sentenza mogħtija b'liġi.

(4) Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550.

(5) Ix-xiehda ta' kappillan jew ta' saċerdot ieħor li jagħmel floku jew ta' kull xhud ieħor li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni, dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri parrokkjali magħmulin jew miżmumin minn l-istess kappillan jew saċerdot u li għandhom x'jaqsmu ma' twelid, żwieġ jew mewt, jew dwar l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri, jew ta' estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.

(6) Ix-xiehda tan-nutari ta' Malta jew ta' xhieda oħra mismugħin matul il-kompilazzjoni dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri magħmulin jew miżmumin mill-istess nutari, jew dwar

l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri jew estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.

(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ċertifikat li jkun jidher li ġie maħruġ minn tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja jew mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, jista' jinġieb bħala prova u, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu, basta li ċ-ċertifikat ikollu t-timbru li jinqara ċar tat-tabib jew kirurgu dentali li joħroġ dak iċ-ċertifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki professjonali tiegħu, l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu u l-indirizz tiegħu u basta dak iċ-ċertifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skont il-każ: iżda wkoll, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jġibu lill-imsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skont il-każ, biex jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce*, u l-qorti tista' wkoll *ex officio* tordna dak l-eżami.

(8) Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tinġieb bħala prova mingħajr il-ħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jinġieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu (2): iżda, ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' *ex officio* tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce*.

(9) Il-validità tal-atti hawn fuq imsemmija u l-ammissibbiltà tagħhom ma jistgħux jiġu attakkati minħabba li ma jkunx jidher mill-atti nfishom li ġew magħmula jew irċevuti bil-ġurament jew b'xi solennità oħra meħtieġa mil-liġi, jekk it-teħid ta' dan il-ġurament jew it-tħaris ta' din is-solennità jiġi ippruvat b'xi mod ieħor.

(10) L-Avukat Ġenerali, kif ukoll l-akkużat, jista' jitlob li jiġi deċiż mill-qorti, qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jekk ix-xiehda ta' xi xhud għandhiex tiġi ammessa, kif jingħad fis-subartikolu (2).

(11) Meta jingħad li xi xhud miet, siefer jew ma jkunx jista' jinstab, il-qorti tista' tqis l-allegazzjoni ppruvata bir-rapport maħluf tal-marixxall jew uffiċjal esekutur ieħor illi bih iwettaq li huwa sar jaf żgur li dak ix-xhud hu mejjet jew imsiefer, jew li huwa għamel it-tfittxija li tinħtieġ u ma rnexxilux isibu.

Smigħ fid-dar tiegħu ta' xhud marid jew imdaħħal fiż-żmien.
*Miżjud: XI. 1900.89. Emendat: VI. 1939.4; A.L. 4 tal-1963; XIII. 1964.26; A.L. 46 tal-1965; XXXI. 1966.2; XXV. 1967.26; LVIII. 1974.68; XXVII. 1975.40; III. 1976.8; VIII. 1990.3; III. 2002.151; XXXI. 2002.205.* Kap. 12.

**647.** (1) Jekk ikun meħtieġ li tinstema' x-xiehda ta' xi persuna li minħabba l-mard jew ix-xjuħija tagħha ma tkunx tista' tidher il-qorti, dik il-persuna għandha tinstema' mill-qorti, jew jekk il-qorti hekk tordna, minn membru tal-qorti, fil-post fejn toqgħod:

Iżda l-qorti tista' tiddelega s-smigħ tax-xiehda ta' kull xhud bħal dak lil wieħed mill-maġistrati għall-Gżira li fiha jkun joqgħod ix-xhud, jew lil assistent ġudizzjarju.

(2) Meta x-xiehda meħtieġa tkun dik ta' persuna li ma tkunx toqgħod fil-Gżira fejn ikunu qed isiru l-proċeduri u jiġi muri lill-qorti li dik il-persuna tkun ser tħalli lil Malta, il-qorti tista' tiddelega s-smigħ tax-xiehda lil waħda mill-persuni li jistgħu jiġu delegati biex jisimgħu x-xiehda skont is-subartikolu (1); u fil-każ ta' xhud li jkun ser jistema' f'Għawdex jew f'Kemmuna, il-qorti tista' wkoll, jekk fiċ-ċirkostanzi jkun hekk ġustifikat u l-Avukat Ġenerali ma joġġezzjonax, tawtorizza lir-reġistratur biex jisma' dik ix-xiehda u jagħti l-ġurament meħtieġ.

Jedd tal-akkużat li jkun preżenti.

(3) L-imputat jew akkużat għandu jedd li jkun preżenti waqt is-smigħ tax-xhud.

Qari fil-qorti tax-xiehda hekk meħuda.

(4) Ix-xiehda meħuda kif jingħad f'dan l-artikolu għandha tinqara fil-qorti, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti tal-kawża.

Irrekordjar fuq tejp jew fuq *video* ta' xiehda.
*Miżjud: XXXI. 2002.206. Emendat: VIII. 2015.37.*

**647A.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 646 u 647, il-qorti tista' jekk tqis li jkun hekk xieraq, tippermetti l-irrekordjar fuq tejp jew fuq *video* ta' xi xiehda meħtieġa minn xhud jew xhud li jkun joqgħod barra minn Malta, skont kodiċijiet ta' prattika li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', b'regolamenti, jippreskrivi.

Meta jintbagħtu dokumenti jew xi att lil persuna f'pajjiż barrani.
*Miżjud: XXXI. 2007.24.*

**647B.** B'mod konformi ma', u skont kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim, bejn Malta u pajjiż ieħor jew li japplika għal dawk iż-żewġ pajjiżi jew li dawk iż-żewġ pajjiżi huma parti fih, xejn m'għandu jżomm milli jintbagħtu dokumenti dwar proċeduri jew xi att li jirrigwarda l-proċedimenti jista' jintbagħat direttament bil-posta lil xi persuna li tkun tinsab fit-territorju tal-pajjiż barrani fi lsien li dik il-persuna tkun tifhem:

Iżda flimkien mad-dokumenti dwar proċeduri għandu jkun hemm rapport li jindika lil dik il-persuna r-rimedji disponibbli u dik l-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tiegħu dwar dak id-dokument tista' tinkiseb mingħand l-awtorità emittenti jew mingħand awtorità kompetenti oħra f'Malta.

Koperazzjoni transkonfini, partikolarment fil-qlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfini.
*Miżjud: XXIV. 2014.67.*

**647Ċ.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' xi post barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali -

(*a*) għat-teħid u l-forniment ta' *data* dattiloskopika; jew

(*b*) għat-teħid u l-eżami ta' kampjun mhux intimu; jew

(*ċ*) għall-profil tad-DNA ta' persuna suspettata f'dak il-post li tkun wettqet reat rilevanti jew ta' persuna akkużata, fi proċeduri quddiem il-qrati ta' dak il-post jew quddiem tribunal internazzjonali, li tkun wettqet

reat rilevanti,

l-Avukat Ġenerali għandu jikkomunika t-talba lil Maġistrat li għandu, malli jirċievi t-talba, jordna l-arrest tal-persuna rikjesta u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AV(*ċ*) għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu fl-eżekuzzjoni tat-talba komunikata skont dan l-artikolu.

(2) Il-Maġistrat għandu jittrasmetti l-imsemmija *data*, kampjun jew profil, flimkien ma' kull rapport jew riżultat tal-eżami, lill-Avukat Ġenerali.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-frażijiet "profil tad-DNA" u "*data* dattiloskopika" għandu jkollhom it-tifsira kif rispettivament mogħtija lilhom fl-artikolu 548; "reat rilevanti" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 435D.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 649(2) u (5) għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu għal talba magħmula skont dan l-artikolu.

Prova tal-identità tal-persuna jew tal-oġġett.

**648.** Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja.

Eżami ta' xhieda dwar reati ta' kompetenza tal-Qrati tal-Ġustizzja barra minn Malta. *L-artikoli 1 u 2 tal-Ordinanza IV tal-1872 huma inkorporati. Emendat: A.L. 4 tal-1963; VIII. 1990.3. Sostitwit: III. 2002.152. Emendat: XIII. 2002.9; IX. 2003.127; XXXI. 2007.25; XI. 2009.11; VII. 2010.36; IV. 2014.27.*

**649.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jikkomunika lil Maġistrat talba magħmula mill-awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali għall-eżami ta' xhud li jkun jinsab f'Malta, jew għal xi investigazzjoni, perkwiżizzjoni jew/u qbid, il-maġistrat għandu jeżamina bil-ġurament dak ix-xhud, fuq il-mistoqsijiet li jkunu ġew mibgħuta mill-awtorità jew qorti hawn fuq imsemmija jew xort'oħra, u għandu jniżżel din ix-xiehda bil-miktub, jew imexxi l-investigazzjoni mitluba, jew jordna l-perkwiżizzjoni jew/u qbid kif mitlub, skont il-każ. L-ordni għal perkwiżizzjoni jew/u qbid għandu jiġi esegwit mill-Pulizija. Il-Maġistrat għandu jikkonforma mal-formalitajiet u proċedimenti indikati fit-talba tal-awtorità barranija sakemm dawn ma jkunux kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal liġi pubblika interna ta' Malta.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu biss meta t-talba tal-awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva barranija jew tal-qorti internazzjonali ssir bis-saħħa ta', jew skont, xi trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil li jipprovdi għal assistenza reċiproka fi ħwejjeġ kriminali bejn Malta u l-pajjiż, jew bejn Malta u l-qorti, li jagħmel it-talba jew li japplikaw għal dawk iż-żewġ pajjiżi jew li fihom dawk iż-żewġ pajjiżi jkunu parti jew li japplikaw għal Malta u dik il-qorti jew li fihom kemm Malta kemm dik il-qorti jkunu parti. Dikjarazzjoni magħmula minn jew taħt l-awtorità tal-Avukat Ġenerali li tikkonferma li t-talba tkun saret bis-saħħa ta', u skont, dak it-trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil tkun prova konklużiva ta' dak li jkun jinsab f'dik id-dikjarazzjoni. Fl-assenza ta' dak it-trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3).

(3) Meta l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jikkomunika lil Maġistrat talba magħmula mill-awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż barra minn Malta għall-eżami ta' xhud li jkun jinsab Malta, dwar reat ta' kompetenza tal-qrati ta' dak il-pajjiż, il-Maġistrat għandu jeżamina bil-ġurament dak ix-xhud fuq il-mistoqsijiet li jkunu ġew mibgħuta mill-awtorità hawn fuq imsemmija jew xort'oħra, għalkemm l-imputat ma jkunx preżenti u għandu jniżżel din ix-xiehda bil-miktub.

(4) Il-maġistrat għandu jibgħat ix-xiehda hekk meħuda, jew ir-rizultat tal-investigazzjoni mmexxija, jew id-dokumenti jew oġġetti misjuba jew maqbuda in esekuzzjoni ta' xi ordni ta' perkwiżizzjoni jew/u qbid, lill-Avukat Ġenerali.

(5) Għall-finijiet tas-subartikoli (1) u (3), il-Maġistrat għandu jmexxi l-proċedimenti kemm jista' jkun b'mod simili daqs li kieku dawn kienu inkjesta li għandha x'taqsam mal-"*in genere*" iżda għandu jikkonforma ruħu mal-formalitajiet u l-proċeduri indikati mill-awtorità estera rikjedenti sakemm ma jkunux kontra l-prinċipji fondamentali tal-liġi Maltija u għandu jkollu l-istess setgħat, jew kważi kemm jista' jkun l-istess setgħat, li huma mogħtija bil-liġi lill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja, kif ukoll is-setgħat, jew kważi kemm jista' jkun is-setgħat, li huma bil-liġi mogħtija lilu b'konnessjoni mal-verifika tal-prova dwar l-"*in genere*": iżda Maġistrat ma jistax jarresta persuna, sabiex jingħata effett lil ordni magħmul jew mogħti taħt l-artikolu 554(2), jew fuq suspett raġonevoli li dik il-persuna tkun għamlet reat, kemm-il darba l-fatti li jkunu jammontaw għar-reat li dik il-persuna tkun akkużata jew suspettata li għamlet ma jkunux ukoll jammontaw għal reat li jista' jiġi proċessat f'Malta.

(5A) Jekk it-talba ma tkunx tista', jew ma tkunx tista' gal kollox, tiġi esegwita skont il-formalitajiet, proċeduri jew termini li jiġu indikati mill-awtorità barranija rikjedenti, l-awtorità rikjedenti għandha tiġi mgħarrfa filwaqt li jiġi indikat iż-żmien kalkolat li fih jew il-kondizzjonijiet li taħthom, l-eżekuzzjoni tat-talba tista' tkun possibbli.

(5B) Il-proċedimenti msemmija f'dan l-artikolu għandhom, kemm jista' jkun, ikunu mmexxija daqs li kieku kienu inkjesta relatata ma' "*in genere*".

(6) Meta t-talba tal-awtorità estera tkun biex jinstema' xhud jew espert bil-mezz ta' video konferenza d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) sa (12), it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw.

(7) Il-Maġistrat għandu jħarrek lill-persuna li jkollha tinstema' biex tidher fil-ħin u l-post li jkun mgħammar b'faċilitajiet ta' video konferenza kif appuntat għal dak il-għan mill-Maġistrat. Il-Maġistrat għandu jagħti seħħ għal kull mizuri għall-protezzjoni tal-persuna li jkollha tinstema' li l-Avukat Ġenerali jista' jiddikjara li dwarhom ikun sar qbil mal-awtorità rikjedenti estera.

(8) Il-Maġistrat għandu jmexxi l-udjenza u fejn ikun meħtieġ il-Maġistrat għandu jappunta interpretu biex jassisti matul l-udjenza. Il-Maġistrat preżenti għandu jiżgura li l-persuna li jkollha tinstema' tiġi identifikata u l-proċedimenti jsiru u jkomplu f'kull ħin skont il-prinċipji fondamentali tal-liġi ta' Malta.

(9) Il-persuna li jkollha tinstema' tista' tinvoka d-dritt li ma tixhidx li kien ikollha taħt il-liġi ta' Malta jew taħt il-liġi tal-pajjiż tal-awtorità rikjedenti estera.

(10) Salvi l-miżuri għall-protezzjoni tal-persuna li jkollha tinstema' li għalihom hemm riferenza fis-subartikolu (7), il-Maġistrat għandu fi tmiem l-udjenza jżomm minuti li juru d-data u l-post tal-udjenza, l-identità tal-persuna li nstemgħat, l-identitajiet u l-funzjonijiet tal-persuni l-oħra kollha li ħadu sehem fl-udjenza, kull ġurament li jkun ittieħed u l-kondizzjonijiet tekniċi li fihom tkun saret l-udjenza. Id-dokument li fih ikunu ġew reġistrati l-minuti għandu jintbagħat lill-Avukat Ġenerali sabiex jiġi mibgħut lill-awtorità estera rikjedenti.

(11) Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-persuna li jkollha tinstema' skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6):

(*a*) id-disposizzjonijiet tal-artikolu 522, meta l-persuna li jkollha tinstema' tonqos milli tixhed meta hekk meħtieġa tagħmel mill-Maġistrat;

(*b*) id-disposizzjonijiet tal-artikoli 104, 105, 107, 108 u 109, skont ma jkun il-każ, meta l-persuna li jkollha tinstema' ma tixhidx il-verità, għal dan il-għan il-proċedimenti quddiem l-awtorità estera għandhom jitqiesu li jkunu proċedimenti li jkunu qegħdin isiru f'Malta u l-persuna li jkollha tinstema' għandha titqies li tkun persuna li tkun qed tixhed f'dawk il-proċedimenti. Għall-għan li tiġi determinata l-piena li tkun tgħodd skont kif jista' jkun meħtieġ fi proċedimenti għal sperġur taħt dan is-subartikolu, il-fatt kriminali indagat jew li jkun se jiġi ġudikat mill-awtorità rikjedenti estera għandu jitqies li jkun suġġett għall-piena li għaliha kien ikun suġġett kieku l-istess fatt ġara Malta jew fil-ġurisdizzjoni tal-qrati kriminali ta' Malta.

(12) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) sa (11), it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw meta l-persuna li jkollha tinstema' tkun persuna akkużata fil-pajjiż tal-awtorità estera rikjedenti b'dan li l-udjenza għandha ssir biss bil-kunsens tal-persuna li jkollha tinstema' u li r-regoli ta' evidenza u proċedura li kienu jgħoddu għad-depożizzjoni ta' persuna akkużata fi proċedimenti kriminali f'Malta jkunu wkoll jgħoddu għad-deposizzjoni tal-persuna akkużata li jkollha tinstema' taħt dan l-artikolu.

(13) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* meta t-talba tal-awtorità estera tkun biex jinstema' xhud jew espert bil-mezz ta' konferenza bit-telefon, sakemm ix-xhud jew l-espert jagħti l-kunsens tiegħu għas-smigħ.

(14) Meta l-Avukat Ġenerali jkun għamel dikjarazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2), uffiċjali barranin maħtura mill-awtorità barranija jew qorti internazzjonali li tkun għamlet it-talba jkunu intitolati li jkunu preżenti għall-eżami tax-xhieda jew meta miżuri ta' investigazzjoni jkunu qiegħdin jittieħdu.

*Miżjud: XI. 1900.90.*

## *Sub-titolu II*

### FUQ IL-PERITI

Dwar il-periti. *Miżjud: XI. 1900.90. Emendat: XXX. 1934.22; A.L. 4 tal-1963; XXXI. 1966.2; III. 1971.19; VIII. 1990.3; XXXII. 1997.3; XIII. 2005.5.*

**650.** (1) Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja.

Għażla tal-periti.

(2) Il-periti jiġu magħżulin mill-qorti:

Ħatra ta' periti uffiċjali.

Iżda l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', wara li jikkonsulta mal-Prim Imħallef, jaħtar persuna waħda jew iżjed bħala periti uffiċjali sabiex jagħtu l-fehma tagħhom fuq ħwejjeġ li jirrikjedu disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi u li jridu ħila, teknika jew sengħa speċjali, u meta jiġu maħtura dawn il-persuni, il-qorti għandha tagħżel il-periti minn fost dawk il-persuni fuq sistema ta' rota.

Taxxa tad-drittijiet tal-periti uffiċjali.

(3) Għall-finijiet tal-artikolu 533, id-drittijiet tal-periti uffiċjali għax-xogħol tagħhom f'kull każ partikulari jiġu intaxxati mir-reġistratur l-istess kif hu stabbilit li għandhom jiġu intaxxati d-drittijiet ta' periti oħra.

Numru ta' periti.

(4) Bħala regola l-periti għandhom jinħatru f'numru bil-fard.

Direzzjonijiet lill-periti.

(5) Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan. Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament.

(6) Id-deċiżjoni tal-qorti li taħtar periti għandha titniżżel bil-miktub u għandha tiġi notifikata lill-esperti hekk maħtura.

Periti rikużati. *Miżjud: XI. 1900.90.*

**651.** (1) Il-periti jistgħu jiġu irrikużati biss għall-istess raġunijiet li għalihom jista' jiġi irrikużat imħallef.

Kap. 12.

(2) Ir-rikuża għandha ssir bil-mod u fiż-żmien kif hu stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għar-rikuża tal-periti fil-kawżi ċivili.

Taħrika u ġurament tal-periti. *Miżjud: XI. 1900.90.*

**652.** Il-periti jiġu mħarrkin l-istess bħal ma jitħarrku x-xhieda. Huma għandhom jaħilfu li jaqdu bil-ħaqq u bis-sewwa d-dmirijiet tagħhom.

**653.** (1) Il-periti, meta jispiċċaw ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom, għandhom jagħmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport tagħhom, skont id-direzzjonijiet tal-qorti.

Rapport. *Miżjud: XI. 1900.90. Emendat: III. 1971.20; VIII. 1990.3.*

(2) Ir-rapport għandu f'kull każ isemmi l-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbażaw il-fehma tagħhom.

X'għandu jkun fih ir-rapport.

(3) Jekk matul ix-xogħol tagħhom, il-periti jkunu ħadu informazzjonijiet mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport, u għandhom jiġu mismugħin fil-qorti bħal kull xhud ieħor:

Smigħ fil-qorti tax-xhieda mismugħin mill-periti.

Iżda d-disposizzjoni ta' hawn fuq ta' dan is-subartikolu ma għandhiex tapplika dwar kull persuna li l-periti jkunu semgħu bil-ġurament skont l-artikolu 650(5), iżda, bla ħsara tas-smigħ mill-ġdid ta' dik il-persuna mill-qorti kif provdut fl-imsemmi subartikolu.

(4) Fil-każijiet ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, dawn il-persuni jistgħu jiġu mismugħin b'ġurament mill-qorti, ukoll matul ix-xogħol tal-periti.

(5) Ir-rapport, jekk isir bil-fomm, għandu jitniżżel bil-miktub mir-reġistratur jew minn min jagħmel floku.

Rapport magħmul bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub.

**654.** F'każijiet ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-perit jista' jiġi msejjaħ mill-qorti biex ikun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu lill-qorti, basta li l-fehma tal-periti tiġi mogħtija quddiem l-akkużat.

Perit uffiċjali jista' jagħti l-opinjoni tiegħu lill-qorti waqt seduta. *Miżjud: XXX. 1934.23. Sostitwit: III. 1971.21. Emendat: VIII. 1990.3.*

**655.** Kull waħda mill-partijiet, il-qorti, u, fil-każijiet ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, kull wieħed mill-ġurati, jistgħu jitolbu mill-periti tifsir aħjar fuq ir-rapport tagħhom, kif ukoll fuq dak li jidhrilhom li jista' jagħmel aktar ċara l-fehma tal-periti.

Tifsir aħjar mill-periti. *Miżjud: XI.1900.90. Emendat: XXVII. 1975.40.*

**656.** Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu.

Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għar-rapport tal-periti. *Miżjud: XI. 1900.90.*

**657.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 452(4) u (5) igħoddu għall-periti.

Disposizzjonijiet oħra li jgħoddu għall-periti. *Miżjud: XI. 1900.90.*

Titolu II

FUQ IL-KONFESSJONI

Konfessjoni ta' imputat jew akkużat.
*Emendat: LI. 2016.6.*

**658.** Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Il-konfessjoni li ssir bil-miktub għandha tinġieb.
*Emendat: LI. 2016.7.*

**659.** (1) Fejn mhuwiex possibbli li tiġi rrekordjata konfessjoni b'mezzi awdjoviżwali skont l-artikolu 355AUA(8)(*e*), meta l-konfessjoni titniżżel bil-miktub fil-waqt li tiġi magħmula, il-kitba għandha tiġi ppreżentata; u biss jekk jiġi ppruvat li l-kitba ġiet meqruda jew mitlufa, tista' minflok, issir il-prova bil-fomm, sabiex tiġi ppruvata s-sustanza ta' dik il-konfessjoni.

(2) Xejn f'dan l-artikolu ma jimpedixxi li tittieħed bħala prova kull konfessjoni oħra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara.

Konfessjoni għandha tiġi prodotta sħiħa.
*Sostitwit: LI. 2016.8.*

**660.** Ma tistax tingħata, bħala evidenza, parti biss minn recording awdjoviżwali jew ta' dikjarazzjoni bil-miktub jew bil-fomm kontra l-akkużat ħlief f'ċirkostanzi straordinarji li l-qorti tista' tippermetti.

Il-konfessjoni ma tistax tkun ta' ħsara għal terzi.

**661.** Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

---

Titolu III

FUQ ID-DEĊIŻJONIJIET U L-ESEKUZZJONI TAGĦHOM

Tifsir ta' "deċiżjoni".
*Emendat: IX. 1857.18; XXX. 1934.24; XXV. 1967.27; III. 2002.153.*

**662.** (1) Taħt l-isem ġeneriku ta' "deċiżjoni" jidħlu: kull verdett tal-ġuri fuq il-fatt, kull sentenza tal-qorti li tillibera, issib ħati jew tikkundanna lill-imputat jew akkużat, kull proċess verbal li jsir dwar aċċess jew kompilazzjoni oħra taħt id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi (barra minn aċċess għall-finijiet tal-verifika tal-prova dwar l-"*in genere*"), u, minnbarra dawn, kull digriet jew ordni definitiv ieħor tal-qorti.

Raġunijiet.

(2) Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni:

Iżda relattivament għall-Qorti tal-Appell Kriminali, il-qorti tista', jekk l-appellant ikun f'kustodja u hija tal-fehma illi l-appell għandu jiġi milqugħ u l-appellant liberat, tagħti minnufih is-sentenza tagħha li biha tillibera l-appellant u tirriżerva li tagħti r-raġunijiet tagħha f'data ulterjuri anki fl-assenza tal-persuna interessata.

**663.** (1) Kull deċiżjoni tal-qorti għandha tingħata mill-imħallef jew maġistrat fil-qorti bil-miftuħ: iżda deċizjoni li tagħti jew tirrifjuta ħelsien mill-arrest tista' tingħata *in camera*.

Il-qari tad-deċiżjoni jsir bil-miftuħ.
*Emendat:*
*IX. 1857.19;*
*XII. 1913.27;*
*XXX. 1934.25;*
*VIII. 1990.3;*
*III. 2002.154.*

(2) Għal dak li hu l-verdett tal-ġuri fuq il-fatt, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 474 u 478.

L-artikoli 474 u 478 igħoddu għall-verdett tal-ġuri fuq il-fatt.

(3) Kull deċiżjoni tal-Qorti Kriminali għandha tiġi irreġistrata mir-reġistratur, u dak ir-reġistru huwa l-prova awtentika ta' dik id-deċiżjoni.

Reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali.

(4) Ir-raġunijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan għandhom jiġu irreġistrati flimkien mad-deċiżjoni.

Reġistrazzjoni tar-raġunijiet.

(5) Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati, jekk jinkitbu mill-maġistrat li jiddeċidi, għandhom jintrefgħu fl-oriġinal tagħhom, u tgħodd għalihom id-disposizzjoni tal-artikolu 518. F'kull każ, sunt ta' din id-deċiżjoni għandu jitniżżel f'reġistru apposta, u dan is-sunt jagħmel prova awtentika ta' dik id-deċiżjoni, daqs li kieku kien kopja legali tagħha. Is-sunt għandu jkun fih l-isem tal-qorti li tagħti d-deċiżjoni, l-ismijiet tal-partijiet, id-data tad-deċiżjoni, u l-partikularitajiet imsemmijin fl-artikolu 382, jew, fil-każ ta' digrieti, is-sustanza tal-parti dispożittiva.

Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati. Sunt tad-deċiżjonijiet f'reġistru apposta. Is-sunt għandu saħħa ta' prova. X'għandu jkun fih is-sunt.

**664.**[*] Id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu mogħtija bil-magħluq fil-każijiet biss imsemmija fl-artikoli 409 u 531:

Deċiżjonijiet li jistgħu jingħataw bil-magħluq.

Iżda, id-digriet imsemmi fl-artikolu 531, id-deċiżjonijiet imsemmijin fl-artikolu 620, il-verdett fuq il-fatt, is-sentenza li tillibera, jew li ssib ħati jew li tikkundanna lill-imputat jew akkużat, u d-deċiżjoni dwar jekk hemmx jew le raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, għandhom jingħataw fil-qorti bil-miftuħ.

Eċċezzjonijiet.

**665.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus, kull deċiżjoni għandha tiġi esegwita minnufih li tingħata.

Eżekuzzjoni tas-sentenzi.
*Emendat:*
*XII. 1914.15;*
*XXX. 1934.26;*
*IV. 1951.2;*
*XXV. 1967.28;*
*XXI. 1971.34;*
*XXIX. 1990.32.*

**Ara* wkoll l-art. 24 tal-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali (Kap. 50).

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali jiġu esegwiti mill-marixxal.
*Emendat:*
*I. 1939.3;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*XXXI. 1966.2;*
*XXV. 1967.29;*
*VIII. 1990.3.*

**666.** (1) Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali jiġu esegwiti mill-marixxall jew minn persuna oħra mogħtija s-setgħa għaldaqshekk mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew tal-Qorti Kriminali titqies li hija deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali jekk ikun sar appell minn dik id-deċiżjoni u dan l-appell jiġi wara irrinunzjat jew iddikjarat null u bla effett, jew magħdud deżert taħt l-artikolu 422.

Titolu IV

FUQ OĠĠETTI TA' PROPRJETÀ TAL-IMPUTAT JEW AKKUŻAT JEW TA' NIES OĦRA U LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' PROĊEDURI KRIMINALI

L-oġġetti għandhom jinżammu mir-reġistratur.
*Emendat:*
*XXV. 1967.30.*
*Sostitwit:*
*III. 2002.155.*

**667.** L-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan it-Titolu, jinżammu mir-reġistratur sa tmiem dawk il-proċeduri inklużi l-proċeduri kollha tal-appell.

Reġistrazzjoni tal-oġġetti.
*Sostitwit:*
*III. 2002.155.*

**668.** (1) L-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali għandhom jingħataw mill-Qorti lir-reġistratur u għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan it-Titolu, jibqgħu fil-kustodja tar-reġistratur ħlief meta jkun hekk meħtieġ mill-qorti għas-smigħ ta' dawk il-proċeduri.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jkunu jipprovdu għar-reġistrazzjoni u l-preservazzjoni ta' proprjetà li jkollha rabta ma' proċeduri kriminali u dwar il-mod kif għandu jinżamm tagħrif dwar kull ċaqlieq ta' dik il-proprjetà.

Preservazzjoni ta' proprjetà.
*Sostitwit:*
*III. 2002.155.*

**669.** (1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Għandu jsir proċess verbal meta l-oġġetti jiġu rilaxxati.
*Sostitwit:*
*III. 2002.155.*

**670.** (1) Kull oġġett li jkun ser jiġi rilaxxat mir-reġistratur lil xi persuna jew li għandu jinqered jew inkella jsir minnu xort'oħra skont il-provvedimenti ta' dan it-Titolu għandu jiġi biss rilaxxat, meqrud jew isir xort'oħra minnu wara li jsir proċess verbal li jkun fih deskrizzjoni preċiża tal-oġġetti rilaxxati, il-kwantità u l-kwalità tagħhom u kull fotografija, reġistrazzjoni tal-*video* u xbihat tal-*computer* ta' dik il-proprjetà hekk kif il-maġistrat jew ir-reġistratur

jista' jqis li għandhom isiru.

(2) Il-proċess verbal għandu jkun iffirmat mir-reġistratur u jekk il-proprjetà ser tiġi rilaxxata, meqruda jew isir xort'oħra minnha matul il-proċeduri in genere jew matul il-kumpilazzjoni, dan għandu jkun iffirmat ukoll mill-maġistrat. F'kull każ meta l-oġġetti jkunu ser jiġu rilaxxati lil xi persuna matul proċeduri kriminali li ma jkunux ġew finalment deċiżi, dawk l-oġġetti għandhom biss jiġu hekk rilaxxati wara li l-persuna li lilha jkunu se jingħataw l-oġġetti tintrabat bil-miktub li terġa' tipproduċi dik il-proprjetà jekk il-qorti hekk tordnalha li tagħmel.

(3) Minkejja kull provvediment ieħor ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, proċess verbal li jsir skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, inkluża kull fotografija, reġistrazzjonijiet tal-*video* u xbihat tal-*computer*, għandu jkun ammissibbli bħala prova fi proċedimenti kriminali bħallikieku kienu l-oġġetti nnifishom deskritti fil-proċess verbal.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom ukoll ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal kull oġġett esibit filwaqt li jkunu qegħdin isiru proċedimenti taħt il-provvedimenti tat-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi wkoll matul dak iż-żmien li l-proċess verbal relattiv jkun għand l-Avukat Ġenerali.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal oġġetti li jkun sar minnhom skont il-provvedimenti tal-artikoli 671, 672 u 673.

Oġġetti pprojbiti.
*Sostiwit:*
*III. 2002.155.*

**671.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta l-Kontrullur tad-Dwana jiċċertifika li xi oġġetti li jkunu miżmuma mir-reġistratur jkunu oġġetti li ma jistgħux jiġu importati f'Malta, r-reġistratur għandu jagħmel rikors quddiem il-qorti kompetenti u jitlobha tordna t-tneħħija ta' dawk l-oġġetti. Il-qorti għandha tilqa' r-rikors meta din tkun sodisfatta li l-oġġetti involuti jkunu qegħdin ġewwa Malta bi ksur tal-liġi.

(2) Meta l-oġġetti li jiġu ċertifikati mill-Kontrullur tad-Dwana kif provdut fis-subartikolu (1) jkunu oġġetti li jkunu ġew esibiti bħala provi matul proċeduri kriminali li jkunu għadhom ma ġewx finalment konklużi, ir-rikors li r-reġistratur jagħmel għandu jiġi notifikat lill-parti imputata jew akkużata u lill-Avukat :enerali jew lill-Kummissarju tal-Pulizija skont il-każ sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u l-qorti ma għandhiex tilqa' r-rikors kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li l-oġġetti nnifishom ma jkunux jew ma jkunux għadhom meħtieġa bħala provi fil-proċeduri.

(3) Meta l-qorti tkun ordnat it-tneħħija tal-oġġetti skont il-provvedimenti ta' dan l-artikolu, r-reġistratur għandu jneħħi dawk l-oġġetti billi jeqridhom, iżda l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna li l-oġġetti jitneħħew b'kull mod ieħor li jkun għal raġunijiet speċjali li jiġu espressament dikjarati fl-ordni.

Oġġetti esibiti f'ċerti proċeduri.
*Sostitwit:*
*III. 2002.155.*
Kap. 37.
Kap. 233.

**672.** Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, meta l-oġġett ikun ġie esibit f'qorti filwaqt li jkunu qegħdin isiru proċeduri għal xi reat kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew kontra l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni u l-oġġett ikun ġie

kkonfiskat favur il-Gvern bis-saħħa tat-tħaddim ta' xi disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra dak l-oġġett għandu jiġi rilaxxat favur il-Kontrullur tad-Dwana. F'kull każ ieħor l-oġġett esibit kif hawn aktar qabel imsemmi ma għandux jiġi rilaxxat, ħlief fl-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni finali tal-qorti ċivili kompetenti, jekk il-Kontrullur tad-Dwana joġġezzjona għal dak ir-rilaxx.

Tneħħija ta' oġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri kriminali. *Sostitwit: III. 2002.155. Emendat: XXIV. 2014.68.*

**673.** (1) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan it-Titolu u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 671 il-qorti għandha, fuq rikors tal-Avukat Ġenerali magħmul fi kwalunkwe żmien matul il-proċeduri kriminali jew, meta l-awtur tad-delitt ikun assenti jew mhux magħruf, qabel ma jinbdew il-proċeduri, tordna lir-reġistratur li jiddisponi minn kull oġġett li jkollu x'jaqsam mal-proċeduri kriminali jew ma' xi delitt, sew jekk dak l-oġġett ikun soġġett għall-konfiska sew jekk le, f'kull wieħed minn dawn il-każi li ġejjin:

(*a*) meta, minħabba x-xorta, il-kwantità jew il-kobor ta' dak l-oġġett, ikun jenħtieġ ħafna spazju sabiex dan l-oġġett ikun jista' jinżamm;

(*b*) meta dak l-oġġett ikun jista' jitħassar jew jonqoslu l-valur tiegħu matul iż-żamma jew inkella l-ispiża għall-manutenzjoni tiegħu tkun wisq akbar b'paragun mal-valur tiegħu;

(*ċ*) meta ma jkunx prattiku jew konvenjenti li dak l-oġġett għal xi raġuni oħra jinżamm f'kustodja;

(*d*) meta, minħabba l-assenza tal-akkużat, proċess ma jingħalaqx fi żmien sentejn mill-ġurnata li fiha dak l-oġġett ikun inġieb għall-ewwel darba quddiem il-qorti;

(*e*) f'kull każ ieħor meta l-qorti jidhrilha xieraq.

(2) Ir-rikors għal ordni bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1) u fl-istess ċirkostanzi msemmija f'dak is-subartikolu jista' jsir ukoll mir-reġistratur, f'liema każ ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali għar-risposta tiegħu f'dak il-perjodu, li ma jkunx inqas minn jumejn tax-xogħol, kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti u r-rikors ma għandux jintlaqa' meta l-Avukat Ġenerali joġġezzjona għar-rikors:

Iżda, meta l-Avukat Ġenerali joġġezzjona għar-rikors, il-qorti tista' timponi fuq l-imputat li l-ispejjeż għad-depożitu u l-manutenzjoni tal-oġġett, miżmum mir-Reġistratur, li jkollu x'jaqsam mal-proċeduri kriminali jew mad-delitt, ikunu fuq l-imputat.

(2A) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta l-oġġett li jkollu x'jaqsam mal-proċeduri kriminali jew mad-delitt ikun miżmum mir-Reġistratur, is-sid ta' dak l-oġġett jista' jitlob lill-qorti biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-oġġett kif ikunu meħtieġa; jekk is-sid tal-oġġett ma jagħmilx it-talba msemmija f'dan is-subartikolu, jew, wara li jkun għamel it-talba, u wara li t-talba tkun intlaqgħat mill-qorti, ma jagħmilx dawk ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni, ir-responsabbiltà għal kull telf jew ħsarat mġarrba minn dak l-oġġett taqa' fuq l-imsemmi sid.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) għandhom

japplikaw ukoll jekk dawk l-oġġetti jkunu sekwestrati.

(4) Meta l-qorti tilqa' rikors li jsir taht dan l-artikolu, l-ordni tal-qorti għandha tiġi notifikata lill-persuni kollha, jekk ikun magħruf fejn dawn jinstabu, identifikati mir-reġistratur bħala li għandhom interess fl-oġġetti, b'dan illi l-ordni tal-qorti ma għandhiex tkun suġġetta għar-revoka jew għall-modifika ħlief fuq talba tal-Avukat Ġenerali.

(5) Jekk l-oġġett jinbiegħ, ir-rikavat għandu jiġi depożitat fil-qorti u għandu jsir minnu malli jintemmu l-proċeduri bl-istess mod bħallikieku dan kien l-oġġett li tiegħu hu r-rikavat.

(6) Jekk l-oġġett ma jinbiegħx, ir-rikavat jista' jsir minnu hekk kif ir-reġistratur jista' jqis li jkun xieraq bla ħsara għall-ħlas ta' dak l-indennizz li jista' jkun dovut lis-sid tal-oġġett imneħħi.

Rilaxx ta' oġġetti filwaqt li jkunu qegħdin isiru l-proċeduri.
*Sostitwit: III. 2002.155. Emendat: XVI. 2006.23.*

**674.** (1) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 671, meta xi proprjetà li tkun esibita l-qorti matul il-proċedimenti, tkun tappartjeni lil xi persuna li ma tkunx involuta bħala persuna prinċipali, kompliċi jew assoċjata fir-reat kriminali li jkun jifforma l-materja ta' dawk il-proċeduri, dik il-persuna, wara li ġġib prova b'mod sodisfaċenti dwar it-titolu li jkollha għal dik il-proprjetà u tissodisfa lill-qorti li ma kienx għad hemm il-bżonn li dik il-proprjetà tibqa' materjalment esibita fl-inkartament tal-proċeduri, għandu jkollha jedd għar-rilaxx ta' dik il-proprjetà favur tagħha b'ordni tal-Qorti taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Qorti tista' tqis li jkunu adatti, salv, wara dak ir-rilaxx, kull dritt l jista' jkollu l-imputat jew l-akkużat jew kull persuna oħra skont il-liġi.

(2) L-ordni msemmija fis-subartikolu (1) tista' tingħata jew b'inizjattiva tal-Qorti nnifisha jew wara li jsir rikors minn min ikun qiegħed jitlob li jingħata l-proprjetà. Meta l-Qorti taġixxi b'inizjattiva tagħha nnifisha hija għandha tħabbar il-ħsieb li jkollha li toħroġ ordni bħal dik permezz ta' digriet. Digriet bħal dak jew rikors li jsir minn min ikun qiegħed jitlob li jingħata l-proprjetà skont ma jgħid dan is-subartikolu għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali jew lill-Kummissarju tal-Pulizija skont il-każ, u lill-imputat, jew l-akkużat, li kull wieħed minnhom ikollu ħamest ijiem tax-xogħol għar-risposta tiegħu.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), jekk l-oġġett ikun jappartjeni lill-persuna imputata jew akkużata u dan b'ebda mod ma jkollu x'jaqsam mar-reat jew ikun b'xi mod meħtieġ għall-iskop ta' xi proċeduri kriminali, l-qorti għandha, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali jew lill-Kummissarju tal-Pulizija, skont il-każ, tagħti lura l-oġġett lill-persuna imputata jew akkużata li lilha jkun jappartjeni l-oġġett jew tikkunsinnah lill-persuna li hu jaħtar għal dak l-iskop jew li jkollha l-jedd tidher għalih.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), il-qorti tista' tastjeni milli tordna li jingħataħ lura l-oġġett lill-persuna imputata jew akkużata -

(*a*) meta l-valur tal-oġġett ikun kbir u l-persuna imputata jew akkużata tkun fqira jew ta' fortuna suspetta; jew

(*b*) meta l-persuna imputata jew akkużata tkun ipproċessata għal falsifikazzjoni bil-ħsieb li tapproprja ruħha minn xi oġġett ta' ħaddieħor, jew għal serq, jew għal xi reat ieħor kontra l-proprjetà:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jgħoddux jekk l-imputat jagħti garanzija tajba.

Tneħħija ta' oġġetti meta jintemmu l-proċeduri. *Sostitwit: III. 2002.155. Emendat: VIII. 2015.38.*

**675.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 671 u tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, meta l-Qorti fi tmiem il-proċeduri kriminali ma tkunx ipprovdiet dwar kif l-oġġetti esibiti matul il-proċeduri għandhom jitneħħew skont il-liġi, kull oġġett li jkun ġie hekk esibit għandu jibqa' jinżamm mir-reġistratur.

(2) Meta l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali tordna l-liberazzjoni tal-imputat skont kif provdut fl-artikolu 401(2) u l-Qorti tiddeċiedi x'għandu jsir mill-oġġetti esibiti quddiemha, dik id-deċiżjoni ma għandhiex tiġi esegwita qabel ma jgħaddi l-perjodu ta' xahar li għalih hemm referenza fl-artikolu 433(3) u jekk l-Avukat Ġenerali, f'dak il-perjodu, joħroġ mandat għall-arrest tal-persuna liberata, dik id-deċiżjoni għandha tibqa' mingħajr effett.

(3) Meta l-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' istruttorja kriminali tordna l-liberazzjoni tal-imputat iżda ma tiddeċidix x'għandu jsir mill-oġġetti esibiti fil-proċeduri, u l-Avukat Ġenerali ma joħroġx mandat għall-arrest tal-persuna liberata, dawk l-oġġett għandhom jibqgħu jinżammu mir-reġistratur u jekk fi żmien sena mid-data tal-liberazzjoni ma jerġgħu jinbdew ebda proċeduri ġodda kif provdut fl-artikolu 434 u l-oġġetti ma jkunux ġew rilaxxati skont id-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu, r-reġistratur jista' jagħmel rikors quddiem il-Qorti sabiex din toħroġ ordni li tkun tawtorizza li jingħataw lura l-oġġetti lil kull min dawn ikunu jappartjenu, jekk magħrufa, jew li tkun tiddikjara dawk l-oġġetti kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta meta ma jkunx magħruf lil min ikunu jappartjenu dawk l-oġġetti.

(4) Meta f'xi sentenza finali ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma jsir ebda provvediment dwar x'għandu jsir mill-oġġetti li jkunu ġew esibiti fil-proċeduri u ma ssir ebda talba għar-rilaxx ta' dawk l-oġġetti fi żmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza, dawk l-oġġetti, sakemm ma jkunux ġew konfiskati bis-saħħa tal-provvedimenti tal-artikolu 23 jew ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, għandhom jiġu kkonfiskati u l-qorti għandha, fuq rikors tar-reġistratur u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), tordna r-rilaxx ta' dawk l-oġġetti favur il-Gvern ta' Malta.

(5) Kull min minnufih qabel il-konfiska kellu jedd bil-liġi għall-oġġetti konfiskati kif hawn aktar qabel imsemmi, jew il-werrieta leġittimi tagħhom, għandu jkollhom jedd għal kumpens għall-oġġetti konfiskati iżda meta l-oġġetti jkunu inbiegħu, dak il-kumpens ma għandux ikun jeċċedi l-ammont tar-rikavat li l-Gvern jagħmel mill-bejgħ tal-oġġetti u b'dan ukoll li l-kumpens jintalab permezz ta' rikors quddiem il-qorti kompetenti fi żmien sitt xhur mid-data tal-ordni msemmija fis-subartikolu (2).

**676.** Ir-reġistratur jista' jiddisponi minn kull oġġett li jiġi kkonfiskat favur il-Gvern skont id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra kemm-il darba l-oġġett ma jkunx ġie esibit matul xi prosekuzzjoni kriminali f'liema każ l-oġġett ma għandux jitneħħa qabel is-sentenza finali u mhux mingħajr il-kunsens mogħti bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Avukat Ġenerali skont il-każ.

Oġġetti konfiskati. *Sostitwit: III. 2002.155. Emendat: XXIV. 2014.69.*

**677.** (1) Kull oġġett li jkollu jingħata lura lil xi persuna minħabba f'xi ordni li l-qorti tagħmel fis-sentenza finali tagħha għandu jinżamm mir-reġistratur għal żmien sitt xhur li matulu jkun jispetta lil dik il-persuna, jew lill-werrieta leġittimi tagħha, li jitolbu lura dak l-oġġett mingħand ir-reġistratur. Matul l-istess żmien ir-reġistratur jkollu d-dmir li jagħmel dak kollu meħtieġ biex isib u jinnotifika bl-ordni maħruġa mill-qorti lill-persuna li lilha għandhom jingħataw lura l-oġġetti.

Meta l-oġġetti jkollhom jitreġġgħu lura b'ordni tal-qorti fis-sentenza finali. *Sostitwit: III. 2002.155.*

(2) Meta l-persuna li lilha għandhom jingħataw lura l-oġġetti, jew il-werrieta tagħha, jonqsu sew b'mod spontanju sew wara li jiġu notifikati bl-ordni tal-qorti milli jitolbu lura l-oġġetti fiż-żmien stabbilit fis-subartikolu (1) jew meta r-reġistratur fl-istess perjodu ma jirnexxilux isib lil dik il-persuna, jew lill-werrieta leġittimi tagħha, u ma ssir ebda talba għall-oġġetti kif imsemmi qabel b'mod spontanju, dawk l-oġġetti jiġu kkonfiskati favur il-Gvern.

(3) Fil-każ li dawk l-oġġetti jkunu jappartjenu lil sidien konġunti r-reġistratur għandu jitqies li jkun ħares dmirijietu sew u skont il-liġi jekk huwa jagħti l-oġġetti lil xi wieħed minn dawk is-sidien.

(4) Ir-reġistratur għandu b'rikors jirreferi lill-qorti li tkun tat is-sentenza kull tilwima li tkun tolqot il-jedd fuq dawk l-oġġetti. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-partijiet kollha li jkollhom ħamest ijiem tax-xogħol li fihom ikunu jistgħu jagħmlu r-risposta tagħhom u wara li jiskadi dak il-perjodu l-qorti għandha tqiegħed ir-rikors fuq il-lista għas-smigħ u wara li tisma' lill-partijiet għandha tiddeċiedi dwar x'għandu jsir mill-proprjetà. Ma hux mogħti appell mid-deċiżjoni tal-qorti.

(5) Jekk il-persuna li lilha jkollhom jingħataw lura l-oġġetti, jew il-werrieta leġittimi tagħha, jitolbu lura l-oġġetti fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1), dawk l-oġġetti għandhom, sakemm ma jkunx hemm xi impediment leġittimu, jingħataw lura mir-reġistratur mingħajr ebda ħlas.

(6) Jekk l-oġġetti jkunu ġew konfiskati skont dan l-artikolu u ġew wara mibjugħin b'irkant wara li jkunu ġew pubblikati l-avviżi, il-persuna li lilha kellhom jingħataw lura l-oġġetti skont l-ordni tal-qorti, jew il-werrieta leġittimi tagħha, jkunu jistgħu jitolbu l-ammont li jkun inkiseb mill-bejgħ wara li ttnaqqas kull spiża u drittijiet dovuti lir-reġistratur sakemm dik it-talba ssir fi żmien sentejn minn meta l-proprjetà tkun tneħħiet.

**678.** (1) Meta l-qorti fl-aħħar sentenza tagħha tkun ordnat li proprjetà għandha titreġġa' lura iżda ma ssemmix lill-persuna li lilha għandha hekk titreġġa' lura dik il-proprjetà u l-identità ta' dik il-persuna ma tkunx magħrufa, dak l-oġġett għandu jinżamm mir-

Meta s-sid ma jkunx magħruf. *Sostitwit: III. 2002.155.*

reġistratur għal żmien sitt xhur, f'liema perjodu kull min jippretendi li jkollu xi jedd skont il-liġi fuq dak l-oġġett jista' jiġi 'l quddiem biex jitlob dak l-oġġett.

(2) Meta l-persuna li jkollha jedd skont il-liġi fuq dak l-oġġett tonqos milli titlob dak l-oġġett fiż-żmien speċifikat fis-subartikolu (1), jew meta l-pretenzjonijiet magħmulin f'dak il-perjodu jkunu ġew miċħuda mill-qorti, l-oġġett jiġi kkonfiskat favur il-Gvern.

(3) Kull talba li ssir taħt is-subartikolu (1) għandha ssir b'rikors quddiem dik il-qorti fejn l-oġġett ikun esibit u għandha tiġi notifikata lir-reġistratur u lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Avukat Ġenerali, skont il-każ, li mbagħad ikollhom għaxart ijiem tax-xogħol li matulhom ikunu jistgħu jagħmlu risposta. Malli jiskadi ż-żmien għall-preżentata tar-risposta l-qorti għandha tiddeċiedi fuq ir-rikors u ma huwiex mogħti appell minn dik id-deċiżjoni.

(4) Jekk il-qorti tilqa' r-rikors l-oġġett għandu jingħata lil min jagħmel it-talba għalih mingħajr ebda ħlas.

Regoli li għandhom jiġu osservati fit-tneħħija tal-oġġetti kkonfiskati.
*Emendat: XXV. 1967.31.*
*Sostitwit: III. 2002.155.*
*Emendat: XXIV. 2014.70.*

**679.** Meta jiġi biex jiddisponi minn oġġetti kkonfiskati favur il-Gvern skont ma hemm f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra r-reġistratur għandu josserva dawn ir-regoli li ġejjin:

(*a*) oġġetti li ma jkunu ta' ebda valur jew ta' ftit valur jistgħu jitneħħew fid-diskrezzjoni tar-reġistratur sakemm jinżamm notament sew ta' dik it-tneħħija;

(*b*) armi tan-nar, munizzjon, splużivi jew sustanzi perikolużi oħra għandhom jiġu kkunsinnati lill-awtoritajiet idonei maħtura mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja sabiex dawn l-oġġetti jitneħħew minnhom;

(*ċ*) oġġetti oħra li jkunu ta' valur għandhom jinbiegħu b'irkant mir-reġistratur wara l-pubblikazzjoni ta' mill-inqas tliet avviżi f'ġurnal ta' kuljum u kull rikavat fi flus għandu jgħaddi għand il-Gvern.

Radd tal-oġġetti tal-imputat meta tispiċċa l-kawża.
*Emendat: XXV. 1967.32.*

**680.** *Mħassar bl-Att III. 2002.155.*

Radd ta' oġġetti lil sidhom meta l-imputat ikun assenti jew il-ħati ma jkunx magħruf.
*Emendat: IV. 1856.53.*

**681.** *Mħassar bl-Att III. 2002.155.*

Proċedura tar-radd tal-oġġetti lil sidhom.
*Emendat: XXIX. 1990.33.*

**682.** *Mħassar bl-Att III. 2002.155.*

**683.** *Mħassar bl-Att III. 2002.155.*

Bejgħ b'irkant ta' oġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri kriminali.
*Miżjud: XXI. 1971.35.*
*Emendat: LVIII. 1974.68.*

**683A.** *Mħassar bl-Att III. 2002.155.*

Bejgħ bi rkant ta' proprjetà li ma ssirx talba għaliha minn sidha.
*Miżjud: XXIX. 1990.34.*

**684.** *Mħassar bl-Att III. 2002.155.*

Ordni tal-qorti għall-bejgħ, xandir u radd.

**685.** *Mħassar bl-Att III. 2002.155.*

Meta l-prezz li l-oġġetti jġibu jaqa' f'idejn il-Gvern.
*Emendat: XXVII. 1975.39.*

**685A.** Għall-fini ta' dan it-Titolu "proprjetà" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 23B.

Tifsira ta' proprjetà.
*Miżjud: XXIV. 2014.71.*

---

Titolu V

FUQ IL-QIMA LI GĦANDHA TINĠIEB LILL-QORTI

**686.** Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq il-qima li għandha tinġieb lill-qorti, igħoddu għall-qrati kriminali.

Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar il-qima li għandha tinġieb lill-qorti, igħoddu għall-qrati kriminali.
*Emendat: XI. 1900.91.*
Kap. 12.

---

Titolu VI

FUQ IL-PRESKRIZZJONI

**687.** (1) Id-deċiżjonijiet li bihom tingħata kundanna ma jaqgħux bil-preskrizzjoni f'ebda żmien.

(2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.

Il-kundanni ma jaqgħux bil-preskrizzjoni.
*Emendat: XI. 1900.92; III. 2002.156.*

**688.** Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -

Preskrizzjoni ta' azzjoni kriminali.
*Emendat: XI. 1900.92; VIII. 1909.62; XXI. 1971.36; XLIX. 1981.4; A.L. 162 tal-1996.*

(*a*) bl-egħluq ta' għoxrin sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn għoxrin sena;

(*b*) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti

għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;

(*ċ*) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin;

(*d*) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;

(*e*) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

(*f*) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

Għaż-żmien tal-preskrizzjoni ma jittiħidx qies taċ-ċirkostanzi li jnaqqsu l-piena jew tar-reċidiva.
*Emendat: XI. 1900. 92.*

**689.** Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.

Iż-żmien jingħad skont il-kalendarju.
*Emendat: XI. 1900.92.*

**690.** Fit-tiqjis taż-żmien tal-preskrizzjoni, ix-xhur u s-snin jingħaddu skont il-kalendarju komuni.

Bidu taż-żmien tal-preskrizzjoni.
*Emendat: XI. 1900.92.*

**691.** (1) Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Sospensjoni tal-preskrizzjoni.

(2) Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali jew wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha, il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizzazzjoni jew li tinqatal-kwistjoni.

Il-preskrizzjoni ma timxix meta l-ħati mhux magħruf.
*Emendat: XI. 1900.92.*

**692.** Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf.

Ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni.
*Emendat: XI. 1900.92.*

**693.** (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.

(2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.

(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur.

(4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss.

**694.** Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio*, u l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha.

Applikazzjoni tal-preskrizzjoni mill-qorti *ex officio*. *Emendat: XI. 1900.92.*

---

Titolu VII

FUQ IT-TARIFFI

*Miżjud: XXX. 1934.27.*

**695.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jbiddel it-tariffi ta' drittijiet fl-Iskedi li hawn ma' dan il-Kodiċi jew iżid magħhom u jista' jagħmel tariffi oħra flok dawk fl-Iskedi hawn fuq imsemmija.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja li jagħmel tariffi. *Miżjud: XXX. 1934.27. Emendat: A.L. 4 tal-1963; XXXI. 1966.2.*

(2) Kull tibdil, żieda jew tariffa ġdida flok oħra jibdew iseħħu mill-ġurnata li jinħarġu fil-Gazzetta tal-Gvern.

---

Titolu VIII

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Miżjud: VIII. 1974.2. Emendat: XXXI. 2002.207.*

**696.** F'dan il-Kodiċi l-frażi "jiem tax-xogħol" ma tinkludix is-Sibtijiet.

Tifsir. *Miżjud: VIII. 1974.2.*

**697.** Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi u, b'mod ġenerali, biex iġib fis-seħħ id-disposizzjonjiet ta' dan il-Kodiċi.

Regolamenti. *Miżjud: XXXI. 2002.208.*

**698.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jistabbilixxi skema ta' kumpens għall-vittmi ta' xi delitt taħt dawk il-kondizzjonijiet u restrizzjonijiet u bla ħsara għal konsiderazzjonijiet u kwalifiki bħal dawk hekk kif il-Ministru jista' jipprovdi dwarhom u sabiex jistabbilixxi fond biex jiffinanzja skema bħal dik.

Kumpens li jingħata lil vittmi ta' xi delitt. *Miżjud: XVI. 2006.24.*

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), kull skema stabbilita taħt dan l-artikolu:

(*a*) jista' jkollha applikazzjoni ġenerali li tkun testendi għad-delitti kollha jew li tista' tkun limitata għal dawk id-delitti li jistgħu jkunu speċifikati fir-regolamenti;

(*b*) tista' tkun tipprovdi li kumpens li jingħata mill-Gvern lill-vittma għandu jitħallas biss meta l-vittma tkun eżawriet kull rimedju li jkollha disponibbli kontra l-ħati għall-ħlas ta' danni li l-vittma tkun ġarrbet;

(*ċ*) tista' tkun tipprovdi dwar l-ogħla ammont tas-somma li tista' titħallas lil xi vittma individwali jew lil grupp ta' vittmi bħala kumpens taħt l-iskema.

(3) Il-Gvern għandu jiġi surrogat fid-drittijiet tal-vittma kontra

l-ħati għall-ħlas ta' kull somma li l-vittma tirċievi mingħand il-Gvern skont kull skema stabbilita b'regolamenti taħt dan l-artikolu.

Setgħat biex isiru regolamenti.
*Miżjud: XXIV. 2014.72.*

**699.** Minkejja d-dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jirregola l-metodi tan-notifika tal-atti taħt dan il-Kodiċi.

Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.
*Miżjud: VIII. 2015.39.*

**700.** (1) Il-Ministru jista', b'regolamenti, jipprovdi għat-twaqqif ta' Uffiċċju magħruf bħala l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, jipprovdi għall-istruttura tiegħu, is-setgħat, it-tqassim tad-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet għal danni, proċeduri amministrattivi u operattivi, inklużi proċeduri interni, ir-rappreżentanza ġuridika u legali tal-Uffiċċju, il-finanzjament tiegħu u għal kull ħaġa anċillari jew inċidentali għalih.

(2) L-Uffiċċju, għandu jkun korp ġuridiku li jkollu personalità legali distinta u jista' wkoll ikun stabbilit bħala Aġenzija Governattiva. L-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa li jidħol f'kuntratti, jikkonkludi memoranda ta' qbil jew ftehim ieħor ma' kwalunkwe korp barrani, awtorità jew aġenzija, li jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull tip ta' proprjetà għall- finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u li jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u li jidħol f'dawk l-operazzjonijiet kollha kif inhuma inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, inkluż is-self ta' flus.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti ulterjuri sabiex jipprovdi għall-funzjonijiet u s-setgħat tal-Uffiċċju li għandu jkun responsabbli sabiex jirrintraċċa, jidentifika, jiffriża, jikkonfiska u jiġġestixxi assi u proprjetà relatata, direttament jew indirettament, ma' attività kriminali bil-għan li jiġġieled il-kriminalità u għal dan il-fini jista' jawtorizza l-Uffiċċju sabiex jeżerċita dawk is-setgħat li jistgħu jiġu eżerċitati mill-Kummissarju tal-Pulizija, mill-Kummissarju tat-Taxxi jew kull awtorità oħra pubblika stabbilita bil-liġi.

(4) Il-Ministru jista', bis-saħħa tal-imsemmija regolamenti, jordna li dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra jkollhom effett fir-rigward tal-funzjonijiet, setgħat u operazzjonijiet tal-Uffiċċju u l-uffiċjali u l-persunal tiegħu jkunu suġġetti għal dawk il-kundizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattazzjonijiet jew modifiki kif jista' jiġi speċifikat fl-imsemmija regolamenti.

(5) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għal kull ħaġa li hija inċidentali, konsegwenzjali jew anċillari għall-affarijiet disposti f'dan l-artikolu.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"Kummissarju tal-Pulizija" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha skont l-Att dwar il-Pulizija;

Kap. 164.

"Kummissarju tat-Taxxa" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi.

Kap. 517.

TARIFFA*

DRITTIJIET LI JITĦALLSU FIR-REĠISTRU TAL-QRATI TA' ĠURISDIZZJONI KRIMINALI, MALTA U GĦAWDEX

| | |
|---|---|
| Għal preżentata ta' rikors tal-appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ........ | €25 |
| Għal preżentata ta' rikors tal-appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali ........ | €50 |
| Għall-ftuħ tar-Reġistru wara l-ħinijiet tax-xogħol tar-Reġistru iżda ma jsir l-ebda ħlas jekk it-talba tkun skont l-artikoli 409(A) jew 412(B) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) ........ | €75 |
| Għal kull notifika ta' xhud fil-Qorti Kriminali ........ | €7 |
| Għal kwalunkwe kopji minn proċessi kriminali: | |
| i. Għal kull paġna mhux awtentikata ........ | €0.10 |
| ii. Għal kull paġna awtentikata ........ | €0.35 |

*Miżjuda: XVI. 2006.25.*

Skeda D

(Artikolu 575A)

(*a* kull delitt li dwaru hemm piena ta' żmien massimu ta' priġunerija ta' disa' snin jew aktar;

(*b*) id-delitti kkontemplati fl-artikoli 198 sa 207, 216(1)(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*e*), 217, 262(1)(*a*) u (*b*), u 263 ta' dan il-Kodiċi (minbarra l-użu illeġittimu jew il-konsum ta' servizz);

(*ċ*) kull serq li jsir kontra persuna taħt l-età ta' tnax-il sena jew li jkollha iżjed minn sittin sena minbarra s-serq ta' vetturi.

*Din it-Tariffa ssostitwit l-Iskedi A, B u Ċ mill-1 ta' Jannar, 2015 - ara l-Avviż Legali 37 tal-2015.

Skeda E

(Artikolu 534AB)

*Miżjuda: IV. 2014.28. Emendata: LI. 2016.9.*

TAQSIMA I

Ittra Bi Drittijiet

Inti għandek id-drittijiet li ġejjin meta tiġi arrestat jew detenut:

A. ASSISTENZA MINN AVUKAT/DRITT GĦAL GĦAJNUNA LEGALI

Inti għandek id-dritt li jkollok aċċess għal avukat waqt li tkun miżmum f'detenzjoni. Dak id-dritt jibda mill-mument li tkun detenut u qabel ma tiġi interrogat.

Inti għandek id-dritt li tingħata lista ta' avukati u lista ta' prokuraturi legali li minnhom tista' tagħżel wieħed sabiex jassistik jew tagħżel li tkun asssistit minn Avukat tal-Għajnuna Legali. Fil-każ tal-aħħar, l-assistenza legali hija mingħajr ħlas. Il-pulizija ma tistax tindikalek isem ta' avukat li inti tista' tingaġġa waqt l-arrest jew detenzjoni.

Mhux inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni, inti u l-avukat għandkom id-dritt li tkunu infurmati dwar l-allegat reat li għalih inti ser tkun interrogat. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lilek qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema żmien ma jistax ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni.

Malli tibda d-detenzjoni, għandek id-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li qed jirrappreżentak, inkluż qabel ma tinterrogak il-pulizija.

Għandek id-dritt li jkollok l-avukat tiegħek preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv waqt li tkun qed tiġi interrogat.

L-interrogazzjoni kollha, it-tweġibiet kollha li jingħataw u l-proċeduri relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata huma, fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli, irrekordjati b'mezzi awdjoviżwali; inti għandek id-dritt li tingħata kopja tar-*recording* wara li tkun ġiet konkluża l-interrogazzjoni.

Inti għandek id-dritt li l-avukat tiegħek jattendi għall-atti tal-investigazzjoni jew tal-ġbir ta' evidenza li ġejjin:

(i) ringieli ta' persuni suspettati għal finijiet ta' identifikazzjoni;

(ii) konfrontazzjonijiet;

(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.

Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni mal-avukat tiegħek fl-eżerċizzju tat-dritt tiegħek li jkollok aċċess għal avukat tiġi rrispettata.

Malli tiġi arrestat inti għandek tkun infurmat dwar id-dritt tiegħek li tal-inqas persuna waħda, bħal qarib, imgħallem jew kwalunkwe persuna oħra tal-għażla tiegħek tiġi infurmata dwar it-tiċħid tal-libertà tiegħek.

Jekk inti persuna taħt l-età, jiġifieri persuna taħt it-tmintax-il sena, persuna li teżerċita l-awtorità ta' ġenitur, tutela, kurazija jew li tieħu ħsieb il-ħarsien tiegħek tkun infurmata dwar l-arrest jew detenzjoni tiegħek u r-raġunijiet għal dak l-arrest jew detenzjoni.

B. INFORMAZZJONI DWAR L-AKKUŻA

Jekk tiġi arrestat, il-pulizija huma fid-dover li jinformawk li fil-fatt int taħt arrest,

ukoll jekk l-arrest jista' jidher li hu evidenti. Inti għandek id-dritt li tkun mgħarraf, fil-ħin tal-arrest tiegħek jew tad-detenzjoni tiegħek, bil-lingwa li int tifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew tad-detenzjoni tiegħek.

Jekk ġejt arrestat b'mandat maħruġ minn Maġistrat, inti għandek dritt għall-kopja ta' dan il-mandat li għandu jkun iffirmat mill-Maġistrat li jkun ħareġ il-mandat fil-konfront tiegħek.

Ċ. INTERPRETAZZJONI U TRADUZZJONI

Jekk inti ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa mitkellma mill-pulizija jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, inti għandek id-dritt għal interpretu, mingħajr ħlas.

L-interpretu jista' jgħinek titkellem mal-avukat tiegħek u għandu jżomm kunfidenzjali l-kontenut ta' dik il-komunikazzjoni.

Inti għandek id-dritt għal traduzzjoni ta' mill-inqas is-siltiet rilevanti tad-dokumenti essenzjali, inklużi kwalunkwe ordni minn Imħallef jew Maġistrat li tippermetti li tiġi arrestat jew li tinżamm f'kustodja, kwalunkwe imputazzjoni jew akkuża u kwalunkwe sentenza. Inti tista' f'ċerti cirkustanzi tingħata traduzzjoni bil-fomm jew fil-qosor.

D. ID-DRITT LI TIBQA' SIEKET

Meta tiġi interrogat mill-pulizija jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, int għandek id-dritt li tibqa' sieket.

L-avukat tiegħek jista' jgħinek tiddeċiedi dwar dan.

E. AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI

Meta tiġi arrestat u detentut, inti għandek, jew l-avukat tiegħek għandu, d-dritt ta' aċċess għal dokumenti essenzjali neċessarji għall-kontestazzjoni tal-arrest jew d-detenzjoni.

Jekk il-każ tiegħek jitressaq il-qorti inti għandek, jew l-avukat tiegħek għandu, id-dritt ta' aċċess għall-provi materjali favur jew kontra tiegħek.

F. ID-DRITT LI TINFORMA LIL XI ĦADD IEĦOR BL-ARREST JEW BID-DETENZJONI TIEGĦEK/ID-DRITT LI TINFORMA L-KONSOLAT JEW L-AMBAXXATA TIEGĦEK

Meta tiġi arrestat jew detentut, tista', jekk trid, titlob lill-pulizija tinforma lil xi qarib jew ħabib tiegħek bid-detenzjoni tiegħek u fejn qiegħed tinżamm.

F'ċerti każijiet skont il-liġi, id-dritt li tinforma lil persuna oħra bid-detenzjoni tiegħek jista' jkun proviżorjament ristrett.

F'tali każijiet, il-pulizija ser jinfurmawk b'dan.

Jekk inti barrani, informa lill-pulizija, jekk trid, li l-awtorità konsolari jew l-ambaxxata tiegħek tiġi informata bid-detenzjoni tiegħek.

Tista' tagħżel li tinforma wkoll lill-pulizija jekk trid tikkuntattja uffiċjal tal-awtorità konsulari jew l-ambaxxata tiegħek.

G. GĦAJNUNA MEDIKA URĠENTI

Meta tiġi arrestat jew detenut, fuq talba tiegħek, għandek titħalla tara tabib li tagħżel int, sakemm dak it-tabib ikun jista' jinsab malajr.

Informa lill-pulizija jekk inti għandek il-bżonn ta' għajnuna medika urġenti.

H. PERJODU TAĊ-ĊAĦDA TA' LIBERTÀ

Wara l-arrest tiegħek inti tista' tiċċaħħad mil-libertà tiegħek jew tiġi detenut għal

perjodu massimu ta' 48 siegħa.

Itlob lill-avukat tiegħek jew lill-Maġistrat għal informazzjoni dwar il-possibilità li tikkontesta l-arrest tiegħek, li titlob għal eżami mill-ġdid tad-detenzjoni jew li titlob għal-libertà provviżorja.

TAQSIMA II

Ittra Bi Drittijiet għal persuni arrestati fuq il-bażi ta' Mandat ta' Arrest Ewopew

Inti ġejt arrestat abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew. Inti għandek id-drittijiet li ġejjin:

A. INFORMAZZJONI DWAR IL-MANDAT TA' ARREST EWROPEW

Inti għandek id-dritt li tiġi informat dwar il-kontenut tal-Mandat ta' Arrest Ewropew li abbażi tiegħu inti ġejt arrestat.

B. ASSISTENZA MINN AVUKAT

Inti għandek id-dritt li jkollok aċċess għal avukat waqt li tkun miżmum f'detenzjoni. Dak id-dritt jibda mill-mument li tkun detenut u qabel ma tiġi interrogat.

Inti għandek id-dritt li tingħata lista ta' avukati u lista ta' prokuraturi legali li minnhom tista' tagħżel wieħed sabiex jassistik jew tagħżel li tkun assistit minn Avukat tal-Għajnuna Legali. Fil-każ tal-aħħar, l-assistenza legali hija mingħajr ħlas. Il-pulizija ma tistax tindikalek isem ta' avukat li inti tista' tingaġġa waqt l-arrest jew detenzjoni.

Mhux inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni, inti u l-avukat għandkom id-dritt li tkunu infurmati dwar l-allegat reat li għalih inti ser tkun interrogat. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lilek qabel ma tibda' l-interrogazzjoni, liema żmien ma jistax ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni.

Malli tibda' d-detenzjoni, għandek id-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li qed jirrappreżentak, inkluż qabel ma tinterrogak il-pulizija.

Għandek id-dritt li jkollok l-avukat tiegħek preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv waqt li tkun qed tiġi interrogat.

L-interrogazzjoni kollha, it-tweġibiet kollha li jingħataw u l-proċeduri relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata huma, fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli, irrekordjati b'mezzi awdjoviżwali; inti għandek id-dritt li tingħata kopja tar-*recording* wara li tkun ġiet konkluża l-interrogazzjoni.

Inti għandek id-dritt li l-avukat tiegħek jattendi għall-atti tal-investigazzjoni jew tal-ġbir ta' evidenza li ġejjin:

(i) ringieli ta' persuni suspettati għal finijiet ta' identifikazzjoni;

(ii) konfrontazzjonijiet;

(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.

Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni mal-avukat tiegħek fl-eżerċizzju tat-dritt tiegħek li jkollok aċċess għal avukat tiġi rrispettata.

Malli tiġi arrestat inti għandek tkun infurmat dwar id-dritt tiegħek li tal-inqas persuna waħda, bħal qarib, imgħallem jew kwalunkwe persuna oħra tal-għażla tiegħek tiġi infurmata dwar it-tiċħid tal-libertà tiegħek.

Jekk inti persuna taħt l-età, jiġifieri persuna taħt it-tmintax-il sena, persuna li

teżerċita l-awtorità ta' ġenitur, tutela, kurazija jew li tieħu ħsieb il-ħarsien tiegħek tkun infurmata dwar l-arrest jew detenzjoni tiegħek u r-raġunijiet għal dak l-arrest jew detenzjoni.

Ċ. INTERPRETAZZJONI U TRADUZZJONI

Jekk inti ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa mitkellma mill-pulizija jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, inti għandek dritt għal interpretu mingħajr ħlas. L-interpretu jista' jgħinek titkellem mal-avukat tiegħek u għandu jżomm konfidenzjali l-kontenut tal-komunikazzjoni. Inti għandek id-dritt għal traduzzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew f'lingwa li tifhem. Inti tista' f'ċerti ċirkustanzi tingħata traduzzjoni bil-fomm jew fil-qosor.

D. IL-POSSIBBILTÀ TA' KUNSENS

Inti tista' tagħti l-kunsens tiegħek jew ma tagħtihx sabiex tiġi kkonsenjat lill-Istat li qed ifittxek. Il-kunsens tiegħek jgħaġġel il-proċeduri. Ġaladarba jingħata, il-kunsens mhux revokabbli. Staqsi lill-awtoritajiet jew lill-avukat tiegħek għal aktar informazzjoni.

E. SMIGĦ

Jekk inti ma tagħtix il-kunsens tiegħek sabiex tiġi kkonsenjat, inti għandek dritt tinstema' minn awtorità ġudizzjarja.